ID-DJALETTIKA TAL-KANONU:

IL-KUNTEST LETTERARJU MALTI

L-Università ta' Malta

University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

L-Università ta' Malta

University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

ID-DJALETTIKA TAL-KANONU:

IL-KUNTEST LETTERARJU MALTI

David Aloisio

Teżi mressqa lill-Fakultà tal-Arti

fl-Università ta’ Malta

għall-grad ta’ Ph.D fil-Malti

f’Jannar 2021

Sintesi

Din it-teżi tipproblematizza l-idea tal-kanonu letterarju billi tapplika d-diskors internazzjonali dwarha għall-kuntest letterarju Malti. L-istħarriġ dwar l-eżistenza tal-aqwa letteratura u tal-proċess ta' kif din tingħaraf isir permezz ta' analiżi tat-testi teoretiċi u permezz ta' diskussjoni dwar kif aspetti pragmatiċi, bħar-rikonoxximent akkademiku, ir-reklamar, l-andament tas-suq, l-għoti tal-premjijiet letterarji, is-selezzjonijiet tal-bordijiet tas-sillabu tal-letteratura, u l-għażla ta' xogħlijiet lokali biex jiġu tradotti, jinfluwenzaw il-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja. Hawnhekk isir skrutinju essenzjali tal-kriterji li fuqhom jiġu bbażati l-ġudizzji fundamentali li jeżaltaw xogħlijiet letterarji meqjusa bħala superjuri bil-konsegwenza li jitwarrbu oħrajn meqjusa bħala inferjuri. Għaldaqstant, din it-teżi tista' titqies ukoll bħala eżerċizzju li jistħarreġ il-validità u l-funzjonabbiltà tal-kanonu bħala kejl tal-kwalità letterarja jew bħala mekkaniżmu li jistabbilixxi l-istandards li l-kittieba jridu jilħqu. Dan ma jimplikax li kull standard stabbilit mill-kanonizzaturi huwa dejjem ġustifikabbli. Għalhekk fil-qalba ta' din it-teżi ssir ukoll diskussjoni dwar l-eżistenza ta' kriterji assoluti u dwar is-suġġettività tal-kanonizzaturi li inevitabbilment tinfluwenzahom fid-deċiżjonijiet tagħhom.

Imnebbħa mill-attenzjoni akkademika li dan is-suġġett beda jingħata speċjalment mis-snin tmenin tas-seklu għoxrin 'il quddiem, it-teżi tipproponi l-istudju applikat ta' din l-idea fil-qafas li toffri x-xena letterarja lokali. Minkejja li din l-idea qatt qabel ma ġiet diskussa formalment fil-kuntest Malti, matul l-istorja relattivament qasira tal-letteratura Maltija, diversi letterati ewlenin tkellmu, spiss indirettament, dwar il-kanonu letterarju Malti. Kif ġara lil hinn mill-kuntest lokali, hemm min ikkontesta l-idea tal-kanonu letterarju billi

ppreżentaha bħala mekkaniżmu soċjali li jaqdi l-ideoloġija politikament u intellettwalment predominanti tal-mument. F'Malta wkoll, xi kittieba li jridu joħolqu spazju għalihom infushom fil-kuntest letterarju li jiffunzjonaw fih, xi drabi jaslu jiċħdu t-tradizzjoni jew l-idea ta' kanonu stabbilit. Iżda t-tneħħija tal-kanonu preċedenti twassal biex awtomatikament jinħolqu kanoni ġodda li jiffavorixxu ideoloġiji ġodda. Dan iwassal biex aktar milli x-xogħlijiet kanoniċi jiġu akkużati li huma l-qaddejja fidili ta' xi tip ta' aġenda moħbija tal-klassi dominanti, hemm iċ-ċans li l-antikanonisti jiġu akkużati mill-apoloġisti tal-kanonu li huma l-qaddejja ta' xi grupp soċjali. Filwaqt li dan il-proċess ikompli jsostni l-"gwerer" tal-kanonu u r-rilevanza tal-istudji dwarhom, l-idea li tħott knisja biex tibni oħra toħloq il-bżonn li jiġu analizzati l-motivi moħbija li jwasslu għal dawn il-bidliet kostanti.

Dan l-istudju mhuwiex intenzjonat biss biex jintroduċi lokalment id-diskussjoni tal-idea tal-kanonu letterarju; hawn tiġi eżaminata wkoll il-possibbiltà li tingħaraf l-eżistenza tal-kanonu letterarju Malti. Għal dan il-għan it-teżi tipproponi perspettiva ewlenija fl-applikazzjoni tal-idea tal-kanonu fil-kuntest ta' letteratura ċkejkna li għandha karatteristiċi u limiti partikolari. Permezz tax-xogħol ta' ħassieba bħal Gramsci, Rancière, Swirski, Kolbas, Showalter, Friggieri u Baldacchino, din l-analiżi tad-djalettika dwar il-kanonu letterarju tipproponi fost l-oħrajn id-djalogar u n-negozjar iktar milli l-konfrontazzjoni. Dan iwassal għal approċċ idjosinkratiku li jfittex it-triq tan-nofs bejn il-perspettiva konservattiva u dik liberali li spiss iddominaw id-dibattitu kanoniku. Fid-dawl ta' dak li qalet Casanova, hawnhekk tiġi esplorata wkoll il-proposta li l-idea tal-kanonu letterarju ma tibqax titqies biss fis-sens dejjaq tagħha imma tiġi pperċepita bħala struttura mutabbli, struttura li paradossalment issir interessanti biss jekk tibqa' toffri spazju li fih jista' jseħħ dibattitu. L-attitudni ewlenija li

tissuġġerixxi din it-teżi u li tista’ tiġi applikata fl-istadji fundamentali tal-proċess lokali tal-kanonizzazzjoni letterarja hija waħda ta’ bilanċ. Il-kompromess li jista’ jintlaħaq fl-agora tad-dibattitu kanoniku bejn ir-rispett lejn it-tradizzjoni u s-sensittività li tirreġistra l-innovazzjoni jiġi propost bħala l-avviċinament meħtieġ fil-konfront ta’ letteratura fraġli li ma tippermettix li tiċħad l-aqwa letteratura ta’ epoka biex minflokha tpoġġi oħra.

Lil marti Claudia

Kelmtejn Qabel

L-interess tiegħi fid-djalettika tal-kanonu letterarju nibet waqt diskussjoni li snin ilu kelli mal-Professur Adrian Grima u mal-Professur Bernard Micallef. Il-qari tiegħi dwar id-dibattitu internazzjonali dwar il-kanonu xettel fija x-xewqa li napplika dan id-diskors għall-kuntest letterarju Malti. Domt madwar sena biex fassalt il-proposta għat-teżi. Dan il-perjodu ta' inizjazzjoni għenni biex mhux biss nagħraf l-importanza tal-preparazzjoni sfiqa u r-reqqa fl-analiżi u l-kitba imma wkoll nikseb id-doża neċessarja ta' perseveranza li servietni matul il-proċess sħiħ li għaddejt minnu sakemm wasalt hawn.

Biex stajt nasal nippreżenta dan l-istudju kont ixxurtjat li sibt l-għajnuna ta' diversi individwi. Ma nistax ma nerġax insemmi bi preċedenza lit-tutur tiegħi, il-Professur Adrian Grima; miegħu nirringrazzja qatigħ ukoll lill-kotutur, il-Professur John Baldacchino. Minn qiegħ qalbi nirringrazzja lill-familja tiegħi: lil marti Claudia, lil ibni Daniel u liċ-ċkejkna Nina, tal-paċenzja li ħadu bija tul il-perjodu li għamilt nirriċerka u nikteb. Nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li għenuna bi ħġarhom meta ġejt bżonnhom f'xi mument jew ieħor tar-riċerka.

Finalment nixtieq nesprimi t-tama tiegħi li dan l-istudju jservi ta' spunt għal studji oħrajn li jistgħu jkomplu jiżviluppaw is-suġġett li qiegħed nintroduċi fix-xena akkademika lokali u li minnu nnifsu jitlob diskussjoni kontinwa.

Werrej

Sintesi iii

Kelmtejn Qabel vii

Werrej viii

Introduzzjoni 1

1. Il-Kanonu u l-Validità Funzjonali 8

1.1 L-Etimoloġija u r-Retorika Kanonika 8

1.2 L-Iskejjel ta' Ħsieb 10

1.3 Il-Funzjoni Edukattiva 30

1.4 Il-Kommodifikazzjoni bħala Funzjoni 33

1.5 Il-Funzjoni Estetika u Politika 40

1.6 Konklużjoni 51

2. Kurrenti Kontra l-Kanonu 57

2.1 Spunti Internazzjonali u Lokali 57

2.2 L-Antikanoniżmu Lokali: Dekostruzzjoni Qabel il-Formazzjoni? 67

2.3 Il-Kanonu: Kontrih jew Mingħajru? 76

2.4 Konklużjoni 105

3. Il-Kanonu mill-Ottika Femminista 110

3.1 Il-Preżenza Femminili fil-Kanonu 110

3.2 Is-Sitwazzjoni Femminista Lokali 119

3.3 Il-“Kitba Femminili” fil-Kanonu: l-Idea ta’ Konverġenza 148

3.4 Konklużjoni 171

4. Il-Kriterji Kanoniċi 175

4.1 L-Inevitabbiltà tal-Kriterji 175

4.2 Il-Kriterji ta’ Aquilina: Tiftixa għall-Bilanċ? 186

4.3 Il-Kriterji fi Ħdan it-Teorija Estetika tal-Kritika 193

4.4 L-Oriġinalità u Kriterji Pertinenti Oħra 207

4.5 Is-Sehem tal-Kriterji Soċjali fil-Proċess Kanoniku 216

4.6 L-Irrilevanza tal-Kriterji 226

4.7 Konklużjoni 236

5. Jeżisti Kanonu Letterarju Malti? 240

5.1 Il-Fluwidità Kanonika: Theddida għall-Eżistenza tal-Kanonu Malti? 240

5.2 Il-Possibbiltà ta’ Kanonu Letterarju (f’Mikrokożmu) 256

5.3 Id-Djalettika tal-“Letteratura Minuri” 269

5.4 L-Idea ta’ Kanonu Letterarju Malti: Żviluppi Idjosinkratiċi tal-Problematika 276

5.5 Il-Kittieba Maltin: il-Kanonu u Lil Hinn Minnu 289

5.6 Konklużjoni 300

6. Il-Kanonu Letterarju Malti: Deduzzjonijiet u Prospetti 304

6.1 Il-Ġustifikazzjoni ta’ Futur Preżunt 304

6.2 Kanonu jew Kimera? 308

6.3 Viżjoni Dejjiema tal-Kanonu 316

6.4 Il-Problematika Idjosinkratika 320

6.5 It-Traduzzjoni u l-Futur tal-Kanonu 333

6.6 Ir-Rilevanza Dejjiema tal-Idea tal-Kanonu 343

6.7 Xi Jmiss? 362

6.8 Riflessjonijiet Aħħarija 388

6.9 Konklużjoni 399

Konklużjoni 405

Appendiċi 422

Thesis Synopsis 422

Biblijografija 448

Introduzzjoni

Dan l-istudju dwar id-djalettika tal-kanonu fil-kuntest tal-letteratura Maltija jesplora l-fatturi li jistabbilixxu l-idea tal-kanonu u l-aġenti kulturali, storiċi, promozzjonali u politiċi li jipproblematizzawha. L-għażliet li jagħmlu l-qarrejja individwali dwar dik li jqisuha bħala l-aqwa letteratura jiddependu kemm minn preferenzi individwali u suġġettivi li huma konxji minnhom kif ukoll minn fatturi esterni li jiddeterminaw, inkonxjament, id-deċiżjonijiet tagħhom.[1]

It-titlu magħżul għal dan l-istudju jirrifletti l-analiżi tiegħi tat-teorija letterarja li tittratta d-diskors dwar il-kanoniċità letterarja u l-applikazzjoni tiegħu fil-kuntest lokali. It-teżi li naħdem fuqha tistħarreġ mill-qrib l-iżvilupp tal-idea tal-kanonu Malti sabiex tikkontribwixxi fl-identifikazzjoni ta' liema hi l-aqwa letteratura u liema kriterji jwasslu għall-proċess mentali li jagħżel bejn xogħol u ieħor. Dan dejjem isir fid-dawl tad-diskussjoni internazzjonali dwar l-eżistenza u l-validità ta' kanonu letterarju. Minkejja li għadd ta' xogħlijiet letterarji Maltin inqisuhom bħala kanoniċi mil-lat letterarju u aktar prominenti u influwenti mill-bqija, qatt ma sar studju f'dan il-livell dwar l-eżistenza ta' kanonu letterarju Malti. Għaldaqstant, din ir-riċerka tindirizza diversi mistoqsijiet dwar il-kanonu Malti sabiex jibda jimtela dan il-vojt fit-teorija u fl-istorja letterarja Maltija: Huwa validu l-kunċett tal-kanoniċità, partikolarment fil-

[1] Dan l-istudju jista' jintrabat mat-teorija epistemoloġika, b'mod partikolari mal-fergħa tal-epistemoloġija relazzjonali. L-approċċ pragmatiku li nħaddem f'dan l-istudju jfittex li jitbiegħed mit-trufijiet estremi tad-dibattitu kanoniku; dan it-tentattiv isir billi bla waqfien nifli r-relazzjoni bejn l-ideat opposti rreġistrati f'dan id-dibattitu internazzjonali mingħajr ma nippermetti li l-ħsieb tiegħi jiġi kkapparrat minn xi perspettiva esklussivista li toħnoq il-possibbiltà għall-esplorazzjoni dejjiema tar-relazzjoni tal-bniedem mal-għarfien, anke f'dan il-qasam. Din l-esplorazzjoni nagħmilha minn perspettiva pragmatika li qanqlitni biex nistudja l-modi li bihom tiġi kontinwament innegozjata, diskussa u interpretata r-realtà letterarja primarjament fil-kuntest Malti.

kuntest lokali? Jeżisti kanonu tal-letteratura Maltija? Liema huma x-xogħlijiet kanoniċi Maltin? B'liema kriterji tingħaraf il-kanoniċità ta' dawn ix-xogħlijiet? Dan il-kanonu jinbidel maż-żmien? Min jistabbilih? Mistoqsijiet ta' din ix-xorta xprunawni biex nistħarreġ l-eżistenza tal-kanonu letterarju Malti billi nagħti rendikont ta' kif din l-idea żviluppat u għadha qiegħda tiżviluppa kemm fuq livell teoretiku kif ukoll fuq livell prattiku u ċirkostanzjali. F'*Sejjieħ il-Ħsieb* John Baldacchino jiddiskuti d-definizzjoni tat-terminu "djalettika" u jispjega li din tassumi "li hemm kunflitt u forma ta' żvilupp sintetiku li joħroġ mill-istess relazzjoni li toħloq il-kunflitt bejn teżi u antiteżi" (49). Hekk ukoll dan l-istudju jirreġistra l-preżenza ta' attitudnijiet li minkejja li jistgħu jkunu antitetiċi xorta jittrażmettu l-idea ta' djalettika fil-forma ta' "djalogu" (Baldacchino, *Sejjieħ* 49). B'dan il-mod, id-djalettika dwar il-kanonu letterarju ma tevolvix bħala proċess li jeskludi idea biex jiffavorixxi oħra jew biex iwarrab ġerarkija letterarja biex jintroduċi oħra imma minflok, issir eżerċizzju ta' skambju ta' ideat bit-tama li tiġi ppreżentata stampa aktar komprensiva li tesa' u tivvaluta l-elementi u l-pożizzjonijiet differenti fid-dibattitu kanoniku.

Dan l-istudju qiegħed jintroduċi wkoll terminoloġija ġdida bil-Malti li twessa' r-reġistri tal-kritika u tat-teorija letterarja bil-Malti. Dan kien possibbli minħabba l-għażla bikrija tiegħi li nikteb bil-Malti dwar dan il-qasam ta' studju li sa issa kien ingħata attenzjoni pjuttost sporadika u superfiċjali fix-xena lokali. Ir-raġuni ewlenija għal din l-għażla lingwistika kienet in-neċessità li suġġett relatat intimament mal-letteratura miktuba bil-lingwa Maltija ssir analiżi mill-qrib tiegħu bl-istess lingwa. Hawnhekk xtaqt nixxierek mal-ħsieb ta' Søren Kierkegaard meta saħaq li wasal il-mument li l-filosofija tibda tiġi diskussa bid-Daniż, il-lingwa tiegħu ("Søren Kierkegaard").

Dan l-istudju mhuwiex maħsub biex fl-aħħar jipprovdi lista ta' xogħlijiet letterarji Maltin li għandhom jitqiesu bħala kanoniċi. Apparti li f'dan l-istudju qiegħed nagħmel ħilti biex nitbiegħed mill-attitudni preskrittiva, nemmen li lista bħal din hija dijametrikament opposta għall-intenzjoni tal-istħarriġ tiegħi li joħloq dibattitu infurmat dwar kif u għaliex jingħarfu "l-aqwa" xogħlijiet minflok jiddeċiedi għal ħaddieħor kif għamel kull min ipprovda listi simili f'kuntesti letterarji oħrajn. F'dan l-istudju, bit-terminu "letteratura Maltija," m'iniex se nikkunsidra l-letteratura barranija li nqelbet għall-Malti; fl-analiżi tiegħi tal-modus operandi tal-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja lokali se niffoka fuq kif u għaliex xogħlijiet letterarji oriġinali miktuba bl-ilsien indiġenu ġew eżaltati fl-istess waqt li oħrajn ġew skartati mill-aġenti ewlenin tax-xena letterarji li xi drabi se nirreferi għalihom bħala "kanonizzaturi." Huwa obbligu tiegħi li hawnhekk noffri, sa fejn huwa konxjament possibbli, kummentarju ġust u bbilanċjat dwar il-qagħda tal-letteratura Maltija.

L-istrateġija tal-qari tiegħi mxiet id f'id mad-dibattitu internazzjonali dwar il-kanonu letterarju. Għal dan il-għan qrajt u kkonsultajt diversi kotba, journals, rivisti letterarji, rivisti akkademiċi u artikli kemm jista' riċenti (ippubblikati sal-2020) sabiex inwassal vuċijiet u tendenzi aġġornati fil-kuntest letterarju Malti u nifli kif jistgħu jkunu rilevanti u applikabbli għalih. Peress li x-xena lokali kienet sa issa nieqsa minn din ix-xorta ta' studju, il-metodoloġija tar-riċerka tiegħi hija aktar teoretika fil-kuntest tad-dibattitu kanoniku internazzjonali u aktar empirika fil-kuntest ta' kif jiffunzjona lokalment il-proċess tal-kanonizzazzjoni. Dan ifisser li l-pedament li fuqu qiegħed nibni t-teżi tiegħi huwa msejjes fuq it-teoriji tal-aqwa esponenti tad-djalettika dwar il-kanonu letterarju bl-għan illi gradwalment indejjaq il-fokalizzazzjoni tiegħi permezz tal-applikazzjoni ta' din it-teorija għall-kuntest lokali. Sitwazzjonijiet letterarji

speċifiċi ta' pajjiżi oħrajn bħall-Iżlanda u l-Islovenja għenuni biex nifhem aħjar kif u għaliex l-idea tal-kanonu letterarju żviluppat ukoll f'pajjiż bħal Malta b'letteratura indiġena tant żgħira.

L-isfond teoretiku tad-diskors kanoniku kif ippreżentat fl-ewwel kapitlu huwa l-punt tat-tluq tal-istudju tiegħi. Hawnhekk nesponi d-dibattitu internazzjonali dwar il-kunċett tal-kanoniċità letterarja billi nintroduċi "l-kanonisti" jew l-esponenti ewlenin li tkellmu dwar il-kanonu letterarju, xi drabi anke favurih. Din il-parti introduttorja tistħarreġ il-validità tal-idea tal-kanonu letterarju billi tanalizza t-teorija letterarja li pproponew ħassieba bħal Jonathan Culler, Charles Altieri, Harold Bloom, Frank Kermode, Dean Kolbas, Paul Crowther, Jacques Rancière, u John Guillory. Nara wkoll kif din it-teorija tista' tiġi riflessa fil-kuntest lokali. F'dan il-kapitlu nintroduċi żewġ skejjel ta' ħsieb ewlenin fid-djalettika dwar il-kanonu letterarju: dik tal-kritiċi konservattivi li jemmnu fil-valur estetiku u esklussiv tax-xogħlijiet kanoniċi u dik tal-kritiċi liberali li jemmnu f'kanonu rappreżentattiv u inklussiv. Ir-riflessjonijiet ippreżentati hawnhekk huma intenzjonati li jwittu t-triq għall-kumplament tal-kapitli li jikkontestwalizzaw id-djalettika dwar il-kanonu letterarju f'diversi realtajiet letterarji, b'enfasi fuq dik Maltija.

It-tieni kapitlu jibbilanċja l-perspettivi murija f'dak ta' qablu billi jistħarreġ il-ħsibijiet tal-"antikanonisti," meqjusa mill-kritiċi rivali tagħhom bħala "Riżentimentalisti," li kontinwament jesprimu element qawwi ta' xettiċiżmu fil-konfront tal-idea tal-kanonu letterarju għax jidhrilhom li din hija biss forma oħra ta' impożizzjoni klassista u eġemonika. Ix-xettiċiżmu dwar il-validità tal-idea nnifisha ta' kanonu letterarju u tal-funzjonalità tiegħu, li xi drabi jieħu xeħta antagonista jew ikonoklastika, jista' jinħass ukoll fil-kuntest letterarju Malti. Minħabba l-assoċjazzjoni tal-idea tal-kanonu letterarju mal-ideat tal-manipulazzjoni u tal-

propaganda, teoristi influwenzati mill-ħsieb Gramscijan jippruvaw ixejnu s-supremazija u l-oriġinalità tal-kittieba kkanonizzati mit-tradizzjoni. Niddiskuti wkoll kif mill-banda l-oħra, din ir-ripressjoni tad-dimensjoni estetika tax-xogħlijiet kanoniċi min-naħa tal-antikanonisti twassal ironikament għall-ħolqien ta' kanoni ġodda permezz tal-promozzjoni ta' xogħlijiet li jistgħu jkunu letterarjament inferjuri imma li huma aktar rappreżentattivi soċjalment.

Fit-tielet kapitlu nistħarreġ ir-relazzjoni spiss anzjuża bejn l-esponenti tal-Femminiżmu u l-idea tal-kanonu letterarju. Diversi ħassieba Femministi bħal Elaine Showalter u Nina Baym iddubitaw mill-validità ta' kanonu letterarju li dejjem iffavorixxa lill-kittieba maskili. Dan wassal biex xi antoloġisti Femministi ppruvaw joħolqu kanonu ġdid li jiffavorixxi lill-kittieba nisa. Madankollu, tentattivi bħal dawn tqiesu bħala kontradittorji minn kritiċi Femministi oħrajn bħal Toril Moi għax spiċċaw jimponu kanonu ieħor. Hawn niddiskuti wkoll il-possibbiltà li tiġi applikata l-idea ta' "*écriture féminine*" proposta minn teoristi Femministi bħal Hélène Cixous u Luce Irigaray sabiex tissaħħaħ il-preżenza tal-kitba femminili fil-kuntest Malti billi tiġi rriformulata l-perċezzjoni ta' din il-preżenza.

Ir-raba' kapitlu huwa l-qalba tar-riċerka għaliex jittratta l-kriterji kanoniċi li huma l-kejl ewlieni mħaddem waqt il-kanonizzazzjoni letterarja. Inevitabbilment hawn nidħol fid-dibattitu perenni dwar jekk fil-proċess tal-għażla tal-aħjar letteratura jitħaddmux xi tip ta' kriterji assoluti jew jekk jintużawx biss kriterji suġġettivi u relattivi. Din id-djalettika tal-kriterji se tiġi applikata wkoll fil-kuntest lokali billi niddiskuti xi tqies bħala letteratura ta' kwalità u fuq liema bażi ġew skartati xogħlijiet letterarji oħrajn matul is-snin. Fost l-oħrajn niddiskuti l-kriterju Bloomjan tal-oriġinalità jew tal-istramberija kanonika li ġie identifikat ukoll minn Arthur Koestler bħala l-kriterju per eċċellenza li kapaċi jagħżel bejn il-ġenji u l-artisti l-oħra.

Skont teoristi bħal dawn, l-oriġinalità tinkiseb meta jitħarsu l-kriterji tal-ekonomija u tal-impliċità, kriterji li bħal diversi oħrajn nevalwa l-applikazzjoni tagħhom fil-kuntest letterarju Malti. Iżda f'dan il-kapitlu nara wkoll kif dawn il-kriterji suppost assoluti jistgħu jsiru irrilevanti fil-kuntest tal-enfasi Post-Modernista fuq l-idea tal-frammentazzjoni, kif spjegaw parteċipanti oħra fid-dibattitu kanoniku bħal Andrew Bennett u Nicholas Royle.

Il-ħames kapitlu jistaqsi jekk "il-kanonu letterarju Malti" huwiex biss idea fl-immaġinarju kollettiv jew inkella jeżistix tassew. Wieħed mill-iskopijiet ewlenin ta' din ir-riċerka huwa proprju li tiġi mistħarrġa l-possibbiltà li titwieġeb din il-mistoqsija. Madankollu, dan l-istudju ma jfittixx li jagħmel dan billi jressaq xi forma ta' lista bl-aqwa xogħlijiet letterarji Maltin. Fix-xena internazzjonali tad-djalettika dwar il-kanonu letterarju, it-tiswir ta' listi simili kemm-il darba tqies bħala att kontroproduttiv u inkongruwenti fil-konfront tal-idea nnifisha tal-kanonu letterarju peress li jelimina minnufih id-dibatittu san u l-bżonn li jingħarfu xogħlijiet letterarji ġodda b'potenzjal kanoniku; għaldaqstant, hawn m'iniex se nirrepeti dan l-iżball.

Mal-mogħdija minn kapitlu għall-ieħor, l-apparat teoriku tiegħi jiżviluppa gradwalment sakemm fis-sitt kapitlu jasal għall-serje ta' deduzzjonijiet u konklużjonijiet dwar l-applikabbiltà tal-idea tal-kanonu letterarju għall-kuntest partikulari tal-letteratura Maltija. Fl-aħħar kapitlu l-attenzjoni tintefa' fuq il-futur tad-dibattitu dwar il-kunċett tal-kanoniċità, b'enfasi fuq il-prospetti tal-idea tal-kanonu fil-kuntest letterarju lokali. Il-possibbiltà ta' dibattitu kanoniku attiv fix-xena letterarja Maltija nistħarriġha bil-premessa li ma nikkunsidrax biss dawk ix-xogħlijiet letterarji diġà meqjusa bħala klassiċi iżda li nqis ukoll dawk li qegħdin jissieltu għall-ispazju kanoniku. Apparti li nitkellem dwar ir-relazzjoni

agonistika bejn il-kittieba predeċessuri u l-kittieba emerġenti li inevitabbilment tinbet f'tali sitwazzjoni, hawn nirrifletti fuq l-idea ta' djalogu li tkellmu fuqha diversi ħassieba, minn Italo Calvino sa John Baldacchino, sabiex neżamina kemm l-applikabbiltà tagħha għall-kuntest tad-dibattitu kanoniku kif ukoll il-plawsibbiltà li x-xogħlijiet letterarji jibqgħu jiddjalogaw bejniethom u mal-qarrejja tagħhom.

1. Il-Kanonu u l-Validità Funzjonali

1.1 L-Etimoloġija u r-Retorika Kanonika

F'dan il-kapitlu se nagħti ħarsa kritika lejn il-letteratura ewlenija dwar il-kanonu letterarju u d-dibattitu dwar il-validità funzjonali tiegħu. L-etimoloġija ta' "kanonu" titfa' dawl fuq l-idea, jew l-ideal, li jimplika dan it-terminu: "kanonu" ġejja mill-Grieg "*καλάμι*" ("kanna"), kelma li tfisser "qasba" u li semantikament hija relatata mal-kelma "*kanon*" li twassal l-idea ta' riga jew strument ta' kejl; din it-tifsira timplika wkoll in-nozzjoni ta' xi tip ta' mudell li jservi ta' standard li jrid jintlaħaq. Hawnhekk għażilt li nuża t-terminu "kanonu" u mhux "qanun" għax tal-aħħar ma joffrix il-vantaġġ tad-derivazzjoni ta' kliem ieħor bħal "kanonizzazzjoni," "ikkanonizzati," "kanonisti," "antikanonisti" u "kanonizzaturi." It-terminu "kanonu" se nużah skont is-sens li kiseb fit-tradizzjoni tat-teorija u l-kritika letterarja, sens li hu wkoll midjun lejn it-tifsira li għandu fl-istorja twila ta' tifsiriet varji, minn dik biblika sa dik ekkleżjastika u legali.

Dean Kolbas jispjega kif għal Ewripidi l-"kanonu" kien kejl ta' mġiba jew standards morali. Għal Platun u għall-Epikurjani l-idea ta' kanonu timplika standard tal-verità u xempju tal-għerf; tfisser ukoll forma jew idea universali maħżuna fil-moħħ uman (14). Id-Doriforu, jew il-portatur tal-lanza, ta' Poliklejtu, skultur Grieg tas-seklu 5 Q.K., kien ikkunsidrat bħala l-iskultura kanonika per eċċellenza għaliex skont il-kritiċi kellu proporzjonijiet eċċellenti. Plinu kien jirreferi għal din l-iskultura bħala "l-Kanonu" ("The Natural"). Platun qies lil Poliklejtu bħala l-iskultur eżemplari għall-iskulturi kollha bħalma Omeru kien il-mudell għall-poeti kollha ("Protagoras"). Dan kien jimplika wkoll li r-riproduzzjoni ta' xogħol kanoniku propost

għall-imitazzjoni kienet kejl jew kriterju li jsaħħaħ il-kanoniċità tax-xogħol oriġinali nnifsu. B'dan il-mod, il-kunċett tal-kanoniċità fil-qedem Klassiku sieħeb l-eċċellenza artistika mal-moralità billi ssuġġerixxa l-għażla tal-mudell it-tajjeb li għandu jiġi segwit.

Fil-każ tal-kanonu letterarju m'hemmx implikat biss sens ta' awtentiċità, kompletezza u superjorità imma wkoll damma ta' funzjonijiet. Il-validità funzjonali tal-kanonu letterarju hija tema ċentrali fid-dibattitu twil dwar il-kanoni madwar id-dinja, l-aktar fil-Punent. Xi kritiċi jemmnu fil-"missjoni" tal-kanoni letterarji li jxerrdu l-idea tad-diversità kulturali. Ngħidu aħna, Jonathan Culler jemmen li l-istudji umanistiċi għandhom jgħallmu d-diversità għaliex "virtù partikulari tal-letteratura, tal-istorja u tal-antropoloġija hija li jgħallmuna dwar l-alterità: l-umanistika toffri evidenza ħajja u intriganti tad-differenzi fil-kulturi, fid-drawwiet, fis-suppożizzjonijiet, u fil-valuri" (*Excerpts* 187). Din il-perspettiva, skont Charles Altieri, tispiċċa taffettwa l-formazzjoni tal-kanoni letterarji. Fil-proċess li jwassal għall-ħolqien tal-kanonu għandna quddiemna għażla fundamentali – skont Altieri, nistgħu "nittamaw li nimponu kanonu wieħed li jidhrilna li jiffavorixxi l-ħtiġijiet tagħna nfusna, jew nistgħu nieħdu pożizzjoni aktar kumplessa li tenfasizza l-logħba liberali tal-interessi fi ħdan is-soċjetà" ("Idea and Ideal" 39). Mill-banda l-oħra, Kolbas jiddeskrivi l-idea ta' Altieri tal-funzjoni tax-xogħlijiet kanoniċi bħala "monolitika," għaliex hekk il-kanonu jitqies biss bħala mezz li l-funzjoni primarja tiegħu hija li jissodisfa l-interessi u l-bżonnijiet kontemporanji, l-aktar dawk pragmatiċi u individwalistiċi.

Kolbas isostni li f'*Canons and Consequences*, Altieri jomoġenizza x-xogħlijiet ta' kittieba kanoniċi billi jidentifika biss il-valuri liberali u pragmatiċi tagħhom sabiex ikun jista' jqabbilhom mal-valuri "purament etnoċentriċi" li jħaddan fil-preżent (52). Hekk il-perspettiva

tal-formazzjoni tal-kanonu tkun qed timxi fid-direzzjoni opposta, għax minflok li x-xogħlijiet kanoniċi jittrażmettu l-valuri tagħhom lill-bniedem, il-bniedem jimponi fuqhom sistema ta' valuri personali jew nazzjonali. Dan jista' jissarraf f'għażla iktar suġġettiva tax-xogħlijiet kanoniċi. Xi kritiċi jemmnu li xogħol kanoniku jagħżel lilu nnifsu, donnu għandu ħajja awtonoma, u kulma għandu bżonn min-naħa tal-bniedem, għall-ġid tal-bniedem innifsu, huwa r-rikonoxximent bħala xogħol kanoniku. Skont kritiċi bħal Bloom, dan ir-rikonoxximent jista' jingħata minn qarrejja individwali, waqt li skont kritiċi bħal Frank Kermode, jista' jkun rikonoxximent formali u istituzzjonali. Hawn ukoll, Kolbas jieħu pożizzjoni differenti għax jemmen li kemm il-pożizzjoni ta' Altieri kif ukoll dik ta' Bloom dwar il-kanonu hija idealista – it-twemmin ta' Altieri "fil-logħba ta' interessi liberali jibqa' ideoloġiku bħall-idealiżmu estetiku ta' Bloom" (53).

1.2 L-Iskejjel ta' Ħsieb

Id-djalettika fi ħdan il-kanonu letterarju tidher l-aktar fid-dibattitu bejn żewġ skejjel ta' ħsieb ewlenin li l-pożizzjonijiet tagħhom għall-ewwel jidhru bħala irrikonċiljabbli. Minn naħa hemm il-kritiċi konservattivi li jippruvaw jiġġustifikaw l-importanza dejjiema tal-kanonu tal-Punent abbażi tal-valur estetiku għoli tax-xogħlijiet li hemm fih u tat-tagħlim edifikanti li joħroġ mill-istudju rigoruż tagħhom. Min-naħa l-oħra hemm il-kritiċi liberali li jemmnu f'kanonu aktar rappreżentattiv tad-diversità soċjali u li għalhekk għandu jinħoloq mill-ġdid biex qabelxejn jinkludi l-kittieba u x-xogħlijiet li tħallew barra mill-istorja letterarja u mill-istituzzjonijiet

edukattivi tal-kultura dominanti; dawn iridu jfettħu l-idea tal-kanonu għax iqisu l-kanonu tal-Punent bħala forma ta' elitiżmu li tmur kontra l-ideal tal-ugwaljanza ta' soċjetà demokratika.

Fi *Critical Theory and the Literary Canon*, Kolbas iqarreb dawn iż-żewġ perspettivi apparentament opposti fid-diskussjoni tiegħu dwar il-formazzjoni tal-kanonu letterarju. Skontu, il-perspettivi kuntrastanti tal-umanisti konservattivi u tal-pluralisti liberali huma difettużi għax it-tnejn jinjoraw il-proċessi materjali li jiddeterminaw il-formazzjoni tal-kanonu letterarju. Il-kritiċi konservattivi u liberali għandhom saħansitra ideoloġiji komuni u li jaqblu fuqhom – iż-żewġ gruppi jikkonċepixxu l-kanonu f'termini estetiċi idealistiċi b'tali mod li jinjoraw ir-restrizzjonijiet tal-fatturi storiċi u materjali tal-formazzjoni tal-kanoni, jew inkella, fid-diskors pragmatiku tagħhom, jirriduċu l-kanonu letterarju għal għodda purament politika jew purament pedagoġika (26). Kolbas ifittex it-triq tan-nofs sabiex id-diskors kanoniku jibqa' validu u jibqa' jagħmel sens; minn banda, l-istqarrija skjetta u xotta li xogħol letterarju jista' jitqies bħala ħieles mill-kontenut politiku u soċjali tpoġġi lix-xogħol ġo vakwu improbabbli, u mill-banda l-oħra, li jingħaraf biss il-kontenut politiku u soċjali huwa estrem li jneżża' u jxejjen l-iskopijiet ġenwini tal-analiżi kritika letterarja.

Kolbas jissimpatizza ma' teoristi soċjoloġiċi bħal Pierre Bourdieu li jesploraw il-kanonu fil-kuntest wiesa' tal-"qasam tal-produzzjoni kulturali" iktar milli fil-kuntest magħluq tat-torri tal-avorju tal-akkademja (61); madankollu, Kolbas jara l-perspettiva ta' dawn tal-aħħar bħala spjegazzjoni purament soċjoloġika tal-estetika li tinjora l-eżistenza awtonoma ta' xogħol letterarju. Kolbas jipproponi "t-teorija kritika," li niddiskutiha iktar 'il quddiem, bħala l-aktar għodda valida fl-analiżi kanonika tax-xogħlijiet letterarji. Hu jibbaża t-teorija tiegħu fuq l-

argumenti ta' Theodor Adorno dwar l-estetika u permezz tagħhom jasal biex jittratta l-komponenti tal-kanonu bħala kontenut estetiku oġġettiv.

Bloom ma jfittixx l-oġġettività li jitkellem fuqha Kolbas. Huwa jibni l-argumenti kanoniċi tiegħu fuq l-idea Klassika tal-kanoniċità għaliex jemmen li l-għanijiet ewlenin tal-qari tal-letteratura huma l-gost estetiku u r-riflessjoni ġewwiena u privata tal-qarrejja; Bloom iħares lejn il-kanonu letterarju primarjament bħala relazzjoni aktar intima bejn il-qarrejja u l-kittieba (*Western Canon* 17). Għalih, l-estetika u l-agon, jiġifieri s-sens ta' ansjetà konflittwali preżenti fix-xogħol letterarju, huma żewġ elementi, jew kriterji kanoniċi, magħqudin intrinsikament flimkien; l-agon joħroġ ukoll mill-ispirtu kompetittiv bejn ix-xogħlijiet. Skont Bloom, ix-xogħol irid jirbaħ dan l-agon mat-tradizzjoni u mal-kompetituri l-oħra biex jiddaħħal fil-kanonu. Bloom iqis il-kanonu bħala "l-ministru tal-mewt" peress li dan jibqa' jitfa' l-klassiċi fuq nett u qajla jħalli l-wisa' għal xogħlijiet ġodda li qegħdin jissieltu għal post fil-kanonu (*Western Canon* 32). Għaldaqstant, f'din it-teżi se nesplora jekk fil-formazzjoni tal-kanonu letterarju Malti hemmx dan l-element qawwi ta' agon bejn it-testi li jistgħu jitqiesu bħala kandidati għall-istatus kanoniku billi fost l-oħrajn nikkunsidra t-tentattivi konxji ta' awturi u pubblikaturi kontemporanji Maltin biex jinserixxu xogħolhom fil-preżunt kanonu letterarju Malti. Bloom jitkellem ukoll dwar l-ansjetà tal-influwenza letterarja li tinsab fix-xogħol u mhux fl-awtur; skontu l-ansjetà hija kriterju essenzjali li jitħaddem fl-għarfien tal-kitbiet kanoniċi u fattur li jagħti lok għall-possibbiltà ta' espansjoni tal-kanonu fil-futur (*Western Canon* 36). Bloom jemmen li l-istudju dwar il-kanoni jwassal għall-apprezzament estetiku tal-letteratura u jidentifika l-valur estetiku individwali bħala l-uniku kriterju li jista' jiġi kkwalifikat, influwenzat u definit fil-kuntest soċjali (*Western Canon* 22).

Punt ċentrali li jagħmel Bloom f'*The Anxiety of Influence – A Theory of Poetry* huwa li "l-influwenza poetika – meta tinvolvi żewġ poeti awtentiċi u b'saħħithom – dejjem toħroġ mill-qari skorrett tal-poeta preċedenti, att ta' korrezzjoni kreattiva li effettivament u neċessarjament hija miżinterpretazzjoni" (30). Fl-introduzzjoni tat-tieni edizzjoni tal-istess ktieb, il-kritiku Amerikan jibda billi jisħaq fuq l-importanza li l-"kisba estetika" terġa' tieħu post l-idea tal-propaganda politika li ħakmet lill-istudji letterarji. Hawn jammetti li ħafna drabi l-letteratura ntużat, kif saħqu r-rivali tiegħu, b'mod li taqdi interessi politiċi, reliġjużi, klassisti, razzisti, sessisti u l-bqija. Bloom jirribatti lil dawk l-akkademiċi liberali li, fost l-oħrajn, jiċħdu s-supremazija estetika ta' Shakespeare. Bloom qatt ma jista' jaqbel mal-esponenti ta' dik li jsejħilha "l-iskola tar-Riżentiment" li ma jagħrfux is-superjorità ta' xogħlijiet fuq oħrajn għax iqisu dan l-għarfien biss bħala "mistifikazzjoni kapitali" (*Anxiety of Influence* xvii). Huwa jiġbor lil dawk kollha li jopponu l-idea tal-kanonu letterarju taħt il-kappa waħda tal-"Iskola tar-Riżentiment" għax iqis l-attitudni tagħhom fid-dibattitu dwar il-kanonu bħala waħda ta' pika, antagoniżmu u stmerrija fil-konfront ta' kitbiet meqjusa li jħaddnu valur letterarju għoli (*Western Canon* 20). Bloom jiddispjaċih li minħabba dan l-approċċ l-istudenti tal-letteratura qed jiġu indottrintati biex iwarrbu l-klassiċi u kulma kitbu "l-Irġiel Ewropej Bojod u Mejtin" (*Western Canon* 7).

Bloom jiddeskrivi wkoll din l-influwenza mill-perspettiva tal-kritika letterarja. Tradizzjonalment, il-kritiċi letterarji dejjem ifformulaw u wasslu l-lingwa tal-kritika; madankollu l-kritika tista' "tgħallem lingwa fejn il-poeżija hija diġà miktuba, il-lingwa tal-influwenza, jew id-djalettika li taħkem ir-relazzjonijiet bejn il-poeti bħala poeti." Bloom jiddistingwi wkoll bejn "il-kritiku f'kull qarrej" u "l-poeta f'kull qarrej." Għalih, dak li jagħti

gost lill-qarrej kritiku jista' jkun sors ta' ansjetà għall-qarrej poetiku, ansjetà li "ġejna mgħallma ninjoraw bħala qarrejja b'detriment għalina stess. Din l-ansjetà, din il-modalità malinkonika, hija l-ansjetà tal-influwenza, it-territorju oskur u mxajtan li deħlin fih" (*Anxiety of Influence* 25). Skontu qatt ma tista' titwarrab "l-ikbar verità tal-influwenza letterarja." Din l-influwenza tinvolvi ansjetà irreżistibbli u inevitabbli (*Anxiety of Influence* xviii). Anzi, dawk li ma jammettux li huma influwenzati f'kitbiethom, x'aktarx li huma l-akbar vittmi tal-ansjetà tal-influwenza.

Bħal fil-każ ta' Shakespeare li jeżalta Bloom, Dun Karm "mhux se jħallik tidfnu, taħrab minnu jew tibdillu postu" (*Anxiety of Influence* xviii) u, għaldaqstant, il-kritiċi letterarji Maltin se jibqgħu jsibu traċċi tal-influwenza tiegħu fil-kittieba li ġew warajh. Mark Vella, fl-istudju tiegħu "Min Taħseb li Int? L-Identità tal-Kittieb 'ta' Barra': Bejn Diżlokazzjoni u Traslokazzjoni," josserva li leħen Dun Karm jibqa' jidwi saħansitra fit-titlu ta' antoloġija riċenti ta' xogħlijiet Maltin tradotti għall-Ingliż, b'referenza għal *This Fair Land* li Charles Briffa ppubblika fl-2014. Vella jissuġġerixxi li l-poeta nazzjonali għadu jinfluwenza lill-kittieba Maltin billi hu wkoll jikkwotah: "Għax irridu niktbu l-letteratura, u rridu niktbuha bil-Malti, wara kollox u minkejja kollox, għax normali tikteb bi lsienek, bħalma jagħmel kulħadd; għax minkejja li nafu niktbu b'kull ilsien ieħor, l-espressjoni letterarja taf toħroġ biss mill-'ilsien li tatek ommok'" (2). Ta' min isemmi wkoll li Dun Karm innifsu kien konxju mill-influwenza li kellu fuq kittieba Maltin oħrajn. Huwa wera dan meta kien qiegħed jitħaddet dwar Ġużè Muscat Azzopardi: "Kien fit-tieni għaxar snin ta' dan is-seklu, li hu pprova jitla' telgħa 'l fuq aktarx imħajjar mill-eżempji tiegħi u kiteb poeżiji tal-qabda, sbieħ fil-kelma u fil-ħsieb li aktarx jibqgħu ħajjin għal bosta u bosta żmien" ("Taħdita" 8). Donnu Dun Karm ried jimplika li

permezz tal-influwenza esklussiva tiegħu, Muscat Azzopardi, li kien ikbar minnu fl-età, kiseb l-immortalità kanonika, kwalità li se niddiskutiha fis-sitt kapitlu.

Kif indikajt aktar 'il fuq, Bloom jemmen li l-ansjetà tal-influwenza hija frott ta' att kumpless ta' interpretazzjoni "kreattiva" u qawwija ta' xogħol letterarju, il-qari konxjament skorrett li sejjaħlu "misinterpretazzjoni poetika" ("*poetic misprision*"). Għalih kull poeżija hija miżinterpretazzjoni konxja, għalkemm il-poeta li jkun qed jikteb mhux dejjem jammettiha, ta' poeżija preċedenti (*Anxiety of Influence* xxiii). Dan l-att konxju ta' misinterpretazzjoni poetika twettaq lokalment b'mod espliċitu minn Simone Galea meta fil-ġabra ta' poeżiji *Xi Drabi Mqar Persuna* inkludiet sett ta' ħames poeżiji li qraw mill-ġdid l-espressjoni poetika preċedenti ta' ħames poeti stabbiliti fix-xena letterarja Maltija. Bloom huwa tal-fehma li kull kittieb, irrispettivament jekk jammettihiex jew le, huwa inevitabbilment influwenzat, kemm fil-kontenut kif ukoll fl-istil, mill-kittieba ta' qablu. Il-kittieba tal-lum jistgħu biss ivarjaw id-doża ta' kemm se jassimilaw u ta' kemm se jimmanipulaw din l-influwenza letterarja; xi wħud minnhom jirnexxilhom jirbħuha – permezz ta' distorzjoni kreattiva tal-prekursuri li tieħu l-forma ta' test ġdid, u allura ta' ansjetà li hija intrinsika għall-kreattività – kif urejt fl-istudju tiegħi "L-ansjetà tal-influwenza: Leli ta' Brussell" fejn argumentajt kif *Sriep Reġgħu Saru Velenużi* possibbilment iwettaq din l-ansjetà f'relazzjoni ma' *Leli ta' Ħaż-Żgħir*. Bloom jgħid li iktar milli mill-kittieba nfushom, l-ansjetà tal-influwenza tista' titwettaq mix-xogħlijiet letterarji per se: "il-poeżija b'saħħitha hija ansjetà mwettqa" ("*achieved anxiety*") minkejja li huma rari dawk il-mumenti fl-istorja letterarja ta' pajjiż meta l-influwenza letterarja tinġab fis-seħħ permezz tal-kwalitajiet tat-test li jibnu relazzjoni kreattiva u difensiva mal-prekursuri tiegħu (*Anxiety of Influence* xxiii). Fid-daħla għall-antoloġija *Linji Ġodda*, Peter Serracino

Inglott jelabora proprju din it-teorija Bloomjana u japplikaha fil-proċess tas-selezzjoni tal-poeżiji: “Għażilna l-poeżiji li dehrilna jagħtu l-aħjar ħjiel tal-‘linji ġodda’ li qabdet il-poeżija Maltija minn ftit qabel l-Indipendenza ’l hawn . . . Baqgħu barra biss, sikwit b’sogħba, dawk li ma sibniex fihom biżżejjed il-kwalità tal-innovazzjoni li kienet il-biljett waħdieni tad-dħul f’dan il-ktieb” (*Linji* vii). Dawn il-poeżiji ppruvaw jikkapitalizzaw l-ansjetà tal-influwenza b’modi differenti u l-editur jitkellem dwar kif irnexxielhom iwettquha. Hemm poeżiji li esperimentaw bil-forma biss iżda baqgħu influwenzati fit-tematika; imbagħad hemm poeżiji oriġinali fil-kontenut imma li baqgħu jsofru mill-ansjetà tal-influwenza fejn tidħol il-forma. Serracino Inglott jgħid li fil-proċess tal-għażla ġew ippreferuti l-poeżiji li huma innovattivi kemm fil-forma kif ukoll fil-kontenut: “Il-ġdid seta’ kien fil-forma li ssawret skont il-ħtiġijiet ta’ kontenuti ġodda, u lill-poeti li tawna din ix-xorta ta’ poeżija tajniehom l-akbar rappreżentazzjoni,” minkejja li jammetti li inkludew ukoll “lil min għamel esperimenti formali biss; jew lil min għalkemm inqeda b’forom tradizzjonali, semmgħalna t-tħaxwix tal-folja tal-istorja tinqaleb” – xhieda li l-ħelsien mill-ansjetà tal-influwenza kien ħafna drabi parzjali (*Linji* vii).

Fost is-sorsi tal-angst tal-poeti Maltin tas-sittinijiet kien hemm atmosfera ta’ skumdità kanonika kkreata mill-poeti predeċessuri tagħhom, għax b’xi mod riedu jeħilsu mill-ansjetà kkawżata mill-influwenza ingumbranti tar-Romantiċi Maltin sabiex joħolqu “l-ġdid” li fittex Serracino Inglott. Għaldaqstant, fl-epoka tal-Moviment Qawmien Letterarju kienet evidenti l-ambivalenza intrinsika tad-dinamika tal-ansjetà tal-influwenza; il-poeti tas-sittinijiet ġarrbu dik l-ansjetà li xxekkel minħabba l-persistenza fix-xena letterarja tal-prekursuri meqjuma iżda fl-istess ħin ġarrbu wkoll dik il-forma essenzjali ta’ ansjetà li xprunathom biex jissorpassaw l-

influwenza letterarja billi joħolqu kitba oriġinali u jaslu wkoll għal rikonoxximent akkademiku. Antoloġiji li fihom inġabru l-iprem xogħlijiet tal-poeti tal-Moviment, ewlenin fosthom *Linji Ġodda* u *Ilħna Mkissra* (fiż-żewġ każijiet, l-antoloġista kien Serracino Inglott, kritiku meqjus bħala awtorità fix-xena letterarja ta' żmienu), daħlu fil-programm tal-edukazzjoni obbligatorja fil-livell postsekondarju: din x'aktarx hija l-ogħla forma ta' għarfien kanoniku li ngħataw il-poeti li ppreżentaw "il-ġdid." L-ironija hi li xi wħud minn dawn il-poeżiji li għamlu ħilithom biex jeħilsu mill-ħakma psikoloġika tar-Romantiċi imitaw poeżiji miktuba mill-esponenti tal-Moderniżmu f'pajjiżi oħra. Ninu Cremona, fl-artiklu "Ma Nimitawx Iżżejjed," jikkritika lill-poeti tal-Moviment Qawmien Letterarju li sabiex ma jimitawx lir-Romantiċi, spiċċaw xorta imitaw lil ħaddieħor. Fix-xena lokali l-ansjetà tal-influwenza donnha tieħu s-sura ta' ċirku vizzjuż li mhux faċli għall-kittieba biex jeħilsu minnu. Cremona jagħraf li fi żmienu r-Romantiċi Maltin ukoll sofrew l-ansjetà tal-influwenza minħabba d-dell tqil tar-Romantiċi Taljani: "Jidher, għalhekk, illi l-fasla prosodika u l-immaġinazzjoni poetika Maltija baqgħu sa issa marbutin ma' dawk li nsibu f'poeti Taljani tas-Seklu 19 bħalma huma l-Monti, Manzoni, Leopardi" ("Ma Nimitawx Iżżejjed" 35). Wara li juri d-diżgust tiegħu fil-konfront tal-poeżija "ermetika" li kienu qed jippreżentaw il-poeti żgħażagħ li bdew jispontaw fis-sittinijiet, Cremona jipprojetta l-ansjetà fuqhom u jakkużahom li qed jimitaw "iżżejjed" lill-poeti Taljani fil-bidu tas-seklu 20 bħal Giuseppe Ungaretti, Eugenio Montale, u Salvatore Quasimodo. Cremona jippreferi "l-marda" tal-influwenza tar-Romantiċi Taljani tas-seklu 19 minn dik tal-poeti ermetiċi għax iqisha bħala l-aqwa influwenza jew "ħmira":

> Li kieku Dun Karm fil-versi tiegħu wera xejriet oħra bħal dawk li nsibu fil-poeżiji tal-poeti ermetiċi tal-lum, ma kienx jagħmel dak l-isem ta' Poeta Nazzjonali li kiseb fostna.

> Għad irid jgħaddi bosta żmien biex il-mentalità tal-poeti tagħna tintgħaġen bil-ħmira ta' xi poeti moderni tal-lum, u biex mill-banda l-oħra x-xeħta kulturali tal-kittieba u tal-poplu Malti jkunu jistgħu jġerrgħu u japprezzaw il-valur intrinsiku u sintetiku tal-poeżija ta' Ungaretti, Montale, u Quasimodo – poeżija li wara kollox l-istess komplilaturi tal-aħjar antoloġiji jiddefinuha bħala poeżija mudlama, indeċifrabbli, il-għaliex ma tarmi ebda dawl fir-ruħ tal-qarrej ("Ma Nimitawx Iżżejjed" 35).

Id-diskors ta' Cremona jimplika li l-poeta l-aktar rappreżentattiv tar-Romantiċiżmu Malti għażel l-aħjar influwenza, it-triq esklussiva li twassal għall-istatus kanoniku u li għaldaqstant timmerita l-approvazzjoni awtomatika tal-qarrejja. Ix-"xejriet oħra" magħżula mill-Modernisti jibqgħu "mudlama" f'għajnejh minkejja li, kontra qalbu u kontra l-gosti suġġettivi u arbitrarji tiegħu, Cremona jammetti l-validità letterarja tagħhom u jirrikonoxxihom bħala ingredjenti ta' espressjoni poetika alternattiva.

Skont Serracino Inglott id-deficjenza ewlenija tar-Romantiċi kienet li għexu f'Malta kolonja; l-indipendenza politika ppermettiet lill-Modernisti jimirħu lil hinn u jitbiegħdu mill-influwenza tal-predeċessuri tagħhom, proprju għax bdew jgħixu f'ambjent soċjali ieħor. Il-poeti tas-sittinijiet irħew l-influwenza tal-"poeżija tal-ghetto" li biha r-Romantiċi għażlu li jaħarbu mir-realtà sabiex jintilfu f'"nostalġija falza." Il-Modernisti ma ridux jibqgħu mxekklin mil-limitazzjonijiet tal-"poeżija provinċjali" li nktibet qabilhom, iżda emmnu li jistgħu jkunu parti minn realtà akbar billi jipparteċipaw fid-djalogu internazzjonali ("Maltese Literature" 44). Forsi hawn Serracino Inglott jaqbel indirettament ma' Cremona għax bħalu jimplika li l-Modernisti, jew aħjar il-maġġoranza tagħhom, bħall-borok riedu jfarfru l-ilma qadim minn

fuq rixhom imma mbagħad niżlu jixxarrbu f'għadira oħra b'kurrenti differenti u li dehrilhom li kienu aktar friski.

Hemm imbagħad min għamel parti mill-Moviment Qawmien Letterarju u kien konxju mill-influwenza letterarja, anke minn dik Romantika. Oliver Friggieri huwa l-paradimma tas-sensibilità Modernista li baqgħet konxjament influwenzata minn Dun Karm. Kemm fix-xogħlijiet kritiċi kif ukoll f'dawk letterarji, Friggieri ma ddejjaqx jammetti din l-influwenza letterarja. Anzi, jagħti x'jifhmu lill-qarrejja li din tista' titqies bħala privileġġ, u mhux xi forma ta' kwalità degradanti, għall-kittieba lokali. Fl-1977, Friggieri kiteb dwar il-possibbiltà li Dun Karm jitqies bħala mudell għall-kittieba Maltin "kollha":

> Ir-rabta storiċistika – ħielsa mill-polemika li ma twassalx għall-arti iżda għan-nuqqas ta' ekwilibriju formali u tematiku – li Dun Karm wettaq fl-istorja poetika personali tiegħu tista' titqies bħala l-minjatura tal-ġrajja letterarja tagħna kollha. It-tliet fażijiet poetiċi tiegħu (kitba bit-Taljan, kitba bit-Taljan u bil-Malti, kitba bil-Malti) mhumiex għajr is-sisien li fuqhom jista' jitqiegħed il-ġudizzju kalm ta' min jixtieq jieħu dehra panoramika tal-fenomenu letterarju f'Malta. ("'Il-Muża Maltija' bħala Test ta' Referenza" 31-32)

Anke permezz tal-espressjoni artistika tiegħu, Friggieri jammetti, b'doża ċkejkna ta' inibizzjoni evokata mill-avverbju "forsi," l-influwenza Romantika li ħalla fuqu primarjament Dun Karm. Dan is-sentiment jixref ukoll fil-versi konfessjonali tal-poeżija "Eh, forsi" fejn jikkontempla l-identità letterarja tiegħu: "jien romantiku li twieled/biex jgħix jixxennaq seklu li mhux tiegħu" (*Il-Poeżiji Miġbura* 142). Skont Serracino Inglott, dan huwa l-poeta tas-sittinijiet li, f'kuntrast ma' sħabu, għażel il-"*golden mean*," it-triq tan-nofs ideali li toffri sens ta' bilanċ u serħan għar-ruħ għax titbiegħed mill-estremi u mill-fantażmi ("Maltese

Literature" 46). F'intervista li għamillu Briffa, Friggieri jistqarr li b'kitbietu jilħaq "kompromess bejn it-tradizzjoni u l-modernità" u jara dan il-kompromess bħala l-unika alternattiva li tagħmel sens għal-letteratura ta' żmienna ("An Interview" 53). F'artiklu li kiteb hu stess, Friggieri jistqarr: "Ma hemmx tradizzjoni ħajja u tajba mingħajr modernità, u ma hemmx modernità f'saħħitha mingħajr tradizzjoni matura" ("It-Triloġija"). Għalkemm l-ansjetà tal-influwenza Dunkarmjana jista' jkun hemm min iqisha bħala xkiel għall-oriġinalità ta' Friggieri, din tista' tiġi pperċepita wkoll bħala kwalità li sseddaq l-oriġinalità tiegħu għaliex "l-influwenza poetika ma tagħmilx bilfors lill-poeti inqas oriġinali; ħafna drabi tagħmilhom aktar oriġinali imma mhux neċessarjament aħjar" (Bloom, *Anxiety of Influence* 7).

Mill-banda l-oħra, Mario Azzopardi huwa l-paradimma ta' poeta Modernista li pprova jitbiegħed minn Dun Karm b'mod vjolenti billi rripressa kemm felaħ l-influwenza ta' dan il-prekursur prepotenti; kif tixhed il-poeżija "Quddiem il-Monument ta' Dun Karm," Azzopardi juri x-xewqa li jitbiegħed b'forza mill-influwenza tiegħu, xewqa li tikxef inkonxjament doża ta' ansjetà: "Minn rasi farfart it-trab / u ħriġt mill-eżilju. / Bżaqt il-loppju w erfajt ruħi /. . . / U x-xewka f'rasi qaltli: / *Tkellem minfloku*" (*Noti* 40). Ironikament, dan l-att ta' ribelljoni fejn f'termini Freudjani l-iben jagħmel kollox bil-maqlub ta' missieru, huwa fih innifsu mod ieħor ta' imitazzjoni għax kif stqarr Georg Christoph Lichtenberg: "Meta sempliċiment tagħmel l-oppost tkun qiegħed timita wkoll, u d-definizzjoni tal-imitazzjoni għandha bi dritt tinkludi t-tnejn" (fi Bloom, *Anxiety of Influence* 31). Iżda poeti bħal Azzopardi huma wkoll bħal dawk il-poeti b'saħħithom li jitkellem fuqhom Bloom, li kapaċi jdawru r-rotta tal-istorja billi "jaqraw b'mod skorrett lil xulxin, sabiex joforqu spazju immaġinattiv għalihom infushom" (*Anxiety of Influence* 5). Dan l-att ta' tifriq isir bi sforz "vjolenti" kif tixhed il-lirika sovversiva ta'

Azzopardi, meqjus minn xi wħud bħala "*l'enfant terrible*" tal-letteratura Maltija (Falzon 19). Din ir-rivalità anzjuża tinsab fil-qofol tat-tematika ta' *The Anxiety of Influence*, rivalità b'potenzjal li jwassal għall-"assorbiment assolut tal-prekursur." Dan l-assorbiment, fil-kuntest lokali, seta' sar bl-intervent ta' grupp ta' poeti, iktar milli b'Azzopardi waħdu, li bi sforz kollettiv ipprovaw jassimilaw l-ansjetà tal-influwenza Dunkarmjana meta ħarġu bil-poeżija ġdida tat-tieni nofs tas-seklu 20. F'termini Bloomjani, jew aħjar Freudjani (għax Bloom huwa wkoll influwenzat fil-kritika tiegħu), il-polemika letterarja tas-sittinijiet f'Malta tista' tiġi deskritta figurattivament bħala "battalja bejn forzi b'saħħithom indaqs, il-missier u l-iben bħala opposti qawwija, Laius u Edipu f'salib it-toroq" (*Anxiety of Influence* 11). Achille Mizzi, poeta Modernista li esperjenza mill-qrib il-kunflitt bejn ir-Romantiċi u l-Modernisti Maltin, jiddeskrivi din il-battalja f'termini ta' "qasma . . . qawwija u għal għarrieda" u "ta' nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-kittieba stabbiliti u dawk ġodda." Mizzi jiftakar ukoll li "ntqal minn uħud mill-avangardisti ċertu diskors nebbiexi, saħansitra li 'Dun Karm u dak kollu li jirrappreżenta kien *outdated*" (145), diskors li jkompli jixhed in-natura Edipika ta' dan il-kunflitt.

Għalkemm din il-qasma dehret għall-ewwel daqshekk kbira, xorta seta' kien hemm punti ta' qbil jew xebh bejn il-poeti taż-żewġ perjodi. Fl-istudju "Fili: Ir-Romantiċiżmu Modern tal-Moderni," Mifsud jesponi l-konverġenzi bejn il-kittieba Romantiċi u dawk Modernisti li ddominaw l-istorja tal-letteratura Maltija fis-seklu 20. Minkejja li poeti bħal Azzopardi ħassew li hemm "gandott fond li jifred" liż-żewġ movimenti letterarji, Mifsud jisħaq li, paradossalment, "hemm diversi punti li huma konverġenti, li huma komuni u li fuq kollox qatt ma naqsu mil-letteratura miktuba f'Malta" (11). Inċidentalment, fost id-diversi kittieba

“opposti” li jpoġġi spalla ma’ spalla, Mifsud ixebbah proprju żewġ poeti li spiss inħassu bħala anatema għal xulxin, Dun Karm u Azzopardi. Meta jittratta l-influwenza Dunkarmjana fuq il-poeti li ġew warajh fil-kuntest tat-tema tat-twemmin reliġjuż, Mifsud iġib bħala eżempji siltiet mill-poeżiji ta’ Azzopardi. Fost l-oħrajn, Mifsud jargumenta li l-fatt li f’poeżija bħal “Pater Noster” Azzopardi żamm il-figura ta’ Kristu msallab bħala motiv ewlieni, jindika li: “Fl-essenza tagħha, il-poeżija Moderna, minkejja l-influssi evidenti ta’ Orjentaliżmu, baqgħet poeżija Kristjana li tpoġġi l-mewt tal-fundatur ta’ din ir-reliġjon bħala d-diskors u l-metafora prinċipali” (14). Dawn is-siltiet poetiċi magħżula minn Mifsud iseddqu l-punt kruċjali tal-istudju tiegħu, jiġifieri li l-Modernisti, minkejja li xi wħud minnhom jiddejqu jammettuha, baqgħu influwenzati mir-Romantiċi. Għaldaqstant, l-istudju ta’ Mifsud iqanqal dubji serji dwar kemm il-Modernisti Maltin għelbu tassew l-influwenza tal-predeċessuri letterarji tagħhom; li hu ċert hu li l-kittieba tas-sittinijiet huma eżemplifikazzjoni xierqa tal-kumplessità li tinvolvi d-djalettika Bloomjana dwar il-kanoniċità letterarja, b’mod partikolari meta jittratta l-ansjetà tal-influwenza.

Paul Crowther ukoll jikkontribwixxi fid-djalettika dwar il-kanonu letterarju billi jipproponi l-estetika normattiva bħala reazzjoni għal dawk li essenzjalment jopponu l-idea tal-kanoniċità. Huwa jargumenta kontra skejjel ta’ ħsieb bħall-anti-Fondazzjonaliżmu, il-Formaliżmu u l-Espressjoniżmu billi jippreżenta l-estetika normattiva li tenfasizza s-sinifikat intrinsiku ta’ biċċa xogħol artistika u twarrab il-mod kif l-arti tintlaqa’ mis-soċjetà konsumista tal-Punent (2). Din il-perspettiva fundamentali ta’ Crowther, applikata fl-analiżi kritika tax-xogħlijiet Maltin tista’ tikkontribwixxi fl-identifikazzjoni tal-fatturi li jiffurmaw il-pedament tal-valur artistiku, u li jiddeterminaw l-istatus kanoniku tagħhom, skont l-idea estetika li tqis l-

arti bħala mod kif id-dinja tiġi interpretata. Crowther jenfasizza li fil-kritika letterarja huwa fundamentali u inevitabbli li xogħol jidħol fil-kuntest storiku komparattiv sabiex tiġi analizzata l-validità kanonika tiegħu. Skontu, id-dimensjoni komparattiva tipprovdi x-xhieda għall-ġudizzji dwar il-mertu artistiku. L-estetika normattiva ta' Crowther fiha żewġ elementi: dawk il-kwalitajiet li jerfgħu x-xogħlijiet intrinsikament artistiċi 'l fuq minn prattiki kulturali oħrajn u dawk il-kriterji li bihom issir distinzjoni bejn xogħlijiet letterarji differenti; it-terminu "intrinsikament artistiċi" jibqa' suġġettiv għax jimplika diversi fatturi determinanti għall-kejl tal-kanoniċità li huwa ddeterminat minn dawk li għandhom xi tip ta' poter (fl-edukazzjoni, fil-pubblikazzjoni, fil-kritika, fil-mezzi tax-xandir u l-bqija) biex jistabbilixxu u jiġġustifikaw x'inhu artistiku u x'mhuwiex. Il-kitbiet letterarji Maltin jistgħu jiġu analizzati fid-dawl tal-applikazzjoni tal-estetika normattiva ta' Crowther billi jiġu identifikati dawk il-kwalitajiet, diskussi wkoll minn Bloom, ewlenija fosthom l-oriġinalità u l-influwenza, li jagħmlu dawn ix-xogħlijiet superjuri u eżemplari għall-bqija. Il-kriterju normattiv jimplika li jekk xogħol imur lil hinn mill-funzjoni prattika u ritwali jkun ħafna aħjar, jew "differenti pożittivament," mix-xogħlijiet l-oħra li jibqgħu biss fuq livell funzjonali (38). Xogħol ikun differenti u aħjar jekk ikollu stil b'element qawwi ta' oriġinalità. Għal Crowther, l-oriġinalità espressa fl-istil hija ċentrali – l-oriġinalità tinkiseb meta l-awtur jespandi l-firxa tal-medju billi jippreżenta mod ġdid kif tiġi interpretata d-dinja. Għaldaqstant, minkejja li fil-proċess tal-kitba ta' *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi* teżisiti l-probabbiltà li ġie influwenzat minn *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ellul Mercer, Vella Gera rnexxielu jilħaq livell għoli ta' oriġinalità permezz ta' stil innovattiv: l-użu ta' medju bilingwi li qatt qabel ma ntuża hekk fit-tul fil-kitba ta' rumanz Malti u fi ħdan nisġa b'saħħitha. L-istatus ta' xogħol kanoniku jintlaħaq meta l-awtur jikseb l-oriġinalità primarja.

Meta l-awtur jipproduċi xogħlijiet oħrajn matul il-karriera tiegħu, ikun qiegħed jesplora l-possibiltajiet tal-oriġinalità primarja billi b'sens ta' kreattività jorqom u jiżviluppa l-istil b'tali mod li, skont Crowther, ix-xogħlijiet il-ġodda jiksbu oriġinalità tat-tieni livell (39). L-oriġinalità tgħaddi minn żewġ proċessi bażiċi: l-irfinar u l-innovazzjoni. Ix-xogħlijiet influwenzati jservu ta' filtru li jtejjeb l-istil tax-xogħol ewlieni u oriġinali. L-artisti li joħolqu stil oriġinali u li jmantnuh b'mod kreattiv ħafna drabi jwelldu imitaturi diretti. Fi qbil ma' Bloom, u f'kuntrast max-xettiċiżmu tar-Relattiviżmu Kulturali, Crowther jisħaq li l-arti u l-estetika huma forom ġustifikati ta' rappreżentazzjoni u esperjenza, rispettivament, b'validità kulturali u universali. Hu jemmen li l-arti għandha sinifikat transtoriku u transkulturali li jmur lil hinn mill-preferenzi tal-kultura tal-Punent (40).

Altieri wkoll jemmen fl-utilità tal-kanonu letterarju għax dan jippreserva "t-teatru permanenti" tal-passat ("Idea and Ideal" 40), terminu li għandu l-paralleli tiegħu fil-kritika Maltija bħal meta Cremona jirreferi indirettament għall-kanonu letterarju permezz tal-frażijiet: "tempji ta' foħrija" u "tempji tal-fama" ("Il-Moderniżmu" 65). Dan it-teatru kanoniku jgħin lill-qarrejja jiffurmaw u jiġġudikaw il-valuri personali u soċjali, valuri li jikkontribwixxu għall-validità tal-kanonu letterarju fil-futur. Altieri jippreżenta l-idea taċ-ċirkularità li twassal għal ġudizzji dwar il-valuri li jorbtu l-kriterji, ix-xewqat u l-prinċipji komuni tal-kittieba u tal-qarrejja Maltin tal-preżent f'ċirku ma' dawk ippreservati mill-Maltin tal-passat, bil-għan li ċ-ċirku tal-valuri kanoniċi jestendi għal Malta tal-ġejjieni. L-idea tal-kanonu hija riżultat tal-kundizzjoni ċirkolari tal-valuri kanoniċi għaliex tgħallimna dwar il-letteratura fil-kuntesti kulturali, kuntesti li fasslu l-għarfien letterarju tagħna u b'hekk, fihom infushom, iħaddnu l-idea ta' kanoniċità ("Idea and Ideal" 41). Skont Altieri, il-kanonu jservi bħala mudell

awtorevoli – il-projezzjonijiet tal-valuri letterarji mill-kanonu nnifsu aktarx jiġġudikaw liema kwalitajiet tal-passat huma validi biex isiru mudelli normattivi għall-kitba letterarja Maltija fil-preżent u fil-futur.

L-assimilazzjoni ta' perspettivi bħal ta' Crowther u Altieri fil-kuntest Malti jgħinu biex il-kanonu letterarju Malti ma jibqax konsegwenza tal-interessi ideoloġiċi u tal-ħtiġijiet storiċi ta' grupp żgħir ta' persuni influwenti fil-qasam. Ngħidu aħna, Patrick Sammut, l-editur tar-rivista *Il-Pont* kemm-il darba jilmenta li l-viżibilità tal-letteratura Maltija hija ddominata mis-"soltu sitt ismijiet li jekk wieħed isegwi sewwa x-xena lokali jaf li ilhom iżommu dan il-monopolju – u bosta oħrajn – għal snin twal." Skontu, dan japplika wkoll "għal ċerti gazzetti ta' nhar ta' Ħadd li għalihom jeżistu biss dawn in-nofs tużżana ismijiet u ħadd iktar" ("L-Editorjal - 40" 1). Għalkemm l-editur jonqos milli jispjega liema interessi ideoloġiċi jgħaqqdu dawn l-individwi flimkien, jista' jkun li l-osservazzjonijiet tiegħu mhumiex 'il bogħod mir-realtà għaliex il-limitazzjonijiet kondiviżi mill-kittieba Maltin jinħassu inqas kbar għal ċerti kittieba privileġġati, kif tistqarr Clare Azzopardi fil-bidu tad-diskors tagħha, minħabba l-kapital kulturali u soċjali tagħhom ("Diskors").

Altieri jitkellem ukoll dwar id-dimensjoni projettiva tal-kanonu, b'mod speċjali l-aspettattivi tal-kritiċi fuq ix-xogħlijiet kontemporanji. L-aspettattiva tal-kritika moderna toħloq il-ħtieġa tal-ħarsien tal-ideali tal-passat, u tgħin ukoll lill-qarrejja jiffukaw ir-rispons tagħhom fuq l-istandards li jżidu l-valur tax-xogħol letterarju. Għalhekk x'sehem għandha l-evalwazzjoni tal-kritiċi Maltin fil-bini tal-kanonu Malti? Skont Altieri, il-proċess tal-"evalwazzjoni qawwija" tal-kanonu jħaddem il-funzjoni kuratorja u normattiva li jitkellem ukoll dwarha Crowther ("Idea and Ideal" 46). Għaldaqstant, jekk nitlaq mill-premessa li l-idea

tal-kanonu bħala kejl tal-kwalità letterarja hija valida u funzjonabbli, dan jimplika li l-kanoni minn banda jistabbilixxu l-istandards li l-kittieba jridu jilħqu u mill-banda l-oħra jfasslu l-mod ta' kif issir l-evalwazzjoni tal-letteratura. Madankollu, dan ma jfissirx li kull standard stabbilit mill-kanonu letterarju huwa dejjem ġustifikabbli. Ngħidu aħna fil-kuntest lokali, diffiċli tifhem kif ir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici – li kien ukoll attivist kulturali u pubblikatur ta' stoffa – ingħata attenzjoni limitata minkejja li dan ir-rumanz huwa kontribut importanti fl-istorja letterarja, kif tixhed l-attenzjoni akkademika li ngħata aktar tard f'diversi studji kritiċi riċenti bħal "Ir-rumanz Malti bejn l-1930 u l-1940" ta' Mario Cassar u "L-Għeluq u l-Karatterizzazzjoni f'Żewġ Rumanzi ta' Ġużè Bonnici" ta' Maria Simiana. L-analiżi ta' Cassar saħansitra tpoġġi dan ir-rumanz maġenb ir-rumanz ċelebri ta' Ellul Mercer: "Bħal *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, *Ħelsien* kien rumanz kuraġġuż għal żmienu" (134). Skont Grima, il-pubblikazzjoni ġdida ta' dan ir-rumanz fl-2019, "tipproponi evalwazzjoni mill-ġdid – li ilha mistennija żmien – għal xogħol li b'mod ċar jistħoqqlu aktar attenzjoni milli rċieva minn meta ġie ppubblikat għall-ewwel darba fl-1939" ("A New Life"). Iżda meta jsir tentattiv sabiex jinftiehem l-apprezzament ristrett li ngħata *Ħelsien* fl-ewwel deċennji ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu, mhuwiex ċar x'wassal biex rumanz letterarjament validu bħal dan, twarrab mill-attenzjoni ta' kanonizzatur ewlieni bħal Aquilina. Jista' jkun li ma ssodisfax l-hekk imsejħa "standards" kanoniċi tagħhom; inkella seta' ġara li *Ħelsien* ġie injorat għax Bonnici miet qasir il-għomor u ma setax jimbotta x-xogħol tiegħu hu stess. Jista' jagħti l-każ ukoll li ċerti letterati tfantsu minħabba t-tmiem moralment dibattibbli tar-rumanz, allura għażlu konxjament li jwarrbuh; Cassar jinnota kif, pereżempju, dan ir-rumanz esplora "temi skabruži ta' konkubinaġġ u assassinju politiku" li "waħedhom kienu biżżejjed biex iċaqilqu l-klima konservattiva" (134).

Kif ġara lir-rumanz atipiku u irriverenti *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* ta' Ġwann Mamo, xi drabi l-evalwazzjoni letterarja ta' ċerti xogħlijiet letterarji Maltin saret fil-kuntest ta' standards kanoniċi li b'mod jew ieħor donnhom jitbiegħdu kapriċċjożament mill-oġġettività, mill-koerenza u mill-ġenwinità li kritiċi bħal Crowther u Altieri jixtiequ jaraw fil-proċess tal-kanonizzazzjoni.

F'*Art's Way Out*, Baldacchino wkoll jagħraf il-validità tal-kanonizzazzjoni letterarja billi jiddeskrivi l-kanonu bħala "neċessità li tiggarantixxi għażla individwali," għażla bżonjuża iżda suġġettiva għax timplika diversità u kontinġenza (67). Din l-idea idjosinkratika tal-kanonu letterarju tillibera kemm lill-qarrejja kif ukoll lix-xogħlijiet artistiċi mingħajr ma telimina l-validità u r-rilevanza tiegħu. L-għażla individwali tmur lil hinn mill-idea fissa ta' kanoniċità u twassal lill-qarrejja biex, qabelxejn, jistaqsu jekk għandhomx jaċċettaw jew għandhomx jirrifjutaw din l-istess idea. Għaldaqstant ix-xogħlijiet artistiċi jistgħu joħorġu mill-qafas riġidu tal-kanonu peress li l-libertà evokata mill-għażla individwali tmur lil hinn mill-kunċett innifsu tal-kanonu.

Kontra l-kritiċi konservattivi li huma marbuta mal-idea tradizzjonali tal-kanonu, Baldacchino jistħarreġ il-possibbiltà li l-arti ssib il-ħila li tabbanduna l-kejl tradizzjonali li minn ewl id-dinja tqies bħala tajjeb u ġust. Huwa jistaqsi jekk nistgħux inwarrbu dan il-kejl morali li bih qisna l-valur kanoniku tal-arti u li bih ħarisna lejn l-arti bħala strument ta' żvilupp, ta' filantropija jew ta' moralità f'diversi oqsma tal-ħajja (*Art's Way Out* 67). Baldacchino jiddeskrivi d-duwaliżmu fid-djalettika dwar il-kanonu tal-estetika u tal-istrumentalità tal-arti bħala "qasma artifiċjali" (68); huwa jemmen li l-arti ma tistax tirriduċiha għal strument li jqanqal bidla f'diversi setturi tas-soċjetà u daqstant ieħor lanqas il-kanoniċità ma trid titqies

biss fil-kuntest tal-klassiżmu soċjali; aktarx li hawn, kemm it-teoristi tax-Xellug kif ukoll tal-Lemin għamlu ħafna aktar ħsara milli ġid, speċjalment meta ġew biex jittrattaw it-tema taħraq tal-kanonu, tal-kanoniċità u tal-kanonizzazzjoni. Bħal Kolbas, Baldacchino jinsab xi mkien bejniethom għax fid-dibattitu kanoniku jinħass aktar pragmatiku milli Marxista. Baldacchino ma jarmix il-forma għax iħoss li l-kanonu letterarju ma jistax ma jirrelatax mal-forma – il-forma kontenutistika hija dejjem differenti u għandha l-possibbilità ermenewtika li tinbidel fl-istoriċità tagħha. Il-forma ma tista' qatt titqies bħala att dekadenti, bħalma jgħidu l-kritiċi Xellugin, imma lanqas mhija l-qofol jew il-bidu u t-tmiem tal-arti, bħalma jgħidu l-kritiċi Leminin. Fuq il-passi ta' Theodor Adorno, Baldacchino jittratta t-tema tal-awtonomija tal-arti fil-kuntest tal-oqsma politiċi, pedagoġiċi u soċjali li fihom teżisti l-arti. Ironikament, huwa jsostni li l-arti mhix hemm biex tkun politika, edukattiva jew soċjali, għax iqis l-arti bħala awtonoma u permezz tal-ibridità tagħha, tagħti lill-umanità l-ispazju u tbegħedna kemm mil-logoċentriżmu, jiġifieri l-konċentrazzjoni fuq il-lingwa bħala espressjoni fundamentali tar-realtà, kif ukoll mill-aljenazzjoni tad-diskors mitiku.

B'dan il-mod Baldacchino jersaq aktar lejn l-anti-Fondazzjonaliżmu u l-pragmatiżmu ta' Richard Rorty, John Dewey u Friedrich Nietzsche u jagħmel sforz konxju sabiex jinqata' mid-djalettika polarizzata tax-Xellug u tal-Lemin. Dan jagħmlu billi jaddotta l-immaġni ta' "xefaq" bħala kuntest flok "terren," immaġni mislufa mingħand Ernesto Laclau, it-teorista politiku li jissuġġerixxi kif fid-djalettika tagħna rridu nibdlu s-simboliżmu tat-terren għal dak ta' xefaq sabiex il-kritiku ma jinqabadx fuq ix-Xellug jew fuq il-Lemin. Baldacchino jemmen li "bħala xefaq (aktar milli terren) l-ibridità hija proċess ta' selezzjoni" (70). Xogħol letterarju jkollu karattru ibridu minħabba l-elementi u l-avvenimenti li jikkomponu lilu u lill-partijiet

eteroġenji tiegħu; l-ibridità timmanifesta ruħha fl-agon tax-xogħol letterarju, din id-darba terminu għal qalb Bloom. Skont Baldacchino, din l-ansjetà maħluqa mill-elementi diversi iżda mżewġin flimkien f'xogħol artistiku jirnexxilha "tillokalizza dak li hu diżlokat" (70) mingħajr ma tirrestringi jew tillimita. Il-kunċett ta' ibridità li jipproponi jistieden lill-kritiku biex ma jaqax fit-tentazzjoni li jinterpreta dan ix-xogħol esklussivament f'termini formalistiċi ta' "forma" jew inkella f'termini ermenewtiċi ta' "storja" moħbija li wasslet għat-tiswir tal-opra artistika. Jekk napplikaw din it-teorija għad-djalettika dwar il-kanonu letterarju, nistgħu ngħidu li għal Baldacchino m'hemmx forma fissa u m'hemmx tifsira fissa għal xogħol letterarju. Ix-xefaq ta' ibridità jipproponi l-idea li l-arti hija "kisba milħuqa" ("*grasped possession*") mill-qarrejja li qatt ma tassumi interpretazzjoni prestabbilita. Dan huwa l-punt fejn l-individwu ma jibqax meqjus bħala l-uniku kriterju jew punt tat-tluq fil-valutazzjoni kanonika ta' xogħol letterarju (71). Ix-xefaq ta' ibridità, li skont Baldacchino huwa wkoll "xefaq veritier" (73), jimplika li l-individwu jissieħeb mal-bqija mingħajr ma jinħakem minn interpretazzjoni waħda li toħnoq kollox. L-attitudni ta' Baldacchino li tinfatam mill-idea ta' terren biex timxi għal dik ta' xefaq sabiex simbolikament titbiegħed mid-dikotomija estremista tax-Xellug u tal-Lemin hija spunt determinanti, fost diversi perspettivi innovattivi oħrajn li nanalizza, li jinfluwenza l-idea ta' bilanċ li nippreżenta lejn l-aħħar tat-teżi meta nifformula l-pożizzjoni tiegħi fil-konfront tal-idea tal-kanonu fil-kuntest letterarju Malti.

1.3 Il-Funzjoni Edukattiva

Skont John Guillory, il-kanonu letterarju għandu l-funzjoni li jirregola l-aċċess għal-litteriżmu u l-mezzi għall-produzzjoni u għall-konsum tal-letteratura. It-testi kanoniċi ppreservati u ppreżentati mill-istituzzjonijiet jiggarantixxu bażi soda għal grammatika tajba u, fuq livelli ogħla, jipprovdu "standards aktar espansivi u aktar elitisti fl-użu tal-lingwa" fejn jidħlu l-istil u r-retorika aktar milli sempliċiment regoli grammatikali (68). Baldacchino jittratta wkoll id-diskors dwar il-funzjonalità kanonika billi jitfa' dawl mhux biss fuq l-istrumentalizzazzjoni tal-letteratura iżda wkoll fuq dik tal-kritika letterarja.

Baldacchino jiċħad il-perspettiva didattika tal-kritika anke fil-każ tal-pedagoġija kritika. Dan huwa punt dibattibbli, l-aktar fil-kuntest ta' skola jew università fejn l-għalliema proprju jipprovaw "jispjegaw" il-kritika letterarja, u fejn l-individwu jista' jħossu soffokat mill-interpretazzjoni dominanti "tal-bqija." Madankollu, l-għalliema tal-letteratura jistgħu jifhmu wkoll li xogħolhom huwa proprju li jressqu lill-istudenti lejn analiżi matura u infurmata tat-test letterarju u minn dan il-punt 'il quddiem għandha tkun l-għażla individwali tagħhom li tiddiriġihom. Iktar milli "tispjega," Baldacchino jissuġġerixxi li l-arti qiegħda hemm biex tiċħad kull aspettattiva li hi għandha xi dritt ovvju u sagrosant fuq l-interpretazzjoni kanonika tar-realtà. Fejn tinsab ir-realtà? Fl-essenza kontenutistika jew fil-forma awtonoma tax-xogħol letterarju? Dawn huma l-mistoqsijiet pedagoġiċi li l-għalliema jistgħu jħajru lill-istudenti jsaqsu. Għaldaqstant, l-għalliema jistgħu "jispjegaw" li hemm poeżija partikolari (bħal dik difatti msejħa "ermetika") li ma tistax "tispjegaha," x'aktarx m'hemm ebda poeżija li tista'. Baldacchino jiddeskrivi dan bħala "l-att tal-illeġġibbiltà" (*Art's Way Out* 90) li jbiegħed lill-arti

minn idea preskritta tar-realtà. Ir-raġuni ma tistax tiġi strumentalizzata minħabba s-sistema edukattiva li ħafna drabi timplika l-akkumulazzjoni ta' tagħrif u l-assimilazzjoni ta' ħafna individwi f'ġisem u moħħ wieħed. Skont Baldacchino, il-kritika tħaddan kemm element ta' universalità, li tgħin lill-bniedem jimraħ fil-ħsieb kritiku u jitbiegħed mill-immedjatezza tax-xogħol letterarju, kif ukoll ta' partikolarità li tappella għal-libertà u għall-intelliġenza mħaddma mill-bniedem fil-proċess tal-ħolqien u tal-apprezzament tax-xogħol letterarju. L-arti tgħin lill-individwi jaqsmu flimkien diversi possibbiltajiet billi tipprovdi "xefaq kritiku ta' multipliċità" (91). Il-valur edukattiv tal-kritika letterarja huwa marbut intrinsikament mad-djalettika tal-kanonu u l-funzjoni edukattiva tiegħu.

Ħafna drabi d-dibattitu dwar il-kanonu letterarju jidħol f'analoġija ma' logħba ping-pong, b'botti u risposti kontinwi minn naħa għal oħra, bir-riskju li jsir suġġett teoretiku tajjeb biss għall-kritiċi letterarji u, ironikament, imbiegħed mill-istudenti tal-letteratura. Hija djalettika li, b'xi eċċezzjonijiet, tippreżenta biss fehmiet dijametrikament opposti ta' teoristi li qegħdin fl-estrem tradizzjonalist jew fl-estrem liberali. U bejn l-erba' ħitan tal-klassi, liema pożizzjoni se jassumu l-għalliema tal-letteratura? Għandhom jgħinu lill-istudenti biex ineżżgħu l-maskri tal-kanonu prestabbilit ippreżentat lilhom fil-forma ta' antoloġiji jew xogħlijiet individwali; jew ikun aħjar li, qabelxejn, l-għalliema nfushom jinżgħu l-maskri tagħhom stess? Skont Gerald Graff, f'"Teach the Conflicts," flok ma l-għalliema jevitaw dan id-dibattitu għax kapaċi jwassal għal sqaq fid-diskussjoni tal-klassi, għandhom jużaw dan l-imblokk apparenti billi jittrażmettu, bla biża' jew eżitazzjoni, is-sens ta' tensjoni, jew ansjetà (51). L-idea hi li meta l-għalliema jippreżentaw is-suġġett topiku tal-kanonu letterarju bħala kunfitt jew agon, x'aktarx li jżidu r-rilevanza tas-sillabu u jqanqlu l-interess tal-istudenti. Meta

l-għalliema jieqfu jkunu preskrittivi u ma jimponux aktar il-kanonu personali, x'aktar li jiksbu r-rispett tal-istudenti tagħhom li jippretendu edukazzjoni miftuħa għal diskussjoni matura. Istruzzjoni dijaloġika bħal din mhijiex xi perspettiva li faċilment tiġi applikata fil-klassi imma lanqas mhi impossibbli. Iżda l-għalliema tal-letteratura, li xi drabi jkunu professuri tagħha, forsi jiddejqu jippreżentaw lilhom infushom bħala l-faċilitaturi minflok l-esperti.

F'dan il-kuntest ukoll hemm kritiċi li jemmnu li t-teorija għandha tingħata prijorità qabel il-qari u d-diskussjoni tax-xogħlijiet letterarji u l-kanoniċità tagħhom. Peggy Knapp temmen li l-istudjuż tat-teorija jieħdu gost aktar bl-esperjenza tal-qari tat-testi letterarji jekk ikunu ppreparati sew għaliha (585). It-teorija tipprovdi l-pedament għall-istudji letterarji imma tista' tikkompromett i l-għażla ħielsa tal-istudenti li jiġu esposti għall-influwenza u għall-għażliet personali tal-għalliema tagħhom. L-għalliema tal-letteratura jistgħu jibdew bil-qari ta' testi varji u mbagħad iħallu f'idejn l-istudenti biex jaslu għall-ġudizzji tagħhom dwar liema xogħol letterarju għandu jkun parti mill-kanonu. Iżda strateġija pedagoġika bħal din tassumi li l-istudenti huma attrezzati biżżejjed biex jaslu għal ġudizzji kritiċi bħal dawn. Jew ikun aħjar li l-istruzzjoni teoretika tkun fil-bidu, bit-tama li ma tkunx, jekk inhu possibbli, suġġettiva wisq u mxekkla mill-ideat tal-għalliema? Din hija dilemma li l-għalliema jħabbtu wiċċhom magħha kuljum fil-klassijiet tal-letteratura. Teoristi bħal Wayne Booth huma fiduċjużi li meta d-dibattitu kanoniku jestendi għall-klassijiet u jiġi diskuss mill-istudenti, il-konsegwenzi bilfors ikunu pożittivi u dan huwa sinjal li "aħna ħajjin u liberi fl-isforzi tagħna" (77). Din id-djalettika tagħti l-ħajja lil-letteratura u l-istudji tagħha, żewġ oqsma li kulma jmur qed isofru mis-sintomi tan-nuqqas ta' qari u motivazzjoni min-naħa tal-istudenti. Id-dibattitu kanoniku, jekk jittieħed minn perspettiva pożittiva, jista' jinjetta enerġija ġdida fil-klassi tal-letteratura

għaliex l-istudenti x'aktarx li jsibuh intriganti u permezz tiegħu tinbet l-opportunità li jesploraw suġġetti attwali bħall-ugwaljanza bejn is-sessi, l-esperjenza estetika u l-gruppi f'minoranza.

1.4 Il-Kommodifikazzjoni bħala Funzjoni

It-tentattivi pluralistiċi sabiex jiġi mmodifikat il-kanonu leterarju billi ssir enfasi fuq id-diversità, fuq l-immedjatezza tal-kunflitti soċjali, fuq l-interessi speċifiċi ta' gruppi ta' nies, fuq l-idea ta' kompetizzjoni huma biss, skont Kolbas, tisħiħ tal-ideoloġija tal-liberaliżmu. Paradossalment, il-liberaliżmu, bħal kull ideoloġija oħra, joħnoq il-libertà li jista' jkollu kanonu letterarju. Il-liberaliżmu, fost l-oħrajn, jippromwovi u jiġġustifika d-drittijiet privati tal-bniedem modern, l-idea tal-identità soċjali tiegħu, u l-idea li din l-identità tilħaq il-milja tagħha fil-kuntest tas-suq kompetittiv. Meta dawn l-ideat jiġu applikati għal-letteratura, Kolbas jiddeskrivihom bħala "espressjonijiet kulturali moderni u strambi tal-kommodifikazzjoni tad-'differenza' u tal-istandardizzazzjoni attwali tad-'diversità'" (55). Fit-teorija politika tiegħu, Karl Marx kien spjega l-"kommodifikazzjoni" bħala dak il-proċess li permezz tiegħu dak li qabel qatt ma kellu valur ekonomiku, f'daqqa waħda jingħata dan il-valur u jibda jinbiegħ. Dan il-fenomenu jimplika wkoll li l-valuri tas-suq jistgħu jikkompromettu u saħansitra jieħdu post valuri oħra li qabel qatt ma kienu "mtebbgħa" mill-idea ta' negozju u profitt (165).

Għaldaqstant, "id-differenza" u "d-diversità" li semma Kolbas jistgħu jitqiesu biss bħala perspettivi utilitarji fi ħdan il-modernità li tibbaża l-essenza tagħha u tibni u tivvaluta

dak kollu li jeżisti fi ħdanha fuq il-mudell tas-suq kompetittiv. John Sutherland, fil-ktieb tiegħu *Bestsellers*, jistaqsi jekk l-ixkafef tal-ħwienet tal-kotba humiex jimtlew b'dik il-letteratura kummerċjali li bil-Ġermaniż tissejjaħ "*wegwerfliteratur*" jew letteratura li "tuża u tarmi." Sutherland jaffaxxinah il-fatt li l-qarrejja jixtru u jaqraw il-bestsellers anki jekk ma jqisuhomx daqshekk tajbin bħala letteratura (1). Ngħidu aħna, ir-rumanz *Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa* ta' Trevor Żahra għamel suċċess kbir fis-suq, għax fl-ewwel snin li ġie mitbugħ kien jinbiegħ "bir-rata ta' ħames kotba kuljum," rekord tajjeb ħafna fil-kuntest tas-suq limitat ta' Malta ("Il-Ħajja"). Is-suċċess tiegħu ġie kkonfermat ukoll mill-fatt li saru diversi traduzzjonijiet tiegħu, fosthom għall-Ingliż, għar-Russu u għan-Norveġiż, u li ttellgħu wkoll rappreżentazzjonijiet tiegħu fuq il-palk. Jekk il-popolarità u l-bejgħ jikkanonizzaw ktieb ta' awtur meqjus bħala letterarju, il-fatt li dan ir-rumanz rebaħ qalb il-qarrejja jista' jimplika li rebaħ post fil-kanonu letterarju ta' Malta. Jista' jkun li parti mis-suċċess tistrieħ fuq il-marketing aggressiv li jsir mill-pubblikatur, iżda dan ma jistax ikun l-uniku fattur li jiddetermina s-suċċess fil-bejgħ. Chris Gruppetta ta' Merlin Publishers huwa l-paradimma per eċċellenza ta' dan il-fenomenu – bil-pubbliċità msejsa fuq sens kbir ta' antiċipazzjoni u bl-użu tal-mezzi kollha li għandu biex jikseb l-attenzjoni tal-qarrejja, jirnexxilu jikkonvinċi lil ħafna biex jixtru rumanz ippubblikat minnu minkejja li xi drabi lanqas ikunu qatt semgħu bl-awtur jew l-awtriċi. Ovvjament, hawn m'iniex nalludi għal Żahra li ilu magħruf sew mal-qarrejja Maltin iżda għal kittieba li ppubblikaw mal-Merlin għall-ewwel darba. Hawnhekk, il-qarrejja mhumiex qed jixtru ktieb għax influwenzati mill-fama li l-awturi jkunu bnew mas-snin għax ikunu qed jagħżlu li jixtru ktieb minħabba l-fiduċja tagħhom f'dak li qiegħed jirreklama Gruppetta. Jekk dan huwa minnu, il-fattur determinanti fis-suċċess ta' ċerti kotba mhuwiex il-

fama tal-awturi imma tal-pubblikaturi. Eżempju tajjeb ta' dan il-fenomenu huwa l-pubblikazzjoni ta' *Lucy Min?* minn awtriċi ġdida u mhux magħrufa, Lara Calleja; skont Gruppetta dan "biegħ prattikament print-run ta' 1,000 kopja, kważi kollha fi żmien 10 xhur" ("Re: Bestseller"). Minkejja li ħadd ma jista' jasserixxi li dan kien l-uniku fattur fis-suċċess ta' dan ir-rumanz, l-id tal-pubblikatur tinħass sew fil-ħolqien ta' dan il-fenomenu.

Meta jitkellem fuq l-ossimoro jew il-klixè modern tal-"klassiku istantanju," Kolbas jiddubita minn kemm għandhom ħajja twila l-bestsellers (67). Il-permanenza fix-xena letterarja tiddependi minn jekk ix-xogħol letterarju jiġix assimilat b'mod sħiħ, jiġifieri jekk il-bestseller ikollux il-kontinwità storika li timplika attenzjoni permezz ta' interpretazzjonijiet u riproduzzjonijiet ġodda tiegħu. Għaldaqstant, dan il-klixè jista' jinftiehem bħala prova kif il-kommodifikazzjoni tal-letteratura ċajpret id-definizzjoni ta' xogħol kanoniku u ġabitu sempliċiment prodott f'suq wiesa' u mifqugħ bi prodotti oħra li qed jikkompetu ma' xulxin. Dan il-fenomenu jinħass f'Malta wkoll meta jiġi organizzat ta' kull sena l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Il-pubblikaturi, li "l-operazzjonijiet selettivi tagħhom huma mgħobbija b'leġittimità kulturali vera minkejja li huma subordinati għal restrizzjonijiet ekonomiċi u soċjali" (Bourdieu, *The Field* 112), aktarx li saru jiffukaw aktar fuq "kemm-il ktieb" milli "liema ktieb" se jinvestu fih; għalkemm ta' min jgħid li din ix-xorta ta' enfasi ma ssirx bl-istess intensità mid-djar tal-pubblikazzjoni Maltin kollha. L-enfasi fuq il-kwantità iktar milli fuq il-kwalità ġiet fil-fatt innutata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb li implika li l-iskop tal-festival, li saħansitra bidel ismu minħabba f'hekk, huwa qabelxejn dak "ta' arrikkiment kulturali u edukattiv" u mhux biss "kummerċjali." Għaldaqstant, "il-Kunsill qiegħed jipprova jbiddel l-attitudnijiet u l-perċezzjonijiet tan-nies" billi jħeġġeġ lill-"entitajiet kummerċjali kollha jiffukaw iżjed fuq il-

kwalità tal-materjal li qegħdin ibigħu, milli fuq il-kwantità ta' kotba esebiti u mibjugħa" ("Festival Nazzjonali"). Hawn ta' min jikkwalifika x'qiegħed jinftiehem bit-terminu "entitatijiet kummerċjali" – aktarx li dan id-diskors qiegħed jindirizza lill-bejjiegħa, aktar milli lill-pubblikaturi, preżenti ta' kull sena fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Ir-riskju konkret hu, kif b'mod parallel qiegħed jiġri f'fieri ta' natura differenti f'Malta, li bejjiegħa li l-għan ewlieni tagħhom huwa proprju l-bejgħ u allura huwa għan purament "kummerċjali," jinvadu b'saħħa l-ispazju fiżiku u anke mentali (aġir li "jinfluwenza lin-nies biex iqisu dan l-avveniment annwali . . . bħala post li minnu jistgħu jixtru l-kotba bi prezzijiet vantaġġjużi") b'munzelli ta' kotba rħas fil-prezz u fil-valur letterarju, b'detriment għal-letteratura ppubblikata lokalment li jkollha tipparteċipa kontra qalbha f'kompetizzjoni inġusta.

Il-kritika kontemporanja, li tinkludi d-diskors kanoniku, x'aktarx li tinkorpora fiha l-ideat progressivi li jivvalutaw xogħol letterarju skont il-kapaċità kompetittiva tiegħu fis-suq. Għalhekk, fid-dawl tat-teorija ta' Kolbas, din il-kritika ma tistax titqies bħala universali, newtrali jew intatta. L-elementi tal-kompetizzjoni u tal-kunflitt preżenti fix-xogħlijiet letterarji, li jitkellem ukoll fuqhom Bloom minkejja l-perspettiva konservattiva tiegħu, huma fihom infushom affettwati mill-bidliet soċjali u materjali, bidliet li ironikament jiġu injorati minn kritiċi bħal Bloom innifsu. Minkejja d-diverġenzi ovvji li hemm bejniethom fejn jidħol id-diskors kanoniku, il-kritiċi konservattivi u dawk liberali jaqblu li għandhom jinjoraw ċerti elementi fundamentali u determinanti fil-proċess tal-formazzjoni tal-kanonu letterarju. Tal-ewwel jaraw il-funzjoni tal-kanonu f'termini estetiċi u idealistiċi mingħajr ma jqisu l-kundizzjonijiet storiċi u materjali li inevitabbilment affettwaw it-tiswir tiegħu, waqt li tat-tieni jqisu l-kanonu bħala mezz pragmatiku kif jitwettqu l-iskopijiet pedagoġiċi u politiċi ta' grupp

soċjali mingħajr ma jikkunsidraw l-idea tas-sens ta' nuqqas ta' funzjonalità ("*functionlessness*") tal-arti fl-era moderna. Dwar din l-aħħar idea, Kolbas jelabora u jistqarr li:

> il-ġustifikazzjonijiet sfaċċatament politiċi u utilitarji għal kanonu multikulturali u soċjalment rappreżentattiv jeliminaw l-awtonomija u n-nuqqas ta' funzjonalità tal-arti, elementi tant essenzjali għall-kontenut veritier tagħha fl-era tal-modernità. Dawn il-ġustifikazzjonijiet huma bbażati fuq liberaliżmu pragmatiku li jipprova japplika mezzi diretti għal effetti diretti (eż., li jrendi s-sillabu tal-klassi jew l-antoloġiji letterarji aktar soċjalment rappreżentattiva sabiex 'jikkontrobilanċjaw' il-kanonu), u b'hekk jissagrifikaw id-distakkament tal-art mid-dinja prattika, distakkament li jipprovdi kritika aktar fundamentali tas-soċjetà kollha kemm hi. (96)

Spiss il-kritiċi għandhom tendenza jinjoraw il-limiti materjali. Dawk li jqisu l-valur storiku billi jkejlu s-superjorità kanonika permezz tal-persistenza storika u tal-familjarità kulturali ta' xogħol letterarju ħafna drabi jinsew li xogħol magħruf jirriskja li jkun "estetikament sterili" (Kolbas 58) donnu klixè kulturali. Hekk, ngħidu aħna, "L-Innu Malti" ta' Dun Karm jista' jitqies bħala xogħol kanoniku għax fl-1941 intgħażel bħala l-innu nazzjonali ta' Malta. Issa minħabba dan l-istatus eċċezzjonali u minħabba li nkiteb mill-poeta nazzjonali, il-valur storiku u kulturali ta' dan ix-xogħol tant għola li rari ssib min iħoss il-bżonn li jkejjel il-valur estetiku tiegħu. Friggieri huwa wieħed minn dawk il-ftit li ħass il-bżonn Romantiku li jeduka lill-poplu dwar l-innu li jirrappreżentah. Bil-pubblikazzjoni didattika tiegħu, *L-Istorja tal-Innu Malti: Kif sar u xi jfisser*, Friggieri jagħmel tentattiv sabiex jippreserva l-valur kanoniku tiegħu, preċiżament sabiex din il-poeżija ma ssirx sterili fil-perċezzjoni pubblika iżda titqies bħala xogħol b'mertu

letterarju. Iżda wkoll ta' min jikkunsidra din id-djalettika fid-dawl tal-fatt li mhux kulma kiteb il-poeta nazzjonali huwa neċessarjament ta' valur letterarju għoli. Kif stqarr Mifsud fit-taħdita "High Literature – Pop Culture," Dun Karm ma kitibx poeżiji hekk imsejħa "letterarji" biss iżda kkompona wkoll poeżiji popolari li wħud minnhom saru parti mir-repertorju tal-għanjiet kantati sal-lum fil-knejjes lokali (00:14:10 - 00:15:12).

Eżempju ta' xogħol letterarju li tqies bħala kanoniku għax għandu valur storiku huwa d-dramm *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ta' Cremona. Apparti Rosato, li ppubblika d-dramm qasir *Katerina* fl-1847, id-dramm ta' Cremona kien l-uniku dramm oriġinali li nkiteb bil-Malti qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Cremona kitbu fl-1913 u deher stampat fl-1934. Dan il-fatt, flimkien mal-fatt li kien ġej mill-pinna ta' personalità importanti fl-istorja tal-Malti fil-qasam lingwistiku aktar milli dak letterarju, wassal biex Ġużè Aquilina jqisu bħala "l-aqwa xogħol letterarju mhux biss ta' Ninu Cremona imma tal-palk letterarju Malti" ("Il-Ħajja" xi). Iżda meta Diacono ġie biex jikkritika estetikament dan id-dramm, huwa tkellem fuq teknika ta' kitba msejsa fuq "artifiċjalità fiergħa" (34) fejn Cremona jagħti kollox bl-imgħarfa għax kollox hu skontat u xejn implikat. Skont Diacono:

> L-arti drammatika ma tirrakkuntax, iżda taħdem fuq is-sensazzjonijiet tal-udjenza. Kull skoperta, kull ħaġa li tikxef l-udjenza dwar il-karattri u dwar is-sitwazzjoni jew l-iżviluppi hija sensazzjoni, kbira jew żgħira. Meta Cremona jagħżel li jinforma flok inqanqal lill-udjenza, ikun jirrinunzja għall-vivaċità u l-qawwa li l-possibbiltà tal-emozzjoni tagħti lill-arti drammatika. (31)

Diacono mhu impressjonat xejn bid-dramm ta' Cremona u għaldaqstant ma jagħtix l-istess ġudizzju kritiku ta' Aquilina. Għalih dan id-dramm huwa difettuż u oġġettivament ma ħaqqux jiġi kkunsidrat bħala xogħol kanoniku.

Kolbas proprju jindaga kif xogħol letterarju jitqies, jew ma jitqiesx, bħala kanoniku. Fi *Critical Theory and the Literary Canon*, jipproponi analiżi materjalistika tal-formazzjoni tal-kanonu, analiżi li tipprova tqis il-kundizzjonijiet soċjali, ekonomiċi u istituzzjonali li fuqhom tiddependi l-kanonizzazzjoni. Meta Kolbas jiddiskuti l-kontribut, jew in-nuqqas ta' kontribut, tat-teorija kritika ta' Adorno fil-kuntest tad-dibattitu dwar il-kontenut kanoniku ta' xogħlijiet popolari, jinnota li Adorno huwa xettiku ħafna dwar il-valur konjittiv u dwar il-kontenut veritier f'xogħlijiet li huma sempliċiment "prodotti tal-industrija tal-kultura" (133). Xogħlijiet letterarji ta' dan it-tip iridu jirrispettaw il-ħtiġijiet kummerċjali u ideoloġiċi tas-suq, u dan jimplika li ma jistgħux isegwu l-kors naturali u spontanju tagħhom waqt il-proċess nnifsu tal-kitba. Kolbas jitbiegħed mill-pożizzjoni inċerta ta' Adorno billi jisħaq li xogħlijiet letterarji li b'xi mod jappartjenu għall-kultura popolari (anke dan il-kunċett huwa ambigwu), jistgħu jkunu wkoll kanoniċi (135). Lambert Zuidervaart saħansitra jemmen li l-popolarità għandha tittieħed bħala xhieda tal-kwalità artistika tax-xogħol; skontu, xogħol artistiku bi kwalitajiet kanoniċi iżda li qatt ma jsir popolari għandu inqas mertu minn xogħol li għamel suċċess mal-pubbliku (235).

1.5 Il-Funzjoni Estetika u Politika

Jacques Rancière huwa figura ewlenija fid-dibattitu dwar l-estetika u l-politika; il-vuċi tiegħu tingħaraf minn ta' teoristi oħrajn minħabba l-perspettiva affermattiva dwar l-immaġinazzjoni umana u minħabba x-xewqa li joħroġ fid-dieher l-idea ta' emanċipazzjoni meta jitkellem fuq l-arti kontemporanja. Din hija perspettiva pjuttost unika fid-djalettika tal-estetika u tal-kanonu letterarju għaliex, qabelxejn, Rancière jimpenja ruħu biex jiddeskrivi r-rwol speċifiku tal-artist – il-produttur tat-trasformazzjoni kreattiva – billi jispjega "d-distribuzzjoni tas-sensibbli," jew *Le Partage du Sensible*, l-isem oriġinali tal-ktieb meta ġie ppubblikat fi Franza għall-ewwel darba fis-sena 2000. F'*The Politics of Aesthetics: The Distribution of the Sensible*, Rancière jipprova jinqata' mill-antagoniżmu li ddomina u llimita d-dibattitu dwar l-estetika u l-politika li dejjem tpoġġew kontra xulxin. Dan jagħmlu billi jafferma b'saħħa l-valur estetiku u billi jisħaq fuq ir-rabta li l-estetika għandha mal-politika. Madankollu hu joqgħod attent li ma jippreżentax l-arti minn banda bħala prodott tal-forzi assoluti tas-soċjetà u tal-ekonomija jew, mill-banda l-oħra, bħala fenomenu uman nieqes minn kull forma ta' etika jew moralità. Il-ħsieb Rancièrejan jitbiegħed minn dan id-determiniżmu negattiv billi jipprova jsib it-triq tan-nofs, jew spazju li jagħti nifs, fejn l-arti, minkejja d-dipendenzi tagħha, ma għandha bżonn lil ħadd u xejn biex tiġġustifika lilha nnifisha. Rancière jivvalorizza l-immaġinazzjoni kreattiva tal-arti sabiex iwarrab l-idea żbaljata li l-arti għandha tiġi interpretata bħala konsegwenza ta' influwenzi esterni. Huwa jistudja r-relazzjoni intima bejn l-arti u l-politika fl-istess waqt li jżommhom separati mingħajr ma jpoġġihom kontra xulxin u mingħajr ma jirrikorri għat-tielet entità, bħal xi tip ta' etika jew filosofija, li tgħaqqadhom flimkien.

Matul is-snin l-estetika ġiet ikkritikata bħala għodda f'idejn min ried iqawwi d-differenzi soċjokulturali u jsaħħaħ il-poter tal-klassi dominanti soċjalment, ekonomikament u politikament u li għandha aċċess għall-aqwa xogħlijiet artistiċi. Meta lejn l-aħħar tas-seklu 20, l-estetika bdiet tinħeles minn dawn l-akkużi ta' motivi soċjali, xorta waħda tqieset bħala impediment li jċaħħad lix-xogħol artistiku mill-awtonomija tiegħu u li jissottomettih għal ħsieb mekkanizzat u intenzjonat biex jissodisfa skopijiet oħra, l-hekk imsejjaħ "assolut filosofiku, ir-reliġjon tal-poeżija jew il-ħolma tal-emanċipazzjoni" (Rancière, *Aesthetics* 2). Hekk il-kritiċi riċenti tal-estetika daru kontra l-filosofija tal-arti u reġgħu xeqilbu lejn il-perspettiva soċjoloġika sabiex jenfasizzaw il-preżenza tal-arti pperċepita mis-sensi tagħna u sabiex jeħilsuha mid-diskors estetiku li għandu tendenza jifga l-libertà eżistenzjali tax-xogħol artistiku. Madankollu anke hawn, skont Rancière, il-kritiċi li jargumentaw kontra l-"konfużjoni" tat-teorija estetika bit-tama li jneżżgħuha mill-iskopijiet filosofiċi tagħha jispiċċaw jidħlu fi sqaq konċettwali ieħor meta jimponu fuq l-arti r-reġim estetiku tagħhom bil-kriterji idjosinkratiċi li jinvolvi dan id-diskors. Fost l-oħrajn, skont dan ir-reġim influwenzat mill-għajta tad-demokrazija u tal-ugwaljanza, l-arti tiġi definita bħala arti sakemm tibqa' tesplora modi ġodda ta' espressjoni artistika, sakemm tibqa' tesperimenta b'materjali u suġġetti ġodda li qabel tqiesu bħala lil hinn mill-isfera artistika, u sakemm tibqa' tespandi l-fruntieri tal-interazzjoni artistika.

Ironikament, dan is-sens ta' liberazzjoni jista' fil-fatt jirriżulta f'forma oħra ta' jasar ideoloġiku. Ir-reżonanzi ta' din l-ideoloġija mtaħħta jinħassu fl-artiklu trasgressiv "Zeitgeist Anyone?" ta' Vella li meta kitbu fl-2001 kien l-editur tal-Minima, id-dar tal-pubblikazzjoni li fil-bidu tas-seklu 21 kienet l-aktar editorija Maltija rivoluzzjonarja imma li bħal dawk li

tikkundanna spiċċat tirreaġġixxi għad-"dominanza tal-kasta intellettwali . . . eks rivoluzzjonarji pessimisti li jibku dmugħ il-kukkudrilli u li għadhom jiddominaw l-akkademja" (35). Madankollu, fl-aħħar tal-artiklu, Vella donnu juri li hu konxju mit-tentazzjoni tal-kittieba l-ġodda li kien qed jippromwovi li jaqgħu fin-nasba psewdoliberatorja: "B'hekk inkunu ħloqna tassew *Qawmien Letterarju*, proattiv, mhux ribelluż għal skop ta' rivolta per se, imma bl-iskop li jsawwar zeitgeist. Ma nkunux irreaġġixxejna kontra l-imgħallmin xjuħ u mbagħad blajna kliemna, imma nkunu ħloqna idjoma friska u ġdida" (35). Paradossalment, il-fatt li jsemmi b'ismu l-moviment tal-ġenerazzjoni preċedenti ta' kittieba huwa indikattiv li l-kittieba l-ġodda bla ma riedu kellhom f'moħħhom, anke jekk fl-ibgħad rkejjen tal-psike tagħhom, il-preżenza, u forsi l-influwenza, tal-kittieba tal-Moviment Qawmien Letterarju. Skont Rancière, it-twemmin liberatorju fil-promulgazzjoni tal-"idjoma friska u ġdida" jista' paradossalment jissarraf f'jasar ta' reġim ideoloġiku ieħor, l-idea li wara l-era tal-kittieba tas-sittinijiet, il-kittieba l-ġodda huma obbligati li jipproduċu "l-ġdid" jekk iridu jiġu kkunsidrati bħala kittieba validi. Irridu nistaqsu jekk dan huwiex kriterju realistiku, jekk huwiex dejjem possibbli li l-kittieba Maltin jibqgħu jipproduċu "l-ġdid" f'termini formalistiċi u tematiċi, li inċidentalment diġà kien tkellem fuqu Serracino Inglott fil-bidu tas-sebgħinijiet (*Linji* vii), u jekk dan huwiex biss mit estetiku tal-letteratura kontemporanja Maltija.

Rancière jemmen li t-terminu "estetika" mhuwiex l-isem ta' dixxiplina imma sempliċiment jirrappreżenta reġim ieħor ta' identifikazzjoni tal-arti. Il-filosfi li esponew l-estetika ma kinux huma li vvintawha; huma sempliċiment riedu jikkonċettwalizzaw id-diżintegrazzjoni tar-reġim rappreżentattiv. Skontu, "l-estetika mhijiex id-dominju tal-ħsieb li għandu 's-sensibbiltà' bħala l-oġġett tiegħu." L-estetika hija biss il-ħsieb ta' kif jingħaraf "is-

sensorium paradossali" li permezz tiegħu tiġi identifikata l-arti (*Aesthetics* 11). Rancière jidentifika l-kolonni li fuqhom jinbena dan "is-*sensorium*" tar-reġim estetiku tal-arti. Dan ir-reġim issawwar fil-psike kollettiv tal-pubbliku meta matul l-istorja xi xogħlijiet artistiċi ġew bil-mod il-mod identifikati u assoċjati ma' xi tip ta' poter bħal, ngħidu aħna, il-gvern, ir-reliġjon jew iċ-ċiviltà. Ir-reġim ippromwova l-kitba l-ġdida magħmula minn mumenti qosra ta' tiġrib sensorju, dik li tħaddan "il-privileġġ il-ġdid tal-konċiż, tal-istantanju u tad-diskontinwu" (10).

F'*Aesthetics and its Discontents*, Rancière jissintesizza d-diskors estetiku tiegħu billi jipproponi l-eżistenza ta' tliet "*dispositifs*" jew "reġimi" (7) tal-identifikazzjoni tal-arti. Dawn huma sistemi mifruxa li permezz tagħhom ċerti xogħlijiet "jidhru" bħala arti. Rancière jidentifika r-reġim etiku (mibni fuq il-mudell Platoniku li fih it-tifsira tax-xogħol artistiku tintrabat mal-etos tal-komunità), ir-reġim rappreżentattiv (mibni fuq il-mudell Aristoteliku li fih it-tifsira tax-xogħol tinftiehem skont il-funzjonijiet mimetiċi u evalwattivi) u r-reġim estetiku. Skontu, ix-xogħlijiet artistiċi kontemporanji jitqiesu bħala tali abbażi ta' dan it-tielet reġim li jinvolvi għażliet u pjanijiet intenzjonati biex dawn ix-xogħlijiet jitqiesu artistiċi. L-inklużjoni tal-kelma "reġim" tevoka wkoll sens ta' impożizzjoni li toħnoq u mhux tillibera; huwa terminu distintiv li juża Rancière fejn ħaddieħor juża sempliċiment "estetika." Fi ħdan dan ir-reġim l-arti tingħaraf u tinbidel f'diskors permezz tal-estetika. F'kitbietu janalizza l-ġenealoġija tar-reġimi estetiċi sabiex jindaga għaliex l-idea estetika tqanqal daqshekk "skuntentizzi" fost il-kritiċi kontemporanji tal-arti; dawn isostnu li l-estetika toqtol l-ispirtu artistiku u ttappan l-esperjenzi estetiċi tagħna billi timponi lilha nnifisha bħala r-realtà estetika. Ironikament, għal Rancière din l-iskuntentizza perpetwa tikkollabora inkonxjament

mad-diskors dwar ir-reġim estetiku nnifsu għaliex tagħmel parti minnu billi baqgħet tabbina l-estetika mal-perspettiva li r-reġim tal-identifikazzjoni tal-arti ppromwova tul dawn l-aħħar mitejn sena. Madankollu, id-diskors antiestetiku naqas milli jegħleb il-konsensus dwar x'nifhmu b'"estetika." X'aktarx li Rancière, aktar milli jrid jiddefendi l-estetika, aktar irid jirrimmudellaha billi jroddilha definizzjoni ġdida.

Rancière jispjega l-ġenealoġija storika tal-estetika u jibda billi jiddeskrivi l-iżvilupp konċettwali bikri tal-"*aisthesis*," jew l-estetika, f'relazzjoni trijangolari mal-"*mimesis*" u mal-"*poiesis*." Dan id-diskors estetiku twieled żewġ sekli ilu għax inħass il-bżonn li l-arti b'xi mod tingħaraf u tiġi ddefinita; is-sentiment estetiku involva evalwazzjoni mill-qrib u ħsieb profond li jwassal għall-identifikazzjoni tal-arti. L-identifikazzjoni timplika differenzjazzjoni li teħtieġ żewġ kundizzjonijiet li jmorru kontra xulxin: ix-xogħol artistiku jrid jitqies bħala prodott tal-arti u mhux bħala xbieha li tirrappreżenta prinċipju jew li tipprovdi biss xebh fattwali; mill-banda l-oħra, ix-xogħol artistiku jrid jitqies bħala "xi ħaġa oħra" li hi iktar minn prodott tal-arti, u mhux sempliċiment eżerċizzju rigoruż imwettaq bis-sengħa. Sa qabel ma beda d-diskors estetiku, dik ix-"xi ħaġa oħra" sejħulha "*histoire*," jew storja, u sas-seklu 18, biex xogħol jistmawh bħala artistiku ried jirrakkonta storja. Il-kritika kienet titlob il-kejl tal-"mimesi" li tirrakkonta u timita lid-dinja fiżika. Għaldaqstant, l-arti kanonika ssejset fuq "r-reġim rappreżentattiv" jew aħjar, l-identifikazzjoni tal-arti bbażata fuq il-liġi tal-mimesi li fi kliem Rancière tagħraf il-kwalità ta' xogħol artistiku bħala arti fis-sens ta' "*fine art*" (*Aesthetics* 7).

Maż-żmien, l-estetika dewbet ir-relazzjoni trijangolari bejn l-element produttiv, l-element sensibbli u l-element leġiżlattiv (dak tal-leġiżlazzjoni mimetika) tax-xogħol artistiku.

Id-diskors estetiku ma fittixx li jgħarbel aktar l-immaġinazzjoni kreattiva tal-moħħ uman li jasal biex joħloq prodott artistiku permezz tas-sensi (il-"*poiesis*") imma fittex biss li jartikola mod ta' kif l-arti tingħaraf u titqies bħala tali. Dan huwa proprju dak li Rancière jsejjaħlu "r-reġim estetiku" tal-arti, reġim li skontu aktar tellef mill-apprezzament tal-arti milli għenu. Għaldaqstant, id-distanza relazzjonali bejn il-"*poiesis*" u l-"*aisthesis*" ħabbtet mhux ftit lit-teoristi, minn Kant sa Adorno, li kellhom jidentifikaw l-arti fid-dawl ta' din ir-relazzjoni konfliġġenti.

Ir-reġim estetiku tal-arti wassal għat-tbegħid mill-ġerarkija tal-leġislazzjoni mimetika li kienet stabbiliet liema suġġetti u liema ġeneri jew forom ta' espressjoni kellhom jiġu inklużi fil-kanoni billi enfasizzat "is-singularità" tax-xogħlijiet (*Aesthetics* 9). Hekk, fil-letteratura Maltija tas-seklu 20, l-estetika bdiet tivvalorizza rumanzi Modernisti li gradwalment ħadu post ir-rumanz tal-era Romantika. Din ir-rivalutazzjoni kanonika, flimkien mal-mogħdija mill-ħakma tar-reġim rappreżentattiv għar-reġim estetiku, heżżet l-istabbiltà tal-kanonu Malti għall-ħabta tal-1938. F'din is-sena partikolari għall-istorja tal-letteratura Maltija ġie ppubblikat kemm *Taħt Tliet Saltniet* tal-Professur Aquilina, li 'l quddiem kellu jinkarna l-kanoniċità Romantika tan-narrattiva Maltija wara l-mewt ta' Muscat Azzopardi, kif ukoll ir-rumanz innovattiv *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer, b'dan tal-aħħar jintroduċi ġeneru li r-reġim estetiku tal-kritiċi letterarji bil-mod il-mod ivvalorizzah u maż-żmien identifikah bħala l-paradimma għar-rumanziera suċċessivi. Fir-reċensjoni tiegħu tal-1938, Franġisku Saverju Caruana jikteb li "għalkemm it-tnejn miktubin tajjeb, it-tnejn sbieħ, jolqtuk u jħajruk taqrahom u tħajjar lil min jaqrahom, bejniethom hemm bħal għammieq li jifridhom għalkollox minn xulxin" (114). Caruana jgħid li d-differenza tidher l-aktar fl-istil tal-kitba;

madankollu, fid-dawl tal-istorja tal-letteratura Maltija, *Leli ta' Ħaż-Żgħir* jitqies differenti minħabba li introduċa element ġdid u importanti fix-xena tan-narrattiva lokali għax skont Friggieri: "Ma' Leli twieled fil-letteratura Maltija l-antieroj Modern" ("Leli ta' Ħaż-Żgħir" 172). Għaldaqstant, minkejja r-residwi Romantiċi li fih, ir-rumanz ta' Ellul Mercer baqa' jingħata prominenza għaliex għandu vena Modernista u jħabbar il-wasla tar-rumanz psikoloġiku bil-Malti. Minkejja li r-rumanz ta' Aquilina nbiegħ ħafna u stampawh kemm-il darba, ir-rumanz li ħareġ fl-istess sena tiegħu maż-żmien seraqlu l-attenzjoni u baqa' jsib postu fis-sillabu tal-letteratura Maltija, kemm tal-iskejjel sekondarji kif ukoll fil-kulleġġi postsekondarji. Minkejja li Adrian Grima jistqarr li "Fil-letteratura Maltija *Taħt Tliet Saltniet* huwa meqjus bħala monument: Ġie stampat xejn inqas minn sitt darbiet, fl-1938, l-1945, l-1969, l-1978, l-1997, u l-2003" ("Lhud Fariżej u Nsara Tajbin" 85-86), dan ir-rumanz storiku twarrab gradwalment mill-kanonizzaturi li jinfluwenzaw direttament is-sillabi tant li l-ħafna Maltin li ma ġewx esposti għalih fl-iskola, illum il-ġurnata probabbilment li lanqas huma konxji mill-eżistenza tiegħu.

Rancière jittratta r-reġim estetiku tal-arti bħala moviment storiku iktar milli bħala dixxiplina b'tali mod illi jirnexxilu jinkwadra fih anke l-iskuntentizza kontemporanja fil-konfront tal-estetika. Għalkemm hawn qed tissejjaħ "kontemporanja," din l-iskuntentizza għandha għeruq antiki daqs l-estetika nnifisha. Ta' min isemmi l-pożizzjoni radikali u antiestetika li diġà kellu August Wilhelm Schlegel fil-bidu nett tas-seklu 19, proprju meta d-diskors tal-estetika kien qiegħed jiffjorixxi:

> Wasal iż-żmien li neħilsu darba għal dejjem minn dik l-espressjoni li sa minn Kant ilha dejjem tinqara fil-kitbiet ta' dilettanti tal-filosofija, minkejja li kemm-il darba ngħarfet

> l-assurdità tagħha... L-estetika saret *qualitas occulta* veritiera – moħbija wara din il-kelma inkomprensibbli hemm ħafna asserzjonijiet u ċrieki vizzjużi f'argumenti li misshom ilhom li nkixfu. (183)

Rancière jidentifika wkoll id-diskors estetiku ta' Jean-François Lyotard li jirrifjuta l-proġett morali Kantjan u ċ-ċaħda tal-politika tal-emanċipazzjoni bħala marki fundamentali li jagħmlu parti mill-istess reġim. Għal Kant l-esperjenza sublimi tal-arti twassal għar-realizzazzjoni tal-liġi morali. Mill-banda l-oħra, Lyotard, li ma jħaddanx din l-idea teleoloġika ta' Kant, iqis is-sublimi bħala mod kif nifhmu li l-arti hija irrappreżentabbli u mhijiex esperjenza konċettwali ta' oġġett estetiku. Għal Lyotard, is-sublimi jieħu post l-estetika fil-mod ta' kif nipperċepixxu l-arti avangardista. Fid-diskors estetiku tiegħu, Rancière janalizza l-kritika ta' Lyotard fil-konfront tas-sublimità li jipproponi Kant u jinnota li l-argumentazzjoni kontra l-estetika ta' Lyotard taqa' wkoll fi ħdan ir-reġim estetiku tal-arti għaliex tirrestringi l-arti avangardista billi ma tħallilhiex lok għall-emanċipazzjoni. Paradossalment, Lyotard, li ma kienx kuntent bl-oppressjoni li toffri l-estetika, jipproponi forma oħra ta' oppressjoni li toħnoq l-arti. Dawn il-marki ta' skuntentizza wasslu għal definizzjoni tawtoloġika tal-arti li hi imbuttata minn qbil unanimu dwar liema xogħlijiet għandhom jingħataw l-istatus artistiku u eventwalment kanoniku. Dan huwa riżultat tar-reġim li attwalment qiegħed jitħaddem fid-dinja artistika b'tali mod li nħoloq "konsensus antiestetiku kbir" (*Aesthetics* 64). Quddiem il-ħolqien ta' konsensus, Rancière jipproponi dejjem oppożizzjoni bit-tama li r-reżistenza għal dan ir-reġim b'uċuħ opposti twassal għal emanċipazzjoni kemm fuq livell estetiku kif ukoll politiku.

Rancière jesprimi l-iskuntentizza tiegħu fil-konfront tar-reġim estetiku tal-arti u dawk li jopponuh għax mhumiex iqisu li l-esperjenza estetika tagħti lok għall-emanċipazzjoni

politika. Għaldaqstant, il-kunċett tad-"distribuzzjoni tas-sensibbli," li għal Rancière jirrappreżenta sistema ta' perċezzjoni li tidentifika forma komuni billi tartikola l-istruttura tal-istess perċezzjoni permezz tal-impatt tax-xogħol fil-kuntest soċjali, għandu jqanqal it-trasformazzjoni simbolika u soċjopolitika li twassal għall-emanċipazzjoni u għall-ugwaljanza. Din it-trasformazzjoni sseħħ fil-kuntest ta' twarrib tal-ġerarkiji rappreżentattivi dominanti u tal-miġja ta' forom ġodda ta' għarfien u ta' parteċipanti, kemm fid-dinja tal-arti kif ukoll dik tal-politika. L-estetika u l-politika, għal Rancière huma modi distinti imma qrib xulxin kif tiġi indirizzata "d-distribuzzjoni tas-sensibbli." Dan il-proċess iseħħ, rispettivament, fir-reġimi ta' identifikazzjoni tal-arti u tal-politika; l-estetika u l-politika joperaw fis-sistema individwali tagħhom imma jaqsmu flimkien l-istess realtà li jgħixu fiha. It-tnejn għandhom ħakma tad-"distribuzzjoni tas-sensi" u għalhekk jistgħu joħolqu forom ġodda ta' ħajja. Ngħidu aħna, is-sjużet tar-rumanz *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi* jagħraf realtà storika u jirridimensjonaha b'tali mod li joħloq rakkont oriġinali u karattri ġodda. Rancière saħansitra jisħaq li "r-realtà trid issir finzjoni sabiex tinħaseb" (*The Politics* 34); hekk jagħmel Vella Gera, għax jaħseb mill-ġdid il-fabula politika ta' Malta (fabula pperċepita minn ottika partikolari u għaldaqstant diġà ma tistax timplika realtà oġġettiva) billi jittrasformaha u jirrendiha ġrajja immaġinattiva. Rancière jemmen li r-reġim estetiku jippreċedi r-reġim politiku, u l-estetiku kapaċi jimmina l-ordni stabbilita mill-politiku. Għalih, dawn il-prattiki tal-estetika huma effettivi għax permezz tal-immaġinazzjoni kreattiva jkissru l-ordni politika iktar milli għax jinfatmu totalment minnha. Eżempju ormaj klassiku ta' dan fil-letteratura Maltija huwa r-rumanz politiku ta' Friggieri tal-1986, *Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri*. Hawn Friggieri ħoloq il-karattru ta' Karlu Manju b'personalità li tinbet mill-konfront bejn il-ħajja ta' bniedem sempliċi u onest u l-ħajja

skandaluża “fil-parlament” li ironikament aktar ittellef milli tgħin lill-individwu onest milli “jiffjorixxi” f’pajjiżu stess. Il-protagonist, maqbud f’dan id-duwaliżmu anzjuż ta’ ħakkiem u maħkum, nieqes minn kull setgħa politika, juża l-moralità Nisranija bħala għodda ta’ protesta u biha jeħodha kontra Malta ta’ issa li ma jixtieqx, bit-tama li fil-ġejjieni terġa’ tħaddan il-valuri tal-imgħoddi.

L-estetika meqjusa bħala r-reġim għall-identifikazzjoni tal-arti, skont Rancière ġġorr magħha bagalja politika. Dan huwa l-pern tal-argumentazzjoni Rancièrejana. F’kitbietu Rancière kemm-il darba pprova juri li l-politika tħaddan l-estetika u l-estetika hija affettwata mill-bidliet politiċi. Huwa juża l-politika tal-estetika bħala l-punt tat-tluq sabiex jipparteċipa fid-diskors kontemporanju dwar l-arti, diskors li jolqot mill-qrib it-tema tal-kanonu letterarju. Fil-kitbiet tiegħu jesplora l-forom li tieħu l-preżenza tal-element politiku u jipprova jifhem l-iskuntentizza ta' ħafna kritiċi bit-terminu “estetika” minħabba din il-preżenza. Il-kritika oġġettiva ta’ Rancière toħroġ fid-dieher in-natura politika tal-estetika li għalih mhijiex ħlief reġim ta’ ħsieb li jikkontrolla l-perspettiva tal-pubbliku. Għaldaqstant li kieku r-riflessjonijiet estetiċi ta’ Rancière kelllhom jiġu applikati għad-diskors dwar il-kanonu letterarju, x’aktarx li iktar milli ċaħda tal-kanonu, Rancière jinħass li qiegħed jipproponi rivalutazzjoni tad-definizzjoni ta’ “kanonu” bl-iskop li l-kritiku letterarju jimxi lil hinn mid-djalettika tal-estetika u l-iskuntentizzi murija fil-konfront tagħha u jivvaluta l-kontenut politiku tal-kanonu letterarju. Iżda qabel jagħmel dan irid jagħraf li ħafna minn dak li ntqal fid-dibattitu kanoniku, peress li jaqa’ fil-perjodu storiku ta’ dawn l-aħħar mitejn sena, probabbilment intqal fid-dawl tal-influwenza tar-reġim estetiku tal-arti u d-diskors “konfuż” li kkaratterizzah.

Kemm l-arti kif ukoll il-politika jagħmlu parti minn sistema ta' perċezzjoni tad-dinja. L-arti titbiegħed min-normi tar-rappreżentazzjoni u tal-klassifikazzjoni tradizzjonali billi toffri modalità distinta ta' kif nipperċepixxu dak li jidher u dak li jingħad, dak kollu li Rancière jirreferi għalih bħala "sensibbli." Rancière jitkellem ħafna fuq ir-relazzjoni bejn din l-interpretazzjoni kritika u l-immaġinazzjoni kreattiva, relazzjoni li mhijiex preżenti fl-arti biss iżda tinsab fil-bqija tal-attività umana, ewlenija fosthom il-politika. Mill-perċezzjoni sensorja, jew l-"*aisthesis*," Rancière jemmen li tinsilet il-kwalità umana tal-ugwaljanza, il-kejl universali li bih jiġi ddefinit il-kontenut politiku. Rancière jevalwa r-relazzjoni kumplessa bejn l-effett trasformattiv tal-estetika u dak tal-politika fid-dawl tat-twemmin tiegħu fl-emanċipazzjoni. Rancière jiċħad il-viżjoni klassista tad-dinja fejn iddominat "il-forza tal-klassi tal-intelliġenza fuq il-klassi tas-sensazzjoni, tal-bnedmin tal-kultura fuq il-bnedmin tan-natura" (*Aesthetics* 31). Filwaqt li jbiegħed l-arti mid-dominju oppressiv tal-intellett, dan jimplika wkoll li Rancière mhuwiex irodd il-kwalità tal-awtonomija lill-arti. Huwa jipproponi konċettwalizzazzjoni partikolari tal-estetika li tisfida l-idea antikwata tal-estetika bħala dixxiplina li jew tgħinna napprezzaw il-kwalitajiet formali tax-xogħol jew inkella tartikola l-effetti li l-arti tħalli fuqna. Din l-estetika fis-sens tradizzjonali tħabbel flimkien il-prattiki artistiċi, l-effetti fuq is-sensi u l-intellett f'kobba waħda. Iktar milli estetika, skont Rancière din hija sistema ta' identifikazzjoni riġida, jew aħjar reġim. L-estetika dejjem kienet ikkaratterizzata minn sens ekwu ta' indeterminatezza u ta' suġġettività. L-għarfien "sensibbli" tax-xogħlijiet artistiċi qed jiġi mminat għax ir-reġim estetiku kontemporanju jaċċetta kollox bħala arti. Skont Rancière, l-estetika hija fil-fatt responsabbli għal żewġ żbalji konċettwali: l-idea li "kollox jgħaddi" bħala arti (biżżejjed li x-xogħol jimita lid-dinja, hu x'inhu s-suġġett) u l-

wegħda ta' estetika rivoluzzjonarja li se tibdel il-forom artistiċi f'forom ta' ħajja ġdida (*Aesthetics* 14).

1.6 Konklużjoni

F'dan il-kapitlu introduttorju esplorajt kif sa mill-perjodu Klassiku l-idea tal-kanonu kienet timplika n-nozzjoni ta' xi tip ta' mudell jew ta' standard li jrid jintlaħaq. Meta l-idea tal-kanonu tqiegħdet ukoll fil-kuntest letterarju, diversi teoristi tħassbu dwar x'jagħmel xogħol letterarju kanoniku u, fuq kollox, dwar x'inhu l-iskop ta' kanonu letterarju. Ħassieba bħal Culler ħarsu lejn il-kanoni letterarji bħala promoturi tad-diversità kulturali u tal-alterità. Mill-banda l-oħra, Altieri identifika l-valuri liberali u pragmatiċi tal-kittieba kanoniċi iżda ġie kkritikat għaliex din il-perspettiva timponi sistema ta' valuri personali u nazzjonali fuq ix-xogħlijiet kanoniċi minflok ma tħallihom jittrażmettu l-valuri tagħhom lill-bniedem. Kritiċi bħal Bloom enfasizzaw is-sehem uniku tal-qarrejja individwali fil-proċess tal-kanonizzazzjoni filwaqt li oħrajn bħal Kermode għarfu li l-kanoniċità hija frott ir-rikonoxximent formali u istituzzjonali. Iżda Kolbas jikkritika d-diversi pożizzjonijiet li jieħdu dawn it-teoristi għax għalih dawn qegħdin ifasslu l-perspettiva tagħhom skont l-ideoloġija personali tagħhom.

Fid-djalettika dwar il-kanonu letterarju osservajt ukoll il-preżenza ta' żewġ skejjel ta' ħsieb ewlenin: il-kritiċi konservattivi li jemmnu fil-valur estetiku u esklussiv tax-xogħlijiet kanoniċi u l-kritiċi liberali li jemmnu f'kanonu rappreżentattiv u inklussiv. Kolbas jiddeskrivi lil dawn ukoll bħala idealisti u jakkużahom li qegħdin jinjoraw ir-restrizzjonijiet tal-fatturi storiċi u materjali tal-formazzjoni tal-kanoni. Mill-banda l-oħra, Kolbas ifittex it-triq tan-nofs; l-

approċċ ibbilanċjat tiegħu joqrob sew lejn il-linja ta' ħsieb li se naddotta bħala l-attitudni fundamentali f'dan l-istudju. Kolbas isejjes it-teorija tiegħu fuq dak li għallem Adorno dwar l-estetika sabiex jagħraf il-kontenut estetiku oġġettiv tax-xogħlijiet kanoniċi. Permezz tat-teorija kritika, Kolbas ifittex bilanċ bejn l-estrem li jqis il-letteratura kanonika bħala ħielsa mill-kontenut politiku u soċjali u l-estrem l-ieħor li mill-banda l-oħra jivvaluta biss dan il-kontenut u jinjora l-kriterji mħaddma mill-kritika letterarja. Mill-banda l-oħra, Bloom jitbiegħed mill-oġġettività ta' Kolbas u jsawwar l-argumenti tiegħu fuq l-idea Klassika tal-kanoniċità; hu jeżalta l-valur estetiku individwali u jappella sabiex titwarrab il-propaganda politika tal-Iskola tar-Riżentiment. Bloom jitkellem ukoll dwar l-agon li x-xogħol letterarju jrid jirbaħ mal-kompetituri l-oħra biex jidħol fil-kanonu. Hu jqis il-kanonu letterarju bħala ministru tal-mewt peress li spiss iċaħħad ix-xogħlijiet ġodda milli jsibu post fih iżda jekk dawn jinserixxu rwieħhom fih ikunu assimilaw l-ansjetà tal-influwenza u permezz tagħha rnexxielhom joħoloqu l-ġdid; għal Bloom, l-influwenza poetika tista' tinftiehem bħala miżinterpretazzjoni kreattiva tal-poeta preċedenti.

Iddiskutejt ukoll kif Dun Karm jista' jidher bħala l-figura lokali ekwivalenti għal dik ta' Shakespeare kif ippreżentata minn Bloom: bħalu għandu preżenza letterarja insostitwibbli b'influwenza fuq il-kittieba li ġew warajh. Għalhekk, il-perspettiva Bloomjana timplika li huma rari dawk il-mumenti fl-istorja letterarja ta' pajjiż meta tingħeleb l-influwenza letterarja ta' awturi kanoniċi bħal dawn. F'dan il-kapitlu analizzajt kif il-miġja ta' moviment ġdid fix-xena letterarja Maltija tas-snin sittin x'aktarx li għenet lil diversi kittieba lokali biex jirbħu, forsi mhux totalment, l-ansjetà kkawżata mill-influwenza ingumbranti tar-Romantiċi. Għalkemm jibqa' diskutibbli jekk din kinitx rebħa sħiħa jew parzjali, kritiċi bħal Serracino

Inglott kienu konvinti li l-kittieba tas-sittinijiet irnexxielhom joħolqu l-ġdid. Iżda kritiċi anti-Modernisti bħal Cremona xorta akkużawhom li kienu qegħdin jimitaw lil ħaddieħor; bħalma wara kollox għamlu r-Romantiċi stess, il-Modernisti ġew influwenzati minn kittieba barranin. Fost il-Modernisti wrejt li kien hemm il-kittieba moderati bħal Friggieri li ammettew apertament li baqgħu influwenzati mir-Romantiċi fl-istess waqt li kien hemm kittieba bħal Azzopardi li rripressaw kemm felħu r-relazzjoni Edipika mal-prekursuri tagħhom.

Fuq l-istess binarji ta' Bloom, Crowther wera li jemmen fl-utilità tal-kanonizzazzjoni letterarja; huwa jipparteċipa fid-dibattitu kanoniku billi jipproponi l-perspettiva tal-estetika normattiva li tenfasizza s-sinifikat intrinsiku ta' biċċa xogħol kanonika filwaqt li tinjora l-mod kif tirreaġġixxi għaliha s-soċjetà konsumista. Hawn iddiskutejt kif il-kriterju normattiv ta' Crowther huwa utli għall-proċess tal-kanonizzazzjoni għax jgħin biex jingħaraf dak ix-xogħol differenti pożittivament mix-xogħlijiet l-oħra li jibqgħu biss fuq livell funzjonali. Għal Crowther, l-oriġinalità espressa fl-istil hija ċentrali u tinkiseb meta l-kittieb jespandi l-firxa tal-medju billi jippreżenta mod ġdid kif tiġi interpretata d-dinja. Altieri wkoll jemmen fl-utilità tal-kanonu letterarju għax dan jippreserva l-valuri tal-passat u jgħaqqadhom bħal f'ċirku mal-valuri mħaddna mill-ġenerazzjonijiet preżenti. Skont Altieri, il-kanonu jservi bħala mudell awtorevoli; il-projezzjonijiet tal-valuri letterarji mill-kanonu nnifsu aktarx jiġġudikaw liema kwalitajiet tal-passat huma validi biex isiru mudelli normattivi għall-kitba letterarja fil-preżent u fil-futur. Din id-dimensjoni projettiva tal-kanonu tiddependi wkoll mill-aspettattivi tal-kritika moderna li toħloq il-ħtieġa tal-ħarsien tal-ideali tal-passat u tgħin lill-qarrejja jiffukaw ir-rispons tagħhom fuq l-istandards li jkabbru l-valur tax-xogħol letterarju; skont Altieri, il-proċess tal-evalwazzjoni qawwija tal-kanonu jħaddem il-funzjoni kuratorja u normattiva li

jitkellem ukoll dwarha Crowther. Għaldaqstant dan jimplika, dejjem jekk nitlaq mill-premessa li l-idea tal-kanonu bħala kejl tal-kwalità letterarja hija valida u funzjonabbli, li l-kanoni minn banda jistabbilixxu l-istandards li l-kittieba jridu jilħqu u mill-banda l-oħra jfasslu l-mod ta' kif issir l-evalwazzjoni tal-letteratura.

F'dan il-kapitlu eżaminajt ukoll kif Baldacchino wkoll jagħraf il-validità tal-kanonizzazzjoni letterarja billi jħares lejn il-proċess selettiv tal-kanonizzazzjoni bħala forma ta' għażla neċessarja iżda suġġettiva għax timplika diversità u kontinġenza. Baldacchino jeħodha kontra l-kritiċi konservattivi li huma marbuta mal-idea Klassika tal-kanonu billi jistħarreġ il-possibbiltà li l-arti ssib il-ħila li tabbanduna l-kejl tradizzjonali li dejjem tqies bħala tajjeb u ġust. Bħal Kolbas, Baldacchino jagħmel sforz konxju sabiex jinqata' mid-djalettika polarizzata tax-Xellug u tal-Lemin; fuq il-passi ta' Theodor Adorno, huwa jittratta t-tema tal-awtonomija tal-arti. Minħabba l-ibridità intrinsika tagħha, l-arti tistieden lill-qarrejja u lill-kritiċi biex ma jfittxux forma u tifsira fissa għal xogħol letterarju. Bħalma l-valur edukattiv tal-kritika letterarja li jiddiskuti Baldacchino huwa marbut intrinsikament mad-djalettika tal-kanonu letterarju u l-funzjoni edukattiva tiegħu, l-argumentazzjoni ta' Guillory wkoll tixħet dawl fuq din il-funzjoni partikolari. Guillory jemmen li t-testi kanoniċi ppreservati u ppreżentati mill-istituzzjonijiet jiggarantixxu bażi soda kemm għal grammatika tajba kif ukoll għall-konsum u għall-produzzjoni tal-letteratura.

F'dan il-kapitlu indikajt ukoll kif l-ideoloġija liberalista nistgħu nħarsu lejha bħala theddida għall-funzjonalità tal-kanonu letterarju għaliex, ironikament, tista' toħnoqlu l-libertà billi, fost l-oħrajn, tippromwovi l-idea tal-identità soċjali tal-bniedem modern li tilħaq il-milja tagħha fil-kuntest tas-suq kompetittiv. Dan l-element riduttiv jolqot mill-qrib il-

funzjonalità tal-kanonu letterarju li jispiċċa biss bħala vittma tal-kommodifikazzjoni li tkellmu fuqha teoristi Xellugin; dan il-fenomenu jimplika li l-valuri tas-suq jistgħu jikkompromettu valuri oħra li qabel qatt ma kienu mtebbgħa mill-idea ta' negozju u profitt u saħansitra jiħdulhom posthom. Sutherland jiddiskuti l-letteratura kummerċjali li tinkorpora fiha l-bestseller. Iżda hawn urejt ukoll kif id-djalettika tal-kunċett tal-klassiku istantanju tiddubita minn kemm għandhom ħajja twila x-xogħol letterarju li huwa bestseller; il-permanenza tax-xogħol fix-xena letterarja, li timplika l-kanoniċità tiegħu, tiddependi minn jekk dan ix-xogħol jiġix assimilat b'mod sħiħ. Għaldaqstant, xorta tibqa' rilevanti d-diskussjoni dwar il-kommodifikazzjoni tal-letteratura li ċajpret id-definizzjoni ta' xogħol letterarju superjuri għall-oħrajn u ġabitu sempliċiment prodott f'suq wiesa' u mifqugħ bi prodotti oħra li qed jikkompetu ma' xulxin. Mill-banda l-oħra, hemm dawk it-teoristi li fl-isforz tagħhom biex jitbiegħdu minn din ir-realtà, jispiċċaw jinjoraw il-limiti materjali li jiddeterminaw il-funzjonalità tal-kanonu letterarju.

Rancière jipprova wkoll jinqata' mill-antagoniżmu li ddomina u llimita d-dibattitu dwar l-estetika u l-politika li dejjem tpoġġew kontra xulxin billi jafferma r-rabta intrinsika ta' bejniethom. Fl-ispirtu tat-twemmin ta' Baldacchino, il-ħsieb Rancièrejan jitbiegħed minn dan id-determiniżmu negattiv billi jispjega kif l-arti, minkejja d-dipendenzi tagħha, ma għandha bżonn lil ħadd u xejn biex tiġġustifika lilha nnifisha. Skont Rancière, il-kritiċi li jargumentaw kontra l-konfużjoni tat-teorija estetika jimponu fuq l-arti r-reġim estetiku tagħhom b'tali mod li l-preżunt sens ta' liberazzjoni imbuttat mill-perspettiva soċjoloġika jista' fil-fatt jirriżulta f'forma oħra ta' jasar ideoloġiku. Rancière jesprimi l-iskuntentizza tiegħu fil-konfront tar-reġim estetiku tal-arti u anke fil-konfront ta' dawk li jopponuh għax mhumiex iqisu li l-

esperjenza estetika tagħti lok għall-emanċipazzjoni politika. Il-kunċett tiegħu tad-distribuzzjoni tas-sensibbli għandu jqanqal it-trasformazzjoni soċjopolitika li twassal għall-emanċipazzjoni. L-estetika u l-politika, għal Rancière huma modi distinti imma qrib xulxin kif tiġi indirizzata d-distribuzzjoni tas-sensibbli. Kemm l-arti kif ukoll il-politika jagħmlu parti minn sistema ta' perċezzjoni tad-dinja; l-arti titbiegħed min-normi tar-rappreżentazzjoni u tal-klassifikazzjoni tradizzjonali billi toffri modalità distinta ta' kif nipperċepixxu dak li jidher u dak li jingħad, dak kollu li Rancière jirreferi għalih bħala sensibbli. Mill-perċezzjoni sensorja Rancière jemmen li tinsilet il-kwalità umana tal-ugwaljanza, il-kejl universali li bih jiġi definit il-kontenut politiku. Huwa juża l-politika tal-estetika bħala l-punt tat-tluq sabiex jipparteċipa fid-diskors kontemporanju dwar l-arti, diskors li awtomatikament jinvolvi l-idea tal-kanonu letterarju.

Ir-riflessjonijiet ippreżentati hawnhekk għandhom il-għan ewlieni li jwittu t-triq għall-kumplament tal-kapitli li se jkomplu jikkontestwalizzaw id-djalettika dwar il-kanonu letterarju fir-realtà tal-kundizzjonijiet li jiktbu fihom il-kittieba Maltin bit-tama li xogħlijiethom jintlaqgħu tajjeb mill-qarrejja u minn kull min b'xi mod għandu sehem fil-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja. It-tieni kapitlu, mill-banda l-oħra, għandu l-iskop li jibbilanċja l-perspettivi murija f'dan il-kapitlu billi jesplora l-ħsibijiet ta' min hu xettiku dwar il-validità tal-idea nnifisha ta' kanonu letterarju u tal-funzjonalità tiegħu. Dan ix-xettiċiżmu, li xi drabi jieħu xeħta antagonista, nistgħu nirreġistraw il-preżenza tiegħu anke fil-kuntest letterarju Malti.

2. Kurrenti Kontra l-Kanonu

2.1 Spunti Internazzjonali u Lokali

Id-djalettika dwar il-kanonu letterarju tinkorpora fiha wkoll id-dubji li jinġabru taħt il-kappa tat-teorija kulturali Anti-Fondazzjonalista li tiċħad il-bażi estetika tal-arti u l-valuri kanoniċi peress li dawn tfasslu minn gruppi soċjali ristretti għall-irġiel bojod tal-klassi tan-nofs (Moxey 126). Din il-linja ta' ħsieb timplika li l-valuri estetiċi u kanoniċi huma oppressivi u mhumiex rilevanti 'l barra mid-dinja tal-Punent. Il-Formaliżmu jenfasizza ċ-ċentralità tal-kwalitajiet formali u tal-unità u jikkunsidrahom bħala l-kwalitaijiet li għandhom jiġu studjati fil-kritika letterarja. Mill-banda l-oħra, ir-Relattiviżmu Kulturali huwa xettiku dwar l-oġġettività tal-valuri kanoniċi u jħares lejn l-istatus kanoniku sempliċiment bħala forma ta' influwenza oppressiva tal-Punent mingħajr ebda validità universali u ebda ġustifikazzjoni għall-pożizzjoni privileġġata li tassumi. Jane Tompkins temmen li l-preżenza ta' awtur jew awtriċi fil-kanonu hija sempliċiment riflessjoni ta' kemm jikkonforma jew tikkonforma mal-ideali tal-klassi politikament u intellettwalment dominanti (Mujica 208). Hekk, il-valuri kanoniċi jsiru biss mezzi ta' oppressjoni soċjali.

L-attitudni antikanonika tissejjes fost l-oħrajn fuq il-perspettiva tar-Relattiviżmu Kulturali ispirata minn Michel Foucault u li tħalltet mal-ħsieb Post-Modernista. L-esplorazzjoni tan-natura u tal-essenza tal-ordni min-naħa ta' Foucault, flimkien mal-idea tiegħu li s-sistemi li writna mhumiex uniċi, kienu fatturi li wasslu għal skrutinju tal-mezzi soċjali użati bħala pedamenti tal-istituzzjonijiet, fosthom il-kanonu letterarju. L-Istoriċisti l-

Ġodda jemmnu li l-kunċett tradizzjonali tal-istorja tal-letteratura huwa esklussivista. Huma jopponu l-idea ta' arti bla żmien u l-idea ta' veritajiet universali, peress li dawn huma ideat imbuttati mill-klassi elitista. Għaldaqstant, dawk li jagħżlu liema huma x-xogħljiet kanoniċi jkunu qegħdin jippromwovu l-valuri tal-klassi dominanti. Tant hu hekk li teorisiti bħal Bloom jemmnu li skont l-viżjoni antikanonika, il-valur estetiku joħroġ mill-ġlieda bejn il-klassijiet (*Western Canon* 22). Kritiċi bħal Jerome McGann, Frank Kermode, Richard Rorty u Antonio Gramsci huma xettiċi dwar l-idea tal-kanonu letterarju. Kermode jistqarr li l-kanoni huma binjiet strateġiċi u essenzjali li permezz tagħhom is-soċjetajiet imantnu l-interessi tagħhom peress li l-kanonu jippermetti l-kontroll tat-testi li l-kultura tqis bħala serji u tiddeċiedi liema metodi ta' interpretazzjoni jistabbilixxu t-tifsira ta' xogħol serju (*Pleasure and Change* 16). Dan il-ħsieb jirrifletti n-nuqqas ta' fiduċja u twemmin ta' Friedrich Nietzsche fl-universalitajiet u ċ-ċaħda tal-valuri transtoriċi.

F'*The Western Canon*, id-difiża magħrufa tal-kanoni letterarji u dik li l-awtur jittama li ma sservix bħala "eleġija għall-Kanonu tal-Punent," Bloom jiġbor dawn it-teoristi antikanoniċi taħt il-kappa tal-"Iskola tar-Riżentiment" (4). Fid-dawl tal-perspettiva apoloġetika ta' Bloom, ir-Riżentimentisti huma dawk l-akkademiċi kollha li jassoċjaw il-kanonu letterarju ma' xi forma ta' propaganda b'tali mod li awtomatikament jiżvalutaw is-supremazija u l-oriġinalità ta' awturi influwenti u rinomati bħal William Shakespeare. Ironikament, Bloom jisħaq li iktar milli x-xogħlijiet kanoniċi huma qaddejja fidili ta' xi tip ta' aġenda moħbija tal-klassi dominanti, iktar huma l-antikanonisti li huma qaddejja ta' xi grupp soċjali. Hekk, ir-Riżentimentisti jissugraw li jaqgħu f'nasba paradossali imbarazzanti għaliex qegħdin jipprojettaw id-dnub tagħhom fuq diversi awturi klassiċi li mhux neċessarjament kellhom

skop speċifiku li jiddefendu xi forma ta' kawża soċjali fil-proċess ta' kitbiethom. Fl-iskola tar-Riżentiment Bloom jinkludi lill-"Femministi, l-Afroċentristi, il-Marxisti, l-Istoriċisti l-Ġodda mnebbħa minn Foucault u d-Dekostruzzjonisti" (*Western Canon* 20). Huwa jikkritika l-akkademja odjerna li taħrab u tirripressa d-dimensjoni estetika tax-xogħlijiet kanoniċi biex takkomoda xogħlijiet inferjuri imma li huma aktar rappreżentattivi. Bloom jippreżenta lil Shakespeare bħala l-paradimma tal-falliment tar-Riżentimentisti u ta' min iħaddan b'ħażen l-ħsus antikanoniċi: "Jien ċert li quddiem il-kobor ta' Shakespeare, l-Iskola tar-Riżentimentisti se ssib il-blata li magħha titfarrak." Skontu, Shakespeare ma ntgħażilx mill-istoriċi jew minn xi klassi dominanti fis-soċjetà iżda spikka biss minħabba l-kwalità superjuri u oriġinali tiegħu: "L-oriġinalità hija l-iskandlu li s-sentiment riżentimentista ma jistax jakkomoda, u Shakespeare jibqa' l-iktar kittieb oriġinali li qatt se nkunu nafu" (*Western Canon* 24).

Fl-esej tiegħu, "To a Young Friend Charged with Possession of the Classics," William Gass ukoll jidentifika u jindirizza s-sentiment mifrux fil-psike kollettiv li intenzjonalment iwarrab ix-xogħlijiet letterarji meqjusa bħala "klassiċi." Huwa jwissi lill-akkademiċi apprentisti biex ma jagħtux widen lill-kurrenti tal-ħsieb kontemporanju li jwasslu biex il-klassiċi "jitqiesu minn ħafna bħala l-kawża tal-qagħda inġusta tad-dinja miżera tagħna" fejn "il-kelma 'klassiku' nfisha saret suspettuża" (1). Dan is-sentiment ta' suspett u ta' "sfiduċja" skont Gass huwa mqanqal minn sens ta' "kburija" għaliex ħafna jistmellu x-xogħlijiet klassiċi jew kanoniċi għax jistmellu kull tip ta' intimidazzjoni u ta' umiljazzjoni. L-attitudni antikanonika twassal għal relazzjoni skomda bejn il-qarrejja u x-xogħlijiet klassiċi u, għalhekk twassal għat-twarrib ta' dawn ix-xogħlijiet. Idea oħra li jippreżenta Gass hi li l-klassiċi jew "il-kotba tajbin" huma kkunsidrati, skont l-imsemmija tendenza popolari, bħala antikwati jew skaduti. Gass juża l-

istess terminoloġija li juża Bloom biex jiddeskrivi n-natura tal-antikanonisti u tal-attitudni tagħhom lejn ix-xogħlijiet kanoniċi: il-klassiċi jitqiesu mir-Riżentimentisti bħala "kotba li jirrappreżentaw biss l-iżbalji tal-era tagħhom, kliemhom minsuġ dejjem mis-suġġettività tagħhom, xogħlijiet li l-awturi tagħhom jafu li huma għodda tal-poter u ta' privileġġi inġusti" (*Temple* 5). Bħal Bloom, Gass ma jaqbilx ma' din l-attitudni negattiva fil-konfront tal-"kotba t-tajbin" u jiċħad li kotba bħal dawn dejjem ħarsu l-interessi tal-klassi dominanti u li minnhom dejjem ibbenefikaw l-awturi. Għall-kuntrarju, f'diversi mumenti tal-istorja tal-umanità, dawn il-kotba nħarqu mill-awtoritajiet li ħassewhom mhedda minnhom, u l-awturi tagħhom ħallsu prezz qares, anke fuq livell personali.

Dan l-esej ta' Gass jinsab fil-ġabra *A Temple of Texts: Essays* li fiha, similarment għal dak li għamel Bloom f'*The Western Canon*, il-kanonizzatur jagħti lista ta' dawk li fil-fehma kritika tiegħu huma l-aqwa ħamsin xogħol letterarju jew, kif sejħilhom hu, "il-Ħamsin Kolonna Letterarja." Bħal Bloom juża l-perspettiva tal-iskola tar-Riżentiment proprju biex jippreżenta difiża tal-klassiċi fi żminijiet li fihom Gass iħoss li huma mhedda. It-ton apoloġetiku ta' Bloom u ta' Gass jinħass matul l-apprezzament letterarju tagħhom kollu. Mill-banda l-oħra, hemm ton kompletament differenti fl-osservazzjonijiet opposti li jagħmlu teoristi Xellugin bħal Gramsci li jqisu "l-klassiċi" bħala għodda f'idejn min irid jimmanipula lil ħaddieħor.

Bloom fil-fatt jistqarr li "l-eroj" ta' dawn l-antikanonisti huwa Gramsci (*Western Canon* 22), in-Neo-Marxista Taljan li meta r-reġim ta' Mussolini tefgħu l-ħabs, kiteb il-*Quaderni del Carcere* li fih żviluppa l-kunċett tal-"eġemonija" biex jispjega kif grupp soċjalment dominanti kontinwament jipprova jirbaħ il-kunsens ta' gruppi subordinati

permezz tal-impożizzjoni tal-valuri intellettwali u morali tiegħu (*Hegemony* 75). Skont l-ottika Neo-Marxista, l-eġemonija tispjega kif id-demokraziji kapitalisti tal-Punent mhumiex mhedda mir-rivoluzzjonijiet soċjalisti, u din l-eġemonija wasslet, bħal fil-każ ta' Malta kontemporanja, għal negozjar ideoloġiku li mmansa l-kawza soċjalista u qarribha sew lejn il-prinċipji politiċi taċ-ċentru-lemin. Diversi teoristi kulturali kontemporanji baqgħu jaddottaw l-idea tal-eġemonija, li oriġinarjament kienet aktar politika u ekonomika, f'oqsma soċjali u kulturali bħal-letteratura biex jenfasizzaw is-sens ta' kunflitt ideoloġiku perpetwu, jew agon (f'termini Bloomjani), li jitnissel bejn ir-reżistenza tal-gruppi subordinati u l-qawwa oppressiva tal-grupp dominanti. Il-kunċett tal-eġemonija juri kif iċ-ċittadini votanti huma essenzjalment kostretti jagħżlu dik l-awtorità li kapaċi tamministra l-kapital, jew l-ekonomija, bl-aħjar mod. Skont Gramsci, illum il-ġurnata nistgħu nqisu l-kapitaliżmu bħala internazzjonalment eġemonijaku (*Hegemony* 80). Għaldaqstant, it-teoristi Gramscijani jqisu l-kanoni letterarji bħala għodda effettiva f'idejn il-klassi elitista li tintuża biex tikkontrolla intellettwalment, moralment u, eventwalment, politikament lill-klassijiet "inferjuri." Spiss dan l-agon iwassal għal kompromess skomdu jew, fi kliem Gramsci, għall-"ekwilibrju tal-kompromess" (*Selections* 161). L-eġemonija timplika konsensus imfittex mill-grupp soċjali li jippreżenta l-interessi suġġettivi tiegħu bħala l-aqwa għażla għall-ġid komuni tas-soċjetà kollha. Dan iwassal biex il-gruppi subordinati jinkorporaw il-valuri tal-grupp dominanti għax dawn jidhru naturali u normali filwaqt li inkonxjament ikunu qegħdin isaħħu l-pożizzjoni tiegħu. In-negozjar tal-grupp dominanti mal-gruppi subordinati jista' jwassal għall-konċessjonijiet; fid-djalettika dwar il-kanonu letterarji dan jista' jimplika li xi drabi jinħoloq spazju ristrett għall-miġja ta' awtur jew awtriċi ġdida. Imma, kif jemmen Bloom, dan l-avveniment iseħħ darba f'mitt

qamar. Il-karattru ta' Xandru l-Poeta ta' Frans Sammut f'*Samuraj* ukoll jemmen li l-ispazju kanoniku huwa ristrett ħafna fil-kuntest lokali. Meta jikkummenta fuq il-qagħda letterarja Maltija, Xandru jara l-prevalenza tal-poeti Romantiċi u kif dawn huma assoċjati direttament mal-klassi soċjalment dominanti:

> U mbagħad jien ma jien ħadd – hawn Malta trid tkun xi professur jew xi avukat, jew xi mħallef biex jaċċettawk ta' poeta. Għalhekk hawn Malta l-arti vera u ħielsa ma taqbad qatt. Qabel ma jeżaminawk u jekk inti tajjeb jaċċettawk u jirrispettawk bħala artist iridu jaraw il-kredenzjali tiegħek, u dal-kredenzjali mhux artistiċi jridu jkunu imma professjonali – jekk inti mlaħħaq fis-soċjetà, f'xi qasam amministrattiv, professjonali jew klerikali, jiġifieri wrejt li int tajjeb anke bħala individwu funzjonali għall-'ġid' tas-soċjetà jilqgħuk u jekk ħaqqek – ukoll jekk ma ħaqqekx – jirrispettawk; jekk ħajtek hija biss dik ta' artist għarwien, malajr issibhom biex iwaqqgħuk għaċ-ċajt u jiżżufjettaw bik. (*Samuraj* 158)

Kliem Xandru l-Poeta, id-dewterogonista fir-rumanz psikoloġiku *Samuraj*, aktarx li esprima s-sentimenti ta' Sammut nnifsu dak iż-żmien, il-kittieb emerġenti ta' tletin sena li kien diġà għamel ħoss bir-rumanz *Il-Gaġġa* ftit snin qabel. Xandru jsemmi kif poeti bħal Dun Karm u Ružar Briffa ġew ikkanonizzati lokalment minħabba l-istatus soċjali tagħhom iktar milli minħabba l-valur letterarju ta' xogħolhom, li għalkemm jista' jkun għoli, mhuwiex determinanti daqs l-ewwel fattur. Dun Karm innifsu, spiss kien jikkanonizza lil kittieba Maltin billi jenfasizza dawk il-"kredenzjali" li skont Xandru: "mhux artistiċi jridu jkunu imma professjonali." Ngħidu aħna hekk jinħass li għamel Dun Karm meta kkummenta fuq Muscat Azzopardi: "ma hemmx dubju li wieħed mill-aħjar letterati Maltin tal-aħħar biċċa tas-seklu li

għadda u tal-bidu ta' dan li aħna fih, hu l-Kavallier Ġużè Muscat Azzopardi, prokuratur legali" ("Taħdita" 8). Dan il-kittieb ingħata wkoll it-titlu tal-"missier tal-letteratura l-ġdida tal-ilsien Malti" li deher għall-ewwel darba fl-1927 ftit wara mewtu fl-editorjal ta' *Il-Malti* (vol. 3, nru 3) u li probabbilment inkiteb minn Franġisk Saver Caruana li dak iż-żmien kien is-segretarju tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Kliem Xandru jirrifletti s-sens ta' frustrazzjoni u forsi ta' rassenjazzjoni li f'xi waqtiet ġarrbu, u aktarx għadhom iġarrbu, dawk li huma direttament involuti fir-realtà letterarja li fiha fattwalment jinħassu kemm l-agon li jsemmi Bloom u kemm l-eġemonija li jsemmi Gramsci, għax "l-artist għarwien" huwa l-vittma komuni ta' dawn iż-żewġ elementi li huma aqwa u akbar minnu. Madankollu, Gramsci kien pjuttost oġġettiv u bbilanċjat fid-deskrizzjoni tal-eġemonija: iktar milli impożizzjoni minn fuq, jew sottomissjoni minn taħt, l-eġemonija tista' twassal għal sens ta' ekwilibrju. Jekk dan l-argument jiġi tradott għall-kuntest tad-dibattitu dwar il-kanonu letterarju fisser li s-sens ta' ekwilibrju, ngħidu aħna f'sillabu skolastiku, jista' jintlaħaq meta s-selezzjoni tax-xogħlijiet letterarji tkun ir-riżultat li joħroġ wara l-kunflitt bejn il-kultura b'tendenzi tradizzjonali tal-grupp dominanti u l-kultura b'tendenzi liberali u kultant ikonoklastiċi tal-gruppi subordinati. Fit-teżi tiegħi se nuri kif dan is-sens ta' ekwilibrju jista' jkun ta' benefiċċju jekk jinħadem u jitħaddem b'għaqal fil-kuntest ta' letteratura ċkejkna bħal dik Maltija fejn il-kompromess x'aktarx li mhux biss isir inevitabbli imma jsir ukoll fattur determinanti għas-sopravivenza tagħha.

Għaldaqstant, l-eġemonija ppreżentata minn teorista Marxista, fil-fehma tiegħi, ma għandhiex neċessarjament titqies bħala negattiva kif jimplika t-ton ta' Bloom meta jirreferi għad-deduzzjonijiet ta' Gramsci. Bloom jippreferi d-dominju totali (u improbabbli) tat-tradizzjoni eġemonika filwaqt li Gramsci jemmen li t-tradizzjoni jeħtieġ li tasal għall-

kompromess utilitarju, anke għall-ġid tas-sopravivenza tagħha stess. Minkejja li għalih u għall-Marxisti sħabu, il-klassiċi għandhom jitwarrbu kompletament għax huma strumenti manipulattivi u li jistgħu jagħmlu l-ħsara, x'aktarx li l-osservazzjonijiet Gramscijani huma aktar prattiċi u vijabbli, l-aktar meta jiġu applikati għall-proċessi kumplessi tas-selezzjoni, ngħidu aħna, bħalma huwa l-mument meta l-antoloġisti, b'sens ta' "ekwilibrju," jagħżlu x-xogħlijiet u jinkluduhom f'xi ġabra letterarja. L-eġemonija, li paradossalment tinvolvi kemm l-element ta' "reżistenza," kif ukoll l-element ta' "inkorporazzjoni" (*Hegemony* 80), nemmen li kienet il-fattur ewlieni li xpruna s-selezzjoni tax-xogħlijiet letterarji preżenti f'*Qawsalla* u f'*Bejn Ħaltejn*, żewġ antoloġiji skolastiċi riċenti u suċċessuri tal-antoloġiji "żbilanċjati" li feġġew matul is-seklu 20. Mill-analiżi tal-antoloġiji riċenti joħroġ fid-dieher is-sens ta' "ekwilibrju" li ħaddmu l-antoloġisti li raw kif għamlu biex jagħtu spazju lil rappreżentanti tal-letteratura tradizzjonali u dawk tal-letteratura Modernista u kontemporanja. Iżda fil-proċess formattiv ta' antoloġiji bħal dawn, tibqa' fundamentali l-konsiderazzjoni tal-fatturi materjalistiċi li tant saħaq fuqhom Kolbas fi *Critical Theory and the Literary Canon*, fatturi umanament inevitabbli, bħall-ħtieġa li l-antoloġisti jikkuntentaw lill-ħbieb jew lill-konoxxenzi tagħhom, jew lil persuni influwenti fis-soċjetà, fosthom il-pubblikaturi, l-edukaturi u saħansitra l-politiċi. Id-dikotomija tar-"reżistenza" u tal-"inkorporazzjoni" timmanifesta ruħha fl-inklużjoni ta' poeżija bħal ta' Dun Karm (f'*Bejn Ħaltejn*, l-antoloġija studjata mill-istudenti tas-sekondarja għall-eżami obbligatorju tal-Matrikola), għażla li tixhed ir-reżistenza tal-element Romantiku fil-bidu tas-seklu 21, u l-inseriment ta' poeżiji bħal "B'Idejna" (ta' Grima) u "Aqta' Fjura u Ibni Kamra" (ta' Mifsud) li jattwaw l-idea ta' inkorporazzjoni ta' xogħlijiet li tematikament jidhru dijametrikament opposti għall-perspettiva Romantika.

F'"Surprise of Prizes," Alastair Niven jagħmel argument ieħor li wkoll iqanqal dubji fil-proċess ta' kanonizzazzjoni letterarja. Niven, li kien membru ta' diversi ġuriji letterarji prestiġjużi madwar id-dinja, fosthom il-*Man Booker Prize*, jistqarr li:

> huwa prattikament impossibbli li tiġbor flimkien ġurija letterarja li mhijiex affettwata mill-inklinazzjonijiet personali tal-membri individwali. L-organizzaturi responsabbli mill-premjijiet jistinkaw biex ikunu ċerti li jiffurmaw grupp ibbilanċjat ta' ġudikanti, imma, fejn jidħlu l-ġudizzji letterarji, il-gosti u l-esperjenzi personali bilfors se jaffettwaw lid-deċiżjonijiet meħuda. (11-12)

Ladarba stqarrija ta' din ix-xorta ħierġa minn fomm wieħed mill-iprem kanonizzaturi letterarji, din il-kritika għandha siwi akbar. L-għoti tal-premjijiet letterarji, li jista' jitqies bħala l-mod formali u immedjat ta' kanonizzazzjoni li fih il-kittieba ppremjati ma jingħatawx biss rikonoxximent finanzjarju imma wkoll garanzija ċerta ta' bejgħ, skont Niven mhuwiex imsejjes fuq prassi oġġettiva. Is-suġġettività ta' ġurija simili timmina l-validità tal-kanonu letterarju għax għandha sehem sostanzjali fil-proċess kontinwu tal-formazzjoni tiegħu. Ir-riskju huwa li l-kredibilità tal-proċess selettiv li jwassal għall-premjazzjoni titnawwar mill-influwenzi diretti li jkollhom il-membri tal-ġurija; u f'ambjent soċjali żgħir, dawn l-influwenzi jistgħu faċilment ikunu amplifikati. Iċ-ċokon limitattiv taċ-ċirku ta' nies involuti mill-qrib fil-letteratura jkabbar il-possibbiltà li l-membri tal-ġurija jkunu jafu sew, fuq livell personali u ta' ħbiberija, lill-personalitajiet li jkunu qed jiġġudikaw. Hemm ukoll fatturi preferenzjali oħrajn li, għalkemm huma sekondarji, jistgħu jkomplu jorbtu jdejn il-ġudikaturi, ngħidu aħna, għax jippreferu pubblikatur minn ieħor jew inkella għax jipperċepixxu l-bżonn, skont ix-xewqat taċ-ċirku letterarju, li jippremjaw lil "min imissu" iktar milli lil "min ħaqqu." Jista' jagħti l-każ

ukoll, kif issuġġerixxa Xandru l-Poeta f'*Samuraj*, li l-ġurija tivvaluta aktar lill-persuna milli lix-xogħol tagħha meta tikkunsidra l-kontribut soċjali li tat.

Fid-dawl ta' dak li jgħid Niven, dawn il-fenomeni huma kaġun ieħor tal-kurrent kontra l-idea tal-kanonu letterarju; is-sentiment antikanoniku jsir liberatorju għaliex jitfa' l-enfasi fuq it-tgawdija li toffri l-esperjenza tal-qari tal-letteratura u jħalli lill-qarrejja jagħżlu mingħajr ix-xkiel tal-kanonu li jippretendi li jiggwidahom. Madankollu, l-antikanonisti jinsew li spiss jiġri, anke f'oqsma soċjali oħra, li l-assenza ta' gwida serja twassal għat-twelid ta' "gwidi" oħrajn li l-interess ewlieni tagħhom x'aktarx ikun il-but u mhux li jipprovdu rendikont veritier tar-realtà letterarja. Hekk, ngħidu aħna, fil-kuntest ta' letteratura mċaħħda minn kritika letterarja serja fil-forma ta' rivista letterarja b'riċensjonijiet kemm jista' jkun oġġettivi u skjetti, huwa faċli li jkollok dar tal-pubblikazzjoni li timmanipula s-suq u l-perċezzjoni tal-qarrejja permezz ta' mezzi bħall-midja soċjali u l-midja tradizzjonali, b'riċensjonijiet suġġettivi u dejjem favur il-kotba tagħha. Għaldaqstant, jibqa' validu l-argument li mingħajr kanonu ma nistgħux ngħaddu, lanqas jekk irridu, għax jekk titwarrab l-idea ta' kanonu kemm jista' jkun serju u oġġettiv (aktar milli idealista u elitista), xorta tibqa' l-preżenza opportunista ta' kanonu improvizzat u ffurmat biss skont l-interessi tal-ftit. L-ideal ta' letteratura mingħajr kanonu letterarju huwa l-frott ta' xewqa idealista. L-għażla reali għalhekk hija bejn kanonu li verament jipprova jaġixxi ta' gwida imparzjali, għalkemm, skont teoristi bħal Niven, il-ħolqien ta' kanonu bħal dan ixaqleb lejn l-impossibbli; u kanonu abbużiv li spiss huwa ta' detriment għal-letteratura tal-post. L-iprem forma ta' antikanoniżmu, fil-fehma tiegħi, għandha teħodha kontra dan it-tieni tip ta' kanonu letterarju bl-għan li jkun hemm imparzjalità li dejjem timbotta lill-kittieba biex ikunu produttivi u jippreżentaw xogħolhom mingħajr il-biża'

li jkun vittma ta’ xi forma ta’ inġustizzja jew ta’ umiljazzjoni. L-isfida tibqa’ kif se jinħoloq kanonu tal-ewwel tip.

2.2 L-Antikanoniżmu Lokali: Dekostruzzjoni Qabel il-Formazzjoni?

Fi “Scritture Maltesi Contemporanee,” Virginia Monteforte titkellem dwar il-perspettiva antikanonika ta’ Norbert Bugeja li fid-diskors tiegħu ried “jenfasizza l-qtugħ totali bejn il-produzzjoni attwali u dik tal-passat; diskors li tella’ fil-wiċċ is-sentiment komuni tal-kittieba kontemporanji li jħossuhom qegħdin iterrqu fi spazju letterarju ltim minn mudelli sinifikattivi u mxennaq biex ifarfar minn fuqu l-memorja letterarja li hija fdal ta’ kanonu antik u anakronistiku” (38). F’taħdita li għamel fl-2004, Bugeja beda billi ressaq stqarrijiet li għamlu xi awturi, dak iż-żmien emerġenti, bħal Ġużè Stagno u Clare Azzopardi, li fihom saħansitra implikaw is-superjorità tax-xogħlijiet il-ġodda fuq dawk qodma jew “kanoniċi.” Bugeja uża dawn l-istqarrijiet biex għamel premessa li għall-bidu dehret b’saħħitha: il-letteratura Maltija kontemporanja ma għandhiex passat u għaldaqstant m'għandhiex pedament sod (“Refugees” 2).

Huwa evidenti li parti mill-kuntest li fih ġiet ifformulata din il-premessa u li fiha ngħadu l-istqarrijiet li nbniet fuqhom huwa dak ta’ nuqqas ta’ għarfien tal-letteratura Maltija. F’artiklu miktub tliet snin qabel, fl-2001, Ġużè Stagno jiċħad l-eżistenza ta’ pedament letterarju għall-kittieba kontemporanji; sa żmienu, fil-letteratura Maltija ma kien hemm xejn ta’ sugu. Stagno jgħid li kien qara ħafna u wasal għall-konklużjoni li “98%” tal-letteratura Maltija kienet “imbarazz.” Iżda fl-istess ħin, Stagno nnifsu jiddikjara li għalkemm qara ħafna,

ta' 25 sena kien għadu ma qara kważi xejn mil-letteratura Maltija hekk imsejħa "stabbilita." Stagno jmaqdar *Taħt Tliet Saltniet* u jfaħħar biss lil Leli ta' *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, l-uniku karattru simpatiku, "*cool,*" mingħajr ma kien qara r-rumanzi nfushom: "Imma tistaqsunix x'għamel u għaliex kien *cool*, għax qatt ma rnexxieli naqra aktar minn tliet paġni minnu . . . Qaluli li kellu Ħaż-Żgħir kollu kontrih . . . forsi qraw il-ktieb tiegħu." Stagno jiddikjara li sa żmienu kienu nkitbu biss "rumanzi dwar il-Kavallieri ta' San Ġwann" u jixli lill-esponenti tal-Moviment Qawmien Letterarju li ma għamlu xejn biex iġibu qawmien letterarju. Għalih kienu "dgħajfa, patrijottiċi u tradizzjonali bħall-ġenerazzjoni ta' Dun Karm li suppost kienu qed jirreaġġixxu kontriha." Hu ħass li kellu jikteb "l-iktar xogħol frisk fil-letteratura Maltija minn żmien il-brodu" ("In My Own Words" 39) għax ebda awtur qablu ma kiteb dwar problemi soċjali "reali" u attwali, u għalhekk interessanti. Stagno mhux biss jinjora l-prodott letterarju tal-predeċessuri mbiegħda tiegħu bħal Orlando, Bonnici u Mamo li ttrattaw il-problemi soċjali f'xogħlijiethom imma għażel, aktarx sforz in-nuqqas ta' għarfien storiku, li jinnega l-kontribut li taw lil-letteratura Maltija rumanzi aktar reċenti bħal *L-Ewwel Weraq tal-Bajtar* (1968), *Il-Gaġġa* (1971), *Il-Gidba* (1977) u *Dal-Lejl Ġie Alla* (1984). Barra minn hekk, aktarx minħabba l-element ta' kompetittività kanonika, jew mill-ġdid, minħabba nuqqas ta' qari, Stagno lanqas irrikonoxxa dak li kien ippubblika Mifsud qabel ma hu ħareġ *Inbid ta' Kuljum* fl-2001. Skont Stagno, ħadd qablu fil-letteratura Maltija ma kien kiteb dwar is-sess jew id-droga, minkejja li Mifsud kien diġà ppubblika *Stejjer ta' Nies Koroh* (1991), *Il-Ktieb tas-Sibt Filgħaxija* (1993) u *Il-Ktieb tal-Maħbubin Midruba* (1999) b'rakkonti li jittrattaw proprju dawn it-temi soċjali.

Kliem bħal ta' Stagno x'aktarx li huwa attwalizzazzjoni ta' mument klassiku tal-ansjetà Edipika li tkellem fuqha Bloom f'*The Anxiety of Influence* li tinħoloq bejn il-kittieba tal-

imgħoddi u l-kittieba tal-preżent. L-istqarrija tal-kittieba tal-preżent tipprova twarrab id-dominju u l-influwenza tal-kittieba kkanonizzati billi tipprova xxejjen il-memorja tagħhom. Minkejja li l-letteratura Maltija ma għandhiex storja twila, ebda kittieb tal-lum ma jista', anke jekk jipprova, jiċħad il-kontribut letterarju ta' awturi Maltin li pproduċew xogħlijiet "kbar" jew "klassiċi." Din il-perspettiva antikanonika tista' titqies bħala infondata u turija ta' immaturità dijakronika, imma tista' titqies ukoll bħala frott il-konvinzjoni li x-xogħlijiet letterarji kontemporanji huma teknikament u tematikament superjuri. Ironikament, din is-superjorità tagħhom tista' titqies bħala riżultat tal-fatt li l-awturi tal-preżent setgħu jibnu fuq dak li ġie qabilhom biex joħolqu saff letterarju ġdid. Iżda l-attitudni ikonoklastika ta' Stagno twassal l-idea li l-qari tax-xogħlijiet passati huwa att anakronistiku fih innifsu, bl-implikazzjoni li r-rilevanza topika għall-qarrejja ta' issa ssir kriterju kanoniku. L-idea tiegħu hi li l-għażliet tematiċi tal-letteratura tal-imgħoddi jagħmluha, awtomatikament, obsoleta. Iżda fil-bidu tas-seklu 21, ir-rumanz Malti kellu bilfors jittratta s-sess u d-droga kif saħaq Stagno biex jingħata l-għarfien mistħoqq mill-qarrejja u mill-kritiċi? B'dan l-argument il-qarrejja tal-lum ma jmisshomx jikkonsmaw ir-rumanzi ta' Bonnici jew ta' Mamo u ma għandhomx jibqgħu jaqraw il-poeżiji ta' Vassallo jew ta' Briffa għax issa għadda żmienhom. Iżda jista' jagħti l-każ li hemm letteratura li kif jissuġġerixxi Dun Karm "ma tmutx" ("Non Omnis Moriar"), anke jekk iż-*zeitgeist* attwali jiddetta mod ieħor.

Jekk l-attitudni antikanonika proposta minn xi esponenti tal-letteratura kontemporanja tieħu l-prevalenza, dan ifisser li l-istudenti u l-qarrejja inġenerali mhux se jiġu inċentivati biex jesploraw il-letteratura passata hekk imsejħa "kanonika" imma se jiġu limitati biss biex jaqraw xogħlijiet strettament "immedjati." Il-moviment antikanoniku lokali,

minkejja l-intenzjoni ta' aġġornament, jista' jwassal għall-glorifikazzjoni ta' xogħlijiet letterarjament inferjuri filwaqt li jwarrab xogħlijiet qodma teknikament u tematikament superjuri. Għaldaqstant, l-eżistenza ta' kanonu letterarju Malti, taħt xi forma jew oħra, tista' tiggwida lill-qarrejja biex jagħżlu liema rumanz jaqraw u liema jwarrbu jew jipposponu l-qari tiegħu. Il-qarrejja għandhom id-dritt li jkollhom idea ta' x'se jaqraw qabel ma jikkommettu rwieħhom u jixtru rumanz. Il-vakwu maħluq mill-assenza ta' gwida serja, bħal dik ta' riċensjonijiet letterarji professjonali, u mhux dawk miktubin mill-pubblikatur innifsu, jista' jwassal biss għall-manipulazzjoni tal-perċezzjoni pubblika. B'analoġija jista' jittieħed il-ġeneru li lejn l-aħħar tas-seklu 20 reġa' kiber fil-popolarità fost il-Maltin: il-films fis-swali ċinematografiċi. L-udjenza tista' tikkonsulta xi forma ta' riċensjoni li tiggwidahom fl-għażla tal-film li se jaraw. Illum il-ġurnata, anke l-kotba qed jgħaddu minn skrutinju fuq l-internet permezz ta' siti bħal *GoodReads*, *LibraryThing*, *BookLikes*, *Bookish* u *BookTube*, li għalkemm ma jirrappreżentawx il-katedra awtorevoli tal-akkademja, xorta waħda jipprovdu lill-qarrejja b'reċensjonijiet validi u qabelxejn, immedjati u faċilment aċċessibbli. Il-blogg bir-riċensjonijiet ta' rumanzi Maltin *themaltesereader.wordpress.com*, miktub minn riċensur anonimu, spiss jagħmel referenza għall-"kanonu" meta jiddiskuti l-validità tar-rumanz inkwistjoni kemm fih innifsu kif ukoll fil-kuntest letterarju Malti. Siti ta' din l-għamla huma mod aġġornat ta' kif jissawwar kanonu letterarju fi żminijietna. Għalkemm l-antikanonisti jistgħu jaraw l-idea nnifisha ta' kanonu bħala anakronistika għax tappartjeni lil nies b'aġenda favur it-tradizzjoni, nistgħu nqisuha wkoll bħala idea friska u mixtieqa mill-qarrejja tal-lum li jfittxu xi forma jew oħra ta' gwida li tgħinhom fl-għażla tal-kotba li jaqraw.

Fit-taħdita tiegħu, Bugeja semma kif xogħol bħal *Taħt Tliet Saltniet*, “meqjus minn ħafna bħala kolonna” tal-kanonu letterarju Malti, jista’ wkoll jiġi faċilment ikkontestat (2) bl-implikazzjoni li l-letteratura Maltija stabbilita forsi mhijiex stabbli daqskemm tagħti l-impressjoni li hi. Pożizzjoni antikanonika bħal din aktarx tqis il-kanonu letterarju Malti bħala entità fundamentalment inkonsistenti, entità fraġli bħal saff iffriżat f’wiċċ għadira, saff irqiq għax m’ilux li beda jifforma, u faċli jinfaqa’ u jitfarrak taħt il-piż ta’ analiżi kritika jew tal-preferenzi suġġettivi tal-qarrejja. Dan jimplika wkoll li l-preżenza ta’ xogħol fil-kanonu letterarju Malti mhija la fissa u lanqas garantita. Dak li kellu preżenza kanonika massiċċa u suppost permanenti issa sar jiddependi mill-ġudizzju, informat jew mhux informat, ta’ ġenerazzjoni oħra ta' kritiċi letterarji, qarrejja kolti u qarrejja każwali. Bugeja jiddeskrivi s-sitwazzjoni letterarja lokali fl-2004 bħala “inċertezza miksuba” minn sens ta’ “dubju fatali dwar l-istatus ta’ dak li ġie qabilna” (3), osservazzjoni li paradossalment tixhed rabta, jew aħjar relazzjoni ta’ kawża u effett, bejn il-letteratura Maltija tal-passat u dik tal-preżent. Huwa jemmen li fix-xogħlijiet tal-kittieba kontemporanji ma tinħassx l-influwenza tal-kittieba Maltin li ġew qabilhom; għall-kuntrarju ta' dak li jseħħ f’letteraturi oħrajn bi tradizzjoni twila, fil-każ tal-letteratura Maltija, id-diskors Bloomjan dwar l-ansjetà tal-influwenza jsir sempliċiment irrilevanti. La qabel il-kittieba kontemporanji ma kienx hemm letteratura ta’ stoffa, ifisser li ma kien hemm ebda qawwa influwenti li setgħet tħalli impatt fuq il-psike tal-kittieba tas-seklu 21. Pożizzjoni bħal din ta’ Bugeja tista’ tinftiehem bħala negazzjoni ta’ kull forma ta’ rbit jew kontinwità bejn il-ġenerazzjoni tiegħu u dik ta’ qabilha; iktar milli jħaddan perspettiva purament antikanonika, Bugeja qiegħed jistqarr il-fehmiet tiegħu fuq min għandu dritt ikun fil-kanonu letterarju Malti. Bugeja mhux qiegħed jimplika li m'għandux ikun hemm

kanonu letterarju Malti – huwa qiegħed jgħid li l-awturi Romantiċi u Modernisti mhux posthom fih; din hija stqarrija skjetta favur iċ-ċentralità tal-kanonu iktar milli ċ-ċaħda tiegħu. Iżda hija perspettiva li tmur għalkollox kontra l-kliem meqjus ta' Friggieri li jemmen fil-vantaġġi li jistgħu jinkisbu meta b'umiltà jingħarfu l-elementi ta' kontinwità u, mbagħad, ta' influwenza; Friggieri jikkunsidra "l-kontinwità" letterarja bħala "liġi li ma tistax tinkiser" ("L-Istorja tal-Poeżija Maltija" 139). Għalhekk, iktar tista' tidher bħala preżunzjoni mhix f'lokha dik ta' xi kittieba tal-bidu tas-seklu 21 li jiċħdu l-eżistenza ta' pedament letterarju u jistqarru li qed jiffurmaw mix-xejn il-pedament tal-istorja letterarja Maltija. Fl-ispirtu tal-ħsieb Bloomjan, jew aħjar Freudjan, attitudni Edipika bħal din turi li wħud mill-kittieba "tal-lum" għadhom ma jistgħux jaċċettaw l-influwenza "tal-bieraħ" f'kitbiethom. Il-konvinzjoni fl-eżistenza ta' kanonu letterarju miftuħ li għandu wisa' kemm għall-qadim kif ukoll għall-ġdid tista' tkun l-antidotu għal din ix-xorta ta' awtokonvinzjoni awdaċi. Fi kliem Friggieri, kif ikkowtajtu fl-ewwel kapitlu tal-istudju preżenti: "M'hemmx tradizzjoni ħajja mingħajr modernità, u m'hemmx modernità f'saħħitha mingħajr tradizzjoni" ("It-Triloġija"). Jien tal-fehma li l-kontinwità, iktar milli tqanqal sentimenti negattivi bħall-mistħija jew l-istmerrija, iktar għandna narawha bħala element essenzjali fl-iżvilupp san tal-letteratura ta' pajjiż.

Sentiment simili għal dak ta' Bugeja u Stagno dwar il-vojt li ħalla n-nuqqas ta' wirt letterarju fil-kittieba kontemporanji esprimieh Vella Gera li jemmen li qabel ma pproduċa x-xogħol notorju "Li Tkisser Sewwi" (2009), qatt, jew kważi qatt, ma kien inkiteb xejn bħalu fil-letteratura Maltija. Skont Vella Gera, "hemm mumenti li fihom trid tkun meqjus fi kliemek u hemm mumenti li fihom trid timmira dritt għall-punt. Din il-ħaġa l-letteratura Maltija ftit li xejn għamlitha" (f'Grima, "Dark Sides"). Għalkemm jinħass aktar infurmat minnu, Vella Gera,

bħal Stagno, jiċħad il-wirt tal-predeċessuri-qariba tiegħu. Għalkemm wara l-Indipendenza ta' Malta, il-Modernisti pprojettaw lilhom infushom bħala l-protagonisti tar-rivoluzzjoni morali, skont Vella Gera x-xogħlijiet letterarji tagħhom ma kinux rivoluzzjonarji daqskemm l-awturi nfushom ħasbu li kienu. Vella Gera saħaq illi kieku l-kittieba tas-sittinijiet għamlu xogħolhom sew, hu ma kienx ikollu għalxiex jagħmel id-"*dirty work*" minflokhom. Skontu, huma beżgħu jmorru lil hinn mill-konfini morali li hu kellu jaqbeż, u għalhekk spiċċa tressaq il-Qorti. Iżda Vella Gera ma kienx l-ewwel kittieb li spiċċa quddiem il-maġistrati. Mikelanġ Borg tressaq quddiem l-Avukat tal-Kuruna u weħel tlett ijiem ħabs minħabba li bħala editur ippubblika artiklu li tqies libelluż. Ġorġ Pisani, minħabba *Is-Sengħa tal-Imħabba* tal-1945, u Ġużè Diacono, minħabba d-dramm *Il-Madonna taċ-Ċoqqa* tal-1979, ukoll xellfu difrejhom mal-ġustizzja. Jekk jitqies il-fatt li f'dawn iż-żewġ xogħlijiet kien hemm relazzjoni amoruża illeċita ċentrali fil-binja tematika tal-plott, u saħansitra f'każ minnhom ir-relazzjoni sesswali hija dik bejn tfajla u saċerdot novizz, nistgħu nikkonkludu a posteriori li fil-kuntest storiku-soċjali ta' dak iż-żmien, dawn ix-xogħlijiet kienu sovversivi daqs il-ktejba ta' Vella Gera. Aktar kmieni fis-seklu 20 kien hemm il-każ ta' grupp ta' letterati Maltin li tressqu l-Qorti mhux minħabba kitbiethom imma minħabba l-kotba li kellhom. Fl-1932, il-Gvern Kolonjali impona l-Ordinanza dwar il-Propaganda Sedizzjuża u sena wara, Ġużè Orlando Smith u oħrajn ittellgħu l-Qorti mixlija li kellhom fil-pussess tagħhom letteratura sedizzjuża. Għaldaqstant, qabel Vella Gera kien hemm kittieba oħrajn li qabżu l-linja morali immaġinarja tal-poplu u ħallsu prezz ġudizzjarju fi żmien meta l-pajjiż kien aktar maħkum mill-ħafna morali u l-preġudizzji moralisti tal-Knisja u ta' soċjetà pjuttost magħluqa. Sforz l-injoranza u n-nuqqas ta' kuxjenza artistika tal-udjenza Maltija, Jane Marshall, l-attriċi li interpretat il-parti ta' Rita f'*Il-Madonna*

taċ-Ċoqqa, u żewġha Albert Marshall, id-direttur tat-teledramm, kellhom jemigraw fl-1981 minħabba l-persekuzzjoni li sofrew.

Is-sentiment antikanoniku jinħass ukoll fi kliem Vella, li skopra t-talent letterarju ta' Stagno u kien l-ewwel pubblikatur tiegħu. F'artiklu tiegħu, ukoll tal-2001, Vella jaqbel ma' Stagno li qabel ma tfaċċa hu fix-xena, il-letteratura Maltija kienet saħansitra fl-"għaxwa tal-mewt" ("Zeitgeist" 35). Hawn ukoll jiġi injorat Mifsud, li beda jikteb ftit qabel Stagno u kien diġà ġibed l-attenzjoni ta' ħafna qarrejja u letterati b'xogħlijiet meqjusa llum mill-kritiċi bħala ferm superjuri (Mifsud ippubblika *Stejjer ta' Nies Koroh* fl-1992, filwaqt li Stagno ppubblika *Inbid ta' Kuljum* fl-2001). Kliem Vella fl-2001 kien ikkondizzjonat mill-fatt li bħala pubblikatur tal-Minima, dar tal-pubblikazzjonijiet li llum m'għadhiex teżisti, kien iqis lil Mifsud bħala kompetitur; ironikament, ftit taż-żmien wara, Minima saret l-ewwel dar tal-pubblikazzjoni ta' Mifsud. Dan l-agon kanoniku, li aktar jinħass milli jinqara espliċitament meta jiġu analizzati l-artikli tal-bidu tas-seklu 21, huwa prova ta' kif il-kommodifikazzjoni tal-letteratura bdiet, iktar minn qatt qabel, iċċajpar il-valorizzazzjoni estetika tax-xogħlijiet u l-oġġettività tal-kritika letterarja. Meta l-kanonu letterarju jitħalla esklussivament f'idejn il-pubblikaturi, tinħoloq sitwazzjoni fejn il-qarrejja jistgħu jitqarrqu dwar il-piż letterarju ta' ktieb. Fix-xena letterarja lokali wkoll id-djar tal-pubblikazzjoni tgħallmu joħolqu sens ta' antiċipazzjoni għall-miġja ta' rumanz li f'termini letterarji ma jkunx jistħoqqlu daqshekk rikonoxximent u promozzjoni. Fil-bidu tas-seklu 21 il-mezzi tax-xandir bdew jippromwovu lil Stagno aktar minn Mifsud għax kien imbuttat minn dar tal-pubblikazzjoni li riedet tħalli impatt. Iżda fuq kollox, bħal Bugeja, Stagno u Vella Gera, il-pubblikatur ta' Minima deherlu li x-xogħlijiet "kanoniċi" fil-kuntest lokali kien wasal il-waqt li jċedu l-prominenza tagħhom biex joħolqu spazji ġodda: "Il-

letteratura Maltija: jew poeżija dekadenti jew rumanzi sfurzati li jimmiraw għall-preservazzjoni tad-dominanza tal-kasta intellettwali. Mhumiex kritiċi, djalettiċi jew relevanti" (Vella, "Zeitgeist" 35). Vella ried jikteb mill-ġdid in-narrattiva dominanti dwar il-letteratura Maltija biex minflok il-qadim jidħol il-ġdid tiegħu.

Madankollu, Vella jmur lil hinn mill-kritika anzjuża tal-predeċessuri letterarji. Fi kliemu, li f'kuntrast ma' dak ta' Stagno, jixhed għarfien mirqum tal-letteratura Maltija u d-dimensjoni storika tagħha, hemm ħjiel ta' xewqa bbilanċjata għall-kontinwità, imqar billi jinżammu b'wirt xi ftit elementi pożittivi li l-kittieba kontemporanji jistgħu jutilizzaw biex joħolqu mill-ġdid *zeitgeist* ieħor. Vella juri biċ-ċar l-għarfien tiegħu tal-letteratura Maltija u tal-proċessi ta' tiġdid meħtieġa f'kull storja letterarja:

> Għandna bżonn l-entużjażmu ta' Francis Ebejer, il-bravura bla lġiem ta' Ġwann Mamo u l-immaġinazzjoni ta' Trevor Żahra . . . Imbagħad inkunu ħloqna tassew 'Qawmien Letterarju': proattiv, mhux ribelluż biex jagħmel il-punt ta' rivolta, imma biex jifforma ż-*zeitgeist*. Ma nkunux irreaġixxejna kontra s-sidien antiki u mbagħad nibilgħu lsienna, imma nkunu ħloqna idjoma friska u ġdida. ("Zeitgeist" 35)

L-attitudni li jaddotta Vella hija pjuttost kontradittorja. Minn banda qed jagħmel sejħa għat-twarrib ta' dawk ix-xogħlijiet meqjusa kanoniċi u mill-banda l-oħra qiegħed jirrikonoxxi li l-awturi tagħhom taw kontribut validu lill-istorja tal-letteratura Maltija. Aktarx li Vella, fiż-żmien li kiteb dan l-artiklu, kien maqbud f'morsa minħabba l-pożizzjoni doppja li kien jokkupa – bħala pubblikatur ried jippromwovi t-talent ġdid b'detriment tat-talent preċedenti, filwaqt li bħala studjuż tal-letteratura kien konxju mill-validità tal-kontribut letterarju li taw ħafna awturi Maltin bħal Ebejer, Mamo u Żahra. Ironikament, Ebejer li Vella qiegħed jeloġja, kien

figura ewlenija fiż-*zeitgeist* tas-sittinijiet li qiegħed jikkritika u jiġġudika bħala reazzjonarju u essenzjalment bla siwi letterarju.

2.3 Il-Kanonu: Kontrih jew Mingħajru?

Waqt li Kolbas jitkellem dwar kif il-kanonu jiġi ridott "għal għodda purament politika" (26), f'"The Assault on the Canon," Peter Shaw jikkwalifika d-dibattitu kanoniku nnifsu bħala "fenomenu politiku" (257). Minħabba l-pressjoni li saret mill-"assaltaturi tal-kanonu" sabiex jittaffew l-inugwaljanzi soċjali, ewlenin fosthom dawk tal-ġeneru u dawk tar-razza, il-kanonu letterarju tal-lum ġie rivedut bil-konsegwenza sfortunata li nqatel id-dibattitu kanoniku (257). Kliem Shaw jinħass li huwa miktub bl-istess ton ta' rassenjazzjoni li jibda bih Bloom fl-intervista "Bloom interview on *The Western Canon* (1994)" fejn hu wkoll jitkellem dwar l-assalt fuq il-kanonu mir-Riżentimentisti li jqisu l-valur estetiku bħala "mistifikazzjoni borgiża" u għaldaqstant jemmnu li ma hemmx ktieb aħjar minn ieħor (00:00:50 - 00:02:00). Jekk napplikaw dan id-diskors għall-kuntest letterarju lokali, aktarx naslu għall-konklużjoni li d-dibattitu strutturat dwar il-kanonu tal-letteratura Maltija għadu ma bediex. Iżda għalkemm mhuwiex jirreferi għall-kuntest Malti, id-deskrizzjoni ta' Shaw tista' titqies bħala rendikont pjuttost pertinenti għax-xena lokali. Huwa jsemmi tliet tipi ta' parteċipanti fid-dibattitu kanoniku: l-apoloġisti, l-antikanoniċi u dawk li jsejħilhom "il-kompromessisti." L-antikanonisti, jgħid Shaw:

> jagħmlu tabirruħhom li qegħdin jitolbu biss għall-ġustizzja – għall-'ftuħ' tal-kanonu biex jinkludi kittieba li qabel kienu esklużi. Ċertament, huma jissuġġerixxu, b'kawtela

> qarrieqa, li għandu jiġi kkoreġut in-nuqqas ta' nisa u minoranzi razzjali u etniċi mill-kanonu tradizzjonali. Meta jitpoġġa quddiemhom l-argument tal-konsum pubbliku, il-biċċa l-kbira tal-akkademiċi u tal-amministraturi jaċċettawh. Dawn ma jridux jidhru bħala esklużjonisti riġidi u għalhekk jaqblu li jibdlu l-kanonu. Fl-istess ħin, ħafna mid-difensuri tal-kanonu, li jippruvaw jidhru raġonevoli, jissieħbu magħhom billi jaqblu ma' xi aspetti tar-'riforma.' Il-kompromessisti jistgħu jkomplu jqisu lilhom infushom bħala difensuri tal-aqwa xogħlijiet, iżda, billi baxxew rashom għax-xewqat tal-kollegi tagħhom, ifisser li prattikament ċedew u tilfu d-dibattitu kollu. (257-258)

Fis-sitwazzjoni Maltija aktarx li hemm sforz biex jintlaħaq il-kompromess li jitkellem fuqu Shaw. "L-assaltaturi tal-kanonu" iktar huma interessati li "jassaltaw" il-mod kif jifforma l-kanonu milli x-xogħlijiet letterarji nfushom li xi drabi ma jkunx hemm dubju dwar il-valur letterarju kbir tagħhom (258). Fl-artiklu "X'Ifisser Dun Karm Għalija," li deher f'*Il-Malti* f'edizzjoni speċjali fuq Dun Karm f'għeluq il-25 sena minn mewtu, Fenech, esponent ewlieni tal-Moviment Qawmien Letterarju tas-sittinijiet, jistqarr li "Lil Dun Karm inqisu fl-istess livell li l-Ingliżi jqisu lil Milton u t-Taljani lil Dante. U persważ li ħadd daqsu u ħliefu ma jistħoqqlu jissejjaħ il-Poeta Nazzjonali ta' Malta" (39). Eloġju post-mortem bħal dan jista' jindika li l-moviment li ħafna rawh bħala assalt fuq ir-Romantiċi, speċjalment Dun Karm, li ħakmu l-kanonu Malti sal-Indipendenza, ma kienx attakk dirett kontra x-xogħlijiet kanoniċi jew l-awturi tagħhom imma kontra l-proċess tal-kanonizzazzjoni li, qabelxejn, jimmaterjalizza ruħu fil-listi ta' xogħlijiet li l-akkademja tagħżel biex jiġu studjati mill-istudenti tal-pajjiż; fil-fatt, Shaw jisħaq li l-modifikazzjoni konċiljatorja ta' dawn il-listi ġabet fix-xejn id-dibattitu kanoniku. Għaldaqstant, fis-sittinijiet sar sforz konxju biex jittaħħtu Dun Karm u r-Romantiċi,

mhux għax ix-xogħlijiet tagħhom huma inferjuri imma għax l-aġenda soċjopolitika taż-żmien hekk riedet. Dan jimplika wkoll li moviment letterarju bħal dak li appartjena għalih Fenech, flok serva biex jevalwa l-valur estetiku tax-xogħlijiet tal-moviment preċedenti, iktar kellu l-funzjoni li jevalwa l-kontenut politiku tagħhom bl-iskop li jiddikjarahom invalidi u irrelevanti fil-kuntest soċjali ta' epoki oħra. Shaw ukoll, f'kuntest soċjali ieħor, isemmi s-sittinijiet bħala epoka b'aġenda politika qawwija li affettwat direttament il-kanonu letterarju; "oriġinarjament," skont teoristi bħal Paul Lauter, "il-kritika tal-kanonu kienet sforz biex il-politika tal-moviment soċjali tas-sittinijiet tidħol fil-klassi [tal-iskola]" (f'Shaw 257), osservazzjoni li wkoll tista' tirrifletti b'fedeltà x'seħħ f'Malta ta' wara l-Indipendenza.

L-osservazzjoni ta' Shaw tista' tipprovoka r-rievalwazzjoni tal-kunflitt antagonistiku fil-kuntest letterarju Malti, mhux biss bejn ir-Romantiċi u l-Modernisti, imma wkoll bejn il-Modernisti u l-kittieba kontemporanji ta' Malta kożmopolita (li konvenjentament se nsejħilhom "il-Kożmopoliti"). Meta fl-1985 feġġ fix-xena il-grupp letterarju Versarti, kompost minn uħud mill-kittieba tal-ġenerazzjoni post-Modernista, diversi esponenti tal-letteratura Modernista tas-sittinijiet irreaġixxew b'sens ta' antagoniżmu fl-istampa lokali għax x'aktarx ħassew li l-kanonu li stabilixxew huma b'kitbiethom kien se jitheżżeż b'din il-mewġa antikanonika. Fil-"Manifest" ta' Versarti li deher fil-ktejjeb tal-ftuħ uffiċjali tal-grupp, l-esponenti tal-grupp il-ġdid donnhom urew li kienu konxji mill-element politiku li jikkaratterizza l-formazzjoni tal-kanonu letterarju Malti u għaldaqstant qiesu li mill-bidu jagħmluha ċara li l-attività letterarja tagħhom, għalkemm tista' tittratta tema politika, mhijiex attività mmotivata minnha:

> Permezz tal-għaqda tagħna nikkultivaw l-arti f'Malta Ii fil-fehma tagħna hija fi stat moħbi u mhux żviluppat specjalment fost il-ġenerazzjoni ġdida. Dan nagħmluh fil-qasam Ietterarju. Għalhekk importanti Ii din l-għaqda tassigura Ii l-espressjoni letterarja Maltija tingħata l-importanza mistħoqqa . . . Li nagħmlu ma nagħmIuhx għax mogħmijin bil-passjonijiet politiċi, b'fanatiżmu reliġjuż jew b'rivoluzzjoni għal ta' qabilna iżda b'meditazzjoni u ħsieb profond. Dan il-fatt jiddistingwina minn ta' qabilna. Dan l-għan jista' jintlaħaq mingħajr ħadd ma jitlef l-identità tiegħu bħala kittieb/a filwaqt Ii jinżamm bla mittiefes I-istil tal-kittieb/a. ("Manifest")

Il-kittieba Modernisti interpretaw il-kontribut letterarju ġdid ta' dawn iż-żgħażagħ bħala theddida għall-ispazju diġà okkupat minnhom fil-kanonu; kien mument li fih, għal ftit (għax ma kinitx intensa daqs dik bejn ir-Romantiċi u l-Modernisti) reġgħet feġġet il-"battalja Edipika" bejn il-kittieba predeċessuri u l-kittieba suċċessuri li jitkellem fuqha Bloom (*Anxiety of Influence* 11), fejn, ironikament, il-vittmi issa saru l-aggressuri. Għalkemm fil-"Manifest" għamluha ċara li ma ridux jittrażmettu l-idea ta' "rivoluzzjoni" kontra ta' qabilhom, liż-żgħażagħ ta' Versarti akkużawhom li hekk kienu qed jagħmlu.

Meta fl-24 ta' Jannar 1985, Raymond Mahoney, esponent ewlieni tal-Moderniżmu f'Malta, b'korteżija suspettuża, introduċa l-grupp ġdid Versarti lill-qarrejja tal-paġna letterarja tiegħu f'*L-Orizzont* permezz tal-artiklu "Versarti – Għaqda Letterarja Ġdida għaż-Żgħażagħ," filwaqt li wera doża meqjusa ta' entużjażmu għaċ-"ċaqliq pożittiv fl-isfera tal-letteratura kontemporanja lokali," saħaq li essenzjalment dawn iż-żgħażagħ mhuma jagħmlu xejn ġdid jew li ħaqqu post fil-kanonu Malti okkupat diġà minn kittieba li mxew "il-mogħdijiet" letterarji kollha:

> Iż-żgħażagħ tagħna llum sabu triq imwittija u ideal milħuq mifrux quddiemhom. Sabu l-għoljiet mirbuħa u l-mogħdijiet imterrqa diġà minn żgħażagħ oħra qabilhom li fis-snin sittin qamu għalenija kontra s-soċjetà marida ta' żminijiethom. Kienu dawn iż-żgħażagħ poeti ħaddiema li taw nifs ġdid lil-letteratura Maltija li kienet staġnat fl-ilmijiet qiegħda ta' ċirkostanzi anakronistiċi fil-kitba Maltija. (4)

Mahoney tkellem fuq kif huma kellhom jaħdmu kontra l-volontà ta' "min kien fuq pedistall, l-istabbiliti." Mahoney jżid jgħid li "għalkemm waħedna stabilixxejna letteratura ġdida . . . letteratura li ġiet biex tibqa', imqar illum, għoxrin sena wara!" (4). Ironikament, il-kelmiet "l-istabbiliti" u "stabbilixxejna," intużaw għar-Romantiċi u għall-Modernisti, b'tali mod li tant tqarrbu li ġew jixxiebhu fl-attitudni predominanti tagħhom. It-ton paternalistika li nħoss f'dan l-artiklu ta' inawgurazzjoni ma niżel xejn tajjeb ma' Mifsud, is-Segretarju ta' Versarti li fis-6 ta' Frar 1985, wieġeb bl-ittra "Xi Punti dwar Versarti" li qajmet reazzjoni qawwija permezz ta' ittri oħrajn f'*L-Orizzont*. Mifsud enfasizza l-firda mill-predeċessuri: "aħna m'aħna dixxipli ta' ħadd ħlief tal-arti: m'aħniex la dixxipli tal-kitba Romantika li twieldet f'Malta b'Dun Karm u sħabu, u lanqas tar-rivoluzzjoni letterarja li qamet mal-poeti tas-snin sittin." Fuq kollox, Mifsud saħaq li ż-żgħażagħ ta' Versarti ma sabu "xejn imwitti u anqas mirbuħ" (6). Francis Galea f'ittra tat-12 ta' Frar 1985, wera kif b'dan il-kliem, Mifsud kien qiegħed joqrob lejn "l-ereżija" u l-"ġenn sfrenat," għax il-kittieba żgħażagħ ta' Versarti ddefinixxew lilhom infushom bħala letterarjament "illeġittimi" (6). Ċertu R. Zammit, f'ittra intitolata "Iktar Dwar l-Arroganza ta' Versarti" tat-22 ta' Frar 1985, saħansitra juża kliem bħal "arroganza," "tost" u "prużuntużi" sabiex jagħti l-fehma tiegħu dwar il-miġja ta' dan il-grupp letterarju ġdid (6).

Ir-reazzjoni tal-Modernisti fil-gazzetti tista' tiġi interpretata bħala turija inkonxja tal-fatt li xi kittieba, iktar milli jinteressahom id-dibattitu kanoniku f'relazzjoni mal-kwalità letterarja tax-xogħlijiet, iktar moħħhom li jibqgħu fil-quċċata tar-rikonoxximent mill-qarrejja u mill-kritiċi. Għaldaqstant, jekk kliem Shaw jiġi applikat għall-kuntest lokali, jidher li l-vittma ewlenija ta' dan l-atteġġament kien id-dibattitu kanoniku san (li idealment kellu jiddiskuti, fost l-oħrajn, il-validità letterarja tax-xogħlijiet u l-agon kanoniku ta' bejniethom). Għal dawn iż-żgħażagħ ix-xena letterarja lokali f'ebda mument ma taffordja li tieqaf tiġġedded billi teħel ma' xi epoka, moviment jew grupp ta' kittieba ta' żmien partikolari; wara kollox, kif qal Friggieri: "dak li jitqies bħala perjodu letterarju," ħafna drabi jagħmel aktar sens jekk jitqies bħala "żmien magħmul aktar minn xejriet milli mis-snin" (*L-Idea tal-Letteratura* 5). Dawn il-battibekki bejn il-ġenerazzjonijiet tal-kittieba Maltin kixfu d-diskors dwar il-kanonu Malti bħala taqtigħa għall-ħakma tal-ispazju letterarju. Ir-reazzjoni li għall-ewwel tidher bħala antikanonika tal-progressivi tista' tinftiehem a posteriori bħala storikament inevitabbli fil-konfront tal-apoloġisti tal-kanonu eżistenti li jridu "jikkonservaw" il-listi ta' xogħlijiet u ta' awturi li ġew stabbiliti fi żmienhom u jħallu barra l-awturi kontemporanji. Madankollu, kunflitt bħal dan, li jissejjes ukoll fuq element ta' vanaglorja u pika ġenerazzjonali, jissogra li jitbiegħed mid-djalettika neċessarja dwar il-kunċett ta' kanonu letterarju u l-implikazzjonijiet tiegħu.

F'perjodi partikolari tal-istorja tal-letteratura Maltija nħasset iktar l-influwenza politika fil-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja. Ngħidu aħna, il-forzi politiċi lokali tant qawwija f'Malta tat-tmeninijiet, iffavorixxew dik il-letteratura li interpretawha bħala espressjoni artistika tal-aġenda tagħhom u warrbu jew saħansitra kkundannaw dik il-

letteratura li sfidathom, bil-konsegwenza li naqset il-fiduċja fil-proċessi tal-kanonizzazzjoni letterarja f'Malta. Is-serata tat-tnedija tar-rumanz *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* ta' Friggieri hija l-paradimma ta' kif l-influwenza politika tista' tinvadi anke l-ġudizzji letterarji. Għal xi wħud dan ir-rumanz sab ruħu minnufih fil-qalba tal-kanonu letterarju Malti għax wassal l-ideoloġija politika "korretta," waqt li għal oħrajn lanqas biss kellu jitqies bħala rumanz minħabba l-kontenut filosofiku u ideoloġiku tiegħu. Emanuel Psaila jispjega li minkejja li Friggieri ma riedx "li r-rumanz jiġi politiċizzat fis-sens Malti," dan ix-xogħol spiċċa biex fil-fatt ġie affiljat ma' partit politiku (105). Dakinhar tat-tnedija fit-2 ta' Ottubru tal-1986, wara li nqraw xi siltiet mir-rumanz topiku u kontroversjali għal dak iż-żmien, kien hemm erba' personalitajiet magħrufin li tkellmu fuq ir-rumanz. Il-membru parlamentari prominenti Nazzjonalista Ugo Mifsud Bonnici ddeskriva r-rumanz bħala "kapolavur" u "brillanti," filwaqt li skont il-President tal-Partit Laburista u awtur magħruf Alfred Sant, dan "ir-rumanz la jirnexxi bħala rumanz politiku u lanqas bħala esej politiku" (Psaila 104). Dawn il-ġudizzji letterarji opposti fuq l-istess xogħol imorru lil hinn mill-kritika letterarja awtentika għaliex evidentement kienu influwenzati mill-partiġġjaniżmu lokali. Madankollu, iż-żmien għandu tendenza li jservi bħala filtru għal dan it-tip ta' ġudizzji letterarji influwenzati mill-politika partiġġjana li jġiegħel lill-kritiċi jħarsu lejn xogħol b'iktar oġġettività għax jitbiegħdu mill-emozzjonijiet u l-affiljazzjonijiet politiċi ta' perjodu partikulari. Id-distakk temporali u l-kuntestwalizzazzjoni dijakronika jirridimensjonaw il-letterarjetà ta' rumanz bħal *Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri*, b'tali mod li jekk jitqies bħala xogħol klassiku tal-letteratura Maltija, dan aktarx li se jsir essenzjalment abbażi tal-mertu kanoniku tiegħu skont ġudizzji li jidhru primarjament letterarji u li se niddiskuti l-aktar fir-raba' kapitlu ta' dan l-istudju. Il-fatt

li ġie mħabbar *Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri* se jingħata l-ħajja permezz ta' addattament teatrali minn Mifsud huwa turija li dan ir-rumanz, meqjus mis-sit *teatrumalta.org.mt* bħala "xogħol klassiku Malti" ("For World Theatre Day"), x'aktarx li għadda mill-"eżami l-aktar diffiċli, l-eżami taż-żmien" (Friggieri, *L-Idea tal-Letteratura* 5); dan l-addattament jista' jservi ta' opportunità sabiex ir-rumanz ta' Friggieri jiġi apprezzat bħala "kapolavur" letterarju, kif sejjaħlu Mifsud Bonnici, lil hinn miż-żmien speċifiku li fih inkiteb.

Iżda l-approprjazzjoni tal-letteratura Maltija wasslet biex esponenti tagħha jiddikjaraw li tilfu l-fiduċja fil-proċess san ta' apprezzament letterarju li jinvolvi, bħala parti integrali minnu, id-dibattitu kanoniku. Psaila jikkwota lil Doreen Micallef li b'reazzjoni għat-tnedija u għar-rumanz innifsu kitbet: "Jekk Malta se jibqa' jkollha lil min juża l-Letteratura b'dan il-mod ta' 'fataliżmu' u 'sfruttament,' b'qalbi maqsuma ngħid: 'Ikun Aħjar Għal Malta Jekk Ma Jkollhiex Letteratura'" (fi Psaila 106). Din ma kinitx ix-xewqa ta' Friggieri li ried li l-letteratura tinbet anke f'ambjenti soċjali skomdi. Fi *Fjuri li ma Jinxfux*, b'sens ta' rassenjazzjoni jistqarr: "Għamilt kulma stajt biex ma nkunx partiġġjan, u jekk kont, ifisser li l-iskop tiegħi ma lħaqtux dejjem. Ifisser ukoll li ma nagħmilx mirakli" (643). Friggieri fehem li fil-kuntest soċjali li fih ippreżenta r-rumanz tiegħu, kien hemm riskju kbir li xogħlu jiġi eżaltat jew immaqdar skont l-appartenenza politika tal-qarrejja (*Fjuri* 651). Trattament bħal dan ma kienx jawgura tajjeb għall-identifikazzjoni tal-letteratura kanonika u għaldaqstant issarraf f'nuqqas ta' fiduċja fil-proċess formattiv tal-kanonu letterarju Malti tant limitat minħabba l-influwenza b'saħħitha tal-politika partiġġjana Maltija.

Fl-artiklu "Kotba tal-SKS Iddiskriminati fl-Università," l-attitudni tal-awtur anonimu tal-artiklu tixhed protesta kontra min f'Malta huwa responsabbli mill-formazzjoni tal-kanonu

letterarju. Filwaqt li takkuża lill-kanonisti lokali (hawn issir referenza diretta għall-akkademja) li jagħżlu liema kotba jiġu studjati għax għandhom xi forma ta' preferenzi politiċi, l-id moħbija tikxef l-aġenda esklussivament politika tagħha, l-aġenda tagħha mhijiex l-analiżi kontenutistika tax-xogħlijiet letterarji li jissemmew u li għandhom ukoll kontenut politiku, iżda hija biss dik li tippromwovi lid-dar tal-pubblikazzjoni SKS u lill-kittieba affiljati direttament ma' wieħed mill-partiti l-kbar ta' Malta li "tħallew barra mill-kors" universitarju:

> L-aqwa rumanzi u novelli ta' Alfred Sant u ta' Frans Sammut ippubblikati mill-SKS tħallew barra mill-kors *In-Narrattiva Moderna: Minn Camilleri sa Zahra* fid-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta . . . Ir-rumanzi *La Bidu, La Tmiem 1599* (2001) [li] reġa' ġie ppubblikat mill-SKS fl-2014; *Bħal f'Dizzjunarju* (2011) u *George Bush f'Malta* (2014) ma jiġux mgħallmin lill-istudenti. Dawn it-tliet rumanzi ġew ippubblikati mill-SKS . . . Dak li Frans Sammut stess kien iqisu l-kapulavur tiegħu, jiġifieri *Il-Ħolma Maltija*, ma jiġix mgħallem. *Il-Ħolma Maltija* . . . ġie ppubblikat darbtejn mill-SKS . . . Filwaqt li r-rumanzi ppubblikati mill-SKS jitħallew barra minn dan il-kors, interessanti kif fl-istess kors jintuża kapitlu minn ktieb ippubblikat mill-PIN.

Iżda l-awtur tall-artiklu jwaqqa' l-argument tiegħu stess meta jistqarr li hemm rumanzi ta' Sant u ta' Sammut (*L-Ewwel Weraq tal-Bajtar* u *Silġ fuq Kemmuna* ta' Sant u *Il-Gaġġa*, *Samuraj* u *Paceville* ta' Sammut) li jiġu mgħallma f'dan il-kors u li għaldaqstant huma, bl-istess kriterji, ikkanonizzati mill-akkademja Maltija; hekk l-aġenda tal-artiklu tkompli tidjiq u tirriduċi ruħha għal stqarrija partiġġjana. Fil-każ li xi qarrejja distratti ma jifhmux mal-ewwel l-intenzjoni ta' min qed jikteb, l-artiklu jispiċċa bil-kjarifika li "L-SKS hi d-dar tal-pubblikazzjonijiet tal-Partit Laburista, waqt li l-PIN hi l-verżjoni tal-Partit Nazzjonalista."

Effettivament, skont it-tagħrif mogħti mill-artiklu stess, l-iżbilanċ huwa favur il-kittieba "Laburisti" (li tagħhom hemm inklużi ħames rumanzi) u kontra l-kittieba "Nazzjonalisti" (li huma rrappreżentati minn kapitlu biss). Jekk id-dibattitu kanoniku jiġi ridott għal argumentazzjoni pwerili bħal din, naqbel ma' Shaw li jitkellem dwar ir-riskju serju li jinqered għalkollox id-dibattitu intelliġenti dwar l-agon kanoniku bejn ix-xogħlijiet letterarji ta' pajjiż. Fl-istess ħin ma naħsibx li dan l-artiklu dwar l-SKS huwa rappreżentattiv tad-diskors dwar il-qagħda tax-xena letterarja Maltija. Għalkemm id-duwaliżmu politiku baqa' jinħass f'ħafna aspetti tal-ħajja ta' kuljum tal-poplu Malti, ma naħsibx li qiegħed joħnoq id-diskors kritiku. Fil-bibljografiji tal-korsijiet li joffri d-Dipartiment tal-Malti fl-Università hemm għadd kbir ta' xogħlijiet u ta' awturi li kellhom jew għandhom affiljazzjonijiet politiċi maż-żewġ partiti l-kbar u ma jidhirx li hemm għażliet partiġġjani.

Bħalma ġara b'*Samuraj*, in-narrattiva tar-rumanz *Trojan* li Vella Gera ħareġ fl-2015 toffri wkoll spunti interessanti fil-kuntest tad-dibattitu kanoniku, b'mod partikolari għaliex tiddubita mill-validità u l-ħajja qasira tal-għarfien kanoniku. Ġanni Muscat, il-protagonista skomdu tar-rumanz, imaħħaħ dwar ir-rumanz tiegħu li "erbgħin sena" qabel deher għall-ewwel bħala suċċess letterarju, imma donnu minnufih tilef l-impatt tiegħu fuq ix-xena letterarja Maltija u ntesa kważi għalkollox. L-aqwa kanonizzaturi Maltin qiegħdu lil Ġanni Muscat "fuq pedestall bħala awtur ta' stoffa" u ppreżentaw ir-rumanz tiegħu bħala xogħol li jimmerita post permanenti fil-kanonu letterarju Malti. Skont il-kritiċi, *L-Għanja tas-Sirena*:

> qatt ma ġie apprezzat kif kien jistħoqqlu, minkejja li ma kienx biss rumanz tajjeb iżda tabilħaqq wieħed rivoluzzjonarju għal-Letteratura Maltija. Mhux kliemu. Kien qalha Fr Serracino Inglott stess, fir-riċensjoni tiegħu li dehret f'*Il-Ħajja*, fejn iddikjara li l-ewwel

> rumanz ta' Ġanni Muscat, awtur ġdid fix-xena letterarja, kien xempju eċċellenti tal-fantaxjenza filosofika, fejn *jagħtina ħarsa profonda fil-moħħ ta' buffu qed jiżfen danse macabre ma' dawk is-silwetti misterjużi mal-ħitan tal-għar ta' Platun*. Biex ma nsemmux it-tifħir riżervat iżda xejn ambigwu ta' Profs. Friggieri fil-Kelmtejn Qabel, li deher fl-ewwel u l-unika edizzjoni tar-rumanz . . . kien studju kritiku pjuttost twil li mingħajr ma jimlieh bix-xemgħa għollieh fuq pedestall bħala awtur ta' stoffa, isem importanti fix-xena letterarja Maltija kontemporanja . . . Wara li anke r-rumanzier kollega tiegħu Frans Sammut stqarr fil-gazzetti li r-rumanz *L-Għanja tas-Sirena* kien suċċessur xieraq tal-kapolavur ta' Ġużè Orlando, *L-Ibleh*, Ġanni assuma li kien jinsab fil-bidu ta' karriera letterarja promettenti bħala awtur irrispettat. (*Trojan* 11)

Minkejja l-validità letterarja tiegħu, għaliex *L-Għanja tas-Sirena* ssodisfa l-kriterji kanoniċi, ewlieni fosthom dak tal-innovazzjoni, il-protagonista jġarrab sens ta' diqa kull meta jiftakar fih għaliex paradossalment is-suċċess ifakkru fil-falliment: "din kienet se tkun l-aqwa siegħa tal-karriera letterarja tiegħu, il-mument tiegħu waħdu fil-quċċata, u li minn dakinhar 'il quddiem kien se jaqbad it-triq għan-niżla" (11-12) u l-kontribut tiegħu spiċċa fil-kategorija tal-"Ilħna minsija bejn l-Indipendenza u l-Ħelsien" (36). Apparti r-relazzjoni fittizja bejn Muscat u l-kanonizzaturi, hemm ukoll ir-relazzjoni reali, jew in-nuqqas ta' relazzjoni, bejn Vella Gera u l-kanonizzaturi. Aktarx li Serracino Inglott ma kienx f'pożizzjoni li jitkellem dwar Vella Gera għaliex meta daħal fix-xena letterarja, Serracino Inglott kien riesaq lejn tmiem ħajtu. Friggieri kien għadu attiv fil-ħidma tiegħu bħala kritiku letterarju ewlieni imma qatt ma kiteb dwar ix-xogħlijiet ta' Vella Gera jew irrefera għalih f'xi studju.

In-narratur eterodijeġetiku ta' *Trojan* jitfa' dawl ukoll fuq il-kunflitt anzjuż li jinħoloq bejn il-kittieba li qegħdin jikkompetu għal post fil-kanonu letterarju: "Dawk l-awturi kollegi li darba snin ilu kien azzarda jaħsibhom sħabu, fejn qatt kien jobsor li anke huma, aħwa fil-letteratura, kienu se jduru kontrih" (12). Bħal Shaw, in-narratur jikxef l-intenzjoni mnawra ta' min l-uniku interess tiegħu huwa personali u mhux oġġettiv, fis-sens wiesa' tal-kelma, li jwassal għar-rikonoxximent ġenwin tal-aqwa xogħlijiet letterarji. Wieħed mill-istudenti li jintervistaw lill-protagonista għax kienu qegħdin jirriċerkaw "awturi Maltin li kienu attivi matul dak il-perjodu u li tista' tgħid intesew, iżda li pproduċew xogħol validu li ħaqqu jiġi rikonoxxut u jibqa' jinqara, minn ġenerazzjonijiet ġodda" (37), jistaqsi għaliex Ġanni Muscat twarrab mill-kanonu letterarju. It-tweġiba tal-protagonista hija mgħobbija bil-piż ingumbranti tal-influwenza politika li kapaċi timmina l-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja lokali: "Mela inti ma tafx Malta kif jaħdmu l-affarijiet? Għax m'iniex ma' partit ħabib. La mal-blu u lanqas mal-ħomor, allura tispiċċa għadu ta' kulħadd" (38). Din l-istqarrija tixħet dawl fuq il-pożizzjoni pubblika ta' Vella Gera li spiss wera l-imparzjalità tiegħu fl-ambjent politikament ippolarizzat tas-soċjetà Maltija. Perspettiva bħal din tista' sservi ta' art fertili għal sentimenti antikanoniċi mibnija fuq sfiduċja fil-proċess presubbilment ippolitiċizzat tal-kanonizzazzjoni letterarja Maltija. Jidher li l-attitudni dissidenti tal-"għadu ta' kulħadd" li jassumi Vella Gera ma kellhiex impatt dirett fuq ir-rikonoxximent letterarju tax-xogħol tiegħu, għaliex wara li rrifjuta l-midalja ta' Ġieħ ir-Repubblika, ġest li bih donnu ried jiddikjara li hu "għadu" tal-istat u tal-istabbiliment jew li mhuwiex kompliċi miegħu, xorta waħda ngħata darbtejn il-premju nazzjonali għall-aħjar rumanz tas-sena għal *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi* fl-2013 u għal

Trojan fl-2016.*Trojan* joffri narrattiva partikulari tal-istorja tal-letteratura Maltija li fiha Kilin jidher bħala rappreżentant tal-era Romantika:

> Imma Kilin huwa x-xempju tan-naive artist, kollox monodimensjonali, it-tajjeb kontra l-ħażin, fidi għamja fir-reliġjon, kollox sempliċi, jistmerr il-kumplessità tal-ħajja, tad-dinja moderna, nostalġiku, wisq konvint fi twemminu ... ifakkarni fil-pitturi ex voto, ma taqbilx? Ma nafx jien, biex tinkurunah l-aqwa rumanzier Malti hija esaġerazzjoni grassa. Imma għandu l-ħlewwa tiegħu, bla dubju, u forsi għandek tikka raġun li rnexxielu jaqbad l-ispirtu Malti, imma mhux għax kien xi awtur brillanti, imma sempliċement għax kien Malti tipiku, mingħajr ma jindaga u jipprova joħroġ mill-gaġġa. (42)

Il-motiv tal-"gaġġa" jimplika r-rumanz *Il-Gaġġa* ta' Sammut li kien l-ewwel xogħol li ppubblika l-Klabb Kotba Maltin fl-1971, dar tal-pubblikazzjoni li rabtet isimha mal-ġenerazzjoni tas-snin sittin, u jissuġġerixxi li warajh kellha tidħol fażi oħra. B'Kilin ippreżentat bħala l-paradimma tal-espressjoni letterarja Romantika u b'Sammut bħala l-esponent implikat tal-era Modernista, il-kontribut ta' Vella Gera nnifsu jista' jidher li qiegħed jikkompleta l-kwadru riduttiv tal-ġrajja letterarja Maltija sakemm Vella Gera jitqies li qed jippreżenta lilu nnifsu bħala rappreżentant tal-kitba letterarja kontemporanja. Ma nafux jekk Vella Gera huwiex tassew interessat fil-kisba ta' status kanoniku li "tinkurunah l-aqwa rumanzier," imqar tal-epoka tiegħu. Il-fatt innifsu li hawn qiegħed juża l-letteratura sabiex jinvestiga l-letteratura huwa indikattiv li għall-inqas jinteressah id-dibattitu kanoniku u kif "l-istudjużi jiġu biex jifirdu l-qamħ mis-sikrana tal-letteratura Maltija" (*Trojan* 133).

Wieħed mill-istudenti tal-letteratura li jiltaqa' mal-protagonista ta' *Trojan* jikkritika bl-aħrax lill-kittieba Maltin tal-bidu tas-seklu 21; il-fehma ta' dal-karattru sekondarju timplika li dawn il-"psewdo-kittieba" kontemporanji mhumiex denji li jingħataw status kanoniku bħalma forsi kien ħaqqhom ta' qabilhom. Ivan jemmen li "aħjar jibdew jiktbu dwar il-futur ta' pajjiżna l-kittieba tagħna, jew il-psewdo-kittieba, ħa ngħid hekk, għax kemm hemm minnhom li verament jistgħu jissejħu kittieba ta' stoffa? Ftit li xejn. Paroli biss . . . Jippużaw jafu, f'xi tnedija jew oħra, taparsi għandhom xi jgħidu, u ħlief is-soltu riċiklaġġ ta' dranaġġ m'għandhomx x'joffru" (*Trojan* 61-62). Il-karattru jimplika li l-kittieba Maltin ma jissodisfawx il-kriterji tal-oriġinalità u tal-innovazzjoni għax qegħdin biss jiktbu dwar l-imgħoddi u jirriproduċu dak li diġà nkiteb; skont Ivan, sabiex tiġi evitata din il-letteratura deskritta bħala "dranaġġ," għandu qabelxejn ikun hemm żvilupp tematiku permezz ta' esplorazzjoni tal-letteratura futuristika. Għal Ivan hemm korrelazzjoni bejn l-iskoperta ta' mergħat letterarji ġodda u l-kwalità, l-"istoffa," tal-kittieba li ma jibżgħux jesperimentaw bil-ġdid flok "jippużaw" ta' kittieba oriġinali fi tnedijiet ta' kotba riċiklati. Vella Gera nnifsu esperimenta b'dan il-ġeneru f'*Żewġ* li ppubblikah sitt snin qabel *Trojan*, madankollu ma kienx l-ewwel wieħed li għamel dan: il-fatt li snin qabel, fl-1981, Żahra diġà kien kiteb *It-8 Kontinent* jiskredita l-osservazzjoni ta' Ivan. Barra minn hekk, fis-seklu 21 kien hemm kittieba Maltin oħrajn li komplew jesploraw dan it-territorju letterarju, bħal John Bonello bir-rumanz *Fil-Mergħat tal-Impossibbli* (2013) u Loranne Vella b'*Rokit* (2017) li ttrattaw it-tema tal-"futur ta' pajjiżna."

Aktarx li argumentazzjoni bħal ta' Ivan għandha konsegwenza serja: ix-xogħlijiet letterarji Maltin tal-imgħoddi kellhom vantaġġ storiku għaliex issawru f'sitwazzjoni ta' vakwu

letterarju u, għaldaqstant dehru innovattivi meta tfaċċaw; mill-banda l-oħra, spiss kienu influwenzati minn xogħlijiet barranin. Dan jimplika li "l-kittieba tagħna" ma jistgħux ikunu "kittieba ta' stoffa" minħabba dan l-ostaklu insormontabbli: aktar ma jgħaddi ż-żmien u aktar ma jinkitbu u jiġu ppubblikati xogħlijiet letterarji, aktar se jkun diffiċli għall-kittieba biex joħorġu bi prodott oriġinali (Vella Gera, *Trojan* 62). Dil-perspettiva tista' ssaħħaħ l-għarfien ta' dak li nkiteb qabel, imma hija wkoll pożizzjoni li tagħlaq il-bieb għal tiġdid jew aġġornament tal-kanonu letterarju. L-idea tal-kanonu bħala "ministru tal-mewt" fiha nnifisha hija idea qerrieda li ma tiġġenerax tiġdid letterarju (Bloom, *Western Canon* 32).

Fis-sittinijiet kienet qamet kontroversja reali, mhux mistħajla bħal dik fil-metaletteratura ta' Vella Gera, li toffri spunti għar-riflessjoni dwar kif tista' tinħoloq averżjoni lejn l-idea ta' kanonu letterarju. L-idea esklussivista ta' poeta nazzjonali uniku u etern qanqlet sentimenti antikanoniċi mhux biss minħabba l-figura ta' Dun Karm iżda wkoll fil-konfront ta' kull min jikkanonizza u jiġi kkanonizzat. Kien hemm min ipproponi li dan it-titlu kanoniku jingħata lil poeti oħrajn, ġest simboliku li effettivament joħloq spazju fil-kanonu letterarju Malti u jagħtih dimensjoni aktar pluralista u demokratika. Friggieri appoġġja din l-idea fl-artiklu "Poeta Nazzjonali wara Dun Karm" li deher fit-22 ta' Marzu 1966. Għall-ewwel, Friggieri, li hawn kellu 19-il sena, jistqarr li ma jrid jimbotta ebda poeta partikolari imma wara ftit toħroġ fid-dieher ix-xewqa tiegħu li jiġi kkanonizzat Vassallo. Friggieri jipproponi li mal-"mibki u QATT minsi, Dun Karm Psaila," Malta jkollha "t-tieni poeta nazzjonali," u f'dal-kuntest jgħid li jrid isaħħaħ "il-fehma ta' dawk li diġà għandhom il-fehma li jingħażel *Karmenu Vassallo*." Dan ma jfissirx, jgħid Friggieri, "li m'għandniex poeti kbar oħra li għamlu isem kbir fil-poeżija Maltija, iżda dan naħseb li jisboqhom" (10).

Għall-bidu, iż-żagħżugħ Friggieri jagħti l-impressjoni li għandu attitudni kanonika miftuħa ferm għaliex irid joħloq dan il-post li jkun jista' jimtela mill-kittieba kollha Maltin, iżda l-għażla tiegħu hija ċara u speċifika ħafna. Madankollu, Friggieri, li jiddefinixxi lilu nnifsu bħala "żagħżugħ li f'qalbu għandu minqux l-isem kbir ta' DUN KARM" u li 'l quddiem kellu jistabbilixxi ruħu fost l-iprem kanonizzaturi letterarji Maltin, appoġġja l-idea li t-titlu ta' poeta nazzjonali ma jingħatax lil persuna waħda biss. Friggieri juża lessiku partikolari relatat mal-identifikazzjoni kanonika bħal, "il-poeta kbir," "ebda poeta ħliefu," "jistħoqqlu," "isem kbir" u "jisboqhom," sabiex jiġġustifika l-għażla ta' Vassallo u x-xewqa tiegħu li jarah ikkanonizzat "wara Dun Karm" ("Poeta" 10). Il-proposta tat-"tieni poeta nazzjonali" tista' tiġi interpretata bħala tentattiv għal twessigħ fil-kanonu letterarju Malti, idea pluralista mwellda fis-sittinijiet li mietet fuq ommha. Il-ħsieb li l-istatus kanoniku (marbut direttament mat-titlu ta' "poeta nazzjonali") ma jkunx ikkapparrat minn persuna waħda jista' madankollu jkun ta' benefiċċju mhux biss għall-kittieba letterarji li jkunu jistgħu jintgħażlu huma wkoll, imma għal-letteratura Maltija inġenerali, għax iservi ta' inċentiv u jista' jqanqal interess ġdid fost il-pubbliku fix-xogħlijiet tal-aqwa kittieba Maltin. Fuq kollox, inizjattiva bħal din tittrażmetti l-idea li d-dibattitu kanoniku Malti huwa ħaj u dinamiku.

Laurent Ropa sejjaħ lil Dun Karm il-"poeta nazzjonali" fl-artiklu tal-1935 "Malta et sa Littérature," u minn dak iż-żmien 'il quddiem Dun Karm baqa' meqjum b'konsensus popolari, u qatt b'għarfien uffiċjali, bħala l-poeta nazzjonali ta' Malta. Issa għaddew aktar minn tmenin sena mill-pubblikazzjoni ta' dak l-artiklu, żmien biżżejjed biex forsi l-impatt letterarju tiegħu, li, fost l-oħrajn, jinvolvi t-tħeġġiġ għall-iskoperta tal-kittieb permezz ta' kitbietu, imut ftit ftit sakemm ma jibqa' jħalli ebda marka fuq il-ġenerazzjonijiet ta' wara u jsir biss klixè kulturali

ieħor. Barra minn hekk, dan it-titlu nazzjonali jista' wkoll ma jingħatax lill-poeti biss. Ġanni Muscat ta' *Trojan* ried jeloġja lir-rumanzier Kilin u forsi ħaddieħor ried jattribwixxi t-titlu nazzjonali lil drammaturgu bħal Ebejer. Il-poplu Malti jista' joħloq monumenti letterarji ħajjin billi jiċċelebra lill-kittieba lokali, jekk jista' jkun meta jkunu għadhom ħajjin. It-titlu "Il-Kittieb Nazzjonali Malti" jista', pereżempju, jingħata kull għaxar snin sabiex l-attenzjoni ma tistaġnax b'mod esklussiv u privileġġat fuq personalità waħda u fl-istess waqt jingħata żmien biżżejjed sabiex il-kanonizzaturi jixtarru sew l-għażliet tagħhom. Madankollu, jista' jagħti l-każ li l-kittieba tal-lum lanqas huma interessati f'titlu b'konnotazzjonijiet li għal uħud huma anakronistiċi; attitudni bħal din hija konsegwenza tal-assoċjazzjoni diretta, u kważi naturali, bejn dan it-titlu u l-personaġġ ta' Dun Karm. L-esklussività tat-titlu tista' tqanqal sens ta' averżjoni lejn dak kollu li għandu x'jaqsam mal-idea ta' "poeta nazzjonali" u ma' era letterarja passata bi pretensjonijiet kbar u kondixxendenti. Sa issa s-suġġeriment li dan it-titlu jingħata ħajja ġdida baqa' qatt ma twettaq, fatt li jseddaq sentiment rassenjat bħal ta' Shaw li jemmen li d-dibattitu kanoniku (għalkemm qalha f'kuntest ieħor) miet qabel twieled (257). Għalissa, it-titlu ta' "poeta nazzjonali" jista' jqanqal sentimenti pessimisti, u x'aktarx antikanoniċi, fost dawk il-kittieba li huma konvinti li ma hemmx wisa' għalihom fil-kanonu letterarju Malti ddominat minn "dan il-Kbir Poeta" (Friggieri, "Poeta" 10).

F'"X'Ifisser Dun Karm Għalija," Victor Fenech ma esprimiex l-istess aptit pluralistiku ta' Friggieri meta ttratta "l-polemika." Fenech kien tal-fehma li l-għoti tat-titlu ta' "poeti nazzjonali" lanqas kien suġġett diskutibbli għax "pajjiż, poeta nazzjonali wieħed jista' jkollu":

> L-għada li miet Dun Karm ktibtlu tislima u poeżija, bl-Ingliż, li dehru fil-paġna kulturali tiegħi f'*The Bulletin* ('The Passing Away of a Poet' 17.10.61). Fix-xhur ta' wara kienet

> qamet polemika dwar min kien se jkun is-suċċessur ta' Dun Karm u ktibt għal darb'oħra f'*The Bulletin* (25.7.62) fejn għedt bla tlaqliq li pajjiż, poeta nazzjonali wieħed jista' jkollu, u dan m'għandux jitħallat mal-idea ta' *poet laureate.* Il-polemika waqfet hemm. (40)

Il-forma uffiċjali ta' kanonizzazzjoni li semma Fenech – dik tal-poeta lawreat – għalkemm kienet u għadha popolari f'xi pajjiżi, qatt ma rabbiet għeruq fil-kuntest Malti. Minkejja li fl-2019 il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ħoloq għall-ewwel darba "l-Premju Poeta Lawreat," dan it-titlu donnu ma qanqalx wisq l-interess tal-poplu jew almenu tal-komunità tal-kittieba. L-uniku kriterju dwar l-għoti ta' dan il-premju li semma l-Kunsill kien wieħed ġeneriku: "jista' jingħata lil dak ir-rebbieħ fil-kategorija tal-Poeżija jekk l-istess persuna tkun fil-passat diġà rebħet il-Premju fi kwalunkwe kategorija oħra" ("Ir-rebbieħa"); għaldaqstant, fil-kuntest Malti dan it-titlu innovattiv sa issa jaqdi biss funzjoni kożmetika u jagħti l-impressjoni li jiskadi malajr peress li jingħata kull sena lil poeta differenti. Il-litote ta' Fenech, li "poeta nazzjonali" mhuwiex "*poet laureate*," tista' paradossalment tqanqal riflessjoni utli: fid-dibattitu kanoniku lokali tista' tiġi diskussa l-idea ta' poeta lawreat Malti. Fenech enfasizza d-distinzjoni bejn dawn iż-żewġ titli mingħajr ma elaboraha; hija distinzjoni li tista' torbot konċettwalment it-titlu ta' "poeta nazzjonali" ma' sens ta' permanenza filwaqt li tittrażmetti l-idea ta' temporalità permezz tat-titlu ta' "poeta lawreat." Distinzjoni oħra tikkonċerna l-element ta' formalità: l-ewwel titlu għandu oriġini popolari filwaqt li t-tieni wieħed jingħata b'mod uffiċjali. L-Ingilterra, it-titlu ta' "poeta lawreat" ifisser pożizzjoni onorarja mogħtija għal perjodu speċifiku mill-monarkija fuq parir tal-Prim Ministru. Carol Ann Duffy, professur tal-

poeżija kontemporanja fl-Università Metropolitana ta' Manchester, kellha dan ir-rwol mill-2009 sal-2019 – l-ewwel poetessa li ngħatat din il-kariga nazzjonali.

Duffy hija wkoll l-ewwel Skoċċiża u l-ewwel persuna LGBT li ntgħażlet bħala poetessa lawreata. Dan it-titlu, kif qiegħed nipproponi hawnhekk għall-kuntest Malti, jingħata kull għaxar snin. Matul l-aħħar sekli, il-ħakma kolonjali Ingliża influwenzat f'diversi oqsma lill-ħajja Maltija, iżda f'dan il-qasam dan ma seħħx għaliex jidher li l-istat Malti qatt ma kkunsidra l-idea bis-serjetà (u mhux kif sar mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb) li joħloq titlu onorarju simili sabiex kull għaxar snin jiġi rikonoxxut kittieb jew kittieba lokali. Titlu bħal dan ma jimplikax li l-poeta magħżul se jkun pupazz f'idejn il-gvern. Duffy, li mal-ewwel għamlitha ċara li se tagħti s-salarju tagħha lill-karità, stqarret li hi ma għandha ebda pressjoni fuqha, la mir-Reġina u lanqas mill-Prim Ministru, biex tikteb poeżiji rjali jew statali. Hi qalet li se tibqa' tikteb il-poeżija awtentika li toffri stampa veritiera tal-ħajja. Jekk dan it-titlu jew "uffiċċju" jidħol f'Malta wkoll, aktarx li fil-komunità letterarja Maltija jkun hemm min jinterpreta mossa bħal din bħala mezz li bih l-istat jipprova jikkontrolla n-narrattiva soċjali u kulturali. Ngħidu aħna, dakinhar tat-tnedija tal-ktieb li ħareġ f'ġieħu, il-Prim Ministru Malti sejjaħ lil Friggieri bħala "persuna tal-istat" ("Oliver Friggieri Huwa 'Persuna tal-Istat'"). Ħatra ambivalenti bħal din tista' tinftiehem bħala forma ta' kanonizzazzjoni riġida bil-possibbiltà li trewwaħ is-sens tal-antikanoniżmu. Iżda jekk jingħażel xi ħadd mhux konvenzjonali bħalma ġara l-Ingilterra b'Duffy, il-ħsus antikanoniċi aktarx ma jitqanqlux; b'dan il-mod, mhux biss il-kitba u l-qari tal-letteratura jingħataw spinta, imma jisseddaq il-valur topiku tal-alterità (Culler, *Excerpts* 187).

Madankollu, aktarx li dejjem se jkun hemm averżjoni lejn titlu kanoniku bħal dan. David Harsent esprima ħsus antikanoniċi fil-konfront tal-kunċett ta' poeta lawreat għax

jemmen li l-Ingliżi jgħaddu tajjeb mingħajr din il-forma ta' kanonizzazzjoni letterarja. F'"There's Nothing Poetic about the Poet Laureate," Harsent jistqarr li l-eżistenza ta' dan ir-rwol uffiċjali tiskomodah. L-idea li l-poeta lawreat irid jaddatta l-poeżija għall-"gosti tal-pubbliku" ddarrsu għaliex il-gosti tal-pubbliku fil-konfront tal-poeżija fil-fatt ma jeżistux. Għal Harsent, il-poeta lawreat għandu żewġ obbligi biss: dak li "juri l-poeżija bħala diffiċli, oskura u eżiġenti daqskemm tassew hi. U mbagħad li jirriżenja." Madankollu, Harsent qiegħed jinjora l-possibbiltà li l-pajjiż ikollu poeta lawreat li mhuwiex faċli li jiġi mmansat. Ġieli ġara hekk fl-Ingilterra stess. Meta fil-bidu tas-sebgħinijiet intgħażel Sir John Betjeman, l-ewwel ħaġa li qal, fuq l-istess linji ta' Duffy, kienet li mhux se jikteb poeżiji dwar l-avvenimenti uffiċjali tal-familja rjali jew tal-Parlament iżda se jibqa' jikteb biss meta jkun tassew ispirat. Skont Denis Barker fl-artiklu, b'titlu li jispjega ħafna, "From the Archive, 11 October 1972: Betjeman Won't Let Poet Laureate Role Change Him," Betjeman ried jibqa' jikteb ukoll dwar dak li jiffrustrah, bħall-problema tal-ispekulaturi tal-art li fi żmienu kienu qegħdin jibnu bl-addoċċ it-torrijiet tal-appartamenti.

Il-każ ta' Imamu Amiri Baraka, li ġie kkanonizzat bħala l-poeta lawreat ta' New Jersey fl-2002, jispjega aħjar dan il-punt. Il-poeta uża l-pjattaforma uffiċjali li tatu din il-kariga statali sabiex isemma aħjar il-versi dissidenti tiegħu. Wara l-attakk terroristiku fuq it-Twin Towers, Baraka qara fil-pubbliku l-poeżija "Somebody Blew Up America?" – poeżija li qajmet irwiefen kbar ta' oppożizzjoni anke mill-entitajiet stess li kienu kkanonizzawh. Primarjament, dil-poeżija ġiet ittimbrata bħala antisemitika, iżda Baraka ddefenda l-pożizzjoni tiegħu (bħala poeta bid-dritt għall-espressjoni artistika libera) u rrifjuta li jirreżenja jew jitlob maħfra. Jeremy Pearce jiddeskrivi kif il-poeżija tant niggżet nies li xi senaturi li indunaw li ma setgħux

jeħilsu minn Baraka bdew kampanja sabiex jabolixxu l-kariga ta' poeta lawreat tal-istat ("When Poetry Seems to Matter"). Ironikament, din il-kariga ngħatat nifs ġdid minħabba l-kontroversja ta' Baraka u l-istess ġralhom il-poeżija u l-funzjoni tal-poeti fil-kuntest tal-ambjent soċjali li jgħammru fih. Għaldaqstant, dawk li huma ppreġudikati kontra kull forma ta' kanonizzazzjoni, jistgħu jevalwaw x'konsegwenzi jista' jkollha kariga bħal dik ta' poeta lawreat meta jingħażel artist bla kompromessi bħal Mifsud li, bħal Duffy, Betjeman jew Baraka, qatt ma qagħad lura milli jittratta temi kontroversjali fil-kitbiet letterarji tiegħu. Iżda l-ironija tal-istorja letterarja Maltija trid li sa issa poeta bħal Immanuel Mifsud jiġi kkanonizzat bħala kittieb tal-Unjoni Ewropea u mhux bħala kittieb jew poeta nazzjonali (jew lawreat) ta' Malta, minkejja li lokalment ingħata għadd ta' premjijiet għal kitbietu. L-għażla ta' Dun Karm bħala l-poeta nazzjonali hija konvenjenti għax huwa l-poeta per eċċellenza tan-nazzjon Malti iżda tħalli lill-poeti Maltin sospiżi f'vakwu soċjali fejn il-funzjonalità tagħhom hija marġinali jew irrilevanti.

Inċidentalment, f'"Immanuel Mifsud's Long Wait," David Schembri jiddeskrivi kif dan il-kittieb ħareġ b'idea li tista' tikkumbatti s-sentimenti negattivi jew indifferenti fil-konfront tal-kanonu letterarju Malti. Skont Mifsud, is-sehem tal-kittieba jista' jisboq dak tal-kanonisti sabiex l-aqwa letteratura tasal għand il-pubbliku u tinqara minnu. Iżda dan jitlob impenn akbar mill-kittieba nfushom: "Qegħdin nieħdu l-poeżija għand in-nies? Billi toħroġ ktieb kull 12-il sena, torganizza tnedija tiegħu u tispera li jitfaċċaw in-nies? . . . Ma nistgħux nistennew li n-nies tibda togħġobhom il-poeżija mix-xejn ... Il-poeti għandhom jersqu lejn in-nies." Schembri jispjega kif Mifsud iwettaq din il-proposta, hawn espressa b'ton ta' twissija fil-konfront tal-kittieba kollegi tiegħu, billi jdur diversi rkejjen ta' Malta "ħalli jagħti udjenza

akbar lil xogħlu" ("Immanuel"). Is-serje ta' inkontri mill-qrib bejn l-awtur u l-pubbliku, intitolata "Aqrali, qaltli" kellha konkorrenza tajba, xhieda li x-xewqa ta' Mifsud li l-aħjar letteratura tasal għand in-nies hija realistika. Minkejja li ma ntgħażilx bħala l-poeta lawreat ta' Malta, il-letteratura ta' Mifsud tqarrbu lejn in-nies. L-inizjattiva personali tiegħu twassal għal riflessjoni intriganti għax f'serata bħal dawk ta' "Aqrali, qaltli," l-idea ta' letteratura potenzjalment kanonika titlaqqa' mal-idea tad-demokratizzazzjoni tal-letteratura. Din hija tlaqqigħa b'valur impliċitu fundamentali fil-kuntest tad-dibattitu kanoniku lokali fejn l-aqwa letteratura ma tistax tibqa' tistenna fuq l-ixkafef. L-inizjattiva tal-kittieba nfushom li joħorġu mill-fosdqa komda tagħhom biex iwasslu direttament kitbiethom għand in-nies jista' jkollha l-konsegwenza li ttejjeb anke l-perċezzjoni tal-pubbliku fil-konfront tal-letteratura Maltija billi saħansitra tipprova tinvolvih fil-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja. Inizjattiva bħal din timmira li toħloq relazzjoni simbjotika bejn il-kittieba u l-qarrejja – it-tnejn jiddependu minn xulxin għax it-tnejn għandhom il-potenzjal li jiddeterminaw il-futur ta' xulxin. Il-qarrejja jittamaw li jarrikkixxu l-esperjenza umana tagħhom bil-qari tal-letteratura pprovduta mill-kittieba filwaqt li s-suċċess tal-kittieba jiddependi minn kemm xogħlijiethom jintlaqgħu tajjeb mill-qarrejja tagħhom.

Fl-2005, Peter Swirski ħareġ bil-kunċett ta' "*nobrow*" jew tal-"letteratura la għolja la baxxa" fil-ktieb tiegħu *From Lowbrow to Nobrow*. Fih ippropona l-eżistenza ta' kategorija ta' kitbiet letterarji li la jaqgħu taħt il-kappa ta' letteratura "għolja" u lanqas taħt dik ta' letteratura "baxxa" (termini li jikkorrispondu għal "*highbrow*" u "*lowbrow literature*") – hija kategorija li tisfida u tiċħad l-idea nnifisha ta' kategorizzar (*From Lowbrow* 10). Ix-xogħlijiet letterarji ta' dan it-tip għandhom il-kwalità speċjali li jħaddnu elementi miż-żewġ

estremitajiet letterarji; skont Swirski, il-kittieba ta' xogħlijiet simili jimmiraw li jolqtu l-gosti "għoljin" u "baxxi" fl-istess ħin. Fil-ktieb tal-2005, huwa jinvestiga xi xogħlijiet letterarji, sabiex juri kif iffurmat din il-kultura intermedjarja matul is-seklu 20. Minkejja li kritiċi bħal John Seabrook qiesu "l-letteratura (u l-kultura) la għolja la baxxa" bħala fenonmenu kontemporanju, Swirski wera, permezz tal-analiżi ta' dawn it-tliet xogħlijiet, li dan il-kunċett kien ilu jitħaddem deċennju sħiħ għalkemm ħadd ma kien għarfu.

Iktar milli pożizzjoni antikanonika, il-kunċett ta' letteratura la għolja la baxxa jseddaq il-perspettiva akanonika għaliex jenfasizza l-irrilevanza tad-dikotomija tradizzjonali bejn letteratura għolja u baxxa għax magħhom qed tiżdied il-letteratura li ma tistax tiġi kkategorizzata, mhux għaliex ma tappartjeni għal ebda kategorija iżda għaliex għandha l-kwalitajiet tat-tnejn imħallta flimkien. Swirski jiddekostruwixxi din id-dikotomija billi jipproponi kategorija li teħodha kontra d-duwaliżmu tal-kategoriji li mdorrijin bih; hija kategorija pragmatika u inklussiva li tagħti dimensjoni ġdida lid-dibattitu kanoniku għax tirrifletti mentalità kontemporanja li ma tfittixx li tgħolli jew tniżżel xogħol letterarju fil-ġerarkija kanonika. It-teorija kritika ta' Swirski, iktar milli timplika attitudni kontra l-idea ta' kanonu letterarju, tittrażmetti idea innovattiva li tista' tieħu post l-idea nnifisha ta' kanonu. Jekk f'kitba letterarja jistgħu jiġu identifikati kwalitajiet letterarji "għoljin" u kwalitajiet letterarji "baxxi," dan ifisser li fattwalment dik il-kitba ma tista' qatt tiġi kkategorizzata skont id-duwaliżmu kanoniku tal-imgħoddi mbiegħed u riċenti. Għaldaqstant, Swirski jipproponi kategorija komprensiva waħda, aktar milli tnejn jew tlieta, li jsejħilha "*artertainment*" li hawn se nirreferi għaliha bil-portmanteau korrispondenti bil-Malti, "divertarti" ("Nowbrow" 29).

Ir-rumanz ewlieni ta' Stagno, *Inbid ta' Kuljum*, jista' jservi ta' mudell letterarju tal-kunċett kulturali tad-divertarti li jitkellem fuqu Swirski. Apparti li fih l-ingredjenti stilistiċi tipiċi ta' rumanz pop, bħal-lingwaġġ kollokjali u s-similitudnijiet krudi intenzjonati biex iqanqlu tbissima, dan ir-rumanz qsajjar fih ukoll elementi narrattivi tal-letteratura għolja. Ir-rumanz leġġer jittratta temi tqal bħall-problemi mentali u t-teħid ta' mediċina antipsikotika, is-sentimenti suwiċidali, u l-iskuntentizza tal-individwu li ma jistax jiffunzjona sew fl-ambjent socjali (kontenut li jkompli jibni fuq it-tradizzjoni Modernista). Imbagħad, in-narratur awtodijeġetiku jġarrab il-peripetea ċentrali tiegħu – il-mument li fih Mandy, il-ħabiba tal-qalb tal-protagonista, tikkommetti suwiċidju, il-mument li fih il-protagonista jistqarr: "Għadni ma nafx eżatt x'jien inħoss għat-telfa tagħha. Għadni sturdut bl-aħbar" (109). L-istadju tal-katastrofi jwassal lin-narratur għal riflessjonijiet essenzjalment eżistenzjali, "Ostja xi dwejjaq. Oħti reġgħet ġabitni f'tiegħi. Ġibditni mill-komma u ndunajt li l-oħrajn kienu sejrin lura d-dar. Il-ħajjin għalihom u l-mejtin għalihom" (115). Siltiet bħal dawn jixhdu li r-rumanz *Inbid ta' Kuljum* ma jistax jiġi kkategorizzat fil-garżella rudimentarja tal-letteratura baxxa.

It-teorija ta' Swirski tista' ssir relevanti fl-analiżi tat-tiswir narrattiv ta' dan ix-xogħol letterarju li nbigħ ħafna fost il-qarrejja Maltin li fil-maġġoranza tagħhom x'aktarx ma stennewx li jsibu fih siltiet li jittrattaw temi bħas-suwiċidju jew il-kriżi ta' tfajla li tinqabad tqila bi żball, episodju li ir-rumanz jissuġġerixxi li serva ta' katalista għat-twettiq tas-suwiċidju. Fih Stagno jħallat l-element tal-letteratura baxxa ma' dawk tal-letteratura għolja biex joħloq letteratura la għolja la baxxa. Għalkemm Stagno mhuwiex il-pijunier ta' dan it-tip ta' lettertura Maltija, ċertament huwa fost il-kittieba Maltin ewlenin li konxjament jipproponiha permezz tax-xogħlijiet letterarji li jipproduċi. Huwa jassumi dik li Swirski jiddeskriviha bħala l-

“pożizzjoni intenzjonata tal-awturi li permezz tagħha jolqtu fl-istess ħin iż-żewġ estremi tal-ispektrum letterarju” (*From Lowbrow* 10). Hija pożizzjoni li seta’ addotta wkoll Ellul Mercer meta ħoloq ir-rumanz tiegħu billi għaqqad elementi tal-letteratura għolja Romantika ma’ elementi ġodda li fi żmienu setgħu faċilment jarawhom bħala forma ta’ letteratura baxxa. Fl-aħħar tat-tletinijiet tas-seklu għoxrin, bir-rumanz *Leli ta’ Ħaż-Żgħir* il-letteratura Maltija kellha xogħol simili għar-rumanz kontemporanju *War With the Newts* ta’ Karel Čapek (1936), li Swirski jippreżentah bħala mudell bikri tal-kunċett tal-letteratura la għolja la baxxa. Inċidentalment, kritiċi bħal Damon Knight qiesu r-rumanz ta’ Čapek bħala “klassiku” filwaqt li oħrajn, skont Brian Attebery, lanqas biss ikkunsidrawh għax “jaqa’” fil-kategorija tal-letteratura fantaxjentifika (“The Magazine” 45). Skont Swirski, ħadd ma għandu jħabbel rasu kif se jikkategorizza dan ir-rumanz u ħemel ta’ rumanzi oħra għax il-kategorija tal-letteratura la għolja la baxxa tilqagħhom fiha għax iħaddnu kwalitajiet letterarji taż-żewġ estremi. Fil-kuntest tad-dibattitu kanoniku, it-teorija ta’ Swirski tevoka attitudni li tqis l-idea tradizzjonali ta’ kanonu letterarju bħala anakronistika għax hija mibnija fuq duwaliżmu riġidu li ma jirrispettax in-natura ibrida ta’ diversi xogħlijiet.

Seabrook ukoll jagħraf il-kategorija, jew nonkategorija, tal-letteratura la għolja la baxxa, madankollu ma jaqbilx ma’ Swirski dwar kif din għandha titqies. Fil-ktieb *Nobrow: the Culture of Marketing, the Marketing of Culture*, ippubblikat fl-2000, Seabrook jippreżenta l-kunċett tal-letteratura la għolja la baxxa bħala forma vulgari ta’ kummerċjalizzazzjoni tal-kultura elitista. Għaldaqstant, Seabrook jiffoka fuq il-fenomenu kulturali li Kolbas isejjaħlu “l-kommodifikazzjoni tal-arti” (55) b’tali mod li jirriduċi l-kritika tiegħu għal waħda negattiva fil-konfront ta’ dawk ix-xogħlijiet letterarji li skont Swirski jikkwalifikaw bħala letteratura la

għolja la baxxa mhux għax huma b'xi mod inferjuri imma għax ilaqqgħu l-elementi tal-letteratura għolja ma' dawk tal-letteratura baxxa.

Għal Swirski hemm differenza bejn letteratura "*middlebrow*" jew "nofsana," li timplika ċ-ċaħda tal-valuri letterarji tal-estremitajiet kanoniċi, u letteratura "*nobrow*" jew "la għolja la baxxa" li tiċċelebra t-taħlit bejn dawn il-kwalitajiet ("Nobrow" 36). Bħalma Van Wyk Brooks inqeda b'*Dun Kixott* bħala prototip tal-letteratura la għolja la baxxa ("Highbrow" 492), fix-xena lokali nemmen li diversi xogħlijiet letterarji, ngħidu aħna bħal dawk ta' Mamo jew Bonnici, jistgħu jinqraw mill-ġdid sabiex tingħaraf din il-kwalità ibrida li jitkellem fuqha Swirski. Jista' jagħti l-każ li anke dawk il-kittieba kontemporanji li ma jridux li xogħlijiethom jinqraw biss minn xi grupp li l-gosti tiegħu huma wisq fl-għoli jew wisq fil-baxx, mhumiex se jiddarrsu jekk xogħlijiethom jitqiesu bħala letteratura la għolja la baxxa. Żahra huwa l-awtur Malti li jista' jeżemplifika sew il-kunċett tal-letteratura la għolja la baxxa fil-kuntest lokali. F'xogħlijietu Żahra spiss iħallat ingredjenti minn dawk li Swirski jsejjaħ "żewġ estremi tal-ispektrum letterarju" (*From Lowbrow* 10), sabiex jagħti lill-qarrejja esperjenza letterarja li tissodisfa kemm in-neċessità ta' plott intriganti, kif ukoll l-aspettattiva tagħhom li jaqraw letteratura estetikament pjaċevoli. Ngħidu aħna, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ikkonferma n-natura la għolja la baxxa ta' *Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Genoveffa* meta fl-2009 ġie ppremjat fit-tieni post fil-kategorija tal-aħjar rumanz jew ġabra ta' novelli għas-sena 2008. Skont il-ġurija kien ħaqqu premju imma mhux l-ewwel post għax ġurija letterarja ssibha diffiċli biex tikkanonizza rumanz bħal dan u tikkategorizzah bħala letteratura għolja, fl-istess waqt, ma tistax tikkalkulah bħala letteratura baxxa. Fuq kollox, rumanz bħal dak ta' Żahra lanqas għandu bżonn ta' kanonizzazzjoni għaliex n-natura letterarja tiegħu la għolja la baxxa lanqas

tant tippermettiha. Gruppetta, il-pubblikatur ewlieni ta' Żahra, isibha wkoll diffiċli biex iqarreb konċettwalment l-idea tal-għoti tal-premjijiet nazzjonali, li spiss jiġu pperċepiti bħala mezz uffiċjali ta' kif tiġi eżaltata l-letteratura "elitista," mal-idea li rumanz jista' jkun letteratura la għolja la baxxa u, għaldaqstant, ikun intrisikament inkompatibbli fl-ambitu tal-premjazzjonijiet letterarji:

> Hemm ukoll diversi membri tal-ġurija li l-manuskritti tagħhom ġew irrifjutati mill-Merlin. Madankollu, aħna m'għandniex idea min huma dawn l-individwi u kien biss meta ftaħt il-ktejjeb waqt il-lejla tal-għoti tal-premjijiet li rajt l-ismijiet. Onestament, li jinkwetani l-aktar mhuwiex li membru tal-ġurija jista' jkun ippreġudikat favur jew kontra tiegħek, għal raġunijiet personali. Dak li jolqotni l-aktar mill-qrib huwa li fil-pubblikazzjoni hemm żewġ tendenzi ta' ħsieb – jew li tkun elitist ħafna jew li temmen fil-kotba li huma popolari. Bla mistħija ta' xejn, nammetti li ma nara xejn ħażin li ktieb ikun popolari, jew 'tal-massa' – b'daqshekk? Sakemm huwa miktub tajjeb u jilħaq lin-nies, speċjalment lit-tfal, il-qari jibqa' dejjem tajjeb. ("The Publishing Wizard")

Minkejja li ma jidentifikax speċifikament l-eżistenza tal-letteratura "*nobrow*," it-ton ta' Gruppetta jikxef ix-xewqa tiegħu li dawk ir-rumanzi li mhumiex rikonoxxuti mill-kanonizzatur "elitist," xorta waħda jiġu rrispettati u jekk jista' jkun ippremjati. Bħal Swirski, huwa jimplika li r-rumanzi "tal-massa" xorta waħda jista' jkollhom kwalitajiet assoċjati mal-letteratura għolja. Dawn l-ingredjenti "popolari" huma l-bażi tal-antiteżi essenzjali li fuqhom tinbena l-letteratura la għolja la baxxa li donnha tgħaddi tajjeb, jew aħjar, mingħajr l-idea tal-kanonizzazzjoni letterarja.

Dawn ir-riflessjonijiet jistgħu jqanqlu lill-kritiku biex ma jiqafx ifittex u janalizza l-valur estetiku tax-xogħlijiet artistiċi tal-kategorija tal-letteratura la għolja la baxxa jew tad-divertarti. Swirski jindaga l-iskoperta riċenti li għamlu esperti mill-kamp tal-mużikoloġija li bnew fuq l-istudji tas-sebgħinijiet li wasslu għall-ħolqien tal-Wundt Curve, il-kurva li tixbah l-ittra "U" bil-maqlub u li turi l-korrelazzjoni bejn l-apprezzament estetiku u l-kumplessità strutturali tax-xogħol artistiku. Għall-ewwel il-gost jiżdied fi qbil mal-kumplessità li qiegħda tiżdied; madankollu, meta l-kumplessità tilħaq il-quċċata, il-gost jibda dejjem nieżel jekk il-kumplessità tiżdied. Fl-2014, ir-riċerkaturi seddqu dak li pproponiet il-Wundt Curve permezz ta' osservazzjonijiet li skont Swirski huma rilevanti għad-dibattitu kanoniku fil-qasam letterarju. Ir-riċerkaturi studjaw mill-qrib il-groove fil-mużika popolari, jiġifieri dik is-sensazzjoni ritmika li jagħti l-mudell ripetittiv preżenti f'kanzunetta, u skoprew li l-maġġoranza tal-individwi li ħadu sehem fl-esperimenti tagħhom ġarrbu livelli ogħla ta' apprezzament meta s-siltiet mużikali kienu jinvolvu t-tlaqqigħ tal-element tal-prevedibbiltà ma' dak tal-varjabbiltà. Dan ifisser li ppreferew din il-formola minn dik bbażata fuq sens qawwi ta' regolarità u sempliċità. Skont Swirski, dan il-bilanċ bejn "il-konvenzjoni u l-invenzjoni" huwa l-formula sigrieta li fuqha hija msejsa d-divertarti (40). Għaldaqstant, xogħol letterarju li fih doża ta' regolarità u fl-istess waqt sens ta' reżistenza għar-regolarità, aktarx li jintlaqa' tajjeb mill-pubbliku. Skont Swirski, il-livelli ta' varjabbilità tal-arti la għolja la baxxa:

> jipprovdu eżatt il-bilanċ xieraq bejn il-prevedibbiltà u l-imprevedibbiltà – bejn il-konvenzjoni u l-invenzjoni. It-tnejn huma meħtieġa fit-taħlita ottimali. Għandu jkun hemm prevedibbiltà biżżejjed biex qabelxejn jiffurmaw l-aspettattivi metriċi u

> biżżejjed varjazzjoni sabiex dawk l-aspettattivi jiġu miksura. Din il-preferenza inkorporata għal livelli mħallta ta' varjabbiltà tidher li hija fundamentali għall-estetika tagħna, peress li tmur id f'id mal-proprjetajiet fundamentali tal-psikoloġija tagħna. ("Nobrow" 41)

Mhux ta' b'xejn li l-kanonizzaturi, bħall-membri tal-ġurija tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, isibuha ferm diffiċli biex jiġġudikaw rumanz li huwa la għoli la baxx, proprju għaliex dan jinkorpora fih elementi kuntrarji. Il-bilanċ bejn il-formazzjoni ta' mudelli regolari u elementi li jiksru l-istess mudelli huwa t-triq medjana tax-xogħlijiet tad-divertarti huwa r-raġuni għala dawn jagħmlu suċċess mal-pubbliku, aktar milli mal-kanonizzaturi li spiss, kif implika Gruppetta, iħaddnu preferenzi letterarji li jxeqilbu lejn il-letteratura elitista. Xogħlijiet bħal *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerki*, *Inbid ta' Kuljum* u *Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa* huma xhieda ta' dan: ebda wieħed qatt ma ngħata l-ewwel premju fil-kategorija tiegħu iżda lkoll ġew apprezzati minn ħafna qarrejja għaliex x'aktarx iħaddnu fihom l-elementi opposti li jitkellem fuqhom Swirski. Għaldaqstant, it-teorija u l-istudji fattwali li ppreżenta Swirski jissuġġerixxu li l-kanonizzazzjoni formali li joffru l-premjazzjonijiet letterarji uffiċjali hija pjuttost irrilevanti għal-letteratura la għolja la baxxa – anzi, iktar hemm riskju li l-idea riġida ta' kanonu letterarju tkun ta' detriment għal xogħlijiet bħal dawn għaliex il-kanonizzazzjoni formali tista' xxekkel il-proċess naturali li bih il-qarrejja jidentifikaw waħedhom dawk il-kwalitajiet ta' konformità u diformità li jikkontribwixxu għall-bilanċ li r-riċerkaturi kkwotati minn Swirski wrew li huma innati fina minn ewl id-dinja ("Nobrow" 45).

2.4 Konklużjoni

Fil-kuntest internazzjonali tad-djalettika dwar l-idea tal-kanonu letterarju diversi ilħna jesprimu d-dissens tagħhom fil-konfront tal-valuri kanoniċi peress li skonthom dawn jitfasslu minn min irid jikkonforma mal-ideali tal-klassi politikament dominanti u soċjalment privileġġata. Il-perspettiva antikanonika ta' teoristi bħal Gramsci, li Bloom isejħilha "l-Iskola tar-Riżentiment," għandha t-tendenza li tirriduċi l-kanonu letterarju għal mekkaniżmu oppressiv tal-Punent mingħajr ebda validità universali. Skont l-antikanonisti l-idea ta' kanonu letterarju hija konċettwalment esklussivista għax qabelxejn hija imbuttata mill-klassi elitista. Għaldaqstant, minħabba l-assoċjazzjoni tal-kanonu letterarju mal-kunċetti ta' manipulazzjoni u ta' propaganda, l-antikanonisti spiss jiżvalutaw is-supremazija u l-oriġinalità tal-kittieba meqjusa kanoniċi. Barra minn hekk, ir-ripressjoni tad-dimensjoni estetika tax-xogħlijiet kanoniċi twassal biex l-hekk imsejħa "Riżentimentalisti" jaraw kif minflokhom jippromwovu xogħlijiet letterarjament inferjuri imma soċjalment aktar rappreżentattivi.

Fil-qalba tagħhom teoristi bħal Kermode mhumiex antikanoniċi fl-approċċ tagħhom imma xorta jammettu li l-kanonu letterarju huwa mekkaniżmu strateġiku li permezz tiegħu s-soċjetà tmantni l-interessi tagħha għax bih tikkontrolla u tistabbilixxi liema testi jitqiesu bħala kulturalment validi u essenzjali. Mill-banda l-oħra, l-apoloġisti tal-kanonu letterarju bħal Bloom u Gass jikkundannaw kategorikament is-sentiment Anti-Fondazzjonalista li intenzjonalment iwarrab ix-xogħlijiet letterarji meqjusa bħala kanoniċi bl-iskuża li dawn jitqiesu bħala kawża ta' inġustizzji dinjija.

Diversi teoristi letterarji kontemporanji baqgħu jaddottaw il-kunċett tal-eġemonija żviluppat minn Gramsci biex jispjegaw kif grupp soċjalment dominanti kontinwament jipprova jirbaħ il-kunsens ta' gruppi subordinati permezz tal-impożizzjoni tal-valuri tiegħu. Fil-kuntest letterarju din l-impożizzjoni inevitabbilment twassal għall-ħolqien tal-agon Bloomjan bejn ix-xogħlijiet letterarji nfushom li jissieltu għar-rikonoxximent min-naħa tal-qarrejja u tal-kritiċi. Spiss dan l-agon iwassal għall-ekwilibrju Gramscijan tal-kompromess jew konsensus li jinvolvi negozjar bejn il-grupp dominanti u l-gruppi subordinati. Għaldaqstant, iktar milli impożizzjoni minn fuq, jew sottomissjoni minn taħt, l-eġemonija tista' twassal għal sens ta' bilanċ. Minkejja li skont l-ottika Gramscijana, il-kitbiet kanoniċi għandhom jitwarrbu, din il-perspettiva Xellugija mhijiex bilfors negattiva kif pinġieha Bloom li pprefera d-dominju totali tat-tradizzjoni eġemonika. Gramsci emmen li t-tradizzjoni, anke jekk għall-ġid tas-sopravivenza tagħha stess, jeħtieġ li tasal għall-kompromess utilitarju bejn l-element ta' reżistenza u dak tal-inkorporazzjoni. Din il-viżjoni toqrob lejn l-attitudni ewlenija li naddotta u li nissuġġerixxi f'dan l-istudju.

L-analiżi letterarja ta' xi xogħlijiet partikolari wasslitni wkoll għal riflessjonijiet pertinenti għad-djalettika dwar il-kanonu letterarju. It-testi letterarji Maltin infushom ġieli servew bħala kumment kritiku dwar l-inġustizzji li jseħħu fil-proċess lokali ta' kanonizzazzjoni letterarja li jippermetti li xi individwi jiġu kkanonizzati minħabba l-istatus soċjali tagħhom iktar milli minħabba l-valur letterarju ta' xogħlijiethom. Dawn huma osservazzjonijiet li jikkonkretizzaw kemm l-agon li jsemmi Bloom u kemm l-eġemonija li jsemmi Gramsci. F'dan il-kapitlu qist ukoll is-suġġettività tal-premjazzjonijiet letterarji bħala forma istituzzjonali immedjata ta' kanonizzazzjoni li tista' timmina l-validità tal-idea tal-kanonu letterarju

minħabba l-influwenzi diretti li jkollhom il-membri tal-ġurija, speċjalment f'ambjent soċjali żgħir bħal dak Malti.

Il-proposti antikanoniċi jista' jkollhom konsegwenzi inkwetanti għax joħolqu vojt li jista' jimtela malajr minn kanonu improvizzat li jseddaq il-kommodifikazzjoni tal-letteratura bir-riskju li tiċċajpar il-valorizzazzjoni estetika tax-xogħlijiet u l-oġġettività tal-kritika letterarja. Meta l-kanonizzaturi tradizzjonali ma jingħatawx aktar widen, tinbet l-opportunità li jfaqqsu forom oħrajn ta' gwida li l-interessi tagħhom mhumiex strettament letterarji. Għalhekk ikollna nagħżlu bejn kanonu letterarju li jipprova jaġixxi ta' gwida letterarja kemm jista' jkun imparzjali (minkejja li ħafna jaħsbu li l-eżistenza ta' tali kanonu hija improbabbli jew saħansitra impossibbli) u kanonu letterarju opportunista li l-għan ewlieni tiegħu huwa li jaqdi l-interessi materjali u immedjati tal-ftit.

Matul dan il-kapitlu ppruvajt nirreġistra xi mumenti fejn inħass is-sentiment antikanoniku lokali. Flejt ukoll il-ħsieb ta' min telaq mill-premessa li l-letteratura Maltija kontemporanja ma għandhiex pedament ta' tradizzjoni fuq xiex tinbena. Din il-perspettiva ġiet ipperċepita bħala attwalizzazzjoni tal-ansjetà Edipika tal-kittieba tal-mument li jippruvaw iwarrbu d-dominju u jiċħdu l-influwenza tal-kittieba predeċessuri kkanonizzati. Ironikament, il-kumpless ta' superjorità tal-esponenti ta' din il-perspettiva jista' jitqies bħala riżultat tal-fatt li l-kittieba tal-preżent setgħu jibnu fuq dak li ġie qabilhom biex joħolqu saff letterarju ġdid. Il-moviment antikanoniku lokali jista' jwassal għat-twarrib ta' xogħlijiet letterarjament validi imma miktuba fil-passat biex jeżalta xogħlijiet miktuba fil-preżent li f'għajnejh huma aktar aġġornati. Hawnhekk tidħol il-validità funzjonali tal-idea ta' proċess kanoniku li jfittex bilanċ bejn l-apprezzament tal-element tradizzjonali u dak tal-element innovattiv bl-għan

aħħari li jservi ta' gwida kemm jista' jkun diżinteressata għall-qarrejja. Kien hemm mument meta anke esponenti li jappartjenu għall-era Post-Modernista fix-xena lokali wrew ix-xewqa għal sens ta' bilanċ u ta' kontinwità li jwassal biex il-kittieba kontemporanji jsejsu l-kontribut fuq dak li nkiteb qabilhom bit-tama li jirnexxilhom joħolqu l-ġdid u jkomplu jiktbu l-istorja letterarja ta' Malta.

F'dan il-kapitlu ddokumentajt kif ir-reazzjoni antagonista tal-kittieba tal-mument xi drabi ma tkunx attakk dirett fuq il-predeċessuri tagħhom jew xogħlijiethom imma fuq il-proċess tal-kanonizzazzjoni li jista' faċilment ikun inġust. Xi drabi dawk li jieħdu sehem f'dan it-tip ta' kunflitt tkun tinteressahom aktar il-fama milli li jiddiskutu kunċetti bħal-letterarjetà u l-kriterji li jiddefinuha. Ħassieba bħal Shaw jemmnu li tendenzi negattivi bħal dawn jistgħu jwasslu għat-tixjin tad-dibattitu kanoniku ġenwin. Il-problematika ta' tali dibattitu taf issir aktar kumplessa meta l-forzi politiċi lokali jindaħlu direttament fil-proċess tal-kanonizzazzjoni permezz tal-approprjazzjoni ta' dik il-letteratura li kapaċi taqdi l-aġenda tagħhom. L-imbuttatura inġusta li jirċievu dawn ix-xogħlijiet ippolitiċizzati ssir askapitu ta' xogħlijiet letterarjament validi. L-approprjazzjoni strumentalizzata tal-letteratura Maltija kienet fattur ieħor li seddaq l-isfiduċja ta' xi wħud fil-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja fix-xena lokali.

Is-sentimenti antikanoniċi lokali komplew jitqanqlu wkoll minħabba l-idea ta' poeta nazzjonali uniku u etern; l-antagoniżmu min-naħa ta' xi esponenti tal-Moderniżmu Malti ma kienx biss fil-konfront ta' Dun Karm innifsu li jippersonifika din l-idea esklussivista imma kien ukoll fil-konfront tal-proċess li wassal għal din il-forma ta' kanonizzazzjoni. Waqt din il-polemika speċifika kien hemm min ippropona li dan it-titlu jingħata lil kittieba oħrajn b'tali mod li l-kanonu letterarju Malti jieħu xeħta aktar pluralista u demokratika. Hawn ipproponejt

ukoll l-idea ta' poeta lawreat Malti li tista' tarrikkixxi d-dibattitu kanoniku u fl-istess ħin taqdi l-funzjoni neċessarja li tqanqal l-interess tal-pubbliku fil-letteratura lokali. Mifsud, kittieb kontemporanju li jista' jitqies bħala kanoniku, ħareġ bl-idea li jieħu l-kitbiet tiegħu għand in-nies – inizjattiva bħal din proprju tista' tikkumbatti s-sentimenti negattivi jew ta' indifferenza fil-konfront tal-letteratura li xi drabi tiġi ppremjata mill-ġuriji letterarji imma li qajla tinteraġixxi direttament mal-pubbliku.

Il-proposta ta' Swirski bil-kunċett tad-divertarti, jew tal-letteratura la għolja la baxxa, seddqet ukoll id-dibattitu kanoniku internazzjonali peress li qajmet kuxjenza dwar l-eżistenza ta' kategorija ta' ħemel ta' kitbiet letterarji li mhux faċli jiġu kkategorizzati; din hija kategorija li ironikament tmur kontra l-idea nnifisha ta' kategorizzar. Il-pożizzjoni innovattiva ta' Swirski, aktar milli antikanonika, hija waħda akanonika għax teħodha kontra l-ġerarkija kanonika tradizzjonali msejsa fuq l-ikkategorizzar duwalistiku li jagħraf l-eżistenza tal-letteratura għolja u tal-letteratura baxxa. Għaldaqstant, il-perspettiva ta' Swirski, bħal diversi oħrajn diskussi f'dan il-kapitlu, toffrilna l-opportunità li anki f'Malta nwessgħu l-viżjoni tagħna fil-konfront tal-idea tal-kanonu letterarju. Il-preżenza ta' letteratura li kulma jmur qiegħda tinkorpora fiha elementi letterarji kuntrarji li joħolqu bilanċ bejn il-ħarsien ta' mudelli regolari u elementi li jiksru dawn il-mudelli, qiegħda titlob ridimensjonament tal-kunċett tal-kanonu letterarju u tal-validità funzjonali tiegħu. It-triq tan-nofs magħżula mill-kittieba tax-xogħlijiet tad-divertarti tista' tkun spunt għall-ħolqien ta' kanonu letterarju sensittiv ukoll għall-preferenzi mhux elitisti tal-ħafna. Jista' jkun ukoll li jekk il-kunċett tal-kanonu letterarju jinfatam minn din id-direzzjoni, id-djalettika nnifisha dwar il-proċess tal-kanonizzazzjoni tissogra li ssir irrilevanti.

3. Il-Kanonu mill-Ottika Femminista

3.1 Il-Preżenza Femminili fil-Kanonu

Fl-2017 ġie ppubblikat il-ktieb ta' rakkonti *Good Night Stories for Rebel Girls* bl-intenzjoni li jpatti ftit għall-iżbilanċ perenni fil-letteratura tat-tfal favur il-protagonisti maskili. Il-fatt li kellhom ikunu żewġ awturi nisa biex jagħmlu dan huwa indikattiv ta' kemm l-isforz għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri ħafna drabi jrid isir mis-"sess oppost" jew mit-"tieni sess," kif jismu l-ktieb ta' Simone de Beauvoir (*Le Deuxième Sexe*) li huwa wieħed mit-testi ewlenin tal-Femminiżmu. Dan qed iseħħ f'Malta wkoll kif se nuri f'dan il-kapitlu fejn se nesplora l-isforz parallel ta' xi kittieba kontemporanji Maltin. *Good Night Stories for Rebel Girls* huwa antoloġija li tippreżenta mitt rakkont ta' mitt mara li eżistew tassew u li l-eżempju tagħhom seddaq il-ħtieġa tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma kollha tal-ħajja. Bil-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb, il-koawturi Elena Favilli u Francesca Cavallo riedu qabelxejn juru li minkejja li qegħdin fis-seklu 21, l-impenn Femminista, li skont analisti tal-Femminiżmu bħal Elizabeth Evans jinsab fit-tielet fażi jew "mewġa" tiegħu (kif jixhed it-titlu tal-ktieb tagħha *The Politics of Third Wave Feminisms*), għadu rilevanti u għadu jaħdem biex il-mara ssir ukoll protagonista fil-letteratura. Favilli tisħaq: "Jekk kulma jaqraw it-tfal ikun dwar prinċipessi li qed jistennew li jiġu salvati minn prinċep, il-messaġġ li jitgħallmu huwa li n-nisa mhumiex ta' valur daqs l-irġiel – li aħna m'aħniex ugwali." Favilli tilmenta wkoll li l-"l-kotba tat-tfal ma nbidlux minn mindu konna tfal aħna – l-irġiel għadhom il-protagonisti u n-nisa għadhom il-

prinċipessi" (f'Rannard, "The Anti-princess"). Dan l-iżbilanċ abbażi ta' ġeneru ma jinħassx biss fil-kontenut letterarju imma għadu attiv fil-kuntest tad-djalettika dwar il-kanonu letterarju.

Evidentement, il-ġlieda tal-kittieba nisa kontra l-isterjotipi antiki u antikwati tal-kanoni letterarji tradizzjonali madwar id-dinja kienet u għadha ġlieda meħtieġa. Georgina Rannard issemmi kif fl-2011, ħames soċjologi fl-Università ta' Florida skoprew li minn 5,618 ktieb tat-tfal li twieldu bejn l-1900 u l-2000, 31% biss kellhom protagonisti femminili ("The Anti-princess"). L-iżbilanċ tal-ġeneru, kif mistenni, jinħass ukoll fil-letteratura kanonika Maltija, bir-rumanzi storiċi bħala l-iprem eżempji ta' letteratura li saħħet l-isterjotipi li tkellmu fuqhom Favilli u Cavallo. Dan wassal biex, inkonxjament, il-kanonizzazzjoni tal-aqwa xogħlijiet Maltin kompliet issostni d-diskrepanza lokali bejn is-sessi, b'tali mod li mhux biss twarrbet l-idea li l-mara tista' tkun protagonista f'xogħol letterarju imma wkoll li l-mara ma kinitx idonea biex hi nnifisha tipproduċih. Għalhekk mhuwiex sorprendenti li r-rumanziera storiċi kienu kollha rġiel li tkellmu dwar l-irġiel. Id-diversi eroj Maltin li Muscat Azzopardi eloġja fir-rumanzetti tiegħu, kienu kollha maskili, kif jixhdu l-ismijiet tar-rumanzetti nfushom: *Toni Bajjada* (1878), *Mattew Callus* (1878), *Vicu Mason* (1881), *Ċejlu Tonna* (1886), *Ċensu Barbara* (1893), u *Nazju Ellul* (1909); l-eċċezzjoni huwa *Susanna* (1883) li, f'kuntrast mal-bqija, jippreżenta tfajla li hija l-vittma u mhux l-eroj. L-istess kienu l-maġġorparti tal-protagonisti ta' Ġużè Galea, Ġużè Aquilina, Agostino Levanzin, Ninu Cremona u l-bqija. Il-mumenti rari meta dehru karattri nisa eponimiċi, qatt ma wasslu għal karatterizzazzjoni b'saħħitha, kif jidher fir-rumanz *Ineż Farruġ* (1889) ta' Anton Manwel Caruana jew fid-dramm storiku *Katarina* (1839) ta' Luigi Rosato. Wara r-rumanziera tal-era Romantika Maltija ġew is-

Soċjo-Realisti, bħal Ġużè Chetcuti, Ġużè Orlando, Ġużè Ellul Mercer u Ġużè Bonnici, li minkejja d-diverġenzi stilistiċi u tematiċi bejn kitbiethom, għamlu essenzjalment l-istess.

Iżda l-akbar diżappunt li offriet l-istorja riċenti tal-letteratura Maltija f'dan il-konfront inħass mal-miġja tal-hekk imsejħa rumanziera Modernisti li reġgħu kienu kważi kollha rġiel, għajr għal Rena Balzan u għal Lina Brockdorff fit-tieni fażi tan-narrattiva Modernista u Doreen Micallef u Lillian Sciberras fil-poeżija. L-irġiel kitbu dwar l-irġiel, anke fl-aqwa istanti tal-"qawmien" letterarju Malti. Hekk, il-Modernisti naqsu milli jaqraw is-sinjali ta' żmienhom u ma rnexxilhomx jaħtfu l-opportunità biex joħolqu protagonisti femminili u jagħtu risposta lir-Romantiċi. Ebejer biss jista' jitqies bħala l-eċċezzjoni f'dan il-vakwu tal-preżenza femminili fil-letteratura Modernista; Ebejer ipprova jmur kontra din it-tendenza billi ħoloq karattri femminili b'saħħithom bħal Tereża fid-dramm *Menz* (1967), bħal Marion u Rita fid-dramm *Il-Ħadd fuq il-Bejt* (1971) jew bħal Ružann u Marija fir-rumanz *Il-Ħarsa ta' Ružann* (1985). Joseph Borg jinnota li Ebejer beda l-karriera tiegħu bħala novellier meta fl-1953 għażel li jippubblika novella fil-*Woman's Own*, rivista popolari li ilha toħroġ mill-1932 l-aktar għal qarrejja femminili – għażla li mhux bilfors intlaqgħet bla riżervi fis-soċjetà maskilista ta' żmienu. Fl-istess bijografija, Borg jenfasizza l-karatterizzazzjoni femminili ta' Ebejer:

> Ebejer juża l-mara bħala simbolu tal-fertilità, b'mod speċjali l-mara tradizzjonali Maltija li, għal Ebejer, hija simbolu tal-ġabra, ta' min jaħdem b'mod altruwistiku mingħajr kundizzjonijiet. Din il-mara Maltija, li l-figura tagħha tidher ta' sikwit fix-xogħol tiegħu, toffri kuntrast qawwi mal-figuri femminili l-oħra, li jidhru fid-drammi tiegħu. Hemm, pereżempju, il-mara isterika li tirrappreżenta lill-klassi 'artifiċjali' u li tipprova ċċekken il-figura tar-raġel. ("Francis Ebejer")

Il-karatterizzazzjoni Ebejerjana toxxilla bejn ir-rappreżentazzjoni Romantika u dik partikolari maħluqa mill-awtur; fuq kollox, hija karatterizzazzjoni li mhux talli ma ttaħħatx lill-figura femminili, talli kontinwament, donnha reliġjożament, tagħtiha prominenza.

Id-disparità bejn is-sessi ma nħassitx biss fil-qasam tal-letteratura. Fil-filosofija, il-qasam influwenti u li spiss mexa dijakronikament id f'id mal-letteratura, jinħass li l-għeruq tal-inugwaljanza sesswali huma fondi wkoll. Mhux ta' b'xejn li Janet Kourany, f'*Philosophy in a Different Voice*, opponiet il-lista ta' kitbiet fil-kurrikulu ppreżentat lill-istudenti tal-filosofija minħabba l-ħsara probabbli li jista' jagħmel it-tixrid tal-ideat maskilisti ta' filosofi rinomati bħal Aristotli, Tumas ta' Akwinu, Kant u Nietzsche. Aristotli mhux biss stqarr li n-nisa huma bijoloġikment inferjuri għall-irġiel imma li huma saħansitra "rġiel magħmulin ħażin," bnedmin defiċjenti donnhom ewnukki (*Il-Politika*). Waqt li fl-irġiel il-parti razzjonali tar-ruħ tiddomina, b'mod naturali, fuq il-parti irrazzjonali, in-nisa konxjament iħallu l-parti irrazzjonali tirbaħ fuq dik razzjonali. Għalhekk, Aristotli emmen li n-nisa għandhom jitmexxew mill-irġiel. Tumas ta' Akwinu kien aktar negattiv. F'diversi partijiet tas-*Summa Theologiae*, Akwinu spjega kif id-dgħufija femminili twassal għal suxxettibbiltà akbar għad-dnub (kif jidher fil-fatt li kienet Eva li waqqgħet lil Adam fid-dnub), kif in-nisa huma inferjuri moralment, fiżikament u intellettwalment (George). Il-mara nħolqot għal skop uniku: biex taqdi lir-raġel billi tiled u trabbi t-tfal. L-attitudni antifemminili kienet qawwija wkoll fit-tagħlim ta' Kant u Nietzsche. Kant saħaq li l-mara hija t-tlaħħim tal-idea tal-ġmiel filwaqt li n-natura tar-raġel hija nobbli u sublima. Dan jimplika li n-nisa mhumiex kompetenti daqs l-irġiel, u ma jistgħux jirriflettu, jifhmu, jistudjaw u jaħsbu bħalhom; l-uniku virtù tan-nisa huwa dak tas-sbuħija. Mhux ta' b'xejn li Kant jitiqies bħala l-filosfu morali modern li jopponi l-aktar il-Femministi (Hermann

54). Nietzsche qies lill-mara bħala stupida, nieqsa mill-gost u insensittiva għall-verità, u li tinteressaha biss is-sbuħija; skontu, hija essri ppredestinat biex jaqdi, il-mara tkun qiegħda taqdi dmirha biss meta tiled ulied b'saħħithom (Hatab 333).

Perspettivi bħal dawn, li mill-filosofija inevitabbilment infilsaw irwieħhom fil-letteratura, wasslu lil Showalter biex tiddubita l-validità tal-kanonu stabbilit, fid-dieher l-aktar fis-sillabi tal-iskejjel, li sa minn ewl id-dinja ffavorixxa lill-kittieba maskili. Showalter tistqarr li "r-raġuni ewlenija li n-nisa ma jidhrux fl-istorja letterarja Amerikana hija għaliex ma kinux huma li kitbuha" ("The Female Frontier"). Showalter temmen, f'kuntrast mal-opinjoni ta' xi awturi nisa Maltin bħal Clare Azzopardi li se nanalizza aktar 'il quddiem, li l-formazzjoni u l-għarfien ta' kanonu letterarju f'pajjiż huma fatturi essenzjali. Fil-konklużjoni ta' *A Jury of Her Peers*, Showalter tistqarr li "neħtieġu storja letterarja, ġudizzji kritiċi, u saħansitra kanonu letterarju, bħala pass neċessarju biex tisseddaq b'mod sħiħ il-kitba tan-nisa (512)." Għaldaqstant, hawnhekk il-Femminiżmu ta' Showalter jidher li mhuwiex qed jippreżenta ruħu bħala moviment antikanoniku. Iżda jekk nixtarru d-diskors ta' Showalter fl-intervista li għamlilha Jeffrey Williams fl-2011, il-pożizzjoni tagħha fil-konfront tal-kanonu letterarju tidher ambigwa, l-aktar għax tiddeskrivi l-letteratura femminili bħala "sottokultura f'minoranza" (362). L-implikazzjoni hija li l-kitbiet ta' awturi nisa qatt ma jistgħu jitħalltu ma' dawk ta' awturi rġiel, mingħajr il-konsiderazzjoni tal-ġens ta' min kitibhom. Showalter tistmerr il-kanonu "tal-irġiel," iżda fl-istess nifs trid toħloq kanonu alternattiv – qisu meta rivoluzzjonarju jqum kontra d-dittatur u meta jwarrbu, isir dittatur bħalu.

B'dan il-mod Showalter qiegħda twaqqa' inkonxjament il-ġebla fuq saqajha billi tikkonsolida s-segregazzjoni bejn is-sessi tad-dinja letterarja u tkompli tafferma li l-kanonu

letterarju stabbilit mit-tradizzjoni jappartjeni, donnu b'xi dritt divin, lill-irġiel – wara kollox, il-kelma "kanonu" nnifisha timplika d-divinità kif użata fil-kuntest tal-Kotba Mqaddsa li, apparti li huma attribwiti lill-kittieba rġiel, jiffurmaw parti mill-kanonu bibliku proprju għax huma ispirati divinament. Il-fatt li ħolqot kanonu ġdid li jiġbor fih kitbiet ħerġin mill-pinna ta' kittieba nisa jevoka l-idea inkonxja li dawn il-kitbiet, għal xi raġuni infondata, għax ibbażata biss fuq l-inġustizzja sesswali, huma inferjuri u għalhekk għandhom jinġabru f'kanonu apposta jew kanonu għalih.

Il-ktieb innifsu ta' Showalter, *A Jury of Her Peers*, huwa tentattiv konkret ta' ħolqien ta' kanonu ġdid li jiffavorixxi lill-kittieba nisa bir-riskju ironiku li jerġa' jipproponi kanonu suġġettiv u li ma jirrrappreżentax b'mod ġust ir-realtà letterarja fl-Amerika. Il-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb fl-2009 wasslet biex Showalter issir l-ewwel kanonizzattriċi li rnexxielha tiġbor flimkien aktar minn 250 kittieba Amerikana tal-perjodu bejn l-1650 u l-2000. F'din il-ġabra ma ġewx ikkanonizzati biss awturi nisa magħrufin bħal Harriet Beecher Stowe, Gwendolyn Brooks, Willa Cather, Flannery O'Connor, Grace Paley, Dorothy Parker, Jodi Picoult, u Toni Morrison, imma anke kittieba inqas popolari, għax għamlu suċċess b'xogħol wieħed u wara ntesew, bħal Catherine Sedgwick u Susan Glaspell. Dan l-isforz konxju fil-bidu tas-seklu 21 sabiex il-kittieba nisa jingħataw spazju f'xena letterarja maħkuma minn ideoloġija maskilista sar bit-tama li l-kontribut tal-kittieba nisa, dawk magħrufin diġà u dawk li baqgħu jitħallew barra mill-kanonu letterarju Amerikan, jingħaraf u jingħata r-rikonoxximent mistħoqq. Madankollu, jibqa' diskutibbli kemm jista' kanonu "artifiċjali" ta' din ix-xorta verament jgħin lill-kittieba nisa.

Meta Kathryn Stockton kienet qed tiddeskrivi l-hekk imsejħa “benefiċċji” ta’ antoloġija, simili għal dik li ħolqot Showalter, intitolata *The Norton Anthology of Literature by Women* (miġbura minn Sandra Gilbert u Susan Gubar), ikkummentat hekk:

> Bħalma din l-antoloġija tqieset bħala espożizzjoni vasta tal-letteratura ta’ ħafna nisa ta’ kull tip – ‘is-suwed, ir-reġjonali, il-leżbjani, il-klassi tal-ħaddiema, u l-indiġeni Amerikani,’ kif spjegaw l-edituri – u bħalma faħħruha xi Femministi bħala kontribut validu, daqstantieħor kien hemm Femministi li din l-antoloġija rawha bħala żieda sfaċċata. Ladarba ġiet ippreżentata bħala antoloġija separata iżda ugwali, xi wħud rawha bħala ghetto għall-kitba tan-nisa u bħala xogħol li fih innifsu jaħfirha lill-antoloġiji ‘standard’ għan-negliġenza tagħhom fil-konfront tal-awturi nisa minflok ma jikkontesta s-suppożizzjonijiet li jagħmlu l-antoloġiji standard bħala tali. Forsi aktar importanti minn hekk huwa li din l-antoloġija kkawżat il-ħolqien ta’ sett ġdid ta' testi aċċettati u aċċettabbli b’tali mod li l-bażi għall-kanonizzazzjoni kompliet tiċċajpar. (“Developing a Counter-Canon”)

Din hija evidenza oħra li l-antoloġiji esklussivament femminili jistgħu jkunu aktar ta’ ħsara milli ta’ ġid għaliex indirettament ikomplu jsaħħu l-istatus quo tal-kittieba rġiel filwaqt li jagħlqu f’kategorija soffokanti lill-kittieba nisa. Minkejja dan, għal Showalter il-formazzjoni u l-għarfien ta’ kanonu letterarju ta’ din ix-xorta jibqgħu fatturi essenzjali sabiex tingħata attenzjoni ġusta lill-kitbiet ta’ awturi nisa. Femministi prominenti oħra ma qablux ma’ Showalter; Toril Moi saħansitra tinsinwa li l-perspettiva ta’ Showalter hija biss eżempju ta’ Umaniżmu liberali peress li Showalter ippruvat tirriforma l-kanonu billi tibbażah b’mod esklussiv u simplistiku fuq il-kontribut tal-kittieba nisa. Moi tikkritika t-tendenza Amerikana li

tippromwovi l-kwalitajiet essenzjali tan-nisa, żball li l-Femministi Franċiżi riedu jevitaw. F'*Sexual/Textual Politics*, Moi tesprimi t-twemmin tagħha fil-Post-Strutturaliżmu bħala moviment li huwa superjuri għall-Umaniżmu Femminist; hija temmen li l-estetika Femminista li tivvalorizza oġġettivament lix-xogħlijiet letterarji qiegħda tixxekkel minħabba l-influss detrimentali tal-ħafna kittieba nisa li kritiċi bħal Showalter u s-segwaċi tagħha qegħdin jippromwovu mingħajr ma jagħtu prijorità lill-valur letterarju ta' xogħolhom (Nell 116).

Janet Montefiore tipprova toffri ottika oġġettiva fid-djalettika tal-kanonu letterarju f'relazzjoni mal-kittieba nisa. Fil-ktieb tagħha *Feminism and Poetry*, test fundamentali għall-kritika letterarja Femminista, Montefiore tibbaża l-argumentazzjoni tagħha fuq l-idea li n-nisa, kemm bħala kittieba u kemm fejn tidħol tematika bbażata fuq l-esperjenza femminili, ma għandhomx jiġu kkategorizzati fi grupp distint jew "ghetto," kif sejħitlu Stockton ("Developing a Counter-Canon"). Montefiore tmur ukoll kontra l-Femminiżmu Amerikan, inkluż dak ta' Showalter, li ried joħloq kanonu femminili bbażat fuq l-esperjenza kollettiva tan-nisa b'enfasi fuq ir-reazzjoni tagħhom mat-tradizzjoni poetika maskilista. L-espressjoni letterarja tal-kittieba nisa ma teżistix biss bħala reazzjoni għal dik tal-kittieba rġiel. Montefiore temmen li l-kittieba nisa, bħall-Femminiżmu, ma għandhomx sempliċiment jirreaġixxu. Jekk il-kittieba nisa jridu jiksbu l-attenzjoni mistħoqqa, dan iridu jagħmluh billi jikkompetu fl-istess kanonu tradizzjonalment iddominat mill-irġiel. Iċ-ċaħda surreali tal-eżistenza ta' kanonu maskili (imqar jekk inkonxju) ta' pajjiż, ngħidu aħna, ta' Malta, jew il-ħolqien ta' kanonu letterarju femminili, mhumiex itinerarji li se jwasslu għat-twettiq ta' dan il-għan. L-attitudni antikanonika tista' tkun l-eħfef imma l-agħar soluzzjoni għax timplika ammissjoni ta' telfa. Daqskemm ikun ta' benefiċċju li titwarrab l-attitudni antikanonika,

daqstant ieħor ikun ta' ġid għall-kittieba nisa li jfarfru minn fuqhom il-piż tar-reazzjoni kontra l-kanonu maskilista li xxekkel l-oriġinalità, kriterju ewlieni li permezz tiegħu, skont ħassieba prominenti fid-diskors kanoniku bħal Bloom u Crowther, il-kitbiet letterarji jikkandidaw irwieħhom għal post fil-kanonu. Montefiore tibbaża t-teorija Femminista innovattiva tagħha fuq l-idea tad-diversifikazzjoni u n-negozjar iktar milli fuq il-konfrontazzjoni diretta mal-letteratura tal-irġiel. Hija titkellem fuq l-ironija fil-kitba tal-awturi u tal-kritiċi Femministi Amerikani li inkonxjament irriċiklaw l-esperjenza tal-irġiel għax f'xogħlijiethom xorta nħass "il-wirt Romantiku mhux rikonoxxut" (11). F'intervista li saritilha minn Isabel Castelao-Gómez dwar *Feminism and Poetry*, Montefiore tistqarr li:

> Il-problema bl-'esperjenza' hija li din il-kategorija universali hija qarrieqa għaliex in-nisa ssegregati abbażi tar-razza, tal-klassi u tal-etniċità għandhom esperjenzi differenti ħafna. L-iskoperta tad-differenzi bejn is-sess, ir-razza u l-orjentazzjoni sesswali qasmu l-'moviment tan-nisa' u għamluha impossibbli biex jiġi ppreservat; għalhekk twieldet il-politika tal-identità. Il-problema l-oħra hija li l-estetika 'esperjenzjali' tassumi li l-kliem jesprimi tifsira b'mod ċar u dirett, b'tali mod li tinjora l-fatt li hemm retorika, li hemm tradizzjonijiet, u l-fatt li r-retorika li tuża taffettwa dak li tgħid u kif taħseb. (99)

Kliem Montefiore huwa xhieda tad-diffikultà li għandhom il-kittieba nisa meta b'kawtela jridu jmiddu l-ewwel passi f'kanonu riġidu u tradizzjonali, filwaqt li joqogħdu attenti li ma jissakkrux f'kanonu separat li jseddaq l-istatus quo diskriminatorju abbażi tas-sess tal-kittieba u li inġustament, kif osservat Montefiore, jiġbor lin-nisa f'keffa waħda bħallikieku dawn kollha jaħsbu, jgħixu u jesprimu wrieħhom bl-istess mod; huma jridu wkoll joqogħdu b'seba' għajnejn li ma jiddakkrux iżżejjed mill-kittieba maskili diġà preżenti fih. Perspettiva bħal ta'

Montefiore mhijiex kompatibbli mas-sentiment antikanoniku; iċ-ċaħda tal-eżistenza tal-kanonu jew it-twemmin li l-kanonu mhuwiex utli ma ma jgħinux ’il-kawża tal-kittieba nisa. Minflok, perspettiva bħal din tippreferi l-inseriment bi dritt tal-kittieba nisa fil-kanonu stabbilit jew “standard.” Dan huwa itinerarju aktar iebes u impenjattiv iżda li x’aktarx joffri l-aħjar futur għall-kittieba, hu x’inhu s-sess tagħhom.

3.2 Is-Sitwazzjoni Femminista Lokali

“Il-Ballata tal-Ballata” ta’ Lillian Sciberras li dehret l-ewwel f’*Wara r-Repubblika - Versi*, ġabra ta’ poeżiji li l-poetessa ppubblikat ma’ Mario Vella ppubblikata fl-1979, tista’ sservi bħala paradimma tal-espressjoni Femminista lokali dwar l-istatus tal-mara Maltija. Ix-xogħol jixħet dawl, kemm permezz tal-aspett formali kif ukoll permezz ta’ dak tematiku, fuq il-qagħda imgħoddija iżda relattivament riċenti tal-mara fl-ambjent soċjali Malti. Il-poeżija politematika, miktuba minn waħda mill-ftit poeti nisa attivi letterjament sa mis-sebgħinijiet, tmiss suġġetti sensittivi bħall-vjolenza domestika fuq il-mara, l-isfruttament tat-tfal bniet li jaħdmu, l-imħabba ħielsa miċħuda, il-moralità Nisranija invażiva, iż-żwieġ sfurzat, it-tabù tas-separazzjoni, id-dipendenza ekonomika fuq ir-raġel, u l-isfruttament tal-mara fir-rwol matern:

> Għandi żewġi jsawwatni
> kelli ibni daħaq bija
> kelli saħħti ħaduhieli
> batejt mindu kont tarbija.

Fi tfuliti jien kont naħdem
ġol-għelieqi u fid-dar
naħsel ħwejjeġ għall-Ingliżi
nagħti saħħti lejl u nhar.

Ġo żgħożiti sibt imħabba
kienet tfur qisha nixxiegħa
kienet dnub, imma, widdbuni
'titlef ruħek f'riħ ta' siegħa'

Meta kbirt qabdu w żewġuni
ħelsu minni l-ġenituri
tqalt, wellidt, kabbart u tmajthom
issa sfajt qisni d-duluri

Għandi żewġi isawwatni
kelli ibni daħaq bija
kelli saħħti ħaduhieli
batejt mindu kont tarbija (63)

L-utilizzazzjoni konxja tal-ewwel persuna jqarreb il-ħsus tal-persona, il-mara-tip tal-era Romantika li għexet fil-gżira-kolonja fis-seklu 19 jew 20, meta kienet "[taħsel] ħwejjeġ għall-Ingliżi," mal-ħsus tal-poetessa nnifisha, Modernista u "Femminista attiva," kif ġiet iddefinita fuq il-qoxra ta' wara tal-antoloġija *Wara r-Repubblika - Versi*, li użat il-letteratura sabiex issaħħaħ il-kuxjenza favur kultura aġġornata ta' ugwaljanza sesswali. L-empatija implikata tissejjes fuq is-sens ta' patos li Sciberras toħloq permezz tal-karatterizzazzjoni sottomessa

mifruxa matul il-versi kollha tal-poeżija. Din is-sottomissjoni hija binarja: il-mara ma kinitx servili biss fl-ambjent familjari imma kienet tgħix ukoll fi ħdan poplu li hu nnifsu kien servili, fuq livell nazzjonali, għax ikkolonizzat. Għalhekk, dil-poeżija tevoka livelli differenti ta' soffokazzjoni – is-suddita mhijiex biss il-protagonista imma anke kull mara li tiġi abbużata minn raġel Malti. Indirettament, Sciberras il-Femminista tivvittimizza lir-raġel ukoll, għax bħala Malti maħkum jgħix l-ironija skomda tal-bully bbuljat. Il-forma prosodika tradizzjonali tirrifletti s-sens kompatibbli ta' obbligu u ta' ubbidjenza fil-konfront ta' tradizzjoni Romantika li mhux dejjem xprunat valuri edifikanti, bħar-rispett lejn l-individwalità tan-nisa u tal-minoranzi, imma spiss intużat bħala skuża sabiex l-abbuż jiġi normalizzat.

L-għażla tal-vers popolari tal-għana f'"Il-Ballata tal-Ballata" tissuġġerixxi li dan ir-rwol tradizzjonali tal-mara ma kienx biss popolari imma kien ukoll aċċettat kollettivament. Il-qari attent tal-poeżija jista' joħroġ fid-dieher il-kunflitt intelliġenti maħluq minn Sciberras bejn l-elementi formali standard tal-ballata (bħall-ottonarju bl-aċċenti fissi tiegħu, il-kwartina li tagħlaq argument u r-rima alternata bil-konsistenza akustika tagħha) u l-vuċi lirika Modernista li mqar bit-ton sottomess u konformi tagħha trid tipparodizza din ir-riġidità assoċjata ma' rwoli daqstant riġidi mogħtijin lill-mara – din il-parodija diġà timmarka l-ottika Femminista ta' Sciberras li qiegħda timita lit-tradizzjoni biex tikkritikaha. L-ironija li tinħoloq permezz tal-għażliet formalistiċi tinħass ukoll fl-użu intelliġenti tal-kelma ambivalenti "ballata" fit-titlu minħabba r-referenza għall-ġeneru tradizzjonali li ntuża minn poeti rġiel Maltin biex jirromantiċizzaw ġrajjiet u leġġendi nazzjonali li fihom il-mara hija biss trofew li jrid jintrebaħ. Fl-istess ħin, "ballata" tirreferi wkoll għal xogħol speċifiku li fl-imgħoddi kien isir min-nisa. Sciberras tuża r-ritornell, li bih tikkonkludi wkoll il-poeżija, sabiex bħala

Femminista konxja u sensittiva tisħaq fuq il-weġġħa perenni tal-mara Maltija sfinita minħabba li, għax twieldet tifla, kienet vittma ta' diversi forom ta' abbuż matul ħajjitha. Fid-daħla għal *Wara r-Repubblika- Versi*, Sciberras stqarret:

> Li tkun mara f'Malta qatt ma kienet ħaġa faċli. Huwa kważi impossibbli li tgħix ta' bniedma sħiħa, u li ssib oħrajn li jipprovaw jagħmlu bħalek jew li għall-anqas jifhmuk. Il-bniedma li ma ssibx lok għall-eżistenza fi ħdan in-normi tradizzjonali tfittex li twarrab jew issib ruħha mwarrba mill-kurrent normali tal-ħajja; waqt li l-limitazzjonijiet imposti fuq is-sesswalità umana f'soċjetà ddominata kif inhi minn ideoloġija u prattika eterosesswali u maċista jweġġgħu u jumiljaw lil min jaħsibha jew jipprattika xort'oħra. Madankollu l-influwenza tal-Femminiżmu ġdid fl-Ewropa u l-Amerika kienet misset lil xi wħud minna f'Malta wkoll. Is-snin sebgħin, għaldaqstant, kienu għalija snin ta' żvilupp parallel fejn il-personali u l-politiku bdew jiltaqgħu aktar iżjed ma beda jgħaddi ż-żmien. (21)

Din il-kwotazzjoni jislitha wkoll Grima fl-istudju tiegħu "Kaxex Umdi tat-Tfulija" li deher bħala d-daħla għal *Klessidra* u li fih jiddeskriviha bħala "stqarrija għal Malta ċertament radikali li għandha post ewlieni fl-istorja tal-letteratura Maltija" (16). Stqarrija bħal din tixħet dawl fuq il-kundizzjonijiet soċjali imminenti tal-perjodu li fih għexet Sciberras u toffri stampa dijakronika tal-qagħda tal-mara fis-soċjetà Maltija filwaqt li tixħet dawl ukoll fuq in-natura tal-Femminiżmu lokali. Il-kontribut ta' Sciberras juri wkoll il-kundizzjonijiet sfavorevoli li għexu fihom il-kittieba nisa Maltin tas-seklu l-ieħor u li żvantaġġawhom fit-tentattiv biex jikkompetu mal-kittieba rġiel għall-istatus kanoniku.

Il-letteratura Maltija, minkejja l-istorja relattivament qasira tagħha, rat żvilupp anke fejn jidħol il-motiv tar-rwol tal-mara fis-soċjetà kif rawh il-Modernisti fit-tieni nofs tas-seklu 20 f'kuntrast ma' kif ittrattawh il-kittieba tas-seklu 21. Minkejja li fil-ġenerazzjoni Kożmopolita hemm poetessi li kitbu dwar il-mara abbużata u vittma tal-vjolenza domestika, bħal Nadia Mifsud Mutschler bil-poeżija "Fil-Kċina," hemm xogħlijiet kontemporanji li marru lil hinn billi ħolqu karattri femminili emanċipati. Azzopardi permezz tan-novella "Aqrali Xi Ħaġa Ġdida, Qaltli," li inċidentlament ġiet "ikkanonizzata" bl-inklużjoni fl-antoloġija *Bejn Ħaltejn*, li fl-ewwel parti tas-seklu 21 intgħażel bħala t-test letterarju ewlieni tas-sillabu tal-Malti imħejji għall-istudenti kollha tas-sekondarja, tiċċelebra l-mewta mixtieqa tad-dominanza patrijarkali fil-qasam tal-produzzjoni tal-letteratura Maltija u l-introduzzjoni tal-idea tal-emanċipazzjoni, għalkemm tardiva, tan-nisa li fl-aħħar jistgħu jkunu l-protagonisti tax-xena letterarja bħala kittieba u pubblikaturi. L-ambjentazzjoni storika tar-rakkont tinforma lill-qarrejja kif Malta ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija rat żieda fil-pubblikazzjonijiet: "kien iż-żmien meta l-editur tal-Akkademja ... għandu jkun Ġużè Galea kien . . . kien ħeġġeġ liż-żgħażagħ biex jiktbu iktar" (34). In-novella ta' Azzopardi, għalkemm tista' ma tkunx fattwalment korretta, tissuġġerixxi wkoll li l-kittieba nisa Maltin, flimkien mal-kittieba nisa barranin u residenti f'Malta, kienu minn dejjem prolifiċi daqs l-irġiel, iżda qatt ma ngħataw l-għarfien u ċ-ċans li jkunu parti mill-kanonu letterarju Malti. Sitwazzjoni analoga kienet dik tal-kanonu Ingliż li, skont Anne Kostelanetz Mellor f'*Romanticism and Gender*, kien iddominat minn 6 poeti rġiel minkejja l-fatt li bejn l-1780 u l-1830 nofs il-letteratura Ingliża kienet miktuba min-nisa (1). Sfortunatament, din tibqa' biss ipotesi għax jekk inkitbu dawn ix-xogħlijiet letterarji, aktarx li issa ntilfu darba għal dejjem, kif kien se jiġrilhom il-kitbiet tal-15-

il awtriċi li Stella, omm Lina li tiġi l-protagonista tan-novella ta' Azzopardi, ħbiet taħt il-maduma. Maurice, missier Lina, jippersonifika l-mentalità maskilista predominanti fis-soċjetà Maltija tal-epoka; meta martu kienet tqila, il-patrijarka ried tifel għax deherlu li tifla ma setgħetx tkompli s-sengħa tal-istampar. Iżda fil-fehma tan-narratur-li-jindaħal, Maurice "kien fortunat biżżejjed biex irabbi tifla li tiflaħ għax-xogħol metikoloż u paċenzjuż li jirrikjedi ktieb" (32). Meta tfarfret Lina kellha r-reżiljenza Femminista li aktarx klexxjat mal-mentalità anakronistika tal-missier. Hawn il-kunflitt ġenerazzjonali għandu implikazzjoni ferm akbar, għax Maurice ried jibqa' jistampa biss kotba ta' kittieba rġiel u baqa' jirrifjuta l-manuskritti tal-kittieba nisa prolifiċi daqs l-irġiel. Lina riedet iddawwar il-folja, kemm tal-modus operandi tan-negozju ta' familtha, kif ukoll tal-mentalità tal-komunità sħiħa. Il-mewt ta' Maurice, bħall-mewt tal-Baruni x-Xiħ ta' *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Ebejer, li wkoll jagħmel parti mill-antoloġija *Bejn Ħaltejn* u jittratta l-emanċipazzjoni femminili billi jutilizza karattri nisa b'saħħithom, immarkat metaforikament il-mewt ta' din it-tradizzjoni paternalista u maskilista. Il-karattru ta' Lina, minn wieħed sottomess u impotenti bħal ta' Stella, immetamorfizza ruħu f'karattru emanċipat u proattiv; it-tmiem miftuħ tan-novella, meta Lina "mbagħad qabdet il-lapes," jissuġġerixxi bidu ta' era ġdida għal-letteratura, iż-żmien meta l-kittieba nisa Maltin se jimmotivaw aktar irwieħhom għax se jiġu rikonoxxuti, qabelxejn, permezz tal-pubblikazzjoni, l-ewwel pass konkret fid-direzzjoni kanonika. Fl-2012, wara l-pubblikazzjoni tan-novella ta' Azzopardi f'*Bejn Ħaltejn* (2011) li kienet dehret l-ewwel darba fl-antoloġija *45* (2009), tfaċċaw il-manuskritti ta' żewġ rumanzi miktuba minn "Cornelia Melitesi," li isimha proprja kien Concetta Brincat, kunjom xbubitha Sciberras. Dawn ir-rumanzi kitbithom fl-1919 u l-1922 biex taqrahom lil uliedha u kienet bintha li wara l-mewt

ta' ommha xtaqet li tippubblikahom. Eventwalment ir-raġel ta' bint l-awtriċi Nicholas Bonello għaddihom lil Adrian Grima u fil-Fiera tal-Ktieb Nazzjonali tal-2014, Grima u Maria Simiana tkellmu fuq dawn ir-rumanzi li ngħataw lill-Klabb Kotba Maltin biex jitħejjew għall-pubblikazzjoni.

Grech Ganado kienet minn tal-ewwel li emmnet li l-kanonu stabbilit fil-konxju tan-nazzjon jista' jiġi sfidat. Ix-xewqa akkanita li n-nisa jiġu inklużi fil-kanonu letterarju Malti toħloq sens ta' ambivalenza fil-perspettiva tagħha – minn banda l-attitudni predominanti tal-kamp Femminista f'Malta prima facia tidher antikanonika peress li l-kanonu dejjem kien esklussivament tal-irġiel; mill-banda l-oħra, il-fatt li kittieba nisa bħal Grech Ganado u Azzopardi li jissieltu għal spazju kanoniku jesponi twemmin (mistur) fl-eżistenza ta' tali kanonu, twemmin li aktarx jimplika xenqa għall-appartenenza. Il-Femminiżmu Malti għandu relazzjoni paradossali mal-kanonu letterarju għax qiegħed jgħix ambivalenza indeċiża ta' mħabba-mibegħda; il-kanonu tal-imgħoddi huwa mistmerr (ġieli pubblikament) filwaqt li l-kanonu tal-ġejjieni huwa mixtieq (aktarx fil-privat).

Mifsud joffri diversi spunti fi "Studju Dwar il-Ġisem u x-Xbihat Korporali fil-Poeżija Maltija" li huma relevanti għad-djalettika dwar l-ħsieb Femminista f'relazzjoni ambivalenti mal-preżunt kanonu letterarju Malti. Skont Mifsud, ma kienx hemm differenza kbira bejn il-perspettiva idealisitika tar-Romantiċi u dik tal-Modernisti – għat-tnejn "il-mara hija dejjem sabiħa." Mill-banda l-oħra, Mifsud josserva kif "Grech Ganado u aktar u aktar Micallef joħorġu fid-deher ġisem li għandu fattizzi li jbegħduh mill-ideal . . . Kienu dawn iż-żewġ poeti l-ewwel li qalgħu lill-ġisem femminili mill-vetrini tal-mużew" (356). Għalkemm l-interess kritiku ewlieni ta' Mifsud ma jikkonċernax direttament ir-relazzjoni bejn il-Femminiżmu u l-

kanonu, l-istudju tiegħu jixħet dawl fuq kif xi poetessi Maltin użaw ir-rappreżentazzjoni tal-ġisem femminili sabiex jisfidaw lill-poeti Maltin irġiel, kemm Romantiċi, kif ukoll Modernisti, li dejjem ipprovdew immaġni sterjotipata u invażiva tal-mara f'xogħlijiethom. Fi kliem Mifsud, dan "l-ispirtu rivoluzzjonarju u liberatorju" (361) tal-poetessi Maltin jilħaq l-apiċe tiegħu fir-rappreżentazzjoni ġenwina tal-"ġisem femminili difettuż . . . fl-awtoritratt li jippreżentaw Doreen Micallef u Maria Grech Ganado" (353). Mifsud iqis din ir-rappreżentazzjoni devjanti tal-ġisem femminili minn Micallef u Grech Ganado bħala "att ta' reżistenza, azzjoni politika li fl-aħħar mill-aħħar tieħu s-sinifikat tagħha fir-relazzjonijiet ta' poter" (357), taqbidiet fil-kuntest anzjuż ta' kanonu letterarju Malti eġemonizzat minn ewl id-dinja minn spirtu maskilista. L-isforz Femminista sabiex jinħoloq spazju limitat għall-kittieba nisa f'dan il-kanonu jikkonkretizza ruħu fir-rappreżentazzjoni ad hoc tal-ġisem femminili skont il-perspettiva partikolari tal-kittieba nisa Maltin li tinfatam b'saħħa minn dik tipika tal-kittieba rġiel Maltin. In-novella ta' Azzopardi toffri spunt ieħor relatat direttament mad-djalettika dwar il-kanonu letterarju u l-ispazju li joħloq, jew ma joħloqx, għall-kittieba femminili. Meta jinkixef is-sigriet tal-kitbiet li Stella satret fil-kaxxa tal-pannu blu, u Lina toqgħod taqra dawn ir-rakkonti ta' awturi nisa minsija maġenb is-sodda tal-mewt ta' ommha, Lina tinħass diżilluża: "Lina qrathom fl-ordni li tatha ommha. Ma semgħetx dak li dejjem ħolmot dwaru. Ma ħassithomx jimpressjonawha . . . Missierha . . . forsi kkonferma dak li dejjem emmen fih, 'qed tara Lin, dawn ridtni nippubblika?'" (Azzopardi, "Aqrali" 35). Dan l-anticlimax essenzjali fin-narrazzjoni ta' Azzopardi dwar dan is-"sigriet mhux daqstant eċitanti" (36) jarrikkixxi d-dibattitu kanoniku u jesponi l-awdaċja ta' awtriċi li għandha l-ħila tiddubita mill-mertu letterarju ta' kitba, ikun xi jkun il-ġeneru ta' min kitibha. L-implikazzjoni ta' Azzopardi tista'

tkun li l-uniku valur li kellhom dawn il-kitbiet kien dak tal-innovazzjoni – ir-rakkont donnu jimplika li l-miġja relattivament riċenti ta' kittieba femminili Maltin hija aktar eċitanti mill-kitbiet infushom. L-epilogu tan-novella fakkarni fi kliem Nina Baym f'*Woman's Fiction* fejn mal-ewwel tistabbilixxi l-premessa li x-xogħlijiet letterarji tal-kittieba nisa li ppreżentat mhux bilfors huma kapulavuri letterarji: "Filwaqt li m'iniex nattribwixxi l-kobor letterarju lil xi wieħed mir-rumanzi li nitkellem fuqhom f'dan l-istudju, nixtieq li għall-inqas nibda nikkoreġi dan il-preġudizzju billi nieħu l-kontenut tagħhom bis-serjetà" (15). Baym tieħu l-opportunità biex tissuġġerixxi r-ridimensjoni tal-modus operandi tal-formazzjoni kanonika li tradizzjonalment iffavorixxiet 'il-kittieba rġiel u 'l-motivi li kitbu dwarhom: "U forsi wasal iż-żmien . . . li nerġgħu neżaminaw il-kriterji li bihom qisna ċerti xogħlijiet klassiċi Amerikani li nqimu bħala kbar" (15). Hi tirrimarka li kif il-kanonizzaturi Amerikani ppreferew "dak kollu li huwa maskili, bħall-bastimenti tal-kaċċa għall-balieni u mhux iċ-ċirku soċjali tal-ħjata, bħala simbolu tal-komunità umana." U meta l-kittieba Amerikani rġiel ippreżentaw karattri nisa, "għażlu s-satira tal-ommijiet despotiċi, in-nisa bisbetiċi u n-nisa poġġuti" (14). Kemm dat-trattament li ngħataw il-karattri femminili, kif ukoll dak li ngħataw il-kittieba nisa nfushom kienu il-forom ewlenin ta' inġustizzja li teoristi bħal Baym ħadmu qatigħ biex jikkoreġu.

Il-kritiċi ta' Baym akkużawha li l-għan ewlieni li mmotivaha, kif tgħid hija stess, kien li tagħti prominenza lill-kitbiet tan-nisa sabiex issewwi l-iżbilanċ tal-kanonu maskilista Amerikan li ma jirriflettix ir-realtà demografika. Aktarx dan it-twemmin Baym baqgħet tħaddnu u tħaddmu meta fl-2011 ippubblikat antoloġija aktar estensiva, *Women Writers of the American West: 1833-1927*, li fiha ppreżentat mat-350 kittieba Amerikana li wħud

minnhom ma kellhomx xogħol ta' valur letterarju għoli imma hi ħasset li għandhom jingħataw spazju fil-“kanonu” komprensiv tagħha.

Il-kanonu ta’ Baym huwa fundamentalment imsejjes fuq kunċetti antitetiċi; l-approċċ fundamentalista tagħha wassal għal kanonu komprensiv (għax jinkludi lill-kittieba femminili kollha) u esklussiv (għax jeskludi lill-kittieba maskili kollha). Meta n-narratur ta’ Azzopardi jistqarr li “Lina xtaqet biss taqra xi ħaġa ġdida” (“Aqrali” 33) jinsinwa, permezz tal-avverbju “biss,” li l-uniku aspett li jirrendi dawn il-kitbiet speċjali huwa l-fatt li l-letteratura stampata, din id-darba, inkitbet min-nisa. Azzopardi, bħala l-ħallieqa femminili ta’ din in-novella li tiddiskuti s-sehem tan-nisa fil-letteratura Maltija, tippreżenta dawn il-kitbiet moħbija fil-kaxxa minn ottika oġġettiva, b’sens ta’ kawtela distakkata. Azzopardi trid tasserixxi li mhux kull kitba ħierġa mill-pinna femminili hija valida letterarjament. L-emanċipazzjoni femminili ma tiggarantix l-ispazju kanoniku għal kull mara li tipproduċi l-letteratura. It-tama ta’ Lina, u aktarx ta’ Azzopardi, hi li fil-ġejjieni qarib, il-kitbiet tan-nisa jitgħarblu bħal dawk tal-irġiel u bħalhom jgħaddu mit-test taż-żmien u tal-ġudizzju tal-qarrejja u l-kritiċi bit-tama li jsibu posthom fil-kanonu letterarju Malti. Iżda l-ewwel, dawn il-kitbiet iridu jegħlbu l-maskiliżmu li jħabbtu wiċċhom miegħu l-kittieba nisa.

Il-ġrajja verosimili ta’ Azzopardi tfakkarna fir-realtà tax-xena letterarja lokali. Il-każ ta’ Rena Balzan joffri spunti pertinenti għad-djalettika tal-kanonu letterarju lokali. Jista’ jkun li s-suċċess fil-kamp xjentifiku ffaċilita l-inseriment tagħha fil-kanonu maskilista tal-letteratura Maltija ta’ żmienha fejn kif jallega Xandru l-Poeta f’*Samuraj* ta’ Sammut, biex jikkanonizzawk trid tkun qabelxejn għamilt suċċess f’xi kamp ieħor, bħal dak ekkleżjastiku, legali jew mediku (158-159). Marka konkreta ta’ kanonizzazzjoni kienet l-inklużjoni tar-rumanz ta’ Balzan, *Ilkoll*

ta' Nisel Wieħed, għal żmien, fis-sillabu tal-Matrikola. Iżda din il-prassi ta' kanonizzazzjoni tista' tkun indikazzjoni kemm il-kanonizzaturi Maltin ma nfatmux minn elementi superfluwi li ma jħalluhomx jagħżlu oġġettivament. Ngħidu aħna, Briffa jeloġja lil Balzan u saħansitra jikkanonizzaha meta jistqarr li r-rumanzi li kitbet "jagħmlu lil Rena Balzan l-esponent ewlieni tal-proża Femminista fis-snin tmenin u disgħin" (*Il-Proża* 69). Briffa jiddedika parti sew mill-istudju, intitolata "L-Awtriċi u x-Xjenza," għall-ħidma xjentifika ta' Balzan, kapitlu li jiddokumenta b'mod komprensiv is-suċċessi xjentifiċi ta' Balzan li fid-dawl tal-kritika letterarja ġenwina huwa irrilevanti, imma li Briffa jippreżenta xorta waħda, donnu biex jiġġustifika kulma tagħmel jew tikteb l-awtriċi. Mill-banda l-oħra, Friggieri, fid-daħla tar-raba' rumanz ta' Balzan, *Fiż-Żifna tal-Ibliet*, jipprova joffri kritika aktar oġġettiva, dejjem fil-limiti tal-kawtela tipika tiegħu:

> L-istorja li tiġri lill-protagonista hi magħmula minn sensiela ta' konfronti mas-sistema ħakkiema, ma' preġudizzji tradizzjonali li Balzan, bil-prudenza tagħha, issemmihom u sikwit tħallihom jisfumaw fil-kumpless tan-nisġa kollha. Mingħajr dawn il-preġudizzji qawwija, l-istorja ta' Balzan ma tikbirx f'narrazzjoni letterarja. Imqar jekk ir-relazzjoni bejn il-*fabula* u n-*nisġa* . . . mhix ambigwa jew kumplessa (għaliex Balzan tikteb bl-istess fedeltà tal-ġurnalista lejn il-fatti u lejn l-ordni storiku tagħhom), min-naħa l-oħra, hi timponi lilha nnifisha fuq ir-rakkont sakemm dan jikber f'interpretazzjoni persunali tagħha. Il-ġrajja mhix imbiddla wisq fil-proċess li ssir rumanz. (xiii-xiv)

Balzan tirrapporta daqskemm tiġġudika fl-istess ħin. Kulma jseħħ matul in-narrazzjoni huwa mwassal bil-fomm ta' mħallfa; l-azzjoni hi mxebilka mal-ġudizzju, donnhom l-azzjonijiet ma jistgħux jitħallew jgħixu waħidhom mingħajr l-indħil

> awtomatiku, istantanju, tan-narrattriċi. F'dan id-dawl il-kitba ta' Balzan tersaq ħafna lejn il-kurrenti tal-kitba narrattiva tal-ewwel nofs tas-seklu għoxrin meta l-moralizzazzjoni kienet meqjusa bħala għan ewlieni tan-narratur. (xvii)
>
> Id-djalogu hu mnaqqas sal-minimu, kważi l-persunaġġi jitkellmu huma nfushom mill-inqas biex iħallu lin-narratriċi titħaddet hi f'isimhom . . . narrazzjoni li ma tfixkel b'ebda mod lill-qarrejja b'sottiljezzi jew bi strateġiji narrattivi mħabbla . . . Is-simpatiji ta' Balzan mhumiex moħbija. (xviii)

Il-kwalitajiet letterarji ta' Balzan deskritti minn Friggieri huma qajla l-kwalitajiet ta' rumanz ppubblikat fl-1995. Id-diffikultà tal-kittieba sabiex titbiegħed mil-lingwa li tirrapporta minflok ma tiddefamiljarizzaha u televaha għal lingwa letterarja hija biżżejjed sabiex tesponi l-kwalità ta' kitba. Il-fatt li "timponi lilha nnifisha fuq ir-rakkont" bil-"preġudizzji" ta' "mħallfa" li "tiġġudika" tant li "s-simpatiji ta' Balzan mhumiex moħbija" u l-karattri bilkemm jitħallew jieħdu l-ħajja għax "titħaddet hi f'isimhom" huma kollha ingredjenti li l-kritiku attent malajr jidentifika f'rumanz li m'għandux il-kwalitajiet letterarji mistennija. Iżda bħal Briffa, Friggieri wkoll jikkanonizza awtomatikament lil Balzan, "hi nnifisha kwalifikata professjonalment" (xv), billi fl-istess daħla tar-rumanz jenfasizza li "*Fiż-Żifna tal-Ibliet* hu wieħed mill-ftit rumanzi Maltin miktubin minn mara, u hu dwar mara" (xviii) bl-implikazzjoni li dawn il-kwalitajiet huma diġà biżżejjed biex tiġi ġġustifikata l-validità letterarja tar-rumanz, perspettiva li tmur kontra l-perspettivi ta' Moi, Montefiore, Azzopardi u Grech Ganado. Attitudnijiet kritiċi bħal dawn jistgħu jkunu ta' detriment fil-konfront tal-kittieba nisa, minkejja kull intenzjoni tajba ta' min jesprimihom. Huwa plawsibbli wkoll li peress li "l-awtriċi hi mara tax-xjenza" (xvi) għandha aktar ċans li jirrikonoxxuha l-kanonizzaturi Maltin aktar minn, ngħidu aħna, awtriċi

bħal Rita Grech, li minkejja li kontinwament tippubblika r-rumanzi u minkejja li dawn huma popolari ferm fost il-qarrejja Maltin, ebda akkademiku ma kiteb studju dwarhom jew tal-anqas irrikonoxxa l-eżistenza tagħhom jew tas-suċċess li qed jagħmlu, imqar f'termini ta' bejgħ. Ngħidu aħna, fit-teżi apparentament komprensiva ta' Olivia Borg, "Minn Mary Meylak sa Simone Inguanez: Identitajiet u Perspettivi" (2010), Grech ma tissemmiex, lanqas en passant. F'dan il-kuntest, ta' min iżomm f'moħħu l-fehma ta' Lambert Zuidervaart li l-popolarità għandha tittieħed bħala xhieda tal-kwalità artistika tax-xogħol: huwa saħansitra jistqarr li xogħol artistiku bi kwalitajiet kanoniċi iżda li qatt ma jsir popolari għandu inqas mertu minn xogħol li għamel suċċess mal-pubbliku (235). Dan ma jimplikax li r-rumanzi ta' Balzan u ta' Grech neċessarjament iħaddnu l-istess valur letterarju; l-espożizzjoni ta' din ir-realtà problematika tissuġġerixxi li xi drabi ma ssirx ġustizzja kanonika ma' dawk il-kittieba li huma popolari "biss" fost il-qarrejja imma li xogħlijiethom ma jissemmew qatt fiċ-ċrieki akkademiċi li spiss iservu bħala katalisti determinanti fil-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja.

Sal-2017, Rita Grech ippubblikat 24 rumanz u kellha oħrajn li kienu qed jinkitbu u għad iridu jiġu ppubblikati. L-ewwel rumanz tagħha, *Famużi* ppubblikat fl-2008, kien fost l-aktar popolari u minħabba r-reazzjoni pożittiva ferm tal-qarrejja tiegħu, Grech iddeċidiet li toħroġ żewġ kotba oħra li jkomplu miegħu ("Rita"). Minn analiżi tal-ammont ta' kotba missellfa mil-libreriji pubbliċi, jidher li rumanziera bħal Grech hija ferm aktar apprezzata mill-pubbliku minn rumanziera li bħal Balzan huma meqjusin bħala letterarji. Skont il-lista tas-self li pprovda l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Marzu 2018 ("Ħareġ l-14-il Pagament"), in-nies issellfu l-kotba ta' Grech għal 732 darba, filwaqt li fl-istess

perjodu, ħadd ma ssellef rumanz wieħed ta' Balzan. Minkejja din il-popolarità ta' Grech fost il-qarrejja Maltin, ir-rumanzi tagħha sa issa ma kkwalifikawx bħala denji għall-attenzjoni tal-kanonizzaturi Maltin. L-isfond bijografiku ta' Grech, li mhijiex akkademika ta' suċċess, jista' jkun wieħed mill-fatturi determinanti f'dan it-twarrib mill-kanonu letterarju. Tali osservazzjoni sseddaq l-punt li lanqas il-kittieba nisa mhuma eżentati mill-ġudizzji inġusti tal-kanonizzaturi li mhux biss jistgħu jiġu influwenzati abbażi tas-sess ta' min jikteb il-letteratura imma anke abbażi tal-istatus u tal-funzjoni soċjali tiegħu jew tagħha. Prattiki bħal dawn li jippremjaw, xi drabi letteralment, lil ċerti kittieba u mhux oħrajn, irrispittivament mill-kwalità letterarja tax-xogħol li jippubblikaw, ikomplu jsaħħu l-kawża antikanonika. Meta jitqabbel it-trattament li tingħata awtriċi stabbilita bħal Balzan mill-kritiċi, mat-trattament li tingħata awtriċi popolari kontemporanja bħal Grech, ta' min jikkunsidra wkoll id-djalettika tad-distinzjoni antika bejn ir-rumanzi "kolti" u r-rumanzi "popolari." Il-konfront bejn il-letteratura l-għolja u popolari ġie diskuss, pereżempju, fil-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta tal-2017. Dibattiti bħal dawn, iktar milli jsibu xi forma ta' *par condicio* bejn iż-żewġ ġeneri, iktar jitfgħu tiben fuq in-nar għaliex huwa ferm diffiċli biex tifhem b'liema kriterji rumanz jinqara mill-kanonizzaturi b'mod daqshekk differenti minn rumanz ieħor, tant li wieħed jitqies bħala "kolt" u l-ieħor bħala "popolari."

It-teżi tiegħi hija li l-kanonizzaturi Maltin spiss jiġġudikaw ix-xogħol skont min kitbu jew skont il-fama li jkun kiseb b'xogħlijiet li jkun ippubblika qabel, speċjalment l-ewwel xogħol jew xogħlijiet. Dan ma jiġrix f'Malta biss; ngħidu aħna, f'"The 15 Most Overrated Contemporary American Writers," Anis Shivani jikxef ir-rikonoxximent inġust li jingħataw xogħlijiet letterarji sempliċiment għax inkitbu minn awtur partikolari flok minn ieħor. Il-

karattru fittizju ta' Maurice, missier Lina fin-novella ta' Azzopardi, jikkorrispondi ma' kull editur u antoloġista, u ma' kull pubblikatur u riċensur (dawk li skont Shivani jiffurmaw "konglomerazzjoni" waħda) li ffavorixxa lill-awturi rġiel fil-formazzjoni gradwali tal-kanonu letterarju Malti.

Gaston Tonna-Barthet, bl-antoloġija *Maltese Poets of the XX Century* tal-1968, huwa paradimma ta' kanonizzatur bħal Maurice. Ironikament, Tonna-Barthet jiddedika l-antoloġija tiegħu lil martu Alice u dan ifakkarna f'Maurice li jirrispetta reliġjożament lil martu Stella; iżda fost il-ħamsin poeta li jagħżel li jikkanonizza, ma jinkludi ebda mara. L-antoloġija, li minnha ġew ippubblikati 300 kopja biss biex "iżejnu l-ixkafef tal-aqwa libreriji fl-Ewropa," hija intiża, skont id-daħla tal-antoloġista, biex il-barranin jirrikonoxxu li Malta wkoll tħaddan "galassja ta' Poeti" kollha rġiel (ii). Din l-antoloġija tal-1968, sena wara li twaqqaf il-Moviment Qawmien Letterarju, ma rriflettietx ir-realtà kontemporanja għaliex sa dak iż-żmien kienu diġà attivi xi kittieba nisa kif jixhed l-artiklu ta' Jesmond Sharples, "The First Women Writers in *Leħen il-Malti*." Antoloġija bħal ta' Tonna-Barthet, li fid-daħla tagħha juża l-frażi "*sons of Malta*" meta jirreferi għall-ħamsin poeta magħżula, kienet diġà, mhux rappreżentattiva. Aktarx li bħal Maurice kien konxju mill-kittieba nisa u minn kitbiethom iżda għażel li ma jdaħħalhomx fil-kanonu letterarju tiegħu. Jista' jkun li f'għajnejh kitbiethom ma kinux ta' valur kanoniku, iżda jidher li din kienet għażla sessista għax uħud mill-poeti li daħħal fl-antoloġija ma kinux superjuri, f'termini letterarji, għal poetessa bħal Meylak li skont Sharples kienet ilha ppubblikata sa mill-1936 ("The First Women Writers"). Tonna-Barthet inkluda diversi poeti rġiel li kienu inqas magħrufin mingħajr ma ta indikazzjoni dwar x'kienu l-kriterji li bihom inkluda l-poeżiji tal-irġiel u eskluda l-poeżiji ta' Meylak. Għalkemm jistqarr li,

“Ħassejt li l-ismijiet tal-Poeti Maltin kollha għandhom jinżammu għall-posterità irrispettivament mil-lingwa li użaw, sija Malti, Ingliż, Franċiż, Taljan jew Ġermaniż. Ir-riżutat huwa din l-antoloġija” (ii), huwa baqa’ ma inkluda ebda poetessa, imqar waħda li kitbet b’xi lingwa oħra.

Sitwazzjoni analoga għal tal-kittieba nisa Maltin tal-imgħoddi kienet dik tal-Iżlandiżi, b’mod partikolari fil-komunità ċkejkna Iżlandiża li bdiet tifforma fl-Amerika ta’ Fuq mis-seklu 19 ’il quddiem. F’“Western Icelandic Women Writers: Their Contribution to the Literary Canon,” Kirsten Wolf tagħti rendikont tal-impatt li ħallew il-kittieba nisa Iżlandiżi li emigraw lejn il-Kanada u l-Amerika fuq il-kanonu Iżlandiż. Dawn “il-kittieba nisa Iżlandiżi tal-Punent” ġarrbu diffikultajiet simili għal dawk tal-kittieba nisa Maltin: iż-żewġ demografiji ta’ kittieba kienu fi żvantaġġ kemm fuq livell soċjali u kulturali (primarjament, minħabba l-fatt li kienu nisa) u kemm għax kienu jagħmlu parti minn letteratura minuri miktuba b’lingwa etnika f’kuntest ta’ letteratura kbira miktuba b’lingwa dominanti. Il-ġenerazzjoni tal-bidu ta’ dawn il-kittieba Iżlandiżi traslokati, irrappreżentata minn poeti bħal Undina u Juliana Jónsdóttir, kienet tipproduċi xogħlijiet bl-Iżlandiż, xogħlijiet li qajla qanqlu interess fost il-pubblikaturi rġiel bħal missier Lina ta’ “Aqrali Xi Ħaġa Ġdida, Qaltli.” Fl-antoloġija ewlenija u rappreżentattiva tal-kanonu letterarju Iżlandiż tal-1930, *Vestan um haf*, miġbura minn Einar H. Kvaran u Guõmundur Finnbogason, 3 biss minn 36 kittieb u kittieba kienu nisa, bħalma fl-antoloġija kanonika ta’ Aquilina (iż-żewġ volumi tal-*Antoloġija ta’ Proża Maltija*), 3 biss minn 65 kittieb u kittieba kienu nisa. Skont Wolf din ma kinitx stampa veritiera tal-attività letterarja femminili għaliex huwa ddokumentat li numru sostanzjali ta’ nisa Iżlandiżi kienu attivi soċjalment u kulturalment fil-komunitajiet Iżlandiżi li ssetiljaw fl-Amerika (154-155). Il-

probabbiltà kbira kienet li l-kittieba nisa Iżlandiżi kienu attivi u prolifiċi għalkemm xogħlijiethom ma ġewx ippubblikati qabel is-seklu 18; iżda kien biss lejn l-aħħar tas-seklu 18 u fil-bidu tas-seklu 19 li bdew jitfaċċaw xi kitbiet minn tagħhom (158). Aktarx li s-sitwazzjoni fil-kuntest Malti ma kinitx differenti wisq. Kif stqarret Grech Ganado: "bilfors kien hemm nisa oħra li kienu jiktbu, forsi bil-moħbi għal xi raġuni jew oħra. Forsi b'mistħija kbira wisq biex joħorġu fil-miftuħ. Probabbilment xogħolhom intefa' 'l barra mal-imbarazz" ("Re: Konverżazzjoni"). L-attività letterarja tal-kittieba nisa Iżlandiżi, li fil-biċċa l-kbira kienu poeti u mhux prożaturi, kienet fil-fatt imxekkla min-nuqqas ta' pubblikazzjoni ta' xogħlijiethom – xi whud minnhom irnexxielhom jippubblikaw xi poeżija jew tnejn fil-gazzetti matul ħajjithom, imma kien biss wara mewthom li x-xogħlijiet ta' whud mill-kittieba nisa Iżlandiżi ġew miġbura u ppubblikati f'kotba (Wolf 161).

Id-djalettika Femminista diskussa fil-kuntest letterarju lokali, fil-limiti tal-istorja qasira tal-letteratura Maltija, tista' toffri spunti aktar rilevanti fid-dibattitu kanoniku Malti minn dawk li jistgħu joffru għadd imdaqqas ta' fehmiet anti-Fondazzjonalisti u antikanoniċi li ddominaw id-dibattitu kanoniku internazzjonali iżda li ma nħassx daqshekk l-impatt tagħhom fix-xena letterarja Maltija. Minkejja li l-Femminiżmu għandu għeruq antiki, fis-soċjetà Maltija bħal fil-każ ta' ħafna movimenti u ideat oħra, inħass l-aktar fit-tieni nofs tas-seklu 20. Jekk f'artijiet oħra, l-ewwel mewġa Femminista bdiet titqanqal lejn l-aħħar tas-seklu 19, f'Malta din immaterjalizzat ruħha meta n-nisa ngħataw id-dritt għall-vot u d-dritt li jikkontestaw elezzjoni fl-1947. Ironikament, fl-Ingilterra, li dak iż-żmien kienet għadha l-kolonizzatriċi ta' Malta, dan seħħ kważi 30 sena qabel. Anke fl-oqsma kulturali, bħalma hija l-letteratura, is-sehem tan-nisa dam ħafna biex jiġi ddokumentat. Fi kliem Carmen Sammut, intervistata minn

Roxanne Cristiano f'"It's Been 70 years," ħafna drabi l-istorja tal-emanċipazzjoni tan-nisa titħalla barra min-narrattivi ewlenin li jsaħħu s-sens tagħna ta' "nazzjonalità." Sammut tgħid li fl-1947 kien hemm żewġ nisa biss – Helene Buhagiar u Agatha Barbara – li kkontestaw l-elezzjoni. Għalkemm illum hemm rappreżentanza femminili akbar fil-parlament Malti, xorta waħda jibqa' l-fatt li sa issa għadha l-inqas waħda fl-Ewropa u baqgħet "imwaħħla, bejn wieħed u ieħor, mal-medja tal-10 fil-mija sa mill-1950. L-Indiċi tal-Unjoni Inter-Parlamentari (2017) jikklassifika lil Malta fil-184 post minn 193 pajjiż." Sammut tipprova tifhem xi kkawża dan "id-defiċit demokratiku" fil-pajjiż billi tirrifletti fuq l-iżvilupp, jew in-nuqqas tiegħu, tal-qagħda tal-mara fis-soċjetà Maltija: "Il-mewt tar-rappreżentazzjoni femminili fl-isfera pubblika ssaħħet bl-inviżibilità tan-nisa fin-narrattivi li huma trażmessi permezz tal-kommemorazzjonijiet, tar-ritwali, tal-monumenti, tat-testi u tax-xbihat nazzjonali li n-nies jiġu esposti għalihom." Fost dawn "in-narrattivi" li writna mingħand ta' qabilna u li, kif qalet Sammut, sawru "l-memorja kollettiva [li] hija riflessa fid-diskors, fil-letteratura u fil-midja," jispikkaw l-antoloġiji li fihom infushom jinvolvu proċess selettiv li dejjem, minħabba diversi fatturi, xaqleb bil-kbir lejn ir-rappreżentazzjoni maskili.

Fiż-żewġ volumi tal-*Antoloġija ta' Proża Maltija* li ħarġu fl-1976 u l-1989, Aquilina, il-kanonizzatur ewlieni tal-letteratura Maltija fi żmienu, ippreżenta selezzjoni ta' kitbiet ta' 65 awtur u awtriċi mifruxa fuq medda ta' tliet sekli (1712-1989). Minn dawn il-kittieba kollha, 3 biss kienu nisa – Mary Meylak, Doreen Micallef u Lina Brockdorff – preżenza minima li tfisser li 4.6% biss tal-prożaturi Maltin ta' tliet sekli denji li jintgħażlu kienu nisa. Ix-xogħlijiet ta' kull awtriċi ma ħadux aktar minn tliet faċċati tal-antoloġija, meta kien hemm kittieba rġiel li ġew irrappreżentati b'ħafna aktar paġni. Il-fatt li Meylak, Micallef u Brockdorff ilkoll twieldu fis-

seklu 20 jimplika li ebda kittieba Maltija ma ġiet ippubblikata jew rikonoxxuta b'xi mod fis-sekli preċedenti. Ir-responsabbiltà ta' din l-għażla mhix kollha ta' Aquilina. Meta fl-1948 l-antoloġista ġabar l-aqwa xempji tal-poeżija Maltija, fid-daħla tal-ewwel edizzjoni ta' *Il-Muża Maltija*, apparti kummenti oħra kurjużi li joffru spunt għad-diskors dwar l-influwenza letterarja, Aquilina jispjega kif inkluda poetessa waħda biss fost it-22 poeta li għażel:

> Fost dawk li jidhru li m'għandhom ebda influwenza, insibu lill-poetessa Għawdxija Mary Meylak, fenomenu interessanti tal-letteratura Maltija. Hija oriġinali għax ma tidher li għandha l-ebda rabta intellettwali mal-kultura u t-tradizzjonijiet letterarji tal-Ewropa . . . Hija interessanti wkoll bħala l-mara waħda li kellha ħila torbot isimha mal-letteratura Maltija b'xi poeżiji tassew sbieħ kif il-qarrej jista' jara minn dawn li ġibnielha f'din l-antoloġija. Hija interessanti ħafna meta wieħed iqis li fl-istorja ta' Malta ma nafu bl-ebda mara li tista' tiftaħar bi produzzjoni poetika jew artistika, minħabba l-livell baxx ta' edukazzjoni li n-nisa tagħna jingħataw fl-iskejjel. Għaldaqshekk biss, Mary Meylak hija tabilħaqq eċċezzjoni. (vii)

Aquilina jidentifika l-verżjoni tiegħu tal-kriterju kanoniku tal-oriġinalità ("Hija oriġinali għax ma tidher li għandha l-ebda rabta intellettwali mal-kultura u t-tradizzjonijiet letterarji tal-Ewropa") bħala ġustifikazzjoni għall-inklużjoni eċċezzjonali tagħha mal-poeti maskili fl-antoloġija. U hawnhekk il-poetessa hija rrappreżentata b'numru konsiderevoli ta' poeżiji. Fejn Meylak ingħatat il-lussu li jidhru 14-il poeżija tagħha, ta' poeti maskili rinomati bħal Vassallo, Delia u Dun Karm hemm ħames, erba' u tliet poeżiji rispettivament. Jista' jkun li Meylak intgħażlet biss għax fi żmienha kienet l-unika mara li ppubblikat xogħolha, il-poeżiji tagħha kellhom il-valur miżjud tal-"eċċezzjoni," tal-"fenomenu interessanti." Id-daħla

ambigwa ta' Meylak innifisha għar-rumanz tagħha *Nokkla Sewda* (1958), l-ewwel rumanz Malti miktub u ppubblikat minn mara, tista' sseddaq l-idea li xogħol femminili huwa b'xi mod inferjuri. Wara li tispjega l-għan umli tagħha, Meylak tgħaddi kumment stramb dwar il-post ta' dan ir-rumanz fl-istorja letterarja Maltija:

> Dan il-ktieb, ktibtu, bil-ħsieb li nuri l-ħajja Maltija fi żminijietna bid-drawwiet ewlenin tagħna.
>
> Daħħalt ukoll kemm stajt ftit mill-ġmilijiet ta' Malta . . . ridt inġibhom quddiem għajnejn in-nies biex iħossu li għandhom jitgħaxxqu bihom u jgħożżuhom. Żammejt kitba li timxi ħelu, ħelu u li tnissel tbissima fil-qarrej, imma mhux li ttiefes il-letteratura Maltija, biex hekk meta jiġi l-ktieb fl-idejn, ma jdejjaq lil ħadd. ("Kelmtejn")

Mhuwiex ċar lil min eżattament ħasbet li se "jdejjaq" dan ir-rumanz u lanqas mhuwa ċar xi kkawża l-biża' li "ttiefes il-letteratura Maltija." F'dan il-kumment enigmatiku jinħass ton sottomess u apoloġetiku – Meylak donnha qiegħda tiskuża ruħha għall-fatt li bħala mara azzardat tippubblika rumanz f'realtà letterarja ddominata mill-irġiel u forsi qiegħda tissuġġerixxi li b'ebda mod ma tixtieq li r-rumanz tagħha jtellef l-andament tat-tradizzjoni maskilista tal-kitba tar-rumanzi Maltin. Jista' jkun li meta jinqraw ix-xogħlijiet ta' Meylak iħallu l-istess togħma ta' diżappunt ta' Lina meta qrat ix-xogħlijiet tal-awturi nisa? Għalkemm Meylak kitbet fil-limiti ristretti tal-poeżija tradizzjonali, hija wriet ħila fis-sengħa tal-kitba tal-poeżija, tant li xogħlijietha jistgħu jitpoġġew bla problema fl-istess livell maġenb xogħlijiet poetiċi oħra tal-era Romantika. Jidhirli li Aquilina ma jirrikonoxxix li Meylak "hija oriġinali" għas-sempliċi raġuni li hija mara. Jimplika biss li Meylak hija "fenomenu" rari għax demografikament kien improbabbli li fis-soċjetà Maltija tal-epoka (u f'Għawdex aktar) ikun

hemm kittieba nisa li mhux biss jiktbu l-letteratura imma li jippubblikawha. Skont Aquilina, Meylak kienet kittieba prolifika li minkejja l-impedimenti kbar fuq diversi livelli, irnxexxielha tippubblika xogħlijietha (*Il-Muża* 199); fuq kollox, hija kellha tiġi kkanonizzata f'din l-antoloġija għax kienet kapaċi tilħaq qċaċet għoljin tal-espressjoni poetika bħalma jixhdu poeżiji tagħha bħal "Fi Nżul ix-Xemx," "Dielja" u "Ir-Ruħ."

Mill-banda l-oħra, Friggieri, il-kanonizzatur suċċessur ta' Aquilina, ma inkludiex lil Meylak f'*L-Istudji Kritiċi Miġbura*. Dan il-volum ta' kritika letterarja, ippubblikat fl-1995 u meqjus bħala awtorevoli għax huwa xogħol tista' tgħid uniku fil-ġeneru tiegħu, jiġbor fih 34 kittieb Malti li huma kollha rġiel għajr għal waħda, Micallef. Mill-banda l-oħra, fl-antoloġija *Il-Poeżija Maltija*, xogħol awtorevoli wkoll u mezz ta' kanonizzazzjoni letterarja lokali, fost l-oħrajn għax kien it-test poetiku ewlieni għal perjodu twil fis-sillabu tal-Matsec, Friggieri l-antoloġista jsegwi b'lealtà l-passi tal-kanonizzatur predeċessur tiegħu u jikkanonizza kemm lil Micallef u kemm lil Meylak. Ma' dawn żied erba' vuċijiet femminili oħra: Grech Ganado, Balzan, Sciberras u Saliba. Dan ifisser li 6% biss tal-poeti f'din l-antoloġija minn Caxaro sa Post-Modernisti bħal Mifsud u Grima, huma nisa.

Fil-ħsieb ta' Grech Ganado, li tgħid li kienet l-unika mara fil-kors universitarju tas-sena tagħha, jispikka l-kundizzjoni soċjali tal-kittieba nisa Maltin sottomessi għar-raġel, qagħda illi tidwi l-ambjentazzjoni u l-karatterizzazzjoni verosimili tan-novella ta' Azzopardi:

> L-ewwel kittieba nisa li ppubblikaw xogħolhom kienu xebbiet, u għalhekk jista' jkun li nisa miżżewġa kienu jiktbu fis-sigriet, forsi jibżgħu li r-raġel ma jixtieqx mara eċċentrika, jew li jkun hemm min jidħaq biha, u mela indirettament, bih ukoll. Avolja xi ħadd bħal Pauline Miceli rnexxielha tikteb u tippubblika bl-appoġġ tar-raġel, meta

> ġejt ħa nippubblika jien indunajt li n-nisa li ġew qabli kienu kważi kollha mhux miżżewġa, eżempju Mary Meylak, Doreen Micallef, Lillian Sciberras, Marlene Saliba, Rena Balzan . . . Barra minn hekk naf min sab poeżiji miktuba minn ommhom wara l-mewt tagħha. (“Re: Konverżazzjoni”)

Il-prolifiċità tal-kittieba nisa, kif issuġġeriet Grech Ganado, mid-dehra qatt ma kienet nieqsa, l-aktar meta l-kittieba nisa ma kinux imxekklin mid-dominanza tal-irġiel tal-epoka fl-unjoni matrimonjali. Kif seħħ fl-Iżlanda, il-fattur li llimita l-letteratura miktuba min-nisa Maltin milli tiffjorixxi kien dejjem wieħed soċjali. Il-potenzjal tal-kittieba nisa kien omnipreżenti matul l-istorja letterarja tal-umanità iżda mhux dejjem seta’ jissarraf. Meta l-kundizzjonijiet soċjali jkunu favorevoli, hemm tendenza li l-apprezzament ta’ dawn ix-xogħlijiet jiżdied b’rata mgħaġġla. Xi drabi, il-kotba tal-awturi nisa jinbiegħu saħansitra aktar minn tal-irġiel. Skont Alison Flood, fl-artiklu “Female Writers Dominated 2017's Literary Bestsellers, Figures Show,” l-ewwel għaxar bestsellers kienu kollha kotba ta’ awturi nisa ħlief għal ktieb wieħed ta’ Haruki Murakami. Din hija prova li jekk l-awturi nisa jkollhom il-kundizzjonijiet favorevoli li dejjem kellhom l-awturi rġiel, jipproduċu letteratura daqshom jew aktar minnhom – u forsi aħjar minn tagħhom ukoll.

Kliem Grech Ganado jimplika li n-nuqqas ta’ kitbiet tan-nisa tal-imgħoddi ma kienx dovut biss għan-nuqqas ta’ edukazzjoni mogħtija lin-nisa, kif saħaq Aquilina fi tmiem il-kumment dwar Meylak, imma li kien hemm kittieba nisa produttivi li xogħlijiethom intilfu, teżi li Azzopardi sarrfitha f’novella għax forsi qatt ma tista’ tissostanzjaha bi provi dokumentati. Fil-kuntest tad-diskors kanoniku dan jimplika li l-kitbiet tan-nisa Maltin, minħabba d-dell tqil maskilista (ippersonifikat minn Maurice fin-novella ta’ Azzopardi), mhux

biss ma laħħqux fil-kompetizzjoni għal post fil-kanonu letterarju Maltin imma lanqas qatt setgħu jibdew jikkompetu; kienu qishom atleti li ġew skwalifikati qabel it-tellieqa. Id-diskriminazzjoni sesswali fissret li għal sekli sħaħ l-għarfien tal-espressjoni letterarja Maltija kien parzjali għax il-letteratura rikonoxxuta mill-pubblikaturi, mill-qarrejja u mill-kritiċi kienet biss parti mil-letteratura Maltija li, skont Grech Ganado, kienet qed tinkiteb ukoll "fis-sigriet" ("Re: Konverżazzjoni"). Għaldaqstant, l-assoċjazzjoni u l-qrubija ideoloġika bejn il-moviment letterarju Femminista f'Malta u l-ħsus antikanoniċi huma prevedibbli u naturali. Jekk il-kanonu letterarju Malti u dawk li ffurmawh, ewlenin fosthom il-pubblikaturi, dejjem iffavorixxew bil-kbir lill-kittieba rġiel, ma għandhiex tkun sorpriża l-attitudni li tidher antikanonika ta' bosta kittieba nisa, anke dawk kontemporanji. Dan wassal ukoll, u din hija konsegwenza pożittiva, biex kittieba bħal Azzopardi stess bdew iħarsu wkoll 'il barra mill-mudelli limitati li joffri l-kanonu Malti ddominat mill-preżenza soffokanti ta' awturi maskili, sabiex isibu għejjun ta' ispirazzjoni li mhumiex maħkuma minn attitudni sessista jew esklussivista. Hekk, pereżempju, fl-intervista "Of Women and their Plight," Azzopardi stqarret li "r-rumanziera u ġurnalista Ingliża Angela Carter u r-rumanziera u poetessa Kanadiża Margaret Atwood kellhom impatt kbir fuqi." X'aktarx li l-esklużjoni tal-influwenza lokali tiġi naturali għal Azzopardi li trid timraħ lil hinn mill-għeluq mentali ta' letteratura ddominata mill-irġiel.

Fl-istess intervista tal-2015, Azzopardi tesprimi l-inkwiet tagħha għax filwaqt li qed jiżdiedu l-poeti nisa, qajla jinħass l-impatt tal-pinna femminili fil-proża letterarja, għax "Malta għadha mili 'l bogħod fejn tidħol il-letteratura femminili." L-ideat tradizzjonali impjantati fil-psike Malti, inkluża dik tal-kanonu letterarju, ma jgħinux biex tisseddaq il-preżenza femminili

fix-xena letterarja Maltija. Dwar dan ikkummentat ukoll Grech Ganado: “Kien aktar tard li bdejt nikkumbatti ma’ preġudizzji, u bdejt nagħrafhom ukoll fil-każ ta’ kittieba femminili oħra. Kien hemm ċertu patronizzazzjoni f’xi wħud li, naħseb, huma stess lanqas ma indunaw biha – evidenza ta’ kultura patrijarkali *ingrained*” (“Re: Konverżazzjoni”). Azzopardi tesplora kif l-ambjent familjari seta’ kien ta’ impediment għall-proċess kreattiv tal-mara minħabba r-rwol tradizzjonali li jassoċjaha mat-trobbija tat-tfal, kif xehdet “Il-Ballata tal-Ballata” ta’ Sciberras, u li minħabba fih ma ssibx ħin biex tikteb. Skont Kirsten Wolf, din kienet ukoll is-sitwazzjoni tal-kittieba nisa Iżlandiżi tal-imgħoddi li apparti d-diskriminazzjoni sesswali li ġarrbu mill-pubblikaturi, ma tantx kellhom ċans jiktbu minħabba l-impenji tagħha bħala nisa tad-dar u bħala ommijiet (159-161). Inċidentalment, fl-Iżlanda kien hemm każ reali li jixbah lil dak li tirrakkonta Azzopardi fin-novella tagħha: Wolf issemmi lill-kittieba Guðrún H. Finnsdóttir li żewġha kien stampatur u editur (163). Għall-ewwel, Finnsdóttir kienet ukoll iżżomm il-kitbiet tagħha moħbija, fost l-oħrajn għax hi stess ma tantx kienet temmen fit-talent letterarju tagħha u qisitu biss bħala passatemp. Iżda darba waħda (u hawn ix-xebh man-novella ta’ Azzopardi isir kuntrast) żewġha ddeċieda li jagħmlilha l-qalb billi jippubblikalha xogħolha (Wolf 163).

Paradossalment, Grech Ganado enfasizzat li l-poeti nisa kontemporanji huma “kollha miżżewġin” (“Re: Konverżazzjoni”) f’kuntrast ma’ Meylak, Micallef, Sciberras, Saliba u Balzan; osservazzjoni li tista’ tiġi pperċepita bħala kontradizzjoni fil-perċezzjoni Femminista tal-iżbilanċ fir-relazzjoni f’ħajjet il-poetessa bejn il-produttività letterarja u l-eżiġenzi familjari. Fi studju li ppreżentat bħala kelliema ewlenija f’konferenza ġewwa l-Università ta’ Oxford, Azzopardi kkwotat strofa minn ta’ Meylak biex isseddaq l-idea li ħafna nisa ma sfruttawx il-

potenzjal tagħhom ta' kittieba minħabba l-impenji u l-bżonnijiet tal-familja. Fil-poeżija "Monument Mananni Meylak," il-poetessa tippreżenta lil ommha bħala l-paradimma ta' dawn in-nisa:

> Li kieku hija wkoll tat ruħha għall-kitba,
> Kolombu kienet tkun għall-ilsien tagħna.
> Imm'għażlet lil missieri u bennet lili. Flok
> qagħdet tikkomponi bħali l-għana. (7)

Permezz tal-antonomasja, Meylak tasal biex tiddeskrivi l-potenzjal letterarju u lingwistiku moħbi ("għall-kitba" u "għall-ilsien tagħna") u qatt sfruttat ta' ommha f'termini ta' persuna li setgħet, daqs kull raġel, kienet saħansitra pijuniera fis-settur, bħalma "Kolombu" tqies bħala pijunier fl-esplorazzjoni. L-istrofa kkwotata turi d-dikotomija bejn il-kultivazzjoni tas-sengħa tal-kitba letterarja ("qagħdet tikkomponi bħali l-għana") u l-ħin li tieħu l-familja ("lil missieri u bennet lili"), tant li mara talentuża imma miżżewġa u bit-tfal bħal omm Meylak kienet inevitabbilment issib ruħha daharha mal-ħajt. Minħabba n-normi tradizzjonali tas-soċjetà tal-epoka, ommha "għażlet" ir-rwol familjari li xejjen il-funzjoni tagħha ta' kittieba.

Analiżi sinkronika tal-qagħda tal-letteratura Maltija f'relazzjoni mad-djalettika Femminista tingħata wkoll fl-editorjal ta' *Transcript*. Marco Galea u Albert Gatt jippreżentaw l-idea li l-qawmien femminili fil-letteratura kontemporanja Maltija li jisfida l-kanonu ddominat mill-irġiel qiegħed iseħħ l-aktar fil-kitba tal-poeżija, għalkemm wara l-kitba ta' dan l-editorjal żdiedet il-pubblikazzjoni ta' rumanzi minn awturi nisa. L-edituri ta' *Transcript*, jippreżentaw lil Grech Ganado bħala l-mudell Femminista li witta t-triq biex kittieba nisa

oħrajn jisfidaw l-idea tradizzjonali tal-kanonu letterarju Malti, u huma wkoll, bħal Lina, jaqbdu l-lapes f'idejhom:

> Aktarx li l-akbar differenza kienet il-miġja ta' numru sabiħ ta' poeti nisa, bħal Simone Inguanez, Nadia Mifsud u Simone Galea, li ħolqu niċċa għall-kitba femminili/Femminista li konsegwentement attirat qarrejja ġodda. F'dan il-kuntest, il-figura ta' Maria Grech Ganado hija ta' interess partikolari: għalkemm tagħmel parti minn ġenerazzjoni ixjeħ, ma kinitx membru tal-Moviment tas-sittinijiet u minn mindu ppubblikat l-ewwel ġabra ta' poeżiji fl-1999, Grech Ganado saret katalista importanti għal ħafna poetessi żgħażagħ. ("Charting the Centre of the Periphery")

Dawn il-poetessi kontemporanji ffurmaw kurrent frisk li qanqal l-istaġnar tad-dominanza maskili fil-kanonu letterarju Malti, li kif stqarret Azzopardi, ma jeżisitix formalment iżda jista' jkun "preżenti diġà f'moħħna" ("The Names" 1). Konxjament jew inkonxjament, dan il-kurrent jista' faċilment iħaddan ħsus antikanoniċi. L-idea ta' kanonu letterarju, fis-sens riġidu u esklussiv tiegħu, tqanqal attitudni antagonista fost min għandu għal qalbu l-kawża Femminista.

Azzopardi tesprimi d-diżgust tagħha fil-konfront ta' kanonu letterarju li rari kkalkula lill-kittieba nisa; hija mhux biss ippreżentat il-viżjoni antikanonika tagħha imma wriet li l-idea nnifisha ta' kanonu lettterarju jekk xejn, hija idea anakronistika u ristretta wisq, u l-letteratura Maltija tal-lum m'għandhiex x'tambiha. Azzopardi tiċħad l-eżistenza ta' tali kanonu fil-kuntest lokali għax jimplika "fruntieri" u "spazju magħluq u ristrett":

> Aktarx l-affarijiet ikunu aħjar jekk il-letteratura Maltija jkollha l-kanonu tagħha. Kieku kont nitkellem dwar il-kittieba meqjusa bħala kanoniċi. Imma l-kanonu jimplika l-idea

> ta’ fruntieri, mhux hekk? Ta' spazju magħluq u ristrett. Kieku kont nispiċċa nitkellem dwar numru żgħir ta’ kittieba magħżula minn numru żgħir ta’ persuni skont il-gosti tagħhom. Allura hija ħaġa tajba li l-kanonu Malti ma jeżistix (li inċidentalment, jista’ jfisser li l-kittieba huma jew kollha tajba jew kollha ħżiena). Dan dejjem jekk nassumu li l-kanonu mhuwiex preżenti diġà f’moħħna. (“The Names” 1)

Azzopardi qed tissuġġerixxi li r-relazzjoni antagonista fejn jidħol il-kanonu letterarju hija ambivalenti għaliex minn naħa turi espliċitament li ma tridux imma min-naħa l-oħra timplika li s-sitwazzjoni letterarja tista’ ssofri konsegwenzi negattivi mingħajru. Il-fatt li l-assenza ta’ kanonu tissarraf f’mentalità qarrieqa li fiha “l-kittieba huma jew kollha tajba jew kollha ħżiena” jissuġġerixxi li anke l-viżjoni Femminista tikkonċedi li kanonu letterarju jista’ jservi mqar ta’ gwida approssimattiva li tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta’ letteratura “tajba.”

F’ċerti mumenti Azzopardi rrifjutat li tikkategorizza lilha nnifisha bħala Femminista, bħal fl-intervista “Of Women and Their Plights,” li fiha qalet li “Jekk l-għażla tas-suġġett tagħmilni kittieba Femminista, allura forsi jien waħda. Imma konxjament jien ma nappartjeni għal ebda skola ta’ ħsieb Femminista.” Imma fid-diskors ta’ Oxford tiddefendi l-kawża Femminista fil-konfront ta’ mentalità żbilanċjata li dejjem għażlet li tiddokumenta l-istorja letterarja tal-irġiel. Hi ma tillimitax il-kritika tagħha għall-passat; skontha, l-istatus quo fil-kitba Maltija mhuwiex differenti ħafna minn ta' qabel. Għalkemm ix-xena letterarja Maltija b'mod ġenerali tilqa' lill-kittieba nisa, Azzopardi tħoss li xorta waħda ma tagħtihomx l-istess rikonoxximent (kanoniku) li tagħti lill-irġiel:

> Issa spiss jiġri li bil-mod ta’ kif nirrakkuntaw l-istorja tal-letteratura tagħna, in-nisa jintesew għalkollox. In-narrattiva tagħna dejjem iddur madwar is-sena 1964, is-sena

tal-Indipendenza tagħna; il-protagonisti huma l-kittieba ta' qabel l-Indipendenza u ta' wara l-Indipendenza. Il-kittieba kollha huma rġiel, kollox huwa maskili ferm. Għal żmien twil, il-letteratura Maltija, il-letteratura li jien nagħmel parti minnha, ma rrakkuntatx lill-kittieba nisa tagħha u ħalliet barra ħafna temi min-narrattiva uffiċjali tagħha. Sa issa, il-kittieba nisa għadhom mhumiex il-protagonisti. ("The Names" 2)

Il-fil antikanoniku li Azzopardi taqbad f'dan id-diskors gradwalment iwassalha biex teskludi lill-kittieba rġiel, peress li, kif hi stess implikat qabel, għaliha l-kanonu Malti (jew "in-narrattiva uffiċjali") jimplika awtomatikament lill-kittieba rġiel. Jekk ħa tmur kontra l-kanonu jfisser li trid tmur kontra l-glorifikazzjoni tradizzjonali tal-kittieba maskili; donnha tixtieq li bl-istampa żbilanċjata tal-letteratura li intenzjonalment se toffri permezz ta' dan id-diskors f'Oxford se tibbilanċja l-impressjoni skorretta li ħadu sa issa l-osservaturi li ħarsu minn barra lejn il-letteratura maskilista ta' Malta: "F'dan l-istadju, ta' min jgħid li llum, jiena wkoll se ntella' l-ħitan tiegħi sabiex neskludi minn ħdanhom lis-sess maskili, lill-irġiel kollha li ħallew isimhom, l-inizjali tagħhom, fuq il-qoxra ta' ktieb. U bi tbissima ta' medusa fuq xufftejja, hawn niddikjara li jien, matul il-ftit minuti li ġejjin, se nirrakkonta biss lill-Mara" ("The Names" 2). Minkejja li dan ma tistqarrux, Azzopardi timplika li l-aħjar xenarju għal-letteratura lokali jkun li l-kittieba kollha, irrispettivament mis-sess tagħhom, li m'għadux ippolarizzat u ddefinit binarjament bħal dari, argument li hawn Azzopardi tagħżel li ma tiżviluppahx, jingħataw l-istess opportunità ta' rikonoxximent.

Iżda għal Azzopardi, id-diskors kanoniku huwa irrilevanti, aktarx minħabba r-reżonanzi maskilisti li hija tassoċja mal-idea ta' kanonu letterarju Malti. Kif jistqarr Grima, dak li jinteressa lil Azzopardi jmur lil hinn mid-dibattitu kanoniku: "Kittieba bħal Azzopardi, li

jipprovdu perspettivi ġodda u li jesploraw esperjenzi ġodda, jgħinuna nifhmu aħjar lis-soċjetà tagħna, speċjalment jekk jagħżlu li joħorġu ’l barra minnha, jew saħansitra jirrifjutaw il-loġika u l-privileġġi tal-patrijarkat u l-isterjotipi komdi tiegħu (“New Women”). Hawn l-enfasi hija fuq it-tbegħid tal-kittieba nisa mill-influwenza tal-“patrijarki” b’xewqa ta’ ħelsien totali mid-dominanza maskili tat-tradizzjoni, għalkemm dan jibqa’ attwalment improbabbli peress li l-maġġoranza tal-kittieba nisa baqgħu jiffunzjonaw fil-qafas tas-“soċjetà tagħna.”

Naturalment, dan ir-rifjut jinkorpora fih ukoll is-sentiment rassenjat li l-idea tal-kanonu letterarju Malti nbniet fuq “il-loġika u l-privileġġi tal-patrijarkat.” Il-viżjoni essenzjalment patrijarkali, irrappreżentata tant tajjeb minn Maurice fin-novella ta' Azzopardi, li l-Maltin laħqu ffurmaw fil-psike tagħhom matul is-sekli, ma tistax tisfuma fix-xejn kif ġieb u laħaq. Madankollu, lanqas jista' jingħad li ma sarux sforzi biex din il-viżjoni titranġa, imqar billi jissewwa l-pannu bil-qargħa aħmar. Kif talludi n-novella ta’ Azzopardi, huwa faċli li jsir l-iżball li l-letteratura femminili tingħata imbuttatura ’l quddiem sabiex isseħħ malajr l-ugwaljanza rappreżentattiva. Hekk pereżempju, fl-għażla ta’ xogħlijiet letterarji miġbura f’antoloġija li se tintuża fis-sillabu tal-letteratura minn eluf ta’ studenti, l-antoloġisti jistgħu jikkanonizzaw numru ta’ kittieba nisa sabiex jilħqu r-rappreżentazzjoni ugwali mixtieqa bejn l-irġiel u n-nisa. Din il-prassi mhijiex l-ideali għax kif qalet Grech Ganado, l-antoloġisti għandhom jivvalutaw il-mertu letterarju tax-xogħol, irrispettivament minn min kitbu, għaldaqstant in-numru ta’ xogħlijiet miktuba min-nisa mhux neċessarjament għandu jikkorrispondi ma’ dak ta’ xogħlijiet miktuba mill-irġiel. Dan ma seħħx pereżempju f’antoloġija skolastika bħal *Bejn Ħaltejn*, fejn intgħażlu tliet xogħlijiet miktuba minn awturi

nisa f'antoloġija li fiha 25 xogħol letterarju, ammont li b'mod approssimattiv jirrappreżenta b'lealtà d-demografija tal-kittieba Maltin.

Mill-banda l-oħra, hemm l-isforz tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta sabiex issir promozzjoni tax-xogħlijiet tal-kittieba nisa Maltin madwar l-Ewropa. Iżda l-proġett internazzjonali intitolat *Women in Translation* jissogra li jiġi pperċepit bħala sforz artifiċjali li ma jittrażmettix ir-realtà letterarja ta' Malta u lanqas iwassal l-aqwa xogħlijiet letterarji lill-qarrejja barranin. Għall-fini ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri, iċ-ċittadini Ewropej jistennew ukoll il-proġett *Men in Translation*. Il-kontroargument huwa li dan il-proġett ma għandux l-iskop li jittrażmetti r-realtà letterarja ta' Malta iżda li jagħti spinta lill-kittieba nisa f'ambjent letterarju fejn donnhom qegħdin jibqgħu perennement żvantaġġati. Intenzjoni tajba li xorta waħda tista' ma tinżilx tajjeb ma' min jemmen tassew fi trattament ekwivalenti bejn is-sessi – ebda kittieb ma ħaqqu jiġi kkanonizzat billi jingħata vantaġġ fuq ħaddieħor. Ix-xogħol letterarju, kif jemmnu Azzopardi u Grech Ganado, għandu jitkellem waħdu. Aktar minn hekk, inizjattivi anakronistiċi bħal dawn jidhru li qed jagħmlu pjaċir lill-kittieba nisa, fl-istess waqt li jitfgħuhom, kontra r-rieda tagħhom, f'garzella waħda, donnhom ilkoll jiktbu l-istess letteratura sempliċiment għax huma nisa, kategorizzazzjoni li fundamentalment tmur kontra l-ħsieb ta' Femministi bħal Stockton, Montefiore u Grech Ganado.

3.3 Il-"Kitba Femminili" fil-Kanonu: l-Idea ta' Konverġenza

Kittieba ma għandhiex tiġi rikonoxxuta, bil-possibbiltà li eventwalment tiġi kkanonizzata letterarjament, għas-sempliċi raġuni li hija mara – dan għandu jkun kriterju irrilevanti, anzi,

ineżistenti. Dan it-twemmin huwa espress b'saħħa minn Grech Ganado u jidher qrib ħafna tal-pożizzjoni diskussa preċedentement ta' Moi u ta' Montefiore:

> Meta xi ħadd ipoġġi l-kitba ta' mara f'kategorija differenti minn dik ta' raġel, nirrabja. Imissu jkun il-mertu tax-xogħol miktub li jiddeċiedi l-valur, irrispettivament mis-sess ta' min jiktbu. Dan ma jfissirx li ma niħux pjaċir b'xi antoloġija ta' kittieba nisa biss, speċjalment jekk jinkludi ismijiet ġodda, imma l-identità ta' awtriċi ma tidderminax il-kwalità ta' xogħolha. Fejn tidħol il-kwalità, is-sess ma għandux ikollu x'jaqsam. ("Re: Konverżazzjoni")

Argumentazzjoni bħal din ma tinnegax il-fatt li l-kittieba nisa riedu jitħabtu ferm iżjed mill-irġiel biex jingħataw rikonoxximent għaliex il-kittieba nisa dejjem sabuha iżjed diffiċli biex tiġi ġġustifikata l-inklużjoni ta' kitbiethom f'sillabu jew antoloġija. Minkejja li l-kriterji tal-kwalità letterarja ma kinux oġġettivi, il-kanonizzaturi Maltin ma qagħdux ifettqu fuq jekk ħafna kittieba rġiel bħal Anton Buttigieg, Ġorġ Pisani, Ġużè Aquilina jew Lino Spiteri stħoqqilhomx jingħataw l-attenzjoni kanonika li dejjem ingħataw; donnu li l-kittieba nisa biss riedu jgħaddu mill-għarbiel fin tal-kanonizzaturi. Minkejja din il-forma ta' inġustizzja, Grech Ganado temmen li huwa ġust li l-kittieba nisa Maltin jgħaddu minn dan l-għarbiel kanoniku; prefibbilment, il-kittieba rġiel għandhom jgħaddu minnu ukoll.

Jekk, bħala eżempju, jittieħdu l-poeżiji ta' Micallef, il-kritiku letterarju aktarx li ma jsibhiex bi tqila biex jagħraf il-kwalità letterarja tagħhom. U fl-ispirtu ta' dak li qalet Grech Ganado, dan isir mingħajr ma l-kritiku jħoss xi obbligu fil-konfront tal-kawża Femminista jew sempliċiment biex joħloq xi forma ta' bilanċ bejn il-kittieba rġiel u nisa. Friggieri, bħala wieħed mill-ftit ilħna kritiċi awtorevoli tal-letteratura Maltija li kkanonizza l-kittieba Maltin

bid-daħliet tiegħu fil-bidu tal-antoloġiji poetiċi, kemm-il darba faħħar il-poeżiji ta' Micallef għax, fost l-oħrajn, inkitbu b'teknika oriġinali. Fid-daħla għal *De Profundis*, intitolata "Doreen Micallef – Djarju Drammatizzat u Ritwaliżmu Liriku," Friggieri jiddeskrivi kif l-elementi lingwistiċi huma lkoll "turijiet ta' qagħda spiritwali li t-tagħwiġ verbali jikxifha fil-bixra poetika-drammatika tagħha u li l-inventività espressiva tagħha tbiddilha f'letteratura tassew tajba" (viii). Kummenti pożittivi bħal dawn, li inċidentalment jaqblu mal-ħsieb ta' kanonisti internazzjonali li jqisu "l-inventività," jew l-oriġinalità, bħala waħda mill-aqwa provi tal-letterarjetà, jixhdu li m'hemmx preġudizzju kritiku inġust jew sproporzjonat favur il-kittieba nisa. Għal Friggieri l-poeżiji ta' Micallef kienu essenzjali fil-mixja storika tal-poeżija Maltija għaliex ikkontribwew sabiex "l-ispirtu poetiku tal-lum jirrikonċilja l-liriku maċ-ċerebrali" (ix) u dan ma seħħx neċessarjament għaliex Micallef kienet poeta mara u mhux raġel.

L-irrilevanza tal-ġeneru tal-poeta li temmen fiha Grech Ganado, hija preżenti f'aktar kummenti ta' Friggieri li jkomplu jikkanonizzaw lil Micallef. Fid-daħla għal *Kyrie*, intitolata "Doreen Micallef – Għera, Intimiżmu u Teknika tar-Ripetizzjoni," Friggieri jpoġġi l-kontribut ta' Micallef fil-kuntest storiku tal-letteratura Maltija billi jiddefinih bħala "wieħed mill-waqtiet l-iżjed maturi, jekk mhux l-iżjed wieħed, tal-mixja letterarja lokali kollha" (14). Hawnhekk, il-kritika metikoluża tiegħu tal-versi ta' Micallef hija sinċiera biżżejjed sabiex titwemmen bħala osservazzjoni bla preġudizzji u favoritiżmi sessisti fil-konfront ta' poeta li inzertat mara u mhux raġel. Madankollu, din l-imparzjalità ma tista' qatt twarrab il-femminilità tal-vuċi poetika ta' Micallef, tant li l-kritiku għandu kull dritt jinvokaha u jiċċelebraha. Fl-ispirtu Bloomjan, għax bħal Bloom Friggieri jippremja l-oriġinalità, il-kritiku-

kanonizzatur jeżalta “l-bixra waħdanija ta’ Doreen Micallef, il-leħen femminili tal-Moderniżmu lokali” (7). Fi żmien Micallef, ma tantx kien hemm poeti nisa li setgħu jikkompetu għal dan it-titlu: Meylak ġiet qabilha u Grech Ganado warajha filwaqt li hi kienet aktar prolifika minn Sciberras u kitbet aktar poeżiji ta’ valur letterarju. Tant hu hekk li mill-pożizzjoni temporali vvantaġġjata tal-lum nistgħu ngħidu li Micallef għaddiet mit-test taż-żmien għax xogħlijietha baqgħu jinqraw u jiġu studjati, kif jgħid Anthony, karattru fir-rumanz *The Beautiful and the Damned* ta' F. Scott Fitzgerald. Meta dan Anthony jiddiskrevi x’inhu “l-klassiku,” jistqarr li dan “huwa ktieb ta’ suċċess li ssopravviva r-reazzjoni tal-perjodu jew tal-ġenerazzjoni ta’ warajh. Imbagħad jikseb post sikur, bħal stil fl-arkitettura jew fl-għamara” (37). Fit-3 ta’ Diċembru 2011 saret konferenza dwar Micallef f'għeluq l-għaxar anniversarju minn mewtha – konferenza li kompliet tikkonsolida l-istatus letterarju tagħha. Mill-banda l-oħra, it-titlu assolutista (“il-leħen femminili tal-Moderniżmu lokali”) li joħloq Friggieri, apparti li jeleva individwalment lill-poetessa, involontarjament jixħet dawl ikrah fuq il-letteratura Modernista Maltija li kienet defiċjenti fejn tidħol il-parteċipazzjoni femminili.

L-istudju epistemoloġiku ta’ Simone Galea “A Place Called Home. Women and Philosophy of Education,” li jibni fuq l-idea li n-nisa jsibu “post” jew saħansitra jistabbilixxu “dar” fid-diskors filosofiku dwar l-edukazzjoni, jista’ wkoll jixħet dawl fuq id-dibattitu dwar il-kanonu letterarju u fuq kif u kemm in-nisa huma jew mhumiex preżenti fih. Is-sistema maskilista ta’ għarfien li fuqha hija mibnija wkoll il-filosofija tal-edukazzjoni, li titkellem fuqha Galea meta telabora fuq it-teoriji Femministi ta’ Irigaray, żviluppat matul is-sekli askapitu tal-preżenza femminili. Aktarx li kien “il-falloċentriżmu” li mmotiva lil Galea biex tqanqal lill-filosfi nisa jmorru kontra “r-reġimi falloċentriċi dominanti” li ħakmu l-kamp filosofiku sa mill-

oriġini tiegħu (1). Galea tisħaq li l-filosfi nisa għandhom bżonn "post li jistgħu jqisuh bħala darhom" mingħajr ma jingħalqu żżejjed (2). L-idea ta' "dar" ma għandhiex l-għan li timplika lokalizzazzjoni fiżika, statika u fissa iżda tissuġġerixxi sens ta' libertà u ftuħ għall-għarfien tad-differenzi anke fl-identità sesswali. Inċidentalment, idea pluralista bħal din tikkorrispondi mal-ideat progressivi tal-kritiċi liberali li jridu jiftħu beraħ il-bibien tal-kanonu letterarju. Meta Galea taqbad dan il-fil argumentattiv, probabbilment li tagħmel aktar ġid għall-kawża Femminista milli meta telabora fuq l-idea li l-filosfi nisa jsibu "posthom" fix-xena filosofika billi jissegregaw lilhom infushom f'"dar" għalihom. Fi kwalunkwe qasam ta' studju, l-enfasi fuq ir-rappreżentazzjoni wiesgħa jwassal messaġġ ta' tolleranza u ta' apprezzament realistiku tad-diversità umana – il-leħen dgħajjef li jingħalaq f'kaxxa bit-tama li jissaħħaħ sabiex ikun jista' jisfida l-ilħna qawwija ta' madwaru, jispiċċa biex ħadd ma jisimgħu u l-għajta tiegħu tintilef fid-dagħbien tal-irrilevanza. Fi qbil ma' dak li qalet Grech Ganado meta tkellmet miegħi fuq ir-rappreżentazzjoni femminili fil-kamp letterarju, aktarx li attitudni apoloġetika Femminista li tippromwovi l-ħolqien ta' spazju ġdid għall-vuċijiet femminili, kemm fil-filosofija, kif ukoll fil-letteratura, tista' tkun aktar ta' deni milli ta' ġid għaliex il-kunċett insulari tad-"dar" jista' jimplika sens ta' restrizzjoni aktar milli jevoka s-sens ta' ftuħ li jwassal għal aktar espożizzjoni, tixrid ta' ideat u ċans akbar għall-kanonizzazzjoni letterarja.

Meta fl-1975 Cixous użat għall-ewwel darba t-terminu "*écriture féminine*" fl-esej "The Laugh of the Medusa" sabiex tħeġġeġ it-tixrid tal-"lingwa tan-nisa" kienet qiegħda timplika involontarjament is-segregazzjoni tal-espressjoni femminili fi spazju ġdid. Meta mistoqsi minn Gary Olson dwar dawn it-tentattivi tal-Femministi Franċiżi, Jacques Derrida kkummenta li l-ħolqien ta' kanonu femminili li jmur kontra l-kanonu mibni fuq il-"fallogoċentriżmu"

(neoloġiżmu ta’ Derrida li jispjega l-privileġġi maskili fil-kostruzzjoni tat-tifsir fil-lingwa) nistgħu nipperċepuh sempliċiment bħala tentattiv sabiex ordni ġerarkika tieħu post ordni ġerarkika oħra:

> Kultant il-Femminiżmu jissostitwixxi l-fallogoċentriżmu ma' tip ieħor ta' eġemonija. Ma rridx ngħid li n-nisa kollha jagħmlu dan, imma hija tentazzjoni strutturali. Huwa forsi inevitabbli li f'xi punt jippruvaw ireġġgħu lura l-ġerarkija stabbilita, imma jekk jagħmlu dan biss – li jreġġgħu lura l-ġerarkija – se jifformulaw l-istess skema. Kultant il-Femminiżmu, bħala tali, jagħmel dan, u naf li xi wħud min-nisa mhumiex kuntenti b’dan. (“Jacques Derrida” 14)

Iżda Galea taqbel ma’ Irigaray meta tinsisti li “l-artikulazzjoni tal-femminili hija strateġija essenzjali biex tisfida l-istorja tal-proġett filosofiku monokromatiku” li dejjem iffavorixxa lill-filosfi u lill-kittieba rġiel (3). Għaldaqstant, l-idea li n-nisa jistabbilixxu “dar,” metafora missellfa wkoll mingħand Irigaray, issir fundamentali għan-nisa jekk ma jridux jibqgħu maqfulin fid-“djar” tal-irġiel tagħhom:

> Meta tqis li n-nisa ġew aċċettati biss fil-filosofija meta ġabu rwieħhom ta’ wlied bniet li jirrispettaw l-għerf ta’ missierhom, il-fatt li jistabbilixxu l-postijiet tagħhom stess ta’ espressjoni jsir importanti. Huma nstemgħu biss meta użaw il-lingwa tal-missier, jew meta wettqu l-funzjoni ‘edukattiva’ ta’ riproduzzjoni ta' forom patrijarkali u falloċentriċi tal-ħsieb. (Galea 3)

F’kuntrast ma’ dak li qal Derrida, l-istrateġija ta' ċerti Femministi li joħolqu kanonu alternattiv biex jiġġieldu kontra l-eġemonija tal-irġiel fil-letteratura, għandha l-għan aħħari li twassal għall-ugwaljanza bejn is-sessi. Kanonu mingħajr l-awturi rġiel huwa falsità oħra;

għaldaqstant, dawn "il-postijiet" li qiegħda ssemmi Galea għandhom jitqiesu aktar bħala strateġija temporanja milli bħala l-għan innifsu tal-kawża Femminista. Is-sitwazzjoni lokali ideali għall-kittieba nisa tkun meta l-letteratura femminili ma tibqax titqies bħala "sottokultura f'minoranza" kif stqarret Showalter meta intervistaha Jeffrey Williams (362).

L-iktar spunt fl-istudju ta' Galea li fil-fehma tiegħi jista' jikkontribwixxi għad-djalettika tal-kanonu letterarju fid-dawl tal-perspettiva, jew perspettivi, tal-movimenti Femministi joħroġ mid-diskussjoni mnebbħa mill-"parabbola tal-għar" li ħareġ biha Platun f'*Ir-Repubblika*. Matul l-istudju tagħha, Galea tiddiskuti kif mill-ottika Femminista, din il-parabbola tista' titqies bħala sessista u saħansitra bħala rakkont miżoġenu. Ir-rakkont Platoniku jissuġġerixxi li r-raġel irid joħroġ mill-jasar tal-għar, l-ambjent femminili li jimplika "n-negazzjoni tad-differenza sesswali" (2), sabiex jilħaq il-milja tal-intellett tiegħu. Iktar ma r-raġel jitbiegħed mill-għar, li skont Irigaray jissimbolizza l-ġuf, iktar iżid iċ-ċans li jersaq lejn il-kisba tal-verità. Il-filosfi Femministi interpretaw dan ir-rakkont bħala turija tal-fatt li sa mill-bidu tagħha, it-tradizzjoni filosofika dejjem warrbet lill-ħassieba nisa u stmathom bħala intellettwalment inferjuri ħdejn l-irġiel. Fil-fatt, l-istorja tal-filosofija, invażata bi protagonisti maskili, ma tantx tista' tiċħad li matulha, il-ħsieb tan-nisa kważi qatt ma ġie rrappreżentat. Iżda l-istudju ta' Galea jmur lil hinn fl-interpretazzjoni tal-parabbola tal-għar. Fi qbil ma' Irigaray, Galea tuża l-metamorfizzazzjoni tal-għar bħala ġuf sabiex turi kif il-qari mill-ġdid ta' din l-allegorija jista' jwassal għal riinterpretazzjoni pożittiva: minn ambjent intellettwalment sterili, l-għar jiġi interpretat bħala l-ambjent idoneu biex jimmanifesta l-femminilità bħala sors ta' prokreazzjoni u ta' kreattività. Għaldaqstant, ir-rakkont tal-għar-ġuf jista' jiġi utilizzat

bħala “strateġija li tfittex li tbiddel in-nisa f’ħallieqa u ġeneraturi ta’ għarfien fi ħdan l-ispazji li tippermettilhom l-ordni soċjali” (Galea 4).

Il-kxif ta’ dan ir-rwol femminili rridimensjonat jista’ jmur lil hinn mill-ambitu filosofiku. Din ir-riinterpretazzjoni ta’ rakkont fundamentali għall-istudji filosofiċi jista’ jsawwar mill-ġdid il-mod ta’ kif il-preżenza femminili tiġi pperċepita, mhux biss fil-filosofija imma wkoll fil-letteratura. Jekk, ngħidu aħna, isir qari mill-ġdid tal-poeżiji ta’ Dun Karm, il-paradimma tal-era Romantika Maltija li tradizzjonalment tqieset bħala l-anatema tal-Femminiżmu għax kienet epoka ta’ espressjoni artistika li ma ffavoriet xejn lin-nisa, tista’ tinħoloq il-possibbiltà li dan il-poeta jiġi kkunsidrat f’dawl kritiku differenti. Dun Karm tqies mill-kritiċi bħala dak li minħabba poeżiji bħal “Nudiżmu,” “It-Tifla tar-Raba’” jew “Lill-Għonnella,” dejjem seddaq l-isterjotip tal-mara ideali tar-raħal f’konfront mal-mara immorali tal-belt bħal kif jidher fl-istudji dwar Dun Karm ta’ Joseph Vella, ta’ Semira Bugeja u ta’ Immanuel Mifsud.

Iżda l-qari ta’ Dun Karm fid-dawl tal-proposta Femminista ta’ Irigaray jista’ jipprovoka l-eżodu tal-Femministi mill-Iskola tar-Riżentiment li fiha inkludiehom Bloom. Sa mill-konċepiment tagħha, proposta ermenewtika bħal din tiċħad l-idea li l-kitba femminili u Femminista trid toħroġ bilfors minn awtriċi. Xi drabi jiġri li maż-żmien l-akkademja titfa’ awtur jew awtriċi fil-konfini ta’ garżella riġida li qajla tħalli lok għal riinterpretazzjoni ta’ xogħolhom. Ann Thompson tistħarreġ kif anke awtur bħal Shakespeare, li ħafna drabi nqisuh bħala drammaturgu xovinista, nistgħu nivvalutawh f’dawl differenti. Ngħidu aħna, fid-drammi *Love's Labor's Lost* u *The Comedy of Errors*, Shakespeare joħloq karattri nisa li huma aktar prattiċi, effiċjenti u intelliġenti mill-karattri rġiel (“Errors”). L-osservazzjonijiet ta’ Thompson juru li jekk il-kritika tkun flessibbli, tista’ toħloq ambjent adatt sabiex kittieba tal-

imgħoddi jerġgħu jingħataw il-ħajja bil-qari mill-ġdid ta' xogħlijiethom. U bħalma Shakespeare qiegħed jinqara mill-ġdid, hekk ukoll jista' jsir fil-każ ta' Dun Karm. Biex nestendi s-simboliżmu Platoniku, Dun Karm tant kien komdu ġol-għar li ma ħassx il-ħtieġa li joħroġ minnu. Fil-kenn tal-għar huwa rnexxielu jdur biex xorta waħda jilmaħ id-dawl ta' barra. Ir-rifjut tat-tbegħid mill-ambjent femminili tal-għar jista' jinftiehem metaforikament meta jiġi kkunsidrati xi versi evokattivi, bħal dawk fit-tielet strofa ta' "Żjara lil Ġesù," li jissuġġerixxu li psikoloġikament seta' weħel fl-istadju Edipiku, kundizzjoni awtorjali li jekk tassew tista' tiġi attribwita lil Dun Karm tkompli sseddaq l-idea tal-firxa tal-element femminili dominanti fil-psike tal-poeta nazzjonali u għalhekk fil-letteratura li pproduċa. Apparti r-rabta speċjali ma' ommu Lunzjata, Dun Karm kellu relazzjoni mill-qrib ukoll ma' żewġ nisa, qaribtu Ġannina Pisani u Karmni Buhagiar, li kienu jieħdu ħsiebu. Il-fatt li Dun Karm kważi qatt ma semma lil missieru f'xogħlijietu, għajr li ddedikalu s-sunett "A Mio Padre Morto" u semmieh f'vers wieħed ta' "Żjara lil Ġesù," filwaqt li jitkellem fuq ommu f'diversi poeżiji, jista' jindika din ix-xejra psikoloġika li ġiet mistħarrġa f'kuntesti letterarji oħrajn, bħal kif sar permezz tal-istudju "Oedipus Complex in Literature Works" li fih Yan Liu u Chencheng Wang użaw it-teorija Freudjana bħala għodda tal-kritika letterarja. Ir-raġel, flok jibqa' dominanti jsir l-iddominat – karatteristika komportamentali li qajla ġiet eżaltata mill-esponenti Romantiċi imma li tinħass preżenti fihom, minkejja li tibqa' mistura. Dan il-qari mill-ġdid ta' poeti Maltin, mhux bilfors ta' Dun Karm, jista' jwassal għal rivalutazzjoni tal-attitudni antikanonika ta' xi Femministi u għal assimilazzjoni ta' attitudni li ma twarrabx għalkollox il-kanonu stabbilit u li ma tibqax tqisu bħala patrijarkali jew bħala theddida għall-vuċijiet femminili.

Il-preżenza femminili, xi drabi anke dominanti, li kienet diġà qawwija fil-kitbiet meqjusin bħala kanoniċi miktuba mill-irġiel, x'aktarx li ħadd ma kien komdu jammettiha minħabba kwistjonijiet soċjokulturali. Jekk in-nisa ma kinux preżenti bħala kittieba fil-kanonu tradizzjonali, ċertament kienu preżenti spiritwalment – preżenza li nifhem li għal diversi kittieba u ħassieba nisa jew Femministi xorta ma kinitx biżżejjed. Iżda r-rivalutazzjoni ta' kittieba bħal Dun Karm tista' twassal ukoll biex jiġi kkunsidrat il-fatt li l-femminilità fil-letteratura Maltija ma kinitx assenti proprju għax anke l-kittieba rġiel kienu jiċċelebrawha billi, konxjament jew inkonxjament, jesponu kontinwament b'kitbiethom dak li Mellor sejħitlu "Romantiċiżmu femminili" (31). Din il-konsiderazzjoni, aktar milli twassal għal ristrutturar kanoniku, tista' tipprovoka perċezzjoni Femminista oħra ta' kif il-kanonu letterarju Malti jista' jiġi identifikat, evalwat u rikostruwit mill-ġdid.

Il-femminilità Dunkarmjana tista' wkoll tinftiehem bħala sors ewlieni ta' ispirazzjoni poetika, kif turi, fost l-oħrajn, il-poeżija "Lill-Muża" li fiha Dun Karm jantropomorfizza lill-"muża" u jitkellem magħha bil-lingwaġġ intimu tan-namrati: "Issa ma nitnikketx, jekk fuq xofftejja / ma nħossx iżjed in-nifs tal-bewsa tiegħek" (441). Iżda l-motiv femminili Dunkarmjan ma jimmanifestax ruħu l-aktar fis-sura tas-sieħba immaġinarja kif jiġri fil-poeżiji ta' Romantiċi oħra bħal "Tfajla, Toħlomx" ta' Briffa u "Lit-Tfajla ta' Mħabbti" ta' Vassallo. Diversi poeżiji ta' Dun Karm, bħal "Il-Kelma t'Ommi," "Int ma Tarġax" jew "Is-Salib I," huma ispirati mill-figura edifikanti tal-omm bijoloġika tiegħu b'assoċjazzjoni intrinsika mal-idea sublimi u arketipika tal-omm li tidher f'xogħlijiet bħal "Univers Ieħor" u "Omm." Iżda għal Dun Karm, il-kunċett figurattiv tal-omm jimplika aktar minn hekk: Malta hija ommu kif jixhdu l-"Innu Malti" u "Wara Ħamsa u Għoxrin Sena." F'"Quddiem Xbieha tal-Madonna" u "Id-

Duluri," il-Madonna ssir ommu wkoll. F'"Lil Malta – Għanja," il-poeta jiddeskrivi lil Malta bħala "omm" li rabbiet lill-"ulied" Maltin (186). F'"Kewkbet is-Safar" l-istilla polari tassumi wkoll din id-dimensjoni materna. Dan il-kalejdoskopju rappreżentattiv tal-maternità huwa xhieda tal-influwenza pervażiva ta' dan l-aspett fundamentali tal-femminilità, tant li jista' jiġi pperċepit f'livelli ta' ossessjoni fil-proċess kreattiv tal-poeta għaliex l-omm tista' "tinqara" f'ħafna xogħlijiet ta' Dun Karm, mill-għanja popolari "Tislima lil Marija Immakolata – Min-Nies ta' Bormla" sal-iktar xogħol ċelebri tiegħu, "Il-Jien u Lil Hinn Minnu." Saħansitra poeżija bħal "Univers Ieħor" tazzarda teħodha kontra l-perċezzjoni tradizzjonali ta' Alla bħala figura paterna. Il-final ta' dan is-sunett jista' jissuġġerixxi li Alla huwa aktar omm milli missier, "U minn dak l-univers ta' tjieba u dija / Li jiddi ħelu fuq il-wiċċ ta' mara / Alla jixref u jidħak lit-tarbija" (117).

Apparti li jiżviluppa l-motiv tal-omm, il-poeta jesplora aspetti oħra tal-femminilità, xi drabi anke b'modi kurjuż. F'poeżija li teżalta l-figura femminili, "Lil Marti Marija," il-persona ssir ir-raġel li jindirizza direttament lil martu li mititlu. Xi drabi jispirah ukoll ir-rwol relazzjonali tal-bint, tant li Malta issir bint Alla f'"Talba għax-Xita," daqskemm il-Knisja ssir bint Alla f' "Il-Knisja." Fil-poeżija "Il-Knisja," il-Knisja ssir ukoll "xbejba, li qatt ma tixjieħ" (350). Poeżija li bħal f'"Biki ta' Omm" tinstema' l-vuċi femminili fl-ewwel persuna imma li titlissen mill-perspettiva tal-bint, hija "Mingħajr Omm":

Tmien snin biss għandi, - għadni tarbija
U ġa, jaħasra, - sfajt mingħajr omm;
Iżjed għal qalbi – ma hemmx thennija,
Iżjed daħkani – ma jkunx dal-fomm.

Għandi ’l missieri – qalbu ħanina

Iħobbni mħabba – bħal ta’ miġnun.

Imma xi jservi? – Faraġ għalina

Qatt u qatt iżjed – ma jista’ jkun (87)

Hawn ukoll il-poeta sensittiv jittanta jempatizza mal-ħsus tal-protagonista femminili u jispekula li l-imħabba paterna, għalkemm ġenwina, qatt ma tista’ tieħu post dik materna li tiġi bħala konsegwenza naturali tar-rabta intrinsika bejn l-omm u l-bint kif toħroġ ġenwinament, ngħidu aħna, fin-narrazzjoni awtodijeġetika fir-rumanz *Ir-Rota Daret Dawra (Kważi) Sħiħa* ta’ Nadia Mifsud.

“Biki ta’ Omm” tispikka bħala poeżija li twassal għar-ridimensjonament fl-interpretazzjoni ta’ Dun Karm u tar-Romantiċiżmu letterarju li jirrappreżenta. Permezz tal-ewwel persuna singular femminil, f’din il-poeżija unika Dun Karm jinħeba wara l-persona femminili u jittanta jirraġuna b’moħħ ta’ omm. Il-karatterizzazzjoni fil-poeżija hija ddominata totalment mill-preżenza femminili; kemm in-narratur kif ukoll in-narratarju huma nisa. Il-femminilità tal-omm li qiegħda titkellem titħabbeb faċilment mal-femminilità tal-bint indirizzata. Il-kompatibbiltà femminili bejn l-omm u l-bint hija żona emottiva u psikika li naturalment, fis-sens dejjaq tal-kelma, ebda raġel ma jista’ qatt ikollu sehem sħiħ fiha. Għalkemm Dun Karm juri li hu konxju minn dan (“Żgur ħadd ma jfisser”) xorta waħda jesperimenta bil-vuċi fit-tieni persuna sabiex bl-akbar sensittività u rispett lejn in-nisa u l-femminilità fundamentali tagħhom iġarrab, jaħseb, iħoss, jitkellem u jikteb f’isimhom (“Biki” 105). F’din il-poeżija, Dun Karm jinża’ l-maskulinità tiegħu sabiex jidħol fil-ġisem u l-moħħ ta’ mara. Din hija deċiżjoni kuraġġuża tal-poeta raġel, aktar u aktar jekk titpoġġa mill-ġdid fil-

kuntest soċjokulturali ta' żmienu. L-għażliet relattivament avventuruż li għamel Dun Karm fil-proċess tal-kitba ta' "Biki ta' Omm," apparti li jimplikaw element intenzjonat ta' empatija, jevokaw ukoll sens ta' umiltà u ta' ammirazzjoni lejn min kapaċi jġarrab emozzjonijiet umani b'intensità akbar li tmur lil hinn mill-erlebnis tiegħu. Iktar milli paternalistiku jew kondixxendenti, hawn il-poeta Romantiku jinħass sottomess għal forzi emottivi superjuri għalih għax fil-verità qatt ma jista' jesperjenza l-emozzjonijiet li ħasset l-omm meta kienet tqila b'bintha, meta wellditha, meta rabbietha, meta bintha lissnet l-ewwel kelma u meta finalment ratha tmut. Dun Karm jipprova jifhem, fil-limiti kollha tiegħu għax huwa raġel, x'tinvolvi l-femminilità bi kliem pjuttost empatetiku bħal:

Kif intemmejtli f'qasir żmien, maħbuba
Ta' qalbi, dawl għajnejja! U kif intemmet
Miegħek għal dejjem il-ħolma sabiħa
Tal-hena tiegħi.

Nissiltek u ħabbejtek b'saħħti kollha,
Binti l-għażiża, u fik, fik biss kien moħħi
Minn qabel ma twelidtli; għaqli ħlejtu
Naħseb kif nista'

Inqiegħdek mill-aħjar malli titwieled.
Inti għamiltni omm, u x'ħassejt f'qalbi
Dik il-lejla li smajtek l-ewwel darba
Tibki ma' ġenbi ("Biki" 105)

Qarrejja każwali u sajma mill-identità ta' min kiteb dawn il-versi, faċilment jistgħu jassumu li din il-lirika nkitbet minn poeta mara. Għalkemm jappartjenu għal tradizzjonijiet differenti, "Biki ta' Omm" tissieħeb ma' poeżiji bħal "Hekk Tħobbni l-Iżjed" ta' Nadia Mifsud jew "Lil Binti" ta' Claudia Gauci (it-tnejn ommijiet ta' bniet) fejn ukoll, il-persona, li mhux neċessarjament tirrappreżenta lill-poetessa kkonċernata, tindirizza lill-bint.

Iżda minħabba li huwa raġel, Dun Karm jiġi awtomatikament eskluż mill-possibbiltà li "Biki ta' Omm" tista' qatt titqies, lanqas remotament, bħala poeżija strettament awtobijografika. Inċidentalment, Mifsud kitbet ukoll poeżija li fiha teskludi lilha nnifsha mir-relazzjoni omm-bint: "Fil-Kċina" tippreżenta l-memorji impressi f'moħħ il-bint li rat lil ommha tiġi abbużata. Minkejja li t-tematika titbiegħed sew minn dik ta' Dun Karm, xorta jibqa' l-fatt li, bħalma ġara f'"Biki ta' Omm," il-poetessa tidħol f'sitwazzjoni familjari trawmatika li mhijiex tagħha iżda minkejja din l-awtoesklużjoni xorta qiegħda tipprova tassumi l-emozzjonijiet li ħassew il-protagonisti omm u bint. Id-differenza ewlenija bejniethom hija li "Biki ta' Omm" tenfasizza l-aktar il-perspettiva tal-omm, filwaqt li l-fokalizzazzjoni ta' "Fil-Kċina" tissejjes fuq it-tiġrib tal-bint.

Iżda spiss jiġri li l-poeti rġiel stabbiliti fil-kanonu jiġu kkwotati esklussivament biex isaħħu l-argumentazzjoni sessista, filwaqt li vrus oħra jiġu injorati. Emery Ross targumenta li l-poeżiji ta' Pablo Neruda, li spiss jiġu mmarkati bħala sessisti u xovinisti minħabba "l-oġġettivizzazzjoni sesswali" tal-mara u "l-lingwa patrijarkali" u "miżoġina" tiegħu jistgħu jiġu interpretati lil hinn minn din it-tip ta' kritika limitata li ma tqisx il-kuntest storiku u kulturali u elementi essenzjali oħra bħall-ineżattezzi fit-traduzzjoni (1). Ross issemmi lil Dominic Moran u Margaret Persin li f'dan il-konfront jiddefendu lill-akbar poeta Ċilen, li kien ukoll attivista

politiku li ħaddan ideoloġiji progressivi u ħadem favur id-drittijiet tan-nisa, billi jipproponu l-qari mill-ġdid ta' xogħlijietu b'sensittivita akbar lejn l-intenzjonijiet ta' Neruda fosthom dik li jittratta t-tematika sesswali fil-poeżija sabiex jisfida l-forzi politiċi u soċjali ta' żmienu.

Leħen poetiku korrispondenti iżda f'kuntest kulturali ferm differenti huwa dak ta' Nizar Qabbani, wieħed mill-aqwa poeti Għarab tas-seklu 20, li bħal Neruda spiss kiteb versi senswali dwar il-mara. Skont Ivana Perić f'"The Feminism of Nizar Qabbani," dan il-poeta Għarbi wkoll ippreżenta "immaġini kuraġġużi u senswali li invokaw is-sbuħija tan-nisa, ta' ġisimhom għarwien u tas-sesswalità ħielsa tagħhom." Perić tikkwota lil Wen-chin Ouyang, professur tal-Għarbi u tal-Letteratura Komparata, li jqabbel lil Qabbani ma' Neruda għax it-tnejn (bħal Dun Karm) ma jirnexxilhomx "jiddivorzjaw il-mara min-nazzjon." Sabiex juri r-rabta diretta bejn dawn iż-żewġ poeti, Ouyang jgħid li *The 100 Love Letters* ta' Nizar Qabbani nkitbu bħala omaġġ lill-mitt sunett ta' mħabba ta' Pablo Neruda. Bħalma għamel Dun Karm f'"Biki ta' Omm" u "Mingħajr Omm," hekk ukoll għamel Qabbani f'xi xogħlijiet minn tiegħu fejn il-poeta raġel isir mara permezz tal-poeżija:

> Jiena mara
>
> Jiena mara
>
> Il-jum li fih wasalt f'did-dinja
>
> Sibt ma' wiċċi s-sentenza tal-eżekuzzjoni tiegħi
>
> Filwaqt li ma rajtx il-bibien tal-qorti tiegħi
>
> Filwaqt li ma rajtx l-uċuħ tal-imħallfin tiegħi (f'Perić)

L-anafora inizjali tenfasizza d-dewbien tal-identità maskili u l-assimilazzjoni sħiħa ta' dik femminili. Permezz tal-empatija, Qabbani jagħti vuċi lin-nisa Għarab li qajla tħallew jesprimu

rwieħhom fil-kuntest soċjali li għex fih fis-Sirja. Skont Perić, “permezz tal-poeżija ta’ Qabbani, lil dawn in-nisa ammirawhom, irrispettawhom, u faħħruhom,” osservazzjoni li nikkunsidra idonea fil-konfront tal-poeta nazzjonali Malti.

It-trattament li l-mara ngħatat minn Neruda u minn Qabbani jista’ għaldaqstant iqanqal ukoll il-qari kritiku mill-ġdid tax-xogħlijiet “femminili” ta’ poeti rġiel tal-passat. Iżda Dun Karm, għall-kuntrarju ta’ Qabbani, xorta jibqa’ jiġi kkritikat lokalment b’xettiċiżmu għall-mod ta’ kif ittratta lill-mara f’xogħlijietu. F’“‘L-Għajnejn Tixtieq’: Il-Ħarsa Fallika tal-Poeti Rġiel Lejn l-Oġġett Femminili,” Mifsud juża l-poeżija “Irmied” sabiex juri kif il-figura femminili fil-poeżija ta’ Dun Karm “tqajjem il-kurżità sesswali [u] ssaħħan iI-libido ta’ min qiegħed iħares” (51). Mifsud japplika għal Dun Karm dak li qalet Laura Malvey:

> iI-mara ssir xbieha filwaqt Ii r-raġel (I-aġent attiv) jieħu r-rwol ta' dak Ii jħares. Allura I-mara ġġorr magħha ‘r-rwol tradizzjonali esibizzjonista’ Ii jesebixxiha u jagħtiha konnotazzjoni ta’ xi-ħaġa-magħmula-għall-wiri (‘*to-be-looked-at-ness*’). II-ħarsa maskili hija ħarsa Ii tikkontrolla lill-mara Ii, min-naħa tagħha, bħala oġġett sesswali Ii joffri spettaklu erotiku, tiġbed fuqha din il-ħarsa u tissodisfa I-ħajra maskili. (47)

Perspettiva bħal din nistgħu napplikawha għal poeżija individwali bħal “Irmied,” għalkemm naħseb li xorta qegħdin nissesswalizzaw iżżejjed dak li nkiteb; madankollu, qajla jista’ jingħad li x-xogħlijiet l-oħra ta’ Dun Karm li jittrattaw suġġett femminili jistgħu jiġu interpretati mill-perspettiva ta’ Mulvey. Fl-analiżi ta’ “Irmied,” Mifsud jistqarr li “l-ħarsa, bħalma argumentat Mulvey, hija I-prerogattiva tar-raġeI u I-mara qiegħda hemm biex tidher” (“L-Għajnejn” 50); din l-osservazzjoni hija valida għal din il-poeżija imma ma x’aktarx li ma treġix jekk tiġi applikata fil-kuntest usa’ tax-xogħlijiet kollha ta’ Dun Karm. Ngħidu aħna, il-poeżiji “Biki ta’

Omm" u "Mingħajr Omm" juru li "l-ħarsa" ta' Dun Karm ma tibqax "tar-raġel" imma saħansitra ssir ħarsa femminili.

Għaldaqstant, il-femminilità Dunkarmjana tmur lil hinn minn hekk: il-kritika letterarja tissogra li ssir vittma tal-ġeneralizzazzjoni u tas-simplifikazzjoni li jistgħu jwasslu għall-iskorrettezza ermenewtika meta dawn jillimitaw il-viżjoni oġġettiva tal-kritiċi u tal-qarrejja. Mhux talli Dun Karm ma jħarisx biss lejn il-mara "bħala oġġett sesswali li joffri spettaklu erotiku" talli spiss jissublimizza lill-figura femminili f'xogħlijietu. Tant jgħolli lill-mara fuq il-pedestall tal-bniedma ideali li jasal biex jemmen li hija aħjar mir-raġel. F'"In-Nissieġa" l-poeta jeżalta l-bżulija femminili tant li jpoġġiha fil-livell divin ta' "Omm Alla," filwaqt li jikkundanna l-għażż maskili. Dan il-kuntrast huwa espliċitu l-aktar fl-aħħar żewġ strofi kuntrastanti tal-poeżija:

Il-għażżien biss li jmur mifluġ fis-sodda,
Mifluġ iqum u 'l hawn u 'l hinn jitlajja;
Il-għażżien biss jisraq m'nn idejn ħaddieħor
Il-ħobż li jiekol.

Aħdem, ja xbejba, u f'nofsinhar istaħja;
Iżjed hu bnin il-ħobż jekk qlajtu b'ħiltek.
Omm Alla, iftakar, f'din id-dinja kienet
Ħaddiema bħalek. ("In-Nissieġa" 149)

Fil-poeżija "Waħda Biss..." Dun Karm jerġa' jikkuntrasta l-figura femminili ma' dik tar-raġel. Il-ġenwinità tal-"mara tad-dnub" tispikka ħdejn il-viljakkerija tal-irġiel; il-massa ta' rġiel bigotti li ċaħdu lil Kristu tistona ħdejn il-mara li waħedha sfidat il-forzi soċjali li ħaqru lin-nisa u użat

il-femminilità tagħha biex tesprimi l-ogħla sentimenti umani għax għal Kristu “xerrdet qalbha fi dmugħ.” L-aħħar parti tal-poeżija tikxef id-disparità sesswali u l-iżbilanċ preferenzjali Dunkarmjan favur il-figura femminili li, minkejja li hija mistennija li tibqa’ tobdi r-regoli tal-patrijarkat, tinħass bħala moralment superjuri – l-irġiel ingrati waslu biex ċaħdu lil Kristu filwaqt li l-mara wettqet miegħu l-opri tal-ħniena:

ħadd minnhom – mill-elf illi fiequ, –

ħadd minnhom – mill-elf illi għajtu

‘Hosanna!’ – ma daħal għalih,

ma għenu, ma sabbru, ma ħjieh,

ma tala’ fuq l-għolja tal-waħx.

Waħda biss,

waħda

li kienet il-mara tad-dnub,

li ħabbet, li xegħret, li nħafret,

wennsitu lil dak il-mislub

sal-aħħar, sat-tmiem

u f’niket bla kliem,

imgħannqa mal-għuda mifdija,

fuq ir-riġlejn tal-mejjet

aktar mill-balzmu jfuħ

xerrdet qalbha fi dmugħ. (366)

Dun Karm saħansitra jinnewtralizza l-klixè tat-taqbida klassika Femminista kontra l-idea tas-superjorità fiżika maskili li studji bħal "Gendered Readings of a Traditional 'Feminist' Folktale by Sixth-Grade Boys and Girls" ta' Peggy Rice jindikaw li għadha tiġi pperċepita bħala stat ta' fatt anke fi żminijietna. F'"It-Tifla tar-Raba'," minbarra li jidentifika għadd ta' kwalitajiet karatterjali pożittivi, il-poeta raġel imur kontra l-konvenzjoni għax "jgħir" għas-saħħa fiżika tas-suġġett femminili:

Jien rajtek kemm-il darba u għirt għall-qawwa
Ta' dirgħajk u riġlejk, ja bint ir-raba';
Rajtek hienja u daħkana s-sjuf u x-xtiewi
Tbakkar u tishar. (174)

Iżda għax miktuba minn poeta Romantiku u poeta raġel, versi bħal dawn faċilment jitwarrbu minn kritiċi bi predispożizzjoni li tirriduċu l-kanonu letterarju għal fdal ta' oppressjoni mill-"Irġiel Ewropew Bojod u Mejtin" (Bloom, *Anxiety* xviii). Madankollu, l-espressjoni ta' Dun Karm mhix differenti wisq minn dik ta' Marlene Saliba f'"Għanja lil Ommna d-Dinja." Saliba, minkejja li hi waħda mill-ftit esponenti nisa tal-era Modernista, f'din il-poeżija ssawwar ritornell li fih donnu jinstema' l-eku Dunkarmjan:

Ommna d-Dinja
tobrom,
tinseġ fis-smewwiet;
Ommna d-Dinja
flimkien għad negħlbu d-dlamijiet. (435)

Din hija lirika li teżalta l-maternità bħala kwalità speċifika tal-femminilità tal-pjaneta imma li ma tixhidx li dan l-għarfien tal-femminilità ħareġ neċessarjament mill-pinna ta' poeta mara. Naqbel mal-idea ta' espożizzjoni ekwa taż-żewġ ġeneri li Jonathan Wolff tkellem fuqha fl-artiklu "Students don't mind studying dead white men, but they want dead women too," iżda naqbel ukoll mal-idea li x-xogħlijiet ta' dawn l-irġiel jerġgħu jinqraw mingħajr il-preġudizzji li, ironikament, il-ħsieb pluralista u liberali ppromwova matul l-aħħar deċennji. Il-ħelsien minn ideoloġija oppressiva bħal din jista' għalhekk iwassal għall-għarfien tal-idea li l-espressjoni ta' poeta raġel tista' tkun femminili wkoll, għalkemm ma nazzardax ngħid li tista' tkun "daqs" dik ta' poeta mara. Meta f'*Romanticism and Gender* Mellor toħroġ bil-kunċett tar-"Romantiċiżmu femminili," hija turi kif dan ma kienx marbut strettament ma' kitbiet ta' awturi nisa għax poeti rġiel bħal John Keats esprimew ħsus essenzjalment femminili fil-poeżiji tagħhom (129). Mill-banda l-oħra, Mellor turi wkoll li kittieba nisa bħal Emily Bronte setgħu ħaddnu "Romantiċiżmu maskili" (189).

Ir-rispett lejn id-dinjità tal-mara, il-bżonn li l-femminilità tieħu sehem kontinwu fil-proċess kreattiv tal-kitba letterarja u l-esplorazzjoni bla waqfien u bla xkiel tal-"jien" femminili potenzjalment jistgħu għalhekk jappartjenu lill-kittieba letterarji kollha, irrispettivament mis-sess tagħhom. Il-kittieba jistgħu jħaddmu "l-etika tal-alterità" (Culler 121) sabiex xogħlijethom ikunu rappreżentattivi mhux biss tal-grupp tagħhom imma ta' kull grupp ieħor li jaqa' taħt il-kappa tat-tiġrib uman. Għaldaqstant nemmen li r-riinterpretazzjoni tal-kanonu tradizzjonali tista' tikxef preżenza impliċita tal-element femminili fil-letteratura Maltija. Il-vuċi femminili tista' ma tibqax titqies biss bħala legat esklussiv tal-kittieba nisa. Meta Salman Rushdie kien qiegħed jiddjaloga ma' Sant, huwa ddeskriva kif James Joyce

rnexxielu juża vuċi femminili b'mod konvinċenti għax għalih huwa "wieħed mill-aktar kittieba rġiel li fehem in-nisa; naħseb li s-solilokju ta' Molly Bloom fl-aħħar ta' *Ulysses* huwa wieħed mill-aktar testi eċċezzjonali dwar il-kuxjenza ġewwiena ta' mara qatt miktub minn raġel" ("Salman" 01:06:43-01:06:57).

Fost l-ilħna femminili kontemporanji Maltin hemm dak ta' Mifsud, awtur li studja t-teorija Femminista u li jista' jitqies hu nnifsu bħala Femminista. Aktar minn hekk, f'diversi kitbiet Mifsud uża l-ewwel persuna singular femminili b'manjiera tant konvinċenti li jagħmilha ferm diffiċli għall-qarrejja biex jifhmu li n-narrazzjoni ħarġet mill-pinna ta' raġel. Ir-rakkonti "Gżejjer," "L-Istejjer Strambi ta' Sara Sue Sammut" u "Mobile" f'*L-Istejjer Strambi ta' Sara Sue Sammut* jew "Il-Ħabiba Tiegħi Petrina" u "Demm" fi *Stejjer li ma Kellhomx Jinkitbu* jittrażmettu din is-sensazzjoni. Fil-poeżija wkoll Mifsud ġieli jħaddan is-sensibbiltà femminili. Fil-ġabra poetika *Penelopi Tistenna*, apparti li hemm għadd ta' poeżiji li jittrattaw suġġett femminili, kif jixhed it-titlu tagħhom, bħal "Jordanka Lilova," "Vaska Vassiljeva," "Nina Czerkies," "Shelley," "In-Nisa tal-Kantuniera" u "Ġisimha Jqum f'Forma ta' Poeżija," Mifsud juża l-vuċi femminili f'versi bħal: "Jien dik il-mara li timxi fix-xita" ("Madrigal" 14); "Nibda naħseb li għad niftaħ saqajja / ħa niled tifel ikrah b'għajnejh ħomor" ("Il-Kantiku tad-Dipressi" 23); u "bajda daqs il-kartavru li għandi f'ġufi" ("Il-Poeżija l-Bajda" 27). Meta Eli Badica staqsietu dwar il-femminilità tal-iben f'*Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben)*, l-awtur wieġeb:

> F'xi punt jew ieħor, dil-parti femminili titla' fil-wiċċ għax ħafna nies jemmnu li għandi vuċi femminili qawwija ħafna. Ħafna nies osservaw li l-karattri nisa tiegħi huma ħafna aktar prominenti minn dawk maskili – li jagħmel dan il-ktieb eċċezzjoni aktar b'saħħitha. Qarrejja nisa qaluli li jistgħu jidentifikaw mal-karattri tiegħi li jidhru nisa

> reali u mhux kostruwiti. Dan kien wieħed mill-argumenti ewlenin tal-kritika letterarja Femminista bikrija dwar il-kitba maskili, qalu li n-nisa tagħhom ma kinux reali. Kif jirnexxili nagħmel dan? Onestament m'għandix idea. Iżda kien hemm perjodu ta' żmien – sentejn – meta qrajt biss kittieba nisa. ("Interview with Mifsud")

Hawn Mifsud isir il-paradimma tal-idea li kittieb maskili jista' jitqies bħala "vuċi femminili" wkoll, l-istess idea li ħaddimt fil-qari mill-ġdid tal-versi ta' Dun Karm iżda li Mifsud għażel li ma japplikax fl-istudji "L-Għajnejn Tixtieq" u fit-teżi tad-dottorat. Jista' jkun li dan huwa każ klassiku ta' rivalità inkonxja, li skont Bloom hija forma ta' kunflitt Edipiku, bejn il-predeċessur u l-kittieb tal-lum.

L-attitudni ta' awtur raġel b'sensibilità femminili jista' jkollha potenzjal kreattiv kbir għaliex toħloq il-possibbiltà għal interpretazzjoni "mill-ġdid" ta' xogħlijiet diġà preżenti fil-kanonu letterarju Malti li sa issa dejjem tqies mill-kritiċi, l-aktar dawk li Mifsud sejħilhom esponenti "tal-kritika letterarja Femminista bikrija," bħala qabelxejn maskili. L-aċċettazzjoni ta' din il-perspettiva tista' twassal sabiex il-ħassieba Femministi, flok iħossuhom obbligati biex jirrikorru għal sentimenti antikanoniċi, jaddottaw sens ta' riskoperta ta' dak li diġà nkiteb u twarrab għal raġunijiet ideoloġiċi. Għaldaqstant, dan iwassal biex flok ma l-pluralisti liberali jiddikostruwixxu l-kanonu tradizzjonali, jimpenjaw irwieħhom f'qari mill-ġdid ta' xogħlijiet hekk imsejħa "qodma" u jagħrfu li dawn ukoll setgħu ħaddnu kwalitajiet progressivi għal żmienhom. Ir-relazzjoni futura bejn dik li mis-sebgħinijiet il-Femministi Franċiżi sejħulha "*écriture féminine*," l-idea ta' "kitba femminili" li bdew jitkellmu fuqha teoristi bħal Cixous u Irigaray, u l-kanonu letterarju fil-kuntest Malti tista' twassal biex iżżid il-preżenza femminili fl-istess waqt li tiġi rriformulata l-perċezzjoni ta' din il-preżenza.

Turija importanti ta' rikonoxximent tal-preżenza femminili fil-letteratura Maltija hija qabelxejn l-għoti tal-premjijiet nazzjonali għall-aħjar letteratura tas-sena fil-kuntest lokali. F'"L-Istorja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb" fis-sit tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, *ktieb.org.mt*, hemm lista tal-awturi Maltin li ġew ippremjati matul is-snin – hija lista ddominata mill-irġiel iżda l-affarijiet jidher li bil-mod il-mod qed jinbidlu. Fl-2017, il-premju għall-kategorija "Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż" ingħata lil Lou Drofenik għar-rumanz *The Confectioner's Daughter* u fl-2018 ingħata lil Loranne Vella għar-rumanz *Rokit*. Ħarsa aktar lura turi li fl-2005, il-kategorija li kien jisimha "Proża Letterarja" rebħitha Mariella Pisani Bencini bi *Tliet Nisa u Mara.* Fl-2007 Azzopardi rebħet il-kategorija dak iż-żmien intitolata "Rumanzi u Novelli Maltin" bil-ġabra ta' novelli *Il-Linja Ħadra*. Drofenik diġà kienet rebħet darbtejn il-kategorija tar-"Rumanzi u Novelli b'Lingwa Oħra," fl-2008 b'*In Search of Carmen Caruana* u fl-2011 b'*Cast the Long Shadow*. Il-premju li ngħata fl-2017 għall-kategorija "Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż" kien każ partikolari għal żewġ raġunijiet: għax l-aħjar rumanz tas-sena ntrebaħ minn rumanziera mara u għax bil-ħolqien riċenti ta' din il-kategorija, inħolqot sitwazzjoni bla preċedent fejn rumanz miktub bl-Ingliż ħataf il-premju minn ħalq rumanz miktub bil-Malti. L-ewwel mara li rebħet bl-aħjar rumanz kienet Mariella Pisani Bencini, personalità pubblika magħrufa aktar bħala preżentatriċi televiżiva milli bħala rumanziera. Fatti bħal dawn jindikaw kemm il-preżenza femminili fil-kanonu letterarju Malti hija dgħajfa għax għadha ġġorr ir-riperkussjonijiet tal-iżvantaġġi storiċi u soċjali tal-kittieba nisa li semmejt diġà. Il-letteratura tagħna kellha tistenna sas-sena 2015 biex rumanz bil-Malti miktub minn mara jikseb rikonoxximent nazzjonali.

F'"Literary History Without Sexism? Feminist Studies and Canonical Reconception," Lawrence Buell jittratta r-"reviżjoniżmu Femminista" u jiddiskuti jekk dan immodifikax il-kanonu letterarju Amerikan. Buell jistaqsi jekk ir-reviżjoniżmu Femminista għandux joħloq mill-ġdid il-kanoni u fuq kollox jekk għandux jirrifjuta li jissieħeb mal-idea tal-kanonu għax kanonu ġdid li jissimpatizza mal-kittieba nisa xorta jimplika "bażi androċentrika" (102). "Essenzjalment, l-esperjenzi letterarji taż-żewġ ġeneri, bħall-esperjenzi soċjali tagħhom, huma inseparabbli; u fl-inseparabbiltà tagħhom huma spiss idawlu lil xulxin b'modi aktar pożittivi milli negattivi" (104). Hawn nissieħeb mal-perspettiva ta' Buell għax nemmen li l-kitbiet tal-irġiel, kif urejt b'Dun Karm u b'Mifsud, jikkumplimentaw l-kitbiet tan-nisa, aktar milli jidħlu f'tellieqa kanonika magħhom, tant li jiffurmaw parti essenzjali mill-"*écriture féminine*." Kif argumentajt, dan il-fenomenu ta' konverġenza jista' jkun mezz sabiex titwessa' l-perspettiva dejqa ta' min jiddarras mill-idea ta' kanonu letterarju għax sa issa assoċjah mad-dominanza maskili.

3.4 Konklużjoni

Fil-kuntest letterarju, bħal f'kuntesti oħrajn, l-isforz għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ħafna drabi, sar min-nisa nfushom. Diversi ħassieba Femministi ddubitaw mill-validità tal-kanonu letterarju stabbilit li dejjem iffavorixxa lill-kittieba maskili. Dan wassal biex antoloġisti bħal Showalter u Baym ippruvaw joħolqu kanonu ġdid li jiffavorixxi lill-kittieba nisa. Madankollu, tentattivi bħal dawn tqiesu kontradittorji minn kritiċi Femministi oħrajn bħal Moi għax jerġgħu jimponu kanonu suġġettiv u esklussiv li ma jirrappreżentax b'mod ġust ir-realtà

letterarja. L-antoloġiji esklussivament femminili wkoll jistgħu jkunu aktar ta' ħsara milli ta' ġid għaliex indirettament ikomplu jsaħħu l-istatus quo tal-kittieba rġiel filwaqt li jagħlqu f'kategorija soffokanti lill-kittieba nisa. Montefiore qablet ma' Moi għax temmen li l-espressjoni letterarja tal-kittieba nisa ma teżistix biss bħala reazzjoni għal dik tal-kittieba rġiel. Għaldaqstant, Montefiore bbażat it-teorija Femminista innovattiva tagħha fuq l-idea tad-diversifikazzjoni u n-negozjar iktar milli fuq il-konfrontazzjoni diretta mal-letteratura tal-irġiel. Derrida wkoll ikkummenta li l-ħolqien ta' kanonu femminili li jmur kontra l-kanonu mibni fuq il-"fallogoċentriżmu" nistgħu nipperċepuh sempliċiment bħala tentattiv sabiex ordni ġerarkika tieħu post ordni ġerarkika oħra.

Fix-xena letterarja Maltija, il-kanonizzazzjoni tal-aqwa xogħlijiet sostniet id-diskrepanza lokali bejn is-sessi; dan seħħ fl-era Romantika iżda wkoll fl-epoka Modernista tal-letteratura Maltija li fiha ddominaw l-irġiel li kitbu dwar l-irġiel. Sciberras, waħda mill-ftit eċċezzjonijiet bħala kittieba f'ambjent daqshekk maskili, offriet stampa dijakronika tal-kundizzjonijiet sfavorevoli li għexu fihom il-kittieba nisa Maltin tas-seklu l-ieħor u li xekkluhom fit-tentattiv biex jikkompetu mal-kittieba rġiel għall-istatus kanoniku. Aktar tard, Azzopardi wkoll esplorat l-idea tal-emanċipazzjoni, għalkemm tardiva, tan-nisa li fis-seklu 21 kisbu l-jedd li huma wkoll ikunu l-protagonisti tax-xena letterarja bħala kittieba u pubblikaturi. Permezz tan-novella "Aqrali Xi Ħaġa Ġdida, Qaltli," Azzopardi ssuġġeriet ukoll li l-kittieba nisa Maltin setgħu kienu minn dejjem prolifiċi daqs l-irġiel iżda qatt ma ngħataw l-għarfien u ċ-ċans li jkunu parti mill-kanonu letterarju Malti; narrattivi simili u reali huma dawk tal-kanonu Ingliż u Iżlandiż. Mifsud xeħet dawl fuq kif xi poetessi Maltin użaw ir-rappreżentazzjoni tal-ġisem femminili sabiex jisfidaw lill-poeti Maltin irġiel li pprovdew

immaġni sterjotipata u invażiva tal-mara f'xogħlijiethom. Skont Mifsud, l-ispirtu rivoluzzjonarju u liberatorju tal-poetessi Maltin laħaq il-qofol tiegħu fir-rappreżentazzjoni ġenwina li ppreżentaw Micallef u Grech Ganado.

Galea u Gatt ippreżentaw l-idea li l-qawmien femminili fil-letteratura kontemporanja Maltija li sfida l-kanonu ddominat mill-irġiel seħħ l-aktar bil-kitba tal-poeżija. Huma raw lil Grech Ganado bħala l-mudell Femminista li witta t-triq biex kittieba nisa oħrajn jisfidaw l-idea tradizzjonali tal-kanonu letterarju Malti. Mill-banda l-oħra, Azzopardi esprimiet l-inkwiet tagħha għax filwaqt li qed jiżdiedu l-poeti nisa, qajla jinħass l-impatt tal-pinna femminili fil-proża letterarja. L-inkoraġġiment fil-konfront tal-kittieba nisa biex jiktbu aktar billi jesploraw ġeneri differenti huwa ġustifikat, madankollu dan ma jimplikax il-ħolqien awtomatiku ta' spazju fil-kanonu letterarju Malti. Grech Ganado saħqet li kittieba ma għandhiex tiġi rikonoxxuta, bil-possibbiltà li eventwalment tiġi kkanonizzata, għas-sempliċi raġuni li hija mara. Azzopardi turi li r-relazzjoni bejn il-kittieba nisa u l-kanonu letterarju tista' tkun ambivalenti: minn naħa hija tistqarr espliċitament li ma tridux imma min-naħa l-oħra timplika li s-sitwazzjoni letterarja tista' tbati mingħajru. Il-fatt li l-assenza ta' kanonu tissarraf f'mentalità qarrieqa li biha kollox jgħaddi aktarx jimplika li anke l-viżjoni Femminista tikkonċedi li kanonu letterarju jista' jservi mqar ta' gwida approssimattiva li tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' letteratura "tajba."

L-idea ta' "kitba femminili" toffri perspettiva ġdida ta' konverġenza fid-djalettika kanonika, anke fuq livell lokali. Il-vuċi femminili tista' ma tibqax titqies biss bħala legat esklussiv tal-kittieba nisa. Fost l-oħrajn, l-istudju tal-femminilità Dunkarmjana jseddaq indirettament x-xewqa tal-ideal essenzjalment Femminista għal preżenza akbar tal-mara fil-

letteratura. Fost l-ilħna femminili kontemporanji Maltin hemm dak ta' Mifsud. Għaldaqstant, ir-relazzjoni futura bejn dik li mis-sebgħinijiet il-Femministi Franċiżi sejħulha "*écriture féminine*," l-idea ta' "kitba femminili" li bdew jitkellmu fuqha teoristi bħal Cixous u Irigaray, u l-kanonu letterarju fil-kuntest Malti tista' tibqa' ssaħħaħ il-preżenza femminili fl-istess waqt li tiġi rriformulata l-perċezzjoni ta' din il-preżenza. Dan il-qari Femminista tax-xogħlijiet letterarji Maltin joffri sfida li tista' tkun ta' benefiċċju fil-kuntest tar-relazzjoni anzjuża bejn il-kittieba nisa u l-idea tal-kanonu letterarju.

4. Il-Kriterji Kanoniċi

4.1 L-Inevitabbiltà tal-Kriterji

Id-djalettika dwar il-letterarjetà u l-kriterji kanoniċi implikati tmur lura millennji sħaħ. Il-filosfi Griegi kitbu fuq il-kriterju, imħaddem fix-xogħlijiet ta' Omeru, li jesiġi li l-letteratura tajba tagħti pjaċir, u kitbu fuq il-kriterju kuntrastanti, imħaddem fix-xogħlijiet ta' Esjodu, li jgħid li l-letteratura tajba għandha d-dmir li tgħallem. Id-duttrina magħrufa ta' Orazju pproponiet uffiċjalment id-duwaliżmu tal-utilità u l-pjaċir ("*utile dulci*") u stabbiliet din il-konvinzjoni bħala l-modus operandi tal-letteratura fil-perjodu Klassiku, u aktar tard fil-perjodu Rinaxximentali ("The Art"). Platun tkellem dwar "il-lezzjoni li Alla ried jagħti meta bil-fomm tal-agħar poeti għanna l-isbaħ għanjiet" ("Phaedrus"). Hawn Platun għamel distinzjoni kwalitattiva bejn poeżija tajba, jew sabiħa, u poeżija ta' kwalità inferjuri; din id-distinzjoni tissejjes fuq jekk ix-xogħlijiet humiex ispirati jew le, kriterju li ġie addottat mill-kanonizzaturi ekkleżjastiċi meta għażlu l-kitbiet kanoniċi minn dawk apokrifi sabiex jgħaqqdu l-Bibbja. Fit-tieni ktieb ta' *Ir-Repubblika*, Platun ippreżenta l-valur pedagoġiku u morali bħala l-kriterju ewlieni u determinanti li jeleva xogħol letterarju 'l fuq mill-bqija. Fil-belt utopika ta' Platun, il-formazzjoni karatterjali taċ-ċittadini żgħar hija fundamentali; għalih il-valur kanoniku jitkejjel primarjament skont kemm il-letteratura tikkontribwixxi għall-għan edukattiv. Aristotli ma bigħedx lill-poeta mis-sors tal-verità għax qies il-mimesi bħala kriterju essenzjali tal-apprezzament artistiku. Hu ddistingwa bejn ix-xogħlijiet letterarji billi kklassifika lill-poeti f'żewġ gruppi: il-poeti serji li jiktbu t-traġedji u dawk anqas serji li jiktbu l-kummiedji. Mal-

kriterju kanoniku tal-funzjoni pedagoġika tal-poeżija “tajba” żied, bħalma għamel Orazju warajh, li l-arti li timita l-ħajja tagħti gost u fl-istess ħin tgħallem permezz tal-imitazzjoni (“Poetics”).

Minkejja li għaddew il-millennji mit-tiswir tagħhom, dawn il-kriterji Klassiċi xorta baqgħu fil-ħsieb kritiku tal-kanonisti riċenti u fil-proċessi selettivi tal-kanonizzaturi ta’ żmienna. Fost dawn jispikka Frank Raymond Leavis li f’waħda mill-pubblikazzjonijiet tiegħu sa wasal biex ikkommetta ruħu u għażel dawk li skontu huma l-ħames rumanziera li jiffurmaw il-kanonu letterarju Ingliż. Leavis, fl-ispirtu ta’ Platun, Aristotli u Orazju, kontinwament assoċja, bla ebda riservi, il-letteratura mal-moralità. Din l-assoċjazzjoni bdiet tispikka fl-analiżi letterarja fil-perjodiku awtorevoli *Scrutiny* li kien editur tiegħu bejn 1932 u l-1953. Fl-istess żmien, il-kritika ta’ Leavis kompliet tifrex l-influwenza tagħha bil-pubblikazzjoni ta’ *New Bearings in English Poetry*, *Revaluation*, *The Common Pursuit*. Iżda l-aktar ktieb influwenti ta’ Leavis li sal-lum għadu jqanqal interess u dibattitu jibqa’ *The Great Tradition*; fih ikkanonizza lil Jane Austen, George Eliot, Henry James, Joseph Conrad u D. H. Lawrence bħala l-aqwa rumanziera Ingliżi. Fir-rumanzi tagħhom Leavis ipperċepixxa r-relazzjoni inaljenabbli bejn il-letteratura u l-moralità. Il-kittieba kkanonizzati, b’xi mod jew ieħor, dejjem issodisfaw il-kriterju morali mħaddem minn Leavis fl-analiżi kritika tiegħu, kritika li paradossalment titqies minn ħafna bħala “kontribut distintiv u oriġinali lill-kritika letterarja moderna” (Bilan 197).

Kif mistenni, il-kanonizzazzjoni li wettaq Leavis qanqlet reazzjoni ħarxa fost dawk li opponew “it-ton ta’ bbuljar,” l-attitudni elitista u esklussiva u, fuq kollox, l-idea tiegħu ta’ kanonu letterarju msejjes fuq kriterji daqshekk suġġettivi (Horne 165). Bilan jagħraf żewġ kriterji fundamentali li Leavis ħaddem reliġjożament fl-għażliet tiegħu; fil-kritika kważi kollha

li kiteb fuq in-narrattiva, Leavis jimplika li “hemm żewġ ideat fissi: l-ewwel nett, li hemm relazzjoni mill-qrib ħafna bejn ir-rumanz u l-moralità, u t-tieni nett, li r-rumanzi l-kbar “jippreżentaw affermazzjoni tal-ħajja” (197). Leavis saħansitra jqarreb il-moralità tar-rumanzi kanoniċi lejn il-kunċett ta’ forma speċifika li r-rumanziera jagħtu lil xogħolhom; meta jitkellem dwar Jane Austen, Leavis jispjega kif il-valur estetiku tal-kompożizzjonijiet letterarji tagħha msejjes fuq “il-prinċipju tal-organizzazzjoni u l-prinċipju tal-iżvilupp” jirrifletti qabelxejn l-interess morali tagħha fil-ħajja inġenerali (*The Great Tradition* 15). Iżda dan ma jfissirx li Leavis ikejjel xogħol skont il-kriterju didattiku. Għalih, il-letteratura tkun affermazzjoni tal-ħajja meta tkun esplorazzjoni tagħha; il-letteratura jirnexxilha tagħmel dan billi tqanqal “mistoqsijiet kreattivi” (*The Great Tradition* 56), xi ħaġa li jirnexxilu jagħmel Ellul Mercer b’*Leli ta’ Ħaż-Żgħir*, ir-rumanz li fundamentalment iġiegħel lill-qarrejja jsaqsu dwar liema triq tal-ħajja għandu jagħżel il-bniedem, jekk hux dik tal-Fidi jew dik tar-Raġuni. Jista’ jagħti l-każ li dan il-kontenut morali importanti xpruna lill-edukaturi biex idaħħlu dan ir-rumanz ta’ Ellul Mercer kemm-il darba fis-sillabu tal-letteratura fl-iskejjel Maltin. Huwa probabbli wkoll li ħafna mill-kotba letterarji li daħlu fl-iskejjel matul is-snin intgħażlu għax il-kanonizzaturi Maltin ħaddmu kriterji selettivi li huma qrib ħafna ta’ dawk imħaddna minn Leavis.

Iżda f’perjodi storiċi oħra fi ħdan il-proċess Malti ta’ kanonizzazzjoni, ġieli saret enfasi konxja sabiex l-aspett moralistiku u didattiku jingħata l-ġenb. Fil-paġna tal-Konkors tal-Letteratura għaż-Żgħażagħ, din ix-xewqa tingħad b’mod ċar: “L-organizzaturi jaspiraw ukoll li jippromovu letteratura ta’ livell għoli billi jippremjaw testi ta’ kontenut letterarju għoli u jittamaw li din il-kompetizzjoni isservi ta’ inċentiv għall-awturi biex jissottomettu rumanzi

oriġinali u innovattivi b'kontentut non-didattiku u li ma jaljenax liż-żgħażagħ b'attitudni moralistika" ("Konkors ta' Kitba"). Mhux l-ewwel darba li fost l-kanonizzaturi Maltin kontemporanji jiġi rreġistrat ċertu biża' mill-"attitudni moralistika" espliċita fil-kitba għalkemm huwa inevitabbli li l-moralità jkollha sehem fil-proċessi selettivi tagħhom. Fid-dokument intitolat "Kriterji 2018" fl-istess sit jingħad li r-rumanz rebbieħ irid ikun "rumanz li ma jippritkax, ma jintimidax, ma jridx jgħallem, imma jrid biss jagħti esperjenza sabiħa ta' qari li ma tintesiex." Id-dokument jinsisti b'tipa skura li din "l-esperjenza għandha tmiss id-dinja taż-żgħażagħ u allura fih jista' jinkludi l-ferħ u/jew il-weġgħat tagħhom; l-avventuri u/jew il-biżgħat; l-ansjetà u/jew il-fantasija, biex insemmu biss uħud." Din hija espressjoni ċara ta' preferenza favur letteratura li flok timmoralizza, tqanqal fil-qarrejja riflessjoni, li tista' tkun ukoll moralistika, dwar il-ħajja.

Iżda minkejja li tkellem fuq il-validità tal-kriterju moralistiku, Leavis jagħżel konxjament li ma jħaddanx il-kriterju didattiku; huwa jemmen li l-użu kreattiv tal-lingwa għandu jinkludi l-kriterji tat-tiftix u tal-ħolqien tal-valuri mingħajr ma jimponihom bil-forza fuq il-qarrejja. Leavis jibni t-teorija tal-kwalità letterarja tar-rumanz fuq il-kriterju tal-"eżekuzzjoni" ("*enactment*") li jesiġi li rumanz m'għandux jistqarr il-valuri tiegħu imma minfok għandu jwettaqhom billi jħaddimhom. Għalhekk, skont Leavis irridu nanalizzaw rumanz b'dan il-kejl sabiex naraw kemm ir-rumanziera jirnexxilhom jesploraw il-valuri essenzjali u jaslu biex iqanqlu l-mistoqsijiet il-kbar tal-ħajja:

> l-arti jew tkun manifestazzjoni tal-ħajja jew ma tkun xejn. L-interess tal-kittieb kreattiv biex jagħti rendikont tal-ħajja huwa interess fis-sinifikanti, huwa preokkupazzjoni dwar kif se jesprimi s-sens ta' x'jgħodd l-aktar għalih . . . Ix-xogħol li ħaqqu l-attenzjoni sħiħa

> u serja tal-qarrej u tal-kritiku, huwa dak li jistaqsi l-mistoqsija profonda: 'Fl-aħħar mill-aħħar, il-bniedem għalxiex qed jgħix?' U f'xogħol li jolqotna bħala opra artistika kbira nagħrfu suġġeriment normattiv qawwi: dawn huma l-possibbiltajiet u l-inevitabbiltajiet li jġibuna wiċċ imb wiċċ ma' dak li hu validu u għaqli (jew san). ("James as Critic" xviii)

Leavis jemmen li "l-ftit" awturi "tassew kbar" huma dawk il-kittieba ("ir-rumanziera l-kbar li jiswew daqs il-poeti l-kbar") li kapaċi jiżviluppaw "il-possibbiltajiet tal-arti" u "l-possibbiltajiet tal-ħajja" (*The Great Tradition* 10).

Poeta li fil-kuntest lokali mhux biss ma ġiex ikkanonizzat iżda li ftit li xejn huwa magħruf mal-qarrejja Maltin, iżda li possibbilment jissodisfa r-rekwiżiti ta' Leavis għax f'xogħlijietu jinħass "suġġeriment normattiv qawwi" huwa Henry Holland. Meta ġie mistoqsi f'intervista minn Grima dwar it-tiftixa tal-kittieba għal stil u tematika inċiżiva, Holland wieġeb:

> Il-forma u l-istil joħorġu mill-bżonnijiet tal-idea fiha nnifisha. Dak li trid tgħid jurik hu stess kif għandek tgħidu. Dwar temi u realtà naħseb li r-realtà ta' kull bniedem hi realtà unika għall-individwu stess u għalhekk hi differenti minn ta' ħaddieħor. Bħala temi naħseb li dawn jinqasmu fi tnejn: it-temi ta' perjodu partikolari, storiku u l-post, allura fil-każ tiegħi, Malta bejn l-aħħar tas-seklu 20 u l-kumplament u, it-tieni, it-temi biex ngħid hekk universali: l-imħabba, il-mewt, Alla, eċċ. ("Intervista")

Il-kumment ta' Holland jissuġġerixxi li l-aqwa xogħlijiet letterarji huma wkoll dawk li b'mod komprensiv, kif jagħmlu l-poeżiji tiegħu, jegħlbu l-istaġnar stilistiku u tematiku li kapaċi jaħkem lill-kittieba ta' perjodu partikolari fl-istorja ta' letterarja. Kliem Holland jixhed li huwa konxju mill-isfida kontinwa tal-kittieba letterarji biex b'xogħlijiethom jiżviluppaw "il-

possibbiltajiet tal-arti" u "l-possibbiltajiet tal-ħajja" li semma Leavis. Fuq kollox, Holland jissodisfa l-kriterju tal-eżekuzzjoni ta' Leavis għaliex bil-versi tiegħu jikkummenta suġġettivament fuq ir-realtà umana, kemm dik immedjata kif ukoll dik li tittraxxendi l-limiti taż-żmien u tal-post.

Hemm xhieda oħra fil-kuntest Malti tal-kriterju Leavisjan li jkejjel il-fedeltà tal-arti bħala manifestazzjoni tal-ħajja. Ir-rumanzi ta' Friggieri wkoll jittrażmettu "s-suġġeriment normattiv qawwi" li jsemmi Leavis u li Crowther jippreżentah bħala "l-estetika normattiva" li tenfasizza s-sinifikat intrinsiku ta' xogħol letterarju (*Defining Art* 2). Waqt li qiegħed jikkummenta dwar *Il-Gidba*, l-ewwel rumanz ta' Friggieri, Briffa josserva kif r-rumanzier, filwaqt li jittratta l-kumplessità relazzjonali bejn il-karattri, jirnexxilu jippreżenta xogħol li mhuwiex moralistiku fis-sens dejjaq tal-kelma ("The Voice" 503). Sakemm Briffa ħareġ b'dan l-istudju fl-1997, Friggieri laħaq ippubblika wkoll *L-Istramb* u *Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri*, żewġ rumanzi oħra li jkomplu jseddqu l-idea ta' Leavis li permezz tal-letteratura "dejjem irridu niddefendu, niġġustifikaw u naffermaw il-ħajja kontra l-Gvern, il-burokrazija u l-organizzazzjoni – kontra s-soċjetà f'dan is-sens. L-artisti għandhom f'idejhom id-difiża u l-affermazzjoni tal-ħajja" (*Dickens* 342) – dan huwa kriterju li wettqu u sostnew diversi kittieba oħra matul l-istorja letterarja Maltija.

Sveinn Egilsson jistħarreġ, fost l-oħrajn, il-mod simili kif żewġ poeti Romantiċi, France Prešeren u Jonas Hallgrimsson ġew ikkanonizzati bħala "poeti nazzjonali" u "qaddisin kulturali" fl-Islovenja u fl-Iżlanda rispettivament ("Nation and Elevation"). Dan huwa proċess li, kif iddiskutejt fit-tieni kapitlu, għandu reżonanzi simili fil-kuntest letterarju lokali li inċidentalment huwa qrib ir-realtà tal-kuntesti letterarji ta' dawn iż-żewġ nazzjonijiet żgħar

b'kanonu letterarju limitat u miktub b'lingwa indiġena. Liema kriterji għażlu lil Prešeren, lil Hallgrimsson u lil Dun Karm mill-bqija u ġiegħlu lil nieshom jikkanonizzawhom bħala l-akbar poeti ta' pajjiżhom? Egilsson jirrimarka li qabelxejn, Prešeren u Hallgrimsson għarfu jħaddmu kriterji mifhuma bħala fundamentali fil-kitba ta' xogħlijiethom. Dawn il-poeti Romantiċi, bħal Dun Karm, użaw il-lingwa vernakulari sabiex juru li tista' tipproduċi l-ifjen letteratura. Skont Marijan Dovic, Prešeren mexa mal-idea li "l-forom Romantiċi, speċjalment is-sunett Petrarkan, kienu meqjusa bħala kriterju li jiġġudika l-adegwatezza ta' lingwa għall-kitba tal-poeżija vernakulari" (100). Bħal Prešeren, Dun Karm kellu l-missjoni estetika u politika li jeleva l-kwalità tal-letteratura ta' pajjiżu għal-livell ta' letteraturi nazzjonali oħrajn fl-istess waqt li jkompli jarrikkixxi kanonu relattivament żgħir bit-tama li l-letteratura miktuba bil-vernakular issaħħaħ is-sentiment nazzjonalistiku fost il-poplu. Minkejja li Hallgrimsson ma kitibx sunetti daqskemm kiteb Prešeren, li kiteb 46 sunett bl-Isloven, il-ftit sunetti li kiteb servew bħala mudell kanoniku li ġie imitat mill-poeti Iżlandiżi li ġew warajh (Egilsson 132). Indirettament, il-programm letterarju msejjes fuq il-kriterji fissi tar-Romantiċiżmu għen lill-poeti nfushom li fformulawh u li mxew fuqu biex b'konsensus nazzjonali jingħażlu mill-bqija u jintrefgħu għall-ogħla livell ta' kanonizzazzjoni letterarja.

Fix-xogħol klassiku tal-letteratura Ingliża *Gulliver's Travels*, Jonathan Swift jikteb li "xejn mhu kbir jew żgħir ħlief meta jitqabbel" (78). Hekk ukoll l-idea ta' kanonu letterarju, imsejsa fil-qofol tagħha fuq it-tqabbil, isseddaq awtomatikament d-djalettika dwar x'inhu "kbir" u x'inhu "żgħir." L-istudju dwar il-kanonu huwa għaldaqstant obbligat li jistħarreġ il-proċess ta' kif id-daqs ta' xogħol letterarju "jitqabbel" ma' dak tax-xogħlijiet l-oħra u kif dan isir abbażi ta' xi forma jew oħra ta' kriterji. Allura b'liema kriterji letterarji jistgħu jingħarfu l-

Brobdingnagjani mil-Lilliputjani tal-letteratura Maltija? L-għarfien tad-daqs tal-istatus kanoniku jista' jingħaraf biss permezz ta' paragun mibni fuq xi kriterji li jiddistingwu l-"kbir" miż-"żgħir" jew, kif jirreferu għalihom xi wħud, kriterji li jagħżlu "l-letteratura għolja" ("*highbrow*") mil-"letteratura baxxa" ("*lowbrow*"). Din hija dikotomija tradizzjonali li, kif iddiskutejt fit-tieni kapitlu, eventwalment wasslet lil Swirski biex jidentifika wkoll il-kategorija intriganti tal-"letteratura la għolja la baxxa" ("*nobrow*") (*From Lowbrow* 10).

Huwa minn ewl id-dinja li d-djalettika tal-kanonu letterarju tinvolvi ruħha fid-dibattitu dwar jekk dawn il-kriterji humiex universali jew relattivi, distinzjoni li hawn se nikkontestwalizzaha fix-xena letterarja Maltija. Skont Friggieri, il-kritiku letterarju jista' jħaddem iż-żewġ forom ta' kriterji:

> L-Istorja tal-Kritika hi paradossalità loġika. Minn naħa, hi analiżi mibnija fuq għadd ta' prinċipji assoluti (rabta kontenut-forma, oriġinalità, konċiżjoni, implikazzjoni, tema essenzjali mfissra figurattivament, u l-bqija). Min-naħa l-oħra, hi analiżi li titlob għadd ta' kriterji relattivi (sfond storiku, ambjent persunali u soċjali, epoka, temperament u esperjenza, kelma mħaddma b'lealtà lejn l-imgħoddi u l-preżent, u l-bqija). ("Re: Konverżazzjoni")

Mill-banda l-oħra, Pietru Pawl Saydon għandu preferenzi li jxaqilbu lejn naħa waħda tad-duwaliżmu kritiku li tkellem fuqu Friggieri. Għalih, il-kriterji li jagħżlu xogħol letterarju minn ieħor huma qabelxejn relattivi, tant li l-prinċipji assoluti jew "regoli" jsiru superfluwi, għax essenzjalment jissejsu fuq dak li l-kritiku jew il-qarrej "iħoss," argumentazzjoni li toqrob lejn it-teorija ta' Roland Barthes dwar ir-relazzjoni bejn ix-xogħol letterarju u l-qarrejja ("Death of the Author" 11). Saydon jirrifletti u jsaqsi: "Il-kitba tal-Malti għandha l-armonija tagħha wkoll.

Ma nafx iħosshiex kulħadd, jew aħjar, ma nafx jifhimhiex kulħadd, għax kulħadd iħoss li proża mhix bħal oħra, li waħda aktar ħafifa fil-mixja u aktar ħelwa fid-daqqa, u oħra aktar tqila u aktar iebsa. X'inhu li jagħżel kitba minn oħra?" ("L-Armonija" 40). Għal Saydon, il-kriterji jew "regoli" li jgħinu fl-għażla bejn letteratura għolja u dik ta' kwalità inferjuri jibqgħu biss ipotetiċi: "Regoli li jmexxu din l-armonija tal-proża ma nistgħux nagħtu; l-ewwel nett għax għadha mhix magħrufa biżżejjed, u t-tieni għax dawk id-dehriet ta' ġmiel li jleħħu f'moħħ il-kittieb, u dak id-daqq ħelu li hu jħossu jidwi f'qalbu, jaqbżu kull xkiel ta' regoli u jitilfu ġmielhom u ħlewwithom malli jitjassru għal-liġi miktuba" ("L-Armonija" 42). Stqarrija bħal din donnha saħansitra tissuġġerixxi li l-letterarjetà hija intrinsikament u dijakronikament opposta għall-ħarsien ta' xi kriterji stabbiliti.

L-element tar-relattività fil-proċess tas-selezzjoni bejn xogħol letterarju u ieħor jinħass ukoll fi kliem Alan Golding li jiddeskrivi l-kriterji kanoniċi f'termini ta' speċifiċità u ta' kuntestwalità li għall-ewwel jagħtu l-impressjoni li huma assoluti u allura, universali. Fil-ktieb *From Outlaw to Classic: Canons in American Poetry*, huwa jistqarr li meta poeta jidħol fil-kanonu, aktarx jibqa' fih, imqar jekk f'xi rokna ċkejkna tal-attiku. L-isfida l-kbira hi biex jidħol fih għax irid jilħaq ll-istandards speċifiċi u storiċi li kull ġenerazzjoni letterarja faċilment qisithom bħala "universali," dawk l-istandards li ħaddmuhom sew l-antoloġisti ta' kull ġenerazzjoni (8). Bħal Saydon, Golding jiżvela kif is-suġġettività, spiss involontarja, hija fattur ewlieni li jisboq it-twemmin fl-eżistenza tal-kriterji "universali" jew, skont Friggieri, tal-"prinċipji assoluti" li l-kittieba għandhom jissodisfaw sabiex jiksbu l-istatus kanoniku. Fil-kuntest lokali, Friggieri nnifsu huwa wieħed mix-xorta ta' "antoloġisti" li jirreferi għalihom Golding. Dan seħħ, pereżempju, meta Friggieri tqabbad biex ikun il-ġabbar u l-editur tal-

iprem eżemplari ta' rumanzi Maltin; fl-2003 huwa kiteb hekk fin-"Nota Editorjali" li dehret fuq quddiem ta' kull rumanz f'*Is-Sensiela Mireva Kittieba Maltin*:

> B'din il-ġabra l-qarrejja u l-istudjużi jistgħu jiksbu dehra tajba ta' kittieba u stili differenti, ilkoll eżempji ta' mogħdijiet varji li l-Ilsien Malti terraq fihom biex kiber f'għodda ta' kultura mirquma. Meqjusin flimkien dawn ix-xogħlijiet joffru dokument ta' letteratura mifhuma fl-essenzjalità tagħha.
>
> Il-qari ta' dawn it-testi jimxi pass pass mal-għarfien tal-istorja letterarja stess. B'din is-sensiela Mireva Pubications qegħdin joffru okkażjoni oħra biex il-letteratura Maltija tingħaraf u tkun apprezzata aħjar, u biex titqies dejjem iżjed bħala wirt ewlieni ta' kulħadd. ("Nota Editorjali")

Iżda meta dan il-kliem deher ukoll fid-daħla għal rumanzi miktubin minnu stess, inħolqot sitwazzjoni anomala fil-proċess lokali ta' kanonizzazzjoni letterarja: l-antoloġista kkanonizza lilu nnifsu meta inkluda xogħlijietu stess f'sensiela essenzjali u komprensiva ta' kitbiet li "joffru dokument ta' letteratura" ta' nazzjon. X'aktarx li din il-pożizzjoni skomda li sab ruħu fiha Friggieri hija dovuta għal-limitazzjonijiet li toffri x-xena letterarja lokali li qabelxejn hija ristretta anke f'termini ta' riżorsi umani, kemm fejn jidħlu l-kittieba u wisq aktar fejn jidħlu l-kritiċi. Bħala kritiku letterarju, Friggieri ħass li xogħlijietu jissodisfaw il-kriterji assoluti u relattivi meħtieġa sabiex jiġu inklużi f'din is-sensiela. Qabel ikkommetta ruħu għal din l-għażla, seta' ħassu maqbud bejn ħaltejn: jekk ma jagħżilx xogħlu stess, ikun qed jonqos milli jipprovdi stampa tassew rappreżentattiva u komprensiva tal-letteratura Maltija; jekk jagħżlu, jissogra li jiġi akkużat b'vanaglorja u b'awtokanonizzazzjoni. Mhuwiex faċli li persuna waħda

taqdi kontemporanjament diversi rwoli, fosthom dawk ta' kittieb, kritiku u antoloġista, irwoli li jekk jitħallu flimkien inevitabbilment iċajpru l-kredibbiltà tal-proċess kanoniku.

F'"Incongruity and Scale," Ivan Callus ukoll jitkellem dwar il-limiti fil-kuntest tal-letteratura lokali. Qabelxejn, huwa jiddiskuti l-preżenza limitata tal-letteratura Maltija fil-kuntest internazzjonali u kif din il-letteratura tista' tuża t-traduzzjoni sabiex tegħleb il-limiti imposti fuqha miċ-ċokon tas-suq Malti. F'dan il-mument tal-argumentazzjoni tiegħu, huwa jidentifika żewġ raġunijiet ewlenin għaliex il-qarrejja barranin jistgħu jimmotivaw irwieħhom biex jaqraw testi tradotti mil-lingwa Maltija. L-ewwel raġuni li jagħti hija "l-eżistenza ta' test li kapaċi jqanqal lill-qarrejja, kwalità li tista' tinftiehem b'modi differenti." Callus saħansitra jissuġġerixxi lill-kittieba lokali kif għandhom u kif ma għandhomx jiktbu: "huwa perfettament tajjeb jekk il-kittieba jirrakkuntaw sempliċement storja tajba, li l-profondità fit-tema, fil-karattru u fl-ideat estiżi mhijiex mitluba esklussivament minn test biex ikun ħaqqu jiġi tradott." Callus jagħti raġuni oħra għala l-letteratura lokali tista' tqanqal l-interess internazzjonali: "It-tieni hija t-tlaqqigħ ma' postijiet, sitwazzjonijiet u esperjenzi li huma kważi uniċi għal Malta, jew li jakkwistaw enerġija speċjali f'post bħal Malta, biċ-ċirkostanzi partikulari tad-daqs u bix-xewqat u l-kumplessitajiet li joħorġu minnhom." Fil-kitba ta' Callus jinħass ton ta' urġenza sabiex ix-xogħlijiet letterarji lokali mhux biss "jissodisfaw raġuni minnhom jew it-tnejn f'daqqa" imma sabiex il-kanonizzaturi Maltin jagħrfu liema huma l-aħjar kitbiet qabel jipproponuhom lill-udjenzi barranin permezz tat-traduzzjoni: "Dan huwa kruċjali, minħabba li l-Oħrajn ma jistgħux jiskopru t-testi inkwistjoni sakemm ma jitressqux għall-attenzjoni tagħhom mill-Maltin infushom, u sakemm il-Maltin ma jkunux lesti jiddeċiedu liema xogħol ħaqqu dan u liema le" ("Incongruity"). Fil-preżentazzjoni ta' dawn iż-

żewġ raġunijiet jixirfu kriterji kanoniċi li, qabelxejn, jistgħu jiggwidaw lill-kanonizzaturi inkarigati biex jagħżlu liema xogħlijiet għandhom jiġu tradotti u offruti lill-udjenza internazzjonali, u liema le. Permezz tal-ewwel raġuni, dik li tisħaq l-involviment tal-qarrejja permezz ta' "test li kapaċi jqanqal," Callus jinjora l-kwalitajiet letterarji li normalment nassoċjaw mal-kritiċi konvenzjonali għaliex jemmen fi kriterju wieħed bażiku: plott intriganti rrakkuntat sew huwa biżżejjed biex xogħol jiġi kkanonizzat demokratikament, irrispettivament jekk il-katedra kritika titfgħux fil-garżella ta' letteratura għolja jew dik baxxa. Ngħidu aħna, raġuni minnhom għala r-rumanzett *Frejp* ta' Azzopardi, li probabbilment ebda kritiku ma jqisu bħala letteratura għolja, xorta ntgħażel biex jiġi tradott hija li x'aktarx jissodisfa dan il-kriterju ta' Callus. Barra minn hekk, il-lokalizzazzjoni Maltija tar-rakkont, bħal fil-każ ta' *Frejp*, skont Callus, iżżid l-interess tal-qarrejja barranin u għaldaqstant tkompli tiġġustifika għala x-xogħol letterarju għandu jintgħażel għat-traduzzjoni.

4.2 Il-Kriterji ta' Aquilina: Tiftixa għall-Bilanċ?

F'*Antoloġija ta' Proża Maltija – L-Ewwel Volum*, Aquilina kien ilmenta li l-ħażna tax-xogħlijiet kanoniċi Maltin kienet pjuttost "fqira" imma wera fiduċja li din għad tikber minħabba l-potenzjal tal-kittieba promettenti ta' żmienu. Skont Aquilina l-"interessi intellettwali" tal-kittieba żgħażagħ, interessi li ma kellhomx il-kittieba ta' qabilhom, kienu se jgħollu l-kwalità tal-letteratura kanonika Maltija u jagħmluha aktar "profonda" (vi). Saħansitra bassar li wara ż-żewġ antoloġiji tiegħu kien se joħroġ it-tielet volum bix-xogħol ta' kittieba Maltin li fi żmienu kienu għadhom tfal – xewqa li ma seħħitx. Huwa jagħraf il-kriterji letterarji li

ssodisfaw il-kittieba pijunieri li b'għożża lejn pajjiżhom bdew jużaw il-Malti biex jiktbu l-letteratura. Fost il-kriterji li jelenka, Aquilina jenfasizza l-għażla mirquma tal-lessiku, ir-rispett lejn il-forom stilistiċi tradizzjonali u l-għażla tal-idjoma. Aquilina jispjega li sabiex jappellaw aktar għall-poplu bla skola, l-ewwel kittieba ma kinux jiffukaw fuq il-kontenut u ma kinux jippreżentaw argumenti intellettwali. Huwa jilmenta dwar in-nuqqas ta' intellettwalità fis-soċjetà riflessa "fil-kotra ta' proża dgħajfa Maltija f'kotba jew f'ġurnali." Aquilina kien jemmen li "fejn m'hemmx intellettwalità lanqas m'hemm maturità" u għalhekk jikkritika lill-prożaturi Maltin li sa żmienu użaw stil mexxej u ħafif, mingħajr ma niżlu f'tematika profonda u riflessiva, sabiex issodisfaw lill-qarrejja li ma kienu xejn eżiġenti (viii).

Minkejja l-ġudizzji awtorevoli u preskrittivi tiegħu, Aquilina jaddotta attitudni li toqrob lejn il-prinċipji fundamentali tat-teorija tar-rispons tal-qarrejja meta jħalli f'idejn il-qarrej tal-antoloġiji tiegħu sabiex jimraħ fil-varjetà tax-xogħlijiet ippreżentati u bħala "qarrej ta' dehen jagħraf waħdu jagħżel bejn proża u proża." Aquilina jagħmel distinzjoni simplistika u ġenerika meta jiddistingwi bejn il-kriterji li mxew fuqhom il-kittieba l-qodma u dawk li xprunaw lill-kittieba żgħażagħ: tal-ewwel huma aktar attenti kif se jħaddmu l-Malti idjomatiku bir-reqqa, filwaqt li tat-tieni jiffukaw aktar fuq l-argumenti soċjali u kontemporanji mingħajr ma jagħtu tant kas kif qegħdin jesprimu rwieħhom (viii). Madankollu, il-ġenerazzjoni tas-snin sittin kienet aktarx ferm iktar konxja tal-istil milli qed jgħid Aquilina tant li a posteriori l-kumment tiegħu jinħass maqtugħ sew mill-estetika tal-kittieba l-ġodda.

Fl-ewwel edizzjoni tal-antoloġija *Il-Muża Maltija*, ippubblikata fl-1948, jiġifieri 28 sena qabel *Antoloġija ta' Proża Maltija – L-Ewwel Volum*, Aquilina kien diġà ddefinixxa x'jagħmel

poeżija, u poeta, “universali” billi ppropona żewġ kriterji mfassla fuq id-duwaliżmu tradizzjonali tal-kontenut u tal-forma poetika. Huwa ssuġġerixxa l-innovazzjoni tematika (“suġġettiviżmu ikbar”) u prosodika (“varjazzjoni ta’ qisien u kejl metriku”) bħala marki li jelevaw il-valur kanoniku tal-poeżija:

> Poeti li għandhom importanza universali għax l-għanja tagħhom hi maħruġa minn għeruq ir-ruħ jinsabu wkoll f’din l-antoloġija. Imma l-għadd tagħhom seta’ kien iktar kieku l-kittieba tagħna kellhom sens ikbar ta’ avventura intellettwali li tiġi mill-indipendenza tal-moħħ imħarreġ jaħseb waħdu fuq il-problemi xjentifiċi u filosofiċi ta’ żmenijietna, problemi li ħafna drabi jmissu mal-għeruq taċ-ċiviltà Ewropea li llum tinsab imhedda minn ħafna kurrenti antitradizzjonalisti. Il-poeżija Maltija hija tradizzjonalista u din ħaġa sabiħa għax min jibni bla tradizzjoni jixbah lil ħajjat li jfassal mingħajr mudell. Min-naħa l-oħra, hekk kif il-ħajjat li dejjem ifassal fuq mudell wieħed jasal biex ixebbgħek u jdejqek, hekk il-poeta li dejjem ifassal il-versi tiegħu fuq l-istess qisien jispiċċa biex isir monotonu. Fil-poeżija Maltija neħtieġu varjazzjoni ta’ qisien u kejl metriku kif ukoll suġġettiviżmu ikbar, dak is-suġġettiviżmu li jiġi mix-xejra introspettiva tal-personalità tal-bniedem modern. (xxi)

Hawn Aquilina jinħass maqbud bejn żewġ attitudnijiet preferenzjali: fuq naħa jeloġja t-tradizzjoni poetika Maltija (“din ħaġa sabiħa”), u fuq naħa oħra jixxennaq għal sens ta’ aġġornament fil-kanonu letterarju Malti li, paradossalment, xorta jibqa’ jħares lejh bħala theddida (“tinsab imhedda minn ħafna kurrenti antitradizzjonalisti”). Aquilina huwa konxju mir-riskju tad-dekadenza ta’ moviment letterarju li “jispiċċa biex isir monotonu.” Fil-proċess ta’ formazzjoni u internalizzazzjoni tal-kriterji letterarji li kien se jħaddem hu stess bħala

kanonizzatur, huwa jixxennaq għall-aħjar miż-żewġ dinjiet antitetiċi: jixtieq il-ħarsien tal-qisien riġidi tradizzjonali fl-istess waqt li jixtieq li l-letteratura Maltija ġġarrab "avventura intellettwali" billi timraħ lil hinn mill-motivi konvenzjonali.

Għal Aquilina, x'aktarx li l-kitba letterarja ideali tkun dik li tinkorpora dawn iż-żewġ elementi li a priori dejjem dehru li jappartjenu għal stili letterarji kontrapposti. L-argumentazzjoni ta' Aquilina tista' tissuġġerixxi wkoll mutazzjoni fis-sett ta' kriterji mħaddma mill-kritiku letterarju. Fi kliem Aquilina hemm implikat (għax ma jirrikonoxxihx direttament) is-sens ta' fluwidità fit-tiswir tal-kriterji kanoniċi. Minkejja li l-kriterji ta' dan il-kanonizzatur ewlieni fl-istorja letterarja Maltija x'aktarx li jagħtu l-impressjoni li huma assoluti, fil-qari mill-ġdid ta' dak li kiteb hawn, tinħass l-ammissjoni kawta li dawn il-kriterji huma neċessarjament mutabbli u jiddependu, qabelxejn, mill-bżonnijiet tal-epoka. Is-sejħa ta' Aquilina għal mod differenti ta' kitba, skont mudelli jew kriterji innovattivi, tinħass l-aktar fil-battuti konklużivi tal-esej tiegħu f'*Il-Muża Maltija*:

> U dan hu dak li nixtieq nara fl-ilsien Malti għax jien nemmen li s-setgħat poetiċi ta' lsienna għadhom ma nkixfux għalkollox. Għad hemm fl-ilsien Malta ilħna moħbija . . . Dawn il-misteri poetiċi għad jinkixfu ftit ftit meta l-poeti, bħall-ħaddied li jqiegħed il-ħadid jikwi fuq l-inkwina biex bid-daqqa tal-martell jagħtih ix-xebh li jrid, jikwu l-ilsien Malti fil-forġa tal-ispirazzjoni, bil-martell ta' teknika ġdida, joħorġu minnu, kotrana daqs ix-xrar, ritmi ġodda. (xxiii)

Il-bilanċ mixtieq bejn l-irbit mat-tradizzjoni u l-bżonn imminenti ta' nifs ġdid fix-xena letterarja ta' nofs is-seklu 20, jixhed kif l-kritiċi prominenti tal-epoka kienu disposti biex jimmodifikaw il-kriterji letterarji li huma ħaddmu, ngħidu aħna, fis-selezzjoni tax-xogħlijiet

għall-antoloġiji tagħhom. Din l-amalgamazzjoni ta' kriterji tfeġġ f'*Ward ta' Qari Malti – It-Tieni Ktieb*, antoloġija oħra li Aquilina ġabar ma' Saydon. F'dan it-"test tal-Matrikola," il-kitbiet intgħażlu skont sett ta' kriterji speċifiċi: "Fil-għażla tal-kitba żammejna l-istess kriterji letterarji li mexxewna sa mill-bidu tax-xogħol tagħna: sengħa ta' kitba, għamla ġdida ta' kitba, u fuq kollox tagħlim ta' fejda għall-ħajja taż-żgħażagħ" (iii). Hawn il-kanonizzaturi vvalutaw il-komponent estetiku, il-komponent innovattiv u l-komponent didattiku-morali, b'dan tal-aħħar li jingħata l-aktar prominenza. Meta jintiżnu dawn it-tliet komponenti, tista' tingħaraf mill-ġdid l-intenzjoni ta' Aquilina: hu, flimkien ma' Saydon, jixtieq l-attwalizzazzjoni tat-tlaqqigħa ta' kriterji tradizzjonali ("sengħa ta' kitba" u "tagħlim ta' fejda") ma' oħrajn aktar aġġornati ("għamla ġdida ta' kitba"). Hawn iż-żewġ antoloġisti ppruvaw (għax mhux bilfors irnexxielhom) jiġbru kitbiet li ħaddnu dawn l-elementi kuntrastanti imma li skonthom jistgħu jikkonvivu fl-istess xogħol letterarju.

Madankollu, fil-kumplament tal-istess ktejba fil-bidu ta' *Ward ta' Qari Malti – It-Tieni Ktieb*, tispikka l-predominanza tal-komponent estetiku u, allura, tal-element tradizzjonali li jisboq il-bżonn għal kriterji aġġornati. Il-kanonizzaturi jisħqu li mxew "bi kriterji aktar għoljin" meta għażlu x'jidħol u x'ma jidħolx fl-antoloġija tagħhom:

> Għaliex fi ktieb letterarju jidhrilna li ma għandux jidħol ħlief min għandu isem fl-istorja tal-letteratura. Għalhekk ħallejna barra xi kittieba li, jew kitbu wisq ftit biex jibqgħu jissemmew jew, għalkemm kitbu ħafna, ma għarfux jorqmu isbaħ il-kitba fid-dawl ta' dawk il-prinċipji li jagħmlu s-sengħa tal-kitba u li huma ta' kull ilsien, għax ħerġin minn ruħ il-bniedem, għajn u mera ta' kull ġmiel. (iv)

Ir-rigressjoni argumentattiva fil-kritika ta' Aquilina u Saydon, evokata fost l-oħrajn minn kliem bħal "isbaħ" u "ġmiel," tixhed li fil-fond tal-proċess selettiv tagħhom aktarx li xorta ppersistiet il-preferenza għall-estetika Romantika. Għalihom il-kbar jibqgħu jingħarfu miż-żgħar, jew fi kliem Swift, il-Brobdingnagjani jibqgħu jingħarfu mil- Lilliputjani, primarjament abbażi tal-istil tagħhom. L-istqarrija li "ma għandux jidħol ħlief min għandu isem fl-istorja tal-letteratura" tinħass, mhux biss elitista u esklussiva, iżda tassew suġġettiva għaliex ma tippermettix stili oħrajn ħlief dak li jippreferu huma. Allura ma tantx kien hemm żvilupp fil-kriterji minn dawk imħaddma fl-ewwel kiteb ta' *Ward ta' Qari* ppubblikat fl-1936 fejn ħarġet fid-dieher il-preferenza għall-"ftit magħżula" li mxew b'rigorożità mal-estetika Romantika: "Nistqarru li f'din l-Antoloġija b'poeta nifhmu biss 'kittieb tal-poeżija,' u mhux bilfors poeta fis-sens kbir u għoli tal-kelma, għalkemm għandna xi wħud li jistħoqqilhom dan l-isem, l-isem tal-ftit magħżula li jħobbu s-Sewwa u s-Sabiħ" (f'Attard 128). Bla ħabi ta' xejn, il-kanonizzaturi jagħżlu min huma dawk li "jistħoqqilhom" jiġu kkanonizzati: huma dawk il-kittieba Maltin li skonthom imxew fuq il-kriterji assoċjati mar-Romantiċiżmu kwintessenzjali bħal dak ta' li ħaddan John Keats.

Mill-banda l-oħra, meta fil-bidu tas-sebgħinijiet Aquilina kiteb "Moda u Letteratura" f'*Leħen il-Malti*, jiġifieri fi żmien meta l-Modernisti kienu diġà stabbilew il-preżenza tagħhom fix-xena lokali, il-kanonizzatur jinħass li qiegħed jipprova jsib kompromess billi jxejjen id-dikotomija stilistika u jivvaluta xogħol letterarju irrispettivament jekk il-kontenut jittrattax is-sabiħ jew l-ikrah jew jekk il-forma hijiex tradizzjonali jew le:

> Fl-arti u l-kritika tagħha titbiddel kemm titbiddel il-forma bħall-moda tal-ilbies, il-kriterju tas-*sanità mentali* u l-*oriġinalità ġenwina* jibqgħu jagħżlu l-poeżija li hija

> tabilħaqq messaġġ ta' ġmiel, jew kobor anke jekk is-suġġett huwa ikrah, minn versi mqabbla jew le li m'għandhom xejn minn poeżija, għax bħal katavru spulpjat la għandhom sura u lanqas ġisem. (4)

Hawn jinħass żvilupp fil-perspettiva kritika ta' Aquilina, għax "il-kriterju tas-sanità mentali u l-oriġinalità ġenwina" jsir il-kriterju binarju ewlieni tiegħu – huwa essenzjali li xogħol b'potenzjal kanoniku jkun prodott oriġinali ta' ħsieb luċidu u sinċier. Dak li jmur lil hinn minn hekk huwa awtomatikament sekondarju u relattivament irrilevanti. Iżda Aquilina jmur lil hinn billi jispjega kif għalih hemm żewġ modalitajiet ta' oriġinalità: huwa jagħżel bejn "l-oriġinalità tal-bniedem inġenjuż" u "l-oriġinalità żbaljata." Hawn il-ġudizzju kritiku ta' Aquilina jinħass restrinġenti, jew, kif intqal ukoll fil-konfront ta' kanonizzaturi barranin bħal Leavis jew Bloom, elitista. Skont Aquilina li kiteb dan il-kliem fl-1971, "il-problema tal-poeżija li qiegħda tinkiteb illum" hija li dawk li qegħdin jipproduċuha, ħsiebhom biss li jimxu maż-*zeitgeist*, jew il-moda tal-mument, milli mal-kriterji tradizzjonali bħal dak taċ-"ċarezza." Huwa jitkaża b'dawk li jaslu jpartu "ċ-ċarezza" mal-"oskurità" biex imbagħad jippreżentawha bħala "profondità" (2). Aquilina lanqas ma kien impressjonat b'dak li hu sejħilhom "*shock tactics*" (3) tal-poeti Modernisti. Għalih xogħlijiethom huma biss turija ta' "oriġinalità mħawda tal-miġnun" li b'kapriċċ "irid ibiddel" b'detriment għal-letteratura Maltija (2). Involontarjament, din l-attitudni apoloġetika fil-konfront tal-kriterji Romantiċi u antagonista fil-konfront tal-kriterji Modernisti, isseddaq l-idea li anke "l-oriġinalità" hija relattiva u suġġettiva. Ċertament li d-djalettika dwar is-sehem fundamentali tal-kriterju tal-oriġinalità kellha tibqa' rilevanti u topika fil-kuntest tal-kanonu letterarju, kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment.

4.3 Il-Kriterji fi Ħdan it-Teorija Estetika tal-Kritika

It-teorija estetika tal-kritika, li toffri perspettiva innovattiva dwar l-idea tal-kanonu letterarju u dwar ir-relazzjoni tiegħu mal-funzjoni tal-arti fis-soċjetà moderna, tista' sservi bħala għajn ta' kriterji aġġornati fi ħdan id-dibattitu dwar liema kwalitajiet letterarji huma pertinenti għall-kanoniċità. It-teorija kritika toffri element ta' bilanċ fid-djalettika kontemporanja dwar il-kanonu letterarju. Mingħajr ma tippromwovi l-kanonu tal-Punent u mingħajr ma tiċħdu jew tqisu bħala ideoloġiku, mingħajr ma tqisu bħala universali jew etern u mingħajr ma tillimitah għal interessi politiċi, it-teorija kritika tipproponi interpretazzjoni li tesplora s-sinifikat tal-arti fis-soċjetà. Din il-perspettiva tipprova toħloq dan il-bilanċ billi tirrifjuta l-idea jew id-duttrina ta' *l'art pour l'art* daqskemm tirrifjuta l-idea li l-arti għandha utilità soċjali jew politika diretta. Id-distinzjoni fid-definizzjoni bejn "kanonizzazzjoni" u "kanoniċità" issir fundamentali f'dan il-kuntest.

Il-kritika soċjoloġika ħafna drabi titkellem f'termini ta' kanonizzazzjoni u tikkunsidra xogħol li ġie kkanonizzat (wara li għadda mill-proċess ta' kanonizzazzjoni) bħala xogħol li ġie newtralizzat għax żmien ilu ġie "kkonsagrat" għall-eternità x'aktarx mill-akkademiċi. Is-soċjoloġija mhijiex dejjem konxja mill-attribut tal-kanoniċità ta' xogħol letterarju. Dan it-terminu jitbiegħed mill-konfini tal-akkademja jew tas-sillabu, u jiffoka aktar fuq il-kriterji li jagħmlu xogħol kanoniku, fuq il-kriterji li jimmarkaw il-kanoniċità, jew in-nuqqas tagħha, f'xogħol letterarju. Il-kanoniċità, iktar milli proċess ta' konsagrazzjoni, iktar hija ġudizzju estetiku tal-kontenut veritier tax-xogħol. Wieħed mill-għanijiet tat-teorija kritika huwa proprju li jiġi salvat dan il-kontenut konjittiv tax-xogħlijiet letterarji u li ma jitħalliex jiġi

newtralizzat. Dan huwa x'aktarx il-kontribut ewlieni tat-teorija estetika tal-kritika fid-djalettika dwar il-kanonu letterarju; hija tixħet dawl fuq it-tensjonijiet li hemm bejn l-idea tal-kanoniċità u l-idea tal-kanonizzazzjoni. Il-kanonizzazzjoni timplika l-proċess kulturali li bih xogħol letterarju jibqa' jingħata l-attenzjoni u jibqa' jintgħażel biex jinkiteb mill-ġdid, tant li hemm il-periklu li jiġi newtralizzat għax isir familjari wisq kulturalment. Madankollu l-kanonizzazzjoni ma jfissirx li teskludi b'mod assolut il-kanoniċità. Il-kontenut ta' xogħol li ġie kkanonizzat jista' jkun li jissodisfa l-kriterji tal-kanoniċità meqjusa bħala l-kejl tal-kwalità estetika. Għaldaqstant, il-kanonizzazzjoni u l-kanoniċità huma żewġ kunċetti li mhumiex dijametrikament kontra xulxin jew irrikonċiljabbli imma f'xi każi jistgħu anke jaħdmu id f'id.

It-teorija estetika tal-kritika kif ippreżentata minn Adorno li tista' tiġi applikata direttament fil-kuntest tad-djalettika dwar il-formazzjoni tal-kanoni letterarji (Kolbas 2), titbiegħed kemm mil-limitazzjonijiet tat-teoriji soċjoloġiċi kif ukoll minn dawk tal-umanisti konservattivi u tal-pluralisti liberali li ma jirrikonoxxux il-kriterji konkreti li jimbuttaw xogħol letterarju biex isir kanoniku. Din id-dikotomija klassika tad-dibattitu kanoniku ma tqisx biżżejjed l-implikazzjonijiet, lil hinn mill-funzjonijiet pedagoġiċi u mill-interessi politiċi, li l-kunċett innifsu tal-arti għandu fis-sitwazzjonijiet soċjali u ekonomiċi tal-lum.

Fil-ħsieb ta' Adorno, l-awtonomija estetika hija l-qofol tat-teorija kritika li trodd lura l-kontenut konjittiv lill-arti u tagħrfu bħala kriterju veritier u validu ta' għarfien li permezz tal-perspettiva unika tal-arti jopponi r-razzjonalità strumentali tas-soċjetà tal-lum; ix-xogħlijiet li jissodisfaw dan il-kriterju huma għalhekk dawk ix-xogħlijiet li kapaċi jwieġbu jew jikkummentaw dwar il-veritajiet eżistenti b'mod li x-xjenzi u forom oħra ta' għerf ma jistgħux jagħmlu jew inkella jagħmluh biss permezz ta' studju empiriku (Kolbas 86). Hekk, ngħidu

aħna, diversi xogħlijiet letterarji jipprovdu r-risposta letterarja għall-kunċett tal-mewt, fosthom id-dramm *Menz* ta' Ebejer, u d-dramm *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Sant, li ġew ikkanonizzati bl-inklużjoni tagħhom fis-sillabu postsekondarju tal-letteratura Maltija; mill-banda l-oħra, jikkummentaw dwar il-forzi politikosoċjali li jaħkmu kemm il-psike tal-individwu kif ukoll dak ta' gruppi sħaħ ta' nies. Għaldaqstant, l-għarfien ta' kontenut konjittiv li jisfida u li jqanqal lill-qarrejja, kif issuġġerixxa Callus f'"Incongruity and Scale," jista' jiġi ppreżentat bħala wieħed mill-iprem kriterji kanoniċi aġġornati. Xogħol kanoniku, qabelxejn, irid jisfida lis-soċjetà. Skont Adorno, l-arti hija "l-antiteżi soċjali tas-soċjetà" (*Aesthetics* 8) – l-arti, inkluża l-letteratura, tibqa' toffri kritika effettiva tas-soċjetà peress li fl-istess waqt hija kemm soċjali kif ukoll awtonoma.

"Il-kontenut veritier tax-xogħlijiet artistiċi," għal Adorno, "huwa magħġun mal-kontenut kritiku tagħhom" (*Aesthetics* 35). L-arti tikkritika lis-soċjetà mibnija fuq il-prinċipju tal-iskambju għax l-ekonomija taljena lin-nies u tibdel kollox f'oġġetti faċilment trasferibbli. Il-kritika soċjali li toffri l-arti topponi l-ideoloġija tal-empiriċiżmu li llum il-ġurnata tiddomina lis-soċjetà b'mod speċjali permezz tal-pragmatiżmu politiku. Ngħidu aħna, ħafna mix-xogħlijiet poetiċi f'*Linji Ġodda* u f'*Ilħna Mkissra* jissodisfaw il-kriterji imposti mit-teorija ta' Adorno għaliex joffru kritika mill-perspettiva unika tal-arti dwar il-qagħda soċjali ta' Malta meta politikament kienet għadha tarbija li tixtieq tinfatam minn ommha fl-istess waqt li tibqa' trid it-treddigħ ekonomiku, kulturali, politiku u intellettwali. Iżda kemm huwa validu l-kriterju li jkejjel il-kontenut konjittiv li jisfida l-pragmatiżmu politiku? Il-letteratura Maltija tal-ewwel nofs tas-seklu 21 ma tantx qiegħda tkun voċifera fil-konfront tal-elementi kontroversjali fil-qasam soċjopolitiku. Il-kritika effettiva tas-soċjetà li Adorno jistenna mill-

artisti qiegħda ssir aktar skarsa. Iżda f'mumenti sporadiċi, xi kittieba Maltin qegħdin jirrispettaw l-obbligu impost minn dan il-kriterju – kittieba bħal Schembri, Mifsud u Azzopardi użaw il-letteratura biex jipprotestaw b'xogħlijiet bħal *Il-Manifest tal-Killer*, *L-Aqwa Żmien* u *Tebut Isfar*.

L-empiriċiżmu jiffoka biss fuq dak li jeżisti bl-implikazzjoni li jeskludi dak kollu li ma jeżistix u l-arti proprju toffri oppożizzjoni għal din l-idea: l-arti tinnega dak li sempliċiment jeżisti u kapaċi tikkummenta u tikkritika dak li apparentament ma jeżistix. Din it-tip ta' kritika li hija possibbli biss permezz tal-arti tifforma l-bażi tat-teorija ta' Adorno u titfa' dawl fuq dak li jitqies bħala l-kriterju kruċjali li bih jingħaraf il-valur artistiku ta' xogħol letterarju: "Il-kostellazzjoni ta' dak li jeżisti u ta' dak li ma jeżistix hija l-figura utopika tal-arti" (*Aesthetics* 233). Fit-titlu nnifsu tal-akbar xogħol letterarju ta' Dun Karm tinħass it-tensjoni ta' din id-dikotomija: it-titlu "Il-Jien u Lil Hinn Minnu" jinkorpora fih komponent fiżiku li jeżisti ("Il-Jien") u komponent metafiżiku li l-eżistenza tiegħu qatt ma tista' timmaterjalizza ruħha jew tiġi ppruvata ("Lil Hinn Minnu"). Skont Adorno, l-eżistenza tal-arti – li fil-kuntest tad-dinja empirika huwa diġà fatt "mirakoluż" – titfa' dawl fuq il-possibbiltà ta' dak li mhuwiex immedjat jew li ma jeżistix (*Aesthetics* 132). L-arti, li tinkludi l-letteratura, tgħin lill-bniedem jimraħ lil hinn minn dak kollu li huwa ta' valur sempliċiment għax utli.

It-teorija kritika tenfasizza l-idea tal-inutilità jew tan-nuqqas ta' skop tal-arti. Għalhekk il-qari ta' xogħol letterarju ma jistax ikun marbut direttament mat-tfittxija ta' għan partikolari għall-kitba tax-xogħol. Dan jiġi eżemplifikat permezz tal-itwal rumanz fl-istorja tal-letteratura Maltija, *La Bidu, La Tmiem* ta' Sant, rumanz li għalkemm Mario Azzopardi ddeskrivieh bħala "rikk u vast" u li "m'hemmx dubju dwar il-valur estetiku u enerġetiku

tiegħu," jista' jkun li jdarras lil xi qarrejja kemm bit-tul kif ukoll bl-istil tiegħu peress li "jipprova jerġa' jagħti nifs ġdid lill-epika nazzjonali" ("La Bidu"). Iżda r-rumanz ta' Sant jista' jiġi apprezzat mill-qarrejja għall-iskop "inutli" tiegħu fil-kuntest soċjali li ġie ppubblikat fih fil-bidu tas-seklu 21. Kolbas jargumenta kif fl-ambitu pragmatiku tal-iskambju tal-komodità u tal-użu soċjali, "il-kontenut veritier u kritiku tal-arti se jgħammar preċiżament fl-inutilità tagħha" (94). Adorno jesprimi dan il-kunċett bl-istqarrija paradossali li "Il-funzjoni tal-arti f'dinja totalment funzjonali hija n-nuqqas ta' funzjoni tagħha" (*Aesthetics* 139). Għaldaqstant, il-kriterju tal-inutilità, minkejja l-paradossalità apparenti tiegħu, jista' jservi bħala kejl tajjeb għall-kanoniċità ta' xogħol letterarju li f'għajnejn xi wħud jista' jidher bla ebda valur imma f'għajnejn oħrajn jista' jitgawda proprju għan-nuqqas ta' funzjoni immedjata tiegħu fil-kuntest soċjali.

Skont Kolbas, it-teorija kritika tikxef kull tip ta' ideoloġija, anke dik moħbija taħt l-idea tradizzjonali li l-kanonu letterarju tal-Punent jiġi ddefinit biss f'termini purament estetiċi. It-teorija kritika tippproponi li l-analiżi tal-formazzjoni kanonika trid tkun dejjem konxja, mhux biss mit-tħaddim tal-kriterji estetiċi, imma trid tivvaluta wkoll il-kriterji li jirrikonoxxu s-sitwazzjoni soċjali u r-relazzjoni tal-kanonu mal-ġustizzja jew man-nuqqas tagħha. L-awtonomija tal-arti tippermetti u twassal għall-kritika soċjali. Iżda meta t-teorija kritika tikkunsidra li l-kunċett tal-awtonomija jitnissel mill-moviment tal-individwaliżmu borġiż, tasal għall-konklużjoni li l-idea ta' awtonomija qed tippromwovi grupp soċjali wieħed b'detriment għall-oħrajn. Il-letteratura tista' saħansitra tikkomprometti l-perspettiva tal-qarrejja dwar l-inġustizzja soċjali meta tiffoka fuq il-vittmi; it-teorija kritika turi kif xogħlijiet li jissimpatizzaw mal-vittmi tal-inġustizzja jistgħu jinsew jikkundannaw is-sors tat-tbatija tal-vittmi nfushom

(Kolbas 89). Fin-novella “Bl-Irħis,” li ngħatat prominenza kanonika meta ġiet inkluża fl-antoloġija *Bejn Ħaltejn*, studjata fis-sillabu tas-sekondarja wara l-2011, it-tematika ta’ Vincent Vella tittratta biss il-vittmi tal-fenomenu lokali tal-immigrazzjoni mingħajr ma tindaga aktar jew tipponta xi saba’ lejn l-aġenti ħatja ta’ din is-sitwazzjoni. F’*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, Mamo jippreżenta l-injoranza tal-klassi tal-ħaddiema fil-bidu tas-seklu 20 (is-sintomu); skont il-kriterju impost mill-perspettiva tat-teorija kritika, Mamo jista’ jidher li naqas milli jikkundanna direttament il-falliment tal-ordni soċjoekonomika tal-gżira-kolonja (il-marda). Fir-rumanz *L-Ibleh*, Orlando ttanta jikkritika lit-tmexxija politika li ppermettiet il-ħolqien ta’ waħda mill-agħar żoni residenzjali tal-klassi tal-ħaddiema li qatt kellha Malta. Fl-antoloġija *Qawsalla*, studjata fis-sillabu tas-sekondarju ta’ qabel l-2011, hemm silta minn *L-Ibleh*, proprju l-parti li fiha n-narratur jikkundanna lill-“Kavallieri ta’ Malta” li “f’għajnejhom il-poplu ma kienx jistħoqqlu li jiġi meqjus agħar minn ftit żrameġ” (Orlando 119). Madankollu hu wkoll jonqos milli jikkritika espliċitament lill-awtorità kolonjali ta’ żmienu li ħalliet lill-vittmi Beltin tal-Mandraġġ jgħixu f’kundizzjonijiet inumani. Il-fokalizzazzjoni tal-vittmi tista’ għalhekk tissarraf f’“simplifikazzjoni żejda” (Kolbas 95): meta l-kittieba jiffukaw fuq il-kritika ta’ difett soċjali speċifiku, jew fuq individwu jew ftit individwi, jistgħu jaqgħu fin-nasba ta’ letteratura li tittratta s-sintomu u mhux il-marda kronika li tkun ħakmet lis-soċjetà. Barra minn hekk, il-kriterju ssuġġerit mit-teorija kritika jimplika li l-arti nnifisha, bl-astrazzjoni tagħha u l-qtugħ mill-immedjatezza, diġà qed toffri sens ta’ kritika, protesta u sfida għax hija awtonoma għax inkella, meta timpenja ruħha espliċitament, tissogra li titlef qawwitha.

Id-djalettika dwar il-kriterju tal-awtonomija artistika tista’ titfa’ wkoll dawl fuq kwalitajiet li jkomplu jsaħħu l-element ta’ ċaħda ta’ dak kollu li huwa mistenni mis-soċjetà u li

jissimplifika l-espressjoni artistika. Bħala kriterji li jseddqu l-letterarjetà ta' xogħol u jbegħduh mill-konvenjenza u mill-pragmatiċità soċjali tal-lum, Kolbas jidentifika "n-negattività formali, l-astrazzjoni, it-tifsir enigmatiku, id-dissonanza" (95). L-apprezzament kritiku ta' dawn il-kwalitajiet japplika bi sħiħ fid-dibattitu dwar il-kanonu letterarju, b'mod speċjali minħabba l-fatt li ħafna mir-raġunijiet li jingħataw sabiex il-kanonu jitwessa' u jkun aktar rappreżentattiv huma raġunijiet politiċi u utilitarji li jwarrbu l-awtonomija u n-nuqqas ta' funzjoni tal-arti, kwalitajiet, jew kriterji, li huma essenzjali għax jimmarkaw il-kontenut veritier tal-arti. Il-liberaliżmu pragmatiku jwassal għal għażliet politiċi u soċjali, speċjalment fil-kuntest tas-sillabi fl-iskejjel, għażliet li ħafna drabi jċaħħdu lill-istudenti mill-kunċett ta' tbegħid mid-dinja prattika li skont it-teorija kritika jipprovdi kritika soċjali aktar ġenwina u reali. L-għażla, pereżempju, tar-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Ebejer bħala parti mis-sillabu tal-letteratura għall-istudenti tas-sekondarja, tista' titqies bħala għażla ta' din it-tip minħabba l-kontenut politiku espliċitu li fih. Hija għażla li "tapplika mezzi diretti biex tikseb effetti diretti" (Kolbas 96), effetti li setgħu jinkisbu fl-1985 meta ġie ppubblikat ix-xogħol, sitt snin biss wara l-Ħelsien tal-1979, imma wisq inqas fl-2011 meta r-rumanzett daħal fis-sillabu tal-Malti u meta l-ġenerazzjonijiet attwali tal-istudenti huma x'aktarx distakkati minn tiġrib missirijiethom u ma jistgħux jempatizzaw bi sħiħ man-nazzjonaliżmu tagħhom.

Mill-banda l-oħra, l-għażla tad-dramm *Menz* ta' Ebejer bħala xogħol studjat fil-livell postsekondarju hija għażla li tissodisfa l-kriterju tat-teorija kritika ta' Adorno ġaladarba x-xogħol artistiku, bl-istil simboliku u surreali tiegħu, filwaqt li jikkritika lill-umanità, huwa ħieles minn referenzi diretti u immedjati. Hekk il-kontenut universali u veritier ta' *Menz* jeżisti f'awtonomija filwaqt li t-tifsira tad-dramm tista' titqies ukoll bħala enigmatika. Skont l-

ottika tat-teorija kritika, meta f'xogħol letterarju jsir tentattiv biex il-kontenut politiku jitwassal b'mod dirett tkun qiegħda tiġi kompromessa l-letterarjetà tax-xogħol għax dan "jirriduċi l-kelma u l-forma għal sempliċiment mezz, għal element fil-kuntest tal-effett tax-xogħol, għal manipulazzjoni psikoloġika. Barra minn hekk, titmermer il-koerenza u l-loġika ta' xogħol għax ma jistgħux jiżviluppaw fi qbil mal-liġi tal-verità tagħhom stess imma jiġu mġiegħla jsegwu l-linja li toffri l-inqas reżistenza għall-konsumatur" (Kolbas 96). B'dan il-mod id-diskors politiku interminabbli ta' Pietru b'referenzi diretti u b'motivazzjoni apertament nazzjonalista f'*Il-Ħarsa ta' Rużann* itellef sew mid-dinamika tal-plott u mit-tbegħid mid-dinja prattika li Ebejer is-soltu jħaddem fid-drammi tiegħu (109-112). Mhux ta' b'xejn Adorno qies il-litteralità fl-arti bħala "barbarika" u kkundannaha bil-qawwa kollha (*Aesthetics* 61).

Għaldaqstant, in-nuqqas ta' litteralità f'xogħol letterarju jista' jitqies bħala kriterju ieħor tat-teorija kritika, kriterju li jista' jgħin fl-għarfien tal-kanoniċità tax-xogħol. Dan ma jfissirx li l-letteratura ma għandhiex tispira ruħha u talludi għal sitwazzjonijiet u kundizzjonijiet eżistenti f'din id-dinja għax, wara kollox, l-arti ma teżistix f'vakwu. Għalhekk, Adorno ma jaqbilx mal-ħsieb estrem ta' kritiċi bħal Bloom li jemmnu fil-purità estetika tal-arti u fl-arti ħielsa minn kull referenza politika. Il-punt tat-teorija kritika tal-arti huwa li xogħol letterarju xorta jrid jibqa' awtonomu billi jevita l-litteralità u l-applikazzjoni soċjali diretta. Meta sal-ewwel deċennju tas-seklu 21 kienet għadha tiġi mgħallma l-poeżija b'kontenut nazzjonalistiku "Jum ir-Rebħ" ta' Briffa fil-klassijiet tas-sekondarja, l-għalliema kellhom it-tendenza li jispjegaw fid-dettall il-kuntest soċjopolitiku partikolari li fih Briffa kiteb din il-poeżija atipika tiegħu. Ir-referenzi tal-għalliema kienu diretti, kif jixhdu n-noti li kienu jużaw: "il-25 ta' Marzu 1945," "l-istejdjum tal-Gżira," il-logħba ta' Malta kontra "t-tim Jogoslav tal-

Hajduks," il-"banda tal-K.O.M.R. li . . . ma daqqitx l-Innu Nazzjonali" (Caruana 56). Iżda dawn kienu referenzi espliċiti li, tfittex kemm tfittex, ma ssibhom f'ebda vers tal-poeżija. Briffa kien rnexxielu jitbiegħed mil-litteralità li l-għalliema ħassewhom b'xi mod obbligati li jesponuha mal-istudenti.

Ir-relazzjoni bejn l-universali u l-partikolari hija essenzjali fit-teorija kritika ta' Adorno – fix-xogħlijiet artistiċi "l-partikolari jsir l-universali" (*Aesthetics* 202). Dan ma jimplikax it-telfien tal-kwalitajiet u tat-tekniki partikolari li jikkomponu l-forma u t-tematika ta' xogħol. Adorno jemmen li l-universalità tippreserva dan kollu. Il-kriterji tat-teorija kritika jimplikaw li x-xogħlijiet artistiċi jkun fihom elementi partikolari u, fl-istess waqt, elementi tal-universalità soċjali. Fil-fehma tiegħu, f'kull xogħol għandna naraw "is-soċjetà kollha kemm hi, mifhuma bħala unità minnha nfisha kontradittorja" (*On Lyric* 38), kemm fil-karatteristiċi formali kif ukoll permezz ta' analiżi tal-kundizzjonijiet soċjali preżenti waqt il-produzzjoni artistika. Għal Adorno, il-"*principium individuationis*," jiġifieri il-prinċipju tal-partikolarità ta' xogħol huwa fih innifsu prinċipju universali (*Aesthetics* 200). Il-kwalitajiet universali, li jikxfu l-medjazzjoni soċjali u storika, jistgħu jitlaħħmu biss permezz tal-elementi partikolari bil-limiti u bil-fallibbiltà li jimplikaw. It-teorija kritika tistabbilixxi kriterju tal-bilanċ fir-relazzjoni bejn l-universali u l-partikolari: la għandha tingħata t-tikketta ta' universalità li tkun artifiċjali u lanqas għandha tiġi enfasizzata l-partikolarità ta' xogħlijiet li jippromwovu "l-interessi antagonisti ta' individwi" ("Trying to Understand *Endgame*" 257) fi ħdan gruppi soċjali speċifiċi.

Fl-istess waqt, dan il-kriterju jesiġi li l-arti ma tiċħadx ir-realtà u l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi. Dawn il-kundizzjonijiet mhux biss imissu mal-arti iżda huma parti intrinsika

minnha u mill-proċess li bih hi stess iffurmat. Għaldaqstant, mhux talli ma tridx tiċħadhom, talli trid tħaddanhom. Skont Adorno, dan huwa kriterju essenzjali ta' xogħol letterarju Modernista: "L-arti tkun arti moderna permezz tal-mimesi tal-indifferenti u tal-aljenat; hekk biss, u mhux biċ-ċaħda ta' realtà muta, l-arti issir elokwenti" (*Aesthetics* 21). F'"Monologu mill-Gżira tal-Isponoż," poeżija ta' Daniel Massa li fost l-oħrajn ġiet ikkanonizzata minn Serracino Inglott meta inkludieha fl-antoloġija *Ilħna Mkissra*, jispikka l-angst individwali u kollettiv rifless fil-qagħda soċjoekonomika ta' Malta fi żmien il-Prim Ministru Dom Mintoff. Iżda l-partikolarità tematika ta' din il-poeżija hija biss element li jkompli jagħni l-interpretazzjoni kritika u jseddaq l-universalità ta' xogħol li jesprimi s-sens ta' frustrazzjoni u ta' protesta tal-individwu impotenti quddiem forzi omniponenti li jaħkmu lilu u lill-oħrajn. L-elokwenza tintlaħaq bit-tlaqqigħa konċettwali li tibbilanċja l-prinċipju tal-partikolarità mal-prinċipju universali li tħaddan il-poeżija.

Iżda l-kriterji tat-teorija kritika ma japplikawx biss għax-xogħlijiet Modernisti. Skont Kolbas, "sabiex tapprezza r-rilevanza tat-teorija kritika fil-kuntest tad-dibattitu kontemporanju dwar il-kanonu letterarju, trid tifhem il-kunċett tal-modernità bħala kategorija kwalitattiva u mhux kronoloġika" (93). Din l-argumentazzjoni għandha implikazzjoni serja fid-diskors dwar il-kontenut tal-verità f'kull xogħol letterarju. It-teorija kritika tista' tagħraf kwalitajiet "moderni" f'xogħlijiet bikrija u tista' tagħraf kwalitajiet "klassiċi" f'xogħlijiet riċenti. Kolbas jidentifika l-preżenza ta' għadd ta' karatteristiċi bħala kriterji li bihom tagħraf dawn l-elementi "moderni" f'xogħol letterarju ta' kwalunkwe żmien. Hu jsemmi "l-indirettezza u l-medjazzjoni, in-negattività u l-frammentazzjoni, u l-astrazzjoni, id-dissonanza, u d-diffikultà" bħala wħud mill-kriterji li jimmarkaw il-letterarjetà tax-xogħlijiet

Modernisti u li huma “s-sors tal-kwalità sekulari u enigmatika” tagħhom (93). Ngħidu aħna, fl-eqdem poeżija Maltija, Bernard Micallef sab kwalitajiet espressivi u tematiċi tipiċi ta’ poeti tas-sekli 20 u 21, fosthom kwalitajiet li huma kemm sekulari, kif ukoll enigmatiċi (“The Cantilena”). Skont Kolbas, “L-interrelazzjoni bejn il-modern u l-antik, ir-rilevanti u l-antikwat, hija għalhekk il-bażi tal-kontenut veritier u dejjem jiżviluppa tal-arti. Tista’ wkoll tkun ir-razzjonal moħbi tal-formazzjoni kanonika inġenerali” (93). Fl-erlebnis tiegħu, Caxaro ma rrikorra qatt direttament għall-għajnuna divina; bħala l-ewwel umanist tal-letteratura bil-Malti huwa ntilef f’mument ta’ patos personali espress permezz ta’ referenzi enigmatiċi għall-esperjenzi ta’ ħajtu.

Adorno huwa kawt ħafna meta jiddiskuti “l-hekk imsejħa klassiċi.” Skontu, meta xogħol letterarju inqimuh bħala monumentali, hemm il-periklu kbir li l-ġenerazzjoni attwali tittrattah sempliċiment bħala fossila kulturali jew “relikwa.” Dan il-proċess ta’ kanonizzazzjoni, mill-perspettiva tat-teorija kritika, jidher iktar bħala proċess ta’ newtralizzazzjoni. Permezz tiegħu, ix-xogħlijiet letterarji li xi darba seta’ kellhom impatt kritiku jispiċċaw “elementi ta’ ideoloġija li tiggosta l-imgħoddi bla ma tmiss il-preżent” (“On Tradition” 77). Dan is-sens ta’ inerzja tax-xogħlijiet letterarji, “iffriżati f’beni kulturali,” jinkiseb meta x-xogħlijiet infushom jitqiesu biss bħala komodità għan-nies tal-lum. B’dan il-mekkaniżmu deġenerattiv, ix-xogħol letterarju jitbattal mill-ħila kritika tiegħu u jsir qisu ljun li ttieħed mill-ambjent naturali tiegħu biex spiċċa espost f’gaġġa għas-sodisfazzjon każwali tal-folla.

Sabiex ma sseħħx din in-newtralizzazzjoni, it-teorija kritika tipproponi li l-attenzjoni fil-proċess tal-kanonizzazzjoni tinxteħet fuq il-kriterju tal-kontenut veritier storiku u oġġettiv;

Adorno jisħaq li l-enfasi għandha ssir fuq "ir-relazzjoni mal-passat li, għalkemm mhijiex [relazzjoni] konservattiva, tiffaċilita s-sopravivenza ta' ħafna xogħlijiet billi tirrifjuta l-kompromess" ("On Tradition" 79). Din ir-relazzjoni mal-imgħoddi tiffoka fuq kif jiġi żvelat il-kontenut storiku tal-verità f'xogħol letterarju. Fit-teorija kritika tissemma spiss "il-kritika immanenti" (Kolbas 100), li tagħraf u tislet il-kontenut konjittiv billi tanalizza l-kwalitajiet formali u storiċi tax-xogħlijiet letterarji. Skont Adorno, il-kritika immanenti "tindaga l-fraġilità tax-xogħlijiet kanoniċi u tinżel fil-qalba tal-kontenut veritier tagħhom; il-potenzjal sħiħ ta' kritika bħal din għad irid jiġi żviluppat u skopert" (*Aesthetic* 299). Din l-analiżi soċjokulturali tkompli toħroġ fid-dieher il-komponenti "moderni" ta' xogħlijiet tal-passat. Kolbas jikteb li "xogħlijiet tal-passat isiru kanoniċi biss sakemm isiru moderni, jew sakemm iħaddnu karatteristiċi moderni, mingħajr konsiderazzjoni ta' meta dehru għall-ewwel darba fl-istorja kronoloġika" (100). Il-kritika immanenti tqis il-preżenza u l-manifestazzjoni tal-verità bħala kriterju essenzjali ta' xogħol kanoniku; hija kritika li tpoġġi xogħol qadim f'dawl ġdid. Fl-esej ta' Adorno dwar il-poeżija ta' Hölderlin, jissemmew kriterji kanoniċi li Hölderlin jissodisfa b'tali mod li l-poeżiji tiegħu jibqgħu relevanti għax joffru kritika anke għas-soċjetà tal-lum. Fost il-kriterji murija fil-"qalba storika" tal-poeżiji jissemmew "l-immedjatezza," ton li jixhed "ribelljoni kontra l-armonija," u s-"sagrifiċċju" tas-suġġett li "jnaffar il-kategorija tat-tifsir għall-ewwel darba" ("Parataxis" 121-136). Dawn huma kriterji kanoniċi li jirriflettu kwalitajiet tas-soċjetà moderna u li jippromwovu r-rilevanza ta' xogħol letterarju. Tendenzi simili għal dawk ta' Hölderlin jistgħu jintlemħu lokalment fil-poeżija ta' Marjanu Vella – il-poeta-patri li beda jikteb fi żmien ir-Romantiċi (twieled fl-1927) iżda li "rribella" stilistikament biex ħoloq poeżija oriġinali. Bil-leitmotif tal-gawwi, Vella mhux biss sfronda l-limiti tat-tifsir imma

ttraxxenda l-limiti temporali u ppreserva l-kontenut veritier tal-poeżiji tiegħu. Il-proġett "Sħaba Gawwi" li l-Inizjamed ħadmet fuqu bejn is-sena 2000 u l-2001 huwa turija konkreta ta' kif, fil-ħsieb Adornojan, xogħol tal-passat isir kanoniku "biss" sakemm isir modern. Is-26 poeżija li fihom Vella utilizza l-figura tal-gawwi nebbħu lil diversi artisti u kritiċi li ħadu sehem f'dan il-proġett ikkordinat minn Grima, sabiex jesperjenzaw mill-ġdid l-emozzjonijiet li jevoka l-gawwi. Il-poeta kanoniku huwa għalhekk dak "li joffri esperjenza, li jeħodna 'lilhinn,' mhux sempliċiment [jagħtina] informazzjoni jew ħsibijiet jew logħob intelliġenti bil-kliem" ("Sħaba"). Dan il-kontenut storiku u veritier, għaldaqstant, irodd sens ta' rilevanza perenni lill-poeżija ta' Vella, kwalità li tista' titqies bħala essenzjali fil-kejl kritiku tal-kanoniċità ta' xogħol.

It-teorija kritika tipproponi li l-kontenut veritier jingħaraf fil-forma ta' kostellazzjoni ta' kunċetti jew ideat li jgħaqqdu flimkien oġġetti farrada sabiex jiffurmaw korp distint ta' għarfien. Skont Walter Benjamin, l-ideat huma f'relazzjoni mal-oġġetti bħalma "l-kostellazzjonijiet" huma f'relazzjoni mal-kwiekeb (34). Kolbas ukoll jitkellem dwar il-kostellazzjoni tal-elementi, jew "konfigurazzjonijiet dejjem jinbidlu," li jikkomponu xogħol letterarju u jiddeskrivi "kemm il-komponenti varji ta' xogħol individwali – l-elementi formali, tematiċi, materjali u spiritwali (jew l-assenza tagħhom) – kif ukoll it-tensjonijiet u l-kontradizzjonijiet bejniethom. Bħala kostellazzjoni ta' elementi kostituttivi – xi wħud ideoloġiċi, oħrajn veri – xogħol artistiku jifforma u jittrasforma maż-żmien. Kolbas juża l-analoġija tal-kostellazzjoni ta' Benjamin sabiex jiddeskrivi u jispjega l-idea tal-kanonu letterarju, idea li toqrob lejn is-sens ta' fluwidità implikat fi kliem Aquilina kkwotat iktar 'il fuq. Il-kanonu "jista' jitqies bħala kostellazzjoni li l-elementi tagħha huma x-xogħlijiet

partikolari li jħaddan fi żmien partikolari." Dan jimplika li anke kanonu letterarju huwa ħaj u dinamiku għax "jifforma u jittrasforma maż-żmien" (Kolbas 101).

X'aktarx li dan il-mod li bih Kolbas, imnebbaħ minn Benjamin, jippreżenta l-kanonu letterarju, huwa konċettwalment l-eqreb deskrizzjoni tar-realtà essenzjali ta' kanonu letterarju. Fl-essenza tiegħu, il-kanonu huwa korp ta' xogħlijiet li kapaċi jiġi mmodifikat daqskemm jistgħu jiġu mmodifikati l-kriterji li bihom ġew ikkanonizzati. Din il-fluwidità intrinsika tal-kanonu u tal-kriterji inevitabbli tiegħu mhux talli ma xxejjinx l-kanonu talli ssaħħu għaliex paradossalment troddlu sens ta' permanenza. Għalkemm l-idea tal-kanonu timplika dinamiċità u trasformazzjoni kontinwa (u allura, ta' impermanenza u ta' suġġettività), hija idea perpetwa li tittraxxendi ż-żmien. It-teorija kritika tipproponi li l-kanoniċità ta' xogħol letterarju, jew in-nuqqas tagħha, tingħaraf meta l-kritiku "jaħfen" il-kostellazzjoni tal-verità jew tal-falsità tax-xogħol. Il-preżenza tal-kostellazzjoni tal-kontenut veritier hija kriterju fundamentali għat-teorija kritika (Kolbas 102). Għaldaqstant, fit-tiftixa tagħha tal-kontenut veritier, it-teorija kritika hija interessata fl-għarfien problematiku tal-elementi fil-kanonu li huma "ta' min jippreservahom" (Kolbas 100). Dan l-għarfien jimplika wkoll it-tiftix perpetwu tal-valur letterarju tax-xogħlijiet skrutinizzati waqt il-proċess tal-kanonizzazzjoni. Kolbas jitkellem dwar ir-relevanza ta' dan l-għarfien anke fil-kuntest tad-djalettika dwar il-kanonu meta jiddeskrivi kif "il-kritika immanenti tiżvela dak li jsir modern u għalhekk vitali fi kwalunkwe xogħol artistiku li l-valur tiegħu huwa li jkun aktar minn artifatt inert" (102). Huwa jżid li t-teorija kritika tmur lil hinn mill-"eżeġesi ritwali" tax-xogħlijiet kanoniċi għaliex hija interessata l-aktar fl-espożizzjoni ta' komponenti mtaħħta msensla mill-"inġustizzja storika" u mill-"potenzjal redentiv." Fil-konfront tax-xogħlijiet letterarji preżenti

f'kanonu, Kolbas jistqarr li: "Jekk tinħafen il-kostellazzjoni tal-elementi veritiera kif ukoll ideoloġiċi tagħhom, allura xogħlijiet bħal dawn xorta jistgħu jkunu kritikalment illuminanti u ta' valur konjittiv" (102). Din l-argumentazzjoni tkompli sseddaq ir-rilevanza tal-applikazzjoni tat-teorija kritika fil-kuntest tad-djalettika dwar il-kanonu li spiss tqis u tiddiskuti l-possibbiltà tal-għarfien ta' dak li huwa "modern" u "vitali" f'xogħol letterarju li potenzjalment jista' jsir kanoniku.

4.4 L-Oriġinalità u Kriterji Pertinenti Oħra

Meta Aquilina ppropona lil Pisani bħala kandidat ewlieni għall-inklużjoni fil-kanonu tal-poeti Maltin, huwa kiteb hekk fl-istudju "Il-Poeżija ta' Ġorġ Pisani" dwar ix-xogħlijiet tiegħu li ħaddnu l-motiv preistoriku:

> Meta Ġorġ Pisani ħareġ l-ewwel 'Ħaġar Qim,' imbagħad 'Il-Ġgantija t'Għawdex' qajjem bħal sensazzjoni fiċ-ċirkoli letterarji Maltin, għax il-qarrejja u poeti oħra raw f'dawn il-poeżiji rabta ta' kobor storiku li qatt ma kienu ppruvawh huma . . . Ġorġ Pisani fetaħ it-triq; x'uħud tħajru jidħlu minnha warajh. Imma jekk l-ewwel motiv oriġinali jseħħ, l-imitazzjonijiet dejjem jinħassu qishom 'kopja' mingħajr id-demm u n-nifs sħun tal-oriġinal. (vi)

Altieri wkoll jitkellem fuq il-mument sinifikanti li fih, kif insinwa Aquilina, kittieb ikun "fetaħ triq" permezz ta' xogħol letterarju. Altieri jemmen ukoll li l-aqwa xogħlijiet li jfeġġu matul is-snin għandhom iservu ta' mudelli għall-ġudizzju kritiku u għandhom iservu ta' mħallfin morali, anke għall-futur. Skontu, it-tfassil tal-kriterji tal-kanonu letterarju huwa problematiku

għax il-kanoni mhumiex fatti naturali u qatt ma jistgħu jitkejlu jew jiġu kkwantifikati bħal materji oħra ta' studju ("Idea and Ideal" 48).

Bloom ukoll jisħaq fuq ir-rispett li għandu jintwera lejn dawk ix-xogħlijiet li jissodisfaw il-kriterji kanoniċi u li ħaqqhom ikunu kkunsidrati bħala mudelli letterarji. Il-kritiċi jakkużaw lil Bloom li kriterji selettivi bħal tiegħu huma elitisti iżda huwa jsostni li l-bieb mhu magħluq għal ebda xogħol letterarju għax kull forma ta' oriġinalità letterarja għandha l-potenzjal li ssir parti mill-kanonu. F'*The Western Canon*, Bloom saħansitra jistqarr: "Kull xorta ta' oriġinalità letterarja qawwija ssir kanonika" (24). Sabiex jiddeskrivi x'jifhem b'oriġinalità, Bloom jintroduċi l-kunċett tal-"istramberija kanonika" bħala l-kriterju jew il-kundizzjoni li tindika l-mertu letterarju ta' xogħol (4). Bloom jidentifika l-kwalitajiet li jagħmlu kitba "qawwija" billi jħaddem sett ta' kriterji letterarji, ilkoll relatati mad-diskors tiegħu dwar l-agon fil-kitba. Id-dramm *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* jista' jservi ta' eżempju li jikkonkretizza t-teorija ta' Bloom – fih Sant jirnexxilu joħloq atmosfera "stramba" permezz ta' plott u ta' karatterizzazzjoni partikolari li jinteraġġixxu mingħajr limiti spazjali u temporali, kif jistqarr id-drammaturgu stess meta fil-bidu jiddeskrivi l-post fejn hu ambjentat id-dramm: "Daqqa llum, daqqa lbieraħ, daqqa f'dinja tal-moħħ (jew tal-qalb) li tgħaqqad illum u lbieraħ mal-qatt" (117). Fuq kollox, l-oriġinalità ta' dan id-dramm tissejjes fuq il-ħolqien ta' protagonista li mill-bidu sal-aħħar tax-xogħol letterarju huwa mejjet, karatteristika pjuttost unika fix-xogħlijiet letterarji Maltin li titlob doża ta' kreattività u kapaċità mill-ħallieq tal-karattru u tal-plott li jiffunzjona fih.

Huwa minn ewl id-dinja li l-kriterju tal-oriġinalità jiġi kkunsidrat bħala kriterju fundamentali fil-formazzjoni artistika. Meta Andrew Bennett u Nicholas Royle jagħtu pariri

bażiċi lill-qarrejja dwar kif għandhom jiktbu l-letteratura jagħmluha ċara li: “L-oriġinalità hija, wara kollox, wieħed mill-kriterji ovvji għal esej jew dissertazzjoni tal-prima klassi” (103). Dan il-kriterju ovvju tant huwa essenzjali li mingħajru l-idea tal-kanoniċità tiġi invalidata. Fil-kritika ta’ John Milton, Bloom jidentifika l-implikazzjonijiet serji tal-kriterju tal-oriġinalità fil-kuntest tad-djalettika dwar il-kanonu letterarju. Skontu, Milton huwa wieħed mill-ftit poeti li “ħakem it-tradizzjoni u assorbieha. Dan huwa l-aktar test b'saħħtu għall-kanonicità. Ftit biss jistgħu jaħkmu u jassorbu t-tradizzjoni, u forsi issa ħadd aktar ma jista’ jagħmilha" (*Western Canon* 27). Permezz tax-xogħlijiet oriġinali tiegħu, awtur jista’ jaħkem it-tradizzjoni u bħal donnu joħloqha hu stess. Skont Bloom dan il-kriterju huwa assolut u huwa l-kriterju per eċċellenza li jixhed il-kanoniċità tax-xogħol. Madankollu, kriterju bħal dan ma jistax jibqa’ jintuża għax din id-doża ta’ oriġinalità aktarx li ma tistax tibqa’ ssibha f’xogħlijiet ġodda għax, kif qal Aquilina, “l-imitazzjonijiet dejjem jinħassu qishom ‘kopja’ mingħajr id-demm u n-nifs sħun tal-oriġinal” (“Pisani” vi). Huwa inevitabbli li s-sens ta’ esklussività li jimplika l-kriterju tal-oriġinalità jipprovoka oppożizzjoni għall-ħsieb ta’ Bloom; mhux ta’ b’xejn li Bloom irribatta billi ppreżenta l-oriġinalità bħala l-kriterju ewlieni li xi wħud isibuha diffiċli biex jaċċettawh: “L-oriġinalità hija l-iskandlu l-kbir li r-riżentiment ma jistax jaċċetta, u Shakespeare jibqa’ l-kittieb l-aktar oriġinali li qatt eżista” (*Western Canon* 25). Din il-perspettiva pessimista twassal lil Bloom biex jiddubita jekk illum huwiex possibbli li t-tradizzjoni toħloq spazji għal awturi ġodda li kapaċi jlaħħqu mas-“supremazija estetika palpabbli” u “l-oriġinalità skandaluża” tad-drammi Shakespearjani (*Western Canon* 20).

Altieri wkoll jqis il-kanoniċità f’termini ta’ oriġinalità: sabiex xogħol jitqies kanoniku jrid jesebixxi kwalitajiet li jagħmluh entità distinta billi, fost l-oħrajn, jistabbilixxi lingwa ta’

kuntrast għas-sitwazzjoni li qiegħed jippreżenta – ix-xogħol irid ikollu s-saħħa biex ikun mudell minnu nnifsu ("Idea and Ideal" 6). Iżda Altieri, bħalma għamlu diversi kanonizzaturi tradizzjonali Maltin, esiġa wkoll il-kriterju etiku li jixbah il-kriterju didattiku ta' Aquilina u Saydon – dak li jesiġi li l-kitbiet kanoniċi jħaddnu "tagħlim ta' fejda għall-ħajja taż-żgħażagħ" (*Ward ta' Qari Malti* iii). L-amalgamazzjoni ta' kriterji apparentament assoluti u oħrajn suġġettivi tidher ukoll fil-ħsieb ta' Altieri; il-kriterji tiegħu fihom kemm il-valutazzjoni tal-innovazzjoni teknika jew, tal-oriġinalità, kif ukoll dik tal-komponent etiku tax-xogħol letterarju. Il-qawwa etika tal-mudelli kanoniċi ma tindirizzax direttament il-ħajja soċjali imma tispira kwalitajiet li jimmotivaw l-isforzi għal tibdil soċjali ("Idea and Ideal" 55).

Il-kriterju tal-oriġinalità aktarx jiddetermina r-raġuni għala, kif qal Vassallo, "dawk li jiktbu tajjeb u bil-għaqal qatt ma kienu bosta" ("Kelmtejn Qabel"); probabbilment huwa għalhekk ukoll li diversi ħassieba, lokali u mhumiex, jikkonverġu fuq dan il-kriterju daqshekk deċiżiv fl-għarfien tal-kanoniċità ta' xogħol letterarju. F'*The Act of Creation*, Koestler jidentifika l-funzjonalità essenzjali ta' dan il-kriterju: "Il-kejl tal-oriġinalità ta' artist, fi kliem sempliċi, iqis kemm l-enfasi selettiva tiegħu tiddevja min-norma konvenzjonali u kemm tistabbilixxi standards ġodda ta' rilevanza" (334). Għal Koestler, l-oriġinalità timplika bidu ġdid ta' tendenza jew saħansitra moviment. Ix-xogħol letterarju inkwistjoni, għalhekk, isir il-prototip jew il-prekursur ta' xogħlijiet oħra; huwa xogħol tant differenti li l-kritiċi u l-qarrejja ma jsibux xogħlijiet korrispondenti għalih fil-korp letterarju tal-pajjiż. Ngħidu aħna, l-memoir *Fl-Isem tal-Missier* ta' Mifsud u n-novella "Western" ta' Sant jistgħu jikkwalifikaw bħala xogħlijiet oriġinali li jiddevjaw mil-letteratura Maltija "tradizzjonali" (fis-sens wiesa' tal-kelma biex saħansitra tinkludi kitbiet Modernisti jew Post-Modernisti) u jistabbilixxu mudelli

innovattivi u rilevanti. “L-istorja tal-arti tista’ tinkiteb f'termini tal-ġlieda tal-artist kontra l-effett kumulattiv tas-saturazzjoni. Il-ħruġ mill-cul-de-sac jista’ jseħħ bi tluq rivoluzzjonarju lejn orizzonti ġodda, jew bi skoperta mill-ġdid ta’ tekniki mgħoddija, jew b’taħlita tat-tnejn” (Koestler 336). Hawn Koestler jaċċenna għar-relazzjoni ambivalenti bejn il-letterarura tal-preżent u dik preċedenti; il-musmar il-ġdid mhux neċessarjament jaqla’ lill-qadim imma jista’ jagħtih sura oħra, tant li jidher relattivament ġdid. Għaldaqstant, il-Moderniżmu Malti jista’ jitqies bħala moviment li fl-essenza tiegħu, irrinterpreta l-angst Romantiku u pproponieh mill-ġdid b’libsa aktar aġġornata u rilevanti għall-qarrejja Maltin tas-sittinijiet u wara. Għalhekk l-osservazzjoni ta’ Koestler tqanqal mistoqsija: kemm tassew seħħ it-“tluq rivoluzzjonarju lejn orizzonti ġodda” permezz tal-Moviment Qawmien Letterarju? Diversi esponenti tiegħu qatt ma ħarġu mill-isqaq, jew cul-de-sac, Romantiku. Xi wħud, bħal Friggieri, għamlu dan fid-dieher; oħrajn, bħal Azzopardi, ma ntreħewx minn din l-ansjetà letterarja (Mifsud, “Fili” 11).

Aktarx li l-kittieba fil-bidu tas-seklu 21 qegħdin f’pożizzjoni aktar favorevoli minn dawk ta’ wara l-Indipendenza biex jegħlbu dak li Koestler ddeskriva bħala “l-effett kumulattiv tas-saturazzjoni” (336). Meta Sant kiteb in-novella “Western” qata’ diversi fili li spiss rabtu lill-kittieba Maltin mat-tradizzjoni narrattiva ta’ żmienhom jew ta’ qabilhom. Minkejja li tista’ tinħass l-influwenza letterarja tax-xogħol seminali ta’ Mamo, *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerki*, skont Azzopardi, fl-artiklu “First Maltese Western in Literature,” din hija remota jew aħjar, issuperata. Skont l-ottika ta’ kritiku bħal Bloom, relazzjoni letterarja bħal din tista’ tidher bħala każ klassiku ta’ “ansjetà mwettqa” għaliex ix-xogħol ġdid jimraħ sew lil hinn mill-predeċessur tiegħu (*Anxiety of Influence* xxiii). Azzopardi jistqarr li dan iseħħ, fost l-oħrajn,

billi n-novella tintreħa totalment mill-intenzjonijiet parodiċi u satiriċi sabiex tiżviluppa t-temi tat-traġedja u l-vendetta. Skont Azzopardi, “sa minn nofs is-seklu għoxrin, kienu ftit il-kittieba Maltin li b'mod sistematiku esploraw firxa diversa ta’ temi, ġeneri u espressjonijiet stilistiċi,” biex, kif jgħid Koestler, ħarġu mill-“cul-de-sac” tas-saturazzjoni li fih jistaġna kanonu letterarju (336). Iżda l-plott bi protagonista msejjaħ “il-Malti” li fi tmiem l-1860 mill-wied ta’ Ħal Qormi spiċċa f’Godsum Creek f’nofs il-pjanuri Amerikani, huwa l-iprem marka ta’ oriġinalità ta’ din in-novella. Azzopardi jħares lejn din in-novella bħala ċelebrazzjoni tal-“versatilità u l-inventività letterarja” ta’ Sant għaliex “possibbilment hija l-ewwel waħda tat-tip tagħha fil-letteratura Maltija.” Skont Azzopardi, Sant mhux biss farfar l-ansjetà tal-influwenza imma saħansitra “ffissa parametri ġodda għan-novella bil-Malti għas-seklu 21” (“First Maltese Western”). Għaldsaqstant, Sant jidher li ssodisfa l-kriterju tal-oriġinalità li, skont teoristi bħal Koestler, jirrikjedi spirtu ta’ devjazzjoni min-norma u ħolqien ta’ standards innovattivi ta’ rilevanza (334). Il-primat ta’ din in-novella jistabbilixxiha bħala mudell għal novelli bil-Malti oħrajn.

Koestler jiddistingwi bejn “il-ġenji oriġinali u l-prattikanti talentużi” (335) u juri kif tal-ewwel jistinkaw biex jegħlbu l-periklu tas-saturazzjoni li taħkem lil tat-tieni; il-“ġenji” joħolqu xogħol artistiku oriġinali billi fost l-oħrajn, iħaddmu sens qawwi ta’ “ekonomija jew impliċità” (337), karatteristiċi li b’xi mod huma reminixxenti taċ-ċarezza, preċiżjoni u ekonomija li kienu jemmnu fihom Ezra Pound u l-esponenti l-oħra tal-Immaġiżmu, il-moviment li ta l-ewwel spinta lill-Moderniżmu fil-letteratura tal-Punent. Ngħidu aħna, il-poeta Ġorġ Borg huwa sinonimu mal-espressjoni poetika konċiża li fil-konfini formalistiċi tagħha, jirnexxilha tqanqal fil-qarrejja sensiela ta’ emozzjonijiet. Ellul Mercer kien diġà jħaddem l-ekonomija u l-impliċità

meta fl-1938 semma “Sqaq id-Dlam” f’*Leli ta’ Ħaż-Żgħir*. F’ebda mument mill-21 darba li jsemmi dan il-post mistkerrah ma spjega li l-kelma “Sqaq” tissimbolizza poplu li ma jistax jemanċipa ruħu jew li l-kelma “Dlam” hija metafora tal-injoranza tal-istess poplu; il-kittieb ħalla lill-qarrejja jaslu waħedhom għat-tifsira tagħhom. Fin-narrazzjoni ta’ Lino Spiteri hemm ukoll it-tendenza li l-awtur jissuġġerixxi ħafna bi ftit kliem. Fin-novella tiegħu “Ħala taż-Żgħożija” jekonomizza bit-tħaddim effiċjenti tal-lingwaġġ metaforiku: “Id-dell tad-dar twal u nfirex mal-ġnien fuq il-ħaxix li kienu ntelqu fuqu” (61). Spiteri jimplika s-sens ta’ ħtija li jaħkem lill-karattri involuti f’avventura sesswali illeċita imma jħalli f’idejn il-qarrejja biex jaslu għal din l-inferenza. Fl-istudju “Il-Vokattiv fil-Lirika Minimalista ta’ Gioele Galea,” Micallef josserva kif permezz tat-“tendenza tiegħu li jagħti l-massimu tal-esperjenza spiritwali bil-minimu tad-diskors poetiku, Gioele Galea sikwit jikkondensa t-temperament ta’ poeta aġitat għal ġo xbieha poetika waħda” (vii). Micallef, li jibda l-istudju dwar il-poeżiji ta’ Galea b’din l-osservazzjoni-qofol, qiegħed jimplika li dan il-poeta Malti wkoll jissodisfa l-kriterju tal-ekonomija u tal-impliċità.

In-novella “Il-Pitirross” ta’ Żahra tista’ tikkwalifika bħala xogħol oriġinali għaliex teżemplifika dak li jgħid Koestler meta jisħaq li l-intenzjoni tal-awtur “mhijiex li joskura l-messaġġ, iżda li jagħmilha aktar luminuża billi jġiegħel lir-riċevitur jasal għalih waħdu u joħolqu mill-ġdid” (337). Il-ġulbiena qiegħda tibjad li jiddeskrivi Żahra hija biżżejjed għall-qarrejja biex jaslu jagħrfu l-qagħda ġewwiena li jinsab fiha l-protagonista. L-armar tat-tiżjin tal-Milied jikxef l-apatija li taħkem ir-ruħ u tagħmilha vittma ta’ rutina annwali li tirriduċi kollox għal drawwa metikoluża iżda nieqsa mis-sens. Għal Koestler, il-kittieb oriġinali għandu wkoll jimplika u jekonomizza billi f’xogħlu jinkludi “l-imtaħħat” (“*folded-in*”) u jeskludi “l-

irrilevanti" u "l-ovvju" (338-339). Din in-novella twettaq dan permezz tal-immaġni li joffri l-pitirross. Żahra jaqbad dan it-tropu assoċjat mal-Milied u jittrasformah f'simbolu li mhux biss itaħħat l-assoċjazzjonijiet ovvji, iżda jimplika d-disforija tal-protagonista aktarx anzjan. Paragrafu konċiż lejn l-aħħar tan-novella jixhed kif b'sengħa ġenjali, Żahra jħaddem l-ekonomija u l-impliċità:

> Issa seta' jintelaq fuq is-sufan u joqgħod jaraha tteptep. Imma ftakar li suppost jieħu grokk. Fetaħ l-armarju tax-xorb u ġibed il-flixkun tal-J&B. Fadal biss żewġt iswaba'. Ferragħhom ġol-uniku bikkerin li kien fadal minn dawk li darba qalgħu fit-tieġ, u mar jinxteħet fuq is-sufan. Titfi u tixgħel, titfi u tixgħel. F'dik il-farka ta' sekonda, meta kollox ikun mitfi, il-kamra kienet taqa' fi dlam ċappa. (41-42)

L-għażla mirquma tal-lessiku u tal-immaġni tirrendi din is-silta ekonomika fl-istess waqt li tgħabbiha b'impliċità li tħalli lill-qarrejja jipperċepixxu waħedhom il-kundizzjoni psikika li jinsab fiha l-karattru. Is-sens ta' telqa ("jintelaq," "jinxteħet") u s-sens ta' apatija msejsa fuq tradizzjoni li tobbliga ("suppost jieħu grokk") jiġu trażmessi b'effiċjenza lill-qarrejja attenti għad-dettall u li waħedhom kapaċi jaslu għal serje ta' inferenzi varji: kelmiet assoluti bħal "biss" u l-"uniku" jimplikaw il-mument meta r-riżorsi tal-bniedem ikunu għoddhom żvintaw għax jinsab f'tarf il-ħajja. Il-memorja oskura tat-"tieġ" tamplifika t-togħma morra tas-silta billi tissuġġerixxi li l-aspett ċelebrattiv tal-ħajja kien ilu li ntefa bħalma tintefa s-siġra tal-Milied kull darba li tazzarda tixgħel. It-tnemnim tagħha – deskritt permezz tal-epiżewski – iseddaq l-immaġni ta' individwu li jinsab fil-mument prekarju bejn il-ħajja u l-mewt, xi mkien bejn it-tama u t-telfien etern issuġġerit mid-"dlam ċappa" li bi nkejja jostor l-eżistenza mqar għal "farka ta' sekonda." L-antiteżi ewlenija tan-novella – maħluqa permezz tat-tlaqqigħa

sfortunata tad-disforija tas-suġġett uman fi żmien il-Milied – twassal lill-qarrejja sensittivi biex jiddixxernu emozzjoni bażika, dik l-emozzjoni omnipreżenti matul ix-xogħol letterarju għax hija inkarnata fil-pitirross. Il-battuta finali tan-novella taqdi funzjoni ta' denouement: "Intebaħ. Iva ... il-pitirross ma kienx ġej lura aktar" (42); isservi wkoll biex tittrażmetti t-telf tat-tama, jew aħjar is-sens ta' tmiem komprensiv li ġġib il-mewt, il-leitmotif tal-antoloġija kollha. Hawn Żahra jissodisfa dawk il-kriterji defamiljarizzanti li skont William Wordsworth irendu lix-xogħol letterarju superjuri għal kitbiet oħrajn u jikkontribwixxu bis-sħiħ għall-oriġinalità tiegħu ("Lyrical Ballads").

Mill-banda l-oħra, Bloom jisħaq li biex l-awturi jidħlu b'xogħolhom fil-kanonu jridu qabelxejn jissodisfaw ukoll il-kriterju estetiku. Il-kriterju tal-qawwa estetika ta' xogħol jerġa' jinqasam f'għadd ta' kriterji oħra, ewlenin fosthom: il-ħakma tal-lingwaġġ figurattiv, l-oriġinalità, il-qawwa konjittiva, u l-għarfien lessikali (*Western Canon* 27) – kriterji estetiċi li huma qrib ħafna tal-kriterji mħaddma minn Aquilina, u anke Saydon. Iżda fuq kollox, Bloom jemmen bi sħiħ fil-kriterju, jew fit-test, taż-żmien: f'każ li l-kritiċi jissuspettaw li xogħol letterarju ġdid għandu l-potenzjal li jidħol fil-kanonu, għandhom jistennew tul ta' żmien sabiex jinkluduh. Dan it-test taż-żmien jista' jitqies ukoll f'termini temporali u limitati tal-ħajja tal-qarrejja: "dak li qrajt u naħseb li jistħoqqlu naqrah mill-ġdid . . . jista' jkun l-uniku test pragmatiku għall-kanoniċità" (*Western Canon* 484). Dan il-kriterju jissemma spiss minn kanonisti u kanonizzaturi Maltin bħal Aquilina li wkoll emmen li l-imħallef li jiddeċiedi x'jidħol u x'jibqa' barra mill-kanonu mhuwiex il-kritiku imma ż-żmien: "Iż-Żmien hu dak illi kieku kellek tkun pittur kont iġġibu qisu bidwi bil-għarbiel f'idejh li, mit-toqob tiegħu jgħaddi dak li hu rqiq biżżejjed biex tibqa' biss il-karpa li hi ħoxna wisq biex tgħaddi minnhom"

("Intervista"). Friggieri wkoll enfasizza l-importanza ta' dan "l-eżami" meta jikkonkludi li "l-letteratura trid tgħaddi mill-eżami l-aktar diffiċli, l-eżami taż-żmien" (*L-Idea tal-Letteratura* 5).

4.5 Is-Sehem tal-Kriterji Soċjali fil-Proċess Kanoniku

Kolbas, fi *Critical Theory and the Literary Canon*, jidentifika għadd ta' kriterji li huma purament soċjoloġiċi u li jispjegaw il-limiti u l-forzi influwenti fil-proċess formattiv ta' kanonu letterarju. Huwa jsemmi "r-riproduzzjoni artistika, il-familjarità kulturali, il-kumulattività storika u r-relazzjonijiet soċjali tal-produzzjoni" (79). Dawn jiddeskrivihom bħala mekkaniżmi li jekk jiġi rikonoxxuti mill-kritiċi letterarji, iservu biex ineħħu l-impressjoni ideoloġika li l-kanonu huwa irreprensibbli jew etern. Skont Kolbas, jekk jikber l-għarfien ta' dawn il-fatturi flimkien ma' dak tal-istituzzjonalizzazzjoni ta' kull xogħol kanoniku, il-perspettiva tal-kritiċi liberali, li jridu jibdlu l-kanonu jew joħolqu oħrajn ġodda, tingħaraf ukoll bħala ideoloġika għax ma tħallihomx jagħrfu l-eżistenza ta' dawn il-limiti. Apparti l-fattur tal-istituzzjonaliżmu, Kolbas jenfasizza l-importanza tal-kommodifikazzjoni kulturali fil-formazzjoni ta' kanonu letterarju, aktar u aktar peress li l-monopolju akkademiku fil-"konsagrazzjoni letterarja" qiegħed, kulma jmur, dejjem jonqos (79). Kolbas jelenka l-fatturi soċjali li bihom jista' jingħaraf il-mod kif xogħol letterarju jasal, jew ma jasalx, biex jikseb l-istatus kanoniku: "il-produzzjoni materjali, id-distribuzzjoni, il-konsum tal-letteratura, l-istorja soċjali tal-litteriżmu, l-aspetti politiċi tal-qari u tal-kitba, u l-irwol ideoloġiku tal-iskejjel u tal-universitajiet" (61). Fl-analiżi ta' kif jifforma kanonu letterarju, huwa rrakkomandat li l-kritiku

jeżamina mill-qrib dawn il-mekkaniżmi materjali li jiffunzjonaw fi ħdan is-soċjetà u l-istituzzjonijiet, mekkaniżmi li ħafna drabi ma jitqisux bħala kriterji determinanti.

Bourdieu jiddiskuti fid-dettall dak li hu jsejjaħ "il-qasam tal-produzzjoni kulturali" u jeżamina r-relazzjonijiet bejn diversi aġenti u komponenti soċjali li jaffettwaw il-kanonizzazzjoni ta' xogħol letterarju (*The Rules* 225). Kemm f'*The Rules of Art*, kif ukoll f'The *Field of Cultural Production*, Bourdieu jiddeskrivi fid-dettall liema komponenti soċjali jaffettwaw il-formazzjoni ta' kanonu letterarju. Ispirat minn Bourdieu, hawnhekk qiegħed nikkompila lista ta' fatturi pragmatiċi li jiddeterminaw b'saħħa l-proċess ta' kanonizzazzjoni. Dawn il-fatturi huma l-ingredjenti neċessarji biex xogħol letterarju "jirnexxi," għaldaqstant dawn il-fatturi jimplikaw (fihom infushom jew bħala sors tagħhom) il-kriterji soċjali li jimmarkaw il-kanoniċità:

- Il-preżenza sinifikanti ta' xogħol letterarju eżebit fiżikament f'post prominenti;
- L-għarfien tax-xogħol mill-akkademji u l-għaqdiet awtorevoli u mill-kritiċi letterarji jew mill-istoriċi tal-arti;
- L-għarfien minn kunsilli tal-arti permezz ta' premjijiet letterarji nazzjonali u internazzjonali;
- It-trattament tax-xogħol f'konferenzi;
- It-trattament tax-xogħol f'reċensjonijiet fil-gazzetti u fir-rivisti letterarji;
- Il-pubblikazzjoni ta' għadd ta' edizzjonijiet, ta' addattamenti u ta' traduzzjonijiet tax-xogħol;
- Il-pubblikazzjoni ta' bijografija tal-kittieb jew kittieba tax-xogħol;
- L-inklużjoni tax-xogħol, jew parti minnu, f'antoloġiji awtorevoli;

- Il-popolarità informali, “bil-fomm,” fiċ-ċrieki letterarji;
- Iċ-ċensura tax-xogħol li paradossalment tagħmlu popolari;
- L-għoti ta’ ismijiet ta’ awturi lil toroq, binjiet jew għaqdiet;
- Il-bini ta’ monumenti tal-kittieb jew kittieba tax-xogħol;
- L-istampar ta’ bolol jew simboli kommemorattivi oħra tal-kittieb jew kittieba tax-xogħol;
- Il-fatt li x-xogħol jissemma f’forom artistiċi oħra bħal f’kanzunetti jew f’kotba oħra.

Lista bħal din tixhed kif it-tendenza ta’ kritiċi soċjoletterarji hi li jitbiegħdu mill-idea li l-kanonu letterarju huwa influwenzat primarjament, jew esklussivament, mill-istituzzjonijiet edukattivi. Bourdieu jemmen li fl-istudju tal-formazzjoni kanonika ma għandna naqilgħu qatt għajnejna minn fuq “is-suq tal-beni simboliċi” li jivvalutaw ix-xogħlijiet letterarji fil-kuntest tal-qasam kulturali (*The Rules* 225). Għaldaqstant, huwa jipproponi l-kriterju tal-“familjarizzazzjoni kulturali” biex jispjega kif xogħol kanoniku, jew awtur kanoniku, isir familjari fis-suq indipendentement mit-tagħlim formali tal-università jew xi entità edukattiva awtorevoli oħra. “L-awturi kkonsagrati li jiddominaw il-qasam tal-produzzjoni għandhom tendenzi jinfiltraw gradwalment fis-suq, billi jsiru aktar u aktar pjaċevoli għall-qari u aċċettabbli . . . bħala konsegwenza tal-proċess pjuttost twil ta’ familjarizzazzjoni” (*The Rules* 159). Hekk, ngħidu aħna, l-isem familjari ta’ Żahra sar parti mill-“kultura ġenerali” u awtomatikament iqanqal lix-xerrejja-qarrejja adulti biex minn ħafna titli oħrajn jagħżlu xogħlu biex jixtruh u jaqrawh. Il-pubblikatur ta’ Żahra proprju jserraħ fuq din “il-familjarizzazzjoni kulturali” li jsemmi Bourdieu meta jiġi biex jirriklama x-xogħlijiet tiegħu:

> Fil-letteratura Maltija hemm awtur wieħed li qiegħed fi klassi għalih: Trevor Żahra. Karriera ta' ’l fuq minn 40 sena b'bestseller prattikament kull sena, l-awtur li kiser kull

> rekord ta' bejgħ u premjijiet f'Malta, u ppubblikat barra minn Malta f'diversi pajjiżi fosthom Franza u n-Norveġja ... VESPRI jimmarka r-ritorn ta' Żahra għan-novelli għall-adulti, wara assenza ta' ħames snin. Skont ħafna li qraw il-manuskritt, wieħed mill-aqwa xogħlijiet tiegħu ...Tnedija speċjali li kull min għandu għal qalbu l-letteratura Maltija ma jistax jitlef. ("Vespri: it-Tnedija")

Ir-reazzjoni tal-qarrejja fuq is-sit ta' Facebook fejn deher dan ir-reklam kienet awtomatika għaliex l-isem familjari ta' Żahra għalihom jiggarantixxi xogħol letterarju li se jagħti pjaċir u li se jogħġobhom. Ċertu Paul Xuereb kiteb hekk, eżatt taħt ir-reklam: "Ktieb ġdid importanti ta' Trevor Zahra huwa avveniment li jistħoqqlu ħafna attenzjoni. Nagħmel minn kollox biex inkun hemm għat-tnedija" ("Vespri: it-Tnedija") – turija li dak li ppropona Bourdieu huwa plawsibbli.

Kolbas jiddistingwi bejn "familjarità kulturali" u "familjarizzazzjoni kulturali." "Familjarità kulturali" hija meta xogħol letterarju speċifiku, xi drabi għal raġunijiet speċifiċi bħal *What Happens in Brussels Stays in Brussels* ta' Stagno, ikun sempliċiment popolari u magħruf min-nies f'waqt wieħed u għal perjodu "twil biss daqs flash ta' kamera" (Sutherland 3). Fil-każ ta' "familjarizzazzjoni kulturali" Kolbas jagħraf implikazzjoni serja: il-familjarizzazzjoni kanonika hija proċess storiku li permezz tar-riproduzzjonijiet kontinwi, tal-adattamenti, u tal-konferma istituzzjonali jgħin lix-xogħol letterarju jirbaħ il-kompetizzjoni u l-agon (li jsemmi Bloom), jissopravivi fix-xena letterarja u saħansitra jista' jsir parti mill-"kuxjenza nazzjonali" (Kolbas 65) – tema li lokalment ġiet elaborata fl-istudji ta' Friggieri, l-aktar f'*Il-Kuxjenza Nazzjonali Maltija - Lejn Definizzjoni Storika-Kulturali*. Dan il-kriterju jew eżami ma jiġix superat kif ġieb u laħaq; skont Kolbas, "il-pluralisti-liberali" jiżbaljaw meta

mingħalihom jippromwovu xogħol minsi jew xogħol ġdid u jippretendu li l-attenzjoni li jingħata tagħmlu xogħol kanoniku f'radda ta' salib (66). Xogħlijiet bħal dawn huma proprju nieqsa minn kwalità fundamentali: il-mogħdija mill-proċess storiku tal-familjarizzazzjoni li timplika rendikont storiku kumulattiv, sensiela ta' ġudizzji kritiċi u mumenti li fihom jerġgħu jinkitbu u jiġu interpretati u "prodotti" mill-ġdid. Bourdieu jemmen li "l-wirt kulturali jeżisti permezz tal-aġenti u għall-aġenti li huma disposti u kapaċi jassiguraw ir-riattivazzjoni tiegħu" – twemmin li jixhed kif il-perspettiva soċjoloġika tagħti piż kbir lill-aġenti tal-produzzjoni kulturali (*The Rules* 224).

Il-letteratura Maltija, għalhekk, tista' tkun defiċjenti f'dan ir-rigward minħabba l-limiti tagħha, b'mod speċjali dak temporali. Aktarx li għadu ma għaddiex żmien biżżejjed biex ikollna numru ta' xogħlijiet letterarji li jissodisfaw dan il-kriterju. Ix-xogħlijiet tar-Romantiċi u tas-Soċjo-Realisti, minkejja li jistgħu jitqiesu bħala "l-klassiċi tal-letteratura Maltija," għadhom ma ġewx "miktuba mill-ġdid" biżżejjed, biex nuża espressjoni ta' Kolbas (66), aktarx għax għadhom xogħljiet relettivament riċenti. Nistgħu ngħidu li *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ellul Mercer ġie xi darba riattivat? Kemm saru interpretazzjonijiet ta' "Il-Jien u Lil Hinn Minnu" ta' Dun Karm? It-tnejn li huma ħarġu fl-1938 li skont Friggieri hija "l-isbaħ sena li għaddiet minnha sa issa l-letteratura Maltija" (*L-Istudji Kritiċi* 179) għaliex fiha ġew ipubblikati wkoll ir-rumanz storiku *Taħt Tliet Saltniet* ta' Aquilina u l-antoloġija *Nirien* ta' Ġużè Vassallo. Iżda matul l-istorja relattivament qasira tal-letteratura Maltija, u forsi minħabba f'hekk ukoll, kienu ftit l-okkażjonijiet li fihom xogħlijiet klassiċi bħal dawn nkitbu mill-ġdid.

Aktarx li "Il-Kantilena" ta' Pietru Caxaro tgħaddi minn dan it-test tal-proċess storiku tal-familjarizzazzjoni; ironikament mhux għax il-produtturi, il-kritiċi u l-artisti kellhom iċ-ċans

jagħtuha l-attenzjoni fil-550 sena ta' eżistenza tagħha iżda għax, minn mindu ġiet skoperta fl-1966, kemm-il darba ġiet apprezzata akkademikament u ġiet ukoll interpretata artistikament. Apparti li ħarġu diversi pubblikazzjonijiet akkademiċi dwarha, fl-2014 ġiet interpretata fuq il-palk tat-Teatru Manwel permezz tal-opra "Il-Kantilena Karba ta' 500 sena, Karba ta' Żmienna," titlu suġġestiv li jimplika kif ir-riinterpretazzjoni ta' dan ix-xogħol hija fiha nnifisha kriterju li jseddaq il-kanoniċità tiegħu għax ixxiddlu l-libsa tar-rilevanza għall-ġenerazzjonijiet tal-lum. Fis-sit tat-teatru li rreklama din l-okkażjoni deher dan il-kliem: "Permezz tal-allegorija dan ix-xogħol storiku se jinġieb fil-kuntest modern tal-lum bl-użu tal-poeżija Maltija moderna, tal-arti, tal-mużika u tal-korjografija kontemporanja" – kliem li jixhed il-proċess ta' familjarizzazzjoni kontinwa ta' din il-kitba ikonika li sa issa hija meqjusa bħala l-aktar xogħol bikri, u mill-aktar rappreżentattivi, tal-letteratura Maltija ("Il-Kantilena").

Skont Kolbas hemm tliet fatturi li jiddistingwu l-kanonizzazzjoni moderna minn dik antika (17). L-ewwel nett l-iżvilupp ta' ċerti kundizzjonijiet materjali u soċjali bidel in-natura tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-mod kif tintlaqa' l-letteratura. It-tieni nett, il-ħolqien tal-istati moderni u l-influwenza tagħhom bħala l-forma primarja tal-identità kulturali għen u affettwa l-formazzjoni ta' kanoni nazzjonali distinti. Fl-aħħar, il-ħolqien ta' korsijiet edukattivi speċifikament iddedikati għal-letteratura sekulari (li tbiegħdu mill-istudji Medjevali aktar konċernati mal-grammatika) komplew jgħinu fil-kanonizzazzjoni ta' xogħlijiet magħżula fis-sillabi u fil-kurrikuli nazzjonali. Għaldaqstant, skont Kolbas, is-sinifikat nazzjonali tal-letteratura kien x'aktarx il-kriterju effettiv li jseddaq u jsostni kanonu letterarju speċifiku fl-era moderna (19). F'kuntesti oħra madwar id-dinja l-kanoni letterarji baqgħu utli biex ikebbsu l-fjamma nazzjonalistika għax baqgħu jqanqlu sentimenti ta' unifikazzjoni u ta'

kostituzzjonaliżmu. Fl-analiżi tal-proċess tal-kanonizzazzjoni fil-kuntest letterarju Malti għandu wkoll jitqies x'piż għad għandu dan il-kriterju u jekk illum il-ġurnata l-kittieba u l-qarrejja għadhomx konxji mill-preżenza u mill-effetti tiegħu jew le.

Il-motiv nazzjonali kien pjuttost espliċitu fil-proċess tal-kitba tal-kontenut narrattiv tar-rumanzi storiko-Romantiċi u fil-kitba tal-versi poetiċi qabel l-Indipendenza. Madankollu dan id-diskors ma baqax daqshekk rilevanti fil-kuntest lokali tal-letteratura Modernista u dik Post-Modernista. L-antieroj tar-rumanzi mis-sittinijiet 'l hawn x'aktarx li m'għandhom l-ebda motiv nazzjonalistiku; anzi, dawn isiru l-anatema tiegħu għaliex spiss jesprimu sens intolleranti ta' diżgust fil-konfront ta' min għadu jgħożż dan is-sentiment. Iżda minkejja din iċ-ċaqliqa fil-fokalizzazzjoni tal-kittieba Modernisti, b'mod partikolari dawk li kienu fil-Moviment Qawmien Letterarju, mir-rakkont barrani li jdur madwar il-karattru tal-eroj nazzjonali għal rakkont ġewwieni li jiffoka fuq il-kriżi interna u psikoloġika tal-antieroj, il-proċess tal-formazzjoni tal-kanonu letterarju Malti jiġi persistentement ikkunsidrat f'relazzjoni mal-mogħdija nazzjonalistika li terraq fiha sa mill-bidu tal-eżistenza tal-letteratura lokali. Kif stqarr Friggieri, fid-diskors intitolat "Il-Letteratura Maltija bħala Xhieda tan-Nazzjonalità" li għamel waqt il-Kungress Nazzjonali tal-1989: "Il-letteratura Maltija stess twieldet u kibret bħala proċess ta' identifikazzjoni nazzjonali" (198). L-antoloġiji tradizzjonali, bħall-*Antoloġija ta' Versi Patrijottiċi*, li tfaċċaw qabel u wara l-Indipendenza, dejjem irrikonoxxew l-aktar ix-xogħlijiet li poġġew in-nazzjonaliżmu bħala l-motiv ċentrali tagħhom. F'dan l-aspett il-letteratura Maltija ma kinitx waħedha – f'nofs is-seklu għoxrin, in-nazzjonalità kienet saret fost l-aktar forom dominanti ta' identità fl-Ewropa u fl-Amerika ta' Fuq u anke f'ħafna naħat oħra tad-dinja (Kolbas 21). L-istess ġara, ngħidu aħna, fis-Slovenja u

fl-Iżlanda bil-kontribut ta' poeti bħal France Prešeren u Jónas Hallgrímsson. Il-kredu tan-nazzjonaliżmu invada s-settur edukattiv, b'mod partikulari l-istudji umanistiċi, inkluża l-letteratura, bil-konsegwenza li ħafna mill-kanoni letterarji, anke f'epoki riċenti, ġew influwenzati mis-sistema ta' valuri preskrittivi tan-nazzjon. Skont Kolbas l-ideali estetiċi u astratti ċedew posthom għat-trawwim ta' sens ta' identità komuni permezz ta' xogħlijiet letterarji li jappellaw għall-qarrejja li fittxew dawk li qiesu bħala l-għeruq tal-kuxjenza nazzjonali tagħhom fl-istorja u fil-wirt kulturali ta' pajjiżhom. F'Malta dan il-bżonn soċjali affettwa bil-kbir il-proċess ta' kanonizzazzjoni tax-xogħlijiet letterarji Maltin b'tali mod li fit-tieni nofs tas-selu 20, is-sillabi tal-iskejjel ippreferew testi bħal *Taħt Tliet Saltniet* u *Il-Ħarsa ta' Rużann* milli dawk bħal *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerki* jew *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, proprju minħabba li (fost diversi raġunijiet oħra) ssodisfaw, flok sfidaw, il-kriterju nazzjonalistiku.

Madankollu, il-bidu tas-seklu 21 ġab miegħu kuxjenza ġdida fil-proċess ta' kanonizzazzjoni, kuxjenza li xprunat kemm burdata ta' bidla, kif ukoll sens ta' kriżi. Is-suġġerimenti ta' modifika jew espansjoni tal-kanonu letterarju Malti ntlaqgħu b'xettiċiżmu minħabba l-biża' li l-letteratura Maltija setgħet titlef il-kwalitajiet li kisbet fi żmien ir-Romantiċi. Iżda iktar milli xhieda ta' dekadenza kanonika, dan huwa t-twettiq tad-diskors ta' Gramsci dwar l-eġemonija u dwar l-elementi ta' "reżistenza" u ta' "inkorporazzjoni" li tinvolvi (*Hegemony* 80); dan huwa sens ta' kriżi li juri kif id-djalettika lokali dwar il-proċess ta' kanonizzazzjoni hija eżistenti u attiva għalkemm xi drabi ma tkunx espliċita. Kif issuġġerixxa Kermode, il-kanonu letterarju huwa ddefinit mill-attakki li jsirulu (*Essays* 177); din il-forma ta'

reżistenza tista' għaldaqstant tiġi pperċepita bħala element neċessarju u indispensabbli għall-formazzjoni u għall-manutenzjoni kontinwa tal-kanonu.

Il-fatt li fetħu korsijiet fl-Università ta' Malta bħall-baċellerat bl-unuri fil-lingwa u fil-letteratura Maltija, li tnieda fl-1948 (Brincat 366), u l-fatt li kritiċi letterarji, ewlieni fosthom Serracino Inglott, skartaw il-kriterju nazzjonalistiku u bdew jagħtu attenzjoni lil xogħlijiet Modernisti tant li ressquhom bħala kandidati ġodda għall-kanonizzazzjoni letterarja, huma sinjali li l-mistoqsija dwar x'inhu u x'mhuwiex kanoniku baqgħet pertinenti, minkejja li xi drabi tgħix biss fl-inkonxju kollettiv. Il-ġabra ta' versi ta' poeti emerġenti tas-sittinijiet fiż-żewġ antoloġiji *Linji Ġodda* u *Ilħna Mkissra* ta' Serracino Inglott kienet tentattiv konxju u formali f'din id-direzzjoni. Iktar tard, id-Dipartiment tal-Malti fl-Università, permezz ta' teżijiet, studji u konferenzi, kompla jixħet dawl fuq awturi oħra li kienu għadhom ma tqisux bħala materjal potenzjalment kanoniku. Il-fatt li ġew organizzati konferenzi fuq awturi bħal Mamo u Micallef li ssodisfaw kriterji kanoniċi li jmorru ferm lil hinn minn dawk tradizzjonali huwa xhieda tal-intenzjoni pluralista tal-akkademja lokali biex jitwessa' l-kanonu letterarju Malti. Fit-26 ta' Ottubru 2013, id-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università organizza konferenza dwar Mamo, aktarx sabiex tqajjem mill-ġdid il-kuxjenza u l-għarfien dwar awtur li twarrab minn kanonizzaturi tradizzjonali bħal Aquilina:

> Għal ħafna snin dan ir-rakkont divertenti u mqareb ta' Mamo ġie injorat mil-letterati u l-akkademiċi Maltin. Kien tħalla barra, b'għażla, meta ħarġu ż-żewġ volumi tal-*Antoloġija ta' Proża Maltija* ta' Aquilina fl-1978 u l-1979, xogħol li kkanonizza lil għadd ta' prożaturi Maltin. Mamo ppubblika r-rumanz tiegħu f'29 faxxiklu bejn Frar tal-1930 u Ottubru tal-1931. Minkejja li l-għażla tal-awturi u l-kitbiet fl-antoloġija ta' Aquilina

> kienet ‘aktar kronoloġika milli letterarja’ biex l-editur ikun jista’ juri l-iżvilupp tal-proża bil-Malti, u minkejja li kien hemm ‘kotra ta’ proża dgħajfa,’ anki fl-antoloġija tiegħu, Aquilina xorta waħda ma sabx post għal Mamo. Fil-fatt, mat-63 prożatur u prożatriċi li għażel għal din l-antoloġija la sab post għal Mamo u lanqas għall-imgħallem tiegħu Manwel Dimech. Minn banda, *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* tqies għal ħafna żmien bħala xogħol narrattiv letterarjament medjokri, u mill-banda l-oħra bħala rakkont moralment diskutibbli minħabba l-lingwaġġ u l-ideat tiegħu li jeħduha qatta bla ħabel kontra l-‘klikka,’ is-sezzjoni pprivileġġata tal-poplu Malti, il-Partit Nazzjonalista, u l-Knisja Kattolika, kontra n-nuqqas ta’ skola u s-superstizzjonijiet, u kontra l-istabbiliment letterarju ta’ żmienu. (Grima, “M’Hemmx Post għal Mamo”)

Dan it-twarrib intenzjonat, skont Grima, seħħ fost l-oħrajn għaliex Mamo kiteb bi spirtu li għall-ewwel jidher li jmur kontra l-istabbiliment u dak kollu li fuqu jissejjes il-mit Romantiku tan-nazzjon Malti. Madankollu, skont Friggieri, Mamo ma jħaddanx sentimenti purament antinazzjonalistiċi, għax anki f’Mamo “hemm saff qawwi ta’ nazzjonaliżmu li, waqt li hu soċjalizzat, ma jinfexx qatt f’ċaħda tal-karatteristiċi tal-komunità, imqar jekk dawn huma mħaddmin bħala elementi għall-parodija tiegħu” (“Il-Letteratura” 194). Jibqa’ l-fatt li l-eżempu ta’ Mamo jixhed kif il-kanonu letterarju Malti ġarrab id-dominanza influwenti ta’ kritiċi konservattivi bħal Aquilina li, minħabba l-aġenda tagħhom, dejjem ikkanonizzaw ix-xogħlijiet li skonthom huma “klassiċi.” Iżda d-dominanza esklussiva ta’ dawn ix-xogħlijiet bdiet tixxaqqaq minħabba bidliet fil-fatturi soċjali, ewlenija fosthom, l-indipendenza ta’ Malta u l-implikazzjonijiet tagħha ta’ identità mibdula u ta’ bżonnijiet ġodda fuq diversi livelli.

Cornel West, fl-artiklu “Minority Discourse and the Pitfalls of Canon Formation,” jattribwixxi ċ-ċaqliq u l-kriżi fid-djalettika tal-kanoni letterarji lid-dekolonizzazzjoni tat-Tielet Dinja, proċess politiku soċjali li mmarka wkoll l-istorja tal-gżejjer Maltin. Skont West, it-tkissir tal-omoġenjità kulturali tad-dominanza tal-irġiel bojod wasslet għall-qawmien fl-interess akkademiku f’xogħlijiet mhux klassiċi (193). Flimkien mal-fattur tad-dekolonizzazzjoni ta’ Malta, fil-kuntest lokali ta’ min iqis ukoll fatturi oħra bħall-ħelsien mill-obbligi tal-akkademiċi f’relazzjoni mal-awtorità politika tal-ħakkiem, l-impulsi qawwija u influwenti, fosthom dawk tad-Dekostruzzjonaliżmu ta’ Derrida (li ħakmu lill-kittieba tas-sittinijiet u lill-kritiċi tagħhom aktar tard), l-influwenza dejjem tonqos tal-Knisja u l-qawmien ta’ movimenti riformisti bħall-Femminiżmu bħala xi wħud mill-iżviluppi materjali u soċjali li għenu biex l-attenzjoni akkademika u l-konsiderazzjoni kanonika ma tibqax esklussiva imma tiċċaqlaq minn fuq awturi stabbiliti għal fuq awturi oħra.

4.6 L-Irrilevanza tal-Kriterji

Bennett u Royle jistaqsu jekk n-natura fundamentalment relattiva tal-kriterji letterarji tnaqqasx il-validità funzjonali u r-rilevanza apparenti tagħhom. Huma josservaw mill-qrib il-metamorfosi tal-kriterji mħaddma fil-kritika letterarja matul is-sekli:

> Fis-seklu tmintax, il-vokabularju tal-valur kien jinkludi l-ideat tal-proporzjon, tal-probabbiltà u tad-dekor; ir-Romantiċi żviluppaw il-vokabolarju tas-sublimi, tal-immaġinazzjoni u tal-oriġinalità; aktar qrib żminijietna, il-Kritika l-Ġdida vvalutat il-kumplessità, il-paradoss, l-ironija u t-tensjoni fil-poeżiji; il-kritiċi Post-Modernisti

> jivvalorizzaw l-inkongruwenza, il-frammentazzjoni, l-eteroglossija, l-aporija u d-deċentralizzazzjoni. (48)

Bennett u Royle jagħtu l-analiżi tagħhom tal-kriterju tal-oriġinalità, li f'dan il-kapitlu tqies fost l-iprem kriterji kanoniċi. Iżda fl-era Post-Modernista dan il-kriterju jista' saħansitra jsir irrilevanti fil-kuntest tad-djalettika tal-kanonu letterarju peress li jiġi pperċepit bħala "tip ta' fetish ideoloġiku." Dan jiġri minħabba l-enfasi riċenti, fl-era Modernista u Post-Modernista, fuq l-idea tal-frammentazzjoni li tirreżisti kull tip ta' forza totalizzanti. Il-frammentazzjoni tqanqal dubji serji dwar il-kunċett tal-oriġinalità u fl-istess waqt titfa' enfasi ġdida fuq ir-referenzi u l-intertestwalità, il-parodija u l-pastiche (282). Bennett u Royle josservaw ukoll kif żviluppa dan il-kunċett tal-frammentazzjoni minn żmien ir-Romantiċi u l-Modernisti għall-era tal-Post-Moderniżmu – filwaqt li qabel il-frammentazzjoni kienet timplika l-idea tat-telfien tas-sħiħ jew tal-unità, għall-Post-Modernisti din tinftiehem aħjar f'termini ta' "disseminazzjoni." L-idea tat-tifrix taż-żerriegħa jew "*semes*" li jissuġġerixxi dan it-terminu timplika "t-tifrix tal-punt tat-tluq u tal-wasla, it-tifrix tal-identità, it-tifrix taċ-ċentru u tal-preżenza" (282). Għaldaqstant, fl-era Post-Modernista, xejn ma jidher assolut jew permanenti, lanqas il-kriterju nnifsu tal-oriġinalità li għal sekli sħaħ il-kritiċi qablu fuqu bħala wieħed mill-iprem kriterji estetiċi mħaddma fil-proċess tal-kanonizzazzjoni. Minkejja li Mario Azzopardi hu assoċjat direttament mal-moviment Modernista Malti, fi kliemu ppubblikat fl-1996 jinħassu dawn ir-reżonanzi Post-Modernisti: "ir-riga kreattiva (u impenjattiva) tagħna [l-awturi] għandha tkejjel biss kriterji li jġegħluna noħorġu mil-limitu ristrett tagħna" ("L-Ewropa" 21). Azzopardi jagħti prijorità lill-kreattività qabel kull tentattiv restrinġenti biex il-letteratura tbaxxi rasha għall-kriterji imposti minn ħaddieħor. Għal Azzopardi, il-letteratura

Maltija jeħtiġilha proprju dan l-element liberatorju li joftom lill-kittieba lokali minn kull tip ta' rbit li jxekkel il-proċess kreattiv li bih jimmarkaw il-preżenza impenjata tagħhom fis-soċjetà.

Meta Hilton Kramer u Roger Kimball jiddefinixxu l-arti jitkellmu f'termini ta' kwalitajiet u ta' kriterji ta' għarfien pjuttost vagi bħal: "sors ta' illuminiżmu spiritwali u intellettwali," "forma speċjali ta' elevazzjoni pjaċevoli u morali," u "xprun għall-ogħla livelli tal-aspirazzjonijiet umani" (77). Madankollu, dawn jistgħu jitqiesu wkoll bħala kriterji inadegwati. L-irrilevanza ta' kriterji bħal dawn toħroġ l-aktar meta xi ħadd jiġi biex japplikahom għal xogħlijiet b'potenzjal kanoniku bħal *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerki* ta' Mamo, *Menz* ta' Ebejer u *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi* ta' Vella Gera; jekk kritiku jipprova jislet dawn il-kwalitajiet minn xogħlijiet letterarji simili jkun qiegħed imur kontra l-kontenut speċifiku tagħhom li ħafna drabi jiddubita, jikkritika u jheżżeż l-imsemmija valuri "għolja" u umanistiċi eloġjati minn Kramer u Kimball. Kriterji irrilevanti bħal dawn saħansitra joħonqu mal-ewwel it-tentattivi odjerni ta' kittieba bħal Tyrone Grima u Justin Schembri li bin-narrattiva avventuruża tagħhom, proposta fi *Frekwenzi Ħiemda* u *Frekwenzi Msikkta*, jittrattaw temi bħall-omosesswalità li għadhom ma ngħatawx prominenza fil-kuntest letterarju Malti. L-istess jista' jiġrilha l-ġabra ta' poeżiji *Erbgħin Jum* ta' Antoine Cassar li "tazzarda" tmiss it-tema tas-swat fuq it-tfal. Kultant kriterji bħal dawn jitħaddmu biex jippruvaw jeliminaw kandidati primi mit-tellieqa kanonika. Simon Murphy jistqarr li meta ġie propost lir-Royal Mint fl-Ingilterra biex tfakkar il-mitt sena mit-twelid ta' Roald Dahl, il-kumitat responsabbli mill-għażla ta' min jidher fuq il-muniti rrifjuta li "jikkanonizza" b'dan il-mod lil Dahl peress li "bħala awtur m'għandux reputazzjoni mill-aqwa" ("Royal Mint Rejected Roald Dahl Coin"). Il-kriterji mħaddma f'din is-selezzjoni kienu aktar moralistiċi milli

estetiċi: Dahl twarrab mir-Royal Mint minħabba li kien esprima sentimenti anti-Semitiċi. L-ironija hi li minflok Dahl, ir-Royal Mint għażlet li tfakkar lil William Shakespeare u lil Beatrix Potter li wkoll ġieli ġew akkużati bl-anti-Semitiżmu. L-applikazzjoni ta' kriterji bħal ta' Kramer u Kimball probabbilment aktar ittellef milli tgħin fil-proċess tal-kanonizzazzjoni, l-aktar jekk paradossalment dawn iservu biex b'xi mod jimminaw il-validità kanonika ta' awturi bħal Dahl. Ġudizzji potenzjalment żbaljati bħal dawn, fuq kollox, jimminaw l-utilità u l-kredibbiltà tal-kanonu letterarju.

Minkejja l-perspettiva konservattiva tiegħu, Bloom jitbiegħed mill-umanisti u ma jsegwix l-istess argumentazzjoni ta' Kramer u Kimball. Għal Bloom il-kanonu letterarju ma għandux il-funzjoni pragmatika ta' mudell morali jew gwida edukattiva li teżisti sabiex twassal lill-bniedem għall-akbar suċċessi fil-ħajja. Skontu, il-kanonu letterarju mhuwiex xi forma ta' "programm ta' salvazzjoni soċjali" u bl-ebda mod mhu intenzjonat biex jagħmilna ċittadini aħjar (*Western Canon* 29). Bloom jistqarr, għalkemm ma jagħmilx dan b'mod konvinċenti, li hu ma jridx li jiġi assoċjat ma' xi wieħed miż-żewġ gruppi ewlenin fid-dibattitu dwar il-validità tal-kanonu. Ma jridx jispiċċa f'nofs id-dibattitu "bejn id-difensuri Leminin tal-Kanonu, li jixtiequ jippreservawh minħabba l-valuri morali li suppost għandu (u li ma għandux), u n-network tal-akkademiċi u tal-ġurnalisti," b'dawn tal-aħħar li skont Bloom "jixtiequ jtajru l-Kanonu sabiex iressqu 'l quddiem il-programmi għall-bidla soċjali li suppost għandhom (u li ma għandhomx)" (*Western Canon* 4). Il-kriterji veritieri li jitħaddmu fil-formazzjoni tal-kanonu u għalhekk fl-għażla tal-aqwa xogħlijiet letterarji ma jiġux ifformulati mill-kritiċi jew mill-akkademiċi iżda huma l-kittieba nfushom li jiddeterminaw il-kanoni

letterarji billi “jiffurmaw pont bejn prekursuri b’saħħithom u suċċessuri b’saħħithom” (*Western Canon* 522).

Minkejja n-nuqqasijiet fil-plott u fil-vuċi narrattiva li jitkellem fuqhom Vella f’“Is-Sette Giugno tal-Letteratura Maltija,” *Leli ta’ Ħaż-Żgħir* donnu jaqdi din il-funzjoni ta’ pont li jitkellem fuqha Bloom għax jgħaqqad l-istilistika tradizzjonali u l-għanijiet moralistiċi tar-Romantiċi u tas-Soċjo-Realisti u fl-istess waqt iwitti t-triq għas-suċċessuri Modernisti tiegħu bil-kitba ċerebrali tar-rumanz psikoloġiku. Kif jistqarr Friggieri: “B’sempliċità kważi komuni u b’binja narrattiva li tersaq lejn rakkont għeri li ma jixtieqx jitbiegħed mir-Realiżmu għalkollox waqt li ma jingħalaqx fih, l-awtur isensel djarju ta’ kuxjenza” (*L-Istudji Kritiċi* 170). Iżda Bloom ma jemminx li jista’ jkun hemm storja ta’ suċċessjoni paċifika; għaldaqstant, il-ġenjalità ta’ Ellul Mercer tista’ allura tibqa’ tissielet sal-lum il-ġurnata ma’ rumanziera kontemporanji li jaspiraw għal post fil-kanonu. Il-kanonu letterarju Malti, jekk insegwu d-diskors ta’ Bloom, qiegħed ukoll jesperjenza dan is-sens ta’ agon jew kunflitt. Narrattivi psikoloġiċi bħal *Samuraj* ta’ Sammut u *Trojan* ta’ Vella Gera għadhom jissieltu ma’ *Leli ta’ Ħaż-Żgħir* sabiex jistabbilixxu rwieħhom fil-kanonu lokali; minkejja d-difetti tiegħu, ir-rumanz ta’ Ellul Mercer baqa’ jqanqal interess mhux biss qalb l-istudenti li studjawh fis-sekondarja u fil-postsekondarja imma anke fost l-istudenti universitarji li kitbu bosta teżijiet dwaru u fost l-akkademiċi li baqgħu jistudjawh.

Iżda skont Kolbas, it-teorija ta’ Bloom hija defiċjenti għaliex hija nieqsa mill-konsiderazzjoni tal-iżvilupp storiku tal-letteratura bħala forma speċjalizzata ta’ produzzjoni artistika bil-fatturi soċjali li jiddeterminawha b’mod speċifiku. Fost dawn il-kriterji determinanti fil-proċess tal-formazzjoni kanonika Kolbas jidentifika l-livell tal-litteriżmu, l-

aċċess għall-materjal u l-bżonnijiet tal-pubblikazzjoni (31). Kolbas jikxef il-paradoss fil-pożizzjoni ta' Bloom billi jispjega kif meta llum il-ġurnata kritiku jipprova jissepara xogħol letterarju mill-kuntest soċjopolitiku tiegħu jkun qiegħed, mingħajr ma jaf, jippreżenta argument li tal-anqas imur lura sas-seklu dsatax meta kienet għadha in voga l-estetika Kantjana u l-idea ta' *l'art pour l'art*. Ironikament, id-dipendenza fuq dan it-twemmin li jittratta xogħol letterarju bħala ħolqien donnu sospiż f'vakwu storiku u materjali, jiskredita l-idealiżmu estetiku li tant jemmen fih Bloom. Minħabba l-influwenza ta' dan it-twemmin fuq l-argumentazzjoni tiegħu, Bloom jissimplifika u jġib fix-xejn it-teoriji tal-Istoriċisti u tal-Marxisti li għalih huma wisq mgħaddsin fl-analiżi tal-iskopijiet u tal-kontenut soċjali u politiku tax-xogħlijiet letterarji. L-idea ċentrali ta' Bloom li l-kanoniċità ta' xogħol letterarju tiddependi mill-individwu aktar milli mis-soċjetà tkompli tinnega l-aspett soċjali u materjali bħala kriterju determinanti fil-formazzjoni tal-kanoni. Fuq hekk Kermode ma jaqbilx. Bħal Bloom, għall-ewwel jammetti li r-reputazzjoni tal-kittieba u ta' kitbiethom tinbena fuq il-ġudizzji u mis-"sempliċi opinjoni" (*Forms* 78) tal-qarrejja individwali u tiddependi minnhom; madankollu, Kermode jemmen li x-xogħol letterarju jista' jitqies kanoniku biss meta jirrikonnoxxuh l-akkademiċi u l-ġudizzji tagħhom – il-kanonu letterarju jiddependi intrinsikament minn din il-konferma soċjali u istituzzjonali. Din id-dipendenza timplika wkoll li "l-kanoni tagħna qatt ma kienu impermeabbli; li d-difiża tagħna fil-konfront tagħhom hija dejjem provviżorja." Kermode jemmen li żgur tista' ssir deskostruzzjoni tal-kanoni: "Jekk in-nies jaħsbu li m'hemmx bżonn affarijiet bħal dawn, jistgħu faċilment isibu l-mezzi kif jeqirduhom" (*Forms* 79). Għal Kermode, "il-minoranzi li jridu jeħilsu minn dak li huma jqisu bħala kanonu reazzjonarju, ma jistgħux jaħsbu f'mod ieħor kif jagħmlu hekk mingħajr ma

jpoġġu kanonu ieħor radikali minfloku" (*Canon and Period* 116). Skontu dawk li jopponu l-kanonu stabbilit ma pproponew l-ebda idea konkreta ta' kif nistgħu norganizzaw il-ħsibijiet tagħna dwar l-istorja letterarja u artisitka mingħajr ma nirrikorru għalihom u mingħajr ma nispiċċaw b'kanonu ieħor.

Kermode joħroġ bi kriterju interessanti, dak tal-attenzjoni testwali, b'mod partikolari dik akkademika, għax jemmen li dan il-kriterju fundamentali jiggarantixxi l-preservazzjoni kanonika. Għaldaqstant, l-interpretazzjoni kontinwa hija l-kriterju li jagħżel xogħol letterarju ewlieni minn dak li jintesa mal-mogħdija taż-żmien u ma jibqax jingħata l-attenzjoni mill-ġenerazzjonijiet ta' wara. Skont Kermode, dejjem jibqa' jkun hemm xi ħaġa ġdida xi tgħid dwar xogħol kanoniku u dan jagħmlu fil-fatt kanoniku. Ironikament, anke d-diskors kontra l-kanonu, fih innifsu jkompli jestendi l-ħajja tax-xogħlijiet letterarji li hemm fil-kanonu kkritikat (*Essays* 169). Madankollu b'din l-argumentazzjoni, Kermode xorta ma jispjegax kif jingħażlu x-xogħlijiet li għandhom jingħataw attenzjoni minn dawk li jingħataw il-ġenb. Il-kriterju tal-interpretazzjoni li jitkellem fuqu Kermode jirrikonoxxi dak li Bloom jiċħad, jiġifieri li l-interpretazzjoni li twassal għall-kanonizzazzjoni ma sseħħx fil-vakwu soċjali u fid-dinja solitarja tal-individwu iżda sseħħ fi ħdan istituzzjoni jew organizzazzjoni, bħal ngħidu aħna, l-Università ta' Malta u l-Għaqda tal-Malti, kif ippropona Friggieri ("L-Ittra"). L-idea ta' Kermode timplika li l-proċess tal-formazzjoni kanoniku, imsejsa fuq l-interpretazzjoni professjonali, hija ddeterminata mill-"għarfien impliċitu" tal-akkademiċi (*Essays* 169).

Iżda ż-żewġ ideat ta' Kermode, dik li l-kanoni huma bżonjużi sabiex jorganizzaw l-istorja u l-idea tal-interpretazzjoni, huma t-tnejn utilitarji. L-ispjegazzjoni ta' Kermode toffri biss ġustifikazzjoni strumentali u pragmatika tal-kanonu letterarju u tinjora r-rwoli mhux

strumentali li jista' jkollu. Xogħol letterarju, l-aktar dak li jappartjeni għall-modernità, mhux bilfors jaqdi xi funzjoni partikolari, anzi jista' jkun li x-xogħol innifsu jopponi direttament l-idea tal-applikazzjoni u tal-utilitarjetà letterarja. Fir-realtà mutabbli tal-pubblikazzjoni fix-xena lokali, it-tħaddim u l-ħarsien tal-kriterji kritiċi tal-letteratura jistgħu jsiru irrilevanti meta, pereżempju, titqies il-prassi tal-hekk imsejħa *vanity press,* jiġifieri dik il-forma ta' pubblikazzjoni li titlob lill-kittieba biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż. Il-prassi tal-pubblikazzjoni minn but il-kittieba telimina awtomatikament ir-rilevanza tal-kriterji kritiċi għaliex f'ebda stadju tagħha ma hemm bżonn ta' selezzjoni biex ix-xogħol jirbaħ l-agon kanoniku u jintgħażel mill-pubblikatur minn fost il-kontestanti l-oħra, jew ta' tisfija editorjali, biex ix-xogħol jiġi ppreżentat b'reqqa bl-intenzjoni li jiġbed ħafna qarrejja.

Bill Henderson jgħid li hawn pubblikaturi li lesti li "jippubblikaw dak kollu li l-awturi jkunu lesti li jħallsu għalih, ġeneralment b'telf għall-awturi u qligħ tajjeb għall-pubblikaturi" (62). Din ix-xorta ta' pubblikazzjoni effettivament iżżid in-numru ta' kotba fis-suq; madankollu, proprju minħabba t-twarrib tal-kriterji kritiċi u selettivi, tirriskja li tnaqqas il-kwalità tal-letteratura. Fix-xena Maltija l-kontribut ta' dawn il-pubblikaturi "vanitużi" tista' tkun fattur għala n-numru ta' kotba ppubblikati kull sena qiegħed dejjem jiżdied. Żieda fil-kwantità tista' tinħass bħala inkoraġġanti għal xi wħud imma jista' jkun hemm oħrajn li jħarsu b'suspett lejn min ipoġġi l-profitt bħala l-ewwel u l-unika prijorità. Huwa fatt magħruf li pubblikaturi ta' din ix-xorta lanqas biss jinteressahom li jippromwovu x-xogħlijiet li jippubblikaw għaliex il-profitt ikunu diġà għamluh fil-bidu meta l-kittieb jkun qabel li jħallas kollox bil-quddiem. Madankollu, huwa diffiċli li jiġu identifikati dawk il-kotba li l-ispejjeż tal-pubblikazzjoni tagħhom ikunu tħallsu mill-kittieba flok mill-pubblikaturi peress li l-ftehim li

jsir bejn il-pubblikaturi u l-kittieba mhuwiex pubbliku. Kultant din l-għamla ta' pubblikazzjoni tkun aktar imqanqla min-neċessità aktar milli mill-vanità: huwa fatt magħruf li l-poeti jsibuha bi tqila biex isibu pubblikatur għall-poeżiji tagħhom għas-sempliċi raġuni li l-kotba tal-poeżiji ma jinxtrawx ħafna. Djar tal-pubblikazzjoni partikolari aktarx li jaċċettaw li jippubblikaw dawn il-ġabriet ta' poeżiji wara li jitolbu l-kontribut finanzjarju tal-poeti nfushom b'tali mod li r-riskju jintefa' kważi totalment fuqhom u mhux fuq il-pubblikatur li jibża' jinvesti fi ktieb tal-poeżiji. Il-punt fundamentali jibqa' li din il-prassi tista' titqies bħala l-anatema ta' letteratura li tkun għaddiet mill-għarbiel ta' kriterji li sa issa ħsibna li huma intrinsiċi għall-proċess li bih biċċa xogħol letterarja tasal f'idejn il-qarrejja.

It-tema tal-irrilevanza tal-kriterji fid-djalettika dwar il-kanonu toħroġ fid-dieher ukoll meta dawn jiġu applikati minn xi ġurija li tonqos milli tiġġudikaw b'fedeltà lix-xogħlijiet letterarji, bħalma fost l-oħrajn ġara lill-*memoir* ta' Galea, *Tħabbat Xtaqtek* li, minkejja l-elementi relattivament friski li introduċa fil-kuntest letterarju Malti u minkejja li tqies bħala "kapulavur" minn riċensuri bħal *themaltesereader.wordpress.com* ġie kkategorizzat mar-rumanzi u, għaldaqstant, il-kriterji pertinenti għall-kategorija msemmija ma setgħu qatt jikkanonizzawh bil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb tal-2018. Iżda din l-irrilevanza tal-kriterji tista' tmur lil hinn mill-ġudizzju tal-kotba; fil-kuntest letterarju internazzjonali jeżistu, pereżempju, kriterji ta' natura aktar ġenerika li jagħżlu belt minn oħra abbażi tal-kontribut letterarju lill-komunità internazzjonali. Mill-2004 l-UNESCO bdiet tikkanonizza belt, u ġieli għadd ta' bliet f'daqqa, bit-titlu ta' "belt internazzjonali tal-letteratura." L-għan ta' dan it-titlu huwa espress fil-homepage tal-inizjattiva:

> Id-denominazzjoni tal-UNESCO 'Belt tal-Letteratura' tirrikonoxxi l-eċċellenza u tqiegħed obbligu fuq l-ibliet biex irawmu u jappoġġjaw l-forom artistiċi tagħhom u jikkollaboraw internazzjonalment billi jaqsmu l-aħjar prattika, jappoġġjaw il-libertà tal-kelma u jippromwovu proġetti li jiżguraw li kemm jista' jkun, il-letteratura tilħaq udjenza wiesgħa u diversa kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment. ("Cities")

Din il-forma ta' kanonizzazzjoni tirrikjedi wkoll l-eżistenza ta' xi tip ta' kriterji. Fis-sit *cityofliterature.com* jingħataw kriterji vagi li jistgħu jikkompromettu r-rilevanza u l-validità tal-għoti ta' dan it-tiltu. Kriterji bħal dawk tal-"ħarsien tal-libertà tal-kelma u aċċess liberu u ugwali għall-edukazzjoni" huma maqtugħin wisq mir-realtà letterarja ta' sitwazzjonijiet bħal dik ta' Malta. Qabelxejn, id-diskors dwar "belt" tal-letteratura lanqas jista' jkun qatt rilevanti għal pajjiż li l-popolazzjoni tiegħu hija daqs jew iżgħar minn ta' belt waħda Ewropea. Minħabba f'hekk, huwa ferm diffiċli, pereżempju, li dan it-titlu jingħata lir-Rabat minkejja l-inizjattiva mnedija fl-2020 li qiegħda timbotta l-immaġni ta' din il-lokalità bħala "Raħal il-Letteratura" ("Raħal"). Kriterji oħra tal-UNESCO bħal dawk li "kull belt tikkommetti ruħha li tiżviluppa network komuni, li tinkoraġġixxi l-iskambju tal-informazzjoni, li tħeġġeġ partnerships globali u li tippromwovi l-kreattività u l-kultura" ("The Designation") huma kollha kriterji li jibqgħu ġeneriċi u li ma joqorbux lejn id-djalettika tal-letterarjetà jew dik tal-fatturi pragmatiċi li jiddeterminaw il-proċess kanoniku ta' letteratura minuri bħal dik Maltija li tispira biex issemma leħenha f'kuntest usa'.

4.7 Konklużjoni

Id-djalettika dwar il-letterarjetà tinvolvi inevitabbilment il-kriterji kanoniċi li ilhom jiġu diskussi sa minn żmien Platun, Aristotli u Orazju. Kanonizzaturi riċenti bħal Leavis, fl-ispirtu tal-filosfi Griegi, kontinwament assoċjaw il-letteratura mal-moralità. Iżda f'mumenti oħra fi ħdan l-istudju tal-formazzjoni tal-kanonu, sar sforz sabiex jitwarrab dan l-aspett. Minkejja li tkellem fuq il-validità tal-kriterju moralistiku, Leavis innifsu jagħżel biex mill-banda l-oħra ma jħaddanx il-kriterju didattiku; minflok, huwa jipproponi li l-użu kreattiv tal-lingwa għandu jinkludi l-kriterji tat-tiftix tal-valuri mingħajr ma jimponihom bil-forza fuq il-qarrejja. Hawn stħarriġt ukoll dak li jgħid Egilsson dwar il-mod simili kif żewġ poeti Romantiċi, Prešeren u Hallgrimsson, ġew ikkanonizzati bħala poeti nazzjonali fis-Slovenja u fl-Iżlanda rispettivament. Skont Egilsson, f'kitbiethom dawn ħaddmu kriterji mifhuma bħala fundamentali, kriterji li fil-kuntest lokali tħaddmu fost l-oħrajn mill-poeta nazzjonali Malti. Bħal Prešeren u Hallgrimsson, Dun Karm uża l-lingwa vernakulari sabiex juri li din tista' tipproduċi l-ifjen forom ta' letteratura – dawk il-forom li l-użu xieraq tagħhom, skont Dovic, huwa kriterju kanoniku fih innifsu.

Friggieri, jiddistingwi bejn il-kriterji universali u relattivi mħaddma fil-kritika letterarja. Mill-banda l-oħra, Saydon jemmen li l-kriterji li jagħżlu xogħol letterarju minn ieħor huma qabelxejn relattivi, tant li l-prinċipji assoluti mħaddma waqt il-proċess tal-kanonizzazzjoni jsiru superfluwi. Kritiċi bħal Barthes jenfasizzaw ir-relazzjoni bejn ix-xogħol letterarju u l-qarrejja billi jipproponu l-idea li l-kriterji kanoniċi jistgħu jkunu suġġettivi biss. Golding ukoll jipproponi l-element tar-relattività fid-djalettika dwar il-kanonu meta jitkellem dwar l-isfida

biex il-kittieba jidħlu fih billi jiksbu l-istandards apparentment universali. Golding jiżvela kif is-suġġettività hija l-fattur ewlieni li jisboq it-twemmin fl-eżistenza tal-kriterji universali jew assoluti. Callus, mill-banda l-oħra, jidentifika żewġ kriterji prattiċi li jekk jiġu rrispettati jistgħu jħajru lill-qarrejja barranin biex jaqraw testi tradotti mil-lingwa Maltija: kitba letterarja li kapaċi tqanqal lill-qarrejja u li tlaqqa' lill-qarrejja mar-realtà unika Maltija. Fid-diversi studji tiegħu, Aquilina jelenka għadd ta' kriterji letterarji li jiddeterminaw il-kanoniċità tax-xogħlijiet letterarji Maltin. Minkejja t-ton preskrittiv tiegħu, Aquilina jaddotta attitudni li toqrob lejn il-prinċipji fundamentali tat-teorija tar-rispons tal-qarrejja meta jħalli f'idejn il-qarrejja biex jagħżel bejn xogħol u ieħor. Paradossalment, waqt il-preżentazzjoni ta' dawn il-kriterji mħaddma minnu stess bħala kanonizzatur, huwa juri xewqa għall-ħarsien tal-qisien tradizzjonali fl-istess waqt li jixxennaq għal letteratura Maltija aġġornata u mhux konvenzjonali.

It-teorija estetika tal-kritika toffri perspettiva innovattiva dwar l-idea tal-kanonu letterarju għax hija għajn ta' kriterji li jiddeterminaw il-kanoniċità; din il-perspettiva innovattiva tipprova toħloq bilanċ billi tirrifjuta l-idea tal-eżistenza tal-arti għall-fini tagħha biss iżda tirrifjuta wkoll l-idea li l-arti għandha utilità soċjali jew politika diretta. Il-kanoniċità, iktar milli proċess ta' konsagrazzjoni, hija ġudizzju estetiku tal-kontenut veritier tax-xogħol. Fil-ħsieb ta' Adorno, l-awtonomija estetika hija l-qofol tat-teorija kritika li trodd lura l-kontenut konjittiv lill-arti u tagħrfu bħala kriterju validu ta' għarfien. In-nuqqas ta' litteralità f'xogħol letterarju huwa kriterju ieħor propost minn din it-teorija; għakemm l-arti ma teżistix f'vakwu, ix-xogħol letterarju xorta jrid jibqa' awtonomu billi jevita l-litteralità u l-applikazzjoni soċjali diretta; idealment, fil-letteratura l-partikolari jsir l-universali.

Għalkemm spiss jiġi akkużat b'elitiżmu, Bloom jemmen li kull forma ta' oriġinalità letterarja għandha l-potenzjal li ssir parti mill-kanonu; huwa jippreżenta l-kunċett tal-istramberija kanonika bħala l-kriterju assolut tal-kanoniċità; awtur li jissodisfa dan il-kriterju jaħkem it-tradizzjoni billi joħloqha hu stess. Koestler ukoll jidentifika l-funzjonalità essenzjali ta' dan il-kriterju billi jiddistingwi bejn il-ġenji oriġinali u l-bqija; il-ġenji joħolqu xogħol artistiku oriġinali permezz tal-ekonomija u tal-impliċità, kriterji li stħarriġt l-applikazzjoni tagħhom fil-kuntest letterarju Malti. Aquilina, bħal Bloom, jemmen li ż-żmien huwa l-imħallef li jiddeċiedi x'jidħol u x'jibqa' barra mill-kanonu. Bloom jenfasizza wkoll il-kriterji estetiċi li huma qrib ħafna tal-kriterji mħaddma minn Aquilina u Saydon.

Il-kriterji soċjali applikati fil-proċess kanoniku li jispjegaw il-limiti u l-forzi influwenti fil-proċess formattiv ta' kanonu letterarju huma mekkaniżmi li jservu wkoll biex ineħħu l-impressjoni ideoloġika li l-kanonu huwa etern. Hekk il-perspettiva tal-kritiċi liberali, li jridu jibdlu l-kanonu jew joħolqu oħrajn ġodda, tingħaraf ukoll bħala ideoloġika. L-għarfien tal-kommodifikazzjoni tal-letteratura fil-qasam tal-produzzjoni kulturali Maltija jwassal għall-iskrutinju tad-diversi aġenti soċjali li jaffettwaw il-kanonizzazzjoni ta' xogħol letterarju. Bourdieu jipproponi l-kriterju tal-familjarizzazzjoni kulturali bħala marka ta' kif xogħol kanoniku, jinfiltra gradwalment fis-suq u konsegwentement fil-kanonu.

Iżda l-kriterji hekk imsejħa kanoniċi jistgħu jiġu pperċepiti wkoll bħala irrilevanti. Bennett u Royle juru kif pereżempju l-kriterju suppost assolut tal-oriġinalità, jista' jsir irrilevanti fil-kuntest tal-enfasi riċenti Post-Modernista fuq l-idea tal-frammentazzjoni li fejn qabel kienet timplika l-idea tat-telfien tas-sħiħ issa tinftiehem f'termini ta' disseminazzjoni. Riflessjonijiet bħal dawn dwar ir-rilevanza jew l-irrilevanza tal-kriterji utilizzati waqt il-proċess

tal-kanonizzazzjoni jservu biex jinfurmaw u jarrikkixxu d-dibattitu dwar il-kanonu letterarju peress li jinsabu fil-qalba tal-mekkaniżmi selettivi mħaddma mill-kanonizzaturi. Din id-djalettika tissejjes qabelxejn fuq id-duwaliżmu intrinsiku tal-assolut u tar-relattiv – duwaliżmu li jiddetermina fundamentalment il-validità nnifisha tal-idea ta' kanonu letterarju.

5. Jeżisti Kanonu Letterarju Malti?

5.1 Il-Fluwidità Kanonika: Theddida għall-Eżistenza tal-Kanonu Malti?

Meta l-perċezzjoni tal-kanonu letterarju tittanta tgħaddi mil-livell konċettwali għal eżistenza aktar fattwali, tikber it-tentazzjoni li xi ħadd jgħaqqad lista konkreta ta' xogħlijiet kif għamel Bloom fl-aħħar ftit paġni ta' *The Western Canon.* Iżda t-tfassil ta' listi bħal dawn spiss jinħass bħala eżerċizzju elitista għax il-ġudizzji assoluti tal-kanonizzaturi ma jimxux mal-ħsieb liberali ta' ħafna; fuq kollox, eżerċizzju bħal dan jista' jservi involontarjament bħala daqqa mortali għall-idea innifisha tal-kanonu letterarju. Skont Blake Morrison, il-formazzjoni ta' listi simili hija "drawwa infantili imma li t-tfal iħobbu jagħmluha – anke tfal ta' 64 sena bħall-kritiku Amerikan Bloom" ("A Canon of One's Own"). Irrispettivament jekk hijiex "drawwa infantili" jew le, jibqa' l-fatt li mhumiex ftit dawk li jidentifikaw il-kelma "kanonu" ma' "lista" ta' xogħlijiet kanoniċi. Iżda fid-dawl tal-ħsieb ta' Edward Said, li se nirreferi għalih aktar 'l isfel, l-istudju preżenti ma jimmirax għall-ħolqien ta' tali lista primarjament għax eżerċizzju bħal dan iwassal biss għall-formazzjoni ta' kanonu li jieħu post kanonu preċedenti; eżerċizzju bħal dan mhux biss isir turija ta' prepotenza iżda wkoll ta' futilità li jimmina l-kanonu letterarju sa mil-livell konċettwali.

F'intervista li għamlitlu Jesse Pearson, Bloom stess ċaħad dik li hu sejħilha "l-misħuta lista" tiegħu stess. Meta fil-bidu tal-intervista Pearson qaltlu li tridu jkellimha fuq *The Western Canon*, huwa għamlilha premura li ma jridx jitkellem fuq dik il-lista notorja:

> Il-lista ma kinitx l-idea tiegħi. Kienet l-idea tal-pubblikatur, tal-editur, u tal-aġenti tiegħi. Jiena rreżistejtha. Fl-aħħar ċedejt. Kont nobgħodha. Għamiltha minn moħħi. Ħallejt barra ħafna affarijiet li għandhom ikunu hemm u probabbilment poġġejt ftit affarijiet li issa nixtieq nitfagħhom ’il barra . . . Dil-biċċa xogħol tal-lista marrditni. Madwar id-dinja kollha, inkluż hawnhekk, in-nies flew u attakkaw il-lista u ma qrawx il-ktieb. Mela ejja naqblu issa, qalbi. M’aħniex se nsemmu l-lista. (“Interview”)

Il-lista maħluqa minn Bloom, li naturalment kienet suġġettiva u qatt ma setgħet tkun komprensiva, kienet ukoll proġett ambizzjuż għaliex ma kinitx qiegħda tifformula kanonu letterarju ta’ nazzjon; meta sawwarha, Bloom kellu f’moħħu idea aktar universali ta’ kanonu, għalkemm xorta ġie kkritikat li kien elitista għaliex ipprijoritizza l-letteratura tal-Punent kif wara kollox jixhed l-istess isem tal-ktieb li fih daħħal il-lista bħala appendiċi. F’“A Mongrel Canon,” Joel Whitney jitkellem dwar il-paradossalità Bloomjana, għaliex minn banda Bloom juri li jħaddan il-kunċett tal-universalità u mill-banda l-oħra jillimita l-viżjoni tiegħu għal parti mir-realtà letterarja sħiħa (19). Din il-viżjoni limitata wasslitu biex jemmen li t-tradizzjoni mibnija mill-aqwa kittieba tal-Punent hija “inkompatibbli” mal-kunċett ta’ multikulturaliżmu (Whitney 20). It-tentattiv fallut ta’ Bloom li jrodd sens ta’ universalità lil-letteratura jista’ jwassal għal konsegwenza dijametrikament opposta għax-xewqa inizjali tal-kanonizzatur inkwistjoni, jiġifieri l-iskwalifika awtomatika tal-idea tal-kanonu, għaliex din tiegħu hija msejsa fuq lista speċifika u magħluqa proposta minn bniedem wieħed li ma tagħtix lok għal inserimenti ta’ xogħlijiet ġodda. Kif ammetta Bloom stess, dan l-eżerċizzju huwa diġà difettuż fil-prinċipju tiegħu għaliex in-natura nnifisha tal-kanonu hija wisq fluwida biex tingħata sura daqshekk riġida. Dak li wettaq Bloom permezz tal-lista kanonika f’*The Western Canon* jista’

jfakkar f'dak li pprova jwettaq it-tfajjel li ltaqa' miegħu Santu Wistin hu u jtella' l-ilma baħar b'arzella u jitfgħu ġo toqba fir-ramel: bħalma t-tfajjel ried jitfa' l-baħar kollu fit-toqba, hekk ukoll jagħmel dak il-kanonizzatur li jipprova joħloq lista komprensiva tal-aqwa xogħlijiet letterarji ta' kull żmien u post.

Għalkemm ma wettqitx l-istess żball ta' Bloom, Pascale Casanova wkoll issejjes l-argumentazzjoni teoretika tagħha fuq l-idea tal-universalità letterarja, għax tixtieq tinqata' mill-inkonxju letterarju li skontha huwa spiss dipendenti fuq il-perspettiva nazzjonali. F'*La république mondiale des lettres* tal-1999, li ħames snin wara ġie tradott f'*The World Republic of Letters*, hija tistqarr li riedet "tiskopri mill-ġdid id-dimensjoni trasnazzjonali mitlufa tal-letteratura" (xi). Il-perspettiva ta' Casanova tiċħad sa mill-bidu l-enfasi fuq l-awtonomija, u saħansitra l-eżistenza, ta' kanoni letterarji nazzjonali għaliex tħares lejn il-letteratura bħala "spazju letterarju internazzjonali jew bħala repubblika dinjija tal-letteratura" (xii) – pożizzjoni qrib ħafna ta' dik tat-teorista lokali Callus. L-idea ta' kanonu letterarju Malti tista' tiġi mminata u saħansitra eliminata jekk il-letteratura Maltija tfittex postha fil-kuntest letterarju internazzjonali. Skont Callus dan huwa possibbli għax il-letteratura Maltija taf tappella għall-qarrejja internazzjonali wkoll. F'"Maltese Literature in the Language of the Other," Callus jipprovdi riflessjoni fundamentali dwar x'jistgħu jkunu l-karatteristiċi distintivi tal-letteratura Maltija li jgħinuha toffri element innovattiv fil-kuntest tas-swieq internazzjonali. Huwa jitkellem fuq l-idea ta' "diżparteċipazzjoni" u fuq l-idea ta' letteratura mingħajr l-appartenenza għal nazzjon, jew "*nationlessness*," bħala żewġ kwalitajiet li jidentifikaw ix-xogħlijiet kontemporanji tal-kittieba Maltin (33). Dawn ix-xejriet partikolari jistgħu jiġbdu l-attenzjoni tal-qarrejja Maltin u barranin. Iżda l-proposta ta' Callus timplika li sabiex il-

letteratura Maltija ssib postha fis-suq internazzjonali trid tinkiteb bl-Ingliż, idea radikali msejsa fuq il-loġika li “letteratura minuri,” kif mifhuma minn Gilles Deleuze u Felix Guattari f’*Kafka: Toward a Minor Literature*, tista’ tafferma l-preżenza tagħha fis-swieq internazzjonali biss jekk issib postha f’letteratura maġġuri. Skont Callus, din l-idea ma tiffukax “daqstant fuq il-letteratura Maltija imma fuq Malta fil-letteratura” (35). Dan it-tip ta’ spostament fl-enfasi, li jixbah lil dak propost minn Casanova, jiskwalifika awtomatikament ir-rilevanza tal-eżistenza tad-“dinja inviżibbli” li fiha dejjem orbitaw il-kanoni letterarji nazzjonali (xii). Hekk, il-kunċett ta’ kanonu letterarju jisseddaq fil-fluwidità fundamentali tiegħu bil-konsegwenza li jkomplu jiċċajpru l-konfini diġà dubjuży tal-kanonu letterarju Malti. Waqt il-konverżazzjoni bejn Rushdie u Sant ħarġet id-differenza fil-preferenza tal-lingwa li jiktbu biha u kif din kienet il-fattur ewlieni li ddetermina n-natura tas-suq tal-letteratura tagħhom. Filwaqt li Rushdie għażel li jikteb bl-Ingliż flok bil-lingwa materna tiegħu, Sant ammetta li bl-Ingliż ma jistax jipproduċi kitba kreattiva; minflok, huwa juża l-Malti minkejja li huwa lingwa periferika li tillimita l-bejgħ tal-kotba tiegħu (“Salman” 00:22:20 - 00:22:45). Din l-istqarrija tixhed kif ġeneralment huwa diffiċli għall-kittieba Maltin li jinfatmu mil-lingwa materna biex isegwu l-proposta ta’ Callus u jesprimu rwieħhom bl-Ingliż, u dan minkejja li jgħixu f’eks kolonja Ingliża bħall-Indja fejn twieled u trabba Rushdie.

Is-sens ta’ fluwidità li joħroġ mill-kunċett tal-kanonu u tal-kanonizzazzjoni jiġi epitomizzat minn Casanova nnifisha meta tagħti rendikont tal-metamorfosi perpetwa tal-ġudizzji kritiċi mħaddma mill-Akkademja Żvediża li taġġudika l-Premju Nobel għal-Letteratura. Skont l-interpretazzjoni ta’ Casanova, “l-istorja tal-premju mill-bidu tiegħu tista’ titqies bħala tentattiv kontinwu biex jiġu żviluppati standards espliċiti ta' universalità,”

tentattiv li madankollu ħareġ fid-dieher in-natura mutabbli ta' dawn l-istandards (148). Casanova tibda tiddeskrivi l-perspettiva minimalista u monolitika li bdiet biha l-Akkademja – l-idea li l-aqwa xogħlijiet letterarji jridu jħaddnu "n-newtralità politika" u li tmur kontra l-mewġa nazzjonalistika f'diversi pajjiżi qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija. Ftit snin wara, dan ir-rekwiżit ġie mmodifikat sabiex il-Premju Nobel għal-Letteratura jingħata lil xogħol li ppromwova l-paċi. "L-ideal tal-paċi" sar għalhekk "valur artistiku suprem" li jirrispetta fedelment ix-xewqat espressi minn Alfred Nobel (Casanova 149). Aktar tard, l-Akkademja bdiet tqis bis-serjetà ir-rispons tal-pubbliku fil-konfront tax-xogħol letterarju. L-unanimità u l-aċċessibbiltà, li jimxu id f'id mal-eżiġenzi tas-swieq nazzjonali u internazzjonali, saru għalhekk il-kejl li bih tiġi ġġudikata l-letteratura dinjija. Wara l-1945, il-kanonizzazzjoni letterarja kif proposta mill-Akkademja kompliet iġġarrab tibdil meta l-kunċett tal-universalità beda jimplika "l-pijunieri tal-arti letterarja." Minflok is-suċċess fil-bejgħ bdiet tingħata attenzjoni l-idea tal-"klassiċi tal-futur," l-idea li l-aqwa xogħlijiet iridu jkunu innovattivi u avangardisti (Casanova 152). Dawn ir-riflessjonijiet ta' Casanova jseddqu l-idea li anke skont il-membri tal-bord tal-Akkademja Żvediża, li huma fost l-aktar ġudikaturi rrispettati fiċ-ċrieki letterarji, il-kunċett ta' kanonu jibqa' dejjem fluwidu minħabba din is-suġġettività tal-ġudizzji kritiċi li, fost l-oħrajn, tasal biex twarrab dak l-istess xogħol li sa ftit snin qabel kienet lesta biex teżaltah.

Apparti li l-ġudizzji tal-Akkademja Żvediżi huma malleabli, skont kif iddeskriviethom Casanova, huma jikkonfermaw il-fluwidità tal-idea tal-kanonu letterarju wkoll minħabba n-nuqqas ta' ċarezza bejn il-ġeneri artistiċi. Meta fl-10 ta' Diċembru 2016, l-anniversarju tal-mija u għoxrin sena mill-mewt ta' Alfred Nobel, l-Akkademja Żvediża ddeċidiet li tagħti l-

Premju Nobel għal-Letteratura lil Bob Dylan qamet kontroversja li qanqlet diversi mistoqsijiet, l-aktar dwar jekk il-kanzunetti ta' Dylan humiex parti mill-kanonu letterarju tal-Amerika u jekk kienx ġust li biex jiġi ppremjat kantant twarrbu diversi awturi letterarji rinomati. Fid-diskors tal-okkażjoni, il-kritiku letterarju Horace Engdahl li ddefenda din l-għażla qal li meta l-lirika ta' Dylan bdiet ħierġa fis-sittinijiet, "f'daqqa waħda, ħafna mill-poeżija pedantika tad-dinja tagħna bdiet tinħass anemika." Dylan ħareġ b'forma letterarja aġġornata u relevanti li appellat għall-ġenerazzjonijiet ta' żmienu. Engdahl kompla jirrifletti fuq kif iseħħu l-akbar bidliet fid-dinja tal-letteratura: "Spiss ikun xi ħadd li jaqbad forma sempliċi, injorata u skreditata bħala arti għolja, u jirnexxilu jittrasformaha." Huwa qal li Dylan ħa sehem fit-trasformazzjoni tal-poeżija għax "reġa' ta lill-poeżija l-istil elevat li ilu mitluf minn żmien ir-Romantiċi" (f'Connett u Thorpe). Mill-banda l-oħra, Anna North argumentat li meta l-kumitat tan-Nobel jagħżel li jagħti l-premju letterarju lil mużiċista jkun qed jitlef l-opportunità li jonora lill-kittieba" ("Why Bob Dylan"). U dan seħħ fi żmien delikat meta, kif implika Engdahl, il-letteratura m'għadhiex tappella bħal dari. Din kienet għal ħafna "għażla diżappuntanti" għal diversi raġunijiet: Dylan ma għandux bżonn aktar unuri, tant li hu stess kien sorpriż u ammetta li kieku xi ħadd staqsieh kemm kellu ċans jirbaħ dan il-premju, kien jgħidlu li kellu l-istess ċans li jimxi fuq il-qamar (Connett u Thorpe). L-għoti ta' premju letterarju prestiġjuż lil kantant flok lil kittieb jew kittieba kompla qanqal id-dibattitu dwar jekk il-premjijiet letterarji għandux ikollhom l-għan li jippromwovu l-konsum tal-kotba billi jenfasizzaw li l-letteratura għadha tgħodd bħala attività umana li jistħoqqilha l-għarfien u l-apprezzament ta' kulħadd.

F'"Thalassic Lessons: Pedagogical Aesthetics and the Mediterranean," Baldacchino jidher li qiegħed imur kontra l-idea ta' universalità jew ta' estetika komuni proposta minn Casanova. Huwa jsibha diffiċli biex jifhem kif diversi komunitajiet li jgħixu f'reġjun tant iddiversifikat bħalma huwa l-Mediterran ikollhom l-istess gosti estetiċi. Huwa jissuġġerixxi li jkun aħjar jekk niddikostruwixxu ("*unlearn*") l-idea sterjotipata ta' identità waħda u sħiħa li assimilajna sa issa. Dan l-approċċ li jirreżisti l-omoġenjità jista' jwassal ukoll għal riflessjoni rilevanti għad-dibattitu tal-kanonu letterarju u jqanqal dubji serji dwar l-eżistenza ta' kanonu letterarju li huwa attwalizzazzjoni diretta tal-idea li teżisti xi forma waħda ta' estetika kondiviża minn ħafna u li twassal għal għarfien ugwali u għal selezzjoni komuni tal-aqwa xogħlijiet letterarji. Baldacchino jemmen li l-"lingwaġġ ta' omoġenjità" kif diffuż mill-klassi elitista jhedded il-ħsieb liberu (104); din hija perspettiva li toqrob lejn dik tal-kritiċi "Xellugin" li jqisu lill-kanonisti "Leminin" bħala elitisti għax jippreferu lill-awturi rġiel Ewropej, bojod u mejtin (Bloom, *Western Canon* 7). Skont Baldacchino, il-Mediterranji, fosthom il-Maltin, għandhom joqogħdu b'seba' għajnejn minn din il-forma ta' indottrinazzjoni. Hu jemmen li f'kuntesti soċjali partikolari, "il-mit tal-omoġenjità" jibqa' b'saħħtu u jiddeskrivi sitwazzjoni idjosinkratika li trewwaħ dan il-ħsieb. Skontu, l-immigrazzjoni tista' tkun okkażjoni għal xi wħud biex iħaddmu ħsieb duwalitiku: l-idea kolonjali li dak kollu li ġej mil-"Lvant u min-Nofsinhar" huwa kaotiku għax mhuwiex strutturat, u l-idea li, allura, dan kollu li huwa għatxan għall-istruttura għandu jiġi strutturat jew, f'termini soċjopolitiċi, ikkolonizzat (104). Din il-mentalità patronizzanti tidher ukoll f'kostruzzjonijiet tal-Punent bħalma hija l-idea tal-kanonu letterarju. Hawn tinftiehem aħjar in-nomenklatura użata fix-xogħol klassiku ta' Bloom – *The Western Canon* – li minn ismu stess juri fejn qiegħda l-enfasi tad-djalettika

ewlenija dwar il-kanonu letterarju. Issa jekk l-idea tal-kanonu letterarju Malti hija msejsa fuq il-premessa li jsemmi Baldacchino ta' "mit impost ta' ordni u struttura" (104), dan jimplika li l-verżjoni awtentika tal-kanonu letterarju Malti ma teżistix ukoll.

Jekk jeżisti kanonu letterarju, skont Baldacchino ma huwa xejn ħlief "narrattiva ta' redenzjoni li timponi ruħha konxjament bħala l-għalliema finali" ("Thalassic Lessons" 104). Din l-osservazzjoni, għalkemm ma saritx b'referenza speċifika għall-kanonu letterarju, tista' tiġi applikata għalih ukoll għax il-kanonizzaturi, bħall-kolonizzaturi, jippruvaw jagħtu struttura lil dak li hu bla struttura. Is-sens ta' kondixxendenza ta' min jagħżel u jbarri jitħallat mal-element didattiku, spiss assoċjat mal-akkademja, biex jipprovdi struttura li mhijiex neċessarja. Baldacchino jikkwota lil Sartre li wkoll tkellem dwar l-ironija ta' kif l-istruttura tinħoloq minn attività li minnha nnifisha ma fihiex u ma tippretendix li jkollha struttura; fuq kollox, din l-attività jkollha ġġarrab il-konsegwenzi ta' dan l-istrutturar ("Thalassic Lessons" 104). L-osservazzjoni ta' Sartre, applikata għad-djalettika dwar il-kanonu letterarju, tissuġġerixxi li l-attività tal-kitba, tal-bejgħ u tal-qari tal-kotba ma għandha bżonn ebda forma ta' impożizzjoni ta' struttura omoġenja li tagħżel l-aqwa kitba letterarja.

Paradossalment, minkejja din l-argumentazzjoni li tiġġieled l-omoġenjità u li, b'konsegwenza, tista' fost l-oħrajn tnissel dubji dwar l-eżistenza tal-kanonu letterarju kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq dak internazzjonali, Baldacchino ma jeskludix il-possibbiltà li b'xi mod teżisti xi tip ta' struttura moħbija li, pereżempju, tgħaqqad flimkien in-narrattivi li jixhdu esperjenzi estetiċi mġarrba fir-reġjun tal-Mediterran. Hekk pereżempju, Friggieri, waqt li qiegħed jitkellem dwar xejriet partikolari preżenti fil-letteratura Maltija, jgħid li dawn "ilkoll jinftiehmu u jiksbu t-tifsira tagħhom fid-dawl tat-tradizzjoni kontinentali, u l-iżjed ta' dik il-

fergħa li tista' titqies reġjonali, Mediterranja" ("Daħla" 10). Baldacchino wkoll jitkellem dwar "kostrutti tal-Mediterran" u dwar "l-immaġinarju estetiku li jartikola l-konnettività." Iżda dan mhux neċessarjament ifisser li teżisti fattwalment l-istruttura li tgħaqqad fl-istess waqt li tqabbel u tagħżel l-aħjar xogħlijiet li biex jiġu ppreżentati f'dan l-iskambju ta' esperjenzi estetiċi "Mediterranji" ("Thalassic Lessons" 105).

Fid-daħla għal *Ifrixli Ħdanek Beraħ* ta' Galea, Friggieri jitkellem ukoll dwar il-fluwidità tal-movimenti letterarji f'Malta li timplika l-fluwidità tal-kanonu letterarju Malti. Kliem Friggieri jimplika li r-riga kanonika la tiddependi daqstant fuq ir-reġjun u lanqas fuq il-moviment li x-xogħol letterarju suppost li jappartjeni għalihom: "It-tibdil jinkludi r-ritorni, u dan hu l-punt li jista' jispjega għala anki fi tmiem is-seklu għoxrin jerġgħu jixirfu t-temi u l-forom li tul intevall fis-sittinijiet-sebgħinijiet donnhom dehru li mietu mewta naturali. Jekk dan kollu jkun inkwadrat fi ħdan l-istorja moderna tal-poeżija Mediterranja, is-sens u l-ġustifikazzjoni ma jdumux ma jinstabu" (10). Skont Friggieri, il-poeżiji ta' Galea ma jistgħux jidħlu f'garżella pulita li tagħlaqhom f'epoka waħda jew f'moviment letterarju wieħed; meta jitkellem dwar "ir-ritorni" ta' poeti kontemporanji bħal Galea, Friggieri jeżemplifika l-idea tal-fluwidità kanonika fil-kuntest Malti. Dak li kien moda darba, jista' jerġa' jiġi moda llum jew għada. Dak li għexieren ta' snin ilu tqies bħala letteratura kanonika, jista' maż-żmien jiġi mwarrab biex imbagħad jiġi perjodu li fih jerġa' jiġi apprezzat. B'konsegwenza ta' dan, jista' jkun li din is-suġġettività tal-ġudizzji kanoniċi tista' timmina l-eżistenza tal-kanonu letterarju nnifsu; jew jista' jkun ukoll li din is-suġġettività tikxef in-natura fundamentalment mutabbli tiegħu. Hekk, Friggieri il-kanonizzatur jista' jagħraf il-valur kanoniku ta' Galea mingħajr ma jikkonfinah skont sett ta' kriterji li jiskadu malajr minħabba l-immedjatezza tagħhom –

minkejja li Galea huwa “poeta żagħżugħ u ġdid,” skont Friggieri huwa “jidwi t-tradizzjoni daqskemm jassimilaha u jgħixha fl-ewwel persuna” (11). Tali viżjoni miftuħa tal-kanonu letterarju Malti tista’ tiddekostruwixxi l-idea magħluqa tal-kanonu letterarju Malti biex tibniha mill-ġdid f’kunċett aktar liberali. F’ittra mibgħuta lill-poeta Ġorġ Borg, Friggieri saħansitra jissuġġerrixxi espliċitament din il-viżjoni mwessgħa tal-idea tal-letteratura:

> Kemm nixtieq li l-letteratura titqies kollha bħala fenomenu wieħed, mhux Malti jew Grieg jew Franċiż jew Ingliż u l-bqija. Kemm hi kbira l-ħtieġa li, mela, il-letteratura Maltija titqies bħala fergħa żgħira ta’ siġra kbira, waħda. Kemm nixtieq li tmur din l-idea ħażina ta’ Malti, Malti, Malti u tidħol l-idea ta’ letteratura li hi, inċidentalment, imfissra bil-Malti għax f’Malta. (Borg, “Tertuqa” 24)

Għaldaqstant, il-fluwidità kanonika implikata mix-xena letterarja Maltija, aktar milli theddida, tista’ tiġi pperċepita bħala kwalità vantaġġuża li tillibera kemm lill-kanonizzaturi u lill-kittieba mill-irbit tal-limiti imposti minn fatturi ingumbranti bħal xi moviment letterarju speċifiku.

Attitudni bħal dik espressa minn Friggieri hija qrib ferm tal-kunċett ta’ universalità letterarja ppreżentata minn Casanova f’*The World Republic of Letters.* Pascale tipproponi l-idea liberali li hemm xogħlijiet letterarji li ma jistgħux jiġu kkonfinati f’kategorija riġida waħda jew f’kanonu nazzjonali wieħed: “Meta tqis ix-xogħlijiet letterarji fuq skala internazzjonali tiskopri aktar prinċipji ta’ kontigwità jew differenzjazzjoni li permezz tagħhom tista’ tassoċja xogħlijiet li normalment ma nqisuhomx bħala relatati u biex xi drabi tissepara dawk li normalment jinġabru flimkien; b'hekk joħorġu fid-dieher kwalitajiet imwarrba” (178). Bħalma Baldacchino u Friggieri tkellmu fuq xogħlijiet letterarji li nistgħu narawhom aktar bħala Mediterranji milli bħala Maltin biss, hekk ukoll Casanova tħoll xogħlijiet simili mill-obbligi

nazzjonali bil-konsegwenza li tħoll ukoll ir-riġidità tal-idea ta' kanonu letterarju li spiss tiġi assoċjata mal-letteratura ta' nazzjon wieħed. Għaldaqstant, il-"kontigwità" bejn ix-xogħlijiet tittraxxendi l-kanonu fis-sens dejjaq tal-kelma biex tikxef l-eżistenza ta' kanonu usa' jew "internazzjonali" li għandu natura aktar fluwida u miftuħa għall-aġġornament u "għall-iskoperta" mill-kanonu nazzjonali.

Iżda din il-fluwidità fix-xena letterarja għandha dimensjonijiet oħra li jistgħu jdaħħlu l-kredibbiltà tal-kunċett kanoniku fi sqaq skomdu. Il-kontroll minn forzi influwenti esterni fuq x'għandu u x'ma għandux jinqara ħafna drabi narawh bħala fattur li, filwaqt li jseddaq is-sens ta' fluwidità, jikkompromettі wkoll il-kredibbiltà fl-eżistenza tal-kanonu letterarju. Is-"sarima" u l-"għamad" li tkellem fuqhom Grima fl-artiklu "Ta' Min hi l-Letteratura Maltija?" fil-kuntest tad-dibattitu tal-formazzjoni tal-kanonu letterarju lokali, ifakkruna f'sitwazzjonijiet simili fuq livell internazzjonali li wħud minnhom ilhom li seħħu sekli sħaħ. *L-Indiċi tal-Kotba Projbiti*, maħruġ minn Papa Pawlu IV fis-seklu 16, huma fost l-aqwa eżempji ta' kif l-awtoritajiet spiss ikkontrollaw l-aċċess għall-kotba billi ħolqu kanonu suġġettiv li jaqdi direttament l-aġenda soċjali tagħhom.

Fl-2012, f'artiklu twil fil-gazzetta tal-gvern Russu *Nezavisimaya Gazeta,* Vladimir Putin ippropona lilu nnifsu bħala l-kanonizzatur li għandu jiddeċiedi x'għandhom jaqraw il-miljuni ta' studenti Russi fl-edukazzjoni formali tagħhom. Huwa ppropona li jitfassal "kanonu" ta' mitt ktieb tal-letteratura Russa li r-Russi għandhom jaqraw id-dar imma li xorta waħda għandhom jiġu eżaminati fuqhom permezz ta' esej jew kompetizzjonijiet. Putin ried jagħmel dan biex jimita lill-kanonu tal-Punent li skontu ġie addottat mill-universitajiet Amerikani fis-snin għoxrin tas-seklu 20. Il-ħolqien tal-kanonu Russu għandu l-għan li jnissel sens ċiviku u

għarfien u rispett lejn l-“identità Russa” (Nazaryan “Vladimir Putin”). Inevitabbilment, proposta bħal din fis-seklu 21 qanqlet reazzjoni kbira mill-kritiċi diretti ta’ Putin u minn dawk kollha involuti fid-dibattitu kanoniku fuq livell internazzjonali. Alexander Nazaryan, kittieb u ġurnalist prolifiku, fl-artiklu "Vladimir Putin would like you to read a book: Why his proposal for a 'Russian canon' is scary as hell," jikkummenta fuq kif l-istrateġija ta’ Putin li jrawwem “il-patrijottiżmu ċiviku” se twasslu biex jippromwovi ċerti xogħlijiet u jipprojbixxi oħrajn. Nazaryan jiddeskrivi din bħala “inġinerija soċjali permezz ta’ letteratura kkommissjonata mill-istat.” Din hija għalhekk manipulazzjoni politika diretta tal-letteratura għaliex toffri selezzjoni speċifika ta’ xogħlijiet u tippreżentahom bħala mudelli letterarji filwaqt li teskludi oħrajn.

Fl-Ingilterra nħolqot sitwazzjoni analoga għal dik Russa. Fl-2014 ġie rrappurtat li Michael Gove, is-Segretarju tal-Edukazzjoni fl-Ingilterra, intervjena direttament sabiex jimmodifika s-sillabu tal-GCSE skont il-gosti tiegħu. Antonia Molloy stqarret li Gove ried iwarrab b’mod partikolari r-rumanz *Of Mice and Men* mis-sillabu għax “vera ma jogħġbux.” Gove ried fuq kollox inaqqas drastikament il-letteratura Amerikana sabiex l-istudenti Ingliżi jiffukaw fuq il-letteratura Ingliża. Ir-rappreżentanti tal-bord ewlieni tal-eżamijiet magħruf bħala OCR (Oxford, Cambridge u RSA), qalu li fis-sillabu aġġornat skont ix-xewqat ta’ Gove, bejn 70 u 80 fil-mija tal-kotba huma mill-kanonu Ingliż (“Michael Gove ‘Axes’ American Classics”). Dwar dan il-każ ikkummenta wkoll ir-rumanzier tal-fantaxjenza Graham Joyce: għalih dan ifisser li bniedem wieħed waħdu kapaċi jagħmel din “il-ħsara” kollha fil-kuntest letterarju (Flood “Thousands Call for Michael Gove to Go”). Ir-riflessjoni ta’ Joyce tfakkarna wkoll fil-fraġilità tal-kanonu letterarju u fin-natura fluwida u malleabbli tiegħu. Xi ħadd f’pożizzjoni influwenti bħal Gove, li l-awtorità tiegħu hija biss politika u mhux letterarja, jista’

faċilment jimmanipula l-kanonu letterarju billi jagħġnu skont il-preferenzi letterarji tiegħu billi jsawwar sillabu li jistudjawh mijiet ta' eluf ta' studenti.

Lola Okolosie tissuspetta li din l-attitudni preskrittiva hija msejsa fuq l-aġenda politika u kulturali ta' min irid itaħħat kultura biex joħloq il-wisa' għal kultura oħra: "Il-kanonu minn dejjem kien entità ideoloġika. L-impożizzjoni tal-perspettiva monokulturali u tradizzjonali tal-kanonu tittrażmetti sett ta' ideali politiċi li ilhom li skadew. Dan is-sigriet għandna naqsmuh ma' Gove qabel ikun tard wisq" ("Michael Gove's Monocultural Version"). Bħalma jagħmlu l-esponenti ta' dik li Bloom isejjaħ "l-iskola tar-Risentiment" (*Anxiety of Influence* xvii), Okolosie tirriduċi l-kanonu għal forma ta' attwalizzazzjoni ta' ideoloġija oppressiva ta' grupp li jrid jomoġenizza l-letteratura skont l-interessi tiegħu. Kliem Okolosie jikkundanna l-attitudni elitista ta' kanonizzaturi bħal Bloom u bħal Gove li, minkejja l-intenzjonijiet tajbin li jista' jkollhom, ikomplu jheddu l-kredibbiltà tal-kanonu letterarju bħala entità li l-funzjoni ewlenija tagħha hi li tassisti u mhux ixxekkel l-ħajja tal-bniedem.

F'"Middle School Reading Lists 100 Years Ago vs. Today," Annie Holmquist tagħmel eżerċizzju interessanti ta' tqabbil bejn il-kotba kkanonizzati mis-sillabi tal-iskejjel Amerikani fuq medda ta' seklu. L-osservazzjonijiet tagħha juru tendenzi li huma qrib ta' dawk li jidhru fis-sillabi tal-letteratura f'Malta. Fost l-oħrajn, Holmquist tosserva kif il-listi ta' sillabi riċenti jinkludu l-aktar kotba li ġew ippubblikati fl-aħħar għoxrin sena, f'kuntrast mal-listi ta' qabel li inkludew kotba li ġew ippubblikati sa mitt sena qabel. Hija tinnota wkoll kuntrast tematiku: il-kotba studjati mit-tfal ta' qabel kienu jittrattaw aktar l-istorja tal-pajjiż, b'mod speċjali dawk li jinkludi referenzi għall-formazzjoni tal-kultura Amerikana u dik tal-Punent; il-kotba fl-iskejjel ta' mitt sena wara aktar iffukaw fuq temi politiċi u kulturali kurrenti, bħat-theddida tat-

Taliban, il-klonazzjoni, l-immigrazzjoni, id-drogi u t-tema taż-żgħożija mqallba. F'Iista partikolari riċenti ddaħħlu żewġ kittieba kanoniċi biss, filwaqt li l-maġġorparti tal-kittieba kienu riċenti. Tendenza bħal din tinħass ukoll fis-sillabu tal-Malti fil-livell postsekondarju li daħal fis-seħħ fis-sena 2019 u li jitfa' l-attenzjoni tal-istudenti fuq kittieba riċenti bħal Trevor Żahra u Simone Galea filwaqt li jwarrab dawk diġà meqjusa bħala klassiċi tal-letteratura Maltija bħal Dun Karm. Il-preżenza ta' *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici aktarx hija intenzjonata biex tikkoreġi parzjalment dan l-iżbilanċ li Holmquist innutat ukoll fil-listi Amerikani. Konsiderazzjonijiet bħal dawn huma prova ulterjuri tal-fluwidità kanonika; il-kanonu huwa faċilment malleabbli għax jiġi mmodifikat xi drabi abbażi ta' x'jiddeċiedu l-ftit, xi drabi l-ftit membri tal-bord responsabbli mill-ħolqien ta' sillabu ġdid tal-letteratura għall-iskejjel. Dan ma jfissirx li l-ġudizzji ta' tali membri jkunu purament imsejsa fuq gosti personali; il-proċess konjittiv ta' kanonizzaturi bħal dawn spiss jirrifletti l-esigenzi tal-mument. Id-deċiżjonijiet kanoniċi meħuda mill-bord li ppropona s-sillabu tal-postsekondarja tal-2019 jistgħu jiġu ġġustifikati f'termini soċjoloġiċi għax irrispettaw il-bżonn, kif skont Holmquist ġara wkoll fl-Amerika, li l-letteratura tappella aktar għall-qarrejja żgħażagħ billi tkun viċin tagħhom tematikament u stilistikament. Madankollu, dan ma jimplikax li tali deċiżjonijiet kanoniċi huma neċessarjament ideali. Skont kritiċi lokali, bħal Stephen Bonanno li se jiġi kkwotat aktar 'il quddiem, l-element topiku preżenti fix-xogħlijiet letterarji u apprezzat minn kanonizzaturi bħal dawk implikati fl-istudju ta' Holmquist huwa kwalità li ddgħajjef il-letterarjetà; dan ifisser li fl-għażliet tagħhom, kif iddiskutejt fir-raba' kapitlu, il-kanonizzaturi jħaddmu kriterji li xi drabi jmorru lil hinn mill-estetika sabiex jaqdu esiġenzi oħra.

Id-demokratizzazzjoni tal-proċess formattiv tal-kanonu letterarju tista' wkoll tixħet aktar tiben fuq in-nar li jxejjen konċettwalment l-eżistenza tal-kanonu nnifsu. Din ix-xorta ta' demokratizzazzjoni, imfassla fuq il-ġudizzju binarju tal-preferenzi tal-akkademja u dawk tal-pubbliku, tista' għalhekk tikkontribwixxi wkoll għall-perċezzjoni tan-natura fluwida tal-istess kanonu. L-aspett duwalistiku tal-proċess ġudikattiv jissejjes fuq bilanċ jew kunflitt bejn l-għażliet esperti u l-għażliet popolari, b'żewġ naħat li, minkejja li jistgħu jimmiraw għall-oġġettività, xorta huma influwenzati minn suġġettività inevitabbli. Apparti l-mażżra tas-suġġettività, il-ġudizzju binarju ġieli joffri stampa konfuża lil min jixtieq isegwi xi forma ta' gwida biex jagħżel il-prodott artistiku li jixtieq jikkonsma. Gwidi li joffru ġudizzju binarju bħal dan, anke fil-kuntest ta' oqsma analogi għal-letteratura bħaċ-ċinema, ngħidu aħna s-sit *rottentomatoes.com*, jistgħu jipprovdu żewġ ġudizzji inkongruwenti, tant li l-persuni li jikkonsultaw is-sit jispiċċaw jikkonsolidaw, flok inaqqsu, id-dubju tagħhom. Meta, ngħidu aħna, l-utenti tas-sit ifittxu film bħal *Venom* tal-2018, isibu ġudizzju tal-esperti ċinematografiċi jew "*tomatometer*" li jimmarka 29% u ġudizzju popolari jew "*audience score*" li jimmarka 81% ("Venom"). Ġudizzji daqshekk kuntrastanti li kważi huma dijametrikament opposti, jistgħu jxejnu l-iskop primarju ta' siti simili li jiggwidaw lill-utenti tagħhom fl-għażliet tagħhom. Jekk dan jiġi applikat għall-kuntest tal-kanonu letterarju – ukoll intiż biex iservi ta' gwida għall-qarrejja li qegħdin jiddixxernu liema ktieb se jaqraw u liema se jwarrbu – tista' tinħoloq sitwazzjoni analoga ta' diskrepanza li tinvalida l-iskop tal-eżistenza, imqar tal-idea, ta' kanonu letterarju. Gwida li tiżvijjak flok tiggwidak, aħjar li ma teżistix għax kif jgħid il-Malti: "Xemx li ma ssaħħanx, aħjar il-bard ta' Jannar minnha." Hekk, id-dimensjoni utilitarja tal-kanonu letterarju tixxejjen awtomatikament bir-riskju li tħassar l-idea nnifisha ta' kanonu

bħala mekkaniżmu prattiku, neċessarju u effiċjenti. Ġudizzju diskrepanti bħal dak ikkwotat minn *rottentomatoes.com*, jista' faċilment itellef il-fiduċja tal-konsumaturi li jispiċċaw iħossu li ma għandhom jikkonsultaw ebda gwida qabel jagħżlu l-prodott artistiku.

Il-ġudizzji kunflinġenti li joffru l-mekkaniżmi kanoniċi taċ-ċinema huma komparabbli ma' dawk offruti fil-kuntest letterarju. Lincoln Michel jitkellem dwar ir-riċensjonijiet kuntrastanti ta' *The Infernal*, ir-rumanz sperimentali ta' Mark Doten dwar il-gwerra fl-Iraq. Fost l-oħrajn, Michel jiddeskrivi ġudizzju elitista li jillimita l-qari ta' dan ir-rumanz għall-kategorija kolta ta' qarrejja, magħmula fost l-oħrajn mill-"professuri tal-letteratura" ("There's No Such Thing"). L-esej ta' Michel jimplika li riċensuri, jew allura kanonizzaturi, ta' dan it-tip iktar jistgħu jostakolaw milli jiffaċilitaw il-ħajja tal-qarrejja. Din l-ironija kanonika hija assoċjata mill-qrib mal-kunflitt perenni bejn "il-letteratura għolja" u "l-letteratura baxxa" li tkellem fuqhom Swirski u li konsegwentement ħoloq it-terminu għall-kategorija tal-"letteratura la għolja la baxxa" (*From Lowbrow* 10). Mill-banda l-oħra, xi drabi l-qarrejja nfushom iġorru l-ħtija ta' ġudizzji foloz li jassimilaw bla ebda reżistenza mingħand il-kanonizzaturi imponenti. Alexis Kleinman tikkritika lil dawk il-qarrejja li minħabba din ix-xorta ta' influwenza inkonxja jgħidu li qraw diversi kotba rinomati u li biddlulhom ħajjithom meta fil-verità jkunu qraw kotba oħrajn. Kleinman tgħid li flok b'sens ta' dover servili jistqarru li qraw kotba bħal *One Hundred Years of Solitude* u *Ulysses*, għandhom jikxfu l-verità billi jgħidu li qraw *Fifty Shades of Grey* u *The Hunger Games* ("Stop Lying"). Hekk l-idea nnifisha tal-kanonu tista' saħansitra tostakola l-istampa veritiera ta' x'qiegħed jinqara tassew bil-konsegwenza li ċ-ċaħda tal-eżistenza tal-idea nnifisha tal-kanonu letterarju tista' mill-banda l-oħra tħalli effetti benefiċi fuq il-qarrejja u fuq min jistudja l-preferenzi tagħhom, bħall-

pubblikaturi, id-distributuri u forsi l-kittieba wkoll. L-argument ewlieni tal-artiklu ta' Kleinman jimplika li jekk il-kanonu letterarju ma jeżistix, ħadd ma jħossu obbligat jiftaħar li qara "l-klassiċi" meta fil-fatt ikun qara "kotba popolari" ("Stop Lying").

5.2 Il-Possibbiltà ta' Kanonu Letterarju (f'Mikrokożmu)

F'*The World Republic of Letters,* Casanova tarrikkixxi d-djalettika dwar ir-realtà globali tal-letteratura ddominata minn kunflitti perenni:

> L-ispazju letterarju mhuwiex struttura immutabbli, ankrata darba għal dejjem fil-ġerarkiji u fir-relazzjonijiet ta' poter. Imma anke jekk id-distribuzzjoni inugwali tar-riżorsi letterarji tiggarantixxi l-persistenza ta' forom ta' dominazzjoni bħal dawn, l-ispazju letterarju huwa wkoll sors ta' ġlieda bla waqfien, ta' sfidi quddiem l-awtorità u l-leġittimità, ta' ribelljonijiet, ta' insubordinazzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, ta' rivoluzzjonijiet li jbiddlu l-bilanċ tal-poter letterarju u jirranġaw il-ġerarkiji eżistenti. F'dan is-sens, l-unika storja ġenwina tal-letteratura hija dik li tiddeskrivi r-rewwixti, l-attakki fuq l-awtorità, il-manifesti, l-invenzjonijiet ta' forom u ta' lingwi ġodda – is-sovverżjonijiet kollha tal-ordni tradizzjonali li, ftit ftit, jaħdmu biex tinħoloq il-letteratura u d-dinja letterarja. (175)

L-ottika ta' Casanova timplika wkoll il-fluwidità anzjuża tad-"dinja letterarja" li fiha torbita l-idea tal-kanonu. Għaldaqstant, għal Casanova, il-kanonu letterarju ma jistax jitqies biss fis-sens dejjaq tiegħu; jekk se naċċettaw l-idea tal-kanonu, irridu nifhmuha biss bħala struttura mutabbli, struttura li paradossalment issir interessanti biss jekk tibqa' toffri arena ta' kunflitti

diversi. Hekk, pereżempju, Casanova titkellem fuq kif il-kanonu Ingliż xekkel l-iżvilupp letterarju tal-kittieba Irlandiżi minħabba l-perċezzjoni riduttiva tal-idea tal-kanonu letterarju. Skont Casanova, il-konfini nazzjonali assoċjati mal-kanonu jistgħu jkunu biss ta' detriment għall-idea nnifsha ta' kanonu letterarju (190).

Iżda l-idea ta' kanonu letterarju mhijiex ovvja; hemm min saħansitra jqisha anakronistika. Martin Ryle jistqarr li llum il-ġurnata "l-fruntieri tal-kanonu ċċajpru jew tfarrku" minħabba d-dixxiplina tal-istudji kulturali li tipproponi li xogħlijiet li jappartjenu għall-kultura popolari qed nanalizzawhom flimkien max-xogħlijiet kanoniċi ("Long Live Literature"). Imbagħad hemm diversi ħassieba parteċipi fid-dibattitu internazzjonali dwar il-kanonu letterarju li jemmnu li l-kanonizzaturi għandhom il-jedd iżidu mal-kanonu letterarju abbażi tal-premessa li kull xorta ta' kitba letterarja għandha tingħata attenzjoni kritika u, b'konsegwenza, għandha potenzjal kanoniku.

Mill-banda l-oħra hemm min jemmen li l-idea tal-kanonu letterarju mhijiex biss possibbli imma hija wkoll indispensabbli. Filwaqt li l-istudji kulturali jagħżlu li jwarrbu t-twemmin li funzjoni ewlenija tal-arti hi l-kritika soċjali, Kolbas jemmen li "l-arti tiġġudika lis-soċjetà bħalma s-soċjetà tiġġudika lill-arti" (142). Huwa jisħaq li jekk ma nagħrfux l-awtonomija estetika tal-kitbiet letterarji bħala żvilupp storiku fiha nnifisha, apparti li kollox jista' jidħol fil-kanonu letterarju, il-letteratura tissogra li titlef il-potenzjal kritiku u t-tifkira tas-sofferenza umana, bħala l-aqwa emozzjoni li magħha hi marbuta intrinsikament. Għal Kolbas, dawn it-tendenzi jirrappreżentaw ir-ratifikazzjoni istituzzjonalizzata tal-kollass tal-ġudizzju estetiku u kritiku tal-arti (122). Is-soċjetà tal-lum qed tissagrifika l-awtonomija tal-arti biex tippromwovi l-idea tal-arti bħala komodità – għalhekk il-kanonu letterarju qed jitqies

biss bħala idea frivola u mhux bħala idea storika. Il-pożizzjoni tal-qasam tal-istudji kulturali li għandna nneħħu d-distinzjoni bejn xogħlijiet kanoniċi u popolari hi ideoloġika għaliex is-soċjetà nnifisha għadha ddominata bi sħiħ mill-inugwaljanza materjali u mill-privileġġi soċjali, ekonomiċi u edukattivi. Għaldaqstant, Kolbas jisħaq:

> il-kanonu tal-'arti għolja' jibqa' validu – anzi indispensabbli – għaliex jipprovdi alternattivi kwalitattivi, u mhux konċessjonijiet, kemm għar-razzjonalità pragmatika dominanti tad-dinja amministrata u l-idea kwantitattiva tagħha tad-demokrazija, kif ukoll għar-relazzjonijiet soċjali antagonisti mkebbsa mill-kapitaliżmu u mill-ideat borgiżi tal-libertà. (123)

Skontu, it-teorija kritika tikxef il-falsità ta' min irid jiċħad il-kanonu letterarju imma fl-istess ħin irid jippreserva l-privileġġi ta' gruppi ta' nies li jinkludu l-artisti professjonali u l-kritiċi speċjalizzati.

Il-kittieb Galizjan Miro Villar, meta ġie intervistat minn Stephen Cachia, tkellem fuq ix-xebh li hemm bejn is-sitwazzjoni soċjolingwistika tal-Galizja u dik ta' Malta. Villar qabbel il-qagħda tal-ilsien Galizjan ma' dik tal-ilsien Malti meta stqarr li "ż-żewġ ilsna huma meqjusin ftit jew wisq tat-tieni klassi fit-territorju tagħhom stess u jridu jħabbtuha ma' ilsna li huma wisq iktar importanti madwar id-dinja: l-Ispanjol u l-Ingliż" ("Intervista" 90). Tali osservazzjoni ġġorr implikazzjonijiet li jolqtu mill-qrib ix-xena letterarja tal-komunità: kemm fil-kuntest letterarju Galizjan kif ukoll f'dak Malti, it-theddid imminenti fuq il-lingwa jimplika theddid imminenti li jinħass fil-letteratura u fid-djalettika kollha marbuta magħha, inkluża dik dwar il-formazzjoni tal-kanonu letterarju fost il-membri tal-komunità li għandhom il-ħila jitkellmu, jaqraw u jiktbu bil-lingwa indiġena. Sjón, kittieb Iżlandiż rebbieħ ta' diversi premji letterarji,

meta intervistat minn Gatt waqt il-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta fl-2018, wera wkoll li huwa konxju mil-limitazzjonijiet li jirristrinġu l-idea ta' kanonu letterarju f'kuntest ta' komunità letterarja ċkejkna bħalma hija dik tal-Iżlanda. Waqt l-intervista Sjón osserva l-analoġiji bejn il-letteratura ta' pajjiżu u dik Maltija: it-tnejn huma żgħar bid-differenza li l-letteratura Iżlandiża għandha tradizzjoni ferm itwal għax tmur lura sas-sagas tas-seklu 13. Il-letteratura Iżlandiża ngħatat attenzjoni internazzjonali meta fl-1955, Halldór Laxness ingħata l-Premju Nobel għal-Letteratura. Sjón juża dan l-avveniment biex jagħmel punt dwar il-possibbiltà li letteratura żgħira tkun letteratura li ħaqqha rikonxximent: kittieb ta' statura bħal Laxness jista' jitwieled f'kanonu żgħir. Wara kollox, "il-letteratura ma tinkitibx min-nazzjonijiet iżda minn individwi" ("Festival"). Huwa saħansitra jara sens ta' valur miżjud fil-letteraturi ż-żgħar: skontu, dawn il-letteraturi huma essenzjali għall-futur imwiegħer.

Sjón imur lil hinn mid-diskussjoni dwar jekk hijiex possibbli l-eżistenza ta' kanonu ta' letteratura żgħira għax jemmen li n-nies li għandhom lingwa u letteratura żgħira bħal dawk fil-gżejjer tal-Iżlanda u ta' Malta huma n-nies li sawru l-esperjenza tas-sopravivenza ("Festival"); għaldaqstant, f'xenarju distopiku tal-futur, kif pinġietu Vella f'*Rokit*, il-letteratura ta' dawn il-popli żgħar, mhux biss hija possibbli imma tista' tkun ukoll utli. Fil-ħarġa speċjali ta' *antae* dwar is-sitwazzjoni tal-arti f'Malta, Sant jinħass li qiegħed jaqbad fil argumentattiv qrib dak li qabad Sjón. Meta mistoqsi jekk teżistix il-lettetarura Maltija, Sant wieġeb: "Il-letteratura Maltija għandha r-rekwiżiti kollha biex iżżomm il-qarrejja interessati u impenjati, biex tiftħilhom it-tifsiriet differenti dwar il-ħajja li ngħixu jew li għexu. Imma jien nissuġġerixxi li din għandha tiġi 'kkonsmata' flimkien ma' kitbiet ġejjin minn barra, jekk xejn, biex ittejjeb l-impatt u t-tifsira tagħha" ("Juggling between Different Versions" 149). Hekk l-idea ta' kanonu

letterarju ta' pajjiż żgħir issir aktar possibbli meta titqies fil-kuntest usa' tal-eżistenza ta' kanonu jew kanoni akbar. Kliem Sant jirrifletti l-moviment lejn l-istudju tal-letteratura f'kuntest ta' "letteratura dinjija" kif issuġġeriet Casanova, lil hinn minn dik li hi strettament letteratura nazzjonali; din ir-rijorjentazzjoni fil-perspettiva tista' tkun ta' benefiċċju għas-sopravivenza ta' letteratura ċkejkna.

Callus jistqarr li "l-kitba Maltija tissorprendi lilha nnifisha bl-eżistenza tagħha" – stqarrija li tista' titfa' f'beraħ ta' inċertezza l-possibbiltà nnifisha tal-eżistenza tal-kanonu letterarju Malti. Bħal fil-każ ta' letteraturi żgħar jew "minuri," bħal dawk tal-Galizja, tal-Iżlanda u tal-Islovenja, l-idea ta' kanonu Malti tista' tidher biss bħala illużjoni. U anke jekk l-idea ta' kanonu letterarju Malti tista' tikkonkretizza ruħha, skont Callus, barra minn xtutna hemm "nuqqas ta' twemmin li l-kitba Maltija jista' jkollha preżenza fil-Letteratura Dinjija" ("Incongruity"). Dan ix-xettiċiżmu jkompli jxekkel il-possibbiltà ta' kanonu letterarju Malti għaliex saħansitra jxejjen għan ewlieni tal-formazzjoni ta' kanonu: l-għan li l-qarrejja barranin jagħrfu liema huma l-aqwa xogħlijiet letterarji tal-komunità Maltija. Ix-xettiċiżmu jieħu sura oħra fi kliem Bonanno li implika li f'ċerti aspetti, il-letteratura Maltija ma tistax titqies kanonika għax ma laħqitx l-aspettattivi letterarji milħuqa minn letteraturi oħrajn. Iżda l-kanoniċità mhux milħuqa tibqa' moħbija b'ċertu sens ta' omertà mill-kritika lokali:

> Li fil-letteratura Maltija r-rumanz ma rnexxilux jilħaq il-qċaċet li laħqet il-poeżija b'ċerta konsistenza hija verità li għalkemm tinħass minn bosta, tingħad jew tinkiteb ftit li xejn. Imqiegħed f'qafas Ewropew il-ġeneru tar-rumanz Malti ma jinħassx biss lura kemm teknikament kif ukoll tematikament, iżda saħansitra xott minn xogħlijiet ta' kwalità. (9)

Bonanno jattribwixxi dan il-falliment kwalitattiv għall-fatt li r-rumanziera Maltin baqgħu marbutin wisq f'kitbiethom mar-realtà soċjopolitika ta' pajjiżhom kif jixhdu rumanzi riċenti bħal *Kapitali* ta' Wayne Flask, *Patria* ta' Gabriel Schembri u *Castillo* ta' Clare Azzopardi. Irrispettivament mir-raġuni jew raġunijiet speċifiċi għala dan il-ġeneru ma laħaqx il-livell meħtieġ ta' letterarjetà, l-osservazzjoni ta' Bonanno timplika wkoll li l-possibbiltà ta' kanonu letterarju fil-kuntest lokali hija jekk xejn diskutibbli minkejja li kif qal huwa stess dwar dan kważi ħadd mill-kritiċi l-oħrajn ma jikkummenta.

Fil-kitbiet ta' natura kritika li jfeġġu sporadikament fix-xena letterarja lokali, xi drabi jissemma l-kanonu, anke b'mod espliċitu. Din it-terminoloġija tista' tkun xhieda li l-eżistenza tal-kanonu letterarju Malti hija diġà assimilata konjittivament minn bosta. Immanuel Mifsud, f'kummentarju li akkumpanja l-ewwel antoloġija poetika ta' Galea *Xi Drabi Mqar Persuna*, juża "lista" bħala sinonimu ta' "kanonu": "Imbagħad trid tittieħed konsiderazzjoni tal-fatt li Simone Galea, b'dan ix-xogħol qiegħda tniżżel isimha mal-lista ta' kittieba, li għal żmien twil kienet iddominata mill-irġiel" ("Meta Tistedinni Niġi Miegħek għall-Festa" 61). Xi drabi jissemma direttament "il-kanonu letterarju Malti" kif seħħ fl-artiklu ta' Ramona Depares dwar Lillian Sciberras, "The Doyenne of Maltese Literature" (37). Il-kritiku letterarju anonimu ta' *themaltesereader.wordpress.com* spiss juża espliċitament it-terminu "kanonu" waqt li jiddiskuti s-sehem li x-xogħlijiet analizzati għandhom fil-kuntest usa' tal-letteratura lokali. Fi tliet okkażjonijiet partikolari saħansitra jirreferi għall-kanonu lokali b'mod speċifiku bħala "l-kanonu Malti" jew "il-kanonu letterarju Malti." Fil-kummentarju dwar *Gramma* ta' Leanne Ellul jikteb li " l-letteratura Maltija kontemporanja qiegħda inkonxjament ixxerred fil-kanonu traċċi ta' Malta li qed tgħib malajr," b'referenza għal toponomi lokali bħall-"venda tal-Ħalib"

u t-“Tieqa tad-Dwejra,” li għalkemm jissemmew f’rumanz riċenti, diġà saru biss parti mill-memorja kollettiva (“Gramma (Leanne Ellul, 2015)”). Din il-laqta Maltija fin-narrattiva, li skont Callus hija element fundamentali għal-letteratura lokali (“Incongruity”), hija wkoll evidenti fir-rumanz *Lucy Min?* ta’ awtriċi emerġenti oħra. Il-kritiku anonimu ta’ *themaltesereader.wordpress.com* josserva kif ma’ dan l-element essenzjali, Lara Calleja jirnexxilha żżid element ieħor pjuttost nieqes fix-xena letterarja lokali:

> Fil-biċċa l-kbira, Calleja hija preokkupata bil-maturazzjoni sesswali ta’ Lucy osservata minn numru ta' lentijiet, bħall-ħbiberija, li tkun Maltija u li tgħix f'Malta, u s-sens ta’ libertà tagħha. Id-deskrizzjonijiet sesswali huma realisitiċi, mogħtija b’onestà li tinsab fil-qalba tar-rumanz. Ma jistax ma jiġix enfasizzat kemm hija essenzjali kitba bħal din għall-kanonu Malti, u kemm il-letteratura tagħna hija mixtieqa minn kitba bħal din. (“Lucy Min? (Lara Calleja, 2016)”)

Hawn il-kritiku jqis il-“kanonu Malti” bħala l-korp rappreżentattiv tal-“letteratura tagħna” u jistenna li l-firxa rappreżentattiva tiegħu tkun simili għal dik ta’ kanoni oħrajn. Meta jikteb dwar *Castillo*, ir-rumanz tal-awtriċi stabbilita Azzopardi, il-kritiku ta’ *themaltesereader.wordpress.com* jasal biex jiffantasizza dwar kif il-kitba ta’ awtriċi fittizja maħluqa minn Azzopardi, għandha hi wkoll tkun parti mill-“kanonu letterarju Malti”: “Tabilħaqq, iddispjaċieni li l-awtriċi K. Penza qatt ma eżistiet għax minħabba f’hekk il-kanonu letterarju Malti huwa ifqar.” Il-kritiku letterarju ta’ *themaltesereader.com*, li minkejja l-anonimità tiegħu (jew tagħha) jista’ jitqies ukoll bħala kanonizzatur Malti fix-xena letterarja attwali, jinħass li qiegħed jitħaddet b’tant faċilità dwar “il-kanonu letterarju Malti” donnu għalih l-eżistenza tiegħu hija stat ta’ fatt. Fil-kummentarju kritiku dwar *Tħabbat Xtaqtek?*

huwa jagħraf ukoll liema kwalitajiet letterarji, speċjalment dawk il-kwalitajiet esposti mit-teorija tar-rispons tal-qarrejja, huma "rari" fih:

> Dan huwa tabilħaqq ktieb rari fil-kanonu letterarju Malti. Il-kitba agonizzanti imma galbata wasslitni biex inħoss xewqa qawwija biex ngħannaq lill-kittieb, paternalment jew bħala ħabib tajjeb, u nfesfes f'widnejh li kollox se jkun OK. Imma nissuspetta li kieku dan iseħħ, dak li jiġri verament ikun li f'nofs it-tgħanniqa tagħna nkun jien li niddispra u jkun hu li jsefsifli f'widnejja li kollox se jkun OK. Huwa dak it-tip ta' ktieb, għajn ta' wens u tagħlim anke meta ma tintebaħx li qed ikun hekk." ("Tħabbat")

B'implikazzjoni, dan il-kanonizzatur jara l-kanonu letterarju Malti bħala ġabra ta' xogħlijiet preġjati b'xi wħud minnhom li bħall-ktieb ta' Galea huma saħansitra superjuri għall-bqija tal-kotba li ħaqqhom post f'dan l-ispazju ristrett. Iżda l-għażla varjata imma limitata tal-kotba li huwa jagħżel li jinkludi fis-sit tiegħu, li apparti *Tħabbat Xtaqtek* tinkludi kotba bħal *Bormla Babes*, ma tissuġġerix awtomatikament li dawn ix-xogħlijiet huma l-iprem eżemplifikazzjoni tal-letteratura Maltija. Aktarx li dan il-kritiku anonimu ried aktar jipprovdi kampjuni varjati li jirrappreżentaw firxa wiesgħa ta' letteratura li, għalkemm minuskola meta mqabbla ma' letteraturi oħrajn, fiha sfumaturi differenti.

Minkejja li r-reġistru kanoniku qabad dieħel ġmielu, il-possibbiltà tal-eżistenza ta' kanonu letterarju f'mikrokożmu bħalma huwa l-kuntest lokali tibqa' xorta waħda dibattibbli. Iċ-ċokon fiżiku tal-pajjiż jamplifika l-limitazzjonijiet fix-xena letterarja tiegħu fejn il-kanonizzaturi jista' jkollhom influwenza akbar għax huma eqreb; it-tbagħbis arbitrarju fil-kanonu letterarju huwa prassi li mhijiex ikkonfinata f'pajjiż wieħed jew tnejn. Jekk inqabblu dak li jiġri fil-kuntest Malti ma' dak li semmejt li jiġri f'pajjiżi bħar-Russja u bħall-Ingilterra,

nistgħu napprezzaw il-fatt li lokalment l-indħil fil-proċess tal-formazzjoni tal-kanonu letterarju għall-inqas isir ġeneralment minn akkademiċi li huma professjonisti fis-settur u mhux mill-politiċi sajma minn għarfien tas-suġġett. Iżda fil-kuntest letterarju Malti, bħal f'letteraturi oħrajn, l-id influwenti tal-kanonizzaturi tista' xi drabi tinħass qawwija żżejjed tant li tirrendi dubjuża l-kredibbiltà tal-idea tal-kanonu letterarju Malti. It-twemmin fl-eżistenza ta' proċess ġust ta' kanonizzazzjoni jiċċajpar minħabba l-interventi diretti ta' personaġġi letterarji influwenti bħal Dun Karm u Aquilina – l-epitomija ta' manipulaturi primi fil-proċess formattiv tal-kanonu Malti. It-ton innifsu ta' Aquilina fil-kitba ta' daħliet kritiċi bħal "Il-Poeżija ta' A. Cuschieri" huma xhieda biżżejjed tal-mentalità paternalistika tal-kanonizzaturi Maltin tal-epoka:

> Fil-ktieb tiegħi *Studji Kritiċi Letterarji* stampat fl-1949 hemm isem nieqes, l-isem ta' poeta li, fl-aqwa tiegħu, iħabbatha ma' Dun Karm u ħafna drabi jilħaq spalla ma' spalla miegħu. Dan huwa l-Professur A. Cuschieri O.C. li l-poeżiji tiegħu ilhom magħrufin fost l-istudjużi tal-Malti bis-saħħa tal-*Muża Maltija* li jiena ħriġt l-ewwel darba fis-sena 1948. Ma daħħaltux fl-*Istudji Kritiċi Letterarji* għax ma kenitx għadha saret il-ġabra tal-poeżiji tiegħu kollha. Issa li saret din il-ġabra stajt nifraħ lili nnifsi, biex ingħid hekk, li għalkemm ħafna mill-poeżiji ġodda ta' dan il-ktieb ma kontx naf bihom qabel, madankollu Cuschieri ma batiex miegħi għaliex il-poeżiji li għażiltlu għall-*Muża Maltija* jibqgħu l-aħjar xogħlijiet li kiteb. (iii)

Frażijiet kondixxendenti bħal "hemm isem nieqes," "jilħaq spalla ma' spalla miegħu," "magħrufin fost l-istudjużi tal-Malti bis-saħħa [tal-antoloġija tiegħi]," "Ma daħħaltux," "stajt nifraħ lili nnifsi," "Cuschieri ma batiex miegħi" (frażi li timplika l-possibbiltà li hemm kittieba li

“batew miegħu”), “il-poeżiji li għażiltlu għall-*Muża Maltija* jibqgħu l-aħjar xogħlijiet li kiteb,” juru kif Aquilina stabbilixxa lilu nnifsu bħala awtorità ewlenija u dominanti fl-għażla ta’ min għandu jidħol u min għandu jibqa’ barra mill-kanonu letterarju Malti.

Meta ġie biex jintroduċi tliet poeti Modernisti fix-xena letterarja lokali, Aquilina uża wkoll ton patronizzanti li bih donnu ried jimmitiga l-miġja tal-moviment letterarju ġdid li dawn it-tlieta kienu jirrappreżentaw billi rriduċiha għal “rebbiegħa oħra” fost “ħafna rebbigħat.” Fuq il-qoxra ta’ *Dħaħen fl-Imħuħ* deher dan il-kumment ta’ Aquilina:

> F’din l-antoloġija, *Dħaħen fl-Imħuħ*, għandna tliet żgħażagħ poeti li huma ż-żahar fuq il-friegħi tas-siġra tal-għanja Maltija f’rebbiegħa oħra wara ħafna rebbigħat li għaddew u qabel oħrajn li għad iridu jiġu.
>
> It-trijumvirat poetiku ta’ dawn it-tliet żgħażagħ . . . huwa triq oħra li tintrabat mat-triqat xemxija ta’ poeżija ġdida, iżjed fil-forma milli fis-sustanza.

Il-metafora propizja għall-kanonu letterarju lokali tas-“siġra tal-għanja Maltija” sseddaq l-idea ta’ Aquilina li ebda kittieb ġdid ma jista’ jkun innovattiv biżżejjed biex jinqata’ minn dak li diġà huwa stabbilit; il-kittieba tradizzjonali kkanonizzati minnu kienu laħqu stabbilew is-“sustanza” li l-kittieba l-ġodda setgħu biss jirriċiklaw. F’“Il-Poeżija ta’ A. Cuschieri” Aquilina ddokumenta evidenza li tikxef kif anke Dun Karm kien jimmanipula konxjament u direttament il-kanonu letterarju Malti. Skont Aquilina, Dun Karm ġieli gerrex mill-attività letterarja lil min ħaseb li jista’ jlaħħaq miegħu. L-ispjegazzjoni ta’ Aquilina għaliex Cuschieri ma baqax jikteb hija eżemplifikazzjoni ċara tal-agon bejn il-kittieba li jsemmi Bloom:

> [Cuschieri] daħal f’qoxortu u ma baqax jikteb iżjed għax Dun Karm, kif Cuschieri kien qal lil xi ħadd, ma kienx jagħmillu kuraġġ . . . Li Dun Karm ma kienx iħobb jagħmel il-qalb

lill-poeti oħra, għalkemm ma tkellimx hekk fis-sunett tiegħu 'Il-Muża,' nafu jien u oħrajn li kellhom x'jaqsmu miegħu. Niftakar li meta ridt indaħħal poeti żgħażagħ fil-*Ward ta' Qari Malti* kemmex xufftejh, bħal donnu ried jgħidli li dawk il-poeti ma kenux għadhom ta' min idaħħalhom f'antoloġija. (vi)

Sitwazzjonijiet pekuljari bħal dawn jikxfu d-doża qawwija ta' influwenza diretta tal-aġenti ewlenin tal-proċess kanoniku li ddettaw lill-qarrejja liema xogħlijiet u awturi Maltin għandhom jiċċelebraw u liema għandhom iwarrbu. Kif tissuġġerixxi din is-silta, mhux talli l-ġudizzji tal-kanonizzatur ma kinux ibbażati fuq konklużjonijiet estetiċi, talli l-kanonizzatur għażel lil min inaffar mill-kanonu letterarju proprju biex jibża' għal postu fl-istess kanonu. Il-kunflitti ta' interess tal-kanonizzaturi jkomplu jrendu obsoleta l-idea nnifisha ta' kanonu letterarju Malti li bħala għan ewlieni għandu dak li jindika l-aqwa xogħlijiet li ħarġu mill-pinna ta' awturi Maltin. Aquilina jikkwota "Qalb" ta' Cuschieri biex jevidenzja s-suspett anzjuż ta' Cuschieri nnifsu fl-aġenda presubbilment moħbija ta' Dun Karm:

X'int tagħli, ja msejken, għax tiela' ħaddieħor?
X'inti tibża' li ġieħek jiddallam, jiċkien?
Trab konna, trab nerġgħu; kburitna fil-qabar,
Hemm hekka għad jidher kemm ġieħna kbir kien." (vii)

L-ipotesi li Dun Karm ma riedx li xi ħadd jokkupa l-ispazju prestiġjuż li huwa kkapparra fil-kanonu letterarju Malti, Aquilina jemmen li tiġi ssuġġerita wkoll fil-versi ta' Nikol Bianchardi: "Iħobb kittieba jara qed ifaqqsu / Hu l-qroqqa. Huma l-frieħ. Bħal missier tagħhom / Jixtieqhom jikbru basta, iżda, mhux daqsu" (vii). L-eċċess ta' vanaglorja li jservi ta' impediment għall-formazzjoni kemm jista' jkun oġġettiva ta' kanonu letterarju, flimkien mal-

indħil paternalistiku ta' kanonizzaturi ingumbranti bħal Aquilina nnifsu li fl-istess studju dwar Cuschieri jiddeċiedi b'assertività mgħaġġla min huma l-poeti l-kbar u min huma dawk "iżgħar minnhom" (x), jistgħu jitqiesu bħala elementi li jheżżu l-pedamenti tal-eżistenza ta' kanonu letterarju Malti konsistenti u kredibbli.

Friggieri huwa kanonizzatur aktar riċenti li skont Mizzi kellu "l-ħila unika" biex jagħżel fost l-awturi Maltin u "jingastahom f'posthom" fil-kanonu letterarju Malti ("Oliver Friggieri: Ikona" 157). L-idea ta' Mizzi li Friggieri kellu sehem essenzjali fil-proċess ta' kanonizzazzjoni letterarja jaqbel magħha Briffa li jitkellem fuq kif "Friggieri tat-tmeninijiet kien diġà stabbilixxa l-fama tiegħu bħala l-kritiku ewlieni tal-letteratura Maltija" ("L-Immaġinazzjoni" 232). Fit-ton tal-ittra li Friggieri kien bagħat lil Vassallo, donnu jinħass li kellu din l-idea tiegħu nnifsu u tal-"ħila unika" li jirreferi għaliha Mizzi. Meta kien qiegħed iħajjar lil Vassallo biex jerġa' jippubblika xi xogħlijiet minn tiegħu huwa kitiblu: "Naħseb li ma tgħidx le, anzi tifhem (jekk hemm bżonn!) kemm nixtieq narak tikber aktar fil-qasam letterarju." Ftit qabel kien wiegħdu li se jagħtih imbuttatura kritika: "Jien lest li nagħmel valutazzjoni kritika ġdida tiegħek, flimkien max-xandir tal-poeżiji, biex żgur jittieħdu bis-serjetà u ma jintilfux" (f'Zammit Marmara, "Kelma" 471). Sa minn mindu kellu 19-il sena u kiteb il-famuż artiklu "Għandna Qawmien Letterarju?" Friggieri diġà kien qiegħed jitkellem b'ton awtorevoli dwar "il-letteratura Maltija" li "diġà għaddiet mill-aqwa żmien tagħha," dwar "il-ftit poeti ta' ġenju" f'kuntrast mad-"dilettanti," u dwar l-idea tiegħu li "ebda poeta mhu se jilħaq u jgħaddi 'l Dun Karm" (5). Ma' Borg, Friggieri uża kliem ta' kundanna, bħal "għamlu delitt kbir," fil-konfront tal-kittieba li ma mxewx mal-estetika letterarja tiegħu, u kliem bħal "int

tagħmel tajjeb" li jittrażmetti sens ta' approvazzjoni fil-konfront ta' min jimxi magħha (Borg 25). Iżda din ix-xorta ta' awtorità kanonika ma niżlitx għasel ma' kulħadd.

Fl-1987 dehret fl-istampa lokali ittra anonima intitolata "The Oliver Friggieri Syndrome" li attakkat lil dak li għal ħafna deher li ħa post Aquilina bħala l-kanonizzatur letterarju ewlieni fix-xena letterarja lokali. L-awtur anonimu stqarr li Friggieri "jipprojetta lilu nnifsu" bħala kanonizzatur għaliex "ingħata l-opportunità biex jaħtaf l-aħjar mil-letteratura kważi ineżistenti tagħna." Din l-istqarrija toqrob lejn l-assurd għaliex tinvolvi argumenti kontrapposti, fosthom li Friggieri qiegħed jagħmel sforz personali biex jistabbilixxi ruħu bħala awtorità letterarja, u fl-istess nifs tinsinwa li huwa ġie mbuttat minn forzi esterni biex dan iseħħ. Kontradizzjoni oħra: minn banda, din l-istqarrija timplika li jeżistu xogħlijiet letterarji Maltin ta' stoffa u minn banda tissuġġerixxi li l-letteratura Maltija ma teżistix. Din il-persuna anonima hija fost dawk li jipperċepixxu lil Friggieri bħala s-sostitut ewlieni ta' Aquilina għax skontu, il-prolifiċità kritika ta' Friggieri għamlitu "Aquilina ieħor ta' din il-ġerminazzjoni interminabbli tal-letteratura embrijonika tagħna." Filwaqt li juri d-dizgust tiegħu fil-konfront ta' dan il-kritiku "didattiku," l-awtur anonimu tal-ittra jkompli josserva:

> Din l-invażjoni ta' kritika letterarja (speċi ta' Benedetto Croce bil-Malti) laqqmet 'il-poeti' u 'r-rumanziera' u s-saġġisti kollha tagħna bħala artisti u drammaturgi … bl-imprimatur ta' dan Friggieri . . . Dan ma jfissirx li l-kontribut tiegħu għal-letteratura huwa null jew futili. Iżda sfortunatament, il-kontribut tiegħu fil-konfront tal-letteratura tagħna kien negattiv, dipressiv, nevrotiku u suxxettibbli għas-suwiċidju . . . kemm se ndumu nittolleraw dar-raġel li dejjem assimila l-letteratura mal-psikosi . . . u nħalluh

jibqa' jinfluwenza l-letteratura tagħna bil-kritika ma tispiċċa qatt tiegħu? ("The Oliver Friggieri Syndrome")

Minkejja s-suġġettività evidenti li tinħass li hija msejsa fuq antipatija personali li l-awtur anonimu għandu fil-konfront tas-suġġett tiegħu, dawn il-battuti, f'xi istanti kontradittorji, jixħtu dawl fuq parti mill-perċezzjoni pubblika tal-kanonizzaturi li jiffunzjonaw f'mikrokożmu letterarju. L-awtur anonimu jitlaq mill-premessa li kanonizzatur bħal Friggieri huwa influwenza ewlenija fix-xena lokali, u bil-mistoqsija retorika tiegħu jissuġġerixxi li din l-influwenza għandha tiġi eliminata mill-aktar fis. Il-ġudizzji li jsiru fil-konfront ta' min jiddeċiedi x'inhi arti u x'mhijiex, jew x'inhi letteratura u x'mhijiex, għandhom riperkussjonijiet inevitabbli fuq il-perċezzjoni tal-kanonu letterarju. Il-fluwidità kanonika implikata fl-imġiba ta' Friggieri, jew dik implikata fl-interventi presubbilment diretti ta' Dun Karm u fl-għażliet ta' Aquilina li ssemmew iktar 'il fuq, tkompli timmina l-possibbiltà tal-eżistenza ta' kanonu letterarju kredibbli u kemm jista' jkun ġust. Għaldaqstant dan jissuġġerixxi li jekk teżisti, il-verżjoni Maltija tal-kanonu letterarju tiddependi biss mill-preferenzi tal-ftit li jiġu imposti fuq il-ħafna; għaldaqstant, in-natura tiegħu tibqa' kostantament waħda mutabbli u, inevitabbilment, waħda instabbli – natura li wara kollox tixbah lil dik ta' diversi kanoni letterarji oħrajn madwar id-dinja.

5.3 Id-Djalettika tal-"Letteratura Minuri"

Fl-aħħar parti tar-raba' kapitlu introduċejt il-qrubija konċettwali bejn is-sitwazzjoni lokali tal-letteratura u l-idea tal-letteratura minuri diskussa minn Deleuze u Guattari f'*Kafka: Toward a*

Minor Literature, idea li tista' toffri perspettiva li tkompli tarrikkixxi d-djalettika dwar il-kanonu letterarju Malti. Callus diġà tkellem dwar il-letteratura Maltija bħala forma ta' letteratura "minuri" għaliex il-kittieba Maltin jesperjenzaw, fost l-oħrajn, sens qawwi ta' periferalità:

> Il-problema mhix biss li f'pajjiż b'popolazzjoni li bilkemm tilħaq l-400,000 ruħ, id-dominju tal-letteratura huwa inevitabbilment limitat mil-liġijiet tal-probabbiltà bil-konsegwenza li din il-letteratura tiġi ddefinita bħala 'żgħira' jew 'minuri.' Huwa wkoll li, fin-nuqqas ta' korp imdaqqas ta' xogħlijiet tradotti li jpoġġi l-letteratura Maltija, għall-inqas potenzjalment, fil-kamp viżiv tal-Oħrajn, il-letteratura Maltija tibqa' periferika, nieqsa kemm mill-qari internazzjonali kif ukoll minn diskors kritiku li jipprova jillokalizzaha f'kuntest usa'. ("Incongruity")

L-idea tal-kanonu letterarju Malti tista' għalhekk tinftiehem ukoll fid-dawl tal-kunċett ta' letteratura minuri li fost l-oħrajn jenfasizza l-kuntrast bejn il-kbir u ż-żgħir, bejn il-mitiku u l-mhux-simboliku, bejn il-letteratura tradizzjonali u dik mhux-iddomestikata. Id-djalettika proposta minn Deleuze u Guattari tista' sservi bħala eżerċizzju li jillibera letteratura ċkejkna bħal dik Maltija mill-aspettattivi imposti fuqha mit-tradizzjoni kritika li s-soltu tiġi applikata għal letteraturi ikbar; fl-istess waqt, dan l-eżerċizzju – imqar jekk fuq livell teoretiku – iservi wkoll biex jirridimensjona l-mod kif nipperċepixxu l-kanonu letterarju Malti.

Fid-daħla tal-istess ktieb, intitolata "The Kafka Effect," Réda Bensmaia jiddeskrivi kif Deleuze u Guattari jiċħdu l-interpretazzjonijiet tradizzjonali, fosthom l-interpretazzjoni teoloġika, dik psikanalitika u dik antropoloġika, li ddominaw il-qari ta' Franz Kafka fis-seklu 20, u juri kif huma jqisu lil dan l-awtur ta' letteratura minuri f'termini etiċi u politiċi.

Bensmaia jqabbel il-perspettiva ta' Deleuze u Guattari ma' dik ta' Benjamin li jqis il-kontribut letterarju ta' Kafka bħala dikjarazzjoni nobbli ta' falliment; Deleuze u Guattari, mill-banda l-oħra, iħarsu lejn ix-xogħlijiet ta' Kafka bħala punti ta' ħarba politika lil hinn mill-konfini soċjali u letterarji. Madankollu, huma jemmnu li l-politika preżenti f'Kafka "la hija immaġinarja u lanqas simbolika" u jaqblu ma' Benjamin li kien minn tal-ewwel li qara letteralment lil Kafka bħala "magna tal-kitba" mingħajr ma fittex is-simboliżmu jew il-miti (7). Għaldaqstant, kemm Deleuze u Guattari, kif ukoll Benjamin, jaqblu li Kafka ma jistax jiġi ddomestikat bħala "letteratura" kif ippruvaw jagħmlu ħafna kritiċi, għaliex xogħlijietu jirreżistu kull tip ta' kontroll jew interpretazzjoni li tillimitahom. Iktar milli joffri materjal għal analiżi psikoloġika u l-bqija, xogħlijietu għandhom jinqraw biss minħabba l-affermazzjoni bla riservi li jġorru – dan is-suġġeriment jista' jkun validu fl-għarfien tal-aqwa xogħlijiet anke f'letteratura minuri bħalma hija dik Maltija. Sa issa Kafka dejjem kien illimitat minħabba li nqara fil-qafas tradizzjonali tal-kritika jew fil-kuntest ta' dak li Rancière sejjaħlu "r-reġim estetiku tal-arti" (*Aesthetics* 10) – limitazzjoni li ħonqot ukoll l-iskrutinju tax-xogħlijiet letterarji Maltin.

Deleuze u Guattari jipproponu l-kunċett tal-letteraturi minuri għaliex dan jippermetti lill-qarrejja jaqraw lil Kafka b'libertà kritika akbar mingħajr ma jittaqqlu bl-analiżi tradizzjonali ta' kategoriji bħal ġeneru, modalità u stil. Donnhom hawnhekk Deleuze u Guattari jaqblu ma' teoristi oħrajn bħal Bloom li wkoll tefa' sens ta' responsabbiltà u fl-istess waqt sens ta' libertà fuq il-qarrejja li jaqraw u jiġġudikaw b'mod awtonomu x-xogħlijiet letterarji. Iżda l-kunċett tal-letteraturi minuri ma jitlobx li l-qarrejja sempliċiment jinterpretaw il-letteratura; anzi, dan il-kunċett jitlob li jseħħ proċess bil-maqlub: minflok li l-kitba bħal ta' Kafka titqabbel ma' kategoriji kritiċi li jeżistu diġà, kitbietu għandhom ikunu l-punt tat-tluq, il-mudell għal testi

oħra, ngħidu aħna kitbiet li huma wkoll bilingwi u li jiddevjaw bis-sħiħ mit-tradizzjoni. Lokalment, il-kitbiet bilingwi kemmxu l-imħuħ u x-xufftejn ta' xi kritiċi kif ġara meta tfaċċa *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi*; antoloġisti bħal Briffa lanqas daħħlu dan ir-rumanz prominenti, jew kwalunkwe xogħol ieħor ta' Vella Gera, fl-antoloġija *This Fair Land* tal-2014 li l-pubblikaturi tagħha, Francis Boutle Publishers, iddeskrivewha bħala "antoloġija komprensiva" ("This Fair Land"). L-eteroġenjità lingwistika ta' Kafka wasslitu biex jibda mod ġdid ta' kitba tal-letteratura minuri lil hinn mit-tradizzjoni u l-interpretazzjonijiet tas-soltu, fosthom dik psikoloġika li ħafna drabi tiffoka fuq l-arketipi u fuq l-assoċjazzjonijiet mentali, u tiftaħ opportunitajiet ġodda ta' ħsieb u ta' użu tal-lingwa. F'Kafka, saħansitra r-rabta djalettika u intrinsika bejn il-forma u l-kontenut tiġi ddubitata. Jista' jkun li jekk perspettiva kritika liberatorja bħal din tiġi addottata lokalment, il-kanonu letterarju Malti jkun jista' jġarrab trasformazzjoni eċitanti, imqar fl-għarfien ta' kif tinkiteb l-aqwa letteratura.

Deleuze u Guattari jipproponu l-idea ta' "magna tal-espressjoni" sabiex jiddeskrivu kif il-kitba ta' Kafka tista' saħansitra żżarma jew "tkisser" kemm il-forma kif ukoll il-kontenut bl-intenzjoni li tillibera l-espressjoni umana u tirrendi l-forma u l-kontenut entità waħda u intensa (28). Għalhekk Kafka jitbiegħed mir-rettorika tradizzjonali li tqis l-arti biss f'termini ta' espressjoni, rappreżentazzjoni jew imitazzjoni sabiex jipproponi mod ġdid u eteroġenju ta' kitba li fuq kollox hija politika. Skont Deleuze u Guattari l-letteratura minuri hija dejjem politika għaliex timplika li l-azzjoni fil-ħajja umana mhijiex awtonoma imma hija suġġettiva u tinvolvi rabtiet politiċi diretti. F'*Kafka: Toward a Minor Literature*, Deleuze u Guattari jagħmlu studju prattiku tal-kitbiet Kafka fejn jifhmuhom bħala proċess instabbli u dejjem jinbidel jew, kif jistqarru huma, bħala "sekwenza ta' xewqat, b'limiti dejjem diżlokati" (51).

Huma jużaw l-immaġni tar-"riżoma" u jispjegaw kif il-kitba u l-qari ta' Kafka aktar għandhom jixbhu lil sett ta' zkuk interkonnessi mferrxin taħt l-art milli lil xi siġra wieqfa b'zokk vertikali ewlieni b'ħafna friegħi lineari (3). L-istruttura jew in-nuqqas ta' struttura tar-riżoma tippermetti l-eżistenza ta' punti spissi iżda mhux ġerarkiċi ta' dħul u ħruġ fil-ħsieb tal-kittieb u tal-qarrejja – għaldaqstant l-idea tar-riżoma proposta minn Deleuze u Guattari tillibera lill-qarrejja mill-interpretazzjoni tas-simboliżmi u tħeġġiġhom jikkunsidraw il-kitba letterarja biss bħala att sperimentali: "Nemmnu f'*politika* Kafkjana li la hija immaġinarja u lanqas simbolika. Nemmnu biss f'*magna* jew *magni* Kafkjani li mhumiex l-istruttura jew xi illużjoni. Nemmnu biss fi *sperimentazzjoni* Kafkjana li hija bla interpretazzjoni jew sinifikazzjoni u sserraħ biss fuq it-testijiet tal-esperjenza" (7). Ix-xewqat diżlokati jiġu trażmessi mill-esperjenzi, mill-azzjonijiet, u minn dak kollu li jseħħ fin-narrattiva ta' Kafka. Kafka jrid jitbiegħed mis-sinifikat u jinqata' minn kull irbit tat-tifsir sabiex kitbietu jsiru materjal imsoffi u intens; skont Deleuze u Guattari dan huwa materjal "deterritorjalizzat" li ironikament jirriterritorjalizza ruħu appena jingħata forma, għax "sakemm hemm il-forma, xorta għad hemm ir-riterritorjalizzazzjoni" (6). Il-qarrejja jridu jitgħallmu jaqraw lil Kafka f'termini ta' dan il-"materjal mhux iffurmat ta' espressjoni" (6) mingħajr ma jintilfu f'interpretazzjonijiet tradizzjonali ta' forma u kontenut.

Il-"magni" li jitkellmu fuqhom Deleuze u Guattari jlaħħmu x-xewqat umani li l-kittieb jesprimi f'kitbietu u li l-qarrejja jsoffu fil-qari tal-letteratura minuri (7). Fil-letteratura minuri, dawn l-istati tax-xewqat kienu, għadhom u jibqgħu fl-istat naturali tagħhom, ħielsa minn interpretazzjoni pedantika u li xxekkel. Din il-viżjoni liberatorja ta' Deleuze u Guattari tirrendi lil-letteratura minuri espressjoni sinċiera, u lill-kritika letterarja tqisha għodda li tassisti aktar

milli tippreskrivi. L-istati tax-xewqat jiġu deskritti bħala “proċess” (8) u għaldaqstant qatt ma jistgħu jingħalqu f’forma fissa u statika. Meta Deleuze u Guattari jiġu biex jiddiskutu l-użu tal-annimali bħala karattri fin-narratoloġija ta’ Kafka, huma jistqarru li flok ma jirrappreżentaw arketipi, l-annimali huma sempliċiment ippreżentati bħala “livelli ġodda, żoni ta’ intensitajiet liberati fejn il-kontenut jeħles lilu nnifsu kemm mill-forma kif ukoll mill-espressjoni tiegħu, mis-sinifikatur li fformalizzahom” (13). Kafka ma jimitax u ma jirriproduċix id-dinja ta’ madwaru fil-letteratura minuri. Huwa jmur kontra l-idea Klassika tal-mimesi għaliex l-imitazzjoni f’kitbietu hija biss superfiċjali. Kafka huwa aktar interessat li fil-ħolqien u fil-preżentazzjoni ta’ “sekwenza ta’ intensitajiet f’evoluzzjoni non-parallela u asimmetrika fejn il-bniedem isir xadina daqskemm ix-xadina ssir bniedem. L-att tat-tiswir huwa qbid, possessjoni, valur miżjud, imma qatt mhuwa riproduzzjoni jew imitazzjoni” (13). Dan l-argument jinkwadra fid-diskors dwar il-kriterju tal-oriġinalità li tant saħqu fuqu kanonisti bħal Bloom u li jimmarka l-kanoniċità tax-xogħol letterarju. Il-letteratura Maltija, bħala espressjoni analoga ta’ letteratura minuri, minflok tibqa’ timita, għandha l-ħila titħarreġ f’dan l-ispirtu Kafkjan, tmur lil hinn, saħansitra lil hinn mill-metafora. Fi kliem Deleuze u Guattari, “l-imitazzjoni hija dejjem territorjali,” għaldaqstant il-kisba Bloomjana tal-oriġinalità tista’ sseħħ, fost l-oħrajn, permezz tad-deterritorjalizzazzjoni. Huma jagħtu l-eżempju ta’ kif Kafka jirnexxilu jiddeterritorjalizza l-idea ta’ orkidea u b’ġenjalità jgħaqqadha mal-idea tan-naħla mingħajr ma jimita lill-orkidea u lin-naħla li jeżistu realment fin-natura (14). B’mod konxju u enerġetiku, Kafka jrid jelimina kull traċċa ta’ xebh jew imitazzjoni.

Deleuze u Guattari jiddiskutu fil-qosor it-tħaddim popolari ta’ teorija bħall-Kumpless ta’ Edipu fl-interpretazzjoni kritika tal-letteratura. Huma jpartu l-punt ta’ tluq – is-soltu l-

kritiċi jibdew bil-Kumpless ta' Edipu u jaslu għan-nevrożi tal-karattru letterarju. Deleuze u Guattari jemmnu li jseħħ bil-maqlub: "il-proċess" tan-nevrożi jipproduċi l-Kumpless ta' Edipu bħala konsegwenza, proċess li jissarraf biss f'xewqat għal sottomissjoni. Dawn l-emozzjonijiet fil-letteratura, Deleuze u Guattari jiddeskrivuhom bħala "mikropolitika sħiħa ta' xewqat" (10), xewqat li l-qarrejja kritiċi jġarrbu mingħajr ma jħallu l-interpretazzjoni psikanalitika tiddomina l-qari tagħhom. Kafka nnifsu jmur kontra din l-interpretazzjoni dejqa u jiddeterritorjalizza l-Kumpless ta' Edipu permezz ta' *Letter to the Father* sabiex jillibera lilu nnifsu u lill-qarrejja tiegħu mill-influwenza tal-Kumpless ta' Edipu jew dak li Deleuze u Guattari jsejħulu "l-valur tas-suq tan-nevrożi" (10). Wisq nibża' li l-letteratura minuri Maltija għadha ma waslitx għal dan il-pass Kafkjan għaliex xi kittieba, anke tas-seklu 21, għadhom jinvestu b'mod espliċitu fil-Kumpless ta' Edipu f'xogħlijiethom. Eżempji ta' xogħlijiet fejn jinħass it-tħaddim ovvju u skontat tal-Kumpless ta' Edipu, kemm fil-proċess tal-kitba min-naħa tal-kittieba, kif ukoll, probabbilment, waqt il-qari u l-interpretazzjoni min-naħa tal-qarrejja, huma "Lullaby lil Yevgeny" ta' Azzopardi u *Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben)* ta' Mifsud. Fid-dawl ta' dak li qalu Deleuze u Guattari din hija għażla konxja sfortunata għaliex il-letteratura qed tbaxxi rasha għall-influwenza prepotenti tal-psikanaliżi u ma tħallix lilha nfisha teżisti fil-libertà li ħolmu biha, u wettquha, kittieba bħal Kafka. Skont Deleuze u Guattari mhuwiex il-każ li l-Kumpless ta' Edipu jipproduċi n-nevrożi kif ħafna drabi jippropONU l-letteratura u l-kritika imma x'aktarx li n-nevrożi tipproduċi l-Kumpless ta' Edipu – għalihom, in-nevrożi hija sempliċiment espressjoni ta' sottomissjoni. Xi drabi l-Kumpless ta' Edipu saħansitra jaħbi din "ix-xewqa" għas-sottomissjoni, xi ħaġa li Kafka ried joħroġ minnha billi kiteb *Letter to the Father* fejn jiddeterritorjalizza l-Kumpless ta' Edipu nnifsu billi neħħu

b'tali mod li jagħmlu assurd u komiku. Il-letteratura tista' ma tħallix kollox jiġi riterritorjalizzat skont din it-teorija Freudjana u għaldaqstant ma tibqax kompliċi mal-iżball imwettaq spiss mill-psikanaliżi.

Fil-letteratura minuri, il-kunċett ta' deterritorjalizzazzjoni jmur lil hinn minn dak tal-imitazzjoni: għal Deleuze u Guattari dan huwa fattur letterarju fundamentali u li għall-fini ta' dan l-istudju jista' jitqies bħala kriterju tal-kanoniċità. Permezz tad-deterritorjalizzazzjoni l-kittieb letterarju, minflok jirriproduċi immaġni, juża mill-ġdid traċċi jew frammenti mill-kodiċi tagħha sabiex joħloq kreazzjoni ġdida; hawn Deleuze u Guattari jersqu lejn il-kriterju tal-oriġinalità li ddiskutejt fir-raba' kapitlu. "L-imitazzjoni hija dejjem territorjali" (14) għax il-kittieb ikun oriġinali jekk jitbiegħed mit-territorju komuni tal-perċezzjoni umana u bl-immaġinazzjoni tiegħu joħloq il-ġdid; skont Deleuze u Guattari dan huwa l-qofol tal-letteratura u tal-arti. Kafka saħansitra joqgħod attent li ma jħallix l-immaġinazzjoni tagħna tipproponi x-xebh bejn id-dinja reali u dak li hu jirnexxilu joħloq. Jekk xejn, djalettika bħal din ta' Deleuze u Guattari, bl-isfumaturi kollha tagħha, tista' tkun ta' benefiċċju għall-mod kif inħarsu lejn il-kanonu letterarju Malti. Fuq kollox, l-idea ta' letteratura minuri, bl-implikazzjonijiet li ġġorr magħha, tista' sservi biex tmantni l-eżistenza tal-kanonu letterarju u ġġedded ir-rilevanza tiegħu.

5.4 L-Idea ta' Kanonu Letterarju Malti: Żviluppi Idjosinkratiċi tal-Problematika

Fil-ħarġa speċjali ta' *antae*, Valerie Visanich ħarset lejn ix-xebh bejn il-qagħda artistika lokali u dik ta' pajjiżi oħra bħall-Kosovo u s-Serbja. Hija semmiet kif f'dawn is-"sistemi kulturali u

artistiċi periferiċi" jeżisti "nuqqas kontroversjali ta' professjonisti kulturali" (236). Fil-kuntest letterarju lokali dan jimplika nuqqas serju ta' kritiċi letterarji kkwalifikati. Iżda l-kritiċi letterarji mhumiex l-unika riżorsa limitata. Apparti li hija ristretta fl-ammont ta' kittieba u allura ta' xogħlijiet letterarji, il-letteratura lokali hija wkoll nieqsa minn tradizzjoni li tmur lura s-sekli u allura għadha sal-lum letteratura meqjusa bħala relattivament żagħżugħa: Muscat Azzopardi, magħruf bħala "Missier il-letteratura Maltija" u għalhekk, dak li simbolikament jimmarka l-bidu tagħha, għex bejn l-1853 u l-1927 ("Ġużè Muscat Azzopardi" 1). Vicki Ann Cremona, saħansitra tisħaq li l-letteratura Maltija bdiet sewwasew "wara 1932" (126).

L-iżvilupp letterarju aktarx li jimxi id f'id mal-iżvilupp tan-nazzjon; Dun Karm jispjega hekk il-limiti ta' letteratura ta' "nazzjon fit-tfulija":

> Issa intom tafu illi n-nazzjonijiet, bħalma huma l-bnedmin meħudin wieħed wieħed, għandhom it-tfulija tagħhom, iż-żgħużija, il-milja tal-ħajja u għandhom ix-xjuħija. U kif aħna ma nistgħux nistennew, jew nippretendu, li tifel jew tifla taħseb u tikteb bħal wieħed kbir, hekk ma nistgħux nistennew li nazzjon fit-tfulija tagħha għandu jkollha letteratura bħal dik, jew daqs dik, ta' nazzjon fil-milja ta' żmienha . . . ma jistax ikun hemm nazzjon żgħira fid-daqs u fiż-żmien b'letteratura kbira. ("Taħdita" 2)

Fost l-oħrajn, dan jimplika li x-xogħlijiet letterarji Maltin, saħansitra r-rumanzi tal-era Romantika, ma kellhomx ċans isawru tradizzjoni ta' mijiet ta' snin kif ġara b'xogħlijiet kanoniċi f'letteraturi oħrajn. Din ir-realtà wkoll tiġġenera dubji dwar jekk jistax jeżisti kanonu letterarju Malti. Minkejja l-limitazzjoni li joffri nazzjon żgħir "fid-daqs u fiż-żmien," matul is-seklu 20 spiss ġiet irreġistrata xewqa f'xi ċrieki letterarji biex tinħoloq xi sura ta' kanonu letterarju Malti. Kien hemm tentattivi biex din l-idea timmaterjalizza ruħha billi jinġabru "l-

aħjar kotba bi lsienna," kif deher fl-appell fit-tielet ħarġa ta' *Leħen il-Malti* fl-1931: "Ingħarrfu lil ħbiebna li l-Għaqda tal-Malti (Università) ser tibda tiġbor l-aħjar kotba bi lsienna . . . It-tama tagħna hija li b'hekk nagħmlu ġabra letterarja u xjentifika" ("Tagħrifa"). F'żewġ ħarġiet wara ta' *Leħen il-Malti* deher editorjal li spjega kif "ix-xewqa li [wieħed] jkollu f'idejh ġabra tal-aħjar poeżiji bil-Malti" tħalliet f'idejn il-Gvern tal-epoka li "ma għamel xejn" ("Antoloġija" 1). L-editur ħeġġeġ lill-qarrejja biex jippromwovu r-rivista ħalli bil-qligħ tagħha, l-Għaqda Kittieba tal-Malti tkun tista' tistampa antoloġija: "Jinħtieġ li wieħed jagħmel nifsu u jsensel f'ħannieqa waħda dal-ħaġar mitluf u miegħu jżid ieħor ġdid ta' għaxqa u ta' żina." Hawn il-kanonu letterarju, jew "ħannieqa," jidher bħala mezz kif l-aqwa xogħlijiet jiġu ppreservati u esposti għall-pubbliku. L-attitudni kanonika tal-editur hija waħda miftuħa: huwa ma jridx kanonu riġidu li jħaddan fih il-klassiċi biss imma jisħaq li din l-antoloġija kanonizzatriċi għandha tkun miftuħa għall-kittieba emerġenti wkoll.

Barbara Benedict tiddistingwi bejn l-antoloġiji u l-mixxellanja (3): l-antoloġiji fis-sens modern huma stħarriġ storiku tal-letteratura, jew aħjar kumpilazzjoni ta' testi kanoniċi, filwaqt li l-mixxelanji huma kitbiet varji tal-mument miġbura flimkien, ħafna drabi għaliex jittrattaw l-istess tema jew għandhom l-istess skop. Mill-banda l-oħra, Barbara Mujica tisħaq li l-"antoloġija," kelma Griega li tfisser "kollezzjoni ta' fjuri," timplika l-kunċett ta' selezzjoni. Il-format innifsu tal-antoloġija jqanqal il-formazzjoni ta' reputazzjoni u ta' ġerarkija letterarja, u għalhekk, tal-kanonu letterarju nnifsu (203). Skont Benedict, ix-xogħlijiet li jintgħażlu fl-antoloġiji jerġgħu jiġu ppubblikati f'kuntesti ġodda jitneżżgħu mill-ambjent storiku u politiku li fih inkitbu b'tali mod li jsiru immortali (6-7). Dan seħħ pereżempju snin ilu permezz tas-sensiela *Id-Denfil* fejn fil-"Kelmtejn Qabel," A. Depares iddeskriva kif din is-serje tippreżenta

lit-tfal Maltin “il-ġawhar tal-kitba” ta’ “awturi ta’ proża u ta’ poeżija li għamlu isem fil-letteratura Maltija” (4). Antoloġiji bħal dawn li jintużaw fl-iskejjel, flimkien mal-biblijografiji akkademiċi u l-istudji dwar l-istorja tal-letteratura Maltija jitfgħu dawl fuq l-evoluzzjoni fl-attitudni tal-kanonizzaturi lokali lejn ix-xogħlijiet li għandhom jingħataw prominenza probabbilment għax skonthom dawn jiddefinixxi l-kultura nazzjonali u jsaħħu l-identità kollettiva tal-poplu.

Friggieri, fl-ittra li fl-1993 bagħat lill-Għaqda tal-Malti, fisser it-twemmin tiegħu fl-għarfien istituzzjonali bħala kriterju essenzjali fil-proċess ta’ kanonizzazzjoni tax-xogħlijiet letterarji Maltin. Fiha jissuġġerixxi li fl-Università ta’ Malta, b’approvazzjoni parlamentari, isir mużew tal-lingwa li permezz tiegħu x-xogħlijiet “mill-Kantilena (ċ. 1450) ’l hawn, jiġu dikjarati bħala monument nazzjonali” (33). Ippropona wkoll li b’xi mod jingħażlu kotba Maltin “fl-ewwel edizzjonijiet” sabiex tissawwar librerija rappreżentattiva tal-letteratura Maltija. Iżda l-aktar proposta rilevanti għad-diskors dwar il-kanonu letterarju Malti hija l-proġett ta’ pubblikazzjoni ta’ għaxar volumi kronoloġiċi “li jiġbru l-aqwa xogħlijiet letterarji mill-bidu sa żmienna” (34). Friggieri joffri ġustifikazzjoni immedjata għal dan il-proġett: “Kull letteratura li naf biha jien għandha sett/settijiet bħal dan” (34). L-awturi, jew aħjar ix-xogħlijiet sħaħ tagħhom, iridu jkunu rappreżentattivi tal-epoka letterarja li jappartjenu għaliha. Għal xi raġuni jħoss il-bżonn jispeċifika li, din “mhix antoloġija, iżda ġabra essenzjali” (34), donnu jrid jgħabbi din il-lista ta’ xogħlijiet b’piż kanoniku. Għall-kuntrarju ta’ kif jaħsbu bosta akkademiċi u kritiċi, Friggieri jħoss li l-identifikazzjoni tal-awturi kanoniċi hija proċess pjuttost ovvju u dirett “li ma jitlobx diffikultà kbira fih innifsu” (35). Bħala eżempji ta’ awturi li żgur hu jqis kanoniċi u għalhekk denji ta’ inklużjoni fl-għaxar volumi ssuġġeriti, Friggieri jagħżel lil Caruana

bir-rumanz *Ineż Farruġ* u lil Muscat Azzopardi li għandu "jkun inkluż b'rumanz/i sħiħ/sħaħ u b'għażla essenzjali ta' poeżiji." Saħansitra jemmen li l-kanonu letterarju Malti jista' jiġi definit u li l-qarrejja jista' jkollhom f'idejhom lista kompleta u assoluta tal-aqwa xogħlijiet letterarji Maltin: "Kull min ikollu dan is-sett, ikollu l-letteratura Maltija essenzjali kollha" (35). Minkejja li sa issa dawn l-għaxar volumi għadhom qatt ma nħadmu, Friggieri u xi akkademiċi oħrajn għamlu diversi tentattivi sabiex jiġbru l-aqwa xogħlijiet letterarji Maltin f'antoloġiji awtorevoli u li ħafna minnhom intużaw u għadhom jintużaw fis-sillabi tal-letteratura Maltija fl-iskejjel. Friggieri nnifsu ppubblika *Ħodon Qronfol: Antoloġija ta' Poeżija Maltija* fl-1990 u *Ward mal-Mogħdija: Antoloġija ta' Narrattiva Maltija* fl-1999. Bejniethom, fl-1996, huwa ppubblika wkoll l-antoloġija *Il-Poeżija Maltija*, bl-artiklu definit fit-titlu li jagħti l-idea li l-poeżiji u l-poeti magħżula minn Friggieri huma kanoniċi għax flimkien jiddefinixxu b'mod sħiħ lill-poeżija Maltija.

Is-silta ta' metaletteratura li offra Sammut f'*Samuraj* u li kkwotajt fit-tieni kapitlu tikxef ukoll aktar sfumaturi tas-sitwazzjoni lokali fis-snin 70. Wieħed mill-karattri ewlenin ta' Sammut, li donnu leħħen il-ħsus tal-awtur żagħżugħ innifsu, ilmenta dwar l-inġustizzji implikati fil-formazzjoni tal-kanonu letterarju lokali: il-kittieba emerġenti ma jistgħux isibu wisa' f'kanonu diġà okkupat minn kittieba stabbiliti. Iżda l-ironija hi li snin wara, meta nqalbet il-folja, Sammut innifsu stabbilixxa ruħu fuq in-naħa konservattiva tax-xena letterarja lokali u kkritika l-kitba innovattiva ta' żagħżugħ ieħor li tfaċċa mix-xejn u li ttanta jibda jsemma' leħnu. Donnu Sammut nesa li xi darba huwa kien kittieb żagħżugħ li wkoll ipprova jinserixxi ruħu fil-kanonu; donnu ma kienx konxju minn dak li għal Friggieri huwa evidenti: "Il-kronoloġija hi proċess li r-rieda ma tegħlbux; il-kittieba tas-sittinijiet illum kibru fil-għomor u

ssajru fit-tiġrib, u l-età li kellhom huma hi l-età ta' oħrajn li ġew warajhom" ("Il-Poeżija Maltija tat-Tieni Nofs" 188). Sammut, wieħed mill-fundaturi tal-Moviment Qawmien Letterarju – moviment kompost minn kittieba Modernisti li fis-sittinijiet semmgħu leħinhom bħala reazzjoni għad-dominanza anakronistika tar-Romantiċi – erbgħin sena wara mhux biss ma qabiżx għad-drittijiet awtorjali ta' kittieb kontemporanju, iżda ċaħad il-kitba tiegħu bħala letteratura. Il-kittieb b'valuri kontra l-istabbiliment u l-għodda tagħha taċ-ċensura, il-ħallieq ta' Xandru l-Poeta, sar id-difensur tal-istabbilment u taċ-ċensura. Mal-qlib tas-seklu, il-kittieba Kożmopoliti, fosthom Vella Gera, bdew juru li jridu jinfatmu mill-ħakma oppressiva tal-Modernisti bl-istess manjiera, xi drabi arroganti, li biha l-Modernisti, fosthom Sammut, irribellaw kontra r-Romantiċi.

Intriċċi bħal dawn, ħafna drabi ridotti għal livelli personali, jimminaw l-eżistenza tal-kanonu letterarju Malti għaliex itellfu mill-kredibbiltà ta' proċess li fit-teorija huwa neċessarju li jevolvi b'mod naturali fuq livell nazzjonali. Meta Vella Gera ppubblika "Li Tkisser Sewwi" fl-2009, Sammut inqeda bis-superlattivi biex jikkritika bl-aħrax din-novella: "assolutament b'ebda mod li l-istorja tista' tiġi kklassifikata bħala xi forma jew oħra ta' letteratura . . . m'hemmx linja ta' ħsieb fl-istorja tal-awtur . . . m'hemmx letteratura fl-istorja" ("Interview: Divorce, Censorship and Maltese Literature"). Hawnhekk, Sammut jiftakar meta ppubblika r-rumanz tiegħu *Il-Gaġġa* u fir-reazzjoni ta' ħafna li riedu jipprojbixxuh. Wara sentejn biss, skont Sammut, dan sar parti mill-kurrikulu tal-Malti fl-Università; inċidentalment, dan seħħ ukoll fil-konfront ta' Vella Gera li eventwalment beda jingħata rikonoxximent mill-akkademja Maltija. Bl-istess mod, Alfred Massa, f'ittra li fiha jikkundanna lil Vella Gera, l-ewwel jilmenta dwar meta kitbietu ġew iċċensurati, imbagħad hu stess jappoġġja lil min iċċensura l-kitba ta'

dan il-kittieb emerġenti għax issa “qbiżna l-limiti” (17). Massa jagħżel li jerġa’ lura lejn il-konservattiżmu Romantiku Malti u lejn l-kriterji Klassiċi tal-arti bħala sors ta’ gost u ta’ tagħlim morali: “Għax it-twemmin tiegħi hu dak li kien jipprietka l-mibki poeta Dr George Zammit, jiġifieri li l-letteratura għandha tgħolli lill-bniedem spiritwalment u mhux tbaxxih” (17). Fil-fatt, Massa qatt ma rrappreżenta tassew is-sentiment dissidenti tal-poeti tas-sittinijiet u għalhekk ħadd ma stenna li se jiddefendi lil Vella Gera fil-kontroversja li nqalgħet u li wasslet lilu u lill-editur tal-gazzetta fejn ġiet ippubblikata n-novella biex jitressqu l-Qorti akkużati bid-distribuzzjoni ta’ kitba pornografika u oxxena bir-riskju li jeħlu sitt xhur ħabs skont l-Artikoli 208(1) u 208(2) tal-Liġijiet ta’ Malta.

Azzopardi, wieħed mill-protagonisti tal-epoka Modernista, tkellem ukoll dwar il-“livell redikolu” tax-xogħol ta’ Vella Gera, “kitba sensazzjonalista jew kif jgħidu l-Ingliżi, ‘*in bad taste*.’ Kitba ta’ xi ħadd li skopra li tgħallem jimmasturba u xtaq jimpressjona. Din mhix kwistjoni morali imma estetika” (“L-Arti” 6). X’aktarx li, kif insinwa fil-Qorti Mark Camilleri (“Ix-Xhieda” 3), l-editur ta’ *Realtà*, li l-poeti radikali li stinkaw għall-qawmien letterarju fis-sittinijiet bdew iħossu posthom mhedded fil-kanonu letterarju Malti minħabba l-kittieba daqstant ieħor ribelluži li feġġew mal-qlib tas-seklu. Ir-reazzjoni ta’ Mifsud, kittieb Kożmopolita ieħor li f’kitbietu wkoll ma joqgħodx lura milli jkun espliċitu u “vulgari,” kienet ambivalenti. Minn banda donnu ħassu obbligat li jiddefendi awtur ieħor u mill-banda l-oħra qagħad attent bħal kull kittieb li jiġi biex jaċċetta kittieb ġdid. Fl-2009, fl-istess nifs li bih iddefenda lil Vella Gera billi kkundanna ċ-ċensura tal-letteratura bħala att politiku b’influwenza ideoloġika, Mifsud indirettament ikkritika l-kitba ta’ Vella Gera meta stqarr li ħafna mill-artisti kontemporanji li f’moħħhom għandhom biss l-għan li jqanqlu kontroversja

jispiċċaw jipproduċu arti “fqira” (“Banning a Piece of Literature”). Hawnhekk mhuwiex ċar biżżejjed xi tkun letteratura “fqira” u x’inhuma l-kriterji ta’ kwalità artistika baxxa. Mill-banda l-oħra, fl-esej intitolat “Dark Sides – Censorship in Malta,” Grima apprezza letterarjament in-novella ta’ Vella Gera u fiehem kif “in-narratur kompletament inaffidabbli” qiegħed inkonxjament joħloq “parodija tiegħu nnifsu.” Analiżi kritika mill-qrib tikxef kif “in-narrattiva tittradixxi lin-narratur u kif l-awtur jikkundanna lin-narratur.” Iżda kritiċi oħrajn u kummentaturi li jqisu lilhom infushom bħala “*littérateurs*” tal-letteratura Maltija (Callus “Incongruity”), baqgħu jqisu n-novella bħala xogħol letterarjament fjakk.

L-element ta’ kontroversja fih innifsu ma jimplikax bilfors li x-xogħol letterarju huwa ta’ kwalità inferjuri u li b’konsegwenza għandu jitwarrab mill-kanonu. Il-kontroversja kienet motiv ewlieni fil-proċess tal-kitba tar-rumanz xokkanti *The Satanic Verses* ta’ Rushdie, seba’ snin wara li rebaħ il-Booker Prize bir-rumanz preċedenti. Popolarità diġà kellu u ma kellux bżonn iżidha b’xogħol li jġibu f’periklu kbir. Wara l-pubblikazzjoni tar-rumanz kontroversjali, apparti li reġa’ spiċċa fuq il-*hit lists* tal-ġuriji internazzjonali li jippremjaw l-aqwa letteratura, Rushdie spiċċa wkoll fuq il-*hit lists* ta’ organizzazzjonijiet estremisti. Rushdie pproduċa letteratura li qanqlet emozzjonijiet qawwija bil-kontenut politiku tagħha u fl-istess waqt letteratura li bil-forma tagħha pproponiet estetika ġdida tad-dinja Iżlamika. Pnina Werbner tanalizza l-kunflitt fil-qalba tar-rumanz ta’ Rushdie bejn l-estetika Iżlamika tas-sublimi u l-estetika Modernista li jippreżenta Rushdie permezz tal-ġeneri tan-narrattiva li jħaddem; ir-rumanz *The Satanic Verses* joffri viżjoni ġdida tal-Iżlam billi jipproponih bħala tradizzjoni universali, liberali u tolleranti (55). Fil-fehma tiegħi, rumanz bħal dan huwa mudell ta’ letteratura dinamika li jirnexxilha toffri esperjenza letterarja lill-qarrejja. Għalkemm m’iniex

neskludi l-fatt li jiġu ppubblikati xogħlijiet li jispikkaw biss minħabba l-kontroversja, minnha nfisha l-kontroversja mhux bilfors hija xhieda ta' nuqqas ta' kwalità u ħafna drabi timplika s-sagrifiċċju personali għall-kittieba.

Gruppetta, wieħed mill-pubblikaturi ewlenin ta' Malta, jikkummenta fuq meta l-kitba oxxena bdiet issir "normali" fil-kuntest lokali u fuq il-fatt li din il-kitba bdiet issib post fil-kanonu letterarju Malti. Mal-kitba provokattiva ta' Alex Vella Gera, Gruppetta jżid il-kitbiet ta' Ġużè Stagno, Immanuel Mifsud, Clare Azzopardi u Pierre Mejlak li xprunaw lil-letteratura Maltija u aġġornawha fil-kuntest oċċidentali. Fl-2009, fi żmien il-kontroversja ta' "Li Tkisser Sewwi," Gruppetta tkellem dwar "l-ironija ħelwa" tal-fatt "li din iċ-ċensura qed isseħħ fl-Università, minn tant postijiet" ("Worrying Shackling of Creative Writing"). Permezz ta' "Li Tkisser Sewwi," Vella Gera rnexxielu joħloq spazju għalih innifsu fix-xena monolitika tal-letteratura Maltija permezz ta' novella li, minkejja l-element sensazzjonalista li tħaddan, ipproponiet element innovattiv u "stramb" għal-letteratura lokali li, skont l-intervista li għamillu Matthew Bonello, l-awtur iħossha wisq sottomessa u kompromessa ("Author of Realtà"). Nies li qatt ma semgħu b'Vella Gera, kif ammetta Juanito Camilleri, ir-Rettur tal-Università, fix-xhieda tiegħu fil-Qorti meta stqarr li "lanqas biss naf li huwa kittieb. Issa sirt naf li huwa kittieb" (Ix-Xhieda" 2) wara l-qari tan-novella "Li Tkisser Sewwi," tqanqlet fihom il-kurżità dwar kitbietu. Għaldaqstant din-novella notorja tat lill-awtur tagħha ħafna viżibilità. Maż-żmien, din twarrbet mill-attenzjoni tal-akkademja u tal-poplu, u l-attenzjoni ntefgħet fuq ir-rumanzi ta' Vella Gera li tnejn minnhom rebħu l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi* fl-2012 u *Trojan* fl-2015. Fejn qabel l-awtur kien ikollu jħallas minn butu għall-pubblikazzjoni ta' rumanz li jikkonsmaw biss ftit nies, permezz tal-attenzjoni li s-

soċjetà Maltija tat lill-kontroversja msemmija, ir-rumanzi tiegħu, kemm dawk li ppubblika waħdu qabel bħal *Lil Hinn mill-Jien*, kif ukoll dawk li ppubblikawlu wara, bdew jinbiegħu aktar. Kif stqarr fl-intervista ma' Bonello, il-pjan tiegħu li jakkwista udjenza usa' rnexxa aktar milli stenna ("Author of Realtà"). U hawn jitnisslu aktar mistoqsijiet li jseddqu d-dibattitu kanoniku, fosthom jekk l-istatus ta' best-seller huwiex biżżejjed biex xogħol letterarju jistħoqqlu jidħol fil-kanonu, jekk il-popolarità tirriflettix il-kwalità tax-xogħol inkwistjoni u jekk fl-aħħar mill-aħħar, il-kwalità letterarja hijiex aktar neċessarja.

Il-każ li rreferejt għalih, meta fl-2009 il-letteratura lokali xellfet difrejha mal-Liġi ta' Malta, kellu tmiem feliċi u saħansitra serva ta' katalist għall-bidla soċjali, anke permezz tal-Front Kontra ċ-Ċensura li twaqqaf apposta fl-istess sena u li wassal għall-approvazzjoni tal-emendi fil-liġijiet dwar il-pornografija, il-libertà tal-espressjoni u l-vilifikazzjoni tar-reliġjon fit-12 ta' Lulju 2016. F'artiklu dwar dawn l-emendi li deher fis-sit tal-istazzjon nazzjonali tat-televiżjoni, il-każ ta' "Li Tkisser Sewwi" ġie identifikat bħala wieħed miż-żewġ każijiet ewlenin li wasslu għal dan l-aġġornament tardiv fil-kuntest Ewropew. L-introduzzjoni ta' dan l-artiklu tirreferi għall-kumment tal-Arċisqof Charles J. Scicluna li "fisser dan il-jum bħala wieħed ta' diqa għal Malta waqt li silet fraži li qal Kristu fuq is-salib meta qal 'Mulej aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu'" ("Approvati Emendi fil-Liġijiet") – kliem li jixhed ukoll kif kulma jmur, il-forza morali ewlenija tas-soċjetà Maltija qiegħda tiddgħajjef u b'hekk tillibera l-kanonu letterarju Malti mill-influwenza diretta tagħha.

Fl-14 ta' Marzu 2011, il-Maġistrat Audrey Demicoli qrat is-sentenza dwar il-każ ta' Vella Gera, sentenza miktuba b'reqqa u konsapevolezza u li tħaddan implikazzjonijiet għall-futur imminenti tal-letteratura Maltija:

Id-Difiża tikkontendi li l-fatt li fl-Artikolu 3 tar-Regolamenti indiżamina l-liġi teskludi kitbiet li għandhom skop letterarju huwa appuntu għaliex il-leġislatur irrikonoxxa li għalkemm tali kitbiet jistgħu f'sens wiesa' jitqiesu bħala oxxeni, l-iskop aħħari tagħhom mhuwiex li jikkorrompu iżda inversament li jkunu espressjoni razzjonali għall-ġid komuni. Il-Qorti taqbel pjenament ma' dan il-ħsieb u taqbel ukoll li l-kitba inkwistjoni, u ċioè l-istorja "Li Tkisser Sewwi" bl-ebda mod ma tista' tikkonfigura taħt dawn id-definizzjonijiet jew tifsiriet ta' x'jikkostitwixxi pornografija jew pubblikazzjonijiet oxxeni għaliex b'ebda mod ma jista' jitqies li l-iskop jew l-għan tal-kitba huwa li jqanqal eċċitament sesswali jew li jikkorrompi qarrej ordinarju. Kif spjega l-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata u meta xehed fil-proċeduri odjerni l-moral tal-istorja huwa li jiġbed l-attenzjoni tal-qarrej għal tip ta' karattru jew sterjotip ta' maskju eżistenti fis-soċjetà Maltija li minħabba nuqqas ta' edukazzjoni adegwata u minħabba ċirkostanzi oħra soċjali li seta' kien espost għalihom iqis lill-mara bħala oġġett sesswali u intiża biss sabiex tiġi użata u xejn aktar. L-għan tal-kitba huwa li toħloq diżgust lejn dan il-karattru meskin u mhux li tqanqal eċċitament sesswali jew ammirazzjoni għal dan il-karattru. Il-fatt li l-istil magħżul mill-awtur sabiex ipinġi din ir-realtà u sabiex iqanqal diżgust u l-konsegwenti ħsieb fil-qarrej mhuwiex estetikament sabiħ jew pjaċevoli ma jfissirx li l-kitba inkwistjoni m'għandhiex titqies bħala xogħol letterarju. Il-Qorti jidhrilha li l-għan tal-letteratura mhuwiex biss li titfa' dawl fuq dak li huwa sabiħ fl-umanità iżda huwa anki dak li tiddipinġi u titkellem dwar l-elementi koroh u deplorevoli tal-istess soċjetà. Fil-każ odjern huwa evidenti li l-għan tal-awtur kien mhux li jinċita libidini jew li b'xi mod jiddiskrimina jew ikun dispreġġjattiv lejn in-

> nisa kif qed issostni l-Prosekuzzjoni iżda li jwassal moral importanti permezz tal-kreazzjoni tal-karattru pervers li ġie kreat fl-istorja indiżamina. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li l-kitba hija xokkanti u tqanqal diżgust fil-qarrej ma jikkwalifikahiex bħala waħda oxxena jew pornografika. (8-9)

Hawn jinħass it-tentattiv tal-Qorti biex tidentifika bejn awtur u narratur, biex tikkonsidra r-relazzjoni intima bejn il-kontenut u l-forma letterarja, biex tirrifletti dwar l-effett tal-letteratura fuq il-qarrejja, biex tiddiskuti l-kunċett estetiku fil-kuntest letterarju, biex tqis il-validità politika tal-letteratura u, fuq kollox, biex tifhem il-kunċett tal-letterarjetà. Għall-kuntrarju tal-kittieba stabbiliti li semmejt, il-Maġistrat tagħraf il-kitba ta' Vella Gera bħala letteratura. Fix-xhieda li ngħatat matul dan il-każ, ħareġ fid-dieher in-nuqqas ta' għarfien dwar x'inhi letteratura. Camilleri, ir-rettur tal-Università, li ttella' jixhed min-naħa tal-akkuża, stqarr li dan l-"artiklu f'gazzetta" ("Ix-Xhieda" 2) jista' jinqara bħala "l-opinjoni ta' Vella Gera" ("Ix-Xhieda" 7). Min-naħa l-oħra, il-Qorti għamlet argument imnebbaħ mit-teorija u l-kritika letterarja: il-kitbiet letterarji għandhom "l-iskop aħħari" li "jkunu espressjoni razzjonali għall-ġid komuni." Din hija l-qalba tal-argument tal-Qorti dwar il-funzjoni soċjali tal-letteratura.

Fejn jidħol id-diskors dwar il-kanonu, dan il-każ huwa sinifikanti għax kompla qanqal id-diskussjoni dwar x'inhi l-letteratura, u b'mod partikolari, x'inhi l-letteratura Maltija. Fid-dawl tal-kritika Fenomenoloġika, is-soċjetà tinħass li kulma jmur qed tipperċepixxi l-letteratura bħala organiżmu estetiku li kontinwament jimmetamorfizza ruħu skont il-kuxjenza tal-qarrejja. Il-letteratura hija fenomenu li jġarrab bidla perpetwa. Dak li qabel kien "normali" issa sar antikwat. Dak li hu xokkanti llum, għada se jsir "normali" u dak li ftit ilu

kien antikwat jista' jkun li fil-ġejjieni qarib isir rilevanti mill-ġdid. Dan huwa l-vjaġġ ċikliku tal-letteratura li jirrifletti n-natura fluwida u dejjem tinbidel tal-arti inġenerali.

X'jiġi propost bħala l-letteratura u, b'implikazzjoni, x'jitwarrab, sikwit bil-forza espliċita taċ-ċensura, jista' jikkompromett i n-natura u saħansitra l-eżistenza tal-kanonu letterarju ta' pajjiż. Skont Grima, l-awtoritajiet, ewlenin fosthom il-"Knisja u l-Istat Malti," jiddeterminaw u jifformulaw il-kanonu letterarju ta' Malta. Huma "jiddeċiedu x'għandhom jiktbu l-kittieba u x'għandhom jaqraw il-qarrejja" ("Ta' Min Hi l-Letteratura Maltija?"). Din il-perspettiva b'kuxjenza soċjali Xellugija tikkritika wkoll lill-Università li, bħalma ġara fil-każ ta' "Li Tkisser Sewwi," daħħlet lilha nnifisha fi sqaq: l-istituzzjoni li mistennija tkun proattiva u fuq quddiem fil-ġlieda favur il-libertà tal-espressjoni u d-distribuzzjoni ħielsa tal-ideat, kienet dik li ċaħdet lill-kittieb milli jikteb fil-libertà u lill-qarrejja milli jaqraw liema letteratura jridu. "Jekk anki hawn xi ħadd jiddeċiedi minn qabel x'tista' taqra, x'tista' tikteb, x'tista' tiddiskuti, dik x'università hi? Tas-sarima u tal-għamad? Il-futur hu marbut mal-'veritajiet' ta' ftit individwi, ta' ċertu passat?" ("Ta' Min Hi l-Letteratura Maltija?"). Kliem Grima jimplika li, wara kollox, il-letteratura Maltija mhijiex proprjetà pubblika għax hija mmanipulata mill-ftit skont l-interessi tagħhom.

Minkejja n-natura problematika li jixħet l-attenzjoni fuqha d-diskors ta' Grima, ħassieba kritiċi oħrajn jesprimu sens ta' urġenza fil-formazzjoni tal-kanonu letterarju Malti. Callus jistqarr: "Letteraturi oħrajn jaffordjaw li jżarmaw il-kanonu. Il-letteratura Maltija, għall-kuntrarju, għandha taħdem biex taffordja l-kanoni" ("Incongruity"). Is-sitwazzjoni lokali għandha bżonnijiet li huma l-kontra ta' dawk fejn il-kuntest ta' letteratura kbira jippermetti u jiflaħ sforzi li jirribattu l-idea nnifisha ta' kanonu letterarju. Skont Callus, il-qagħda attwali tal-

letteratura Maltija ma tiffaċilitax il-proċess sabiex nissodisfaw dawn il-bżonnijiet għaliex il-letteratura Maltija “hija nieqsa mill-istrutturi u l-infrastrutturi għall-formazzjoni tal-kanonu (u għal darb'oħra, wieħed jista’ jkollu kanonu għal [letteratura] popolari, kif ukoll għal [letteratura] għolja)” (“Incongruity”). Il-biża’ ewlieni tiegħu hu li, fil-kuntest lokali, lanqas biss hemm “ir-rieda” biex l-idea tal-kanonu letterarju Maltija titwettaq. In-nuqqas tal-mekkaniżmi li jgħinu lill-qarrejja jivvalutaw ix-xogħlijiet letterarji, skont Callus jista’ biss ikompli jgħarraq is-sitwazzjoni tal-letteratura Maltija. B’ottika qrib il-ħsieb ta’ Callus, dan l-istudju jivvaluta wkoll l-inevitabbiltà tal-kanonu letterarju Malti bħala għodda fundamentali li tissalvagwardja l-eżistenza nnifisha tal-letteratura Maltija. Callus jagħti raġuni partikolari li tiġġustifika l-bżonn imminenti tal-kanonu fil-kuntest letterarju Malti; huwa jispjega kif f’dawk il-mument li “sseħħ” il-letterarjetà f’xogħol letterarju partikolari – bl-implikazzjoni Bloomjana li tali okkorrenza hija rari – din se jkollha “tikkoeżisti mingħajr distinzjoni” ma’ xogħlijiet oħrajn li huma inferjuri. Għaldaqstant, l-għarfien tal-eżistenza ta’ kanonu letterarju jista’ jkun ta’ impetus għal letteratura żgħira Maltija li kontinwament trid tisforza biex tissopravivi fost ħafna letteraturi daqsha u ferm akbar minnha.

5.5 Il-Kittieba Maltin: il-Kanonu u Lil Hinn Minnu

Claire Squires, f’“Book Marketing and the Booker Prize,” tiddiskuti kif l-għoti tal-Booker Prize, immarkat anke fuq il-kopertina tal-ktieb rebbieħ, jintuża mill-pubblikaturi bħala għodda effettiva fil-bejgħ. Squires tirreferi għal *Life of Pi* ta’ Martel u *The Sea* ta’ Banville sabiex turi kif il-kotba rebbieħa jiġu kkomodifikati u, eventwalment, ikkanonizzati. Hi tinvestiga kif il-

premjijiet letterarji jippopolarizzaw ix-xogħlijiet rebbieħa billi jagħżlu għalina x'għandna naqraw u x'għandna nwarrbu. Fuq hekk jilmenta indirettament, Stagno meta jgħid li r-rumanzi tiegħu, minkejja li nbiegħu bil-gzuz, qatt ma ngħataw l-attenzjoni akkademika u l-għarfien formali bil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Fl-2003 wieħed mir-rumanzi tiegħu ngħata t-tieni post, minkejja li l-ewwel post ma ngħatax għax il-ġurija dehrilha li ebda xogħol ma kien jistħoqqlu dan il-premju. Minkejja dan, fl-ewwel ftit jiem wara li ħareġ ir-rumanz tiegħu *What Happens in Brussels Stays in Brussels* (2013) inbiegħu 700 kopja tiegħu ("Refusing to Mince Words"). Jista' jkun li nbiegħ bil-gzuz minħabba l-istrateġija qawwija ta' marketing li addotta l-pubblikatur u li sebqet l-effetti fis-suq li seta' ħalla premju letterarju. Dan jissuġġerixxi li l-kanonu letterarju tal-qarrejja Maltin jissawwar mill-pubblikaturi wkoll u mhux biss mill-ġurija tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Il-popolarità ta' ktieb mhux bilfors ikollha relazzjoni diretta mal-kwalità tiegħu għaliex ġieli ktieb ta' kwalità letterarja inferjuri jinxtara u jinqara iżjed minn ktieb ta' valur letterarju ogħla sempliċiment għax jiġi rreklamat ħafna aktar jew għax jappella għal firxa akbar ta' qarrejja. Ngħidu aħna, fl-2016, ir-rumanz *Lucy Min?* tant ingħata promozzjoni li mad-debut tiegħu, inbiegħ bil-mijiet sakemm skont l-*independent.com.mt* f'qasir żmien inħatfet l-ewwel tiratura kollha ("Lucy Min?"). Peress li dan kien l-ewwel rumanz ta' Lara Calleja, huwa plawsibbli li ħafna mill-qarrejja xtrawh mhux minħabba r-reputazzjoni awtorjali tagħha imma għax "xtraw" il-kampanja promozzjonali li mbuttat bis-sħiħ il-bejgħ tal-ktieb.

Skont Daniel Mendelsohn u Jennifer Szalai, "Xi drabi l-premjijiet letterarji donnhom jaqdu l-funzjoni ta' ġenituri li l-approvazzjoni tagħhom minn banda nixxennqu għaliha u minn band'oħra niċħduha" (Whom"). L-istess nistgħu ngħidu għall-kanoni letterarji: fi żmien meta

l-Maltin “huma l-inqas li jaqraw fil-ħin liberu tagħhom fl-Unjoni Ewropea” (Grima, *Ħożż fl-Ilma* 7), dawn il-premjijiet huma meħtieġa mill-qarrejja li jistennew daqqa ta’ id fl-għażla tal-ftit qari tagħhom. F’soċjetà kulturalment mgħaġġla u ffullata bħal tal-lum, “Premju letterarju jista’ jservi ta’ megablurb li jgħajjat, ‘Jekk dis-sena se taqra ktieb wieħed, aħjar jekk taqra dan!’” (“Whom or What Are Literary Prizes For”). Jista’ jagħi l-każ li d-dibattitu kanoniku huwa daqshekk inkonklużiv għax fl-essenza tiegħu jimplika lin-natura umana li fiha nnifisha hija dejjem kumplessa u suġġettiva, inkluż fit-tiftix tagħha għall-verità permezz tal-letteratura. Malli l-kittieba jippubblikaw xogħolhom ikunu awtomatikament qegħdin jesponu lill-interpretazzjoni artistika u idjosinkratika tal-ħajja għal ħemel ta’ ġudizzji li daqskemm jistgħu jaqblu, jistgħu wkoll ma jaqblux. Mhux ta’ b’xejn li wara l-osservazzjonijiet li jagħmel Xandru l-Poeta fuq il-qagħda tal-kittieba f’Malta, jistqarr: “U jien ma rridx inxandar ta’ Xandru li jien il-kitbiet tiegħi u nneżża’ ruħi quddiem dawn il-bhejjem bla ruħ. Il-kitbiet tiegħi huma biss ġest – inkarnazzjoni tal-ħsibijiet li jtaqqluli ruħi fit-tfittxija bla heda tiegħi biex nilmaħ il-verità qalb is-saffi tar-realtà jew realtajiet tal-ħajja” (Sammut, *Samuraj* 159). Xandru wasal biex jostor il-perspettiva kreattiva u personali tal-ħajja u jagħlaqha bħal ġifen fi flixkun ċkejken, ’il bogħod mill-għajn kritika u selettiva tan-nies, miżura li ironikament qatt ma wasal jieħu l-kittieb stess li ħolqu.

Il-każ ta’ Anton Grasso jista’ jixħet dawl fuq id-djalettika tal-kanonu letterarju fil-kuntest lokali. Minkejja li huwa magħruf ma’ bosta qarrejja lokali bħala l-awtur ewlieni Malti tal-istejjer tal-biża’, Grasso twarrab bosta drabi mill-attenzjoni kritika u konsegwentement mill-kanonu letterarju Malti; biżżejjed tingħata titwila lejn l-istudji li ġew ippreżentati fil-“Konferenza dwar il-Biża’ fil-Letteratura Maltija” li ttellgħet fl-2019, biex tiġi osservata l-

ommissjoni kronika ta' Grasso anke f'kuntest li miegħu huwa sine qua non. F'intervista li għamillu Sammut fl-2019, Grasso nnifsu osserva nuqqas ta' apprezzament letterarju fil-konfront tiegħu: "Ma nifhimx ir-raġuni għaliex bniedem li jagħti kontribut siewi f'ħajtu għandu jingħata ġieħ wara mewtu" ("Intervista"). Skontu, l-evidenza ewlenija u espliċita tat-twarrib mill-kanonizzaturi Maltin tissarraf fin-nuqqas ta' premjijiet li juru r-rikonoxximent mill-akkademja u mill-istat.

Fl-2018 ġiet ippubblikata ġabra ta' kitbiet li tiċċelebra l-erbgħin sena tal-ħidma letterarja ta' Grasso. Joe Cassar, l-editur ta' din il-ġabra, argumenta fid-daħla tiegħu li dan il-kittieb prolifiku, li kkontribwixxa letterarjament b'aktar minn 50 xogħol, ħaqqu xi forma ta' rikonoxximent kanoniku. Cassar iddeskriva din il-kollezzjoni ta' kitbiet li jeloġjaw lil Grasso, flimkien ma' kitbiet letterarji tal-awtur innifsu bħala "Tribut żgħir lil kittieb li n-nazzjon suppost ilu ħafna li tah il-ġieħ li jistħoqqlu" (20). Dan huwa kumment simili għal dak ta' Paul P. Borg li bħal Cassar, ippubblika ktieb voluminuż li jeloġja lill-ħabib tiegħu Carmel Attard. F'*Maqful fil-Ħabs ta' Ġbini*, Borg jispjega wkoll l-obbligu tiegħu biex jimbotta lil min twarrab mill-attenzjoni: "Dan qed nagħmlu għax hu dmiri bħala kittieb, mhux biss biex nibdew nirrikonoxxu aħjar lil Carmel Attard bħala l-Poeta tat-Tbatija fil-Letteratura tagħna, imma aktar minn hekk, u fuq kollox, biex inwettqu s-sehem universali tal-Letteratura bħala l-kuxjenza u l-mera tas-soċjetà li ħarġet minnha hi stess" (10). Kummenti bħal dawn, għalkemm huwa suġġettivi, minħabba l-ħbiberija personali bejn min għamilhom u s-suġġett, jitolbu qabelxejn skrutinju mill-qrib tal-validità letterarja tal-awtur inkwistjoni.

Norbert Ellul-Vincenti juri li Grasso jissodisfa l-kriterji tal-"oriġinalità" li tkellmu fuqu kanonisti bħal Koestler (334). Meta Ellul-Vincenti skopra l-kitbiet ta' Grasso, il-kritiku qal hekk

dwar dan l-awtur u l-ġeneru tal-biża' li għażel: "Dan l-imbierek ta' kittieb żagħżugħ kien qed jaqbeż il-linja u jagħmel xi ħaġa ġdida" (41). Iżda l-mistoqsija fundamentali hija: Grasso ħaqqu r-rikonoxximent kanoniku minħabba l-primat li għandu bħala "l-kittieb ewlieni tal-biża' f'Malta" (42) jew għaliex ix-xogħlijiet letterarji tiegħu tassew iħaddnu kwalitajiet kanoniċi? Kemm fl-intervisti mal-awtur, kif ukoll fil-kummentarji ta' kritiċi li jissimpatizzaw miegħu, xi drabi jinħass is-sentiment ta' diżappunt minħabba li x-xogħlijiet ta' Grasso twarrbu mill-kanonu letterarju Malti. Il-fatt li l-kanonizzaturi Maltin dejjem warrbu lil Grasso, primarjament billi ma ppremjawx ix-xogħlijiet tiegħu, jista' saħansitra jimmaterjalizza f'dubji serji fil-konfront tal-eżistenza ta' kanonu letterarju Malti:

> B'xorti ħażina, f'Malta, fil-fehma tiegħi, ġieħ mhux dejjem jingħata lil min veru jistħoqqlu. Ċerti nies li huma midħla ta' ċerti ċrieki għandhom setgħa jimirħu u jilħqu mergħat li għal ħaddieħor huma magħluqa. Teżisti wkoll il-kultura ta' ħokkli dahrek u nħokk tiegħek. Nies li jidhru kontinwament fil-midja mhux dejjem ikun ħaqqhom . . . qatt ma ngħatajt ebda ġieħ, la minn Gvern anqas minn ieħor. (Grasso, "Intervista")

Jekk l-insinwazzjoni serja tal-"ġieħ mhux dejjem jingħata lil min veru jistħoqqlu" hija riflessjoni veritiera tal-qagħda letterarja fil-kuntest lokali, l-implikazzjoni immedjata hija li l-kanonu letterarju Malti ma jeżistix jew li jeżisti f'verżjoni deformata peress li mhuwiex jaqdi l-obbligu essenzjali tiegħu li jikkanonizza b'konsistenza l-aqwa letteratura Maltija. Imma hawn ta' min jeżamina l-bażi li fuqha qiegħda tinbena din l-insinwazzjoni. Briffa, li fl-istess ġabra kommemorattiva editjata minn Cassar jagħmel apprezzament letterarju ta' diversi xogħlijiet ta' Grasso, fl-analiżi tiegħu ta' *Il-Kittieb* jidentifika element innovattiv fil-kitbiet ta' Grasso:

“Dan ir-rumanz kien l-ewwel wieħed li tana deskrizzjonijiet sesswali b’Malti ċar li jfittex l-irqaqat kollha” (“Grasso” 33). Iżda f’mumenti oħrajn, Briffa jidentifika kwalitajiet inferjuri fin-narrattiva ta’ Grasso. Mingħajr ma jispjega li dawn l-osservazzjonijiet kritiċi qegħdin jenfasizzaw nuqqasijiet li, skont il-kritika letterarja stabbilita, jikkompromettu l-letterarjetà tax-xogħlijiet studjati, Briffa jgħid li x-xogħol ta’ Grasso huwa “divertenti (jekk tħobb il-kruha) u mhux ikkomplikat bħala kitba għax l-awtur iferra’ l-avvenimenti quddiemna mingħajr ma jinvolvina f’wisq ħsieb. Narrattiva sempliċi li timxi kronoloġikament” (“Grasso” 31). Il-linearità narrattiva li tħalli l-fabula ovvja u bla mittiefsa hija evidenza ta’ kif l-awtur naqas milli jittrosforma *Il-Mara b’Wiċċ ta’ Ċerva* f’sjużet, f’xogħol matur li bit-tħaddim ta’ strateġiji narrattivi xierqa jappella għall-fakultà intellettiva tal-qarrejja. Il-kontroargument huwa li din il-mixja narrattiva lineari jista’ jkun li hija għażla konxja tal-awtur – filwaqt li din il-possibbiltà hija aċċettabbli, ma tinnegax il-fatt li Grasso ma għażilx li jesperimenta b’tekniki letterarji li jelevaw il-kwalità ta’ xogħlijietu. Il-kitba ta’ Grasso hija xi drabi nieqsa mill-konċiżjoni – il-kriterju letterarju fundamentali u li tkellem ukoll fuqu Koestler meta ddiskuta l-importanza tal-“ekonomija jew impliċità” fil-kitbiet letterarji (337). Dan in-nuqqas ta’ ekonomija fi Grasso ġie osservat ukoll minn Briffa fil-kritika tiegħu tar-rumanz *Ħrafa Msaħħra*: “Iħobb il-kliem u kultant itawwal fin-narrattiva tiegħu għaliex il-ħin kollu jrid jispjega, janalizza, u bosta drabi joħroġ konklużjoni” (“Grasso” 34) – titwil li jtellef drastikament mill-“impliċità” li tippermetti lill-qarrejja jimirħu bl-immaġinazzjoni tagħhom u jaslu huma waħedhom biex jiġġudikaw; iżda minflok, “Grasso jorganizza d-dinja tiegħu u jħuf fuqha kollha bħal alla omnixjenti” (“Grasso” 36). Il-verbożità ta’ Grasso xi drabi saħansitra twassal għat-tawtoloġija, kif jidher fil-

kwotazzjoni li jipprovdi Briffa stess minn *Ħrafa Msaħħra*: “b’ebda mod ma setgħet tgħid li kienet imnikkta għal xi żball jew għelt li wettqet” (“Grasso” 35).

Charles Flores wkoll offra r-riflessjonijiet tiegħu dwar Grasso li skontu “huwa wieħed mill-aktar awturi prolifiċi fl-istorja letterarja ta’ pajjiżna” (46). Iżda din l-osservazzjoni ma wasslitx lil Flores għall-konklużjoni li l-kitbiet ta’ Grasso ħaqqhom jiġi distinti mill-bqija u ppremjati bħala “aħjar” minn xogħlijiet ta’ awturi oħra. Iżda din il-ġustifikazzjoni pproponieha b’għaġla Ġorġ Mallia meta fl-istess ġabra kiteb li Grasso “kkontribwixxa b’mod eċċellenti għall-qasam letterarju li mingħajr il-ħafna kotba tiegħu kien ikun fqir immens. Hu kittieb li l-kotba tiegħu jaqrawhom ħafna” (“Memo” 52). Flores jirrimarka li “l-akbar preokkupazzjoni tal-kritiċi . . . kienet dwar l-awtentiċità ta’ xi wħud mill-istejjer” peress li “Grasso kien direttament u apertament influwenzat minn kittieba u kotba popolari li kien qara” (46). Filwaqt li l-influwenza letterarja hija kwalità komuni fost il-kittieba ta’ kull żmien u post, meta din tkun daqshekk espliċita aktarx li twassal għall-produzzjoni ta’ kopji li ma jimirħux lil hinn mid-dell tqil tax-xogħol influwenti, kif spjega Bloom matul it-test ta’ *Anxiety of Influence*. Barra minn hekk, l-ambjent persistentament Ingliż prevalenti f’diversi rakkonti ta’ Grasso, ma jaqbel xejn mas-suġġeriment ta’ Callus li jemmen li l-letteratura Maltija għandha tipprovdi leħħiet Maltin jekk trid tkun rilevanti u attraenti għall-qarrejja f’suq usa’ (“Incongruity”).

Iżda Ġorġ Peresso ma joqgħodx lura milli jingħaqad mal-protesta ta’ Grasso kontra kanonu letterarju inġust:

> Ix-xewka fil-qasam letterarju Malti kontemporanju, speċjalment dak meqjus modernament sofistikat u li donnu skopra kollox illum, hi li wħud ma għarfux biżżejjed

> imorru lil hemm minn Anton Grasso l-popolari, f'waqtiet il-populista, il-best-seller, l-ikona għal dawk li jħobbu ċ-ċirku tipiku tal-istejjer tal-waħx, u ma apprezzawx biżżejjed lil Anton Grasso bħala kittieb fost l-aħjar. Forsi aħjar minn min ma apprezzahx. (61)

L-attitudni ta' Peresso tista' tittrażmetti dubji fil-konfront tal-idea tal-kanonu letterarju Malti. Għal Peresso, il-kontribut tiegħu u tal-kritiċi l-oħra jservi ta' "apoloġija fis-sens oriġinali tal-kelma kontra d-*damnatio memoriae*. It-twarrib tal-memorja ta' kittieb prolifiku u ħawtiel u tajjeb u qatt monotonu" (61). Filwaqt li dawn il-kwalitajiet jibqgħu diskuttibbli, tispikka l-enfasi kontinwa u paradossali fuq il-bżonn tar-rikonoxximent kanoniku min-naħa ta' Grasso u dawn id-diversi kittieba li tkellmu f'ismu. Minn naħa hemm il-kundanna tal-kanonu "meqjus modernament sofistikat u li donnu skopra kollox illum," u min-naħa l-oħra tinħass in-neċessità li dawn il-kanonizzaturi jipprovdu minnufih xi forma ta' apprezzament fil-konfront ta' Grasso. Attitudni bħal din twassal ukoll għaċ-ċaħda diretta tal-kanonizzaturi nfushom li spiss, aktarx minħabba l-kunflitti ta' interess, ma jkunux ġusti fil-modus operandi tagħhom: Grasso saħansitra jitqies "aħjar minn min ma apprezzahx," ġudizzju każwali u msejjes fuq ebda forma ta' prassi kritika serja. Il-kummentaturi ta' Grasso li qegħdin joffru din it-tip ta' analiżi tal-awtur u tax-xena letterarja li jiffunzjona fiha, qegħdin fl-istess waqt joħolqu l-kanonu letterarju tagħhom li awtomatikament jiskwalifika l-kanonu pperċepit bħala wieħed miftum mix-"xewka" tas-suġġettiviżmu preferenzjali abbażi ta' gosti u spiss ta' relazzjonijiet personali bejn il-kanonizzaturi u l-awturi. L-ironija hi li ċ-ċaħda tal-eżistenza tal-kanonu toħloq spazju għall-ħolqien ta' kanonu ieħor, prassi li nies bħal Said jirrifjutaw b'mod kategoriku ("Power" 109).

Fost il-poeti Maltin li ma ngħatawx attenzjoni mill-kanonizzaturi fil-kuntest letterarju lokali hemm individwi bħal Henry Holland li ppubblika *L-Artist tat-Trapiż* fl-1996 u Michael Zammit li ppubblika ġabriet bħal *Għanja 'l Hena* fl-2005. Minkejja dan in-nuqqas ta' għarfien, Grima jidentifka lil Holland bħala "wieħed mill-awturi l-iktar interessanti li għandna f'Malta llum" għax "jipproponi stil ġdid ta' kitba, lingwaġġ poetiku ġdid" ("Intervista"). Dan huwa spirtu kritiku li jixbah lil dak, deskritt aktar qabel, ta' Cassar meta tkellem dwar Grasso jew ta' Borg meta tkellem dwar Attard. Irrispettivament minn jekk stqarrijiet bħal dawn humiex ġustifikabbli, jibqa' notevoli l-isforz, spiss individwali, ta' min jixtieq li jinħoloq spazju ġdid fil-kanonu letterarju Malti. Din ir-riġidità fir-rieda ta' oħrajn li ma jippermettux tali twessigħ tista' tkun dovuta għall-fatt li, kif qal Grasso fl-intervista li għamillu Sammut, ix-xena letterarja Maltija hija ddominata minn sens ta' gruppiżmu li jista' xi drabi jxekkel l-għarfien veritier ta' min ħaqqu r-rikonoxximent kanoniku. Meta Holland ġie mistoqsi espliċitament minn Grima biex isemmi "xi preġji u xi difetti tal-letteratura Maltija tal-lum," huwa kien diplomatiku meta wieġeb: "Irrid noqgħod attent hawnhekk għax miniex kritiku. Forsi xi kultant nieħu l-impressjoni li għax kitba hi bil-Malti, allura ma tiġix ikkritikata kif suppost, jiġifieri li wieħed jara l-valur intrinsiku tax-xogħol" ("Intervista"). John Portelli, awtur ta' diversi kotba bħal *Kulħadd barra Fajża* fl-2018, ma qagħadx lura milli jikkummenta fuq il-qagħda leterarja attwali. F'korrispondenza personali, huwa tkellem miegħi dwar l-eżistenza tal-piki fil-kuntest letterarju Malti. Portelli wieġeb fl-affermattiv:

> F'xi sens forma ta' pika tista' tkun ta' ġid għat-titjib tal-letteratura. Qed nirreferi għall-pika f'sens ta' kompetizzjoni pożittiva . . . Imma meta l-piki jiġu żviluppati b'mod li akkost ta' kollox ma tara xejn tajjeb f'ħaddieħor u l-kitba ta' ċertu nies hija dejjem

> meqjusa superjuri anke qabel tinqara u tiġi analizzata sew, dan mhux ta' għajnuna għat-titjib tal-letteratura Maltija. Il-problema tiħrax aktar meta l-piki jiġu assoċjati ma' ċertu għaqdiet jew klikek li ma jaċċettawx lil ċertu nies ta' fehmiet differenti jew għax ħaddieħor jiġi kkostruwit b'mod li jitqies bħala għadu. ("Re: Konverżazzjoni")

Skont Portelli, dan is-sens ta' antagoniżmu u intolleranza letterarja tal-qagħda preżenti huwa r-ripetizzjoni ta' sitwazzjonijiet imġarrba matul l-istorja relattivament qasira tal-letteratura Maltija. L-ansjetajiet rreġistrati aktar minn nofs seklu ilu, skont Portelli nistgħu narawhom ukoll fil-kuntest lokali tad-dibattitu dwar min ħaqqu u min ma ħaqqux spazju kanoniku:

> B'xorti ħazina jiena esperjenzajt din it-tip ta' problema meta kelli biss 16-il sena u kont, naħseb, l-izgħar membru tal-Moviment Qawmien Letterarju. Il-piki u l-klikek li kienu jeżistu dak iż-żmien fil-bidu nett tas-sebgħinijiet qatt m'għoġbuni. U lanqas dawk li jeżistu llum. Iva, b'xorti ħażina jeżistu bħallikieku ma tgħallimniex mill-passat. Veru li l-passat jirripeti ruħu. Imma kif qal Lenin, l-ewwel darba bħala traġedja, imbagħad bħala farsa. F'xi sens naħseb wasalna fil-livell tal-farsa! ("Re: Konverżazzjoni")

Għalkemm din tista' titqies bħala perċezzjoni iperbolika tas-sitwazzjoni letterarja f'Malta, speċjalment minħabba l-fatt li qiegħda titwassal minn kittieb li ilu għexieren ta' snin li emigra minn Malta, xorta hemm elementi minn dak li josserva Portelli li probabbilment huma qrib l-istampa reali tal-qagħda lokali preżenti. Sammut jikkonferma l-osservazzjonijiet ta' Portelli u jżid magħhom billi jiddistingwi bejn dawk li "sabu niċċa" jew spazju kanoniku għax huma parti miċ-"ċrieki" u "mis-sistema" u dawk li deliberatament ingħataw il-ġenb:

> F’moħħi għandi erba’ ismijiet partikolari li jaħsbu li għax sabu niċċa fejn jippubblikaw dak kollu li jiktbu, kibritilhom rashom u jqisu lil ħaddieħor nemla fil-qasam tal-ktieb u tal-letteratura inġenerali. Kif dejjem insostni, anki fil-qasam tal-ktieb Malti u tal-letteratura Maltija taħkem il-liġi tal-‘Ħokkli dahri u nħokk tiegħek.’ Min jiċħad dan huwa parti mis-sistema li tippremja dejjem lill-ħbieb u l-ħbieb tal-ħbieb. Ta’ min ifakkar li hemm bosta kotba – rumanzi, ġabriet ta’ novelli, poeżiji, drammi, u oħrajn – li ġew ippubblikati mill-awturi stess mhux għax mhumiex ta’ livell imma għax isimhom tqil jew huma personae non gratae fiċ-ċrieki tal-hekk imsejħa “awturi ppubblikati mill-pubblikaturi” li jagħmlu minn kollox biex posthom ma jieħdu ħadd, akkost li jagħmlu ħsara lil-letteratura Maltija stess. (“L-Editorjal” 1)

In-nuqqas ta’ ċarezza fl-argumentazzjoni ta’ Sammut jista’ faċilment jinvalida dan it-tip ta’ diskors li jikkundanna mingħajr ma jirreferi direttament għal ħadd. Minkejja l-parzjalità evidenti tiegħu, l-intervent ta’ Sammut jista’ jkun sintomatiku ta’ preżenza ta’ elementi negattivi li mhux biss jistgħu jfixklu l-proċess tal-formazzjoni ta’ kanonu letterarju iżda jistgħu jiskwalifikaw l-idea nnifisha ta’ tali kanonu. Kanonu letterarju li l-pedament tiegħu fih elementi ta’ pika u ta’ inġustizzja ikun biss bħal frotta b’qoxra tleqq u li minn ġewwa hija mnawra; frotta f’din il-kundizzjoni xorta tista’ tibqa’ tissejjaħ frotta mill-bejjiegħ għalkemm il-validità utilitarja għax-xerrejja tinżel għal-livelli ridumentali. Il-qarrejja mxenqin għal kanonu li jiggwidahom x’jaqraw, aktarx li jkunu f’qagħda aħjar jekk ma jkollhomx kanonu kif implikat fi kliem Portelli u Sammut. Madankollu, aktarx li hemm saffi aktar fondi tal-problematika lokali, fost l-oħrajn għax il-pubblikaturi, fil-ġenn li għandhom biex jippubblikaw u jkollhom xi jbigħu, qed jippubblikaw dak li jirċievu mingħajr wisq skruplu letterarju. Kulma jmur qiegħda

tinħass il-ħtieġa li l-pubblikaturi jkunu aktar selettivi fix-xogħlijiet li jippubblikaw – ħtieġa li tintrabat mad-diskors dwar in-nuqqas tal-figura fundamentali tal-edituri letterarji. Lokalment jeżistu pubblikaturi li bdew iqabbdu l-edituri letterarji. L-edituri letterarji jistgħu jsiru fattur determinanti li jibdel pożittivament il-proċess ta' kanonizzazzjoni letterarja fil-kuntest lokali għaliex huma mhux biss jistgħu jkunu determinanti fil-mument tas-selezzjoni imma jistgħu wkoll itejbu dak li finalment jiġi ppubblikat.

5.6 Konklużjoni

Għal xi wħud l-eżistenza tal-kanonu letterarju tissejjes fuq il-formazzjoni ta' lista fiżika ta' xogħlijiet bħal dik li għamel Bloom. Paradossalment, listi simili ħaddieħor jista' jarahom bħala daqqa mortali għall-idea tal-kanonu letterarju. F'din it-teżi nitlaq mit-tieni premessa minħabba li nħaddan it-twemmin li l-ħolqien ta' kanonu riġidu u esklussiv iservi biss biex jieħu post kanonu preċedenti mingħajr ma jagħti lok la għal dibattitu san u lanqas għall-għarfien ta' xogħlijiet letterarji ġodda b'potenzjal kanoniku. Tentattivi bħal ta' Bloom biex iroddu sens ta' universalità lil-letteratura permezz ta' kanonu suppost komprensiv jistgħu jwasslu għall-iskwalifika awtomatika tal-idea tal-kanonu, għax dawn il-listi faċilment jitbiegħdu mill-intenzjoni oriġinali ta' min ħoloqhom. Casanova tistħarreġ din l-idea tal-universalità letterarja mingħajr ma tagħmel l-iżball Bloomjan – hija tixtieq biss tinqata' mill-inkonxju letterarju dipendenti fuq il-perspettiva nazzjonali sabiex tippreżenta dimensjoni trasnazzjonali. Perspettiva bħal din li tipprova telimina l-enfasi fuq l-eżistenza tal-kanoni letterarji nazzjonali hija qrib l-attitudni ta' min jixtieq li l-letteratura Maltija għandha taspira

biex issib postha fil-kuntest letterarju internazzjonali. Perspettivi bħal dawn mhux biss iseddqu l-fluwidità fundamentali tal-idea tal-kanonu letterarju Malti imma jwasslu biex jippreġudikaw ir-rilevanza tagħha.

Mill-banda l-oħra, Baldacchino imur kontra l-idea ta' universalità jew ta' estetika komuni għax isibha diffiċli biex jifhem kif diversi komunitajiet li jgħixu f'reġjun tant iddiversifikat bħalma huwa l-Mediterran jista' jkollhom l-istess gosti estetiċi. Friggieri jimplika l-fluwidità tal-kanonu letterarju Malti meta jittratta l-fluwidità tal-movimenti letterarji; huwa juri kif ir-riga kanonika la tiddependi daqstant fuq ir-reġjun u lanqas fuq il-moviment li x-xogħol letterarju huwa parteċipi fihom. Il-kontroll minn forzi influwenti esterni fuq x'għandu u x'ma għandux jinqara, mill-interventi diretti tal-Papa Pawlu IV sa dawk ta' politiċi bħal Putin jew Gove, spiss jinftiehem bħala fattur li minn banda jseddaq is-sens ta' fluwidità u mill-banda l-oħra jispiċċa jikkompromett i l-kredibbiltà tal-kanonu letterarju. Aktar minn hekk, mill-kriżi mnissla mill-fluwidità kanonika diversi teoristi bħal Kolbas għaddew għad-diskussjoni dwar il-possibbiltà tal-kanonu letterarju u l-indispensabbiltà tiegħu. Il-kittieb Galizjan Villar, u l-kittieb Iżlandiż Sjón urew li dan id-diskors huwa neċessarju fil-kuntesti letterarji ċkejkna tal-letteraturi tagħhom – kuntesti analogi għal dak Malti. Inevitabbilment, dan iċ-ċokon jixxennaq għal spazji akbar; skont Sant il-letteratura ta' pajjiż żgħir ikun aħjar li tibda tinftiehem fil-kuntest usa' tal-eżistenza ta' kanonu jew kanoni akbar. Din ir-rijorjentazzjoni fil-perspettiva tista' tkun ta' benefiċċju għas-sopravivenza ta' letteratura ċkejkna.

Minkejja li f'Malta r-reġistru kanoniku qabad dieħel ġmielu, il-possibbiltà tal-eżistenza ta' kanonu letterarju f'mikrokożmu bħalma huwa l-kuntest lokali tibqa' xorta waħda

dibattibbli. Iċ-ċokon fiżiku tal-pajjiż jamplifika l-limitazzjonijiet fix-xena letterarja tiegħu fejn il-ftit kanonizzaturi Maltin jista' jkollhom influwenza sostanzjali. Jekk teżisti, il-verżjoni Maltija tal-kanonu letterarju tiddependi biss mill-impożizzjoni tal-kriterji tal-ftit fuq il-ħafna; għaldaqstant, in-natura tiegħu tibqa' dejjem mutabbli u, inevitabbilment, instabbli – natura li wara kollox tixbah lil dik ta' diversi kanoni letterarji oħrajn madwar id-dinja. L-idea tal-letteratura minuri diskussa minn Deleuze u Guattari toffri perspettiva li tkompli tarrikkixxi d-djalettika tal-kanonu letterarju Malti. L-idea tal-letteratura Maltija bħala letteratura minuri introdućieha Callus, idea li tista' tirridimensjona l-mod kif nipperċepixxu l-kanonu letterarju Malti billi tillibera letteratura ċkejkna mill-aspettattivi imposti fuqha mit-tradizzjoni kritika li s-soltu tiġi applikata għal letteraturi ikbar.

Il-putiferju li nqala' meta fl-2009 Vella Gera ppubblika n-novella tiegħu ħareġ fid-dieher ukoll il-piki li jtappnu l-eżistenza tal-kanonu letterarju Malti. X'jiġi propost bħala l-letteratura u, b'implikazzjoni, x'jitwarrab minħabba l-intriċċi personali jista' jikkompromett i l-eżistenza ta' tali kanonu. Il-każijiet individwali ta' kittieba bħal Grasso li twarrbu konxjament mill-konsiderazzjoni tal-kanonizzaturi Maltin jkompli jixħet dawl fuq il-mekkaniżmi dibattibbli tal-preżunt kanonu letterarju lokali.

Riflessjonijiet bħal dawn li jistħarrġu l-possibbiltà tal-eżistenza tal-kanonu letterarju Malti jistgħu għalhekk jiġu kkondensati fi ftit attitudnijiet ewlenin. L-ewwel hemm l-idea li l-kanonu letterarju jeżisti konkretament għax jidher f'antoloġija u sillabi proposti minn kanonizzaturi awtorevoli. Imbagħad hemm l-idea li l-kanonu letterarju jeżisti biss xi mkien fl-inkonxju kollettiv bħala kostrutt soċjali jew mit kreat minn xi grupp omoġenizzanti. It-tielet perspettiva tiċħad kategorikament l-eżistenza tal-kanonu sabiex tillibera lill-qarrejja minn

min irid jindaħlilhom x'jaqraw u x'ma jaqrawx. Imbagħad fl-aħħar hemm l-idea li jeżisti kanonu letterarju li, għalkemm huwa perenni, għandu natura difettuża minħabba l-partikularitajiet tar-realtà fundamentali tiegħu.

6. Il-Kanonu Letterarju Malti: Deduzzjonijiet u Prospetti

6.1 Il-Ġustifikazzjoni ta' Futur Preżunt

L-iskop ewlieni ta' dan l-istudju huwa li jifli mill-qrib l-okkorrenza tal-kanonu letterarju bħala fenomenu trasnazzjonali b'enfasi speċjali fuq il-kuntest Malti. Minkejja li lokalment dan il-qasam ta' riċerka għadu fl-infanzja tiegħu, eżerċizzju bħal dan jista' jikkontribwixxi biex il-letteratura Maltija tkompli tegħleb it-tendenza tagħha li ma timxix paripassu ma' dibattiti internazzjonali dwar l-idea tal-letteratura. Xi minn daqqiet il-kunċett tal-kanonu letterarju jiġi assimilat inkonxjament – il-konsiderazzjoni aġġornata tal-formazzjoni tal-kanonu tista' żżommna attivament konxji fil-konfront tal-modus operandi tal-kanonizzazzjoni letterarja billi tikxef il-mekkaniżmi selettivi moħbija li bihom xi kittieba u xi xogħlijiet minn tagħhom jingħataw prominenza filwaqt li oħrajn jitwarrbu. Għaldaqstant, din il-funzjoni bażika tal-kanonu li toħroġ fid-dieher permezz tal-iskrutinju kontinwu tiegħu, tista' tkabbar is-sensittività tal-qarrejja nfushom għall-proċessi li bihom jiġu influwenzati x'jaqraw u kif jaqraw. Gregor Langfeld jispjega kif l-istudji kontinwi tal-proċessi kanoniċi jistgħu jpoġġu l-kanonu letterarju f'dawl dejjem aġġornat u prattiku: flok jibqa' jingħaraf bħala fenonmenu universali jew etern jibda jitqies bħala fenomenu dinamiku, fluwidu u applikabbli għal kuntest soċjali speċifiku filwaqt li jibqa' dejjem dipendenti minn influwenzi politiċi jew ideoloġiċi (3, 7). Dibattitu kanoniku attiv jiggarantixxi l-analiżi kontinwa tar-rilevanza tal-kanonu letterarju li tissejjes neċessarjament fuq l-analiżi dijakronika u sinkronika tal-letteratura inkwistjoni. Paradossalment, dan jitlob li l-attenzjoni tal-kritiċi u tal-qarrejja ma

tkunx biss fuq ix-xogħlijiet letterarji fil-kanonu; is-sensittività għal dak li qiegħed jiġri barra l-kanonu tista' tissaħħaħ aktar meta tasal biex tipperċepixxi u tinterpreta l-preżenza tal-ħsus antikanoniċi u dawk ta' min qiegħed konxjament jew inkonxjament jissielet għall-ispazju kanoniku.

Dak li qal Italo Calvino dwar il-validità tal-"klassiċi" jipperpetwa wkoll il-prospetti tal-validità tal-idea nnifisha tal-kanonu letterarju. F'"Why Read the Classics?" Calvino ppropona diversi raġunijiet għala x-xogħlijiet kanoniċi għandhom jibqgħu jinqraw mill-ġenerazzjonijiet preżenti u dawk futuri. Skontu, il-klassiċi jibqgħu jiddjalogaw mal-qarrejja: "Irid ikun hemm żmien fil-ħajja adulta tal-individwu ddedikat għall-iskoperta mill-ġdid tal-aktar xogħlijiet importanti li qrajna f'żgħożitna" (2). Il-valur ta' dawn il-kitbiet jibqa' rilevanti u jibqa' jiġġedded kull darba li jiġu skoperti mill-ġdid mill-qarrejja ta' kull żmien. Il-libsa kważi eterna li Calvino jlibbes lix-xogħlijiet kanoniċi tista' ssib ġustifikazzjoni fil-mumenti meta jkollhom effett immedjat fuq ir-realtà soċjali tal-qarrejja tagħhom. Hekk, pereżempju, Julia Walker tirrakkonta kif il-qari mill-ġdid tar-rumanz klassiku *The Hunchback of Notre Dame* wassal biex il-katidral ta' Notre Dame jingħata ħajja ġdida. Meta l-perit Eugène Emmanuel Viollet-le-Duc qara r-rumanz klassiku, ispira ruħu mit-tentattiv Romantiku ta' Hugo li "jaħfen" l-awtentiċità Medjevali tal-katidral bit-tama li jwellidha mill-ġdid. Waqt ir-restawr, Viollet-le-Duc bena mill-ġdid il-kampnar ewlieni li Hugo ilmenta dwar in-nuqqas tiegħu u żied il-gargoyles biex jimita d-deskrizzjoni kreattiva tal-katidral fir-rumanz ta' Hugo (Walker "How *The Hunchback of Notre Dame*").

Każijiet bħal dak ta' Viollet-le-Duc iseddqu l-idea li l-attenzjoni kanonika mogħtija lill-klassiċi li tkellem fuqhom Calvino mhux biss tista' tirridimensjoni x-xogħol letterarju permezz

ta’ qari ġdid imma tista’ tirridimensjona r-realtà nfisha tal-qarrejja tiegħu. Għaldaqstant, l-irwol tal-kanonizzaturi jitgħabba b’piż akbar: il-kanonizzaturi għandhom responsabbiltà soċjali għaliex l-għażliet tagħhom jistgħu jissarrfu f’konsegwenzi diretti għas-soċjetà. Il-poplu, anke jekk inkonxjament, iħalli f’idejn il-kanonizzaturi l-għażla tal-aqwa letteratura – letteratura li tista’ tinfluwenza l-andament ta’ ħajjithom fil-preżent u fil-futur. Il-mod kif Serracino Inglott jittratta lil Aquilina f’“Maltese Poetry, 1960-1970,” jeżemplifika din l-attitudni li mhux biss tiġġustifika l-idea tal-kanonu imma tasserixxi l-irwol tal-kanonizzatur li jiggarantiha. Serracino Inglott juża termini bħal “kuratur ewlieni” fil-konfront ta’ dan il-kanonizzatur li jiddeċiedi min jidħol u min ma jidħolx fil-kanonu tiegħu “li nistgħu ngħodduh il-maqdes” (7). Serracino Inglott jkompli jeloġja lil Aquilina billi jidentifika l-antoloġija tiegħu *Il-Muża Maltija* bħala l-epitomija tal-proċess kanoniku f’Malta:

> Nistgħu nqisu l-għażla ta’ min jidħol f’din l-antoloġija bħala ftit jew wisq I-att ta’ rikonoxximent uffiċjali mill-kattedra tal-Malti Ii kittieb huwa ‘poeta’ għallanqas jekk tħares Iejh minn angolu soċjokulturali. Ingħid hekk, ghaliex jidher li I-Professur Aquilina jfittex li jkun rappreżentattiv tat-tendenzi kollha Ii jilħqu ċertu livell aktar milli tal-gosti personali tiegħu. L-għażIa ssir biex tagħti kwadru kemm jista’ jkun oġġettiv ta' dak kollu Ii qed jinkiteb bil-Malti li jistħoqqlu attenzjoni u mhux biss ta’ dak li I-aktar iħobb l-antoloġista. (6)

Din ix-xorta ta’ fiduċja fl-“antoloġista” li jagħżel lil dawk li “jixirqilhom biljett tad-dħul” fil-kanonu letterarju Malti tkompli tirfed l-idea tal-istess kanonu. L-assimilazzjoni konxja u inkonxja tal-attitudni reverenzjali fil-konfront tal-“kattedra tal-Malti” nistgħu għalhekk nipperċepuha bħala s-sies indiskutibbli li fuqha jserraħ il-proċess tal-kanonizzazzjoni lokali.

Din il-konvinzjoni ta' kanonu ġust, kanonu li skont Serracino Inglott "jista' jkun oġġettiv" u "rappreżentattiv tat-tendenzi kollha Ii jilħqu ċertu livell," tifforma pedament konċettwalment robust li fuqu tista' tissejjes l-idea tal-kanonu letterarju Malti.

It-twemmin fil-kanonu jsostni għalhekk l-idea li l-letteratura Maltija jista' jkollha futur. Skont Sant dan il-futur mhux biss huwa possibbli imma huwa wkoll garantit. Meta l-editorija ta' *antae* staqsietu dwar il-ġejjieni tal-letteratura Maltija, Sant wieġeb li din "taspira biex tkun parti mit-tendenzi letterarji ewlenija tal-Ewropa u tal-Amerika" ("Juggling between Different Versions" 149). F'dan ix-xenarju trasnazzjonali s-sopravivenza tal-letteratura Maltija mhux se tiddependi biss mill-assimilazzjoni ta' dawn it-tendenzi imma aktarx li se tkompli tiddependi mill-proċess kanoniku li fost l-oħrajn jiddetermina liema xogħlijiet letterarji Maltin għandhom jiġu tradotti u kkonsmati mill-qarrejja internazzjonali. Sant mhuwiex waħdu li jassumi li l-letteratura Maltija għandha futur. Friggieri jelabora wkoll l-idea ta' sies sod u permanenti tal-letteratura li jiggarantixxi konsistenza u fuq kollox sopravivenza. Fid-daħla għall-antoloġija *Ħoloq*, Friggieri jgħid li "l-qofol" tal-letteratura "ma jistax jitbiddel" u li "l-bażi tagħha ma tistax titbiddel" ("Daħla" 3). Hekk il-garanzija tal-futur tal-letteratura torbot daqskemm jorbot il-ġudizzju tal-kanonizzatur; kliem Friggieri jista' jimplika wkoll li l-futur ta' din il-letteratura huwa interdipendenti mill-eżistenza dejjiema tal-kanonu letterarju Malti maħsub u mibni skont il-kriterji li fuqhom tissejjes il-viżjoni naturalment limitata tiegħu.

6.2 Kanonu jew Kimera?

Minkejja ċ-ċertezza dwar il-futur tal-idea tal-kanonu letterarju evokata minn ċerti kanonisti, hemm oħrajn li mhumiex tant konvinti mill-istabbilità futura tagħha. Il'ya Kukulin imur lil hinn mill-kunċett tradizzjonali tal-kanonu meta jitkellem dwar l-idea tan-nuqqas ta' ġerarkiji proposta minn diversi perspettivi asjoloġiċi dwar il-letteratura. Madankollu, dan in-nuqqas ta' ġerarkiji, u allura ta' kanoni, ma jimplikax in-nuqqas ta' futur għal-letteratura għax skont Kukulin: "In-nuqqas ta' ġerarkiji jista' jkun xhieda mhux tal-istaġnar tal-letteratura (f'dawn il-każijiet il-ġerarkiji jinħolqu pjuttost faċilment) imma, għall-kuntrarju, tat-tkabbir attiv tagħha, fejn kollox għadu diffiċli ħafna biex jingħaraf u jiġi sistematizzat" (f'Glanc 59). Għaldaqstant, l-idea tal-kanonu letterarju tista' tibqa' teżisti biss bħala illużjoni jew kimera, idea distakkata mir-realtà fejn "il-ġerarkija ġdida" tkun komposta minn rabtiet orizzontali flok vertikali (Glanc 59). Dan il-pluraliżmu deċentralizzat jitfa' f'baħar ta' dubji l-futur tal-proċess kanoniku li għal uħud, għandu l-għan aħħari u simplistiku li jipproduċi xi forma ta' lista tal-aqwa xogħlijiet letterarji.

Annette Thorsen Vilslev tqabbel ir-riflessjonijiet ta' Natsume Soseki dwar il-letteratura mal-kitba kreattiva tiegħu stess sabiex tindaga kif dan il-kittieb Ġappuniż jiddubita mill-ottika tal-Punent li spiss tintuża biex tinftiehem id-definizzjoni tal-letteratura. Il-kitbiet letterarji ta' Soseki – fihom infushom xhieda tal-interazzjoni letterarja globali u tat-taħlit eklettiku tal-istili tal-Punent u tal-Lvant – iqanqlu d-dubji dwar "l-universaliżmu Ewroċentriku" li jiddomina lill-Kanonu tal-Punent. Karatani Kojin ikkummenta hekk dwar Soseki: "It-tħassib veru tiegħu kien li jindika li l-universalità ma kinitx a priori, iżda storika"

(f'Thorsen Vilslev 262). Soseki nnifsu kiteb li "Dak li jissejjaħ 'letteratura' fl-isfera tal-klassiċi Ċiniżi u dak li jissejjaħ 'letteratura' fl-isfera Ingliża għandu jagħmel parti minn kategoriji differenti u ma jistax jingħata definizzjoni waħda" (f'Thorsen Vilslev 261). Mill-perspettiva tal-letteratura tal-Lvant Imbiegħed, il-forma mentis tal-kanonizzaturi tal-Punent la hu adegwat u lanqas applikabbli b'mod universali. Thorsen Vilsev tidentifika speċifikament "il-mudelli tal-letteratura nazzjonali" meta titkellem fuq din l-inadegwatezza (258), referenza li talludi għall-idea tal-kanonu letterarju kif ġiet ippreżentata u mistħarrġa f'din it-teżi. Hija temmen li l-istudju mill-qrib tal-kitba kreattiva ta' Soseki jiżvela l-bżonn ta' djalogu bejn kulturi u teoriji letterarji differenti peress li ħafna minn dawn kienu interessati biss fil-letteratura tal-Punent u ma rnexxilhomx jassimilaw letteraturi oħrajn; dan it-twemmin jista' jimplika wkoll li l-idea tal-kanonu letterarju bħala organu monolitiku hija żbaljata u ċertament mhux aġġornata. Riflessjonijiet bħal dawn jissuġġerixxu li d-diskors kanoniku ma jridx jaqa' fin-nasba ironika li jiċħad l-għarfien tal-alterità li Culler iddeskriva bħala "virtù" ewlieni tal-letteratura (*Excerpts* 187).

Il-pożizzjoni ta' Soseki tissuġġerixxi li fil-futur l-idea tal-kanonu tal-letteratura nazzjonali tista' tkun aktar ta' dannu milli ta' ġid għax tista' ċċaħħad l-istudju tal-letteratura mill-għarfien tan-natura universali tal-letteratura li tkellmet fuqu Casanova f'*The World Republic of Letters* u kif ta ħjiel tiegħu Friggieri meta semma l-idea li "fid-dinja hawn Letteratura waħda miktuba fi żminijiet u postijiet differenti f'mixja organika waħda" (*L-Idea tal-Letteratura* iv). Mill-banda l-oħra, il-ħtieġa ta' twessigħ fil-viżjoni tal-istudji letterarji titlob analiżi mill-qrib tal-letteratura tal-"Oħrajn" u ta' dik li Mineke Schipper tiddeskrivi bħala "letteraturi antipodali." Skont Schipper il-letteraturi antipodali jiġbru fihom "kemm xogħlijiet

orali kif ukoll miktuba mill-preżent u mill-passat. Illum il-ġurnata, wieħed għandu jinkludi wkoll rivisti popolari, komiks, fantaxjenza, stejjer polizjeski u stejjer romantiċi. Fil-viżjoni tal-Punent ta' x'inhi letteratura, il-maġġoranza tax-xogħlijiet minn kulturi oħra jappartjenu wkoll għal dan il-qasam kbir ta' letteraturi antipodali." F'*Les Contre-Littératures*, Mouralis jispjega kif il-letteraturi antipodali "jipprovaw jiġbdu l-attenzjoni tal-grupp żgħir u elitista li jiddeċiedi x'jista' u x'ma jistax jitqies bħala letteratura" (f'Schipper 20); tali osservazzjoni għandha r-reżonanzi tat-teorija Gramscijana dwar l-eġemonija u "l-ekwilibrju tal-kompromess" milħuq bejn il-klassijiet soċjali (*Selections* 161). Iżda din ir-relazzjoni anzjuża bejn il-kurrenti ewlenin tal-letteratura u dawk imtarrfa tal-letteraturi antipodali tinvolvi elementi kontradittorji; l-ironija ta' din il-letteratura mwarrba li tixxennaq għall-kanonizzazzjoni tista', qabelxejn, timmina r-rilevanza tal-kanonu letterarju. Il-ġlieda anzjuża, f'termini Bloomjani, bejn il-letteratura nazzjonali u dik periferika tista' tittrasforma f'kimera r-raison d'etre tal-kanonu li skont teoristi bħal Soseki jinħass pjuttost irrilevanti għall-kuntest letterarju multikulturali tal-letteratura dinjija.

Il-plawsibbiltà ta' ġejjieni li fih il-kunċett tal-kanonu letterarju jsir obsolet tisseddaq ukoll permezz tal-ideat promulgati mill-perspettivi bħal dawk tal-Kritika l-Ġdida, tal-Post-Strutturaliżmu u anke tal-kritika relatata mar-rispons tal-qarrejja. L-idea tal-"mewta tal-awtur" li ppropona Barthes fl-1968 fl-esej influwenti "La Mort de l'Auteur" tippromwovi l-attitudni favur "it-twelid tal-qarrejja," attitudni li tista' ma tkunx dejjem kompatibbli mal-kunċett ta' kanonu letterarju li jiddetta x'għandu u x'ma għandux jinqara (6). Għaldaqstant, id-dispożizzjoni awtoritarja ta' kanonizzaturi lokali bħal Aquilina u Friggieri tista' saħansitra tiġi pperċepita bħala theddida għal-libertà tal-għażla u tal-interpretazzjoni tal-qarrejja

enfasizzati mit-teoriji tar-rispons tal-qarrejja bħal dawk espressi minn Wolfgang Iser f'*The Act of Reading – A Theory of Aesthetic Response* u minn Roman Ingarden f'*The Cognition of the Literary Work of Art*. Teoriji bħal dawn jinkoraġġixxu s-sehem attiv tal-qarrejja li waqt il-proċess tal-qari jikkontribwixxu għall-produzzjoni tat-tifsir u tal-qari mill-ġdid. Fil-bidu tas-sebgħinijiet diġà kien hemm kittieba u kritiċi bħal Diacono li ħaddnu prinċipji simili għal dawk tat-teorija tar-rispons tal-qarrejja. Meta kien qiegħed jikkritika d-dramm *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ta' Cremona huwa kkummenta: "L-arti drammatika ma tirrakkuntax, iżda taħdem fuq is-sensazzjonijiet tal-udjenza. Kull skoperta, kull ħaġa li tikxef l-udjenza dwar il-karattri u dwar is-sitwazzjoni jew l-iżviluppi hija sensazzjoni, kbira jew żgħira." L-udjenza qiegħda f'pożizzjoni ta' kontroll fir-relazzjoni trijangolari bejnha, ix-xogħol letterarju u l-kittieb jew kittieba tiegħu. Huwa jelabora: "Meta Cremona jagħżel li jinforma flok inqanqal lill-udjenza, ikun jirrinunzja għall-vivaċità u l-qawwa li l-possibbiltà tal-emozzjoni tagħti lill-arti drammatika" (31). Skont Diacono, li fit-testi teatrali li offra hu stess qagħad attent biex kemm jista' jkun ma jirrepetix dawn l-iżbalji, Cremona naqas milli jimxi mat-tendenza aġġornata ta' dawk il-kittieba li riedu jinfatmu mid-didattiċiżmu u li riedu jerħu xogħolhom f'idejn il-qarrejja biex jiktbuh mill-ġdid skont l-interpretazzjoni unika tagħhom.

F'"It-Tifsira tal-Ħarruba fi 'Quo Vadis?': Tinstab jew Tevolvi?," Micallef jipprovdi studju tal-poeżija "Quo Vadis" mill-perspettiva Fenomenoloġika li proprju titfa' l-attenzjoni tal-kritiku fuq l-interpretazzjoni esklussiva tal-qarrej "f'mument ta' qari ġdid." Micallef, li huwa l-kritiku letterarju ewlieni li qiegħed jippproponi lokalment din il-perspettiva mibnija fuq it-tagħlim ta' teoristi bħal Iser u Ingarden, jemmen li ma' kull qari "l-qarrej jerġa' jittrasforma t-test letterarju f'avveniment estetiku" (2). L-irwol tal-qarrej għalhekk isir indispensabbli għax

huwa dak li permezz tal-proċess deskritt minn Micallef jirnexxilu “jattwalizza x-xogħol letterarju.” Barra minn hekk, “il-ħwejjeġ konkreti li jidhru fit-test letterarju ma jeżistux lil hinn mill-proċessi u l-operazzjonijiet li bihom il-qarrej iżomm id-dinja tat-test letterarju fis-seħħ” (4). Stqarrija bħal din tkompli ssaħħaħ is-sehem fundamentali tal-qarrejja anke fil-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja, li hawnhekk jieħu dimensjoni aktar intima u personali, filwaqt li indirettament jista’ jnaqqas iċ-ċentralità tal-kanonizzaturi tradizzjonali tant ċentrali fid-dibattitu kanoniku. Il-proliferazzjoni odjerna tal-pubblikazzjonijiet letterarji tista’ sservi ta’ katalist għal din it-tranżizzjoni gradwali. Peress li l-kanonizzaturi akkademiċi mhumiex dejjem ilaħħqu jeżerċitaw l-influwenza kanonika tagħhom fuq in-numru dejjem jiżdied ta’ publikazzjonijiet ta’ rumanzi u ġeneri letterarji oħra, il-qarrejja qegħdin jitħallew jesperjenzaw libertajiet u responsabbiltajiet ġodda. Dan mhux biss jimplika li xi drabi tinbet il-possibbiltà li jinqabżu l-kanonizzaturi tradizzjonali iżda fuq kollox jimplika li l-qarrejja qegħdin jingħataw forma ġdida ta’ poter: li jagħżlu bejn xogħol letterarju li miegħu jirnexxilhom jibnu relazzjoni ta’ affinità u li jkun ħaqqu ratings tajbin fuq siti popolari (fis-sens doppju) bħal *goodreads.com* u bejn xogħol letterarju li abbażi tal-qari personali tagħhom jiġi ġġudikat bħala wieħed li ma ħaqqux jiġi rrakkomandat lil qarrejja oħrajn. Mill-banda l-oħra, dan is-sehem attiv tal-qarrejja jista’ saħansitra jissuġġerixxi inverżjoni tal-irwoli billi jinfluwenza parzjalment il-ġudizzji tal-kanonizzaturi nfushom kif jimplika J. J. Lecercle meta jqabbel il-kanonu letterarju max-xena kalċistika fejn “ir-regoli tal-futbol ġew immodifikati fl-interess tal-ispettaturi li jixtiequ spettaklu tajjeb” (90-91). Meta jqabbel bejn l-idea tal-kanonu “preskrittiv” proposta minn Bourdieu u l-idea ta’ kanonu “prattiku” (“*praxic*”) proposta minn Marc Hunyadi, Lecercle iżid kif dan tal-aħħar jenfasizza kif “ir-regoli tal-

letteratura . . . jipprovokaw il-kunflitt ta' interpretazzjoni, il-qari u l-qari skorrett ("*misreading*"), u jippermettulna niġġudikaw bejniethom" (94). Dan jindika li l-enfasi tat-teorija dwar il-kanonu tista' wkoll tiċċaqlaq biex tibda tiffavorixxi l-irwol tal-qarrejja anke f'dan ix-xenarju tradizzjonalment iddominat mill-irwol tal-kanonizzaturi.

Għaldaqstant, minflok jiżvaluta kompletament l-idea tal-kanonu letterarju Malti, l-approċċ Fenomenoloġiku jista' jirridimensjoni d-diskors dwarha billi jimmodifika t-tifsir tagħha u jiffoka fuq l-irwol tal-qarrej li "jassumi l-parti ta' koawtur tax-xogħol letterarju" permezz tal-produttività interpretattiva tiegħu (14) bil-possibbiltà li, kif nissuġġerixxi jien, dan jassumi wkoll il-parti ta' kokanonizzatur fil-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja. Micallef jinħass diżappuntat li t-teorija tal-interpretazzjoni għadha ma qabditx art fl-istorja tal-kritika letterarja Maltija: "Nemmen li dan is-sens ta' dinja Fenomenoloġika ma jeżistix fil-qari tal-letteratura Maltija" (15), bil-konsegwenza li "Sal-lum, l-estetika Maltija tat lill-qarrej ftit ħafna x'jagħmel (16)." Mill-osservazzjoni ta' Micallef jidher li l-ansjetà tal-influwenza tar-Romantiċiżmu letterarju laħqet ukoll lill-kritika: "L-enfasi Romantika fuq is-sensibilità tal-poeta individwali bħala l-uniku aċċess għall-verità ġabet magħha destin kiefer għall-qarrej bħala koawtur tal-poeżija." Konsegwentement, it-twarrib konsistenti tar-"rispons produttiv ta' diversi qarrejja" wassal għal nuqqas ta' viżjoni progressiva anke fejn jidħol id-diskors dwar il-kanonu letterarju Malti (15). L-argumentazzjoni ppreżentata minni tista' saħansitra tmur lil hinn minn dak li tissuġġerixxi l-perspettiva Fenomenoloġika – li xorta tibqa' tqis il-konvenzjonijiet letterarji (inkluż l-irwol konvenzjonali tal-kanonizzaturi) bħala parti intrinsika mit-test biex il-qarrejja jattivawhom għal ġo dinamika letterarja. Fil-futur, id-dibattitu

kanoniku lokali jista' madankollu jittanta jesplora l-possibbiltà li l-irwol tal-qarrejja jiġi vvalutat aktar fil-proċess tal-kanonizzazzjoni tax-xogħlijiet letterarji Maltin.

Kif jissottolinea John Burnside, dan joħroġ fid-dieher b'mod speċjali permezz tal-metodoloġija pedagoġika mħaddma fl-iskejjel u fl-universitajiet fejn l-istudenti la jkollhom għażla liema letteratura jistudjaw u spiss lanqas ikollhom l-opportunità jinterpretaw u joħorġu bir-rispons kritiku tagħhom (386-387). Stanley Fish, sa mill-1980 meta ppubblika *Is There a Text in this Class?*, diġà kellu viżjoni progressiva f'dan ir-rigward meta ppropona mod ġdid ta' kif inħarsu lejn il-klassi jew kwalunkwe grupp ta' qarrejja li qegħdin jistudjaw il-letteratura: għalih dawn huma "komunitajiet interpretattivi" b'responsabbiltà kbira. Għal Fish "it-tifsiriet mhumiex propjetà ta' testi fissi u stabbli u lanqas ta' qarrejja ħielsa u indipendenti iżda ta' komunitajiet interpretattivi li huma responsabbli kemm għall-għamla tal-attivitajiet tal-qarrej kif ukoll għat-testi li jipproduċu dawn l-attivitajiet" (322). Dak li Micallef qiegħed jipproponi lokalment, imsejjes fuq il-ħsieb ta' dawn it-teoristi barranin, jista' jirridimensjona anke d-direzzjoni tad-diskors dwar il-kanonu letterarju: minflok jibqa' jingħad b'kondixxendenza minn fuq għal isfel, jista' jagħti l-każ li 'l quddiem jingħaraf li l-punt tat-tluq jinsab fil-fatt xi mkien 'l isfel, f'idejn "il-komunitajiet interpretattivi" li mhux biss jinterpretaw imma jaslu wkoll biex jidentifikaw liema xogħlijiet letterarji joffru l-aqwa possibbiltà biex tinbena affinità interpretattiva magħhom. Hekk ix-xewqa implikata fid-diskors preċedenti ta' Micallef dwar iċ-ċentralizzazzjoni futura tar-rispons produttiv tal-qarrejja tista' wkoll issir realtà.

Fid-dawl ta' din il-perspettiva, ta' min janalizza l-istqarrija li Grima għamel f'"Il-Waqt Storiku tal-Poeżija": "bħala qarrejja għandna sehem kruċjali fil-proċess kontinwu tal-kitba

tax-xogħol letterarju. Mhux sehem importanti: sehem determinanti . . . F'kull qari tagħha, din il-poeżija tinkiteb mill-ġdid." U dan il-kliem għandu iktar piż peress li qiegħed jingħad minn xi ħadd li jista' jitqies bħala kanonizzatur letterarju ewlieni fix-xena lokali attwali. Iżda attitudni bħal din ta' Grima hija neċessarjament l-anatema tal-kunċett tal-kanonu letterarju tant li tista' tissarraf fit-tixjin tiegħu? Ir-risposta li qiegħed nagħti bl-istudju tiegħi għal din id-domanda hija fin-negattiv: il-kanonizzaturi jistgħu jivvalutaw aktar il-kontribut tal-qarrejja billi minflok jibqgħu jqisuhom biss bħala riċevituri passivi fit-tarf tal-proċess kanoniku, jibdew iqisuhom bħala komponent vitali waqt il-fażi selettiva; l-għarfien tal-qarrejja bħala kokanonizzaturi jpoġġi f'pożizzjoni aħjar lill-kanonizzaturi biex ikunu jistgħu jagħżlu liema letteratura se jimbuttaw u liema se jwarrbu. Attitudni inklussiva bħal din tħeġġeġ ukoll id-dibattitu dwar il-letteratura għolja u l-letteratura baxxa u dwar l-idea tal-letteratura la għolja la baxxa jew tad-divertarti. U forsi din il-letteratura la għolja la baxxa tista' tkun it-twettiq tal-kompromess bejn żewġ estremitajiet: l-impożizzjoni ta' kanonu riġidu u awtorevoli u t-tħollija kompleta f'idejn il-ġudizzju u r-rispons tal-qarrejja. Bl-istudji tiegħi qiegħed nippreżenta attitudni bbilanċjata li tista' tagħti sura komprensibbli u attwali lill-kanonu letterarju Malti għaliex ma tħallihx magħluq fit-torri tal-avorju tal-kanonizzaturi akkademiċi tipiċi tal-letteratura lokali iżda tqarrbu aktar lejn il-qarrejja mingħajr ma tiddemokratizzah f'estrem li tirrendih mekkaniżmu tal-kommodifikazzjoni li tkellmu fuqha Gramsci u ħassieba oħrajn.

6.3 Viżjoni Dejjiema tal-Kanonu

F'*What is an Author*, Foucault jiddiskuti l-paradossalità ta' funzjoni ewlenija partikolari ta' xogħol letterarju, dik "li jsir il-qattiel" tal-awtur tiegħu biex jakkwista d-don tal-immortalità: "Il-kitba issa tintrabat mas-sagrifiċċju u mas-sagrifiċċju tal-ħajja nnifisha; hija t-tħassir volontarju tal-innifsi li ma jeħtieġx rappreżentazzjoni fil-kotba għax iseħħ fl-eżistenza ta' kuljum tal-kittieb. Fejn ix-xogħol kellu d-dmir li joħloq l-immortalità, issa jikseb id-dritt li joqtol, li jsir il-qattiel tal-awtur tiegħu" (102). Foucault jispjega kif fejn qabel, il-letteratura Griega bikrija kienet tippromwovi l-kunċett tal-immortalità tal-eroj tagħha, illum il-ġurnata l-letteratura qiegħda tissagrifika l-ħajja biex hi stess tikseb l-immortalità. L-idea tal-immortalità miksuba tal-letteratura tista' tixħet dawl fuq id-djalettika dwar il-viżjoni essenzjalment dejjiema tal-kunċett kanoniku li tista' tiġi skrutinizzata wkoll maġenb l-idea ta' eġemonija li tkellem fuqha Gramsci.

Fil-kuntest lokali, l-idea tal-eġemonija mmaterjalizzat ruħha l-aktar fil-perjodu Romantiku meta diversi poeti kkanonizzati fil-konxju u fl-inkonxju kollettiv emmnu li l-kontribut letterarju tagħhom seta' jittraxxendi l-perjodu storiku li għexu fih għax "L-immortalità storika . . . saret għamla ta' kuxjenza qawwija fil-poeti Romantiċi" (Attard, *L-Estetika* 150). Ix-xewqa għall-immortalità letterarja – xewqa li possibbilment tidħol fil-konfini skomdi tal-awtoglorifikazzjoni, tan-narċisiżmu u tal-preżunzjoni – tista' tiġi interpretata bħala forma ta' dik li Gramsci sejjaħ "impożizzjoni tal-valuri intellettwali u morali" (*Hegemony* 75) ta' dawn il-poeti Romantiċi kemm fuq il-qarrejja ta' żmienhom, kif ukoll fuq dawk li jappartjenu għal ġenerazzjonijiet futuri. Għaldaqstant dan jimplika wkoll l-impożizzjoni fuq

qarrejja futuri ta' kanonu letterarju Malti fiss u bi ftit jew b'ebda ċans ta' modifikazzjoni, kanonu statiku li minkejja li jista' eventwalment jidher datat jew anakronistiku, jibqa' tant b'saħħtu li jisboq kull tentattiv biex jidħlu fih il-kittieba l-oħra li ma jagħmlux parti mil-letteratura eġemonika.

Fl-analiżi tagħha tat-teorija letterarja ta' Anastasju Cuschieri, Josette Attard tirreferi għall-kunċett ta' "immortalità storika" biex tispjega kif diversi kittieba, imnebbħa mill-kunċett Orazjan tan-"*non omnis moriar*," jemmnu li xogħlijiethom kapaċi jittraxxendu ż-żmien. Attard tissintesizza l-ħsieb ta' Cuschieri f'dan ir-rigward: "Ġenju artistiku kapaċi joħloq xbihat li jqanqlu sentiment estetiku ġewwieni. Mhux dejjem hu konxju minn din il-kwalità tiegħu li tagħtih immortalità storika u li ma jistax jiġġudikaha l-bniedem" (99). Għal Cuschieri l-marka permanenti li jħallu l-kittieba fix-xena letterarja hija qabelxejn turija tal-"ġenju artistiku" tagħhom għaliex xogħlijiethom ikunu ssodisfaw il-kriterju estetiku. Fl-istudju ppubblikat fl-antoloġija poetika ta' Pisani *Il-Għid taż-Żgħożija*, Aquilina jikkummenta dwar ix-xewqa tal-poeta Għawdxi għall-immortalità storika. Skontu, Pisani ttama biex permezz tal-poeżija jħalli marka eterna fil-kanonu letterarju Malti: "Qiegħed fiha t-tama u x-xewqa li jħalli lil ta' warajh tifkira ta' ismu . . . għana li ż-żmien ma jistax għalih" ("Pisani" vii). Din l-aspirazzjoni ta' Pisani toħroġ fil-versi ta' "Lil Palma Xiħa" fejn jispjega espliċitament li l-poeżija tiegħu se "tibqa'" għaliex tħaddan kwalitajiet eterni: "L-għanja tiegħi ma tmutx miegħi / għaliex ġejja mis-smewwiet." Il-marka dejjiema tal-poeżija tiegħu timplika wkoll l-immortalità, imqar jekk spiritwali, tal-poeta nnifsu "għax fil-għana ngħix bla tmiem" (14).

Meta tikkummenta fuq Vassallo, Attard tirreferi wkoll għall-kunċett tal-"immortalità storika" fil-ħsieb ta' dan il-poeta li jsir "ħaġa waħda mal-poeżija biex it-tnejn flimkien

jissuperaw id-dimensjoni taż-żmien u spazju biex jiksbu l-immortalità storika bil-ġieħ u l-glorja li jingħataw x'aktarx wara mewt il-poeta" (146). Vassallo nnifsu jistqarr li l-ħidma letterarja tiegħu "ma tintemmx għalkollox! Għax jispiċċa ż-Żmien, il-Wisa' u kulma sar; imm'aħna, jiena u t-tfajla li nħobb – il-Poeżija – ma nispiċċawx mal-mewt: għax meta mmutu, nerġgħu nitwieldu biex ma mmutu qatt" (*Il-Malti*, Marzu 1938). L-idea tal-immortalità storika tal-kittieb, jew dik li Marcel Zammit Marmarà jiddeskriviha bħala "immortalità letterarja" (*Irrid u ma Nistax* 340), toħroġ sew fil-poeżija "Lil Gaspare Pace": "u nibqa' sa ma mmut: / poeta sħiħ li miegħu / aktarx ma jkeffnux ismu ġo tebut" (*Ħamiem u Sriep* 112). Vassallo, li huwa wkoll influwenzat mix-xewqa Orazjana, jittama li l-ġabra poetika tiegħu *Nirien* timmarka s-siġill indelibbli tal-immortalità storika tiegħu: "ngħix u mmut bit-tama li dan il-ktieb ikun għalija *monumentum aere perennius*" ("Kelmtejn Qabel" 6); din l-idea li l-poeżija tiegħu tippersisti fil-kanonu letterarju Malti għax hija monument li jdum aktar mill-bronż timplika l-awtoimpożizzjoni diretta tal-poeta Romantiku fuq il-kanonu letterarju Malti. Il-vers imponenti: "Ismi jħożżuh fix-xemx," meħud mill-poeżija "Lil…" (*Nirien* 60) flimkien mal-vers: "Li ktibt jien ma jħassru ħadd," meħud minn intervista li kienet saret lil Vassallo fl-1985 ("Serata f'Ġieħ Karmenu Vassallo"), ikomplu jseddqu l-idea ta' Vassallo dwar l-ispazju li stenna bi dritt li jokkupa u li jibqa' jokkupa fil-kanonu letterarju Malti. Is-sit tal-Akkademja tal-Malti jkompli jispjega din l-"affermazzjoni ta' Vassallo li l-poeta jmut iżda l-għanja tiegħu tibqa' – wieħed mill-kunċetti ewlenin tar-Romantiċiżmu. Bis-saħħa tal-poeżija tiegħu, il-poeta jsir immortali" ("Serata f'Ġieħ Karmenu Vassallo").

L-attribuzzjoni ta' dan il-ħsieb fil-konfront tar-Romantiċi Maltin tkompli tingħata validità bil-qari mill-qrib tal-poeżija ta' Dun Karm. F'"Non Omnis Moriar" huwa wkoll jittama

fil-marka eterna tal-poeżija li inevitabbilment timplika lill-poeta nnifsu: “Iżda l-għanja ma tmutx; / minn taħt il-għatu / tal-qabar waħdu tibqa’ ħierġa safja” (434). F’versi oħra l-poeta mxennaq għall-immortalità ma jibqax moħbi wara l-iskuża tal-poeżija eterna: “Ħabbar tas-sewwa, mera tas-sbuħija, / kelmtu mis-sema, u min fis-sema tnissel / la jixjieħ u la jmut” (435). Hawn Dun Karm donnu jmur kontra l-ħsieb Foucaultjan li x-xogħol letterarju joqtol lill-awtur tiegħu biex jikseb l-immortalità. Dun Karm jixtieq jikseb l-immortalità għalih daqskemm jixtieqha għal xogħlijietu, u dawn il-versi x’aktarx li jixhdu x-xewqa tiegħu li jikkonsolida ruħu b’mod permanenti fil-kanonu letterarju Malti.

Iżda l-idea ta’ “impożizzjoni” li tkellem fuqha Gramsci (*Hegemony* 75), toħroġ l-aktar fid-dieher bl-intervent dirett tal-kanonizzatur. Aquilina jagħmel dan, pereżempju, meta jeloġja lil Cremona:

> Fl-4 ta’ Awwissu 1947, il-Kumitat tal-“Premju Muscat Azzopardi” ma setax isib bniedem aħjar wara Dun Karm biex jilqa’ fuq sidru il-midalja tad-deheb tal-mertu. U midalja oħra tad-deheb iqiegħdlu fuq sidru ż-żmien tal-istorja Maltija, il-medalja tal-immortalità letterarja. (“Il-Ħajja” xli)

Bi kliemu, Aquilina mhux biss jikkonsolida l-istatus quo ta’ Cremona bħala awtur kanoniku, imma jixħet dawl ukoll fuq żewġ metodi ewlenin ta’ kanonizzazzjoni letterarja: l-għoti ta’ premjijiet letterarji prestiġjużi (“il-midalja tad-deheb tal-mertu” tal-“Premju Muscat Azzopardi”) u r-rikonoxximent permanenti ta’ awtur li xogħlijietu jgħaddu mit-test taż-żmien (il-“midalja oħra tad-deheb” taż-“żmien tal-istorja Maltija”).

6.4 Il-Problematika Idjosinkratika

Fl-artiklu “Il-biża’ mill-ktieb” Mifsud jidentifika problematika fundamentali li ddewwed l-għeruq tad-djalettika tal-kanonu letterarju: “Il-biża’ mill-ktieb” li jirrendi awtomatikament superfluwu kull diskors dwar liema ktieb għandu jew ma għandux jinqara. Mifsud jirreferi għal x’qal is-soċjolgu Frank Furedi dwar “tendenza li qiegħda tikber fost studenti (mhux Maltin) li jirrifjutaw li jaqraw ċerti kotba minħabba l-biża’ li dak li hemm miktub jista’ jaffettwahom ħażin psikoloġikament.” Iżda skont Mifsud, il-qagħda tal-qarrejja lokali hija saħansitra aktar inkwetanti; is-suppożizzjoni tiegħu dwar is-sitwazzjoni lokali tad-”diżinteress serju fil-qari” li jissensel mill-“falliment li titrawwem kultura ta’ qari” (“Il-Biża’ mill-Ktieb”) tipproblematizza sew l-attwalizzazzjoni tal-idea tal-kanonu letterarju Malti.

Iżda l-formazzjoni ta’ kanonu li jissuġġerixxi liema hija l-aħjar letteratura Maltija jista’ jkollha intopp ieħor li saħansitra jippreċedi dawk preżenti fl-istadju tal-qari. Fl-1950, Vassallo kien diġà lmenta kemm kien diffiċli għall-kittieba Maltin biex jeżerċitaw il-prattika tagħhom – prattika li sal-ewwel nofs tas-seklu 21 qajla tista’ titqies bħala “professjoni”: “Hawn Malta ma nafx min hu dak li jista’ jintafa’ b’ruħu u b’ġismu għal xogħol bħal dan minn tlugħ ix-xemx sa nżulha, u joqgħod fuqu biss. Fi kliem ieħor, ebda kittieb Malti, jidhirli jien, ma jista’ jintafa’ u joqgħod għall-kitba bil-Malti bħala professjoni li minnha jkun irid iħassel l-għajxien tiegħu u tal-familja li jkollu” (“Traduttur” ix). Għalkemm kien hemm żviluppi radikali fix-xena letterarja lokali, primarjament għaliex illum il-ġurnata l-pubblikaturi, u mhux l-awturi, spiss jitgħabbew bl-ispejjeż tal-pubblikazzjoni, xorta għad hemm ir-restrizzjonijiet inevitabbli ta’ xi fatturi materjali tal-formazzjoni tal-kanonu letterarju li tkellem fuqhom Kolbas (26). Vassallo –

wieħed mill-kittieba li eventwalment ġew ikkanonizzati – jaf li s-sitwazzjoni idjosinkratika ta' Malta toffri sfida itqal minn għadd ta' realtajiet letterarji oħrajn:

> Il-kotba bil-Malti qajla u xejn iħallu qligħ (anzi xi drabi, biex ma ngħidx ħafna drabi, bilkemm iseħħlu wieħed jifdi n-nefqa li jkun għamel), għad li dak il-Malti li jiktibhom aktarx li ma jonqosx jagħraq u jagħsar saħħtu fuqhom daqskemm jagħmel wieħed kittieb Ingliż, Taljan jew Franċiż li jara l-kotba tiegħu jinbigħulu bil-miljuni – ħaġa li f'dawn il-gżejjer tagħna hi kollha kemm hi ħolma fiergħa, billi l-bejgħ tal-kotba Maltin f'pajjiżna hu aktarx dak ta' minn tlieta sa, l-aqwa, ħames mitt kopja tal-ktieb li tkun stampajt u ħriġt għad-dawl, sakemm dan ma jdaħħluhulekx fl-iskejjel tal-Gvern, fejn allura l-bejgħ għandu mnejn jilħaqlek l-erba' ċifri jekk kemm-il darba ma jmutlekx jew ma joqtluhulekx ħesrem. ("Traduttur" ix)

Apparti l-enfasi fuq il-limitazzjoni ovvja tas-suq diminuttiv, Vassallo jixħet dawl fuq kif il-proċess ta' kanonizzazzjoni jista' jsalva lil kittieba individwali milli jabbandunaw perkors letterarju li ma jħallix il-"qligħ" monetarju li saħaq fuqu l-karattru tal-"kittieb" ta' Miguel de Cervantes f'*Dun Kixott* (232). Ix-xogħol letterarju, bħal rumanz jew ġabra ta' poeżiji, li jiġi introdott fis-sillabu tal-"iskejjel tal-Gvern" jista' jifdi lill-awtur għax l-għażla tissarraf f'bejgħ garantit. Grima wkoll jaċċenna għall-effetti ta' tali inklużjoni: "Jekk imbagħad ix-xogħlijiet jinqraw u jiġu studjati fl-iskejjel, bħal fil-każ tal-ġabra ta' stejjer qosra *Beżgħat* ta' Paul P. Borg li spiss jittrattaw il-familja, dawn jilħqu ġenerazzjoni sħiħa ta' adolexxenti." Grima saħansitra jmur lil hinn mill-implikazzjonijiet konkreti u immedjati tal-inseriment tal-letteratura fis-sillabu skolastiku; f'kuntrast ma' Vassallo, huwa jenfasizza l-influwenza etika u morali li jista' jkollhom il-kotba letterarji fuq l-istudenti. Iżda kliem Grima jimplika wkoll li kittieba bħal Paul

P. Borg isiru aktar popolari peress li xogħlijiethom “jinqraw u jiġu studjati fl-iskejjel” (“‘Fashioning’ the Maltese Family” 258). L-argumentazzjoni ta’ Vassallo u dik ta’ Grima jikkonverġu fuq punt kruċjali li għandu rilevanza għad-djalettika dwar il-kanonu letterarju: l-implikazzjoni komuni hi li meta xogħol letterarju jintgħażel għas-sillabu skolastiku, dan jimbotta isem il-kittieb jew kittieba tax-xogħol ’il quddiem bil-konsegwenza li possibbilment ikun hemm riperkussjonijiet notevoli fuq il-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja.

Kważi sebgħin sena wara li Vassallo niżżel dawn l-osservazzjonijiet, Azzopardi kompliet tilmenta dwar is-sitwazzjoni letterarja f’Malta. F’diskors li għamlet fl-ewwel laqgħa ta’ HELA fl-14 ta’ Marzu 2019, Azzopardi stqarret li sa “tnax-il sena ilu ma kellna xejn” (“Diskors” 1). Minkejja li rat bidliet għall-aħjar f’dak li huwa investiment fil-letteratura Maltija, Azzopardi tinnota li “għad hawn ħafna lakuni, nuqqasijiet, inġustizzji, preferenzi u numru t’affarijiet li nemmen li jistgħu jitranġaw.” Fost l-aktar aspetti tal-problematika lokali li jispikkaw fid-diskors ta’ Azzopardi hemm fatturi li huma relatati mill-qrib mad-djalettika dwar il-kanonu letterarju Malti. Minkejja li hija tqis lilha nnifisha bħala “waħda mill-iktar kittieba privileġġati,” Azzopardi tħossha fid-dmir li tikkritika l-proċess skontha inġust ta’ kanonizzazzjoni letterarja fil-kuntest Malti: “Imma allura dejjem l-istess ismijiet? U dejjem rumanzi biss?” Dawn huma tnejn minn diversi mistoqsijiet li Azzopardi tagħmel f’dan id-diskors intenzjonat biex jiskatta lokalment dibattitu serju dwar x’jistgħu jkunu l-proposti biex jitranġa dan il-proċess meqjus bħala difettuż li spiss ikkanonizza bi kriterji żbaljati. Azzopardi tidentifika l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb bħala “aġent” ewlieni ta’ dan il-proċess li l-modus operandi tiegħu jqanqal dubji u aktar mistoqsijiet:

> Milli nista' nifhem, qed jaġixxi biss bħala aġent għal ċerti awturi. Stramba le, li Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Kunsill Nazzjonali, qed ngħidu, li suppost qed jirrappreżenta u jaħdem għall-awturi kollha Maltin, qed jirrappreżenta ftit awturi li tgħoddhom fuq id waħda fil-fieri tal-ktieb ... jiġifieri ejja nistaqsu ftit u nippruvaw niddiskutuha din ... L-ewwel nett għandu Kunsill Nazzjonali jaġixxi bħala aġent? Għandu jagħżel awturi li jrid hu u jipprova jbigħ ix-xogħol tagħhom barra minn Malta? ("Diskors" 1)

Il-mistoqsijiet ta' Azzopardi jimplikaw l-operat attwali tal-awtorità li tagħżel arbitrarjament dawk il-kittieba li skontha ħaqqhom jingħataw prominenza minn oħrajn anke lil hinn mill-kuntest letterarju Malti. L-għażla msejsa fuq il-"preferenzi" ta' dawn l-awturi tissarraf fi privileġġi immedjati li permezz tagħhom "żewġ awturi sħabi u kollegi tiegħi ggwadanjaw minn din il-proċedura ad hoc" ("Diskors" 1). Dan il-kumment aktarx li huwa ispirat mill-mod ambigwu ta' kif erba' awturi Maltin, u mhux oħrajn, intgħażlu biex jipparteċipaw f'fiera internazzjonali fi Frar tal-2019, proprju xahar qabel li Azzopardi, waħda minn dawn l-erba' awturi, ħasset li għandha tikteb dan id-diskors xi minn daqqiet awtokonfessjonali.

Fis-sit tiegħu, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jistqarr: "Leanne Ellul, Clare Azzopardi, Immanuel Mifsud u Alex Vella Gera kollha kellhom kotba ppubblikati fl-ilsien Għarbi, u flimkien ma' rappreżentant tal-KNK attendew il-Fiera tal-Ktieb fil-Kajr u l-Festival tal-Letteratura fil-Kajr f'okkażjonijiet separati" ("Il-Ħidma Internazzjonali tal-KNK"). Iżda tali attività ta' promozzjoni gratwita tista' twassal biex osservaturi imparzjali tal-proċess kanoniku tal-letteratura Maltija jistaqsu pereżempju kif u għaliex rumanz bħal *Gramma* ta' Ellul, li meta fl-2014 ġiet ppremjata għalih mill-istess Kunsill kienet għadha meqjusa bħala awtriċi emerġenti, ġie promoss b'saħħa ġol-Kajr mill-Kunsill li saħansitra ppubblikah bl-

Għarbi. Għaliex, ngħidu aħna, ma ġiex promoss u ppubblikat bl-Għarbi xi rumanz ta' Stephen Lughermo li inċidentalment rebaħ ma' Ellul il-Konkors Letteratura għaż-Żgħażagħ tal-2014 bir-rumanz *X'aħna Smart* u li fl-2018 ġie ppremjat mill-Kunsill għar-rumanz *Jarmuk*? Inċidentalment, dan l-aħħar rumanz għandu l-potenzjal biex udjenza kulturalment Għarbija tirrelata miegħu peress li jittratta t-tema topika tal-integrazzjoni problematika ta' immigrant Sirjan f'Malta. Għaliex ma ġewx megħjuna kittieba oħrajn li qatt ma kellhom l-opportunità li jiġu tradotti u rreklamati b'xejn f'fieri barranin? Aktar minn hekk, Azzopardi tistaqsi wkoll għaliex għandu jibqa' jiġi mbuttat internazzjonalment min jiġi ppremjat mill-Kunsill: "hemm ħafna kittieba li ma jirbħux il-premju u ma jfissirx li l-ktieb tagħhom mhux tajjeb. Le?" ("Diskors" 1). Din hija d-dilemma li ddiskutejt fil-ħames kapitlu ta' diversi awturi Maltin bħal Grasso u Attard li taw kontribut kbir fix-xena letterarja lokali u li rarament ġew rikonoxxuti għal ħidmiethom minn awtoritajiet letterarji bħall-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Il-każ tal-għażla arbitrarja u mhux trasparenti tal-erba' kittieba Maltin li fl-2019 telgħu l-Kajr jista' jiġġenera aktar spekulazzjonijiet. Jista' jkun ukoll li l-Kunsill ried jasal għal rappreżentazzjoni ugwali tal-ġeneri billi jtella' l-Kajr żewġ kittieba nisa u żewġ kittieba rġiel – prassi li mhijiex rakkomandata saħansitra minn kittieba Femministi bħal Grech Ganado, kif urejt fit-tielet kapitlu. Spekulazzjoni oħra mnissla mis-selezzjoni partikolari ta' dawn l-erba' kittieba hija dik relatata mal-pubblikazzjoni – fattur materjali fundamentali għall-promulgazzjoni tal-letteratura – għaliex il-fatt li ntlaħaq bilanċ ukoll bejn tnejn mill-pubblikaturi ewlenin tal-letteratura bil-Malti (peress li preżentement Azzopardi u Ellul jippubblikaw mal-Merlin filwaqt li Mifsud u Vella Gera jippubblikaw mal-Klabb Kotba Maltin) jista' jkun li huwa xhieda

ulterjuri li l-kanonizzazzjoni letterarja Maltija hija determinata minn fatturi li jmorru lil hinn sew mill-konsiderazzjonijiet estetiċi u mill-kriterji kanoniċi.

Azzopardi tkompli tirrifletti dwar x'għandu jaqa' taħt il-kompetenza tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb: "Għandu jinnegozja f'isem il-kittieba, iħallas il-pubblikaturi u t-tradutturi (jew inkella jgħinhom japplikaw għall-fondi tal-Arts Fund) biex jgħid li qed ixerred il-letteratura Maltija barra?" ("Diskors" 1). Azzopardi turi wkoll nuqqas ta' fiduċja fl-għażla tal-prijoritajiet ta' din l-awtorità influwenti; fost l-oħrajn, hija tirrimarka li t-traduzzjoni u t-tixrid tal-letteratura Maltija f'pajjiżi oħrajn ma għandhomx ikunu l-mira ewlenija tal-investimenti tal-Kunsill. Is-sitwazzjoni problematika diskussa hawn minn Azzopardi turi kif il-kuntest li fih jiffunzjona l-preżunt kanonu letterarju Malti huwa kkondizzjonat minn diversi fatturi mhux dejjem mixtieqa imma inevitabbli. Għaldaqstant, l-approfondiment fl-istudju dwar id-djalettika tal-kanonu fil-kuntest lokali jista' jservi biex iqanqal lill-parteċipanti involuti fil-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja, minn qarrejja sa distributuri, ħalli jsiru aktar konxji mill-mekkaniżmi, ġieli moħbija, li bihom jiffunzjona l-kanonu letterarju Malti.

Attitudni pragmatika fil-konfront tal-kanonu letterarju Malti turi kif dan jissejjes proprju fuq elementi li mhux neċessarjament huma mixtieqa minn min jemmen fl-eżistenza ta' xi proċess ideali iżda, kif argumentaw diversi teoristi, il-kanonu letterarju qatt ma jiffunzjona f'vakwu peress li huwa determinat minn restrizzjonijiet ta' diversi fatturi fosthom dawk storiċi u materjali (Kolbas 26). Fost dawn il-fatturi determinanti x'aktarx li se jibqa' jkun hemm l-impożizzjoni eġemonika tal-valuri intellettwali u morali tal-ftit fuq il-ħafna. Gruppetta jissintesizza din ix-xorta ta' impożizzjoni meta jitkellem fuq "l-*echo chamber*" li jorbitaw fiha l-qarrejja: "U, għax niċċirkondaw lilna nfusna bi ħbieb li jaħsbuha bħalna u li

allura l-algoritma ttihom l-istess 'suġġerimenti,' nimmaġinaw li KULĦADD qed jara u jaqra u togħġbu l-istess ħaġa. Bl-Ingliż jgħidulu l-*echo chamber*, għax madwarna nibdew nisimgħu biss l-eku tal-istess ideat tagħna" ("Agħżel li Trid"). Bħala qarrej attiv u bħala pubblikatur prolifiku fix-xena lokali, Gruppetta juri li għandu għarfien tal-forzi eġemonijaċi li spiss jaħkmu wkoll lil-letteratura. Għalkemm dan jista' jinħass ironiku meta jitqiesu l-mumenti spissi li bħala pubblikatur huwa jirreklama l-kotba tiegħu b'ħafna konvinzjoni fost il-qarrejja-potenzjalment-xerrejja li jsegwuh fuq il-mezzi soċjali, hawn Gruppetta iktar jidħol fiż-żarbun tal-qarrejja. Forsi l-fatt li l-emozzjoni ripulsiva lejn l-effetti tal-eġemonija fil-letteratura esprimiha bħala qarrej minħabba rumanz li mhuwiex Malti, nessieh li hu stess, bħala pubblikatur, xi drabi wasal biex impona l-preferenzi tiegħu fuq il-qarrejja. Iżda huwa faċli tifhem li f'suq tant żgħir bħal dak Malti, pubblikatur enerġetiku bħal Gruppetta juża l-mezzi kollha disponibbli għalih biex jikkonvinċi lil ħaddieħor li l-ktieb li għadu kif stampa ta' min tixtrih. Il-qarrejja jikkonvinċu ruħhom mill-pubblikatur x'aktarx għax jafdawh iktar milli għax jafdaw lill-kittieba. Għaldaqstant huwa evidenti li il-pubblikaturi ewlenin, bil-kampanji promozzjonali kontinwi tagħhom, huma fattur determinanti ferm fil-proċess lokali ta' kanonizzazzjoni letterarja.

Barra minn hekk, x'aktarx li ħadd daqs il-pubblikaturi ma għandu l-ħila jagħraf id-direzzjoni futura tal-kanonu letterarju. Hekk pereżempju, f'intervista radjofonika Gruppetta wera li għandu biżżejjed sensittività u kompetenza biex jagħraf lakuna partikolari fil-kanonu letterarju Malti. Huwa mhux biss stqarr espliċitament li jkun jaqbel jekk "inżidu l-kanonu tal-adolexxenti bil-Malti" imma meta ma sabx biżżejjed xogħlijiet oriġinali tal-kittieba lokali biex jimlew dan il-vojt impenja ruħu billi beda jippubblika wkoll traduzzjonijiet għall-Malti ta' dan

il-ġeneru (“Emerġenti” 00:18:42 - 00:20:11). Gruppetta kkommetta ruħu li anke f’dan il-ġeneru se jibqa’ jagħti prijorità lill-manuskritt oriġinali Malti. Kull sena huwa jżur diversi fieri internazzjonali tal-kotba biex iżomm id-dar ta’ pubblikazzjoni tiegħu kemm jista’ jkun aġġornata. Fi żmien din l-intervista ħafna pubblikaturi minn madwar id-dinja bdew jippubblikaw il-ġeneru letterarju tal-*up lit* jew *uplifting literature* li jissejjes fuq is-sens ta’ empatija u li huwa mfittex f’epoka ta’ ħafna inċertezza. Danuta Kean kitbet dwar il-miġja ta’ dawn il-kotba “ottimisti”: “U l-aptit għall-eroiżmu ta’ kuljum, ir-rabtiet tal-bniedem u l-imħabba . . . huma mistennija li jgħollu l-moral anke tal-bejjiegħa tal-kotba u tal-pubblikaturi” (“Up Lit”). Gruppetta introduċa dan il-ġeneru fis-suq lokali bit-tama li jaġġornah skont dan “l-aptit.” Fost il-ftit kotba *up lit* li ppubblika hemm *Termini u Kundizzjonijiet Japplikaw* ta’ Roberta Bajada li ġiet deskritta bħala “waħda mill-aktar awturi tat-tfal interessanti fil-pajjiż” (“Termini u Kundizzjonijiet Japplikaw”); hemm ukoll xogħlijiet ta’ Trevor Żahra bħal *Bizzilla* u *Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa* li jistgħu jingħaddu ma’ dan il-ġeneru. Apparti dawn ix-xogħlijiet oriġinali, Gruppetta ppubblika traduzzjonijiet bħal *Iżżewwiġt Vegana* u *Ħija Jiġri Wara d-Dinosawri* ta’ awturi Taljani, aktarx għax il-manuskritti ta’ awturi Maltin għadhom wisq drammatiċi u solenni fit-ton.

Iżda mbagħad hemm min jemmen li l-kanonizzazzjoni tal-letteratura Maltija għandha titħalla f’idejn nies aktar kompetenti għax “Il-kumitati u l-konkorsi mhumiex sostituti xierqa” tal-“kummentarji u l-kritika stampata” (Callus “Incongruity”). Għal Callus, li jidwi kliem Friggieri meta fl-1986 kiteb “li l-akbar ħtieġa li għandha l-letteratura Maltija . . . hi l-kisba tas-sens kritiku f’livelli differenti” (*L-Idea tal-Letteratura* iv), dan il-vakwu kritiku huwa l-essenza tal-problematika Maltija: “Imma fejn huma l-ispazji għar-reċensjonijiet, għall-journals, għar-

rivisti letterarji u r-rivisti żgħar li jgħidu dan kollu, li jikkontestawh, li jasserixxuh, li jirrifjutawh mill-ġdid: billi jagħmlu hekk b'konsapevolezza, b'dixxerniment, b'diżinteress?" ("Incongruity"). U fejn jeżistu r-reċensjonijiet spiss ikunu kummentarji ta' ħbieb tal-awturi li jmellsu żżejjed. Sa mill-bidu tat-tletinijiet deher il-periklu ta' kitbiet kritiċi li paradossalment itellfu aktar milli jagħtu servizz lill-qarrejja. F'editorjal ta' *Leħen il-Malti* tal-1932 ġie spjegat: "Għidnieh mill-bidu li l-fehma tagħna hi biss li mmexxu 'l quddiem il-kitba tajba Maltija bla ma nindaħlu fejn ma jesagħniex, bla ma ninbxu 'l ħadd u bla ma mmellsu 'l ħadd. Din kienet l-ewwel fehma tagħna, u din tibqa' sal-aħħar" ("It-Tieni Sena" 1). Dan huwa l-ideal espress proprju fit-tieni sena tar-rivista letterarja *Leħen il-Malti* li bħala intenzjoni ewlenija kellha dik li tippromwovi l-letteratura Maltija. Kemm sal-lum rivisti letterarji bħal *Leħen il-Malti* jew *Il-Malti* rnexxielhom jikkritikaw il-letteratura Maltija, fi kliem Callus, "b'konsapevolezza, b'dixxerniment, b'diżinteress," jibqa' dibattibbli peress li fil-kuntest letterarju lokali baqa' jippersisti l-bżonn li l-kritiku jaqdi aktar lill-kittieba milli lill-qarrejja.

Dan ma jfissirx li fix-xena tal-letteratura Maltija qatt ma jkun hemm okkażjonijiet li fihom titwettaq it-tip ta' kritika li għandu f'moħħu Callus. Fil-ħames kapitlu semmejt il-kritika bħal dik tal-kummentatur anonimu tal-*themaltesereader.wordpress.com* u dik li għamel Bonanno bħala l-paradimma tal-kritika letterarja li ma tmellisx. Mhux biss l-okkorrenza ta' kritika bħal din hija rari fix-xena letterarja lokali imma huwa rari wkoll li tali kritika jkollha wiċċ. Iċ-ċokon u l-qrubija tal-kuntest lokali x'aktarx li qanqlu lill-kritiku ta' *themaltesereader.wordpress.com* biex jinħeba wara l-anonimità biex ikun jista' jiffunzjona bħala studjuż kemm jista' jkun oġġettiv tal-letteratura. Waqt li kien qiegħed jikkritika negattivament ir-rumanz *Rokit* ta' Vella (li inċidentalment rebaħ l-ogħla unur mill-Kunsill

Nazzjonali tal-Ktieb fl-2018), il-kritiku anonimu kkummenta wkoll dwar it-tendenza mifruxa tal-kritiċi Maltin li jkunu wisq kordjali fil-kritika tagħhom. F'kuntrast magħhom, huwa jikkummenta hekk dwar il-kritika tiegħu li ma tmellisx (għalkemm tippersisti fl-anonimità):

> Din hija pjuttost ħarxa, konxju minn hekk, imma sfortunatament hija preċiża, u fuq kollox hija bżonjuża peress li huma ftit in-nies li jikkummentaw fuq il-midja soċjali dwar ir-rumanzi Maltin u li għandhom il-ħila jindikaw id-difetti u l-inkonsistenzi fix-xogħlijiet tal-kittieba tagħna. Madankollu, f'din il-ħruxija hemm moħbija x-xewqa tiegħi li nissaħħar minn xi kapulavur lokali. ("Rokit (Loranne Vella, 2017)")

Ġeneralment il-kritika lokali tippreferi tagħmel bil-maqlub. Eżempju klassiku ta' kummentarju li melles espliċitament u kontinwament lir-rumanz *Rokit* huwa l-artiklu miktub minn Camilleri fiż-żmien li fih huwa ċ-chairman tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Fost l-oħrajn, huwa kkummenta dwar kif "Loranne Vella ħolqot b'suċċess ġeneru ta' fantasija għall-adulti li huwa aktar aċċessibbli għall-adulti żgħażagħ" ("Rokit Crosses Genre Boundaries"). Iżda lil hinn minn tali kummenti ġeneriċi li joqorbu aktar lejn il-platitudni milli lejn il-kritika mfassla skont ix-xewqa ta' Callus, ta' min jistaqsi jekk rumanz impenjattiv bħal *Rokit* kienx tassew "aċċessibbli" għall-qarrejja "adulti żgħażagħ" tal-letteratura Maltija. Ir-rumanz ta' 'l fuq minn 400 paġna joffri qari li xi drabi, kif jargumenta *themaltesereader.wordpress.com*, isir "frustranti" u "diżappuntanti." Għaldaqstant, meta jitqabbel il-kummentarju ta' dan il-kritiku pjuttost oġġettiv ma' dak taċ-chairman li jrid jiġġustifika fil-bidu tal-artiklu tiegħu għaliex il-Kunsill għażel li jippremja dan ir-rumanz u mhux xogħlijiet oħrajn, issir aktar plawsibbli l-idea li fattwalment dan ir-rumanz mhuwiex daqshekk "aċċessibbli" għall-maġġoranza tal-qarrejja b'mod partikolari minħabba t-tekniki kumplessi ta' narrazzjoni li jirrikjedu għarfien letterarju

sabiex jiġu apprezzati; għall-qarrejja mhux akkademiċi, tekniki bħal dawn mhux biss huma inkomprensibbli imma jidhru bħala kawża evitabbli ta' narrazzjoni diżorjentata u interminabbli li tista' tqanqal biss l-emozzjonijiet ta' frustrazzjoni u ta' diżappunt li ssemmew hawn fuq. Jista' jkun li xi wħud minnhom xtrawh jew bdew jaqrawh, anke minħabba l-promozzjoni li ngħata mill-Kunsill u mill-pubblikatur. Sfortunatament, ma teżisti ebda statistika, u aktarx qatt ma tista' teżisti, li tindika kemm tassew qrawh nies. F'sit bħal *goodreads.com*, ir-rumanz, li tqiegħed fis-sit mill-awtriċi nnifisha, inqara biss sal-aħħar tas-sena 2019 (allura xi sentejn wara li ġie ppubblikat) minn mhux aktar minn għaxar persuni b'ħafna minnhom ħbieb personali tal-awtriċi. Iżda sit bħal dan, għall-inqas fil-kuntest lokali, mhuwiex sors affidabbli li jirrifletti l-frekwenza tal-qari ta' ktieb partikolari.

Ironikament, il-pubblikatur ta' *Rokit* ittratta din il-problematika lokali fil-bloggata "Da' x'Tajtni, Mank Fhimt Kelma?" Hawn Gruppetta jirrakkonta kif sid ta' ħanut talbu jissuġġerilu xi titli ta' kotba tal-letteratura Maltija: "Imma mhux xi wieħed minn dawk il-kotba li l-klijenti jiġu lura u jgħiduli 'Da' x'tajtni, mank fhimt kelma?' Hekk, ktieb bi storja tajba u mexxej, li jifhmu l-Malti tiegħu u jieħdu gost jaqrawh." Il-pubblikatur tal-Merlin jammetti li ħafna mir-rumanzi li jippubblika hu stess ma jistgħux jissodisfaw il-kriterji tal-klijenti ta' dan il-bejjiegħ: "indunajt li ftit li xejn stajt intih ismijiet." Minkejja li rumanzi impenjattivi bħal *Rokit* jiġu imbuttati 'l fuq fil-ġerarkija letterarja, Gruppetta nnifsu jifhem li "l-qarrej għandu dritt sakrosant li jixtri dak li jogħġob lilu, u li jaqra dak li jinteressah u jogħġbu" ("Da' x'Tajtni"). Id-djalettika tal-letteratura għolja u dik baxxa li ddiskutejt l-aktar fit-tieni kapitlu tixħet dawl fuq din id-diskrepanza bejn il-kotba promossi minn kanonizzaturi lokali influwenti bħall-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u bħall-pubblikaturi, u l-kotba li jippreferu l-biċċa l-kbira tal-qarrejja

Maltin li jistgħu jidhru “għażżenin” (Gruppetta “Da’ x’Tajtni”) f’għajnejn dawk li Callus sejħilhom il-“*littérateurs*” tax-xena lokali (“Incongruity”). Konxju mill-esiġenzi tas-suq u mill-bżonnijiet tal-qarrejja-klijenti tiegħu, Gruppetta jinħass maqbud bejn ħaltejn, għax minn naħa jeżalta rumanzi bħal *Rokit* waqt li min-naħa l-oħra jirrikonoxxi l-valur tal-letteratura hekk imsejħa popolari: “Tajjeb li nfaħħru l-kotba ‘tqal.’ Imma ejja ma ninsewx li ammont kbir ta’ qarrejja qed ifittxu – u ħafna drabi ma jsibux – kotba tajbin bil-Malti li huma aċċessibbli u mexxejja. U – eħe – ‘mexxejja’ mhix dagħwa jew kelma vulgari.” It-ton apoloġetiku tal-pubblikatur jindika li fiċ-ċrieki ċkejkna tal-*littérateurs* Maltin jitħaddmu u jiġi eloġjati tekniki letterarji kumplessi li jwasslu għall-produzzjoni ta’ xogħlijiet elitisti li jeskludu lill-qarrejja li huma nieqsa minn “ċerta dixxiplina u livell ta’ familjarità letterarja.” B’kawtela u b’ironija mhux intenzjonata, il-pubblikatur ta’ rumanzi ambizzjużi “illi ma jappellawx għal qarrej li sempliċiment irid jieħu ktieb miegħu fejn il-baħar u jgħaddi sagħtejn żmien,” jipproponi sett konċiż ta’ kriterji li jiggarantixxu sens ta’ sodisfazzjon kemm għall-qarrejja kif ukoll għall-kittieba li fl-aħħar mill-aħħar iridu jaraw xogħolhom jinqara. Skont Gruppetta dawn iridu jkunu “Kotba miktuba b’Malti tajjeb, b’sengħa ta’ min jaf kif taħdem in-narrattiva u bi plott intriganti. Imma aċċessibbli” (“Da’ x’Tajtni”). Il-kwalitajiet li jiddeskrivi Gruppetta mhumiex intiżi biex inaqqsu l-letterarjetà mill-prodott letterarju lokali imma biex iqarrbu aktar il-letteratura lejn il-poplu li, kif xehed anke il-blogger letterarju Robert Pisani meta stqarr li hu jfittex kostantament “il-finzjoni aċċessibbli” (“Are We Told What We Should Read?” 00:28:22 - 00:28:35). Gruppetta, forsi għax huwa pubblikatur u mhux magħluq fit-torri tal-avorju tal-akkademja li tkellem fuqu Kolbas (61), jirnexxilu jipproblematizza l-letteratura Maltija billi primarjament iżomm quddiem għajnejh l-interessi tal-qarrejja.

F’kuntrast ma’ dan l-approċċ, Callus jenfasizza l-perspettiva tal-kritiċi letterarji li għalihom “il-letteratura Maltija ma tistax tkun magħmula minn kull ktieb tal-poeżija jew tan-narrattiva ppubblikat bil-Malti” (“Incongruity”). Callus jappella għal dik il-kritika li tiggwida billi tagħti pariri intellettwalment onesti peress li mhijiex imxekkla minn interessi ulterjuri bħal ta’ dawk imsemmija hawn fuq. Madankollu mhuwiex ċar fl-argumentazzjoni ta’ Callus kemm u kif il-qarrejja komuni jistgħu jibbenefikaw minn dawn il-kummentarji u minn din il-kritika stampata li fihom “l-argumenti jridu jiġu artikolati lil hinn mil-livell ta’ opinjoni u mid-diskors tat-triq.” Iżda għal Callus din ix-xorta ta’ kritika tibqa’ essenzjali għax hija “kundizzjoni għall-iżvilupp tal-letteratura.” Bħalma għamel il-kritiku anonimu ta’ *themaltesereader.wordpress.com*, Callus ukoll jilmenta dwar il-qagħda attwali tal-kritika melliesa li qiegħda tikkanonizza x-xogħlijiet letterarji b’mod arbitrarju: “Minn dak li nista’ nara, hemm wisq promozzjoni ta’ xogħlijiet sporadiċi, li jistgħu jsiru l-benjamini ta’ xi grupp jew ieħor, u m’hemmx biżżejjed sens ta’ komunitajiet interpretattivi infurmati li b'kunsens approssimattiv jaffermaw, permezz ta’ kitba kritika artikolata u mirquma, il-valur ta' kwalunkwe test jew testi” (“Incongruity”). Il-preżenza taċ-ċrieki letterarji fix-xena lokali għalkemm jistgħu jiġu pperċepiti bħala katalisti għall-produzzjoni tal-letteratura Maltija jistgħu jiġi pperċepiti wkoll bħala sorsi ewlenin tal-problematika lokali: hemm il-possibbiltà li l-imġiba msejsa fuq l-interessi diretti tagħhom tista’ xxekkel, minflok tiffaċilita, il-proċess li bih titwettaq ġustizzja mal-aqwa xogħlijiet li tista’ toffri x-xena letterarja Maltija.

6.5 It-Traduzzjoni u l-Futur tal-Kanonu

F'"The Woman Who Brought Dostoevsky and Chekhov to English Readers," Sara Wheeler tispjega kif kieku ma kienx għal Constance Garnett ħadd barra r-Russja ma kien isir jaf b'Dostoevsky u Chekhov. Dawn iż-żewġ awturi ċelebri li kitbu t-tnejn bir-Russu waslu għand il-qarrejja internazzjonali permezz tat-traduzzjoni ta' xogħlijiethom imwettqa minn Garnett. Huwa ironiku l-fatt li dawn iż-żewġ kittieba, li mbagħad ġew ikkanonizzati saħansitra minn Bloom f'*The Western Canon*, għall-ewwel ġew awtomatikament skwalifikati mill-attenzjoni tal-kanonizzaturi ta' dik li Casanova sejħet "ir-repubblika dinjija tal-letteratura" (xii) peress li ma kitbux il-letteratura tagħhom b'lingwi meqjusa "tal-Punent" tassew bħall-Ingliż jew bħall-Franċiż. Wheeler tispjega li kien hemm perjodi twal li fihom it-traduzzjonijiet li għamlet Garnett ma ġewx aċċettati mill-pubblikaturi "tad-dinja tal-kelliema bl-Ingliż" li bħall-qarrejja tagħhom qatt ma kienu semgħu b'Dostoevsky u Chekhov minkejja li fir-Russja kienu magħrufa sew. Maż-żmien, peress li kibret l-enfasi fuq il-fenomenu tar-reċezzjoni tal-letteratura mill-qarrejja internazzjonali, li skont Langfeld huwa l-fattur fundamentali tar-riċerka fil-proċessi kanoniċi (14), l-irwol tat-tradutturi letterarji kompla jikber ukoll. "Garnett għamlet lil Dostoyevsky famuż, u hu għamel l-istess lilha" (Wheeler "The Woman"). Dan il-każ juri li kemm il-kittieba kif ukoll it-tradutturi jistgħu jiggwadanjaw mill-proċess tat-traduzzjoni, proċess li għall-bidu jidher li jgawdu minnu biss il-kittieba biex isibu posthom fil-kanonu letterarju.

Tomáš Glanc jispjega kif il-perspettiva "trasnazzjonali" tal-letteratura, li toqrob lejn dik universali ta' Casanova, bdiet tipperċepixxi x-xogħlijiet Russi, inklużi l-kitbiet ta'

Dostoevsky u Chekhov, fid-dawl tar-relazzjoni tagħhom mal-kumplament tad-dinja letterarja. Glanc jagħraf li l-pern li fuqu tiddependi l-promulgazzjoni ta' din l-attitudni huwa t-traduzzjoni: "Il-proċess ta' traduzzjoni, fis-sens wiesa' ta' din il-prattika kulturali, isir parti naturali mill-problema tal-formazzjoni kanonika, daqskemm isiru l-kwistjoni tar-reċezzjoni tal-letteratura Russa barra l-pajjiż, u l-influwenza inversa tar-reċezzjoni barranija fuq il-formazzjoni tal-proċess letterarju lokali" (61). Glanc jorbot il-prattika inevitabbli tat-traduzzjoni mad-diskors dwar il-formazzjoni tal-kanonu letterarju. Kemm mill-perspettiva esterna ta' kanonu nazzjonali, kif ukoll mill-ottika interna ta' min iħoss il-polz tal-letteratura ta' pajjiżu, it-traduzzjoni titqies bħala fattur determinanti fil-proċess li jeżalta xi xogħlijiet letterarji filwaqt li jwarrab oħrajn. Fl-ewwel kapitlu ta' dan l-istudju ħarist lejn il-fenomenu tat-traduzzjoni fil-kuntest letterarju Malti billi rreferejt għat-traduzzjoni tar-rumanz *Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa* ta' Żahra, filwaqt li fir-raba' kapitlu semmejt ir-rumanzett *Frejp* ta' Azzopardi. Fiż-żewġ każijiet kien hemm min aġixxa ta' kanonizzatur sabiex dawn ix-xogħlijiet u mhux oħrajn intgħażlu biex jiġu tradotti u biex eventwalment tressqu għall-attenzjoni tal-qarrejja internazzjonali jew tal-"Oħrajn" kif sejħilhom Callus ("Incongruity"). F'kuntrast ma' dak li qal Glanc, l-iskrutinju "tar-reċezzjoni barranija fuq il-formazzjoni tal-proċess letterarju lokali" (61) għadu eżerċizzju elusiv fejn jidħlu x-xogħlijiet letterarji Maltin. It-traċċi tar-reazzjoni tal-qarrejja internazzjonali fil-konfront tal-letteratura Maltija għadhom minimi jew ineżistenti. Mhux ta' b'xejn Azzopardi stqarret li "l-prijoritajiet mhumiex eżattament f'posthom." Meta ġiet biex tissuġġerixxi fejn għandha ssir l-enfasi hija elenkat sitt punti fundamentali li jikkonċernaw il-problemi immedjati tal-letteratura Maltija mingħajr ma rreferiet għal xi mod ta' kif għandha tiġi esportata. Ftit wara li ssaqsi jekk il-Kunsill Nazzjonali

tal-Ktieb għandux jibqa' jiffinanzja lit-tradutturi "biex jgħid li qed ixerred il-letteratura Maltija barra," hija tissuġġerixxi li l-akbar investimenti għandhom isiru fuq il-librerija pubblika, il-libreriji reġjonali, il-ħwienet tal-kotba, l-istrateġija ta' qari fost l-istudenti, il-ħolqien ta' sit bil-profili tal-awturi u l-organizzazzjoni ta' taħditiet kontinwi ("Diskors" 1).

Mill-banda l-oħra, Callus jenfasizza s-sehem tat-traduzzjoni fis-sopravivenza tal-letteratura lokali. Fir-raba' kapitlu diġà ddeskrivejt il-kriterji distinti proposti minn Callus sabiex jitħaddmu waqt il-proċess selettiv li jagħraf liema xogħlijiet letterarji Maltin għandhom jiġu esportati bit-tama li eventwalment il-letteratura Maltija ssib in-niċċa fil-kuntest usa' tal-letteratura dinjija. It-traduzzjoni tagħmel tajjeb għall-preżenza minima tal-letteratura Maltija fil-kuntest internazzjonali għax biha jingħelbu l-limiti imposti fuqha miċ-ċokon tas-suq Malti billi joffru prodott attraenti għall-konsum tal-qarrejja barranin. It-twessigħ tal-kuxjenza nazzjonali tal-kittieba Maltin għal dik internazzjonali huwa wieħed mill-benefiċċji tat-traduzzjoni tal-letteratura Maltija. David Damrosch jemmen li meta xogħol jidħol fl-isfera tal-letteratura dinjija, mhux biss ma jitlifx l-awtentiċità jew l-essenza tiegħu, imma kapaċi jistagħna b'ħafna modi. Hekk mhux biss il-kittieba nfushom jibbenefikaw fuq diversi livelli mill-proċess tat-traduzzjoni imma anke xogħolhom. Damrosch jemmen li "xogħol letterarju jimmanifesta ruħu b'mod differenti barra pajjiżu" għax l-ambjent soċjali ġdid li fih jibda jimraħ permezz tat-traduzzjoni jagħtih ħajja ġdida (6).

Ir-riċensjoni "*Troyano*, de Alex Vella Gera: Intolerancia Maltesa," miktuba mill-ġurnalist Ċilen Juan Pablo Sáez, tixhed dak li qal Damrosch. Sáez juri kif ir-rumanz Malti *Trojan* qiegħed "jimmanifesta ruħu" fost il-qarrejja li jaqraw bl-Ispanjol b'mod partikolari fl-Amerika t'Isfel. Dan seħħ għax kif ikkummenta Benjamin fl-istudju magħruf tiegħu "The Task

of the Translator," permezz tat-traduzzjoni x-xogħlijiet letterarji jittraxxendu l-limiti taż-żmien: "it-traduzzjoni tagħhom timmarka l-istadju tal-kontinwità ta' ħajjithom" (254). Din il-ħajja ġdida tax-xogħol letterarju tradott hija konsegwenza ta' proċess ta' "trasformazzjoni" u ta' "tiġdid" (256), għaliex Benjamin jemmen li x-xogħol oriġinali jirfina ruħu permezz tat-traduzzjoni:

> L-istorja tax-xogħlijiet il-kbar tal-arti tgħidilna dwar id-dixxendenza tagħhom minn mudelli preċedenti, ir-realizzazzjoni tagħhom fi żmien l-artist, u fil-prinċipju kif għandha tkun il-ħajja eterna tagħhom fi ħdan il-ġenerazzjonijiet suċċessivi. Meta tal-aħħar timmanifesta ruħha, din tissejjaħ fama. It-traduzzjonijiet li huma aktar minn trażmissjonijiet ta' kontenut jiġu fis-seħħ meta xogħol, matul il-perkors tas-sopravivenza tiegħu, ikun laħaq żmien il-fama tiegħu. Għalhekk, dan imur kontra l-akkużi ta' tradutturi ħżiena; tali traduzzjonijiet mhux talli jaqdu lix-xogħlijiet talli dawn tal-aħħar jafu l-eżistenza tagħhom lilhom. Fihom, il-ħajja tal-oriġinali tilħaq l-aktar stadju aġġornat, kontinwament imġedded u komplut tal-iżvilupp. ("The Task of the Translator" 255)

Hekk it-traduzzjoni ssir indispensabbli b'mod speċjali għal dak ix-xogħol letterarju li qiegħed jikkompeti biex isib post fil-kanonu letterarju. It-traduzzjoni ma tippermettix li x-xogħol jiżvinta u jitwarrab mill-kanonu letterarju li faċilment jservi ta' "ministru tal-mewt" (Bloom, *Western Canon* 32); mill-banda l-oħra, it-traduzzjoni żżid il-possibbiltà li x-xogħol letterarju jinqara minn aktar nies. Il-biża' li ma jinqrawx huwa l-akbar inkwiet ta' Kunċett u Marinton, żewġ karattri popolari maħluqa minn Żahra li permezz ta' strateġija narrattiva msejsa fuq l-intertestwalità, jerġgħu jfeġġu f'*Is-Seba' Tronġiet Mewwija* tal-istess awtur. B'ton

preokkupat, Kunċett tispjega hekk lill-protagonisti tfal tar-rakkont fantastiku li hawnhekk jinħassu bħala rappreżentanti fittizji tal-qarrejja ta' Żahra: "Intom stess tagħtuna l-ħajja. Intom taqrawna u aktar ma taqrawna aktar aħna nissaħħu u nieħdu n-nifs. Iżda jekk tinsewna u tħalluna marsusin bejn iż-żewġ qoxriet ta' ktieb, aħna nibdew niċċajpru sa ma niżvintaw fix-xejn" (63). Minkejja li dan ir-rumanz għadu ma ġiex tradott, għadd ta' xogħlijiet ta' Żahra ġew tradotti mill-Malti għal diversi lingwi oħrajn. Permezz tat-traduzzjoni, Żahra kompla jafferma x-xewqa espressa mill-karattri fittizji tiegħu stess f'din is-silta ta' metaletteratura għall-kisba tad-don tal-immortalità letterarja. B'mod kreattiv, Żahra rnexxielu jwettaq dak li tkellem fuqu Foucault: ir-rebħa tax-xogħol letterarju fuq l-awtur innifsu. F'*Is-Seba' Tronġiet Mewwija*, il-miktub, li neċessarjament jinkorpora fih il-karattri, "isir il-qattiel" tal-kittieb (Foucault, *What* 102). Dan il-paradoss Foucaultjan jista' jinftiehem bħala tisħiħ tal-argument li għamel Benjamin dwar il-mument tal-"fama." Fid-dawl ta' dak li qal Benjamin, Kunċett u Marinton jittamaw biex bħalma ġara lin-nanna Ġenoveffa, ġrajjiethom ukoll għad jiġu tradotti u jiksbu "l-ħajja eterna tagħhom" fost il-qarrejja internazzjonali ("The Task of the Translator" 255).

Minkejja l-perspettivi prevalentement ottimisti dwar l-effetti tat-traduzzjoni fil-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja, xorta waħda jippersisti x-xettiċiżmu fil-prassi ta' ħidmet it-tradutturi. L-idea espressa mill-frażi notorja, imsejsa mit-tlaqqigħa tal-paronimi, "*traduttore traditore*," spiss nisslet dubji dwar kemm il-qarrejja internazzjonali ta' xogħol tradott jistgħu effettivament jirċievu l-istess doża ta' awtentiċità li jgawdu minnha l-qarrejja lokali. Il-karattru ewlieni ta' Cervantes f'*Dun Kixott*, bħalma għamlu l-karattri ta' Żahra, jirrifletti wkoll dwar il-mekkaniżmi li jirregolaw id-dinja letterarja li ironikament huwa stess jaf l-eżistenza tiegħu lilha. Meta Dun Kixott jidħol fl-istamperija, huwa jitkellem ma' traduttur

u jibda jeloġja l-professjoni tiegħu. Kif spjegat Wheeler dwar l-iskoperta tal-letteratura Russa permezz ta' tradutturi bħal Garnett, Dun Kixott jemmen li mingħajr is-sehem tat-tradutturi, id-dinja titlef l-opportunità li ssoff l-għerf moħbi fil-kotba: "Jiena lest biex naħliflek . . . illi inti, sinjur, m'intix magħruf biżżejjed fid-dinja illi dejjem tobgħod tagħraf l-imħuħ, u l-ħidma tagħhom ta' min ifaħħarha. Kemm nies ta' ħila kbira ntiflu b'hekk! Kemm irjus għarfa mwarrbin f'rokna!" (231). Dan il-karattru fittizju, li aktarx qiegħed jesprimi l-fehmiet tal-ħallieq tiegħu, qiegħed jimplika l-proċess ta' kanonizzazzjoni letterarja li jinvolvi fih il-prassi tat-traduzzjoni. It-twarrib mill-attenzjoni tal-qarrejja internazzjonali hija kkwalifikata minn Dun Kixott bħala forma ta' tkażbir fil-konfront tal-kittieba. Ir-riflessjoni letterarja tiegħu tissuġġerixxi li x-xogħlijiet jibqgħu "mwarrbin" sakemm ma jiġux tradotti. Dan it-tkażbir huwa għaldaqstant l-antiteżi tal-kanonizzazzjoni. Minkejja l-identifikazzjoni tat-traduzzjoni bħala għodda ewlenija għall-posterità ta' xogħol letterarju, Dun Kixott jagħraf ukoll li din tista' tkun għodda problematika: "Madankollu, deherli dejjem illi dan it-taqlib (mit-Taljan għall-Ispanjol) mhux dak, irrid ngħid mil-Latin u l-Grieg, iż-żewġ slaten fost l-ilsna kollha, huwa bħal min jara l-maqlub ta' tapit sabiħ ta' Fjandra. Hu jara d-disinn, imma mimli truf tal-ħajt, u ma jarax is-sbuħija kollha tiegħu" (231). Minkejja li Dun Kixott ma jridx jgħid "illi min jaqleb xi ktieb mhux jagħmel xogħol ta' fejda" (231), huwa jiddubita mill-validità funzjonali ta' dan l-eżerċizzju peress li t-tradutturi qatt ma jistgħu jwasslu fedelment l-isfumaturi semantiċi mistura fil-lingwa tat-test letterarju oriġinali.

Illum il-ġurnata, minkejja li t-traduzzjoni letterarja tiġi ppreżentata spiss minn lenti pożittiva kif għamlet Elizabeth Grech meta tkellmet fuqha ma' Albert Gatt f'"The Challenge of Translating Poetry," xorta għadu jinħass minn oħrajn l-istess inkwiet espress minn Cervantes

permezz ta' Dun Kixott. Meta Brian Evenson kien qiegħed jitkellem dwar it-traduzzjoni ta' Gary Lutz, huwa ddeskriva d-diffikultà li jsibu t-tradutturi Franċiżi biex jeqilbu xogħlijietu mill-Ingliż għall-Franċiż. Skont Evenson, diversi tradutturi ppruvaw jittraduċuh imma "kollha kemm huma – wara xhur jippruvaw – qatgħu qalbhom." Ir-raġuni ewlenija li jagħti Evenson għal dan il-falliment hija li x-xogħlijiet ta' Lutz "huma tant minsuġa b'ħila fil-lingwa Ingliża li ma jistgħux jinqatgħu minnha." Meta Evenson staqsa lill-grupp ta' tradutturi u edituri miġbura f'Pariġi jekk kienx hemm kittieb Amerikan ieħor li jħabbathom biex jittraduċuh semmewlu lil Lutz bħala l-uniku wieħed li ma jistgħux jittraduċu ("The Only Untranslatable American Writer").

Il-każ speċifiku ta' Lutz jista' jseddaq il-preokkupazzjoni Kixottjana dwar l-inaffidabbiltà tax-xogħlijiet tradotti bil-konsegwenza li f'dawk il-kuntesti letterarji fejn issir enfasi kbira fuq it-traduzzjoni, il-letteratura tissogra li titlef l-awtentiċità tagħha. Fix-xena letterarja Maltija dan l-ispunt, minkejja li huwa ċertament dibattibbli, jista' jservi ta' motivazzjoni biex, fid-dawl ta' dak li esprimiet Azzopardi fl-ewwel laqgħa ta' HELA, jiġu mitigati l-isforzi minn awtoritajiet letterarji lokali biex il-letteratura Maltija tiġi tradotta f'diversi lingwi u minflok jinstab bilanċ li jivvaluta wkoll l-investiment fil-kitba ta' letteratura ġdida bil-Malti. Minkejja li min jimbotta l-prodott Malti fis-swieq barranin aktarx li jaċċerta ruħu li t-traduzzjoni tkun waħda "tajba" u mhux difettuża kif semma Dun Kixott, parteċipanti attivi tal-letteratura Maltija bħal Azzopardi jemmnu li l-enfasi għandha qabelxejn issir fuq il-ħolqien ta' ambjent idoneu sabiex tinkiteb letteratura "tajba" bil-Malti permezz ta' proposti immedjati u lokalizzati bħal dawk elenkati minn Azzopardi stess. Kif jgħid il-Malti, "Ħadd ma jagħti minn dak li ma għandux." Il-kanonu letterarju Malti jista' jibbenifika minn din it-

tranżizzjoni fl-enfasi għax hekk l-attenzjoni tinxteħet ukoll fuq il-kwalità tal-letteratura Maltija prodotta. Dan huwa l-pass primarju u allura l-aktar fundamentali li jiġi proprju qabel il-pass sekondarju tat-traduzzjoni.

F'"Maltese Literature in the Language of the Other," apparti li jissuġġerixxi l-Ingliż bħala mezz effettiv għall-kittieba lokali, Callus jitkellem ukoll fuq l-irwol fundamentali tat-traduzzjoni letterarja: "Jien naħseb li jekk se nħarsu fit-tul, għandna bżonn sforz sostnut u kkordinat sabiex ikollna sensiela valida u rappreżentattiva ta' letteratura Maltija li tiġi tradotta" (38). Minn mindu inkiteb dan il-kliem fl-2009, għadd ġmielu ta' xogħlijiet letterarji komplew jiġu tradotti, mhux biss għall-Ingliż imma wkoll għal numru varjat ta' lingwi oħra. Kittieba individwali bħal Friggieri u Mifsud huma fost l-aktar kittieba Maltin li ġew tradotti. Iżda jekk b'"sensiela valida u rappreżentattiva," Callus kien qed jifhem antoloġiji ta' kalibru ta' letteratura Maltija maqluba għall-Ingliż, hawnhekk ma kellniex okkorrenzi kbar. Fl-2013, Galea u Gatt inkludew diversi xogħlijiet Maltin tradotti għall-Ingliż fl-edizzjoni 38 ta' *Transcript*, ir-rivista kritika online li tiffoka l-aktar fuq il-letteratura Ewropea. Fl-2014, Briffa ppubblika *This Fair Land* li fih mitejn xogħol Malti tradott ukoll għall-Ingliż, filwaqt li fl-2016, Portelli ġabar sett ta' poeżiji Maltin tradotti f'*Tangerine Sky* u ġabra ta' proża Maltija tradotta f'*Beyond a Satin Sea*. L-għan primarju ta' antoloġiji ta' din ix-xorta kien dejjem li jesponu l-letteratura Maltija għal udjenza usa' internazzjonali. Nemmen li dawn il-ftit eżempji li tajt iwettqu, jew aħjar, bdew iwettqu, is-sejħa espressa minn Callus għal "sforz sostnut u kkordinat" sabiex il-letteratura Maltija tiġi esportata ("Maltese Literature in the Language of the Other" 38). It-traduzzjoni tinħass li hija t-triq 'il quddiem, mhux biss fil-kuntest Malti imma anke għal ħafna lingwi minuri oħra. Hekk ma tiġix ippreservata biss id-diversità

lingwistika, u allura letterarja, imma wkoll titħares l-espressjoni libera tal-artist. Galea u Gatt fl-editorjal ta' *Transcript* jistqarru li:

> fin-nuqqas ta' korp imdaqqas ta' xogħlijiet tradotti li jpoġġu l-letteratura Maltija, għall-inqas potenzjalment, fil-kamp viżiv tal-'Oħrajn,' il-letteratura Maltija tibqa' periferika, nieqsa kemm minn qari internazzjonali, kif ukoll minn diskors kritiku li jipprova jillokalizzaha f'kuntest usa' . . . Fi ħdan ix-xena letterarja Maltija, l-iżviluppi riċenti jistgħu jitqiesu f'termini ta' djalogu bejn dak li minn naħa tqies bħala 'ċentrali' jew 'kanoniku,' u dak li min-naħa l-oħra huwa ġdid u allura 'periferiku.' ("Charting the Centre of the Periphery")

Din l-ottika apparentement bbilanċjata ta' Galea u Gatt, li taqbel mad-dispożizzjoni li addottajt fl-istudju tiegħi, tipprova ssib kompromess fil-preżentazzjoni tal-korp letterarju Malti li joffri firxa storika wiesgħa ta' xogħlijiet li possibbilment jistgħu jitqiesu bħala kanoniċi. Madankollu, jekk tiġi skrutinata l-lista ta' kittieba Maltin magħżula biex xogħlijiethom ġew tradotti fl-istess ħarġa ta' *Transcript*, jiġi osservat li l-bilanċ imwiegħed fl-editorjal ma jimmaterjalizzax ruħu. Il-poeti inklużi f'din il-preżentazzjoni internazzjonali huma: Mario Azzopardi, Norbert Bugeja, Antoine Cassar, Joe Friggieri, Simone Galea, Adrian Grima, Maria Grech Ganando, Simone Inguanez, Nadia Mifsud u Albert Marshall; filwaqt li l-prożaturi huma biss Clare Azzopardi, Immanuel Mifsud, Pierre Mejlak, Trevor Żahra u Walid Nabhan. L-għażla ta' lista bħal din tifhimha jekk tqis il-limiti imposti fuq l-edituri, l-aktar minħabba l-kwistjoni tal-ispazju. Imma hawn ta' min isaqsi għaliex kittieba li l-kontribut letterarju tagħhom huwa meqjus bħala "ċentrali" jew "kanoniku," bħal Dun Karm, Rużar Briffa, Ġwann Mamo u Ġużè Ellul Mercer, ma ġewx inklużi sabiex jagħtu dehra aktar sħiħa lill-

qarrejja barranin tal-letteratura Maltija. Nara żewġ risposti possibbli għal din il-mistoqsija. L-ewwel waħda toqrob lejn l-idea espressa minn Bugeja li rreferejt għaliha fit-tieni kapitlu: it-twemmin anti-Fondazzjonalista li l-letteratura Maltija ma għandhiex pedament u jekk għandha jkun aħjar, f'isem il-progress letterarju, li dan jintefa' bilġri taħt it-tapit. It-tieni risposta hija pragmatika: Galea u Gatt riedu jagħtu ħjiel tal-andament sinkroniku tal-letteratura Maltija mingħajr ma jintilfu f'rappreżentazzjoni dijakronika li ma tissodisfax ir-rekwiżiti u l-aġenda tas-sit li fuqu qed jesponu x-xogħlijiet konċernati. Ta' min jinnota li fil-lista ta' awturi Maltin inklużi fi *Transcript* hemm tliet ismijiet b'rabta mill-qrib mal-Moviment Qawmien Letterarju. Dan il-fattur jista' b'xi mod juri perspettiva komprensiva tal-edituri li qed jinkludu awturi ta' perjodu letterarju sorpassat. Madankollu din l-inklużjoni tista' tkun konsegwenza tas-sehem attiv ta' kittieba li minkejja li l-aqwa tal-attività letterarja tagħhom seħħet fis-snin sittin u sebgħin tas-seklu l-ieħor, illum il-ġurnata għadhom jikkontribwixxu b'kitbiethom u għalhekk għadhom jagħmlu parti mix-xena letterarja immedjata. L-istess ġara f'antoloġija tal-2009, intitolata *Id-Demm Nieżel bħax-Xita*. F'dil-ġabra spikkat ukoll l-inklużjoni ta' Victor Fenech u Achille Mizzi, żewġ poeti li kienu fost l-aktar voċiferi ħamsin sena ilu imma li baqgħu attivi anke fis-seklu 21. Għaldaqstant, antoloġiji bħal dawn, minkejja l-preżenza masiċċa tal-letteratura kontemporanja, aktarx li ma saħħewx l-attitudni antikanonika iżda, fil-limiti tagħhom, komplew ixettlu l-idea li l-kanonu Malti jista' jkun inklussiv kemm fil-konfront tal-qadim kif ukoll tal-ġdid.

6.6 Ir-Rilevanza Dejjiema tal-Idea tal-Kanonu

Fl-intervista radjofonika li saret lil Żahra u li xxandret fil-21 ta' Jannar 2020, ħarġu diversi osservazzjonijiet skjetti dwar is-sitwazzjoni letterarja attwali ta' Malta u l-implikazzjonijiet tagħha. Fi qbil mal-analiżi preċedenti tal-problematika lokali, Żahra wkoll ilmenta dwar il-kritika melliesa u li qatt ma turi snienha bħal dik ta' barra fejn il-kritiċi għandhom il-ħila biex "ktieb jarmuh" u ma joqogħdux lura milli jistqarru li xogħol letterarju "lanqas jistħoqqlu l-karta li ġie stampat fuqha." Żahra ddeskriva dan il-fenomenu lokali bħala "waħda mill-ikbar problemi li għandna bħalissa" u bħala "l-marda ta' pajjiż żgħir fejn kulħadd jaf lil kulħadd." Il-konklużjonijiet li jasal għalihom Żahra meta jirrifletti fuq l-effetti tan-nuqqas ta' kritika serja huma ta' xeħta allarmanti: din il-problema "qed ixxekkel ħafna" l-letteratura Maltija bil-konsegwenza li "t-tajjeb u l-ħażin jitqiegħdu f'keffa waħda; m'għandniex aħna dik li bl-Ingliż jgħidulha l-*yardstick*" ("Emerġenti" 00:08:00 - 00:10:05). Din il-"*yardstick*" imsemmija minn Żahra tfakkar sew fl-etimoloġija tat-terminu "kanonu" li kif spjegajt fil-bidu nett tal-istudju tiegħi huwa derivat mill-kelma Griega "*kanna*" li tevoka l-idea ta' qasba użata bħala strument ta' kejl. Il-falliment fl-għarfien bejn "it-tajjeb u l-ħażin" jimplika li l-modus operandi tal-proċess lokali tal-kanonizzazzjoni letterarja huwa intrinsikament difettuż minħabba din il-problema fundamentali li qiegħed jidentifika Żahra u oħrajn qablu.

Id-dijanjosi sinkronika li jagħmel Żahra toħroġ fid-dieher wkoll il-"ħsara" li qabelxejn qiegħda ssir lill-kittieba stess: "Jekk lill-kittieb qed tonfħu u dan qed jaħseb li f'daqqa waħda laħaq is-sema b'idu meta dan qed jikteb qatta imbarazz, dan se jkompli jikteb iktar imbarazz" ("Emerġenti" 00:10:00 - 00:10:30). Għaldaqstant, jista' jagħti l-każ li n-nuqqasijiet irreġistrati

fil-qasam tal-kritika qed ifaqqru l-prodott letterarju domestiku. Il-ħsieb ta' Żahra jimplika wkoll twemmin fil-funzjonalità futura tal-kanonu letterarju Malti; minkejja li meta mistoqsi minn Grech dwar jekk iħossux mhedded mill-preżenza ta' kittieba ġodda fix-xena letterarja lokali huwa jfarfar minnufih l-idea tal-"agon," li tkellem fuqha Bloom fil-kuntest tad-diskussjoni dwar il-kittieba li jikkompetu għal spazju kanoniku (*Western Canon* 32), Żahra jenfasizza l-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn il-kwalità tal-kittieba: "Hemm imbarazz imma għandna ħafna kittieba tajbin ukoll illi għadhom qed jitgħallmu" ("Emerġenti" 00:17:43 - 00:17:50). Minkejja li ċaħad li jħossu mhedded mill-preżenza tal-"kittieba tajbin," Żahra jisħaq li l-ispirtu kompetittiv ta' bejn il-kittieba mhux biss huwa san imma jista' wkoll jikkawża sens akbar ta' sodisfazzjon personali: "Tieħu gost jekk inti ttellaq, tiġi l-ewwel u tellaqt ma' mitt ruħ mhux inti tellaqt ma' tnejn u inti ġejt l-ewwel" ("Emerġenti" 00:16:35 - 00:16:43). Fuq kollox, il-funzjonalità ewlenija tal-kanonu letterarju hija dik li tagħti lill-kittieba sens ta' perspettiva sana li minnha jistgħu jibbenefikaw huma u l-letteratura nazzjonali li jagħmlu parti minnha:

> Jien ma narahiex theddida din anzi naraha opportunità immensa għaliex hija sfida għall-kittieb biex hu [jkun] jaf li hu mhux waħdu qiegħed hemm, mhux kulma se jgħid hu se jintgħoġob għax hemm kittieba oħrajn tajbin daqsu u iktar minnu; allura inti tibqa' ttejjeb ix-xogħol tiegħek, trid tibqa' dejjem ssib ideat ġodda, trid tibqa' ssib formoli ġodda ta' kif ħa tippreżenta x-xogħol tiegħek . . . Kull kittieb f'ħajtu għandu jibqa' emerġenti . . . jien l-iktar li niddejjaq meta jgħiduli li inti kittieb stabbilit . . . meta naqra xogħlijiet tal-kittieba l-kbar ngħid jien għadni lanqas biss bdejt. ("Emerġenti" 00:17:00 - 00:27:42)

Din il-funzjoni benefika tal-kanonu tiġġenera l-kwalità letterarja tal-oriġinalità li diversi kanonisti u kanonizzaturi jqisuha bħala wieħed mill-aqwa kriterji sabiex jingħaraf ix-xogħol letterarju b'potenzjal kanoniku. Il-kittieba li konsistentement jipproduċi xogħlijiet imsejsa fuq "ideat ġodda" u "formoli ġodda" jirnexxilhom jaċċessaw il-kanonu letterarju permezz tal-element innovattiv jikkonsolidaw posthom fih. Din mhijiex kisba faċli minħabba limitazzjonijiet prattiċi bħalma huma t-tul relattiv tal-karriera tal-kittieb jew tal-kittieba. Fil-każ speċifiku ta' Żahra, din il-limitazzjoni ngħelbet peress li l-karriera awtorjali tiegħu nfirxet fuq medda ta' madwar sittin sena li fiha wera l-abbiltà li jipproduċi oeuvre eklettika kemm fuq livell ta' forma kif ukoll ta' kontenut.

Ix-xena letterarja Iżlandiża toffri opportunità sabiex isiru riflessjonijiet fuq id-djalettika tal-kanonu letterarju fil-kuntest ta' pajjiż b'popolazzjoni li fid-daqs hija qrib dik ta' Malta. Il-ħsieb ta' Żahra dwar il-konvivenza tal-kittieba veterani bħalu mal-kittieba żgħażagħ fil-bidu tal-karriera letterarja tagħhom jinħassu r-reżonanzi tiegħu anke fl-Iżlanda. F'"A Wide Range of Voices: A Glimpse into the Current Icelandic Poetry Scene," Noemi Ehrat talludi għan-narrattiva ta' spazju kanoniku wiesa' biżżejjed biex jakkomoda lill-kittieba "stabbiliti" u lill-"ġodda" meta tiddeskrivi kif fl-Iżlanda, "il-folol qegħdin jinġabru biex jisimgħu l-poeżija, jitgeddsu fi spazji ċkejkna biex jattendu serati tal-poeżija . . . Ġabriet kbar ta 'poeżiji ta' kittieba stabbiliti qegħdin jiġu ppubblikati flimkien ma' fuljetti ta' poeti ġodda." L-idea tal-kbir maġenb iż-żgħir, ta' Gulija f'konvivenza ma' David, Ehrat tittrasferiha għad-dinja tal-pubblikazzjoni: maġenb djar aktar stabbiliti bħal Forlagið, hija stqarret li fl-Iżlanda anke d-djar iż-żgħar tal-pubblikazzjoni bħal Partus Press u Tunglið qegħdin jiffjorixxu. Dan joħloq kuntrast mas-sitwazzjoni lokali fejn għalqu diversi djar assoċjati mal-pubblikazzjoni tal-letteratura bħal

Bugelli, P.E.G. u Minima. Maż-żmien feġġew djar oħrajn bħall-Horizons u l-Kite li malajr sabu saqajhom fejn tidħol pubblikazzjoni tal-letteratura Maltija maġenb il-K.K.M. u l-Merlin li sal-ewwel deċennji ta' snin tas-seklu 21 iddominaw ix-xena. Id-domanda tibqa' jekk dawn id-djar ta' pubblikazzjoni jkunux sostenibbli jekk jiffukaw fuq il-pubblikazzjoni ta' kotba bil-Malti. Dan huwa l-fattur prattiku l-aktar determinanti għall-eżistenza futura tagħhom u qabelxejn tal-letteratura Maltija. Minkejja l-qagħda attwali pożittiva fl-Iżlanda, wara ftit Ehrat ukoll tesprimi ħsus ambivalenti dwar il-futur tal-letteratura f'pajjiżha:

> Kemm ilħna żgħażagħ kif ukoll xjuħ jingħaqdu f'konverżazzjoni li mhijiex immexxija aktar minn ftit kittieba magħrufa. Madankollu jidher li x-xena preżenti tal-poeżija Iżlandiża tinsab f'salib it-toroq u l-futur tagħha jista' jmur f'waħda minn żewġ direzzjonijiet – jew jibqa' vibranti kif inhu bħalissa, jew inkella jaqbad it-triq tan-niżla, jistenna l-miġja ta' ġenerazzjoni oħra. ("A Wide Range of Voices")

Iżda l-andament tax-xena letterarja Iżlandiża, imsejjes fuq pjan maħsub għal futur feliċi tal-letteratura, aktarx li jxejjen il-preokkupazzjonijiet espressi minn Ehrat. Inizjattivi bħal dawk taċ-Ċentru tal-Letteratura Iżlandiża, intenzjonati biex ikomplu jqajmu "kuxjenza favur il-letteratura Iżlandiża, kemm fl-Iżlanda kif ukoll barra" billi anke jippromwovu d-distribuzzjoni tagħha, jindikaw sew x'direzzjoni li se taqbad din il-letteratura indiġena ("Icelandic Literature Center").

Ċentru simili f'Malta, li qiegħed jissawwar mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, jipprometti tajjeb għal-letteratura Maltija wkoll. Bħaċ-Ċentru tal-Letteratura Iżlandiża, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, fi qbil mal-ħsieb ta' Casanova u ta' Callus, jemmen li letteratura żgħira bħal dik Maltija għandha tfittex modi kif issib postha fil-letteratura universali. L-isforzi li saru

fl-Iżlanda qanqlu interess ġdid fil-letteratura tagħha u f'dawk li Gísli Sigurðsson iqis bħala "l-komponenti ewlenin tal-kultura Iżlandiża" inerenti fiha; għalih, il-poeżija ta' Hallgrímsson, l-aqwa poeta Iżlandiż, tamalgama s-sagas Iżlandiżi mal-lingwa antika tal-Iżlanda u mal-ambjent naturali tal-Iżlanda b'tali mod li dawn saru t-tliet elementi fundamentali tal-identità nazzjonali:

> L-enfasi dejjem kienet fuq l-uniċità ta' dawn l-elementi kollha: l-ebda nazzjon ieħor fl-Ewropa tal-Punent ma kien għadu jitkellem bl-istess lingwa kif kienet mitkellma fil-Medju Evu, l-ebda nazzjon ieħor fil-Medju Evu ma ħoloq letteratura li tixbah is-sagas Iżlandiżi, u l-ebda nazzjon ieħor ma kien jgħix f'pajjiż hekk sabiħ u uniku, bl-immaġini kontrastanti tas-silġ u tan-nar fil-glaċieri u l-vulkani, l-għelieqi tal-lava sewda u l-għelieqi ħodor u għammiela. (46)

Fl-ispirtu analogu għal dak li esprima hawnhekk Hallgrímsson, fir-raba' kapitlu analizzajt il-ħsieb ta' Callus li anke l-letteratura Maltija għadha l-kwalitajiet partikulari tagħhom x'toffri lill-qarrejja internazzjonali; skontu, dawn il-kwalitijiet għandhom iservu bħala marki ta' kanoniċità li jassistu lill-kanonizzaturi lokali fl-għażla tax-xogħlijiet letterarji Maltin li għandhom jesportaw ("Incongruity"). Fuq kollox, il-preżentazzjoni pjuttost Romantika tat-tliet elementi ewlenin ta' Hallgrímsson, tfakkar ukoll fil-faxxinu li tista' toħloq il-letteratura Maltija miktuba bl-unika lingwa Semitika fl-Ewropa li ilha mitkellma mal-elf sena.

Minkejja l-plawsibbiltà ta' konvivenza kanonika tal-kittieba stabbiliti mal-kittieba l-ġodda f'ambjenti letterarji bħal dak Iżlandiż u dak Malti, ir-relazzjoni ta' bejniethom tista' tkun anzjuża. Id-djalettika tar-relazzjoni Edipika bejn il-kittieba predeċessuri u l-kittieba kurrenti ttrattat fost l-oħrajn "ir-reazzjoni anti-Moderna" tal-esponenti tar-Romantiċiżmu

Malti (Friggieri, *L-Istorja tal-Poeżija Maltija* 68). Serracino Inglott spjega kif il-Modernisti tbiegħdu mill-“poeżija tal-ghetto,” min-“nostalġija falza” u mill-“poeżija provinċjali” billi pproduċew letteratura li kapaċi tipparteċipa fid-djalogu internazzjonali (“Maltese Literature” 44). Għaldaqstant, l-internazzjonalizzazzjoni tal-letteratura lokali tassumi dimensjoni binarja: mhux biss huwa essenzjali li l-letteratura tiġi esportata sa ma tasal għand il-qarrejja barranin iżda din hija ingredjent neċessarju li jinforma lill-kuxjenza tal-kittieba fil-proċess intimu tal-produzzjoni artistika. Meta kien qiegħed jikkritika lil Pisani, Aquilina lmenta li “bħal poeti oħra Maltin, barra Dun Karm, Pisani hu limitat ħafna. Id-dawra ta’ ħsibijietu u t-tqanqiliet tiegħu mhi xejn wiesgħa” (“Pisani” xi). F’dan il-mument rari ta’ kritika lokali li ma tmellisx, Aquilina jestendi l-osservazzjoni skjetta tiegħu għall-kittieba ta’ żmienu “barra Dun Karm” – l-uniku wieħed li skontu jokkupa post fiss u indiskutibbli fil-kanonu letterarju Malti. Il-forma mentis tal-“letterati” Maltin ta’ żmien Aquilina kienet l-anatema tal-kunċett tal-internazzjonalizzazzjoni għaliex “il-poeta Malti, bħall-Maltin l-oħra, mhux bniedem li jaqra ħafna u jinteressa ruħu fil-problemi soċjali, kulturali u intellettwali tal-Ewropa” (“Pisani” xi). Il-konsegwenza negattiva ta’ dan in-nuqqas ta’ perspettiva wassal għall-iżolament tal-kittieb Malti li spiċċa jirriċikla lilu nnifsu: “Maqtugħ għalih waħdu, mingħajr tradizzjoni letterarja Maltija . . . il-poeta Malti bħal qarnita jdur għal subgħajh u jerda’ minnu nnifsu.” Apparti l-metafora tal-“qarnita,” Aquilina juża l-metafora tal-“imħar” biex jispjega l-istaġnar intellettwali tal-klassi erudita fi żmienu: “Din il-kritika hija ġenerali għall-biċċa l-kbira tal-letterati Maltin li, bħall-imħar mal-blat, huma mwaħħlin wisq mal-blat ta’ art twelidhom (“Pisani” xi). Fl-ambjent letterarjament sterili ta’ żmien Aquilina, l-attivazzjoni tal-idea tal-kanonu letterarju u tal-proċessi nfushom li jiffunzjona bihom fil-kuntest Malti setgħu servew

ukoll ta' katalisti biex iqanqlu lill-kittieba lokali ħalli jinfatmu mit-tradizzjoni letterarja li kienet għoddha waslet sal-punt tal-irrilevanza. Għaldaqstant, l-ansjetà kanonika maħluqa bil-miġja ta' tqanqiliet letterarji ġodda għenet lil-letteratura Maltija.

It-tellieqa għall-ispazju fil-kanonu letterarju Malti, li gradwalment bdiet tiġi pperċepita l-preżenza tiegħu anke jekk biss fuq livell kunċettwali, inħasset l-aktar meta kibret ir-rivalità bejn ir-Romantiċi u l-Modernisti wara l-Indipendenza. Ironikament, mument storiku bħal dan wassal għall-għarfien ġdid ta' "tradizzjoni letterarja Maltija" li skont Aquilina kienet sa żmienu ineżistenti bil-konsegwenza li r-Romantiċi ma kellhomx din ix-xorta ta' pedament ("Pisani" xi). Iżda kienet storja oħra meta tfaċċaw l-movimenti suċċessivi. Minkejja r-relazzjoni xi drabi antagonista ta' bejniethom li ssegwi l-ħsieb ta' Umberto Eco li "kulħadd għandu bżonn għadu biex ikun jista' jiddefinixxi lilu nnifsu" (f'Mifsud "Biża'"), il-Modernisti sabu fir-Romantiċi (u fis-Soċjo-Realisti) tarġa lesta fuq xiex isejsu l-letteratura tagħhom. L-ansjetà tal-influwenza kienet fost il-kawżi ewlenin tal-evoluzzjoni neċessarja tal-letteratura Maltija. Sussegwentement, il-moviment Post-Modernista jew Kożmpolita, kontra l-ħsieb ta' xi esponenti tiegħu li sostnew li bdew kollox mill-ġdid, sab tarġa oħra lesta mħejjija mill-Modernisti sabiex ikompli javvanza fil-perkors tal-istorja relattivament qasira tal-letteratura Maltija. Dwardu Fenech ikkristallizza l-mument delikat tat-tranżizzjoni minn moviment letterarju għal ieħor bl-implikazzjonjiet tiegħu fid-daħla tal-ġabra ta' studji komparattivi *Wirt il-Muża*:

> Minn hawn nibtet il-ħtieġa li jkunu studjati mhux biss il-poeti stabbiliti imma wkoll oħrajn inqas fortunati. It-tiftix li beda jsir wera li għad hemm ħafna xogħol xi jsir f'dan il-qasam. Mhux biss, imma wkoll bdiet tidher sewwa l-verità dwar il-poeti tajbin:

> huma ma waqgħux mis-sema! Qabilhom kitbu poeti ta' inqas ħila minnhom u għalhekk huma setgħu jibnu l-bini għoli tagħhom fuq il-pedamenti li kienu tqiegħdu qabel. B'hekk ħarġet l-importanza storika tal-poeti minuri tagħna, u għalhekk diversi poeti ħarġu għad-dawl mid-dagħbien mudlam tan-nisi letterarju. (7)

Minkejja li dan il-kliem inkiteb fl-1977, il-perspettiva ta' Fenech tibqa' applikabbli fil-kuntest tad-djalettika attwali tal-kanonu letterarju Malti. Huwa jiddefinixxi b'sempliċità l-funzjoni ewlenija tal-proċess kanoniku hawnhekk imħaddem minnu stess fis-selezzjoni tax-xogħlijiet għall-antoloġija poetika tiegħu. Il-kanonizzatur ħass il-ħtieġa li jsib bilanċ bejn "il-poeti stabbiliti" u l-"poeti minuri" – bilanċ li a priori stabbilixxa distinzjoni bejniethom abbażi ta' xi forma ta' kriterji li jagħrfu bejn "il-poeti tajbin" u l-"poeti ta' inqas ħila." Fuq l-istess filosofija ta' Friggieri li ssostni li "M'hemmx tradizzjoni ħajja mingħajr modernità, u m'hemmx modernità f'saħħitha mingħajr tradizzjoni" ("It-Triloġija"), Fenech jissekonda l-idea li l-kriżi kkawżata mit-tranżizzjoni bejn moviment u ieħor twassal għall-progress: il-moviment il-ġdid jkompli javvanza u jitla' fil-"għoli" billi jibni "fuq il-pedamenti li kienu tqiegħdu qabel" mill-predeċessuri. L-agon ikkawżat mill-pika kanonika ta' bejn il-kittieba li jixxennqu għall-immortalità letterarja u li ma jridux jintilfu fid-"dagħbien mudlam tan-nisi letterarju," mhux biss huwa inevitabbli imma joffri wkoll opportunità għal kull studjuż tal-letteratura Maltija li jrid josserva mill-qrib il-proċessi li permezz tagħhom kontinwament tibqa' tiżviluppa matul iż-żminijiet. Għaldaqstant, tibqa' tinħass il-ħtieġa tal-iskrutinju tal-mekkaniżmi xi drabi moħbija li bihom jopera l-kanonu letterarju Malti. Dan huwa sentiment li jseddaq ir-rilevanza funzjonali tal-idea tal-kanonu letterarju Malti, anke fil-ġejjieni.

Fost il-funzjonijiet primarji li tista' tippreserva r-rilevanza tal-kanonu letterarju hemm il-funzjoni utilitarja ta' gwida għall-qarrejja – funzjoni indispensabbli l-aktar f'kuntesti letterarji fejn qiegħda tiġi ppubblikata ħafna letteratura li fiha l-qarrejja saru kostretti aktar minn qatt qabel biex jagħżlu b'reqqa x'jaqraw, primarjament minħabba l-limitazzjoni inevitabbli tal-ħin. F'"In Italia si Stampano Troppi Libri. Forse è il Caso di Smetterla," Rosario Esposito La Rossa jilmenta kif fl-2019 is-suq Taljan tal-kotba kien wasal fil-punt li jirriċikla l-letteratura u b'hekk "joqtol il-kotba wara 90 jum." Skontu, il-perjodu ta' popolarità ta' ktieb huwa 90 jum; wara, qajla jibqa' jinxtara u għalhekk id-djar tal-pubblikazzjoni l-ħin kollu jfittxu li jippubblikaw "in-novità" li mhux neċessarjament tiggarantixxi l-kwalità. Dan jimplika wkoll li kotba ppubblikati fil-passat, anki riċenti, qegħdin jintefgħu b'mod sistematiku fid-"dagħbien mudlam tan-nisi letterarju (Fenech 7).

Il-preokkupazzjoni ta' Esposito La Rossa hija waħda: "Ejja ma nibżgħux quddiem xi xkaffa vojta fil-ħwienet tal-kotba, ejja minflok ninkwetaw quddiem l-ixkafef mimlijin kotba li waslu biex imutu" ("In Italia si Stampano Troppi Libri"). L-iskadenza mgħaġġla tal-kotba tal-lum u l-istampar kontinwu u frenetiku ta' aktar kotba, ikabbru l-ħtieġa li l-qarrejja jkollhom min jiggwidahom fil-mument fundamentali tal-għażla. F'dan il-mument delikat fid-djalettika tal-idea ta' kanonu letterarju, ma tistax tiġi evitata l-mistoqsija dwar min huma dawk li jfasslu l-kanonu u x'inhuma l-iskopijiet aħħarija tagħhom. Analiżi dijakronika tal-kuntest letterarju Malti tindika li individwi bħal Aquilina u Friggieri kienu l-paradimma tal-kanonizzatur Malti. Illum il-ġurnata, fil-bidu tat-tielet deċennju tas-seklu 21, l-akkademja għadha titqies bħala s-sede ewlenija tal-kanonizzaturi tal-letteratura Maltija – fost il-kanonizzaturi preżenti hemm akkademiċi bħal Stephen Bonanno, Adrian Grima, Bernard Micallef, u Immanuel Mifsud.

Jeżistu wkoll reċensuri bħal Sergio Grech, Patrick Sammut u l-awtur anonimu (jew l-awtriċi anonima) ta' *maltesereader.wordpress.com* li mhux neċessarjament huma parti mill-akkademja imma li wkoll għandhom sehem fil-proċess ta' x'jiġi mħawwel u ssodat fil-kanonu letterarju Malti. Iżda mill-banda l-oħra hemm ukoll il-pubblikaturi, ewlenin fosthom hemm nies bħal David Bezzina, Chris Gruppetta u Joseph Mizzi, li b'modi differenti minn dawk tal-akkademiċi jew tar-reċensjonisti, spiss jaġixxu wkoll ta' kanonizzaturi. Minkejja li l-akkademiċi qatt ma jistgħu jkunu ħielsa mill-ġudizzji suġġettivi, il-kontribut tal-pubblikaturi qatt ma jista' jkun diżinteressat minħabba n-natura tax-xogħol tagħhom.

Ir-realtà letterarja Maltija, bħal dik Taljana, qiegħda kulma jmur tagħti aktar attenzjoni lill-kanonizzaturi tal-aħħar tip jiġifieri dawk li huma l-aktar voċiferi bil-preferenzi ovvji tagħhom. Il-vakwu li nħoloq f'Malta minħabba n-nuqqas ta' kritika letterarja fil-forma ta' journals u rivisti letterarji li tkellem fuqu Callus ("Incongruity") wassal biex il-qarrejja jiġu miċħuda mill-gwida tal-ewwel xorta ta' kanonizzaturi. Il-perspettiva moderata fil-konfront tal-idea tal-kanonu letterarju addottat fl-istudju preżenti tista' tkun rilevanti anke f'dan ir-rigward: it-triq tan-nofs għall-qarrejja tal-letteratura Maltija li jridu jagħżlu x'jaqraw tista' possibbilment tinstab jekk dawn ma jagħtux widen biss lill-opinjoni influwenti iżda suġġettiva ferm tal-pubblikaturi imma jfittxu, għalkemm dan mhux dejjem faċli, l-opinjoni kritika ta' min studja l-letteratura.

Verżjoni oħra ta' kanonizzaturi hija dik tal-antoloġisti. Dawn il-kanonizzaturi, li fattwalment spiss ikunu akkademiċi jew xi drabi pubblikaturi, aktarx li ma jagħmlux l-iżball li kkundanna Esposito La Rossa: dawn ma jinsewx ix-xogħlijiet letterarji tal-passat imma spiss jipprovdu lill-qarrejja tagħhom bl-aqwa kampjuni tal-letteratura fil-forma ta' volum wieħed li

jiġbor fih diversi xogħlijiet qsar jew inkella permezz ta' sett sħiħ ta' volumi. Hekk kellhom f'moħħhom nies bħal Pawlu Mizzi – "missier il-ktieb Malti modern" – meta nieda l-kollezzjoni tal-Klabb Kotba Maltin (Grech, "L-Għawdxi li Rebaħ l-Insularità" 107). Joseph Dent kellu ħsieb simili meta fl-1906 ħareġ bl-idea tal-Everyman's Library. Huwa ħolom li jippubblika "edizzjonijiet ġodda u sbieħ tal-klassiċi dinjin bil-prezz ta' xelin għal kull volum." Dan l-antoloġista Ingliż ħolom li "għal ftit xelini l-qarrej jista' jkollu xkaffa sħiħa tal-immortali; għal ħames liri (li bihom jakkwista mitt volum) individwu jista' jsir intellettwalment għani għal ħajtu kollu" ("Everyman"). Fuq quddiem ta' kull volum tal-Everyman's Library u tal-Everyman Paperbacks jidher dan il-kliem suġġestiv:

> *Everyman,*
>
> *I will go with thee,*
>
> *and be thy guide,*
>
> *In thy most need*
>
> *to go by thy side*.

Din il-kwotazzjoni, imħollija hawnhekk fil-lingwa oriġinali sabiex tiġi rrispetata l-metrika tagħha, tista' twassal għal inferenza valida: l-idea ta' gwida bħala funzjoni ewlenija tal-kanonu letterarju u allura tal-kanonizzatur li hawnhekk qiegħed jieħu r-responsabbiltà li jidderieġi lill-qarrejja tiegħu lejn l-aqwa letteratura li jista' jaqra. L-antikanonisti jqisu kunċett simili bħala forma ta' impożizzjoni ta' individwu wieħed b'attitudni kondixxendenti u aktarx b'mentalità elitista. Kundanna simili qalgħuha nies oħrajn li ppruvaw jagħtu lill-qarrejja lista tal-aħjar xogħlijiet letterarji. Il-każ klassiku tar-reazzjoni għal-lista pprovduta minn Bloom fit-

tarf ta' *The Western Canon* huwa wieħed minn diversi każijiet li seħħew u għad jibqgħu jseħħu kull darba li l-kanonizzaturi jittantaw jipproponu lista bl-aħjar xogħlijiet letterarji.

Iżda l-fiduċja għamja tal-qarrejja fil-ġudizzji kritiċi tal-kanonizzaturi, inkluż dawk li tradizzjonalment tqiesu bħala leġittimi tista' tkun insidjuża: meta l-qarrejja jafdaw totalment fl-għażliet li jagħmlu għalihom il-kanonizzaturi jkunu qegħdin iħallu f'idejhom liema xorta ta' kitba letterarja ssir popolari u liema titwarrab mill-attenzjoni tagħhom. Dan jista' jwassal sabiex tkompli tikber il-qasma bejn ix-xogħlijiet tal-letteratura għolja u dawk tal-letteratura baxxa. Fl-istudju "The End of Literary Studies?" Steven Kellman ukoll jesplora r-relazzjoni anzjuża bejn il-letteratura għolja u dik li xi kritiċi qiesu bħala paraletteratura (Ara l-istudju ta' Merve Emre: *Paraliterary: The Making of Bad Readers in Postwar America*), li spiss il-proċess kanoniku jitfagħha fil-qiegħ nett tal-ġerarkija letterarja. Kellman jiddiskuti jekk tistax tiġġustifika t-twarrib tal-ġeneri tal-paraletteratura mill-kanonizzaturi akkademiċi u jistaqsi jekk il-qari tal-paraletteratura jistax jikkumplimenta dak tal-letteratura kanonika jew jekk itellifhiex:

> In-nekrofilja, is-sireni, u ċ-ċinema Awstraljana bla dubju huma suġġetti denji fihom infushom, iżda peress li l-ħajja hija qasira u s-snin akkademiċi mhumiex twal biżżejjed, dawn għandhom jieħdu post Chaucer, Shakespeare u Milton? Huwa diffiċli li wieħed jemmen li *Game of Thrones*, jew anki r-rumanzi tal-fantasija ta' George R. R. Martin li fuqhom hija bbażata s-serje televiżiva, jistgħu jkunu l-għatba ta' dipendenza dejjiema għal Virginia Woolf. Mill-oriġini tagħhom fil-kummentarji ta' Aristotli tad-drama Griega, l-istudji letterarji wrew li għandhom ħajja twila ħafna, imma kemm nistgħu

nibqgħu nġebbdu fihom u fl-istess ħin nibqgħu nsejħulhom studji letterarji? (“The End”)

Ir-rikonoxximent ta’ ġeneri letterarji sħaħ, fosthom dawk tal-fantaxjenza, il-polizjesk u satira, bħala letteratura baxxa jew paraletteratura jista’ jwassal għal twarrib infondat u allura inġust ta’ kull xogħol letterarju li jiġi kkategorizzat fihom. Mifsud jilmenta li, pereżempju, hemm “tendenza li fid-diskors ta’ xeħta intellettwali dwar it-teatru, jinqabeż dak li xi mindaqqiet b’ton peġjorattiv, jissejjaħ it-teatru popolari” (“Introduzzjoni” 8). Meylak, “l-unika vuċi femminili” fost il-poeti Romantiċi Maltin ta’ qabel l-Indipendenza (“Mary”), mhux biss sabet il-kuraġġ tippubblika xogħlijietha stess f’ambjent letterarju paternalistiku imma azzardat ukoll timraħ lil hinn mill-ġeneri konvenzjonali ta’ żmienha meta fl-1947 ippubblikat ix-xogħol fantaxjentifiku *Dawra Misterjuża*. Iżda dan il-ktieb, li huwa fil-fatt poeżija waħda ta’ 70 paġna, qatt ma ngħata attenzjoni la fi żmienu u lanqas wara, possibbilment għax inkiteb minn mara li f’għajnejn il-kanonizzaturi rġiel x’aktarx dehret bħala letterarjament prużuntuża. F’kuntest letterarju ħieles mill-preġudizzji ta’ kull tip, dan ix-xogħol ta’ Meylak seta’ faċilment sab postu bħala wieħed mill-kotba fis-sillabu tal-letteratura Maltija. Imma kittieba avangardisti bħal Meylak kienu kostretti jgħixu realtà letterarja li kienet ferm ’il bogħod minn dik ideali. U dan ma jimplikax li l-qagħda odjerna hija impekkabbli għaliex meta l-kanonizzaturi, speċjalment dawk akkademiċi, jibqgħu konsistentement u esklussivament jippromwovu l-letteratura hekk imsejħa għolja u jwarrbu dik li bħall-poeżija ta’ Meylak jistmawha bħala paraletteratura, ikunu qed jirrinforzaw l-attitudni elitista li spiss jiġu akkużati biha minn min iħaddan ħsus antikanoniċi. L-elitiżmu mħaddem fil-proċess kanoniku jista’ jkun il-ħtija ewlenija għat-twarrib minn xi wħud tal-idea nnifisha tal-kanonu letterarju u tal-

validità tagħha. Għaldaqstant hemm min saħansitra jemmen li x-xoljiment ta' din l-idea jista' jkun ta' ġid għal ċerti ġeneri letterarji: "Il-korrużjoni progressiva tal-kanonu tal-ġeneri letterarji, u tal-kategorija letterarja u dik mhux letterarja, ippproponiet mill-ġdid fis-seklu li għadda t-taħlita tal-kummiedja u tal-umoriżmu fis-satira" ("La Satira"). Iżda flok "korrużjoni," dan it-tibdil fil-kanonu letterarju jista' jiġi pperċepit bħala modifikazzjoni fl-attitudni kif tissuġġerixxi r-riflessjonijiet ta' Kellman li toqrob lejn il-linja ta' ħsieb ta' Swirski meta ppropona l-għarfien tal-"letteratura la għolja la baxxa" (*From Lowbrow* 10) u mad-direzzjoni moderata li naddotta f'dan l-istudju.

Fl-istorja relattivament qasira tal-letteratura Maltija xi kittieba, anke dawk rinomati, kemm-il darba ppruvaw jesploraw ġeneri ġodda li mhux neċessarjament kienu jaqblu mal-preferenzi ta' dik li fi żmienhom kienet titqies bħala letteratura kanonika. Bħal Mamo u Ellul Mercer, Erin Serracino Inglott ma kienx jitnaffar mill-isperimentazzjoni. Meta kiteb *Razju Vidal* tbiegħed mill-ġeneru storiku ta' żmienu u qorob lejn dak fantastiku, kif tixhed ir-riċensjoni anonima f'*Il-Malti* tal-1941, is-sena li fiha ġie ppubblikat dan id-dramm differenti mill-bqija: "Il-kittieb żamm ruħu maħlul mill-irbit tal-istorja u ttajjar u meraħ kif għoġbu fil-qasam tal-ħsieb tal-fantasija." L-idea liberali ta' kanonu letterarju li flok jeskludi jkun dispost biex jilqa' "n-novità" li semma Esposito La Rossa joħloq l-ambjent addattat għal kull kittieb li bħal Serracino Inglott jkollu l-ħila jipproduċi letteratura li fiha "ttajjar u meraħ kif għoġbu" ("Razju Vidal" 146) mingħajr ma ħalla l-aspettattivi tal-kanonizzaturi jinfluwenzawh. Hekk, kif insista Kolbas fil-kritika tiegħu ta' Altieri, ma jiġrix li minflok ix-xogħlijiet kanoniċi jittrażmettu l-valuri tagħhom lill-bniedem, il-bniedem jispiċċa jimponi fuqhom sistema ta' valuri u ta' preferenzi tiegħu (*Critical Theory* 52).

Il-perspettiva ta' Said toffri wkoll riflessjonijiet siewja dwar ir-rilevanza futura tal-idea tal-kanonu letterarju. F'"Confronting the Canon Contrapuntally: The Example of Edward Said," Fakrul Alam jippreżenta l-mod ibbilanċjat ta' kif Said iħares lejn il-proċessi tal-kanonizzazzjoni. Alam jiddeskrivi, fost l-oħrajn, il-mudell propost minn Said ta' kif għandhom jinqraw ix-xogħlijiet kanoniċi: mit-test irridu ngħaddu għall-kuntest sabiex nagħrfu x-xibka ta' relazzjonijiet implikati fix-xogħol letterarju. Barra minn hekk, Said jemmen li "x-xogħlijiet il-kbar" għandhom isibu posthom fil-qalba tal-kurrikulu għaliex dawn kapaċi jestendu x-xbieki tat-tifsir mal-medda taż-żmien b'tali mod li li jibqgħu jinqraw mill-ġdid u għaldaqstant jibqgħu dejjem rilevanti (f'Alam 36). Din il-proposta mhux biss toqrob lejn il-perspettiva Fenomenoloġika imma timplika wkoll il-validità tal-proċess selettiv bħal dak li toffri l-idea tal-kanonu letterarju. Alam juri kif il-kontribut ta' Said fid-djalettika dwar il-kanonu letterarju joffri element ta' bilanċ għaliex jinteressawh ferm "it-testi ibridi" li fihom jispikka t-taħlit bejn kulturi differenti minħabba fenomeni soċjali bħall-immigrazzjoni (37) – kunċett li jfakkarna fl-idea ta' ibridità li jitkellmu fuqha Baldacchino u Swirski.

Apparti l-interess fil-kunċett letterarju tal-ibridità, Said jenfasizza l-funzjoni essenzjali tat-"testi kanoniċi" li jistgħu jinqraw bħala "kontrappunt" għat-testi anti-Imperjalistiċi. Din id-dispożizzjoni bbilanċjata ta' Said hija qrib ferm ta' dik li qiegħed nippreżenta hawnhekk: l-idea li l-kanonu letterarju jservi ta' miżien li jibbilanċja l-estremitajiet tal-produzzjoni letterarja. Said ukoll jemmen fil-validità tal-iskrutinju kontinwu tal-modus operandi tal-kanonu letterarju: jekk nagħrfu kif jaħdmu l-mekkaniżmi tiegħu, inkunu nistgħu nifhmu ċ-ċirkostanza tal-produzzjoni letterarja u nifhmu wkoll "l-oppożizzjoni ġġenerata mill-proċess" (f'Alam 37). Ir-rilevanza tal-kanonu letterarju se tibqa' materja topika għaliex skont Said,

wieħed mill-għanijiet tal-proċess kanoniku huwa dak pedagoġiku; il-kotba kanoniċi ppreżentati fl-iskejjel mhux biss jippreżentaw narrattivi tal-kunflitti soċjali lill-istudenti imma jagħmlu dan billi jipprovdu "gost estetiku" għax huma "xogħol formidabbli tal-immaġinazzjoni." Għaldaqstant, il-membri tal-bordijiet li jiddeċiedu s-sillabi tal-letteratura għandhom id-dmir jagħżlu u jipproponu dawk it-testi b'"reżonanzi dejjiema u li jitkellmu ma' kull ġenerazzjoni" għaliex iħaddnu "kobor intrinsiku u l-kapaċità li jinvolvu lill-qarrejja permezz ta' ċaqliq djalettiku relatat mal-istorja u mal-politika" (f'Alam 38).

Ir-rilevanza futura tal-kanonu letterarju tista' tissejjes ukoll fuq l-abbiltà tiegħu li jagħraf liema huma x-xogħlijiet letterarji ewlenin li jixhdu kemm "ir-realtajiet tal-poter u tal-awtorità – kif ukoll dik tar-reżistenza min-naħa tal-irġiel, tan-nisa u tal-movimenti soċjali fil-konfront tal-istituzzjonijiet, tal-awtoritajiet u tal-ortodossiji" (Said, *The World* 5). Skont Said, testi kanoniċi ta' din ix-xorta jrendu l-idea tal-kanonu letterarju aktar valida, għax permezz tal-kunċett tal-"affiljazzjoni" l-qarrejja ta' dawn ix-xogħlijiet kanoniċi janalizzaw "il-fili li jgħaqqdu lit-test mas-soċjetà, mal-awtur u mal-kultura" sabiex jaslu għall-apprezzament tar-"rabtiet bejn it-testi u d-dinja" (*The World* 175). Barra minn hekk, kif jixhed it-titlu tal-premju letterarju mogħti mill-Fondazzjoni Vaclav Havel, "Disturbing the Peace, Award to a Courageous Writer at Risk," il-letteratura odjerna li tfittex dawn ir-rabtiet diretti mad-dinja spiss qiegħed jiġi ssuġġerit li tiġi ppremjata mill-ġuriji li jinfluwenzaw il-kanonu letterarju nazzjonali bl-għażliet tagħhom. Meta fl-2019 dan il-premju ngħata lill-kittieba Torka Aslı Erdoğan, l-erba' membri tal-ġurija kkummentaw hekk fuqha:

> Meta wieħed iħares minn barra jintebaħ li l-qawwa tal-kitba (u IVA, tal-awtriċi nnifisha) hija l-qawwa ta' atturi kritiċi kompletament ġodda rrappreżentati min-nisa

> tal-lum – nisa li jorganizzaw, jitkellmu, jimmobilizzaw u jaġixxu għad-drittijiet ta' KULĦADD. Aslı hija vuċi straordinarja, waħda li tinstema' u tiġi diskussa mill-ġenerazzjoni żagħżugħa ta' nisa u rġiel Torok, kemm f'pajjiżhom kif ukoll fl-eżilju. ("Vaclav Havel Library Foundation")

L-għażla tal-membri tal-ġurija hawnhekk tidher li hija f'kongruwenza mal-għażla popolari tal-qarrejja żgħażagħ li l-attitudni u l-preferenzi tagħhom jistgħu jservu ta' indikaturi utli tar-rilevanza futura mhux biss tal-letteratura imma anke dik aktar speċifika ta' kanonu letterarju funzjonali.

Diversi teoristi għarfu l-validità tal-element politiku fil-letteratura, element topiku li spiss jiġbed l-attenzjoni ta' ħafna. Hekk għamlet ngħidu aħna l-Femminista Janet Wolff li permezz ta' "Groundless Beauty: Feminism and the Aesthetics of Uncertainty" tintroduċi mill-ġdid l-apprezzament tal-element estetiku mingħajr ma taqa' fin-nasba Kantjana – hi tisħaq li s-sabiħ u l-politiku mhux bilfors ikunu f'kunflitt (147). Iżda mhux biss il-kritiċi qegħdin ifittxu l-element politiku fil-letteratura favorita tagħhom. Kif jindika t-titlu tal-artiklu "Poetry Sales Soar as Political Millennials Search for Clarity," ħafna qarrejja żgħażagħ qegħdin iduru lejn il-letteratura sabiex isibu riflessjoni eżistenzjali fi żmien ta' taqlib politiku u soċjali. Donna Ferguson tesplora kif il-poeżija impenjata qiegħda ssir aktar popolari, fenomenu li jseddaq l-idea ta' Said li l-kanonu letterarju għandu l-funzjoni fundamentali li jibqa' jtella' dan it-tip ta' xogħlijiet fil-wiċċ sabiex il-letteratura tibqa' rilevanti. Mario Azzopardi huwa wieħed mill-aktar kittieba Maltin li studja u pprova jwettaq l-impenn politiku fil-letteratura. F'"Il-Letteratura bħala Strument għar-Riforma Politika" huwa jevalwa l-istorja letterarja Maltija biex jidentifika mumenti saljenti tar-relazzjoni bejn il-politika u l-letteratura lokali li wasslu

għall-miġja ta' "letteratura tal-kuxjenza allarmata politikament" (11). Fl-analiżi tiegħu, Azzopardi jipparteċipa wkoll fid-djalettika dwar il-kanonu letterarju Malti: "Analiżi bir-reqqa tal-awturi Soċjo-Realisti għandha tikxef veritajiet dwar il-klassi tal-ħaddiema li jinqatgħu għalkollox mill-idealiżmu bla lewma li kienu qegħdin jipproponu awturi 'stabbiliti' bħal Dun Karm Psaila. Dun Karm u sħabu 'l-akkademiċi' kellhom warajhom l-ispalla tal-Awtoritajiet Britanniċi" (8). L-implikazzjoni ta' din l-istqarrija hija ċara: ir-relazzjoni anzjuża bejn il-kittieba Romantiċi u dawk Soċjo-Realisti kienet konsegwenza diretta ta' diverġenza kbira fil-viżjoni politika tagħhom. Kliem Azzopardi jissuġġerixxi li d-dominanza letterarja tal-kittieba "stabbiliti" kienet u għadha dovuta għall-fatt li huma kienu jagħmlu parti mill-eġemonija Britannika li kienet fl-aqwa żmien tagħha meta faqqa' dan il-kunflitt li qabelxejn kien kunflitt bejn il-klassijiet soċjali. "Kontra l-ħaddiem ġwejjed u sottomess li ppropona Psaila fil-poeżiji tiegħu, Mamo, Ellul Mercer, Orlando, Muscat Azzopardi, Bonnici u oħrajn qanqlu l-massa tal-ħaddiema biex ma tibqax seftura tas-sidien" (8). Skont Azzopardi dan it-tqanqil seħħ permezz tal-letteratura Soċjo-Realista li opponiet politikament il-letteratura ta' "Dun Karm u sħabu" u li batiet konsegwenzi diretti bħal dawk marbuta mal-Ordinanza dwar il-Prevenzjoni ta' Propaganda Sedizzjuża tal-1932 li tfasslet apposta mill-kolonjalisti Ingliżi biex jippersegwitaw dawk iċ-ċrieki soċjali dissidenti, b'mod partikolari ċ-ċirku erudit tal-kittieba Soċjo-Realisti Maltin. Dan il-mument partikolari fl-istorja relattivament qasira tal-letteratura Maltija juri kif il-politika u l-letteratura jistgħu jintgħaġnu flimkien b'tali mod li jinħoloq effett konkatenattiv qawwi li jolqot lix-xena letterarja b'diversi modi, xi drabi anke b'mod permanenti. Ir-reżonanzi lokali tal-eżaltazzjoni tar-Romantiċi u tat-taħħit tas-Soċjo-Realisti minħabba l-aġenda politika tal-ħakkiem għadhom jinħassu anke seklu wara għax Dun Karm għadu

jingħata qima letterarja esklussiva u l-moviment Soċjo-Realista spiss jiġi pperċepit biss bħala parentesi insinifkanti bejn il-moviment Romantiku u l-Modernista jew inkella bħala feles ċkejken fit-tmiem ta' wieħed jew fil-bidu tal-ieħor.

Fiż-żmien tal-attività letterarja fl-era Kożmopolita, kulma jmur qiegħed jinħass il-bżonn tal-fjoritura tal-element politiku fil-letteratura Maltija. Kif jistqarr Wayne Flask f'intervista tal-2020, tinħass il-ħtieġa urġenti ta' "iktar onestà intellettwali minn ħafna kittieba oħra li jibżgħu mill-barri aħseb u ara jippruvaw jaqbdulu qrunu, minn artisti li jibżgħu jiftħu ħalqhom u jsemmu fatti u ismijiet biex ma jmurx jitilfu xi fondi għall-canapès u minn poeti li moħħhom wisq fir-rima iżda mbagħad spiss jinjoraw il-mewġ iħabbat" ("Letteratura: Il-Qaddsa xi Dwejjaq"). L-apprezzament letterarju ta' dan l-aspett jidher li għadu wkoll fl-infanzja tiegħu. Meta Grima kkummenta dwar "it-thriller politiku traġiku u umiljanti" tal-perjodu politikament imwiegħer li esperjenzat Malta wara l-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, huwa rrefera għal dawk ix-xogħlijiet letterarji li offrewlu opportunità ta' riflessjoni dwar in-naħat oskuri tal-karattru uman, fosthom ir-rumanzi tal-Mafia ta' Leonardo Sciascia u n-"novella twila u bla ħniena ta' Frans Sammut tal-1979 . . . 'Il-Qtil ta' Sqaq il-Ħorr'." Ir-rilevanza politika tal-kittieba kanoniċi, hawn issottolineata minn parteċipant attiv fil-proċess kanoniku Malti, hija indikazzjoni li din il-kwalità letterarja hija mfittxija mill-qarrejja ("Wara t-Tradiment"). Kif jissuġġerixxi Friggieri fl-ewwel taqsima ta' *L-Idea tal-Letteratura* intitolata proprju "Il-Letteratura: il-Ħajja Mbiddla f'Kelma," il-letteratura kapaċi tibdel l-esperjenza immedjata f'forma artistika kurrenti u li tappella. Huwa jelabora dan it-twemmin fundamentali billi jikkonkludi li "l-letteratura, kif inhi mifhuma llum, hi t-tidwib, it-tisrif tal-ħajja f'damma ta' kliem" (*L-Idea* 6). Fid-diskors "Il-Waqt Storiku tal-Poeżija," li sar

ukoll fil-perjodu mqanqal li fih bdiet tinkixef ir-rabta bejn elementi ewlenin fit-tmexxija tal-gvern tal-ġurnata u l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, Grima jikkummenta dwar kif il-poeżiji ta' Mario Cardona jittrasformaw "l-ansjetajiet u l-ġibdiet negattivi tagħna fi ġmiel, f'ritmi u mużikalità." Grima jispjega kif din il-letteratura ssir rilevanti għax għandha l-ħila tibdel "id-diżorjentament tal-mument fi xbihat u metafori li jmissu l-qalb u l-qalba tal-eżistenza" tal-qarrejja tagħha. Iżda dan jista' jwassalna għal riflessjoni ulterjuri: meta l-kanonizzatur jagħżel lil min se jagħmel diskors jew lil min se jikteb daħla jkun qiegħed jiggwida lilna l-qarrejja biex nagħrfu dawk ix-xogħlijiet letterarji li jirriflettu l-aħjar "id-diżorjentament tal-mument" li ninsabu fih u li jaslu "jagħtuna mqar ħjiel tal-misteru l-kbir tal-ħolqien" (Grima "Il-Waqt"). Tali kriterju tal-għażla jagħmel parti mis-sies li fuqu jserraħ il-proċess kanoniku meta jkun qiegħed jiffunzjona b'mod ideali jew għall-inqas skont kif ipproponew kritiċi bħal Said u oħrajn. Madankollu, kif ġie diskuss f'diversi mumenti ta' dan l-istudju, huwa improbabbli, jew aħjar impossibbli, li l-proċess selettiv li jħaddmu l-kanonizzaturi ma jkunx mittiefes mis-suġġettività u minn elementi influwenti oħrajn li jistgħu jtappnu l-imparzjalità tiegħu.

6.7 Xi Jmiss?

Meta Esposito La Rossa ġie biex jikkonkludi l-analiżi tiegħu tas-sitwazzjoni odjerna tas-suq letterarju Taljan, huwa għamel dan b'appell dirett lill-partijiet interessati, b'referenza speċjali għall-pubblikaturi, sabiex il-ktieb ma jibqax f'qagħda mwiegħra:

> Nappella lill-kollegi [pubblikaturi] żgħar u medji: ejja nnaqqsu n-numru ta' pubblikazzjonijiet, ejja nitgħallmu ngħidu le b'saħħa. Ejja nsaffu s-suq mill-mikro-

> pubblikazzjonijiet ta' mitt ktieb, mill-kotba li jinqraw u jintremew, mill-kotba bi skadenza ppjanata. Ejja niksbu mill-ġdid ix-xewqa li nippubblikaw kotba magħmula biex idumu. Ejja ninvestu aktar riżorsi fit-taħriġ tal-qari fit-tul għall-ġenerazzjonijiet futuri, nieħdu l-kotba f'postijiet mhux konvenzjonali, fil-gyms, fid-diskoteki, fil-fabbriki; ejja nirbħu qarrejja ġodda minflok nibqgħu nipproduċu ħafna kotba għal ftit qarrejja. ("In Italia si Stampano Troppi Libri")

Minkejja r-referenza espliċita għal diversi sintomi tal-malesseri kurrenti, l-attitudni ta' Esposito la Rossa mhijiex waħda ta' qtigħ il-qalb. Huwa mhux talli ma jtaħħatx ir-restrizzjonijiet prattiċi li ddiskutejt matul dan l-istudju, talli jipproponi modi kif titjieb is-sitwazzjoni tax-xena letterarja. Il-poplu jeħtieġ min jiggwidah fil-letteratura li jikkonsma. Il-pubblikaturi għandhom responsabbiltà kbira minħabba s-sehem tagħhom fil-proċess li bih kontinwament jimmodifika ruħu l-kanonu letterarju tal-post.

Skont Livui Papadima, jekk nitilqu mill-premessa li l-ġenerazzjonijiet futuri se jibqgħu jaqraw il-letteratura, il-qarrejja se jibqgħu jiġu bżonn il-kanonu letterarju biex jagħżlu bejn xogħol u ieħor (9). Dan jiggarantixxi wkoll it-tħaddim ta' xi forma ta' kriterji kanoniċi. William Franke jemmen li l-komunikabbiltà transtorika tal-valur – kriterju essenzjali sabiex xogħol jidħol fil-kanonu – mhux se tibqa' tfisser li jiġu rikonoxxuti l-kwalitajiet li jmorru lil hinn mil-limiti tal-ispazju u taż-żmien. Il-kriterju tal-valur se jibda jimplika universalità li dejjem għadha qed tifforma, kwalità li hu jsejħilha "omniversalità" u li toqrob sew lejn l-idea tal-universalità letterarja li ddiskutiet Casanova. Dan il-kunċett ridefinit tal-kanoniċità letterarja li jipproponi Franke jibqa' jiffunzjona aktar "permezz tal-inklużjoni, potenzjalament mingħajr restrizzjonijiet" u mhux permezz tal-esklużjoni (55).

Meta Paul Lauter jiġi biex iwieġeb il-mistoqsija “Xi jmiss?” jissuġġerixxi tliet tweġibiet possibbli (f’D’Haen 27). L-ewwel possibbiltà hija li nerġgħu nasserixxu l-idea tradizzjonali tal-kanonu – il-metodu magħżul minn Bloom. It-tieni tweġiba ta’ Lauter hija dik li tenfasizza l-aspett teoretiku tad-dibattitu kanoniku: hawn issir biss akkumulazzjoni ta’ aktar tagħrif speċjalizzat dwar xogħlijiet letterarji li ġew approvati matul is-sekli, it-triq magħżula minn teoristi bħal Guillory. It-tielet metodu huwa dak mixtieq minn Lauter innifsu; l-idea li jittaħħat il-kanonu stabbilit sabiex joħorġu fid-dieher dawk ix-xogħlijiet letterarji li twarrbu minħabba fih.

L-istudju tiegħi qiegħed jissuġġerixxi bilanċ fil-kuntest lokali bejn dawn l-ideat ta’ Lauter dwar il-futur tal-kanonu letterarju. Filwaqt li ma nwarrbux ix-xogħlijiet meqjusa bħala “l-klassiċi” tal-letteratura Maltija u nibqgħu niġmgħu u nistudjaw bir-reqqa r-raġunijiet għala dawn il-kitbiet ġew, konxjament jew inkonxjament, rikonoxxuti bħala kanoniċi matul is-snin, hawnhekk nipproponi l-iskrutinju kontinwu tal-għażliet letterarji li jseħħu madwarna u li jinvolvuna sabiex, fost l-oħrajn, nevalwaw kif u għaliex xi xogħlijiet jiġu eloġjati filwaqt li oħrajn jiġu skartati. It-tama hi li permezz ta’ dan il-bilanċ propost, il-kanonu letterarju Malti tal-ġejjieni ikun jista’ jibqa’ jiġbor fih xogħlijiet li l-għażla tagħhom tmur lil hinn mil-limiti spazjali u temporali.

Fid-djalettika internazzjonali dwar il-kunċett tal-kanonu letterarju Theo D’Haen jippreżenta kunċett tar-rikostruzzjoni (29), idea li tista’ tiġi applikata fil-kuntest Malti. Bħalma l-kanonu Amerikan ċaqlaq l-enfasi tiegħu mill-kotba Ewropej għall-kotba indiġeni, mill-irġiel għan-nisa, mill-bojod għas-suwed, hekk ukoll f’Malta l-formazzjoni progressiva tal-kanonu letterarju tista' timmarka bidliet fuq livell soċjali. Iżda s-soċjetà u l-kanonu jista’ jkollhom

relazzjoni simbjotika. Id-dominanza naturali tal-kultura Taljana (Friggieri, "Literature" 52), it-tentattivi sfurzati ta' angliċizzazzjoni, Malta indipendenti u ħielsa, il-globalizzazzjoni u l-Malti fl-Unjoni Ewropea, ir-rivoluzzjoni fl-informatika u l-miġja tal-epoka diġitali huma kollha fatturi storiċi li jixhdu kif bidliet politiċi u soċjali jistgħu jaffettwaw it-tiswir u t-tiġdid tal-kanonu letterarju Malti. Din il-linja ta' ħsieb taqbel mat-twemmin ta' Franke li l-kanonu jibqa' ħaj u jibqa' jikber billi jittrasforma ruħu minn żmien għal żmien.

L-evoluzzjoni tal-kanonu letterarju, li timxi pari passu mal-iżvilupp soċjali, hija għalhekk turija tal-fatt li l-valuri kanoniċi jistgħu jsiru universali. F'"The Canon Question and the Value of Theory: Towards a New (Non-) Concept of Universality," Franke jelabora fuq il-komunikabbiltà transtorika tal-valuri universali u jistqarr li dan il-kriterju huwa l-istandard ta' xogħol letterarju li jista' jitqies kanoniku (55); għalih il-kanonu letterarju tal-ġejjieni se jibqa' dejjem jinvolvi sens ta' mutabbiltà dinamika u sens ta' inklużjoni, kwalitajiet li jżommuh ħaj u miftuħ biex jinkludi xogħlijiet ġodda (59, 68). Anke Kermode jitkellem fuq il-bidliet fil-kanonu, li skontu huma r-rifless ovvju tal-bidliet li jseħħu fina nfusna u fil-kultura tagħna (*Pleasure and Change* 36). F'kuntrast mat-teorija kanonika ta' Bloom li tiffoka fuq l-kwalitajiet eterni u intrinsiċi tal-oġġett artistiku, Kermode jimmaġina li l-kanonu tal-ġejjieni se jkun aktar iffukat fuq is-suġġett milli fuq l-oġġett, u dan jimplika li l-valur artistiku se jiġi rikonoxxut fil-kuntest tar-reazzjoni tal-qarrejja. Għal Kermode, l-idea tal-gost offrut mil-letteratura hija dejjem marbuta mal-idea ta' kanonu li qed jinbidel peress li matul iż-żminijiet jinbidlu kemm id-drawwiet ta' qari, kif ukoll il-perċezzjoni tal-qarrejja ta' x'inhu sabiħ u x'jagħti gost. Skont Kermode, it-testi letterarji jridu jagħtu rendikont tal-preġudizzji tagħna u "huma neċessarjament relatati mal-preġudizzji tal-komunità, anke jekk bħala reazzjoni għalihom"

(*Pleasure and Change* 38). Filwaqt li t-teorija ta' Bloom hija testwali, dik ta' Kermode hija aktar kuntestwali.

Mill-banda l-oħra, kritiċi bħal Guillory se jibqgħu jopponu l-kriterju tal-esperjenza estetika bħala l-uniku kriterju li għandu jintuża fl-evalwazzjoni kanonika kif jixtieq Kermode. Guillory jgħid li hemm riskju kbir li jinbena kanonu letterarju li jilqa' fih minn kollox u li jogħġob lil kulħadd; ir-riskju hu li jiġu ġġeneralizzati l-esperjenzi letterarji idjosinkratiċi b'tali mod li l-ispeċifiku jsir il-mudell ġenerali. Huwa jappella sabiex titwarrab kompletament l-idea tal-ġerarkija tax-xogħlijiet letterarji u minflokha titħaddan l-idea tad-diversità (f'Ungureanu 95). Madankollu, kritiċi bħal Robert Alter jiddefendu t-teorija ta' Kermode u jagħżlu bejn tipi differenti ta' pjaċir derivat mix-xogħlijiet letterarji u minn sorsi differenti (f'Ungureanu 97). Fejn Bloom ma jagħmilx distinzjoni bejn l-istramberija kanonika ta' traġedja u dik ta' kummiedja, Alter jiddistingwi bejn l-element serju jew sublimi ta' ċerti testi u s-sens ta' tmejjil jew logħob bil-kliem ta' testi oħra. Hekk fil-kuntest Malti tista' tkompli titrawwem il-possibbiltà li l-qarrejja jagħrfu l-valur kanoniku kemm f'poeżija sublimi bħal dik ta' Dun Karm kif ukoll fi proża satirika bħal dik ta' Mamo. Hija ħasra li għal diversi snin, fil-kuntest Malti u internazzjonali, l-element ta' logħob li jitkellem fuqu Alter qatt ma ġie rrispettat u meqjus bħala kwalità li tista' tkun prominenti f'xogħol kanoniku.

Skont Kolbas il-kritiċi kontemporanji qed jirriskjaw bi kbir li ma jkunux kritiċi tassew tas-sitwazzjoni reali tal-letteratura u la jindirizzawha kif suppost u lanqas jisfidawha kif mistenni: "Minbarra li jistoriċizza lill-istituzzjonijiet edukattivi inġenerali jew lix-xogħlijiet kanoniċi individwalment," id-diskors kritiku kontemporanju, inkluż id-dibattitu dwar il-kanonu, "għandu wkoll jiġi storiċizzat sabiex jinkixfu kemm il-kundizzjonijiet oġġettivi ewlenin

tiegħu, kif ukoll it-tendenzi ideoloġiċi moħbija tiegħu" (55). Sakemm il-kritika tagħhom tkun limitata għall-qafas edukattiv u sakemm jibqgħu huma stess jimbuttaw il-karretta liberali tad-diversità, il-kritika tagħhom ma tkun xejn ħlief "sovversiva" (56). Kolbas jissuġġerixxi li fil-futur il-kritiċi għandhom qabelxejn ikunu kritiċi tagħhom infushom billi jiksbu perspettiva aktar matura. Huwa jinkwieta wkoll fuq il-fatt li l-proċess ta' kanonizzazzjoni fil-futur jista' jitħalla esklussivament f'idejn min l-interess primarju, u forsi uniku, tiegħu huwa l-profitt monetarju (69). Mill-banda l-oħra, l-inkwiet ta' Guillory, kif jidher f'*Cultural Capital: The Problem of Literary Canon Formation*, huwa aktar komprensiv għaliex id-dibattitu dwar il-proċess ta' kanonizzazzjoni jista' jsir irrilevanti peress li maż-żmien il-valur tal-letteratura għad ikompli jonqos. Fl-analiżi soċjoloġika tiegħu tal-istatus quo tas-soċjetà kontemporanja u dik tal-futur, Guillory jinnota l-qawmien tal-klassi professjonista u maniġerjali mħarrġa teknikament li ma tivvalutax il-letteratura u ma tqishiex essenzjali fit-taħriġ edukattiv li jsawwar lill-membri tagħha. Evidenza ta' dan il-fenomenu soċjoloġiku huwa l-fatt li inqas u inqas studenti qegħdin jagħżlu l-korsijiet tal-letteratura. Guillory jqanqal dan l-argument fundamentali fid-djalettika dwar il-kanonu letterarju u jpoġġi d-dibattitu f'kuntest reali meta jistqarr li "l-klassi professjonista u maniġerjali assessjat b'korrettezza li, safejn imiss il-futur tagħha, il-qari ta' xogħlijiet kbar mhuwiex ta' min jinvesti fih ħafna ħin u flus" (46). Dan għaliex il-letteratura ma għadhiex meqjusa bħala l-kapital kulturali per eċċellenza – illum il-kapital letterarju qiegħed jitwarrab għax il-klassi dominanti tinteressa ruħha f'tip ieħor ta' kapital, bl-enfasi fuq it-taħriġ għal impjiegi li jrendu l-flus u li jtejbu l-qagħda ekonomika. Apparti l-għeluq tad-djar tal-pubblikazzjoni, hemm il-possibbiltà li l-għeluq ta' għadd ta' libreriji huwa wkoll konsegwenza ta' dan l-ispostament fl-enfasi. Fl-artiklu "Britain has closed

almost 800 libraries since 2010, figures show," Alison Flood tfiehem li r-raġuni hija essenzjalment waħda finanzjarja: l-awtoritajiet lokali mhumiex qegħdin jirċievu fondi biżżejjed biex imantnu l-libreriji tagħhom – raġuni li x'aktarx hija sintomatika tal-iżvilupp soċjali li osserva Guillory.

Iżda mhux kulħadd jinterpreta r-realtà letterarja bl-istess mod. Il-poeta u rumanzier Hermann Hesse kellu perspettiva li tmur kontra "n-narrattivi tekno-distopiċi" dwar il-mewt tal-ktieb. Skont Maria Popova, bil-maqlub ta' dak li qalet Virginia Woolf kontra l-perikli tal-arti ċinematogfrafika, Hesse kien jemmen li l-forom ġodda tal-midja "mhuma ta' ebda theddida għall-ktieb, għax il-ktieb jibqa' singulari fil-valur spiritwali li jagħti lill-ħajja umana" ("The Magic of the Book"). Meta Alex Clark tinvestiga s-sitwazzjoni letterarja fil-kuntest Irlandiż tara elementi pożittivi fl-industrija tal-ktieb li jaffermaw il-ħsieb ta' Hesse. Fl-artiklu tal-2019, Clark tgħid li l-qagħda attwali tax-xena letterarja fl-Irlanda hija simili għall-qagħda fl-Iżlanda li ddeskrivejt hawn fuq. Wara li tanalizza l-ħidma prolifika ta' diversi kittieba stabbiliti u oħrajn emerġenti, Clark tittanta tagħraf x'inhu s-sigriet tal-fjoritura tal-letteratura nazzjonali:

> Il-kitba Irlandiża qatt ma tbiegħdet mill-isperimentazzjoni, u lanqas il-qarrejja qatt ma tnaffru minnha. Hemm approċċ li ġeneralment huwa ferm iktar rilassat fejn jidħlu l-ġeneri, hemm ikkategorizzar inqas diviżiv bejn il-kittieba 'eleganti' u dawk kummerċjali, u hemm inqas kontroll tal-konfini bejn il-kitba fittizja, dik mhux fittizja u forom oħra ta' arti. ("Why Is Irish Literature Thriving?")

Il-kriterju tal-innovazzjoni jibqa' importanti fil-ħsieb dwar il-kanonu letterarju għax il-kanonizzaturi jibqgħu jivvalutawh bħala kwalità letterarja essenzjali. Fi bloggata tal-2020,

Grima jeżalta dan il-kriterju fl-istess nifs li bħala kanonizzatur attwali tal-letteratura Maltija jidentifika żewġ xogħlijiet lokali li skontu jissodisfawh bi sħiħ:

> Għalija *Stejjer ta' Nies Koroh* ta' Immanuel Mifsud u *L-Artist tat-Trapiż* ta' Henry Holland huma punti ta' riferiment ewlenin fil-bidu ta' din ir-raba' mewġa. Il-poeżija ta' Holland naħseb li tista' ssejħilha Postnazzjonali . . . Niftakar li l-ewwel ħaġa li kienet 'ħasditni' kienet il-lingwaġġ ġdid, kompletament ġdid. Jien u nqalleb il-ftit paġni ta' dan il-ktieb eleganti [*L-Artist tat-Trapiż*] ħassejt li kelli f'idejja xogħol li kien qed jikteb il-poeżija Maltija mill-ġdid. ("Lingwaġġ")

Bi qbil mal-ispirtu ta' dak li għallmu kanonisti bħal Bloom, Grima juża l-metafora estiża tal-linka biex jillustra figurattivament kif kittieb kanoniku jistabbilixxi postu fil-kanonu meta jirnexxilu jwettaq l-ansjetà tal-influwenza permezz tal-element innovattiv li jintroduċi b'kitbietu fix-xena letterarja:

> Ħadd ma kiteb bħal Holland, la qablu u lanqas warajh. Forsi dan ma tistax tgħidu dwar kull xogħol letterarju importanti. Ħadd ma jikteb mingħajr ma jbill il-pinna tiegħu fil-linka li jsib. Imma għal raġunijiet kemm storiċi (ta' kuntest storiku) u kemm individwali hemm xogħlijiet letterarji li donnhom jiktbu kollox mill-ġdid. Li jħalltu l-linka tagħhom u jiktbu biha biss. Ma jfissirx li ma kien hemm ħadd qabilhom, jew maġenbhom, jew warajhom. Ifisser sempliċiment li l-linka tagħhom fiha komponenti li ma ssibhomx fil-linka disponibbli. ("Lingwaġġ")

Għaldaqstant, ir-relazzjoni konċettwali bejn dan il-kriterju u l-idea tal-kanonu letterarju ssir waħda simbjotika: ix-xogħlijiet innovattivi għandhom bżonn lil min jemmen li jistħoqqilhom

rikonoxximent kanoniku filwaqt li l-kanonu letterarju jittraxxendi ż-żmien għaliex permezz tax-xogħlijiet innovattivi jibqa' jaqdi funzjoni essenzjalment utli.

Ix-xhieda tar-realtà letterarja fl-Irlanda li tat Clark tindika li l-mekkaniżmi tal-kanonu letterarju qegħdin jiffunzjonaw b'mod li jrendu l-idea tiegħu aktar rilevanti. Iżda donnu dan id-diskors jgħodd l-aktar fejn tiġi rreġistrata attitudni bbilanċjata fil-konfront tal-kanonu letterarju, jiġifieri fejn il-klima letterarja tippermetti, anzi tħeġġeġ, il-konvivenza bejn il-kittieba stabbiliti u dawk emerġenti. Meta l-kanonizzaturi jiddeċiedu li japplikaw viżjoni estrema waqt il-proċess selettiv, kemm dik konservattiva li trid tippreserva biss ix-xogħlijiet "klassiċi," kif ukoll dik liberali li tant trid tiftaħ il-kanonu għal xogħlijiet ġodda li lesta tissagrifika l-ispazju kanoniku okkupat mill-imsemmija "klassiċi," aktarx li tintilef l-armonija benefika li joffri l-bilanċ bejn it-tradizzjoni u l-modernità. Fl-artiklu, li mit-titlu stess jikxef l-inklinazzjonijiet tiegħu, "'Fatal Mistake': Oxford Classics Department Considers Removing Homer and Virgil from Syllabus," Tim Pearce jindaga kif fl-2020 ġiet diskussa l-possibbiltà li l-istudenti tad-Dipartiment tal-Klassiċi tal-Università ta' Oxford ma jistudjawx *L-Ilijade* ta' Omeru u *L-Enejide* ta' Virġilju. Uħud jaraw il-proposta li jitwarrbu dawn il-poemi epiċi li nkitbu mill-"awturi ċentrali tat-tradizzjoni Klassika" bħala żball. Hawn tinħass ir-rilevanza tal-idea tal-kontigwità li torbot il-perjodi u allura x-xogħlijiet letterarji flimkien: "Omeru kien il-pedament tat-tradizzjoni Klassika sa mill-antikità, u huwa impossibbli li wieħed jifhem dak li jiġi warajh mingħajr ma jistudja l-ewwel lilu" ("Fatal Mistake"). Sitwazzjonijiet konkreti bħal dawn, li jitolbu deċiżjonijiet kbar minn kanonizzaturi ad hoc, ikomplu jseddqu l-ħtieġa ta' kanonu letterarju li kontinwament ifittex it-triq medjana bejn il-passat u l-preżent, bejn it-tradizzjoni u l-innovazzjoni, bejn l-istabbilit u l-emerġenti. Dal-bilanċ, bħal dak mixtieq fis-

sillabu tal-Klassiċi studjati fl-Università ta' Oxford, huwa x'aktarx l-aqwa turija ta' prassi kanonika li tibqa' tgħodd għall-qarrejja bħala l-benefiċjarji aħħarija tagħha. L-esperjenza letterarja ta' Brandon Bourgeois toffri perspettiva dijametrikament opposta għall-proposta ta' tibdil tas-sillabu tad-Dipartiment tal-Klassiċi tal-Università ta' Oxford. Mhux talli ma jridx iwarrab *L-Ilijade* mis-sillabu talli Bourgeois jemmen li jekk jittraduċiha kollha f'lirika tar-rap ikun qiegħed jgħin lill-istudenti biex japprezzaw aħjar il-poeżija Klassika (Ignon "By Rapping *The Iliad*"). Adattamenti bħal dawn huma fost l-iprem modi kif xogħol letterarju jibqa' jsaħħaħ il-pożizzjoni kanonika tiegħu billi jiġġedded u b'hekk jibqa' jappella għall-qarrejja l-ġodda tiegħu.

L-ambivalenza perenni tal-qagħda tal-letteratura Maltija tiġi rreġistrata meta fost l-oħrajn jittella' l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. L-antiteżi ma setgħetx tiġi espressa aħjar fit-titlu tal-artiklu tal-2019 miktub minn Simona Cassano, li taħdem mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb: "Is the book dead? Book festival remains very popular." Cassano tikteb b'ton ottimista, li f'xi istanti għoddu jinħass ċelebrattiv, dwar is-sitwazzjoni lokali tal-ktieb aktarx mingħajr ma tintebaħ bit-tensjoni implikata fi stqarrijiet bħal dawn: "Filwaqt li l-industrija tal-pubblikazzjoni toqgħod tinkwieta dwar l-istat tal-letteratura u ċ-ċifri baxxi ta' bejgħ tal-kotba, sena wara sena qed jibqgħu jiżdiedu l-qarrejja li jiġu minn kull naħa ta' Malta u Għawdex biex jattendu l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb" ("Is the Book Dead?"). Din il-perċezzjoni insensittiva għan-natura delikata tal-qagħda letterarja lokali tinjora l-inkongruwenza bejn il-benessri tal-letteratura Maltija u l-attendenza relattivament numeruża f'dan il-festival. L-attendenza mhux biss mhix garanzija ta' konsum ta' ħemel ta' kotba imma anke jekk dan iseħħ, dawn il-kotba mhumiex neċessarjament kotba letterarji Maltin. Fl-intervista radjofonika, li

inċidentalment fiha juża darbtejn t-terminu “kanonu” b’referenza għax-xena lokali, Gruppetta jissottolinea d-diffikultajiet reali li jħabbtu wiċċhom magħhom il-pubblikaturi Maltin. Huwa jidentifika “l-limitazzjonijiet ta’ riżorsi umani” bħala fattur ewlieni li jxekkel l-andament tal-proċess tal-pubblikazzjoni, anke f’kumpanija rinomata bħall-Merlin li għandha żewġ impjegati full-time u tlieta part-time. “Ma ninsewx li d-djar ta’ pubblikazzjoni kollha f’Malta huma djar żgħar ħafna,” anke meta dawn jitqabblu ma’ industriji Maltin oħrajn (“Emerġenti” 00:16:45 - 00:17:00). Tant hu hekk li l-industrija Maltija tal-pubblikazzjoni tal-kotba xi drabi tqarreb lejn il-kunċett ta’ *cottage industry*. Gruppetta ddeskriva l-impenn tal-Merlin biex jissielet kontra dawn il-limitazzjonijiet u jibqa’ jżid il-professjonalità fis-servizz. Dan seħħ permezz tat-titjib fl-editjar u fid-disinn tal-kotba – titijib li madankollu naqqas il-ħeffa li biha jinħadem ktieb. Lejn l-aħħar tal-2020, minkejja d-diffikultajiet finanzjarji li ġabet magħha l-pandemija tal-Covid-19, il-Merlin investa sew ukoll fil-produzzjoni tal-e-books tal-letteratura Maltija. Iżda fl-artiklu ta’ Mallia “Wherefore the Maltese Book Industry?” jidher biċ-ċar li diversi pubblikaturi oħrajn jikkondividu l-inkwiet ta’ Gruppetta dwar il-qagħda mwiegħra tad-djar tal-pubblikazzjoni tagħhom b’mod speċjali minħabba ċ-ċirkostanzi straordinarji kkreati mill-pandemija. Mallia wera kif il-pubblikaturi tal-Klabb Kotba Maltin, tal-Horizons u tal-Kite qegħdin iġarrbu wkoll kriżi fil-qasam delikat li joperaw fih.

Callus wkoll jipperċepixxa s-sitwazzjoni letterarja Maltija bħala mwiegħra, qabelxejn, għaliex il-kittieba Maltin mhumiex esposti għas-suq internazzjonali. Huwa jħoss li l-insularità tagħhom, li tista’ tkun ġeografika, storika, politika u fuq kollox lingwistika, qiegħda ċċaħħadhom mill-għarfien u l-apprezzament tal-kreattività letterarja tal-Maltin minn mases

akbar ta' nies. Callus jissuġġerixxi li flok l-idea tal-"integralità" għandha tiġi mbuttata dik tal-"ibridità":

> Huwa minnu li mingħajr din l-ibridità, tradizzjoni letterarja tibqa' integra, imma jekk irridu nkunu tassew onesti, din prattikament tkun integralità muta. Fil-fatt din tkun integralità monolingwi, aggravata minħabba l-fatt li dan il-monolingwiżmu, tant protettiv fil-konfront tal-awtentiċità, tas-singularità li jkun wisq ċirkostritt u impenetrabbli għall-'Oħrajn.' ("Maltese Literature in the Language of the Other" 36)

Skont Callus, il-kundizzjoni tal-"monolingwiżmu" hija fost l-aktar fatturi determinanti għall-futur tal-letteratura Maltija. Is-suġġeriment ta' Callus biex il-kittieba letterarji Maltin jinfatmu mill-piż monolingwi jimplika wkoll twessigħ tat-tifsira ta' "kanonu letterarju Malti" bl-għan li letteratura minuri tkun tista' timmarka l-preżenza tagħha fi swieq internazzjonali jekk issib postha f'letteratura maġġuri. Iżda jekk din il-proposta tittieħed fid-dawl tat-teorija tal-eġemonija ta' Gramsci tista' tiġi pperċepita wkoll bħala tentattiv konxju ta' angliċizzazzjoni mġedda tal-letteratura u tal-kultura tal-pajjiż. Skont Callus, is-suġġeriment tiegħu jista' jiġi attwat b'żewġ modi ewlenin: billi l-kittieba tal-letteratura minuri jipproduċu direttament kitbiet bil-lingwa tal-letteratura maġġuri jew inkella billi l-letteratura miktuba bil-lingwa idiġena tiġi tradotta għal lingwa akbar abbinata ma' letteratura daqstant ieħor "kbira." Callus jistqarr li din l-idea ma tiffukax "daqstant fuq il-letteratura Maltija imma fuq Malta fil-letteratura." Minkejja li din hija idea kontroversjali għax qiegħda titlob żvilupp radikali, ta' min japprezza l-intenzjoni aħħarija ta' Callus li jqanqal "Qawmien Malti" fil-qasam tal-letteratura sabiex ix-xogħlijiet kanoniċi Maltin jingħarfu minn kritiċi u qarrejja internazzjonali ("Maltese Literature in the Language of the Other" 35). F'"Works in Search of a Literature,"

Grima jaqbel li l-prodott letterarju domestiku għandu jiġi mbuttat b'saħħa sabiex jinxtered internazzjonalment. It-traduzzjoni tal-kitbiet Maltin fil-lingwi tal-"Oħrajn" tikseb għalhekk importanza fundamentali – it-traduzzjoni letterarja hija r-raġġ ta' tama għal-letteratura Maltija sabiex, fi kliem Grima, ma tibqax "tinqabad bejn is-solitudni essenzjali tal-kittieba u l-assenza tal-qarrejja tagħha" ("Works in Search of Literature"). It-tama hija li minn "assenza" jew konsum limitat impost mis-suq Malti, il-letteratura lokali tgawdi mill-apprezzament tal-qarrejja internazzjonali li jistgħu jesperjenzawha bħala tieqa oħra, fost ħafna twieqi oħrajn, li minnha jħarsu lejn ir-realtà. It-traduzzjoni taqdi relattivament tajjeb din il-ħtieġa tal-esportazzjoni tal-letteratura lokali u toħloq l-opportunità għal din ix-xorta ta' apprezzament.

Aktarx li fil-ġejjieni qarib, minkejja li mhux se jeqilbu totalment għall-kitba bl-Ingliż, il-kittieba Maltin se jkomplu jesperimentaw bl-espressjoni multilingwistika li sseddaq l-idea ta' ibridità ssuġġerita minn Callus. Il-kompożizzjonijiet multilingwi diġà jeżistu. Eżempju ta' dan hija l-poeżija ta' Cassar, *Merħba, a poem of hospitality*, li fl-2009 ngħatat il-United Planet Writing Prize; hemm ukoll il-kollezzjoni ta' poeżiji bil-Malti u poeżiji bil-Franċiż *Bateau Noir* ta' Mifsud li li fiha l-lingwi jservu ta' għodda malleabbli għall-poeta biex isawwar il-ħsus tiegħu u jagħtihom il-forma miktuba. Ta' min jikkunsidra wkoll il-fatt li l-letteratura tal-lum u ta' għada tista' tkompli tirrifletti l-kwotidjanità tal-Maltin li, fost l-oħrajn, hija esperjenza ħajja ta' bilingwiżmu. Hemm rumanzi, bħal *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi*, li diġà jirriflettu dan. *Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben)*, minkejja li ma jirriflettix il-ħajja Maltija ta' issa, huwa wkoll xogħol bilingwi għax jippreżenta djarju miktub bl-Ingliż idjosinkratiku tal-missier, intiż biex joħloq kuntrast mal-kumplament tat-test miktub primarjament bil-Malti.

Il-kittieba spiss jimitaw il-lingwa reali tal-poplu, jużawha u, bil-kreattività tagħhom, joħolquha mill-ġdid, bħalma għamel Rushdie meta ħoloq il-lingwa letterarja ibrida tiegħu li żewġet flimkien l-Ingliż u l-Indjan. F'"Mistakes Versus Creativity: Malta's Linguistic Paradox," Sarah Grech tistqarr: "Filwaqt li s-soċjetà tibbenifika mill-multilingwiżmu, tibbenifika wkoll mil-libertà li tifforma l-lingwi u toħloq varjanti meta jkun hemm bżonnhom" (43). Grech issemmi "l-forom għonja tal-espressjoni" lingwistika tal-Maltin bħall-għana folkloristiku u l-lingwa mħallta tal-ġenerazzjonijiet odjerni. Grech tinnota li l-preżenza tal-Malti għadha dominanti fil-kuntest lokali filwaqt li taddotta attitudni miftuħa li tilqa' fiha t-tibdil. Interessanti aktar x'ma tiktibx Grech – f'ebda mument tal-artiklu ma tgħid li huwa konvenjenti li l-lingwa Maltija tbaxxi rasha u tagħmel wisa' għal-lingwa tal-"Oħrajn," mhux minħabba xi raġuni patrijottika anakronistika imma minħabba li Grech, bħala lingwista sensittiva, hija konxja mir-realtà soċjolingwistika Maltija. Hi tixtieq li ma nċaħħdux lill-Maltin mill-"ħila li jirrakkontaw l-istejjer u jkantaw l-kanzunetti b'taħwida ta' lingwi." It-triq tal-ibridità magħżula minn xi kittieba kontemporanji, imsejsa wkoll fuq "id-destrezza lingwistika" li ssemmi Grech (43), hija għażla promettenti għall-futur tal-letteratura Maltija bil-possibbiltà ta' kanonu aktar miftuħ u aġġornat li jista' joffri stampa komprensiva tagħha.

L-itinerarju ġejjieni tal-letteratura Maltija fid-dawl tad-djalettika perenni tal-kanonizzazzjoni letterarja jista' jiġi epitomizzat ukoll permezz ta' antoloġiji poetiċi bħal dik li fl-2019 tqassmet fil-Greċja intitolata *Ġabra ta' Poeti Żgħażagħ Maltin*. Is-selezzjoni bilingwi li saret għal din l-antoloġija mhux biss tirrifletti l-potenzjal letterarju tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri imma tagħti ħjiel tal-mekkaniżmi mħaddma biex ġew magħżula u ppreżentati dawn il-poeti lill-pubbliku barrani. Fid-daħla għal din l-antoloġija, Mifsud jistqarr

li “Minn meta sseħibna fl-Unjoni Ewropea, numru ta’ kittieba Maltin (li mhumiex inklużi f'dan il-volum) ġew tradotti u ppubblikati f'diversi pajjiżi fl-Ewropa u lil hinn minnha” sabiex jispjega li x-xogħlijiet tal-poeti magħżula qatt ma twasslu għand il-qarrejja lil hinn minn Malta. Din is-selezzjoni partikolari, tinkorpora fiha poeti Maltin “ta’ barra,” kif sejħilhom Vella (“Min Taħseb li Int?”). Mifsud ikompli jispjega:

> Tlieta mill-poeti f’din il-kollezzjoni telqu mill-gżira. Dan huwa żvilupp ieħor sinifikanti fl-istorja tal-letteratura Maltija. Permezz tal-emigrazzjoni lejn l-Ewropa kontinentali, il-kittieba żgħażagħ Maltin introduċew dimensjoni ġdida fil-letteratura miktuba bil-Malti iżda mhux neċessarjament ispirata mill-gżira nattiva. Clifton Azzopardi u Elizabeth Grech jgħixu t-tnejn fl-Ewropa filwaqt li Karl Schembri, eks ġurnalist politiku u investigattiv, jgħix f'diversi pajjiżi Għarab milquta mill-inkwiet. (“Anthology of Young Maltese Poets”)

Il-promozzjoni kanonika ta’ kurrenti friski bħal dawn li jimbuttaw il-letteratura Maltija ’l barra u ’l bogħod mill-konfini fiżiċi u spiritwali tal-pajjiż iseddqu l-idea ottimista ta’ titjib gradwali tal-qagħda letterarja. Antoloġiji bilingwi bħal *Ġabra ta’ Poeti Żgħażagħ Maltin* li tiġbor fiha “firxa varjata ta’ dak li qed jinkiteb mill-ġenerazzjoni emerġenti ta' poeti Maltin” isiru parti fundamentali mill-proċess ta’ formazzjoni tal-kanonu Malti li qiegħed ikun aktar rappreżentattiv u inklussiv. Għaldaqstant, anke fejn tidħol l-esportazzjoni tal-letteratura Maltija, din l-antoloġija toffri bilanċ bejn l-espożizzjoni tal-kittieba stabbiliti, kemm mejtin kif ukoll ħajjin, u dawk emerġenti li probabbilment għandhom dispożizzjoni aktar miftuħa u sensittiva lejn il-polz ta’ dik li Casanova sejħet “ir-repubblika dinjija tal-letteratura” (xii). Mifsud jikkummenta wkoll fuq il-kurrent frisk tar-riskoperta tal-Mediterranjetà: “Il-poeti

żgħażagħ kontemporanji Maltin sabuha kważi impossibbli li jinsew l-oriġini Mediterranja tagħhom u żammew il-Mediterran qrib ħafna ta' qalbhom." Fost l-oħrajn, Mifsud isemmi l-inizjattivi tal-grupp Inizjamed li twaqqaf fl-1998 proprju bil-għan li jkabbar id-djalogu bejn il-kittieba Maltin u dawk barranin b'enfasi fuq il-kittieba Mediterranji ("Anthology of Young Maltese Poets"). Inizjattiva bħal din tista' titqies bħala sors ieħor ta' ispirazzjoni u ta' influwenza letterarja għall-kittieba lokali li qegħdin jespandu l-konfini tal-kanonu letterarju Malti.

L-iżvilupp tad-djalettika dwar il-kanonu letterarju Malti jista' japprofondixxi l-għarfien pubbliku tal-mekkaniżmi tiegħu. Skont Langfeld, huwa essenzjali li n-nies "isiru konxji tal-formazzjoni tal-kanonu fil-kuntest soċjokulturali tiegħu" (8). Meta ma ngħatax il-premju prestiġjuż għall-aħjar rumanz fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-2019, irrispettivament mill-partikolaritajiet tal-każ u tal-kotba kontestanti, ħarġu fid-dieher elementi tal-proċess selettiv li s-soltu jibqgħu mistura mill-attenzjoni tal-pubbliku. Fil-mument li fih ħafna fissru d-diżapprovazzjoni tagħhom għad-deċiżjonijiet "xokkanti" tal-ġurija permezz tal-midja soċjali (Saliba, "Letteratura"), kien hemm min ikkritika l-preżenza ta' membru barrani tal-ġurija, Slavomír Čéplö, li minbarra li hu espert fl-ilsna Semitiċi u editur ta' kotba u awtur ta' artikli dwar il-lingwistika Maltija, huwa wkoll midħla sew tal-letteratura Maltija. Minkejja li l-oġġettività u n-newtralità totali mhumiex possibbli, ġudikatur bħal Čéplö li jkun ġej minn kuntest usa' jista' jkollu valur miżjud f'ġurija letterarja għaliex aktarx ikun barra mill-ħafna ċrieki ta' simpatiji bejn il-ħbieb fil-kuntest ċkejken li toffri x-xena letterarja Maltija. Dan id-distakk emozzjonali jista' jkun komponent determinanti li jelimina l-pressjoni esterna

komposta minn taħlita ta' fatturi, inkluż is-sens ta' dritt tal-kittieba stabbiliti, fil-mument kruċjali tal-analiżi kritika u tal-aġġudikazzjoni.

Fl-artiklu "Letteratura: Worstward Ho u l-Iskandlu tat-Tliet Rumanzi," Kevin Saliba, li bħal Čéplö għamel parti mill-ġurija tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2019, spjega li ebda kittieb ma "jista' jkollu xi jedd awtomatiku fuq xi premju." Fuq kollox, Saliba tkellem fuq l-intenzjoni tal-ġurija biex tiffoka fuq il-ġejjieni tal-letteratura Maltija – ġejjieni li awtomatikament jimplika l-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja u l-operat ta' tali premjazzjonijiet: "il-ġurija għamlitha ċara li din is-sena ddeċidiet li tikteb paġna ġdida billi twessa' daqsxejn l-iskop – u għaldaqstant il-prestiġju – tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb." Saliba, bħal diversi osservaturi oħrajn midħla tal-letteratura Maltija, ħass "li jenħtieġ ngħollu l-livell tal-prodott letterarju Malti" u li dan neċessarjament jesiġi "diskussjoni daqstant fejjieda.**"** Permezz tal-artiklu msemmi Saliba nnifsu jikkontribwixxi f'din id-diskussjoni billi jippreżenta argumenti ta' natura filosofika dwar il-kitba bħala att perennement fallut. It-ton pessimista tal-artiklu jilħaq il-climax meta jmur lil hinn mill-immedjatezza tal-kontroversja nnifisha u jirrifletti fuq il-ġejjieni xejn promettenti tar-rumanz, anke fil-kuntest lokali: "Ir-rumanzier Malti m'għandu ebda ċans jimxi 'l quddiem dment li dina l-għamla ta' narrattiva għada pitgħada tisfa espressjoni marġinali f'kultura globali li tiċċelebra l-medjokrità." Aktarx li dan il-futur inċert mhuwiex merfugħ biss għar-"rumanzier Malti" imma jista' jkun ta' theddida għal kull rumanzier ieħor f'realtà soċjali fejn l-immaġni tiddomina fuq il-kelma u fejn il-fakultà intellettwali tal-bniedem qiegħda tbati l-konsegwenzi minħabba l-impatt tal-midja soċjali. Lejn l-aħħar tal-artiklu, Saliba jirrifletti mill-ġdid fuq il-kontroversja li qanqlet il-kitba tal-istess artiklu u dwar il-konsegwenzi tagħha:

> ilkoll nafu li bosta klassiċi tal-lum ftit li xejn kienu ngħataw kredtu fi żmienhom. L-Istorja qatt ma tieqaf tinkiteb u mhu minnu xejn li din dejjem iħażżuha biss ir-rebbieħa: għandu mnejn il-ġenerazzjonijiet ġejjiena għad iħarsu lura u jgħidu kemm tassew konna ċwieċ. Kemm-il darba jseħħ dan tabilħaqq l-Istorja jkunu kitbuha t-telliefa. Jalla. Iż-żmien għad jagħti parir. ("Letteratura")

Hemm min, bħal Alastair Niven, huwa xettiku qatigħ dwar il-validità tal-kompetizzjonijiet letterarji u tal-premjijiet marbuta magħhom. Hemm min saħansitra jqis il-Premju Nobel għal-Letteratura bħala forma ta' "kanonizzazzjoni falza." Din l-opinjoni espremiha Peter Handke, ħames snin qabel ma hu stess rebaħ dan il-premju fl-2019. Fl-2014 huwa kien sejjaħ biex jitneħħa kompletament dan il-premju li jagħti biss mument ta' glorja permezz ta' "sitt paġni fil-gazzetta" imma li huwa msejjes fuq għażliet ħżiena (fi Flood, "Olga Tokarczuk and Peter Handke"). Ir-riflessjoni ta' Saliba tissejjes mhux biss fuq l-inkongruwenza bejn il-ġudizzju tal-ġuriji letterarji u dak taż-"żmien" imma wkoll fuq dik ta' bejn id-deċiżjonijiet tal-ġudikaturi u l-għażliet tal-qarrejja. U forsi dan l-aħħar fatt jassolvi l-ġudikaturi mill-piż tad-deċiżjoni żbaljata għaliex il-fluwidità tal-kriterji kanoniċi tnissel il-posibbiltà għal rispons differenti matul is-snin fil-konfront tal-istess xogħol letterarju.

Din ir-riflessjoni tista' timmina l-idea ta' kanonu letterarju peress li l-proċess tal-formazzjoni tiegħu jidher wisq relattiv u suġġettiv. Langfeld, li jiffoka fuq ix-xena tal-arti viżiva, jagħmel diversi osservazzjonijiet pertinenti għad-djalettika dwar il-kanonu. Hu jgħid li l-istorja Femminista tal-arti "qajla biddlet is-sistema altament selettiva li wasslet għall-kanonizzazzjoni ta' artisti speċifiċi." Minflok ġab bidla fis-sistema, il-Femminiżmu kompla "kkonfermaha, minkejja l-modifiki li saru fil-kanonu" (13). Dan l-argument jidher qiegħed

isostni l-ħsieb ta' Kermode u Said dwar il-ħolqien inevitabbli ta' kanonu ieħor meta jitwarrab il-kanonu dominanti. Barra minn hekk, Langeld isemmi l-ħolqien ta' "kontrokanonu jew kanonu pluriversali jew kanoni multipli" bħala modi innovattivi biex tiġi mhedda l-pożizzjoni privileġġata tax-xogħlijiet u tal-artisti stabbiliti fil-kanonu dominanti. Imma dawn xorta huma biss prova ironika ta' tentattivi biex jinħolqu privileġġi kanoniċi ġodda:

> Għalhekk, l-idea li l-kanonu jew is-sistema fil-qasam tal-arti li toħloq il-kanonu jistgħu jiġu eliminati kienet biss illużjoni. Illum il-ġurnata, ħafna storiċi tal-arti jippruvaw jevitaw it-terminu 'kanonu' b'mod espliċitu, iżda dan ma jfissirx li sparixxa jew li m'għadux aktar rilevanti. Id-dixxiplina tal-istorja tal-arti hija parti minn sistema li tipproduċi l-kanonu. Il-qasam tal-arti kollu jiġġenera u jmantni kontinwament il-kanonu: il-kotba tal-iskola, il-prezzijiet fis-suq tal-arti, il-kollezzjonijiet ewlenin tal-arti u l-Lista tal-Wirt Dinji tal-UNESCO huma biss ftit eżempji ta' istituzzjonijiet u mezzi li jikkontribwixxu għar-riproduzzjoni kontinwa tal-ġerarkiji artistiċi. (Langfeld 13-14)

Dan ifakkar fir-restrizzjonijiet tal-fatturi storiċi u materjali li jiddeterminaw il-proċess kanoniku u li tkellmu fuqhom teoristi bħal Kolbas kif urejt l-aktar fl-ewwel kapitlu. Dak li qal Langfeld nistgħu napplikawh għax-xena letterarja f'diversi pajjiżi inkluża dik ta' Malta sabiex nistħarrġu xi jwassal għall-ħolqien tal-ġerarkiji letterarji.

It-tentattivi Femministi sabiex il-kittieba nisa javvanzaw fil-ġerarkiji artistiċi rreġistrati minn Langfeld kienu u għadhom preżenti anke fil-kuntest letterarju. Hekk pereżempju, is-sit tar-rivista letterarja *the Paris Review* għad għandu kategorija msemmija "Feminize Your Canon" bl-iskop li "tesplora l-ħajja ta' kittieba nisa li ma tantx huma stmati u moqrija" bħal Inès Cagnati u Mary Heaton Vorse. L-isem innifsu joffri spunt għad-djalettika dwar il-kanonu

letterarju għax jagħti l-impressjoni li permezz ta' din ir-rubrika qiegħed isir sforz biex jinħoloq kanonu letterarju ġdid li jelimina dak stabbilit; jista' jimplika wkoll it-twessigħ tal-kanonu eżistenti bil-konsegwenza li jaċċetta dak kollu li jinkiteb minn kittieba nisa b'indifferenza totali lejn il-kriterji kanoniċi. Fit-tielet kapitlu wrejt kif dan it-twessigħ mhu milqugħ tajjeb xejn minn kittieba Femministi lokali bħal Grech Ganado. Pam Morris tibda l-ktieb tagħha *Literature and Feminism* b'selezzjoni ta' siltiet kanoniċi iżda mbagħad, fil-parti sussegwenti, tistaqsi kif u għala xi xogħlijiet letterarji, inklużi dawk ta' kittieba nisa, jiġu ppreferuti u promossi aktar minn oħrajn. Attitudni inkwiżittiva bħal dik ta' Morris għandha t-tendenza li telimina l-perikli imposti mill-ħolqien ta' kanoni femminili kif jistgħu jissuġġerixxu għall-ewwel it-titlu u s-sottotitlu tal-kategorija f'*the Paris Review* – mhux il-"kittieba nisa" kollha "li ma tantx huma stmati u moqrija" jistħoqqilhom dħul awtomatiku fl-ogħla postijiet tal-ġerarkija kanonika. L-analiżi grammatikali tal-kompożizzjoni nnifisha tat-titlu "Feminize Your Canon" twassal għal inferenzi partikolari: il-verb transittiv "Iffemminizza" huwa wkoll użat fl-imperattiv. Għaldaqstant, il-qarrejja ġustament jistgħu jistaqsu min qiegħed jikkmandahom jew jissuġġerilhom x'jaqraw u għaliex. Il-prepożizzjoni "ta'" magħquda mal-pronom mehmuż fit-tieni persuna tiddetermina min jippossjedi "l-kanonu" – in-nom li jiġi immedjatament wara. Dan jista' jittrażmetti sens ta' serħan il-moħħ lill-qarrejja li għal mument iħossuhom fil-kontroll tal-preferenzi u tal-għażliet letterarji tagħhom. Madankollu, xorta jibqa' l-fatt li hemm vuċi kanonizzatriċi fit-titlu li qiegħda timponi aġenda li mhijiex neċessarjament letterarja.

Iżda fi spirtu li jixxierek mal-argumenti ewlenin imressqa f'*A Room of One's Own* minn Woolf, huwa evidenti li l-moviment Femminista kien ta' benefiċċju f'diversi mumenti,

pjuttost riċenti, tal-istorja tal-letteratura dinjija. Illum il-ġurnata, fil-bidu tat-tielet deċennju tas-seklu 21, għadhom qed isiru tentattivi biex jitranġaw l-iżbalji tal-passat fejn jidħol it-twarrib tal-kittieba nisa mill-kanonu. Eżempju ta' dan huwa x-xogħol ta' Carme Font li bħala riċerkatriċi tipprova "tqajjem mill-mewt" il-kitbiet ta' diversi kittieba nisa li kitbu fl-imgħoddi. Font tistqarr li dawn kienu nisa mingħajr edukazzjoni formali: "It-testi tagħhom huma inqas sofistikati u mhumiex xogħol ta' kittieba nisa famużi; imma qegħdin niskopruhom mill-ġdid" (f'Jones "Spanish Academic"). Il-kxif ta' dawn il-kitbiet femminili moħbija minn dawk l-irġiel li kellhom is-setgħa biex jikkanonizzaw jew iwarrbu l-kitbiet bħalma kien Maurice, il-karattru patrijarkali fin-novella ta' Azzopardi li rreferejt għaliha fit-tielet kapitlu, jeħodha kontra l-kunċett żbaljat li n-nisa tal-imgħoddi kienu dejjem intellettwalment passivi. Minflok, riċerka bħal ta' Fonte tixhed li kitbiethom ġew immarġinalizzati minħabba forma espliċita ta' diskriminazzjoni sesswali: essenzjalment din seħħet għax is-soċjetà ċaħħdithom mill-edukazzjoni formali u għalhekk kitbiethom ma segwew ebda stil formali b'tali mod li ġew meqjusa bħala inferjuri u li ma ħaqqhom ebda rikonoxximent.

Il-viżjoni Femminista ma tiffukax biss fuq il-kontribut letterarju tan-nisa tal-passat, imma tikkonċentra wkoll fuq il-possibbiltà li l-kittieba nisa attwali u futuri jokkupaw spazju fil-kanonu letterarju spiss iddominat, anke fil-bidu tas-seklu 21, mill-irġiel. Fil-kuntest tal-letteratura Maltija, mhux biss tinħass il-preżenza b'saħħitha, għalkemm limitata, tal-kittieba nisa imma qiegħda tiġi rreġistrata anke lil hinn mill-konfini fiżiċi tal-gżira. Permezz tal-fenomenu soċjali tat-"traslokazzjoni" u tad-"dijaspora" tal-kittieba Maltin – termini użati minn Vella f'"Min Taħseb li Int? L-Identità tal-Kittieb 'ta' Barra': Bejn Diżlokazzjoni u Traslokazzjoni" – diversi kittieba nisa kitbu u qegħdin jiktbu l-letteratura Maltija minn

perspettiva innovattiva li tista' tarrikkixxi u żżid l-isfumaturi tal-hekk imsejjaħ kanonu letterarju Malti. Jista' jagħti l-każ li l-ħelsien mill-irbit dirett u xi drabi klawstrofobiku tal-ambjent soċjali u kulturali Malti joħloq il-possibbiltà għal espressjoni letterarja ġdida għal dawn il-kittieba nisa Maltin li qegħdin jagħżlu li jibqgħu jiktbu bil-Malti. Jista' jkun ukoll li l-kontribut tal-kittieba nisa Maltin tad-dijaspora għad irid jiżbroffa kif għamel dak tal-kittieba nisa Iżlandiżi.

Wolf tispjega li ma kinitx kumbinazzjoni li fost il-kittieba tal-Iżlanda traslokati kien hemm Juliana Jónsdóttir, l-ewwel mara Iżlandiża li ppubblikat ktieb tal-poeżija, Torfhildur Porsteinsdottir Holm, l-ewwel rumanziera Iżlandiża, u Hólmfríõur G. C. Sharpe, l-ewwel mara Iżlandiża li ppubblikat dramm; huma esperjenzaw sens ta' libertà li l-kittieba nisa bbażati fil-gżira li twieldu fiha qatt ma ġarrbu (161). U dan ma jistax ħlief jawgura tajjeb għal futur promettenti għal-letteratura Maltija: jista' jkun li t-traslokazzjoni sservi ta' ċavetta biex il-letteratura Maltija, permezz ta' kittieba nisa bħal Nadia Mifsud, Loranne Vella u Elizabeth Grech, ma tidħolx fi sqaq kreattiv li jinnegalha l-progress u l-aġġornament. Fir-riċensjoni dwar *Ir-Rota Daret Dawra (Kważi) Sħiħa*, il-kritiku anonimu ta' *themaltesereader.wordpress.com* isaqsi jekk Nadia Mifsud kinitx tikteb dan ir-rumanz bl-istess mod kieku baqgħet tgħix f'Malta minflok issetiljat fi Franza:

> Insaqsiha sempliċement għax ma nifhimx għaliex il-biċċa l-kbira tal-kittieba barranin jew emigranti tagħna jinsistu li jibqgħu marbutin inkonxjament u b'regolarità stinata mal-ambjenti Maltin biex fihom jiżvelaw il-fantasiji u t-tħassib tagħhom bħala kittieba, meta d-dinja hija ċertament post akbar; fil-fehma tiegħi, illum il-ġurnata l-

> letteratura Maltija taffordja doża ta’ macro biex tibbilanċja t-tentazzjoni trivjali tal-kittieba Maltin li jridu jittrattaw biss il-micro. (“Ir-Rota (Nadia Mifsud, 2017)”)

Bħala osservatur infurmat tal-letteratura Maltija, dan il-kritiku jinħass jixxennaq għall-mument tal-qabża fil-forma mentis tal-kittieba Maltin b’mod speċjali dawk li huma traslokati u li minnhom jistenna l-ewwel passi f’din id-direzzjoni. Paradossalment, fix-xena letterarja lokali l-ħjiel ta’ din il-metamorfosi gradwali qiegħed jibda jinħass fix-xogħlijiet miktubin minn awturi rġiel bbażati l-aktar f’Malta għalkemm midħla sew ta’ ambjenti barranin bħal Alfred Sant b’xogħlijiet bħan-novella “Western” u Immanuel Mifsud b’xogħlijiet bħar-rumanz *Jutta Heim* u bin-novella “10718” li hija l-itwal waħda fil-ġabra *L-Aqwa Żmien*. Fl-2005 Mifsud kien diġà kiteb hekk:

> X'ħasra li fis-seklu 21 qed jerġa’ jitfaċċa Dunkarmjaniżmu retro li jien kont ħsibt li ilu li sparixxa. Forsi mort żmerċ għax jien sirt inħobb naqra wara li ltqajt ma’ ktieb miktub minn Lhudi tradott għall-Ingliż, rajt lill-Pink Floyd ħirġin minn Liverpool u ħassejthom imellsuli qalbi b’xi “See Emily Play” u ispirajt ruħi għas-sess min-neputija ta' Vanġiela, tixxabbat biex taħsel it-twieqi ta' fuq bil-miniskirt jixxabbat aktar minnha. U forsi mort żball ukoll għax sirt naf bit-taħwid tad-dinja minn kittieb Irlandiż li ħarab lejn l-Italja u mbagħad lejn Franza u minn Irlandiż ieħor li ħarab ukoll lejn Pariġi; u sirt naf x’inhi malinkonija meta qrajt il-kittieba Ċeki u Ungeriżi, u minflok ħassejt is-sodisfazzjon meta kilt l-ewwel arancina f’rokna mġiddma f’Catania, ħassejt sodisfazzjon ikbar meta kilt pastizz tal-piżelli f'Sarajevo. (“Id-Dunkarmjani tas-Seklu 21”)

Il-kumment tal-kittieb u tal-kritiku jesprimi sens ta’ diżappunt għall-mixja fid-direzzjoni opposta li qabdu xi kittieba Maltin riċenti. Il-viżjoni ta’ Mifsud hija ċara u taqbel bis-sħiħ ma’

dik ta' kritiċi oħra bħal *themaltesereader.wordpress.com*: għalih l-uniku mod kif il-letteratura Maltija tista' tinfeda huwa billi tkompli tesponi ruħha għall-influwenza barranija sabiex tfarfar minn fuqha l-limitazzjonijiet tematiċi u stilistiċi imposti mit-tradizzjoni u mill-mentalità insulari li trawmu fiha xi kittieba tal-imgħoddi u anke tal-preżent. Anke kritiċi tal-imgħoddi bħal Aquilina lmentaw kif "il-kobor tal-letteratura tagħna jibqa' magħluq għall-gżejjer Maltin biss" ("Pisani" xii). L-għeluq mentali tal-kittieba Maltin ma kien qiegħed jawgura xejn tajjeb għall-futur tal-letteratura Maltija u osservaturi bħal Aquilina kienu jafu li biex din tespandi trid neċessarjament spazju akbar.

Issa x'aktarx li jmiss lill-kittieba nisa Maltin, speċjalment dawk ta' barra, biex jagħmlu dan il-pass ħalli jkomplu jikkonsolidaw il-preżenza tagħhom fil-ġerarkija letterarja li kontinwament tibqa' tifforma u tinbidel fil-kuntest tal-kitba tal-letteratura bil-Malti. Ir-rumanz ta' Nadia Mifsud jista' jixhed li l-kittieba nisa traslokati għadhom m'għamlux din il-qabża imma ma jimplikax li din mhijiex se sseħħ eventwalment. Jista' jagħti l-każ li l-futur tal-kanonu letterarju Malti għad iġarrab żviluppi qawwija; apparti t-tisħiħ tal-kontribut femminili, id-djalettika futura tal-kanonu letterarju Malti tista' tittratta fost l-oħrajn il-letteratura mill-perspettiva Queer – diskors li nedieh lokalment Romario Sciberras fl-2019 bit-teżi *Konfini, silenzji u mergħat* – li tista' xxejjen il-perċezzjoni binarja ta' kanonu letterarju eterosesswali. Il-perspettiva Queer "turi li hemm orizzonti fil-kritika letterarja Maltija li għadhom qegħdin jistennew it-tixrif tad-dawl" (Sciberras, "Abstract"). Qabelxejn, perspettiva bħal din tikkontesta l-perċezzjoni limitata u diskriminatorja, li ironikament hija rinforzata wkoll minn esponenti b'idea ristretta tal-kawża Femminista; perspettiva ġdida bħal din għandha l-potenzjal li tarrikkixxi d-djalettika futura dwar l-idea tal-kanonu letterarju Malti. Il-

fatt innifsu li Sciberras ippropona l-analiżi kritika ta' *Bep* ta' Tyrone Grima – rumanz li jittratta relazzjoni omosesswali – diġà huwa indikazzjoni li anke l-akkademja, bħala pilastru tal-kanonizzazzjoni letterarja lokali, qiegħda tħares b'attenzjoni lejn dan l-aspett innovattiv u lejn x'kontribut tista' toffri din il-perspettiva s'issa meqjusa bħala marġinali fid-dibattitu kanoniku.

Apparti l-istennija tal-iżvilupp tal-letteratura Maltija u tad-dibattitu dwar il-kanonu fi ħdan il-konfini nazzjonali, l-aspettattivi maħluqa mid-dijaspora tal-kittieba nisa u rġiel Maltin madwar id-dinja jseddqu l-idea ta' futur letterarju Malti li jimplika aktar id-dimensjoni internazzjonali. Minkejja l-konnotazzjonijiet negattivi tagħha, l-idea ta' "spostament" li jitkellem fuqha l-poeta b'għeruq Ċiniżi Kim Cheng Boey, tista' tissarraf fi produttività letterarja. Boey jiddeskrivi t-traslokazzjoni tiegħu minn Singapore għall-Awstralja fejn stabbilixxa ruħu bħala poeta: "Is-sensazzjoni ta' mhux-qiegħed-id-dar. Il-ġlieda miegħek innifsek u ma' fejn tinsab. F'ċertu sens, l-ispostament huwa dak li jagħmel il-kitba possibbli u neċessarja. Li timxi minn post għall-ieħor, li tadotta pożizzjonijiet differenti ta' kif tara, ta' kif teżisti" (f'Burnside 440). Minkejja li l-ispostament jinvolvi piż mhux mixtieq deskritt minn Vella permezz tal-idea tad-"diżlokazzjoni" ("Min Taħseb li Int?"), mill-perspettiva ta' Boey dan jitqies bħala element fundamentali u saħansitra bħala "pass inevitabbli" fil-karriera letterarja tal-kittieba (f'Burnside 440). Hawn m'iniex nimplika li l-kittieba Maltin kollha għandhom imorru jgħixu barra imma, b'analoġija mad-dinja tal-futbol fejn il-plejers lokali jiġu mħeġġa jilagħbu barra, aktarx li jkun ta' benefiċċju vis-a-vis it-tiġdid tal-letteratura Maltija. U permezz ta' estensjoni tal-analoġija kalċistika, wieħed jista' jipperċepixxi l-vantaġġi li jkollu

kowċ nazzjonali meta waqt il-proċess ta' selezzjoni biex jgħaqqad grupp bl-aħjar plejers ikollu disponibbli għalih plejers li qegħdin jipprattikaw il-karriera tagħhom barra mill-pajjiż.

L-esperjenza barranija kkawżata mill-ispostament fiżiku tista' tarrikkixxi l-fakultajiet umani f'diversi oqsma tal-ħajja. Forsi t-tqabbil bejn il-letteratura u l-futbol mhuwiex biss każwali. L-Iżlanda hija l-epitomija tal-vantaġġi misluta minn twemmin simili, kemm fil-letteratura kif ukoll fil-futbol, dan il-pajjiż-gżira esporta t-talent tiegħu bil-konsegwenza li seddaq is-suċċess Iżlandiż fiż-żewġ oqsma: b'popolazzjoni iżgħar minn dik ta' Malta, il-letteratura Iżlandiża rnexxielha, fost l-oħrajn, tikseb l-ewwel Premju Nobel għal-Letteratura fl-1955, u t-tim nazzjonali Iżlandiż irnexxielu jipparteċipa fit-Tazza tad-Dinja tal-2018 bħala l-iżgħar pajjiż li qatt ħa sehem fiha. Iżda minkejja l-vantaġġi evidenti li ġġib magħha t-traslokazzjoni, jibqa' l-fatt li din il-forma ta' bidla drastika fil-ħajja tal-persuna tqanqal sens qawwi ta' angst kif jixhdu l-versi ta' Antoine Cassar li jittrattaw il-mument meta l-persona qiegħda titbiegħed minn art twelidha:

> Jien li kelli ntir 'il barra u 'l bogħod
> biex forsi nerġa' nsir ta' ħajti l-bdot
> Sfajt interraq b'saqajja mbandla fl-arja
> B'xejn għajr mappa mħarrta u boxxla bla labra,
> Naqbeż bla nistabar minn żbarra għal żbarra
> Ta' qafas tond idur fuq fus żlugat (*Erbgħin* 59)

Għalkemm il-frażi verbali "kelli ntir" timplika l-impożizzjoni mhux mixtieq ta' destin kiefer, il-ħajja ta' Cassar bħala poeta traslokat hija paradimma ta' kif l-ispostament fiżiku ħafna drabi jimplika spostament jew ċaqliq għall-aħjar fil-kapaċitajiet tal-persuna. Il-poeta li jdur "minn

żbarra għal żbarra" donnu biex bħal Fredu Gambin, il-protagonist f'*Il-Gaġġa* ta' Sammut, jaħrab kontinwament minn gaġġa soċjali għal oħra biex fl-aħħar jintebaħ li jinsab ġo gaġġa kbira jew "qafas tond idur fuq fus żlugat," qiegħed iwessa' dejjem aktar il-medda tal-letteratura Maltija. Kieku kittieba Maltin bħal Cassar, Vella Gera u Schembri, biex insemmi ftit, ma ġewx imbuttati biex jimirħu "'l barra u 'l bogħod" mill-konfini tal-pajjiż ċkejken li twieldu fih, ċertament li dawk kollha li jaġixxu u li se jaġixxu bħala kanonizzaturi letterarji ma kienx ikollhom firxa hekk wiesgħa u varjata minn fejn jagħżlu l-aqwa xogħlijiet letterarji Maltin.

6.8 Riflessjonijiet Aħħarija

Rancière wera sens ta' bilanċ meta studja r-relazzjoni intima bejn l-arti u l-politika bħala żewġ fenomeni umani distinti iżda mhux antagonisti għal xulxin. Huwa jitbiegħed mill-perspettiva riduttiva tal-arti bħala konsegwenza tal-forzi soċjali u ekonomiċi u mill-idea tal-arti deprivata mill-etika u mill-moralità. Rancière jipprova jsib it-triq tan-nofs li tagħraf kemm id-dipendenzi tal-arti kif ukoll l-eżistenza indipendenti tagħha peress li tivvalorizzalha l-komponent fundamentali tal-immaġinazzjoni kreattiva. Kif osservat Jane McDonnell, fl-istudju "Political and Aesthetic Equality in the Work of Rancière," il-qari mill-qrib tat-teorija ta' Rancière jikxef kif dan it-teorista Franċiż għandu tendenza li jfittex kontinwament sens ta' bilanċ jew ugwaljanza fl-argumentazzjoni tiegħu. McDonnell titkellem fuq "iċ-ċentralità tal-ugwaljanza fix-xogħlijiet ta' Rancière – politikament, bejn in-nies u estetikament, bejn il-ġeneri, l-istili u t-temi" (388). Todd May juri kif permezz ta' *Nights of Labor*, Rancière jippreżenta l-letteratura

nnifisha bħala attwalizzazzjoni tal-idea tal-ugwaljanza, għaliex "il-kelma" – il-komponent ewlieni tal-letteratura – "saret orfni" minħabba li baqgħetx biss f'idejn il-klassi elitista u saret aċċessibbli għal ħafna aktar nies (91). Apparti dan l-iżvilupp fil-perċezzjoni tal-lingwa, Rancière nnota żvilupp fil-perċezzjoni tat-tematika u tal-istil li seddaq is-sens odjern tal-ugwaljanza. Dan it-tieni żvilupp xejjen il-ġerarkija tat-temi li fi żminijiet oħra kienu wkoll proprjetà esklussiva tal-klassi l-għolja filwaqt li ħoloq sens ta' aċċettazzjoni tal-idea tal-istil personali tal-kittieba: "l-assolutizzazzjoni tal-istil tikkorrispondi għall-prinċipju tal-ugwaljanza demokratika. L-adulterju kommess minn bint il-bidwi huwa interessanti daqs l-azzjonijiet erojċi ta' rġiel kbar" (Rancière, *Politics* 55). Iżda din l-hekk imsejħa "komunità immaġinarja tal-ugwaljanza" skont Rancière hija estetika aktar milli politika. Wara l-iskrutinju tal-ħsieb Rancièrejan, May jikkonkludi li "l-letteratura hija kapaċi tintroduċi sensibilità politika egalitarja fl-arti li hija partikolari u li qatt ma ssir sempliċiment forma oħra ta' arti tal-politika" (91). Tali argumentazzjoni tissejjes fuq sens ta' bilanċ għax minkejja li l-letteratura u l-politika huma inseparabbli, xorta jibqgħu jingħarfu bħala distinti minn xulxin. May jikkonferma dak li nnutat McDonnell meta jiddiskuti l-attitudni ta' Rancière fil-konfront tal-politika, tal-letteratura u taċ-ċinema; huwa jirrimarka li Rancière "jħaddan sensibilità simili, orjentata lejn ħsieb ta' ugwaljanza radikali, għas-suġġetti kollha li jittratta," tant li f'għajnejh, il-letteratura moderna jaraha bħala "letteratura tal-ugwaljanza" (84).

Il-ħsieb Rancièrejan imsejjes fuq it-tixjin tal-loġika konsenswali u li jiġi rifless fit-tixjin tal-ġerarkiji tal-letteratura tradizzjonali nnfisha, jista' jwassal għall-ħolqien ta' politika oħra. Minn din il-perspettiva, anke l-proċess nnifsu tal-kanonizzazzjoni jista' jitqies bħala eżerċizzju ta' natura politika li fid-dawl ta' dak li ppropona Rancière jista' jkollha t-tendenza li

tiffavorixxi l-idea ta' ugwaljanza li taħdem biex kemm jista' jkun tiggarantixxi proċess ġust u li jivvalorizza wkoll il-bilanċ. Hekk, l-idea tal-kanonu letterarju tkun qiegħda timxi pari passu mal-iżvilupp binarju osservat minn Rancière u li wassal għal "letteratura li fiha kulħadd jista' jieħu sehem u li fiha kulħadd jista' jara lilu nnifsu jew lilha nnifisha" (May 89). Għaldaqstant, il-perpetwazzjoni ta' din il-perspettiva tista' mhux biss tkompli tarrikkixxi d-djalettika dwar l-idea tal-kanonu letterarju imma tista' wkoll tirridimensjona l-perċezzjoni limitata ta' min huwa xettiku fil-konfront tagħha billi tippreżentaha bħala kunċett aġġornat, rilevanti u applikabbli.

The Music of Time ta' John Burnside jippreżenta r-rispons ta' qarrej infurmat li flok jipprovdi storja tal-poeżija fis-seklu 20, kif oriġinarjament kellu f'moħħu jagħmel l-awtur, jipprovdi test kritiku li jinterpreta l-poeżija fid-dawl tal-esperjenza personali ta' ħajtu. Matul il-vjaġġ kritiku iżda poetiku li dan il-ktieb joffri lill-qarrejja tiegħu hemm diversi mumenti fejn Burnside jagħmel rilfessjonijiet pertinenti għad-djalettika dwar l-idea tal-kanonu letterarju. Fost l-oħrajn hemm referenza għall-kunflitti li jinħolqu bejn moviment letterarju u ieħor, simili għal dawk imġarrba fil-kuntest lokali: "Għal perjodu diffiċli, deher ċar li r-rispons tal-arti għall-pandemonju tal-modernità kien se jkun kompletament wieħed difensiv; kienet tressqet il-proposta tal-kultura awtodistruttiva tal-mużew, b'valuri definiti minn klikka raffinata ta' patruni u amministraturi li ma setgħux jaraw lil hinn mill-kultura u l-klassi soċjali tagħhom" (5). Burnside jaċċenna għall-malesseri perenni li ħakem anke d-diskors relatat mal-kanoniċità letterarja u li kkawża t-teħid ta' pożizzjoni f'estrem jew f'ieħor. Ewlenin fost dawn il-pożizzjonijiet dijametrikament opposti fid-dibattitu kanoniku spikkaw dawk tal-kanonisti u tal-antikanonisti, dawk tal-kanonizzaturi konservattivi u tal-kanonizzaturi liberali, u dawk tal-

kittieba predeċessuri u tal-kittieba emerġenti, li ġie ppreżentat ukoll bħala forma ta' kunflitt Edipiku. Iżda, kif se nuri aktar 'l isfel, fi qbil mal-attitudni bażika ta' Burnside, aktarx li s-sens ta' medjazzjoni huwa probabbilment il-perkors ideali f'dan il-kuntest.

Burnside jirreferi għal ħassieba oħrajn biex juri din id-dispożizzjoni moderata li tirrispetta u tibni fuq ta' qabel mingħajr ma tkun esklussiva jew elitista. Burnside jikkwota lill-kritiku tal-arti Robert Hughes proprju dwar x'jifhem b'elitiżmu; għalih il-preferenzi idjosinkratiċi jmorru lil hinn mill-idea ristretta tal-elitiżmu li jevoka sens ta' esklużjoni jew superjorità: "Jiena kompletament elitista fil-livell kulturali imma ċertament mhux fis-sens soċjali. Nippreferi t-tajjeb milli l-ħażin, l-artikulat milli l-vojt, l-estetikament żviluppat milli dak sempliċiment primittiv, u t-tiġrib kuxjenti sħiħ milli dak parzjali." Iżda fl-istess nifs Hughes jistqarr li l-għarfien u l-apprezzament ta' dan kollu jrendi persuni aħjar minn oħrajn: "Ma naħsibx li n-nies stupidi jew li ma jaqrawx biżżejjed joffru kumpanija tajba daqs dawk li huma għaqlin u kompletament litterati" (f'Burnside 391). It-terminu bl-Ingliż li juża Hughes huwa "*ill-read*" li apparti li jimplika lil nies "li ma jaqrawx biżżejjed" jista' jimplika wkoll lil dawk li ma jikkonsmawx qari addattat. Id-distinzjoni li jagħmel Hughes tista' għalhekk tissuġġerixxi l-funzjoni benefika ta' idea bħal dik tal-kanonu letterarju li jiddistingwi bejn dak li jista' jtejjeb il-kundizzjoni umana u dak li huwa innokwju jew saħansitra ta' detriment għaliha.

Mill-banda l-oħra, Eugenio Montale, studjat ukoll minn Burnside, imur lil hinn mill-iskreditar ta' Hughes tat-terminu "elitiżmu." Montale jirridimensjona semantikament it-terminu "tradizzjoni" għaliex għalih din ma timplikax biss "piż mejjet ta' forom, ta' regoli u drawwiet estrinsiċi" imma tista' tinftiehem "bħala spirtu ġewwieni, il-ġenju tat-tellieqa, konsonanza mal-aktar spirti dejjiema li pajjiżna pproduċa" (f'Burnside 450). Skont Montale,

meta nipperċepixxu t-tradizzjoni b'dan il-mod "isir xi ftit diffiċli biex jiġi ssuġġerit mudell estern għaliha jew li tittieħed xi tagħlima preċiża minnha. It-tradizzjoni titkompla mhux minn dawk li jixtiequ jagħmlu hekk, imma minn dawk li jistgħu, xi kultant minn dawk li huma l-inqas konxji li qegħdin jagħmlu hekk" (f'Burnside 450). Fi kliem Montale jinħass sentiment li jeħodha kontra t-tradizzjoni fis-sens dejjaq tal-kelma. Din il-perspettiva tista' ssib reżonanza fil-ħsus antikanoniċi iżda tista' wkoll tiġi interpretata bħala mod ġdid ta' kif jinftiehem il-kanonu letterarju, u kulma huwa relatat b'xi mod mal-kunċett ta' tradizzjoni. Il-kanonu letterarju jista' jinftiehem bħala organiżmu ħaj li mhuwiex medhi biss bil-passat jew b' dik li Burnside ddeskriva bħala "l-kultura awtodistruttiva tal-mużew" (5), anzi huwa dejjem għatxan għall-għarfien ta' dak li Montale sejjaħlu "l-ġenju tat-tellieqa" li forsi għad irid jiġi. Iżda dik ta' Montale mhijiex sempliċiment viżjoni eskatoloġika: għalih il-perspettiva sana tat-tradizzjoni timplika l-preżent u l-passat, timplika lil dawk li mhumiex konxji li qegħdin jiffurmawha fl-istess waqt li timplika l-legat tat-tradizzjoni mgħoddija permezz tal-"aktar spirti dejjiema li pajjiżna pproduċa." Għaldaqstant, l-attwalizzazzjoni tal-idea ta' kanonu letterarju tista' tibda tagħmel sens aktar minn qatt qabel mhux biss sabiex fid-dawl ta' dak li qal Montale jiġu eżaltati l-"spirti dejjiema" tal-passat (f'Burnside 450), iżda sabiex ukoll jibqgħu jingħarfu l-protagonisti letterarji tal-preżent u tal-futur.

Diversi spunti pertinenti għad-djalettika tal-kanonu letterarju fil-kuntest lokali jixirfu wkoll fl-intervista li Ġużè Aquilina għamel lil Ružar Briffa waqt programm radjofoniku. Għalkemm ma saret ebda referenza espliċita għall-idea tal-kanonu letterarju Malti, din l-intervista tista' tixħet dawl essenzjali fuq żewġ protagonisti tiegħu u fuq l-attitudnijiet tagħhom fil-konfront ta' din l-idea. Fost il-mistoqsijiet li Aquilina għamel lil Briffa, kien hemm

mistoqsija relatata mad-djalettika tal-influwenza letterarja. Aquilina, bħala connoisseur tal-letteratura Maltija u tal-mekkaniżmi li jħaddmuha, staqsa lil Briffa dwar jekk Dun Karm u Anastasju Cushcieri kellhomx xi influwenza fuqu. Aktarx li r-risposta ta' Briffa ma kinitx dik li Aquilina kien qiegħed jistenna jew dik li xtaq jisma': "Jiena apposta qatt ma ridt illi nsegwi poeta ieħor Malti; nistħi ngħid li forsi apposta lanqas kont naqra l-poeżiji tagħhom, mhux b'suppervja imma bl-idea li jekk għandi nikteb, għandi nżid xi ħaġa oriġinali fil-letteratura Maltija" ("Intervista" 00:09:26 - 00:09:48). L-approċċ ta' Briffa, li wasslu biex jiġi kkanonizzat bħala "l-aqwa liriku Malti" (Friggieri, "Ružar Briffa" 19), jixxierek konċettwalment ma' dak ta' Sartre li kkonkluda *L'Imaginaire* bl-idea li biex il-kuxjenza tkun tista' timmaġina jeħtieġ li tkun ħielsa (Richmond 94). Din id-dispożizzjoni innovattiva tmur kontra l-idea tal-inevitabbiltà tal-influwenza letterarja u tal-ansjetà marbuta magħha u li forsi Aquilina ried li Briffa jaċċenna b'xi mod għaliha; huwa approċċ innovattiv għax imur kontra l-idea komuni ta' teoristi bħal Friggieri li jemmnu li "l-kittieb huwa l-fittiex tal-ġdid, u biex isib il-ġdid irid ikun jaf il-qadim" (*L-Idea tal-Letteratura* 5). Briffa mal-ewwel farfar minn fuqu kull traċċa ta' influwenza letterarja lokali, inkluża dik Dunkarmjana li baqgħet tant ipperċepita bħala qawwija u kważi omnipreżenti fl-istorja tal-letteratura Maltija. Fil-bqija tal-intervista Briffa kkonċeda biss l-influwenza minn kittieba barranin – konċessjoni li wasslet lil Aquilina biex jirreaġġixxi: "Il-letteratura hija baħar kbir, aktar ma tgħum 'il barra, aktar taqdef fil-fond" (f'Briffa, "Intervista" 00:09:13 - 00:09:18). Filwaqt li titbiegħed bi sforz mill-idea ta' influwenza lokali, l-istqarrija metaforika ta' Aquilina sseddaq ukoll l-idea tal-bżonn li l-kittieba Maltin jimirħu aktar sabiex jesperimentaw aktar. Din hija l-formula kondiviża llum minn ħassieba bħal Mifsud li jittamaw fil-produzzjoni ta' letteratura innovattiva u li tista' tħaddan il-potenzjal

biex, bħall-poeżija ta' Briffa li rnexxielha titbiegħed mill-konvenzjoni ta' żmienha, tingħaraf bħala espressjoni letterarja mill-aqwa.

F'mument ieħor ta' din l-intervista Briffa jaċċenna għall-perjodu storiku li fih nibtet il-poeżija tiegħu, żmien "ir-Risorġiment Malti" u l-perjodu meta s-soċjetà kienet maħkuma mid-duwaliżmu politiku ta' min jiddefendi n-Nazzjonaliżmu Taljan u min jiddefendi l-Imperjaliżmu Ingliż. F'din l-atmosfera estremista skomda, Briffa emmen fit-triq tan-nofs li setgħet tipproponi l-letteratura: "ma kienx hemm *via di mezzo* li xtaqna nsibuha aħna li konna studenti u l-ħolma tagħna kieku li nibnu Malta Maltija u għalhekk bdejna bil-moviment li nibdew niktbu l-poeżiji bejnietna għalina ż-żgħażagħ . . . biex nibnu Malta ġdida, Malta Maltija" ("Intervista" 00:04:33 - 00:05:15). Apparti li jmiss it-tema topika tar-relazzjoni bejn il-letteratura u l-politika, ix-xhieda ta' Briffa tissuġġerixxi wkoll attitudni moderata li għalkemm ma tikkonċernax speċifikament l-istess għanijiet tal-istudju preżenti hija simili fil-kuntest li fih ġiet attwata. Il-kuntest letterarju lokali, kif se nuri fil-konklużjoni, aktarx li jitlob approċċ li qabelxejn jissalvagwardja l-eżistenza tal-letteratura Maltija stess. Il-bilanċ fil-letteratura li jalludi għalih Briffa jista' jieħu diversi forom lokalment; l-istudju tiegħi jfittex proprju li jesplora kif dan il-bilanċ jista' jinstab ukoll fil-proċess ta' kanonizzazzjoni letterarja u fil-mod ta' kif nipperċepixxu l-idea tal-kanonu letterarju Malti.

Il-poeżija kontemporanja "Birżebbuġa 2014" ta' Immanuel Mifsud tista' tiġi interpretata bħala attwazzjoni tal-idea ta' bilanċ fil-kuntest tad-djalettika dwar il-kanonu letterarju Malti. Sa mis-sottotitlu, "B'niket kbir għal dawk li jaqsmu; b'ħajr lil Dun Karm u 'l Daniel Massa li tawni stampa tant sabiħa ta' mkien li issa krieh" (7), il-poeta Post-Modernista jew Kożmpolita joffri omaġġ lil żewġ poeti predeċessuri li jistgħu jinftiehmu bħala

rappreżentanti tar-Romantiċiżmu u l-Moderniżmu, żewġ movimenti letterarji ewlenin li ddominaw ix-xena lokali qabel il-miġja tal-kittieba tas-snin disgħin u wara. Mifsud jagħmel dan espliċitament f'kuntrast ma' għadd ta' poeti kontemporanji oħrajn li ma jikxfux l-intertestwalità u l-influwenzi letterarji tagħhom bħal ngħidu aħna fil-każ tal-poeżija "X'Qalulek?" ta' Karl Schembri li wisq probabbli ġiet ispirata mill-poeżija "Sentiment" tal-poeta Modernista Philip Sciberras, poeżija popolari mal-ġenerazzjoni ta' Schembri għaliex ġiet studjata għall-eżami taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja. Hawn m'iniex nimplika li Mifsud biss irnexxielu jiddjaloga mal-poeti predeċessuri; Simon Galea, fl-aħħar parti tal-antoloġija *Xi Drabi Mqar Persuna*, tiltaqa' poetikament ma' poeti bħal Briffa, Vella, Borg, Mizzi u Fenech. Inkontri poetiċi bħal dawn li toħloq Galea jissieħbu mal-attitudni infurmata u bbilanċjata mħaddna minn Mifsud li tissejjes fuq il-ħsieb li l-passat letterarju jiġi utilizzat bħala pedament li tkompli tibnih u tittrasformah (anke jekk drastikament) aktar milli tiċħdu.

Bin-nostalġija kiebja li taħkem lill-versi ta' "Birżebbuġa 2014," Mifsud iżur l-imgħoddi kif ippreżentawhulu Dun Karm u Massa. Kif stqarr Friggieri, xi drabi l-letteratura toffri dan it-tip ta' "żjarat maturi li jsiru minn żmien għal ieħor lill-imgħoddi minn awturi li jsieħbu l-kreattività tagħhom ma' nostalġiji u ma' ritorni meqjusa" (*L-Idea tal-Letteratura* 6). Il-kreattività ta' Mifsud proprju tenfasizza l-iżvilupp fil-perspettiva dwar l-istess oġġett skont l-approċċ Fenomenoloġiku li spjega Micallef: "L-oġġett hu fenomenu, jiġifieri entità li teżisti biss kull darba li terġa' tingħaraf minn xi perspettiva oriġinali" ("It-Tifsira"). F'dan il-każ l-oġġett komuni huwa l-baħar u l-perspettivi huma dawk li joffru l-kurrenti letterarji ewlenin hawn irrappreżentati rispettivament minn Dun Karm, Massa u Mifsud innifsu. Mifsud jiddeskrivi l-metamorfosi letterarja lokali fil-perċezzjoni tal-baħar:

Meta kont daqsek il-poeti kitbu

li dal-baħar ma jixjieħx; dejjem ikħal.

Setgħu jinżlu mal-korall mingħajr bombli

u qaluli li hemm kienu diġà,

mal-artikli kuluriti (“Birżebbuġa” 8)

Permezz tal-intertestwalità, il-poeżija ta’ Mifsud tiddjaloga ma’ “Żagħżugħ ta’ Dejjem” evokata permezz tal-vers “li dal-baħar ma jixjieħx; dejjem ikħal” u ma’ “Delimara” evokata permezz tal-immaġni tal-“korall,” tal-“bombli” u tal-“artikli kkuluriti.” Kemm is-sottotitlu kif ukoll din il-parti ta’ “Birżebbuġa 2014,” jalludu għall-poeti predeċessuri u għal xogħlijiethom bil-qima ta’ xi ħadd li jrid jibni fuq it-tradizzjoni letterarja ta’ pajjiżu minflok ma jwarrabha jew jiċħad l-eżistenza u l-influwenza tagħha. Il-viżjoni bbilanċjata li tipproponi din il-poeżija permezz tat-tlaqqigħa armonjuża tal-movimenti letterarji Maltin u l-perspettivi assoċjati magħhom li ġieli ġew ppreżentati bħala l-anatemi ta’ xulxin, tista’ tirrifletti atteġġament pluralistiku fil-konfront tal-idea tal-kanonu letterarju. Din l-attitudni hija f’kongruwenza mal-viżjoni li qiegħed nipproponi bl-istudju tiegħi ta’ kanonu letterarju Malti li l-mekkaniżmi tiegħu jirreġistraw l-elementi ġodda filwaqt li jibqgħu jirrispettaw l-ispazju okkupat mill-elementi li diġà jsawruh. Hekk l-idea tal-kanonu letterarju Malti, bil-limitazzjonijiet intrinsiċi kollha tagħha, tista’ tittrażmetti l-idea ta’ kanonu li lest biex jespandi mingħajr ma jelimina l-komponenti essenzjali għalih u għat-tiswir kontinwu tat-tradizzjoni letterarja. Fuq kollox, il-kanonu letterarju Malti, iktar milli jevoka l-idea ta’ fait accompli, jirnexxilu jikseb sens ta’ rilevanza perenni kemm-il darba nibqgħu nħarsu lejh bħala proċess dejjem għaddej u dejjem

jevolvi bl-għan ewlieni li jippromwovi titjib f'dik li għandha l-potenzjal biex tingħaraf bħala l-aqwa letteratura lokali.

John Baldacchino joffri diversi spunti filosofiċi li huma applikabbli għad-djalettika dwar il-kanonu letterarju. F'*Sejjieħ il-Ħsieb*, li ppubblika fl-2020 u li huwa l-ewwel ktieb tiegħu bil-Malti, Baldacchino jirreferi mill-ġdid għat-tagħlim ta' Ernesto Laclau: "Laclau jinsisti fuq strateġija differenti, għax flok nitkellmu fuq it-totalità bħala terren jew pedament fiss li jagħti lok għal ordni ġerarkiku jew fondazzjonalista, għandna nimxu mill-kunċett ta' terren għal wieħed ta' xefaq" (*Sejjieħ* 23). Il-perċezzjoni ta' Baldacchino tispira ruħha mill-attitudni miftuħa ta' Laclau sabiex teżalta wkoll il-kwalità ibrida tax-xogħlijiet letterarji kif għamlu Swirski u Said. Iżda fuq kollox, Baldacchino jipprova jinqata' mid-djalettika polarizzata tax-Xellug u tal-Lemin billi jaddotta l-immaġni ta' Laclau tax-"xefaq" li fil-kuntest letterarju twassal lill-kritiku biex ma jinqabadx fuq ix-Xellug jew fuq il-Lemin fil-perċezzjoni kritika tiegħu. Baldacchino jitkellem ukoll fuq l-ispazju soċjali tal-"agora" li interpretajtha bħala metafora adegwata tal-proċess kanoniku fejn jiltaqgħu u jiddjalogaw flimkien diversi ideat xi drabi opposti: "Imma meta niltaqgħu se nsibu li rridu naqblu u nqabblu, anke jekk għall-inqas naslu f'għarfien li ma naqblux u naċċettaw li xejn mhuwa fiss u permanenti" (*Sejjieħ* 26). Il-viżjoni ta' Baldacchino ispirata mill-ambjent tal-polis Grieg ta' qabel Kristu, tista' sservi ta' spunt għall-attivazzjoni ta' attitudni tolleranti anke fi ħdan il-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja; il-kanonu letterarju huwa dak l-ispazju fejn nintebħu "li rridu naqblu u nqabblu" u fejn ikollna naslu għall-kompromess Gramscijan meta nirrealizzaw li ma naqblux. Wara kollox, kif jgħid Baldacchino, "xejn mhu fiss u permanenti," osservazzjoni li terġa' tiftaħ beraħ id-dibattitu dwar jekk jeżistux kriterji letterarji assoluti jew inkella humiex dejjem relattivi u

dipendenti fuq meta u minn min jitħaddmu. Fid-dawl tal-fehma ta' Baldacchino, id-diskors dwar il-kanonu u l-kanoniċità huwa interdipendenti "mill-kundizzjoni umana tas-suġġettività." Iżda din il-kundizzjoni ma tiskreditax il-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja. Minflok, il-perspettiva ta' Baldacchino tista' tirridimensjoni l-attitudni dejqa u monolitika fil-konfront tal-kanonu letterarju billi tibdlu f'opportunità għal djalogu soċjali san: "Hekk kif kulħadd jaqsam din l-ansejtà suġġettiva, insibu li l-element soċjali għandu karattru *intersuġġettiv* (fejn suġġett jirrelata ma' ieħor), li wkoll jikber f'mumenti *transuġġettivi* (fejn suġġetti jagħtu definizzjoni u għarfien lil xulxin f'xulxin)" (*Sejjieħ* 37). Dan il-ħsieb mhux biss jissuġġerixxi djalogar bejn il-parteċipanti ewlenin fil-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja imma fuq kollox jenfasizza l-għarfien tad-djalogar bejn il-kitbiet kanoniċi nfushom li fi qbil mat-tagħlim ta' Bloom huwa mibni qabelxejn fuq "l-ansjetà" li hawn ukoll tinftiehem bħala forza jew enerġija li timbotta 'l quddiem aktar milli titfa' lura.

Id-diskors ta' Baldacchino mhux biss ifakkar fid-diskors Bloomjan dwar l-ansjetà tal-influwenza imma jfakkar wkoll f'dak li qal Bloom dwar l-agon kanoniku. Meta Baldacchino jitkellem fuq id-dritt komunali tat-taħdit u fuq it-tema tad-demokrazija huwa jħares lejn dawn il-fenomeni soċjali "bħala okkażjoni ta' djalogu agonista, u allura distribuzzjoni ta' kunsens fi sfond ta' dissens" (*Sejjieħ* 54). Id-diskors Bloomjan hawn jitħallat ma' dak Rancièrejan sabiex joffri perspettiva friska li hija applikabbli anke għall-kuntest letterarju Malti: l-idea tal-kanonu letterarju mhijiex kamp tal-battalja imma hija okkażjoni tajba għad-djalogu neċessarju bejn dawk il-komponenti li jsawruh u li jinkludu fost l-oħrajn il-kriterji estetiċi li jitħaddmu fil-proċess tas-selezzjoni. Djalogu bħal dan, għalkemm ma jiggarantix l-oġġettività, jista' jservi bħala mod effettiv kif il-proċess tal-kanonizzazzjoni jkun wieħed aktar

raġunat għax minkejja d-“dissens,” il-ħin kollu jfittex il-“kunsens” u s-sens ta’ kompromess li tkellem fuqu wkoll Gramsci. Hekk anke l-kanonu letterarju Malti nistgħu nħarsu lejh bħala manifestazzjoni tal-“prattika demokratika, li hija l-ogħla espressjoni agonista li għandna bħala bnedmin” (Baldacchino, *Sejjieħ* 56). Għaldaqstant, il-viżjoni demokratika tal-proċess kanoniku, minflok ma ttaħħat l-ilħna antagonisti għal xulxin, tista’ trawwem mentalità ġdida fost il-partijiet involuti li tipperpetwa t-tolleranza u, fuq kollox, il-formazzjoni ta’ opinjoni bbilanċjata wara perjodu ta’ djalogar.

6.9 Konklużjoni

Permezz tal-istudju aġġornat u prattiku, il-kanonu letterarju jista’ jiġi pperċepit bħala fenomenu dinamiku, fluwidu u applikabbli l-aktar għall-kuntest soċjali speċifiku li miegħu għandu relazzjoni interdipendenti. Id-dibattitu kanoniku attiv f’kuntest letterarju speċifiku bħal dak Malti ma jimplikax biss il-konsiderazzjoni esklussiva tax-xogħlijiet fi ħdan il-kanonu letterarju iżda qabelxejn huwa neċessarju li jinvolvi l-iskrutinju tal-elementi li jorbitaw madwaru b’attenzjoni speċjali għax-xogħlijiet letterarji li qegħdin jissieltu biex isibu spazju fih. Is-sens ta’ djalogu integrat fir-realtà tad-djalettika kif tkellmu fuqu matul is-snin diversi ħassieba, minn Calvino sa Baldacchino, deher li huwa element fundamentali għall-kuntest tad-dibattitu kanoniku u għall-għarfien konxju tal-proċessi li bihom jopera l-kanonu letterarju. Fuq kollox, ix-xogħlijiet letterarji jibqgħu jiddjalogaw bejniethom daqskemm jibqgħu jiddjalogaw mal-qarrejja tagħhom, anke dawk li jiġu f’epoki warajhom.

Għadd ta' ħassieba bħal Serracino Inglott iġġustifikaw l-idea tal-kanonu u emmnu fl-irwol kruċjali tal-kanonizzaturi tradizzjonali bħall-akkademiċi li spiss jitħallew jagħżlu u jwarrbu x-xogħlijiet letterarji għax jitqiesu bħala nies kompetenti. Madankollu, mhux kulħadd lest li jerħi din ir-responsabbiltà f'idejn il-kanonizzaturi. Il-ħsus antikanoniċi huma dejjem preżenti f'dan id-dibattitu li jinkorpora fih lil min jara l-kanonu letterarju bħala forma oħra ta' impożizzjoni soċjali. Iżda deher ukoll li din l-isfiduċja fl-irwol tal-kanonizzaturi letterarji u t-twemmin fin-nuqqas ta' ġerarkiji letterarji ma jimplikawx in-nuqqas ta' futur għal-letteratura. Kulma jmur qegħdin jiġu ppromulgati attitudnijiet li jagħrfu t-twessigħ tal-idea tal-letteratura u li jifhmu aħjar kif u minn min il-letteratura tiġi apprezzata. Din hija perċezzjoni aktar orizzontali milli vertikali li tista' xxejjen l-idea konvenzjonali tal-kanonu letterarju. Madankollu, jekk attitudni bħal din hija intenzjonata biex primarjament tabolixxi l-idea li l-kanonu letterarju jimplika lista definita tal-aqwa xogħlijiet, jista' jkun li minflok telimina l-kunċett tal-kanonu tasal biex tirridimensjonah.

L-idea relattivament riċenti mressqa minn ħassieba bħal Barthes tat-twelid tal-qarrejja xprunat bidla fit-teorija kritika li affettwat ukoll il-perċezzjoni tal-idea tal-kanonu letterarju. Ħassieba bħal Iser u Ingarden komplew warrbu l-possibbiltà ta' xi ħadd li jiddetta x'għandu u x'ma għandux jinqara billi tefgħu l-attenzjoni fuq l-irwol essenzjali tal-qarrejja fl-apprezzament letterarju. Lokalment, Micallef ukoll qabad din id-direzzjoni li tħares lejn il-letteratura u r-relazzjonijiet li tinvolvi permezz tal-perspettiva Fenomenoloġika. Minflok ma xxejjen l-idea tal-kanonu letterarju, il-Fenomenoloġija tista' tagħtiha forma ġdida permezz ta' spostament fl-enfasi fuq l-irwol tal-qarrejja li jsiru koawturi permezz tal-produttività interpretattiva tagħhom. Dan l-approċċ jista' jkollu effett fuq il-proċess tal-kanonizzazzjoni

letterarja; dan jimplika, fost l-oħrajn, li r-relazzjoni intima bejn il-qarrejja u x-xogħlijiet letterarji tista' fil-ġejjieni ssir fattur aktar determinanti fl-għażla tal-aqwa xogħlijiet letterarji Maltin jekk dawn jgħaddu mit-test taż-żmien għax jirnexxilhom jippersistu fid-djalogu mal-qarrejja futuri tagħhom. Mill-banda l-oħra, id-diskors dwar il-letteratura li jirnexxilha tissopravivi jista' jwassal għal konsiderazzjoni oħra ta' aspett ieħor fid-diskors dwar il-kanoniċità letterarja u l-mogħdijiet li jwasslu għaliha – fost dawn hemm l-idea Foucaultjana li x-xogħol letterarju jisboq lill-awtur tiegħu billi jakkwista d-don tal-immortalità. Ix-xewqa għall-immortalità letterarja permezz tal-konsolidazzjoni dejjiema tal-pożizzjoni tax-xogħol fil-ġerarkija kanonika, ġiet interpretata wkoll bħala paradimma tal-eġemonija Gramscijana li timponi l-valuri intellettwali u morali anke fuq il-ġenerazzjonijiet suċċessivi bir-riskju li ma tħallix post għall-aqwa letteratura kontemporanja.

Lil hinn mill-konsiderazzjonijiet dwar x'se jsir mill-aqwa letteratura Maltija fil-ġejjieni, jibqa' fundamentali d-diskors dwar il-fatturi prattiċi li qegħdin jinfluwenzaw ix-xena lokali preżenti. F'nofs is-seklu 20, protagonisti bħal Vassallo kienu diġà wrew il-preokkupazzjoni tagħhom għall-qagħda mwiegħra tal-produzzjoni letterarja Maltija; nofs seklu wara, parteċipanti attivi fix-xena letterarja attwali bħal Mifsud komplew jesprimu l-inkwiet tagħhom fil-konfront ta' ġenerazzjonijiet li lanqas huma interessati fl-ewwel pass tal-proċess tal-kanonizzazzjoni: dak bażiku li jibnu relazzjoni max-xogħlijiet letterarji. Dan huwa inkwiet oġġettiv li jirrifletti dak ta' ħassieba internazzjonali bħal Guillory u Kolbas li tħassbu kif id-dibattitu kanoniku jista' jsir irrilevanti peress li maż-żmien il-valur tal-letteratura għad ikompli jonqos. L-osservazzjonijiet skjetti li daħlu fil-qalba tal-problematika idjosinkratika tal-letteratura Maltija li għamlet Azzopardi pperpetwaw ukoll l-idea ta' riforma fil-proċessi

difettużi li jsawru l-kanonu letterarju Malti sabiex jimmitigaw sa fejn hu possibbli r-restrizzjonijiet imposti minn diversi fatturi li idealment ma jkunux daqshekk influwenti. Apparti s-sehem determinanti tal-kanonizzaturi akkademiċi, fil-kuntest lokali tinħass sew l-influwenza spiss suġġettiva ta' entitajiet bħall-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-ftit djar tal-pubblikazzjoni li jinvestu fil-ktieb Malti.

Is-sehem tal-pubblikaturi Maltin ħarist lejh bħala essenzjali fit-tiswir tal-kanonu letterarju Malti; minkejja li l-interessi ovvji tal-pubblikaturi jistgħu jikkompromettu l-fiduċja tal-qarrejja fl-idea ta' kanonu letterarju, hawn urejt kif ħafna drabi l-pubblikaturi jservu ta' katalist għall-iżvilupp u għall-aġġornament tal-letteratura Maltija u l-kanonu letterarju Malti. Il-pubblikaturi jistgħu jservu ta' pont bejn l-aspettattivi tal-kanonizzaturi akkademiċi u dawk tal-qarrejja "komuni" għaliex fix-xogħlijiet letterarji bil-Malti li jippubblikaw spiss ifittxu l-bilanċ Swirskijan bejn il-letteratura għolja u l-letteratura baxxa. F'kuntrast ma' din in-narrattiva li teżalta s-sehem siewi tal-pubblikaturi fil-proċessi kanoniċi, ħassieba lokali bħal Callus jibqgħu jenfasizzaw l-irwol tal-kritiċi letterarji li għandhom il-ħila joffru kritika li tiggwida b'kompetenza u b'diżinteress. Iżda din il-kritika akkademika xorta waħda tissogra li tmantni d-distakk bejn il-letteratura u l-poplu bil-konsegwenza involontarja li tibqa' ssostni l-firda bejn il-letteratura kolta u dik popolari, b'din tal-aħħar li ġieli tiġi saħansitra kkategorizzata bħala paraletteratura.

Mill-banda l-oħra, kittieba Maltin bħal Żahra jilmentaw dwar l-inadegwatezza tal-kritika letterarja lokali li fejn teżisti tkun fil-maġġorparti tagħha kritika melliesa żżejjed. Fejn din ma teżistix, il-kittieba nfushom iħossuhom mitlufin għax ma jsibu ebda forma ta' kejl jew standard biex jimxu miegħu. Ir-riperkussjoni ewlenija u inevitabbli ta' din is-sitwazzjoni lokali

fejn kollox jgħaddi hija t-tnaqqis fil-kwalità letterarja tal-kotba bil-Malti u ż-żieda fil-produzzjoni tagħhom. Sitwazzjoni analoga hija dik fl-Italja li jiddeskrivi Esposito La Rossa meta jenfasizza l-bżonn ta' inqas kotba u l-bżonn ta' kotba bi skadenza itwal. Hawnhekk terġa' tinħass il-ħtieġa ta' xi mekkaniżmu li mhux biss jiggwida lill-qarrejja liema kotba jaqraw imma li qabelxejn jinforma aħjar lill-pubblikaturi nfushom dwar liema xorta ta' manuskritti għandhom jinvestu fihom fost il-ħemel li jirċievu. Għaldaqstant, fost il-funzjonijiet fundamentali tal-kanonu letterarju tibqa' tispikka l-funzjoni ta' gwida li toffri xi forma ta' kriterji jew standards tal-kwalità li għalkemm qatt ma jistgħu jkunu assoluti u permanenti xorta jistgħu jaqdu din il-funzjoni utilitarja. Fost il-kriterji l-aktar kurrenti hemm ngħidu aħna dawk imħaddna minn ħassieba bħal Said, Callus u Baldacchino li jeżaltaw l-element ta' ibridità inkorporat fit-test letterarju jew inkella dawk imħaddna minn ħassieba bħal Franke u Casanova li jfittxu fix-xogħlijiet dawk il-kwalitajiet li jrendu l-idea tal-omniversalità jew tal-universalità letterarja. Madankollu, il-kanonu letterarju u d-djalettika marbuta miegħu xorta jibqgħu għejjun ta' kontestazzjoni u ta' dubji minħabba li bħal kull attività intellettwali oħra mekkaniżmu bħal dan qatt ma jista' jkun ħieles mis-suġġettività umana. Il-fiduċja għamja tal-qarrejja fil-ġudizzji kritiċi tal-kanonizzaturi, sew jekk huma akkademiċi sew jekk huma l-pubblikaturi nfushom, tibqa' problematika. Dan l-iżbilanċ bejn l-irwol tal-qarrejja u ta' dawk fdati biex ifasslu din il-forma ta' gwida jista' fost l-oħrajn iwassal biex jiġu injorati jew issottovalutati ġeneri letterarji sħaħ bil-konsegwenza li letteratura żgħira bħal dik Maltija tiġi mċaħħda milli timraħ f'mergħat ġodda. L-implikazzjoni ewlenija hija li attitudni bħal din toħnoq il-possibbiltà tal-espansjoni tal-kanonu letterarju Malti li jibqa' jagħti prijorità lill-ġeneri meqjusa bħala superjuri.

Ix-xena letterarja kontemporanja fl-Irlanda, li tindika li l-mekkaniżmi tal-kanonu letterarju qegħdin jiffunzjonaw għaliex qiegħda tiġi implimentata attitudni bbilanċjata fil-perċezzjoni tal-idea ta' kanonu letterarju li tħeġġeġ il-konvivenza bejn il-kittieba predeċessuri u l-kittieba suċċessuri, tista' sservi ta' mudell għall-qasam letterarju Malti bit-tama li l-kanonu lokali tal-ġejjieni jkun jiflaħ jinkorpora fih l-aqwa xogħlijiet kemm mill-imgħoddi kif ukoll mill-epoka kontemporanja. Il-promozzjoni kanonika ta' kurrenti ottimisti li jimbuttaw lil-letteratura Maltija lil hinn mill-konfini ristretti tal-pajjiż flimkien mas-sejħa sabiex il-forma mentis tal-kittieba Maltin tgħaddi mill-perspettiva micro għal waħda aktar macro huma indikaturi pożittivi tad-direzzjoni futura tal-kanonu letterarju Malti li finalment irid iperreċ l-aqwa espressjoni letterarja Maltija. It-tama fil-kontribut diversifikat stilistikament u tematikament tal-kittieba traslokati u f'dak aktar avventuruż tal-kittieba bbażati f'Malta, tissejjes fuq proċess kanoniku li flok iċaħħad u jqaċċat jiffoka fuq il-kapaċità li jsaffi u jimbotta l-attività letterarja Maltija sabiex tagħmel il-qabża fil-kwalità mistennija minn bosta. L-atteġġament rikonċiljatorju u pluralistiku fil-konfront tal-idea tal-kanonu letterarju eżemplifikat minn xi kittieba bħal Mifsud jawgura tajjeb għall-futur ta' kanonu letterarju Malti li jibqa' jittrażmetti sens ta' rispett lejn it-tradizzjoni fl-istess waqt li jibqa' jgħarrex għall-miġja mixtieqa tal-elementi innovattivi li minn mument għal ieħor jistgħu jfeġġu fil-kuntest letterarju lokali.

Konklużjoni

Din it-teżi tqanqal il-bżonn li nħarsu mill-ġdid lejn il-letteratura Maltija u l-proċessi li jsawruha: l-istħarriġ tal-idea tal-kanonu letterarju Malti qed nippreżentah bħala mogħdija essenzjali sabiex jintlaħaq dan il-għan. It-teżi tistieden lill-qarrejja biex qabelxejn jixtarru d-djalettika internazzjonali ta' din l-idea sabiex jaslu f'pożizzjoni kritika li minnha jistgħu jiġġudikaw fejn waslet u fejn sejra l-letteratura lokali. Dan l-istudju mhuwiex intenzjonat biss biex jintroduċi lokalment id-diskussjoni formali tal-idea tal-kanonu letterarju; fih u bih tiġi eżaminata u sfidata l-possibbiltà li tingħaraf l-eżistenza tal-kanonu letterarju Malti. Filwaqt li din it-teżi ma toffrix tweġiba definittiva li toħnoq il-possibbiltà għal aktar investigazzjoni li ġġegħelna nibqgħu nistaqsu, tipproponi perspettiva ewlenija fl-applikazzjoni tal-idea tal-kanonu fil-kuntest idjosinkratiku ta' letteratura ċkejkna bil-karatteristiċi u bil-limiti tagħha.

L-analiżi tad-djalettika dwar il-kanonu letterarju, li permezz ta' parteċipanti bħal Gramsci, Rancière, Swirski, Kolbas, Showalter, Friggieri u Baldacchino, tipproponi fost l-oħrajn aktar is-sens ta' djalogar u negozjar milli dak ta' konfrontazzjoni, twassal għal approċċ idjosinkratiku (li jqis fost l-oħrajn il-partikolaritajiet lokali bħal-lingwa, id-daqs tal-pajjiż u l-istorja tan-nazzjon) permezz tat-tiftix tat-triq tan-nofs bejn il-perspettivi antitetiċi li ddominaw id-dibattitu kanoniku. Fid-dawl ta' dak li qalet Casanova, hawnhekk nesplora wkoll il-proposta li l-idea tal-kanonu letterarju ma tibqax titqies biss fis-sens dejjaq tagħha imma narawha bħala struttura mutabbli, struttura li paradossalment issir interessanti biss jekk tibqa' toffri forum li fih jitqanqal dibattitu kontinwu (190). L-attitudni ewlenija li nissuġġerixxi f'din it-teżi u li nistgħu napplikawha fl-istadji fundamentali tal-proċess lokali tal-

kanonizzazzjoni letterarja hija waħda ta' bilanċ bejn il-perspettiva konservattiva u dik liberali preżenti fid-djalettika dwar il-kanonu; huwa l-kompromess li jista' jintlaħaq fl-"agora" tad-dibattitu kanoniku, kif isejħilha Baldacchino (*Sejjieħ* 26), bejn ir-rispett lejn it-tradizzjoni u s-sensittività li tirreġistra l-innovazzjoni. Dan nipproponih bħala l-avviċinament meħtieġ fil-konfront ta' letteratura fraġli li bħal letteratura żgħar oħrajn ma tippermettix li tiċħad l-aqwa kitbiet ta' epoka biex minflokhom tpoġġi oħrajn.

F'dan l-istudju ttrattajt il-politika tal-kanonu billi fost l-oħrajn ħarist lejn diversi mumenti agonistiċi fl-istorja letterarja – b'enfażi fuq dik lokali – li fihom tħabbtu l-ideat kuntrastanti, u xi drabi antitetiċi, tal-korpi interessati fil-proċess li bih jinkiseb l-istatus kanoniku. Mumenti ta' polemika bħal dawn, ippolitiċizzaw id-djalattika dwar il-kanonu li, kif urejt matul dan l-istudju, spiss inħakmet mill-influwenza ta' xi grupp soċjali omoġenizzanti li jrid jiddomina u jikseb il-poter, imqar bil-letteratura tiegħu. Il-viżjoni politika li jipproponi dan l-istudju dwar it-teorija tal-kanonu letterarju hija waħda li tħaddan viżjoni moderata li għandha l-ħila tieħu t-tajjeb mid-dinjiet ippolarizzati li sa issa qanqlu d-dibattitu kanoniku internazzjonali. Dan l-istudju jqis li t-tentattivi ta' grupp soċjali li joħloq kanonu billi jwarrab il-kanonu ta' grupp ieħor jistgħu jwasslu biss għal konsegwenzi negattivi fil-kuntest ta' letteratura minuri, u allura fraġli, bħalma hija l-letteratura Maltija. Permezz tal-applikazzjoni ta' perspettiva rikonċiljatorja miniex qiegħed nevita li nieħu pożizzjoni – anzi, l-istudju tiegħi qiegħed iressaq dan l-approċċ bħala politika vijabbli li tipproponi dibattitu perenni u li minnha jista' jibbenifika kanonu letterarju ta' pajjiż ċkejken li jibqa' jsib spazju għall-aħjar letteratura tal-imgħoddi u dik tal-mument.

Meta Glanc kien qiegħed jiddeskrivi l-proċess tal-kanonizzazzjoni tal-letteratura Russa fil-bidu tas-seklu 21, huwa ssuġġerixxa diversi itinerarji possibbli għall-futur tal-idea tal-kanonu letterarju. Din l-idea tista' tiżviluppa f'"diskussjoni pubblika dwar il-valuri" li tista' tkompli tibni fuq id-dibattitu internazzjonali mibdi fit-tmeninijiet tas-seklu preċedenti. Il-kanonu nistgħu nibdew inħarsu lejh ukoll bħala "proċess intraletterarju" li jqanqal l-għarfien ta' kif xogħol letterarju jikkompeti max-xogħlijiet tal-preżent u anke tal-passat. Hawnhekk, Glanc jirreferi għall-kontribut fundamentali ta' Bloom li nieda d-diskors dwar l-ansjetà tal-influwenza u dwar il-formazzjoni tal-kanonu tal-Punent. Glanc issuġġerixxa wkoll li l-idea tal-kanonu letterarju tista' sseddaq it-tendenza li titbiegħed mill-kunċett ta' letteratura komposta minn diversi xogħlijiet distinti u distanti minn xulxin ħalli tagħraf il-kanonu bħala opportunità biex jiġu studjati "n-normi estetiċi tal-qarrejja" (67).

Fl-istudju tiegħi, bħalma jagħmel Glanc, nevalwa u nissuġġerixxi l-itinerarji possibbli li jista' jaqbad id-dibattitu kanoniku fil-kuntest letterarju Malti. L-analiżi tal-ħsibijiet ta' diversi skulari bħal Bloom, Crowther u Altieri li fuqhom issejjes id-dibattitu internazzjonali dwar l-idea ta' kanonu letterarju kienet il-punt ta' tluq ta' din it-teżi; ridt ukoll nara l-livell ta' kompatibbiltà ta' din id-djalettika vasta mal-kuntest letterarju attwali mingħajr ma ninjora l-ħsibijiet ta' teoristi lokali li xi wħud minnhom kellhom sehem fundamentali u dirett fil-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja Maltija. L-istudju mill-qrib tad-dibattitu kanoniku internazzjonali wassalni mhux biss biex niskopri x'qalu għadd imdaqqas ta' ħassieba fuq is-suġġett imma wassalni wkoll biex naddotta approċċ idjosinkratiku. Fi qbil mal-ispirtu ta' dak li qalu diversi teoristi, din it-teżi tipproponi attitudni kemm jista' jkun ibbilanċjata fir-rigward tal-idea tal-kanonu letterarju Malti. Il-proposta ta' kanonu letterarju li jirrispetta t-tradizzjoni

fl-istess waqt li jibqa' jħaddem kuxjenza sensittiva biżżejjed biex tirreġistra l-miġja tal-"ġdid" (Serracino Inglott, *Linji* vii), timplika dispożizzjoni x'aktarx adatta għall-kuntest delikat ta' letteratura hekk żgħira (fl-età u fid-daqs) bħal dik Maltija. L-għoti tal-ewwel premju tal-"Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef 2020" lil Klara Vassallo huwa eżemplifikazzjoni ta' din is-sensittività għall-għarfien tal-elementi ġodda fix-xena letterarja lokali; il-poeżija rebbieħa, "Dokumentazzjoni tal-Minuti Mnikkra Fik," mhux biss, kif stqarret il-ġurija, tħaddan "forma li tmur 'il hinn minn dak li wieħed jistenna" ("Jitħabbru r-Rebbieħa") imma fis-sħuħija tagħha hija xogħol li jfittex li jimraħ lil hinn mill-mudelli segwiti lokalment.

It-teħid ta' pożizzjoni moderata jevita l-atteġġamenti esklussivisti bħal dawk konservattivi u dawk liberali, jew antikonservattivi, li jissugraw li jġibu fix-xejn il-preżenza ċkejkna tal-letteratura Maltija fil-kuntest tal-letteratura dinjija. Din il-perspettiva wasalt għaliha fost l-oħrajn permezz tar-riflessjonijiet ta' Gramsci. Minkejja l-attitudni Xellugija tiegħu, huwa wera l-ħtieġa li jinstab sens ta' bilanċ fid-djalettika dwar l-aspett kulturali fis-soċjetà. Fit-tieni kapitlu ddiskutejt kif skont Gramsci, l-agon inevitabbli li jinħoloq minħabba d-diverġenzi bejn il-klassijiet soċjali jwassal biex fl-aħħar mill-aħħar tintgħażel triq u jintlaħaq kompromess li mhux neċessarjament ikun komdu għaż-żewġ naħat, b'mod speċjali għall-klassi subordinata. Gramsci sejjaħlu "l-ekwilibrju tal-kompromess" (*Selections* 161). Huwa spjega kif permezz tan-negozjar tal-grupp dominanti mal-gruppi subordinati, il-kunċett tal-eġemonija jimplika wkoll il-possibbiltà ta' xi konċessjonijiet li jimmiraw għal sens ta' bilanċ bejn l-estrem tat-tradizzjoni u dak liberali, bejn l-estrem tal-impożizzjoni u dak tas-sottomissjoni u bejn l-estrem tar-reżistenza u dak tal-inkorporazzjoni. F'kuntrast ma'

ħassieba idealisti bħal Bloom, Gramsci jħares lejn dan l-ekwilibrju bħala kompromess prattiku u bżonjuż għas-sopravivenza tat-tradizzjoni.

Fl-istudju tiegħi spiss iddiskutejt ukoll kif Kolbas fittex it-triq tan-nofs billi qarreb iż-żewġ perspettivi opposti tal-kanonisti konservattivi u dawk pluralisti u liberali sabiex ma jirriduċix l-idea tal-kanonu letterarju sempliċiment għal għodda politika jew pedagoġika. Il-perspettiva bbilanċjata tiegħu tippermetti li xogħol letterarju la jitqies kompletament ħieles mill-kontenut politiku u soċjali u lanqas li jingħaraf biss il-kontenut politiku u soċjali tiegħu bil-konsegwenza li jiġu injorati l-kriterji li ddiskutejt fir-raba' kapitlu. Ix-xogħlijiet letterarji li apparentement jidhru bħala prodotti tal-industrija tal-kultura popolari mhux biss jirrispettaw il-ħtiġijiet kummerċjali u ideoloġiċi tas-suq imma skont Kolbas għandhom il-potenzjal li jsibu posthom fil-kanonu letterarju wkoll. Hu jibbaża t-teorija kritika tiegħu fuq l-argumenti estetiċi ta' Adorno sabiex jagħraf il-kontenut estetiku oġġettiv tax-xogħlijiet kanoniċi u permezz tagħha jagħraf ukoll it-triq tan-nofs bejn iż-żewġt itruf tad-dibattitu kanoniku. Id-dispożizzjoni moderata li jipproponu ħassieba bħal Kolbas servietni wkoll ta' ispirazzjoni għall-attitudni li qiegħed nipproponi għall-kuntest lokali: il-kanonu letterarju Malti jista' jitqies fil-kuntest wiesa' tal-produzzjoni kulturali u mhux esklussivament fil-kuntest tal-akkademja. L-analiżi materjalistika tal-formazzjoni tal-kanonu, spiss ipprovduta mill-perspettiva soċjoloġika bħal dik ta' Bourdieu u li tqis il-kundizzjonijiet soċjali, ekonomiċi u istituzzjonali, tista' tagħti rendikont aktar konxju u veritier tal-proċessi tal-kanonizzazzjoni li jseħħu kontinwament madwarna; perspettiva bħal din tista' tiġi approfondita fi studji futuri dwar il-kanonu letterarju fil-kuntest Malti.

Kif urejt fit-tieni kapitlu, l-attitudni favur l-għarfien tat-triq tan-nofs, jew tal-*golden mean*, f'aspett fundamentali ieħor tad-djalettika tal-kanonu letterarju ġiet espressa qabelxejn minn Swirski. Essenzjalment huwa ppropona kif il-kanonizzaturi jistgħu jidentifikaw it-triq tan-nofs bejn "il-letteratura għolja" u l-"letteratura baxxa" billi jibdew jirrikonoxxu wkoll l-eżistenza tal-"letteratura la għolja la baxxa" jew "letteratura *nobrow*" (*From Lowbrow* 10). Fl-2017, permezz tal-istudju "Nobrow, American Style: From Goldilocks to the Golden Mean," Swirski kompla jelabora dan il-ħsieb ewlieni tiegħu (li kien ħareġ bih fl-2005) meta tkellem ukoll fuq "id-djalettika tal-elitiżmu għoli u l-kummerċjaliżmu baxx" fil-kuntest tal-letteratura Amerikana (26) u semma mill-ġdid il-kunċett ta' dak li jien sejjaħt "divertarti" meta ddeskriva "l-letteratura la għolja la baxxa" bħala forma ibrida u antitetika (39). Swirski jippreżenta mill-ġdid dan il-kunċett bħala l-anatema tal-paradimma kulturali tal-polarizzazzjoni li matul is-sekli ħolqot "id-dikotomija tal-għoli u tal-baxx" (31). Huwa jqis il-kunċett ibbilanċjat tiegħu bħala "strateġija ta' ottimizzazzjoni msejsa fuq l-effett ta' Goldilocks li bih jifhem it-triq medjana bejn it-tfassil tal-mudelli u t-tkissir tal-mudelli" (31). Swirski jispjega kif l-idea taż-"żona Goldilocks" li tintuża f'diversi sferi bħall-kożmoloġija (fejn timplika dik il-parti madwar stilla li fiha t-temperatura la taħraq u lanqas mhi kiesħa iżda hija ideali) hija applikabbli wkoll għall-isferi kulturali u artistiċi, fosthom dik letterarja (45). Il-ħrafa ta' Goldilocks – it-tifla li meta tidħol fl-għarix tat-tliet orsijiet tippreferi tiekol mill-iskutella fietla tan-nofs u mhux mill-iskutella bl-ikel kiesaħ f'ġenb jew mill-oħra b'ikel jaħraq fil-ġenb l-ieħor – issir pertinenti wkoll fil-kuntest tal-kanonizzazzjoni letterarja.

Il-ħsieb ta' Swirski jista' jħajjar lill-kanonizzaturi biex jaqraw is-sinjali ta' żmienna – it-tendenza hi li kulma jmur qegħdin nitbiegħdu mill-assolutiżmi anke fil-konsiderazzjoni tal-

valuri estetiċi u mill-polarizzazzjoni diskriminatorja li kienet tifred bi skjettezza l-arti u d-divertiment. Proprju l-idea tad-divertarti tipproponi l-għarfien ta' espressjoni artistika li toffri divertiment; għaldaqstant, anke l-letteratura la għolja la baxxa li toħroġ minnha hija letteratura li tinkorpora fiha l-firxa kollha tal-karatteristiċi letterarji, minn dawk misjuba fit-tarf elitista sa dawk preżenti fit-tarf popolari tal-medda sħiħa. Dan għaliex bħala bnedmin, aħna "istintivament infittxu l-aħjar miż-żewġ dinjiet" (Swirski, "Nobrow" 30). Dan ifakkar fit-tentattivi riformisti ta' Aquilina u xi kittieba oħrajn li fl-ewwel nofs tas-seklu 20 ippruvaw jaġġornaw id-direzzjoni żbilanċjata li kien qabad it-teatru Malti. Sa żmien Aquilina l-aktar żewġ ġeneri teatrali komuni kienu l-farsa u l-kummiedja; individwi bħal Cremona u Serracino Inglott ippruvaw ipattu għal dan l-iżbilanċ billi għażlu "t-triq it-tajba" u kitbu d-drammi kif xehed ir-riċensur anonimu ta' *Il-Malti*:

> Il-kitba ta' drammi bil-Malti batiet qatigħ u għaddiet minn żminijiet koroh ħafna mħabba li min tħajjar jikteb drammi bil-Malti ma kellux, l-ewwelnett, sies letterarju qawwi, u t-tieni, ħsiebu kien fuq kollox il-qligħ tal-flus. L-ewwel wieħed li tbiegħed minn din il-karfa ta' kitba kien Cremona meta fl-1936 ħareġ "Il-Fidwa tal-Bdiewa." Erin Serracino Inglott qabad hu wkoll it-triq it-tajba fil-kitba tad-drammi . . . ("Razju Vidal" 146)

F'din is-silta tinħass ir-referenza indiretta għall-ġeneri meqjusa bħala inferjuri li kienu popolari qabel il-miġja ta' dawn id-drammaturgi: il-farsa u l-kummiedja kienu jrendu l-aktar "il-qligħ tal-flus" imma kienu stmati bħala "karfa ta' kitba" mill-kanonizzaturi akkademiċi tal-epoka li għal ħafna minnhom "it-triq it-tajba" ma kinitx timplika t-triq tan-nofs iżda kienet tfisser l-għażla tal-ogħla ġeneri.

Iżda l-kontribut ta' Aquilina fil-kitba teatrali bil-Malti kien aktar meqjus u għaqli. Skont James Bonello, Aquilina rnexxielu jħallat il-karatteristiċi ta' żewġ ġeneri li għall-ewwel jistgħu jidhru inkompatibbli: "*Il-Fortuna tal-Bakkaljaw* u *L-Inkwiet tas-Sur Martin* huma drammi soċjali b'element farsesk qawwi." Aquilina għamel dak li tkellem fuqu Swirski snin wara: "Ħaġa waħda li tolqtok mill-ewwel f'dawn id-drammi hija li għalkemm is-suġġett tad-dramm ħafna drabi jkun serju madankollu d-djalogu huwa minsuġ b'ħafna ħjut ta' umoriżmu li daqqa huma ta' lewn jgħajjat u oħra inqas jagħti fil-għajn, imma l-umoriżmu dejjem għaddej, dejjem qiegħed hemm" (Bonello 13). Għaldaqstant, jista' jkun li sa min-nofs is-sittinijiet tas-seklu 20 Aquilina kien għaraf diġà l-benefiċċji tas-sens ta' bilanċ li toffri d-divertarti u, bil-maqlub ta' Cremona, kien sensittiv biżżejjed biex filwaqt li jipprova jagħti bixra ta' letterarjetà lit-teatru Malti, jolqot il-gosti tal-udjenza.

Swirski jisħaq li hemm tendenza komuni fil-psike uman: "Il-preferenza għal ammonti moderati ta' konformità u deformità tidher li hija l-għażla estetika awtomatika tagħna" ("Nobrow" 45). Fid-dawl tal-idea tat-triq tan-nofs li jitkellem fuqha Swirski, huwa plawsibbli li l-kunċett tal-kanonu letterarju jkun aktar aġġornat u rilevanti jekk jingħaraf aktar il-valur tax-xogħlijiet letterarji odjerni li qegħdin jimmiraw biex isibu bilanċ bejn "l-innovazzjoni u l-kumplessità" u "l-prevedibbiltà u d-dipendenza fuq il-formula," u bejn "l-invenzjoni u l-konvenzjoni" ("Nobrow" 39). Approċċ bħal dak ta' Swirski jista' jawgura tajjeb għax-xena letterarja Maltija għax bħal f'kuntesti letterarji oħrajn din ix-xorta ta' letteratura la għolja la baxxa qiegħda kulma jmur issib art fertili. L-applikazzjoni ta' din il-perspettiva aġġornata tista' għalhekk twassal għal proċess ta' kanonizzazzjoni letterarja mhux biss aktar infurmat imma fuq kollox aktar ibbilanċjat.

Hekk il-ħsieb kontemporanju jista' jevoka mill-ġdid vuċijiet mill-era Klassika ta' filosfi li kienu jippromwovu l-idea tat-triq tan-nofs. Fosthom hemm Cleobulus, li jgħidu li ħareġ bl-aforiżma, "Il-moderazzjoni hija l-aħjar" ("Cleobulus"), u Sokrate, li skont Platun għallem kif il-bniedem irid kemm jista' jkun jagħraf "kif jagħżel it-triq medjana u jevita l-estremi fuq iż-żewġ naħat" ("Ir-Repubblika"). Permezz tal-aforiżma "Il-virtù tinsab fin-nofs" magħrufa aktar bil-Latin bħala "*In medio stat virtus*," Tumas ta' Akwinu bena fuq it-tagħlim ta' Aristotli dwar il-virtuwijiet umani ("Summa"). Lokalment, Friggieri – il-poeta u l-kritiku letterarju Malti li fi kliem Serracino Inglott "addotta l-idea tal-*golden mean*, addotta lil Orazju bħala l-għalliem tiegħu" ("Maltese Literature" 46) – huwa l-eżemplifikazzjoni per eċċellenza tat-twemmin li l-moderazzjoni u l-bilanċ huma elementi neċessarji fil-kuntest letterarju Malti. Fl-istudju tiegħi rreferejt proprju għall-idea letterarja fundamentali ta' Friggieri li tenfasizza r-relazzjoni simbjotika bejn it-tradizzjoni u l-modernità u li tqisha bħala ingredjent essenzjali għas-sopravivenza tal-letteratura. Apparti l-istudji kritiċi tiegħu, l-espressjoni poetika ta' Friggieri hija sewwasew l-attwalizzazzjoni ta' din l-idea ta' bilanċ: fiha sseħħ it-tlaqqigħa partikolari ta' żewġ movimenti li għal ħaddieħor jidhru bħala irrikonċiljabbli kif jixhdu l-versi ta' "Poeżija għal Ommi":

> Għalik dil-poeżija,
> moderna daqs ħaddejk,
> u hi tradizzjonali
> bħad-dmugħ li jfur f'għajnejk. (132)

Is-sens ta' moderazzjoni u l-preżentazzjoni tat-triq tan-nofs bħala dik ideali jinħassu wkoll fil-versi ddedikati lil Marjanu Vella:

Iweġġa’ bla ma jsawwat,

jissawwat bla jiqliel,

il-ġid jislet mill-ħażen,

fil-kruha jara l-ġmiel (“Hekk Biss Ikun Poeta” 136)

“Hekk Biss Ikun Poeta” mhux biss tevoka dan is-sens armonjuż ta’ bilanċ ideali mfittex minn Friggieri bħala kritiku u poeta imma tinvolvi wkoll inferenzi rilevanti għad-djalettika dwar il-kanonu letterarju. It-ton assertiv implikat fit-titlu, li jiġi rripetut fl-ewwel u fl-aħħar vers, jitfa’ dawl fuq l-irwol awtorevoli tal-poeta-kanonizzatur li jagħżel lil Vella bħala mudell għall-poeti l-oħrajn. Barra minn hekk, il-versi “b’testment bla flus iħalli / il-kliem, teżor tar-ruħ” (136) jindikaw li skont Friggieri, Vella huwa l-paradimma ta’ kif għandu jkun il-kittieb li l-letteratura tiegħu taspira għall-immortalità letterarja. Din ix-xorta ta’ aspirazzjoni hija komuni anke fost kittieba tal-lum kif wera Rushdie, waqt is-sessjoni ta’ mistoqsijiet u tweġibiet mal-istudenti Maltin, meta stqarr li hu interessat li jikteb “kotba li jdumu, li jkollhom valur li jibqa’” (“Q&A” 00:15:55 - 00:16:02).

Għal Friggieri l-kunċett ta’ letteratura, li ma jinkludix fih biss il-mument tal-kitba imma anke l-kritika letterarja, joffri viżjoni komprensiva: “Bl-għajnejn taż-żmien, immexxijin mill-estetika tal-mument li jkun, nistgħu nħarsu lejn il-letteratura b’mod aġġornat, biex narawha llum, sħiħa fiha nnifisha iżda kontinwazzjoni mhux maqtugħa ta’ katina wisq itwal” (*L-Idea tal-Letteratura* 4). Din l-attitudni tevita l-estremi li joffru perspettivi antitetiċi bħal dik konservattiva u bħal dik liberali jew ikonoklastika, fl-istess waqt li tankra l-kriterji kanoniċi mal-“estetika tal-mument” sabiex il-ġudizzju letterarju, tal-qarrejja u tal-kritiċi, mhux biss jibqa’ kkonsultat imma jibqa’ dejjem “aġġornat.” Dan is-sens ta’ immedjatezza fl-ambitu tal-

konsum tal-letteratura jista' jevoka element ta' relattività – kliem Friggieri jissuġġerixxi li l-kriterji letterarji li jħaddmu l-kanonizzaturi huma fluwidi għax jinbidlu matul iż-żmien. Minkejja li, kif urejt fir-raba' kapitlu, Friggieri wera twemmin fl-eżistenza ta' kriterji assoluti wkoll fil-kuntest tal-kritika letterarja, hawnhekk x'aktarx li aktar ried jenfasizza l-idea ta' kontinwità bejn moviment letterarju u ieħor; għal Friggieri l-iżviluppi tematiċi u stilistiċi mhumiex għajr sfumaturi tal-istess fenomenu. Għalhekk, l-approċċ ta' Friggieri jesiġi rispett lejn dak li nkiteb – anke dan jista' jibqa', u għandu jibqa', rilevanti permezz tal-kritika li tmantni wkoll il-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja: "Is-sabiħ u l-veru tal-imgħoddi, kif jixirfu fi żminijiet letterarji differenti, huma mbiddlin jew modifikati jew żviluppati fi żmienna, bħalma se jiġri lil ta' żmienna warajna" (*L-Idea tal-Letteratura* 4). Din hija attitudni analoga għal dik ta' Adorno li bil-kritika tiegħu poġġa f'dawl ġdid il-poeżija ta' Hölderlin; Adorno wera kif xogħol qadim xorta jista' jissodisfa l-kriterji kanoniċi aġġornati b'tali mod li l-poeżiji tiegħu jibqgħu relevanti għas-soċjetà tal-lum ("Parataxis" 121-136). Minn ottika bbilanċjata bħal din, il-kanonu letterarju jibqa' jitqies bħala mekkaniżmu li minflok iwarrab ix-xogħlijiet tal-imgħoddi jikkonsolidahom billi jżommhom ħajjin maġenb ix-xogħlijiet tal-preżent. B'dan il-mod il-musmar il-ġdid mhux bilfors jaqla' l-qadim u lanqas viċeversa. Minkejja li din hija viżjoni idealista, aktarx li hija waħda ideali għas-sitwazzjoni letterarja Maltija li fil-fehma tiegħu diġà qed turi li għandha tendenza tfittex bilanċ bejn ilbieraħ u llum. F'dan il-kuntest, il-kanonu letterarju Malti jista' jaqdi l-funzjoni primarja li jissoda l-"katina" li semma Friggieri.

L-għarfien tal-elementi ta' kontinwità bejn moviment b'xejriet letterarji partikolari u ieħor, flimkien mal-għarfien tal-influwenza letterarja mhux biss bħala fenomenu inevitabbli imma wkoll bħala okkorrenza favorevoli, jistgħu jkomplu jistabbilixxu l-viżjoni aktar

ibbilanċjata li tispikka fid-djalettika dwar il-kanonu letterarju. Filwaqt li tibqa' tiġi rreġistrata l-ansjetà tal-kittieba tal-lum fil-konfront tal-predeċessuri letterarji tagħhom, permezz ta' tali viżjoni din tista' tiġi pperċepita bħala ingredjent essenzjali għat-tiswir ta' saffi ġodda fuq is-saffi l-qodma fformati fl-imgħoddi. Hekk minflok l-idea ta' konfrontazzjoni tissawwar dik tal-kontinwità li qabelxejn tagħraf, u mhux tiċħad, l-eżistenza ta' pedament letterarju filwaqt li tippromwovi b'konvinzjoni l-kunċett ta' kanonu letterarju miftuħ li joffri spazju kemm għall-qadim kif ukoll għall-ġdid. Galea u Gatt dehru li assimilaw din l-ottika bbilanċjata meta pproponew is-selezzjoni tagħhom ta' xogħlijiet tradotti biex jiġu esposti għal udjenzi barranin; l-għażla kanonika tagħhom hija l-attwalizzazzjoni tad-"djalogu bejn dak li minn naħa tqies bħala 'ċentrali' jew 'kanoniku,' u dak li min-naħa l-oħra huwa innovattiv u allura 'periferiku'" ("Charting the Centre of the Periphery"). Matul l-istudju tiegħi wrejt li kien hemm diversi mumenti oħra meta spikka t-twemmin fil-benefiċċji ta' dan id-"djalogu." Apparti l-antoloġisti u l-kritiċi, kien hemm ukoll għadd ta' kittieba li b'kitbiethom stess irrikonoxxew id-dimensjoni storika tal-letteratura Maltija billi għarfu kemm il-ħtieġa għat-tiġdid kif ukoll il-ħtieġa għal sens ta' kontinwità bejn il-passat u l-preżent.

Apparti l-bilanċ bejn l-apprezzament tal-aħjar letteratura mgħoddija u dik preżenti, id-djalettika dwar il-kanonu letterarju applikata għall-kuntest Malti ħarġet fid-dieher ukoll il-bżonn, għall-benefiċċju tal-letteratura nnifisha, li l-għażla ta' x'għandu jinqara ma tkunx esklussivament f'idejn il-kanonizzaturi tradizzjonali li spiss għandhom it-tendenza li jiffavorixxu l-hekk imsejħa letteratura għolja. Għaldaqstant, il-proċess lokali tal-kanonizzazzjoni letterarja qiegħed kulma jmur jattwa dak li ppropona Swirski dwar l-għarfien fundamentali tal-letteratura la għolja la baxxa li jista' jitqies bħala l-materjalizzazzjoni tal-

kompromess bejn l-impożizzjoni ta' kanonu awtorevoli "minn fuq" u t-tħollija kompleta f'idejn il-ġudizzju tal-qarrejja "minn isfel." Kif jistgħu jixhdu dawk li bħal Gruppetta jgħixu ta' kuljum fir-realtà letterarja ta' Malta, il-qarrejja spiss ifittxu kwalitajiet letterarji fil-kotba li jikkonsmaw li mhux neċessarjament huma kompatibbli mal-kriterji mħaddma mill-kanonizzaturi akkademiċi. U bħalma l-akkademja Maltija tal-imgħoddi warrbet mill-kanonu tagħha xogħol bħal *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* (li ironikament illum qiegħda teżaltah), hekk ukoll jista' jkun li bħalissa qiegħda ttaħħat dawk ix-xogħlijiet Maltin li Gruppetta jqis bħala kotba aċċessibbli u mexxejja u li f'għajnejn Swirski għandhom valur letterarju imprezzabbli għax jirnexxilhom jgħaqqdu l-ingredjenti tal-letteratura għolja u dik baxxa. Il-konsiderazzjoni ta' din l-attitudni tista' twassal sabiex il-proċess tal-kanonizzazzjoni u l-idea nnifisha tal-kanonu letterarju jiġu aktar ddemokratizzati billi ma jibqgħux jitqiesu bħala l-pussess taċ-ċirku elitista pprivileġġat li fl-imgħoddi ħassu responsabbli minn x'għandu u x'ma għandux jinqara. Iżda huwa inevitabbli li perspettiva liberatorja bħal din tista', f'ċerti sitwazzjonijiet, tibqa' tidher bħala inapplikabbli. Is-selezzjoni tal-premjijiet letterarji u tal-kotba li jiġu inseriti fis-sillabu huma żewġ xenarji fejn sa issa l-għażla ssir minn ftit individwi li għandhom iċ-ċans jinfluwenzaw bis-sħiħ il-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarja. Madankollu dan ma jeskludix il-possibbiltà li 'l quddiem jintgħażlu wkoll xogħlijiet aktar "popolari" billi jitqiesu wkoll il-preferenzi tal-pubbliku. Ngħidu aħna meta fl-iskejjel, anke dawk lokali, iddaħħlu l-kotba ta' *Harry Potter* kienet turija li l-bord tas-selezzjoni tal-kotba għas-sillabu tal-letteratura Ingliża vvaluta s-suċċess kbir ta' J. K. Rowling fost il-miljuni ta' qarrejja madwar id-dinja. Kif enfasizzajt speċjalment fir-raba' kapitlu, il-kwalitajiet letterarji li jidentifikaw nies bħal Swirski u Gruppetta mhumiex inaqqsu l-valur letterarju tal-letteratura; anzi, wieħed

mill-benefiċċji ewlenin ta' din il-bidla fil-mentalità huwa li t-twessigħ tat-terminu "kanoniċità" f'kuntest letterarju bħal dak Malti fejn kif implika Callus il-letteratura indiġena ma għandhiex il-lussu li taħli r-riżorsi limitati tagħha fi gwerer kanoniċi li jispiċċaw iżarmaw il-kanonu imma "għall-kuntrarju, għandha taħdem biex taffordja l-kanoni" ("Incongruity").

Il-kanonizzaturi, spiss akkademiċi, li sa minn ewl id-dinja eloġjaw dik li huma qiesu bħala letteratura għolja, qiesu l-kumplament tal-letteratura bħala inferjuri jew paraletteratura. Dan wassal biex ġeneri sħaħ twarrbu mill-attenzjoni u mir-rikonoxximent bil-konsegwenza li kull kitba li tappartjeni għal xi ġeneru minnhom issib ruħha immedjatament fil-qiegħ nett tal-ġerarkija letterarja. Iżda kif urejt aktar 'il fuq, id-djalettika odjerna tal-kanonu letterarju tipproponi rivalutazzjoni ta' dan it-twarrib awtomatiku u tissuġġerixxi li sabiex ma jerġgħux isiru l-iżbalji tal-imgħoddi, il-proċess tal-kanonizzazzjoni letterarju jsir aktar ġust fl-iskrutinju tiegħu billi jfittex l-ingredjenti tal-aqwa letteratura f'kull għamla ta' espressjoni letterarja. Għalkemm id-djalettika kanonika wriet li dawn l-ingredjenti huma fluwidi għax jibqgħu essenzjalment suġġettivi, xorta waħda jibqa' plawsibbli u neċessarju l-iskrutinju kontinwu tal-għażliet letterarji li jsiru abbażi tagħhom. L-analiżi tar-raġunijiet għaliex hemm letteratura li konxjament jew inkonxjament tiġi rikonoxxuta bħala kanonika bil-konsegwenza li żżomm postha fil-kanonu letterarju Malti għandha timxi id f'id u mal-progess li qiegħda tagħmel il-letteratura Maltija kemm għall-benefiċċju tagħha stess kif ukoll għal dak tal-kittieba u l-qarrejja li huma l-protagonisti fundamentali tagħhom. Fid-dawl ta' dak li qal Burnside dan iservi biex jisseddaq "l-att ta' attenzjoni" ta' dawn il-protagonisti tax-xena letterarja billi jtejbu l-abbiltà li japprezzaw aktar il-fenomenu uman tal-letteratura (25),

anke billi jkunu konxji mill-miġja ta' ġeneri ġodda bħall-"*flash fiction*" li jitkellem fuqu Callus ("Are We Told What We Should Read?" 00:58:10 - 00:59:45).

Fuq kollox, id-djalettika dwar il-kanonu letterarju wriet il-valur tas-sens ta' bilanċ. Fl-ispirtu ta' dak li qal Montale, il-viżjoni ridimensjonata tal-kanonu tista' anke ssawwar mill-ġdid x'nifhmu bi tradizzjoni: bħat-tradizzjoni, l-idea tal-kanonu wkoll tista' timplika l-passat daqskemm timplika l-preżent, tista' timplika l-aqwa letteratura tal-imgħoddi daqskemm timplika l-aqwa letteratura tal-mument. Hekk, il-kittieba tal-lum jaqsmu l-ispazju letterarju "mal-aktar spirti dejjiema li pajjiżna pproduċa" (f'Burnside 450) b'tali mod li kif spiss saħaq Friggieri jkun hemm sens ta' kontinwità fl-istorja letterarja tal-pajjiż li tiġi riflessa wkoll fil-ġerarkija letterarja ffurmata mill-proċess dejjem għaddej tal-kanonizzazzjoni letterarja. Hekk kif għamel Mifsud bil-poeżija tiegħu "Birżebbuġa 2014," il-kittieba Maltin tal-lum jistgħu konxjament (u kif spjega Montale, dan ġieli jsir inkonxjament ukoll) ikomplu jibnu gradwalment it-tradizzjoni letterarja Maltija. Dispożizzjoni bbilanċjata bħal ta' Mifsud ma tipprova tinganna lil ħadd; din l-attitudni ma tippretendix li qiegħda toħloq it-tradizzjoni letterarja mill-ġdid iżda bi dritt tisfida lil kull min irid iħaddanha biex iwettaq l-ansjetà tal-influwenza li tkellem fuqha Bloom billi jipproduċi l-ġdid bil-konsegwenza li jikkonsolida postu fil-ġerarkija letterarja fl-istess waqt li jkompli jagħniha.

Il-bieb tad-djalettika dwar il-kanonu letterarju jibqa' dejjem miftuħ. Dan jibqa' miftuħ beraħ għall-avvanzi fit-teorija kritika u għall-miġja ta' perspettivi letterarji ġodda bħan-narrattiva postletterarja offruta minn *CounterText*, il-journal maħluq mid-Dipartiment tal-Ingliż fl-Università ta' Malta. Kif jispjegaw Callus u Corby fl-ewwel sentenza tar-razzjonal ta' dan il-journal, "Mill-perspettiva ta' *CounterText*, il-letteratura m'għadhiex li kienet"

("Editorial"). Fi qbil ma' dak li argumentajt hawn fuq meta tkellimt dwar l-essenzjalità tat-twessigħ fil-forma mentis tagħna fil-konfront tal-fenomenu letterarju, ir-razzjonal ta' *CounterText* iġibna konxji mir-realtà ġdida tal-letteratura: illum "il-letterarju" mhux bilfors jinstab f'dak kollu li tradizzjonalment qisna bħala letteratura. Il-letteratura tista' tinstab ukoll fil-"postletterarju" jew dawk il-forom kollha ta' espressjoni letterarja li sa issa dejjem tajniehom il-ġenb għax ma qisnihomx bħala letteratura konvenzjonali. Dawn it-testi joffru perspettiva "kontrotestwali" fil-konfront tat-testi meqjusa bħala letterarji. It-tieni sentenza tar-razzjonal tagħmilha ċara li l-futur letterarju implikat permezz ta' din l-osservazzjoni mhuwiex ċar: "Jekk dan jimplikax deterjorazzjoni jew evoluzzjoni – jew it-tnejn – huwa dibattibbli ("Editorial" v). Dan il-ħsieb jista' jipprovokana wkoll biex nirriflettu u nistaqsu dwar x'inhu l-futur tad-djalettika dwar il-kanonu letterarju fil-kuntest Malti. Għalkemm ma naħsibx li wasalna biex niddiskutu jekk il-postletterarju huwiex materja kanonika jew le, fil-futur id-dibattitu dwar il-kanonu letterarju Malti ma jistax jinjora r-realtà żvelata minn kritiċi kontemporanji bħal dawk ta' *CounterText* li l-approċċ innovattiv tagħhom "jippermetti wkoll migrazzjonijiet u mutazzjonijiet ġodda u eżorbitanti tal-letterarju li jistgħu jwasslu biex il-kunċett innifsu jiġi rivedut u maħsub mill-ġdid." L-ispirtu "enerġetiku, rivelatorju, orjentat lejn il-futur" ("Editorial" v) ta' dan ir-razzjonal jaqbel ma' dak li qiegħed nipproponi hawn għall-kuntest aktar speċifiku tal-idea tal-kanonu letterarju Malti. L-iżvilupp fid-dinja tal-letteratura huwa l-motiv ewlieni għall-iżvilupp analogu u parallel tal-idea tal-kanonu letterarju li anke fil-kuntest lokali nistgħu nibdew inħarsu lejha bħala idea li tqanqal dibattitu san u esploratorju. Id-diskussjoni futura tal-kunċett kanoniku tkompli tissejjes fuq il-perċezzjoni dejjem imġedda ta' x'inhi l-letteratura. In-natura essenzjalment fluwida tal-

kanonu letterarju se tibqa' tinfluwenza l-proċessi tal-kanonizzazzjoni letterarja bil-konsegwenza li tibqa' tinħass il-ħtieġa li l-kanonu jiġġedded kontinwament, kemm konċettwalment kif ukoll fattwalment. Minkejja l-limiti imposti fuq kanonu ta' letteratura żgħira bħal dik Maltija, id-djalettika dwar il-kanonu letterarju Malti tista' sservi bħala terren ta' kontestazzjoni u ta' tlaqqigħ ta' pożizzjonijiet li fl-aħħar mill-aħħar għeruqhom jibqgħu ankrati fis-suġġettività impliċita tan-natura umana.

Appendiċi

Thesis Synopsis

Dialectics of the Canon: the Maltese Literary Context

This thesis raises the need to re-examine Maltese literature and the processes that shape it: here I investigate the idea of the Maltese literary canon as a central itinerary for achieving this objective. The readers are invited to consider the international dialectics of this idea in order to be able to assess the state of local literature. My intention is not only to formally introduce the canon debate in the local context; I also challenge the idea of the very existence of the Maltese literary canon itself. While this thesis does not offer a definitive answer that would in turn stifle the possibility for further investigation, it proposes a key perspective in applying the idea of a literary canon in the idiosyncratic context of a minuscule literature with its particular characteristics and limitations. The sense of dialogue and negotiation, rather than that of confrontation, proposed by a number of international theorists leads me to adopt an idiosyncratic approach that seeks to find the middle ground between the antithetical perspectives that dominate the canon debate. I also examine the possibility of disengaging ourselves from the traditional perception of the canon in order to perceive it as a mutable structure that continuously offers opportunities for dialogue. Consequently, the main approach suggested in this thesis is one of balance between the conservative and the liberal perspective; the compromise between respecting tradition and

being heedful of innovation is presented here as a necessary approach for the survival of a small literature. Such an attitude can also be possibly applied in the fundamental stages of the local canonisation process.

Since classical antiquity, the notion of "canon" has implied some kind of model or standard. In my introductory chapter, "The Canon and its Functional Validity," I describe how the application of this idea to the literary context has led several theorists to become concerned with what makes a literary work "canonical" and with what justifies the existence of any literary canon. Scholars such as Jonathan Culler understand literary canons as promoters of cultural diversity and otherness; others, such as Charles Altieri, identify the liberal and pragmatic values of canonical writers. The latter, however, have been criticised for imposing a system of personal and national values on canonical works rather than allowing these to transmit their own values to readers. Moreover, scholars like Harold Bloom have highlighted the unique role of individual readers in the process of canonisation, while others such as Frank Kermode have recognised that literary canonicity is the consequence of formal and institutional recognition. Bloom shapes his arguments on the classical idea of canonicity: he exalts individual aesthetic value and calls for the rejection of the political propaganda of the School of Resentment. Bloom goes on to write about the agon that any given literary work must win against other competitors to enter the canon at all. He considers the literary canon as a minister of death, often depriving new works of inclusion. For Bloom, the only works that make it into the canon are those that have overcome the anxiety of influence; indeed, he goes on to explain poetic influence as a creative misinterpretation of earlier established poets.

In my analysis of the international dialectic of the literary canon, I focus on two main schools of thought: that of the conservative critics who believe in the aesthetic and exclusive value of canonical works, and that of the liberal critics who believe in a representative and inclusive canon. However, Dean Kolbas describes both positions as idealistic, and accuses them of ignoring the constraints of historical and material factors involved in the formation of the canon. Kolbas bases his theory on Theodor Adorno's teachings on aesthetics in order to recognise the objective aesthetic content of canonical works; through his critical theory, Kolbas seeks a balance between the extreme position that considers canonical literature to be free from political and social content and the other extreme position that values only this content and ignores the criteria employed by literary criticism.

In the Maltese literary scene, Dun Karm's personality is similar in prominence to that of Shakespeare as presented in Bloom's framework; like Shakespeare, he has greatly influenced the writers who followed him. But the advent of a new movement in the Maltese literary scene in the 1960s helped several local writers to overcome, even if perhaps not totally, the anxiety of influence caused by the imposing figure of Dun Karm and other Romantics. Critics such as Peter Serracino Inglott were convinced that the Maltese Modernist writers of the sixties had been successful in creating something new. However, anti-Modernist critics like Ninu Cremona, accused the new authors of merely imitating others. The accusation that the Modernists were unable to overcome the influence of foreign writers, however, is only fair if one accepts the fact that even the Maltese Romantics were influenced by foreign Romantics themselves. Among the Modernists there were moderate writers, such as Oliver Friggieri, who openly admitted that they remained influenced by the

Romantics, as well as writers such as Mario Azzopardi, who repressed the oedipal relationship with their forerunners, especially Dun Karm.

Following in Bloom's footsteps, Paul Crowther believes in the utility of literary canonisation. He participates in the canonical debate by proposing the perspective of normative aesthetics that emphasises the intrinsic significance of a canonical work while ignoring the way in which a consumerist society reacts to it. His normative criterion proves to be expedient for the canonisation process, demonstrating how works differ positively from other works that remain only at a functional level. For Crowther, originality expressed in style is central, and is achieved when the writer expands the range of the medium by presenting a new way of interpreting the world. Charles Altieri, too, underlines the usefulness of the literary canon because of its characteristic preservation of the values of the past while uniting them, as in a circle, with those embraced by present generations. According to Altieri, the canon serves as an authoritative model; the projections of literary values from the canon itself are likely to judge which qualities of the past are valid considerations to become normative models for present and future literary writing. This projective dimension of the canon also creates the need to uphold past ideals while directing readers to focus their response on the standards that elevate the value of the literary work. According to Altieri, then, the process of canon evaluation employs the curatorial and normative function; furthermore, Crowther argues that the premise that the canon is a valid and functional measure of literary quality suggests that literary canons can set the standards that writers must meet while also setting out the ways of literary evaluation.

John Baldacchino, for one, recognises the validity of literary canonisation by looking at its selective process as a necessary but subjective form of choice, seeing as how it implies diversity and contingency. Baldacchino refutes the view of the conservative critics, attached as they are to the classical idea of the canon, by exploring the possibility that art can find the means to abandon the traditional idea of a permanent standard that has always been considered good and fair. Like Kolbas, Baldacchino makes a conscious effort to break away from the polarised dialectic of left and right. Following in the footsteps of Theodor Adorno, Baldacchino deals with the theme of artistic autonomy: because of its intrinsic hybridity, art invites readers and critics not to seek a fixed form and a fixed meaning for a literary work. The educational value of literary criticism discussed by Baldacchino is intrinsically linked to the dialectic of the literary canon and its educational function. My study also shows how John Guillory's argument sheds light on this particular function. Guillory believes that the canonical texts preserved and presented by institutions can guarantee a sound basis for both good grammar and the consumption and production of literature.

So-called "liberal ideology" can be viewed as a threat to the functionality of the literary canon because, ironically, it can stifle freedom through the promotion of the idea that the social identity of modern man reaches its full potential in the competitive market. This reductive element closely affects the functionality of the literary canon that ends up becoming a victim of the commodification denounced by leftist theorists. This phenomenon implies that market values can compromise other values that have never before been tainted by the idea of business and profit, or even replace them. John Sutherland's discussion of commercial literature, leads me to discuss the concept of the instantaneous

classic and the longevity of the bestseller; the permanence of the work in the literary scene, which may suggest its canonicity, depends on whether this same work is fully assimilated. Conversely, this discussion also evaluates how the commodification of literature can further blur the definition of a canonical work as superior to others, simply by tossing it into a wider market teeming with competing products.

Jacques Rancière also tries to break with the limiting antagonism that has dominated the debate on aesthetics and politics by affirming the intrinsic link between them. In line with Baldacchino's view, Rancièreian thought departs from this negative determinism that has always pitted aesthetics and politics against each other by explaining how art does not need to justify itself, despite its dependencies. According to Rancière, critics who argue against the confusion of aesthetic theory impose their aesthetic regime on art in such a way that the presumed sense of liberation advocated by the sociological perspective can ironically result in another form of ideological slavery. Rancière expresses his dissatisfaction with the aesthetic regime of art and also with those who oppose it because they do not consider the aesthetic experience that gives rise to political emancipation. Aesthetics and politics are thus distinct but close ways of addressing the distribution of the sensible. Ultimately, Rancière believes that the human quality of equality – the universal measure by which political content is defined – is derived from sensory perception. In my study, therefore, I explore how Rancière uses aesthetic politics as the starting point in order to participate in contemporary discourse on art, a discourse that automatically involves the idea of the literary canon.

Several participants in the canonical debate show their dissent towards canonical values as these are considered to be drawn up by interested parties who want the readers to conform to the ideals of the politically dominant and socially privileged class. The anticanonical perspective of theorists such as Antonio Gramsci, whom Bloom considers as belonging to the School of Resentment, tends to reduce the literary canon to an oppressive mechanism of Western meaning-making without any universal validity. According to the anticanonists, the idea of a literary canon is conceptually exclusive because it is first and foremost pushed by the elitist class. Because of their association of the literary canon with the concepts of manipulation and propaganda, anticanonists often underestimate the supremacy and originality of writers considered canonical. Moreover, the repression of the aesthetic dimension of canonical works leads the so-called Resentmentalists to regard it as a way to promote works which are inferior from a literary point of view but more socially representative. In my study, I also consider the perspective of theorists like Kermode, who are not fundamentally anticanonical in their approach but still admit that the literary canon is a strategic mechanism by which society controls and maintains its interests by establishing which texts are culturally valid and essential, and which are not. In contrast, apologists of the literary canon, such as Bloom and Gass, categorically condemn the antifoundationalist sentiment that intentionally rejects literary works, ones considered canonical, on the pretext that they are seen as a root cause of world injustices.

Several contemporary literary theorists continued to adopt Gramsci's concept of hegemony in order to explain how a socially dominant group persistently seeks to win the consent of subordinate groups through the imposition of its values. When applied to the

literary context, this imposition inevitably leads to the creation of an anxious relationship between the literary works struggling for the readers' and critics' recognition. This agon can, however, lead to the Gramscian equilibrium of compromise, or a sense of consensus that involves negotiating between the dominant group and subordinate groups. Rather than imposition from above, or submission from below, in my study I investigate how hegemony can lead to a sense of balance. While canonical writings, according to the Gramscian viewpoint, should be discarded, the leftist perspective is not necessarily the doom and gloom that Bloom portrays (since he favours the total domain of the hegemonic tradition). Gramsci believes that tradition, even if for the sake of its own survival, needs to strike a utilitarian compromise between the element of resistance and that of incorporation. This compromising vision is parallel to the attitude I adopt throughout my study, as is demonstrated most clearly in the concluding part. I also exemplify how several Maltese metaliterary texts have served as a critical commentary on the injustices that occur in the local process of literary canonisation that allows some authors to be canonised because of their social status rather than because of the literary value of their works. These are observations that concretise both the agon highlighted by Bloom and the hegemony discussed by Gramsci. In addition, the subjectivity of literary awards has also been considered as an immediate institutionalised form of canonisation that could undermine the validity of the idea of the literary canon due to the direct influences affecting the members of the jury, especially in a small social environment such as Malta.

Anticanonical proposals can have worrying consequences because they eliminate the literary canon, with its guiding function, and create a vacuum that can then be filled by an

improvised canon that risks blurring the aesthetic valorisation of works and the objectivity of literary criticism. When traditional canonisers are no longer heeded, they can be replaced by other forms of guidance whose interests are not strictly literary. So the choice before us becomes very limited: we must choose between a literary canon that tries to act as an impartial guide (although many think that the existence of such a canon is highly unlikely) and an opportunistic literary canon that serves the interests of the few.

In my second chapter, entitled "Anticanonism," I examine anticanonical sentiments registered in the Maltese literary scene. I also analyse the outlook of those who started off with the premise that contemporary Maltese literature does not have a foundation in tradition on which to build upon. I perceive this perspective as an actualisation of the oedipal anxiety of some contemporary writers who are trying to set aside the dominance, and deny the influence, of canonised predecessors. Ironically, the sense of superiority espoused by the exponents of this perspective can be seen as a result of the fact that the writers of the present are able to build on what came before them to create a new literary stratum. The rejection of works that are literarily valid, but which were written in the "distant" past, is perceived as necessary by some anticanonists in order to exalt current works that are considered more in tune with the contemporary world. Here comes into play the functional validity of the idea of a canonical process, which seeks a balance between the appreciation of the traditional element and that of the innovative element with the ultimate goal of serving as a potentially disinterested guidance for readers. There was a time when even local Postmodernist exponents expressed a desire for a sense of balance and continuity that would lead contemporary writers to base their contribution on what was written before

them in the hope that they would succeed in creating something innovative and continue to write the literary history of Malta. My research proves how the antagonistic reaction of the contemporary writers is sometimes not an assault on their predecessors or their works, but rather an attack on an unfair canonisation process. Participants in this type of conflict are sometimes more interested in personal fame than in discussing concepts such as literature and the criteria that define it; theorists like Peter Shaw, for instance, believe that such negative trends can lead to the undermining of a genuine canonical debate. The issue of such a debate may become more complex when local political forces got involved in the canonisation process through the appropriation of literature. The discriminating impetus received by these politicised works occurs at the expense of valid literally works that were arbitrarily discarded; hence, it is no surprise that the appropriation of Maltese literature has fuelled the distrust of some in the process of literary canonisation.

Local anticanonical sentiments have also been provoked by the idea of a single, eternal, and national poet. The antagonism on the part of some exponents of Maltese Modernism was not only directed towards Dun Karm himself – the personification of this sense of exclusivism – but also towards the process that led to this form of canonisation. Some proposed that the canonical title of national poet should also be conferred on other writers, thus making the Maltese literary canon pluralistic and democratic. Here I also recommend the idea of a Maltese poet laureate, a notion that could enrich the local canonical debate while possibly performing the necessary function of arousing the public's interest in local literature. Immanuel Mifsud, who may already be considered as a canonical author, came up with the idea of taking his writings to the public; such an initiative itself can

counter the kind of negative feeling of indifference towards works of Maltese literature that are sometimes rewarded by literary juries but fail to arouse the active interest of the public.

